Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 76

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 63

9 ta' Marzu 2020

Werrej

IL-PARLAMENT EWROPEW

SESSJONI 2018–2019

Dati tas-seduti: 28–31 ta' Mejju 2018

Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 99, 14.3.2019.

TESTI ADOTTATI

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

Il-Parlament Ewropew

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

2020/C 76/01 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 2018 dwar l-ottimizzazzjoni tal-katina tal-valur fis-settur tas-sajd tal-UE (2017/2119(INI)) 2

2020/C 76/02 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 2018 dwar l-implimentazzjoni tal-għodod għall-bdiewa żgħażagħ tal-PAK fl-UE wara r-riforma tal-2013 (2017/2088(INI)) 11

2020/C 76/03 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 2018 dwar il-finanzi sostenibbli (2018/2007(INI)) 23

2020/C 76/04 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 2018 dwar it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2017 (2018/2009(INI)) 36

MT

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

2020/C 76/05 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat GA21 (MON-ØØØ21-9) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf ġenetikament modifikat (D056125-02 – 2018/2698(RSP)) 42

2020/C 76/06 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat 1 507 × 59 122 × MON 810 × NK603, u qamħirrum ġenetikament modifikat li jikkombina tnejn jew tlieta mill-eventi uniċi 1 507, 59 122, MON 810 u NK603, u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2009/815/KE, 2010/428/UE u 2010/432/UE skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf ġenetikament modifikat (D056123-02 – 2018/2699(RSP)) 48

2020/C 76/07 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kontroll għall-istabbiliment tal-konformità tal-prodotti tas-sajd mal-kriterji ta' aċċess għas-suq tal-UE (2017/2129(INI)) 54

2020/C 76/08 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-ġejjieni tal-ikel u tal-biedja (2018/2037(INI)) .. 62

2020/C 76/09 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (2016/2018(INI)) 86

2020/C 76/10 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 u r-riżorsi proprji (2018/2714(RSP)) 103

2020/C 76/11 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Mejju 2018 dwar ir-rapport annwali dwar il-funzjonament taż-żona Schengen (2017/2256(INI)) 106

2020/C 76/12 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità (2016/2328(INI)) 114

2020/C 76/13 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Mejju 2018 dwar ir-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Politika Kummerċjali Komuni (2017/2070(INI)) 128

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

2020/C 76/14 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Mejju 2018 dwar is-sitwazzjoni ta' persuni b'ċittadinanza doppja UE-Iran mitfugħa l-ħabs (2018/2717(RSP)) 139

2020/C 76/15 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Mejju 2018 dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tan-nisa fl-Arabja Sawdija (2018/2712(RSP)) 142

2020/C 76/16 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Mejju 2018 dwar is-Sudan, partikolarment is-sitwazzjoni ta' Noura Hussein Hammad (2018/2713(RSP)) 147

2020/C 76/17 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Mejju 2018 li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-manipulazzjoni tal-odometri fil-vetturi bil-mutur: reviżjoni tal-qafas legali tal-UE (2017/2064(INL)) 151

2020/C 76/18 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Mejju 2018 dwar il-Pilastru tat-Trasport tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa wara l-2020 (2018/2718(RSP)) 159

2020/C 76/19 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Mejju 2018 dwar is-sitwazzjoni fin-Nikaragwa (2018/2711(RSP)) . 164

2020/C 76/20 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Mejju 2018 dwar l-implimentazzjoni tad-Dokument ta' Ħidma Konġunt tal-Persunal (SWD(2015)0182) – L-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Emanċipazzjoni tan-Nisa: Nittrasformaw il-Ħajjiet tal-Bniet u tan-Nisa permezz tar-Relazzjonijiet Esterni tal-UE 2016-2020 (2017/2012(INI)) 168

2020/C 76/21 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Mejju 2018 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-żgħażagħ (2017/2259(INI)) 180

2020/C 76/22 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Mejju 2018 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn (2009/125/KE) (2017/2087(INI)) 192

2020/C 76/23 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Mejju 2018 dwar reazzjoni għall-petizzjonijiet dwar l-indirizzar tal-prekarjetà u l-użu abbużiv tal-kuntratti b'terminu fiss (2018/2600(RSP)) 200

RAKKOMANDAZZJONIJIET

2020/C 76/24 Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Mejju 2018 fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar il-Libja (2018/2017(INI)) 206

III *Atti preparatorji*

Il-Parlament Ewropew

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

2020/C 76/25 P8_TA(2018)0205

Il-meded tal-mortalità mis-sajd u l-livelli ta' salvagwardja għal ċerti stokkijiet ta' aringi fil-Baħar Baltiku ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1139 f'dak li għandu x'jaqsam mal-meded tal-mortalità mis-sajd u l-livelli ta' salvagwardja għal ċerti stokkijiet ta' aringi fil-Baħar Baltiku (COM(2017)0774 – C8-0446/2017 – 2017/0348(COD))

P8_TC1-COD(2017)0348

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-29 ta' Mejju 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1139 f'dak li għandu x'jaqsam mal-meded tal-mortalità mis-sajd u l-livelli ta' salvagwardja għal ċerti stokkijiet ta' aringi fil-Baħar Baltiku 215

2020/C 76/26 P8_TA(2018)0206

Statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni (kodifikazzjoni) ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni (kodifikazzjoni) (COM(2017)0545 – C8-0337/2017 – 2017/0256(COD))

P8_TC1-COD(2017)0256

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-29 ta' Mejju 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni 217

2020/C 76/27 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-akkumulazzjoni ta' oriġini bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera, ir-Renju tan-Norveġja u r-Repubblika tat-Turkija fil-qafas tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (05882/2/2017 – C8-0241/2017 – 2016/0328(NLE)) 219

2020/C 76/28 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar l-akkumulazzjoni ta' oriġini bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera, ir-Renju tan-Norveġja u r-Repubblika tat-Turkija fil-qafas tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (05883/2/2017 – C8-0240/2017 – 2016/0329(NLE)) 220

2020/C 76/29 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 2018 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud f'isem l-Unjoni Ewropea (COM(2017)0621 – C8-0407/2017 – 2017/0272(NLE)) 221

2020/C 76/30 P8_TA(2018)0212

Pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 2018 dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 (COM(2016)0493 – C8-0336/2016 – 2016/0238(COD))

P8_TC1-COD(2016)0238

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-29 ta' Mejju 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 222

2020/C 76/31 P8_TA(2018)0213

L-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 2018 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (COM(2016)0128 – C8-0114/2016 – 2016/0070(COD))

P8_TC1-COD(2016)0070

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-29 ta' Mejju 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2018/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 96/71/KE dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi 226

2020/C 76/32 P8_TA(2018)0214

Miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll li japplikaw fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll li japplikaw fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO) (COM(2017)0128 – C8-0121/2017 – 2017/0056(COD))

P8_TC1-COD(2017)0056

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-29 ta' Mejju 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll li japplikaw fl-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO) Żona tal-Konvenzjoni. 230

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

2020/C 76/33 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Greċja, lil Spanja, lil Franza u lill-Portugall (COM(2018)0150 – C8-0039/2018 – 2018/2029(BUD)) 232

2020/C 76/34 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2018 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 li jakkumpanja l-proposta biex jiġi mobilizzat il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Greċja, lil Spanja, lil Franza u lill-Portugall (08109/2018 – C8-0181/2018 – 2018/2030(BUD)) 235

2020/C 76/35 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea (05700/1/2018 – C8-0168/2018 – 2013/0103(COD)) 237

2020/C 76/36 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (applikazzjoni EGF/2018/000 TA 2018 - Għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni) (COM(2018)0165 – C8-0131/2018 – 2018/2048(BUD)). 238

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

2020/C 76/37 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Mejju 2018 dwar il-ħatra tas-Sur Antonio Mura fil-bord tal-għażla stabbilit skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (2018/2071(INS)) 242

2020/C 76/38 Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-31 ta' Mejju 2018 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (COM(2017)0772/2 – C8-0409/2017 – 2017/0309(COD)) 243

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tielet qari

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att)

Emendi tal-Parlament:

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.

IL-PARLAMENT EWROPEW

SESSJONI 2018–2019

Dati tas-seduti: 28–31 ta' Mejju 2018

Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 99, 14.3.2019.

TESTI ADOTTATI

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-PARLAMENT EWROPEW

P8_TA(2018)0210

Ottimizzazzjoni tal-katina tal-valur fis-settur tas-sajd tal-UE

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 2018 dwar l-ottimizzazzjoni tal-katina tal-valur fis-settur tas-sajd tal-UE (2017/2119(INI))

(2020/C 76/01)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 42 u 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jistabbilixxu organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur tal-prodotti tas-sajd,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2017 dwar il-promozzjoni tal-koeżjoni u l-iżvilupp fir-Reġjuni Ultraperiferiċi tal-UE: l-implimentazzjoni tal-Artikolu 349 TFUE ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, b'mod partikolari l-Artikolu 35 tiegħu dwar l-għanijiet tal-organizzazzjoni tas-suq komuni,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, u b'mod partikolari l-Artikoli 11, 13, 41 sa 44, 48, 63, 66, 68 u 70 sa 73 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-istrateġija ta' nofs it-terminu tal-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM) (2017-2020), li timmira għas-sostenibbiltà tas-swieq tal-ħut tal-Mediterran u tal-Baħar l-Iswed,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2017 dwar l-istat tal-istokkijiet tal-ħut u s-sitwazzjoni soċjoekonomika tas-settur tas-sajd fil-Mediterran ([2]),

— wara li kkunsidra l-istrateġija l-ġdida tal-Kummissjoni għal "Sħubija strateġika mġedda u msaħħa mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea" ("A renewed and reinforced strategic partnership with the outermost regions of the European Union"), ippubblikata fl-24 ta' Ottubru 2017 (COM(2017)0623),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2016 dwar it-traċċabbiltà ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura fir-ristorazzjoni u l-bejgħ bl-imnut ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' April 2017 dwar il-ġestjoni tal-flotot tas-sajd fir-Reġjuni Ultraperiferiċi ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A8-0163/2018),

([1]) Testi adottati, P8_TA(2017)0316.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2017)0255.
([3]) ĠU C 76, 28.2.2018, p. 40.
([4]) Testi adottati, P8_TA(2017)0195.

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

A. billi s-settur tas-sajd tal-UE qed iħabbat wiċċu ma' sfidi dejjem aktar diffiċli u kumplessi; billi l-qagħda tar-riżorsi u ż-żieda fl-ispejjeż, b'mod partikolari l-varjazzjonijiet fil-prezz tal-fjuwil, jistgħu jolqtu d-dħul tas-sajjieda; billi, f'dan il-kuntest, il-varjazzjonijiet 'l isfel tal-kwoti tas-sajd ifissru li l-komunitajiet lokali jiffaċċjaw sitwazzjonijiet kumplessi minħabba t-tnaqqis fl-attivitajiet ta' estrazzjoni; billi minbarra ż-żieda fl-ispejjeż tat-trasport, li tirriżulta mill-impatt doppju taż-żieda fil-prezzijiet tal-fjuwil, huma jħabbtu wiċċhom ma' kompetizzjoni minn importazzjonijiet ta' prodotti minn pajjiżi terzi, li, minkejja li din il-problema hi rikonoxxuta bħalma huma rikonoxxuti problemi oħrajn, jibqgħu fil-biċċa l-kbira jikkawżaw l-iggravar tas-sitwazzjoni soċjoekonomika fis-settur, fosthom il-formazzjoni inadegwata tal-prezz tal-ħut fl-ewwel bejgħ;

B. billi s-settur tas-sajd għandu importanza strateġika billi jforni l-ħut għall-pubbliku u jżomm il-bilanċi tal-ikel tal-Istati Membri f'ekwilibriju, kif ukoll billi jagħti kontribut mill-akbar għall-benessri soċjoekonomiku tal-komunitajiet tal-kosta, għall-iżvilupp lokali, għall-impjiegi, għaż-żamma u l-ħolqien ta' attivitajiet ekonomiċi kemm 'il fuq u kemm 'l isfel fil-katina ta' attivitajiet, u għall-preservazzjoni tat-tradizzjonijiet kulturali lokali;

C. billi s-sajd fuq skala żgħira, is-sajd artiġjanali u s-sajd tal-kosta jirrappreżentaw 83 % tal-bastimenti tas-sajd attivi fl-UE u 47 % tal-impjiegi totali fis-settur tas-sajd tal-UE; billi r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jistabbilixxi li "l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jagħtu aċċess preferenzjali għal sajjieda ta' skala żgħira, artiġjanali jew kostali" u billi dan il-fatt mhux qed jiġi rispettat;

D. billi l-konformità mar-regoli tal-Unjoni hi obbligatorja għall-parti l-kbira tad-distributuri tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, bħas-supermarkets; billi madankollu, l-impatt ta' din il-konformità fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-sajjieda u fuq id-dħul tagħhom ivarja, u dan huwa inġust għall-bastimenti tas-sajd iżgħar;

E. billi jeħtieġ li jitqiesu d-differenzi evidenti bejn il-flotot, taqsimiet ta' flotot, speċijiet fil-mira, rkaptu tas-sajd, produttività, preferenzi tal-konsumaturi u l-konsum ta' ħut per capita fil-pajjiżi tal-UE, kif ukoll il-karatteristiċi speċjali tal-industrija tas-sajd li jirriżultaw mill-istruttura soċjali tagħha, il-forom ta' kummerċjalizzazzjoni, u l-inugwaljanzi strutturali u naturali bejn ir-reġjuni tas-sajd differenti;

F. billi biex jidħlu fit-taqsimiet ġodda tas-suq, is-sajjieda artiġjanali jeħtieġu għajnuna u appoġġ finanzjarji;

G. billi d-dħul u s-salarji tas- sajjieda professjonali mhumiex siguri, minħabba l-mod kif issir il-kummerċjalizzazzjoni tas-settur, minħabba l-mod kif jiġu stabbiliti l-prezzijiet tal-ewwel bejgħ u minħabba n-natura irregolari tal-attività minnha nfisha, u dan jimplika, fost l-oħrajn, il-ħtieġa li jinżammu l-għajnuniet pubbliċi, nazzjonali u Komunitarji għas-settur;

H. billi l-analizzar tal-punti ewlenin tal-katina tal-valur tal-prodotti tas-sajd jista' jwassal biex is-sajjieda u l-produtturi lokali jżommu sehem akbar mill-valur iġġenerat bil-ftuħ ta' swieq lokali ġodda u l-involviment tal-partijiet interessati lokali, li jista' jħalli effetti pożittivi għall-komunitajiet lokali bis-saħħa tal-ħolqien ta' attività ekonomika dinamika, li ġġib il-qligħ u sostenibbli;

I. billi l-Artikolu 349 tat-TFUE jirrikonoxxi s-sitwazzjoni ekonomika u soċjali speċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi, li hija aggravata minn fatturi strutturali (il-bogħod, l-insularità, iċ-ċokon, it-topografija u l-klima diffiċli, id-dipendenza minn għadd żgħir ta' prodotti, eċċ.) li n-natura permanenti tagħhom u l-fatt li jeżistu flimkien jillimitaw severament l-iżvilupp ta' tali reġjuni u l-katina tal-valur fis-settur tas-sajd;

J. billi l-produtturi primarji, minkejja li għandhom rwol essenzjali fil-katina tal-valur, mhux dejjem jibbenefikaw mill-valur miżjud iġġenerat fi stadji sussegwenti ta' din il-katina;

K. billi l-PKS tfasslet biex issaħħaħ is-sostenibbiltà u l-kompetittività tas-settur tas-sajd u l-akkwakultura tal-Unjoni;

L. billi mod wieħed li bih tiġi ggarantita l-kompetittività tal-prodotti tas-sajd mir-reġjuni ultraperiferiċi huwa li jiġi żgurat li l-prezz tal-ħut minn dawk ir-reġjuni ma jogħliex b'riżultat tal-ispejjeż tat-trasport meta jilħaq is-swieq ta' destinazzjoni ewlenin;

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

M. billi l-UE tinsab fuq quddiem nett fid-dinja fil-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;

N. billi l-kummerċ tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura huwa influwenzat minn ħafna fatturi, bħal pereżempju l-preferenzi tal-konsumaturi fiż-żoni ġeografiċi differenti;

O. billi l-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) fil-qasam tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura tistabbilixxi l-mira li tiżdied it-trasparenza u l-istabbiltà tas-swieq, b'mod partikolari fir-rigward tal-għarfien ekonomiku u l-komprensjoni tas-swieq tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura tal-UE tul il-katina tal-provvista;

P. billi r-Regolament (UE) Nru 1379/2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura jistabbilixxi fl-Artikolu 38 tiegħu l-obbligu tal-indikazzjoni taż-żona tal-qabda jew tal-produzzjoni u, fil-każ tal-prodotti tas-sajd maqbuda fil-baħar, id-denominazzjoni bil-miktub tas-subżona jew diviżjoni elenkata fiż-żoni tas-sajd tal-FAO;

Q. billi t-trasparenza hija mezz li bih jiġi żgurat id-dritt tal-konsumaturi li jkunu jafu, bil-preċiżjoni massima, il-karatteristiċi tal-prodotti li huma jixtru; billi dan jeħtieġ titjib fit-tikkettar, bl-obbligu li tidher l-istess informazzjoni preċiża dwar l-oriġini tal-ħut kemm meta jinbiegħ frisk kif ukoll fil-prodotti pproċessati;

R. billi d-dinamika attwali tal-bejgħ ma tippermettix li l-varjazzjonijiet fl-ispejjeż tal-fatturi tal-produzzjoni, inkluż il-fjuwil, jiġu riflessi fil-prezzijiet tal-ħut, u billi l-prezzijiet medji tal-ewwel bejgħ ma evolvewx maż-żieda fil-prezzijiet għall-konsumatur aħħari;

S. billi l-istudju ppubblikat mid-Dipartiment Tematiku tal-Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni fl-2016 bl-isem "Is-swieq tas-sajd fuq skala żgħira: il-katina tal-valur, il-promozzjoni u t-tikkettar", jindika b'mod ċar li t-tikkettar tal-prodotti tas-sajd tal-UE jaf jikkonfondi lill-konsumaturi;

T. billi l-organizzazzjonijiet tal-produtturi ta' prodotti tas-sajd u l-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-prodotti tal-akkwakultura ('organizzazzjonijiet tal-produtturi') jaqdu rwol fundamentali sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-PKS u tal-OKS, u biex dawn jitħaddmu kif suppost;

U. billi l-Unjoni hija impenjata li tissalvagwardja livelli għolja ta' kwalità fil-prodotti tas-sajd, b'mod partikolari fid-dawl tar-relazzjonijiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi;

V. billi s-settur tal-ipproċessar u l-ippreservar huwa importanti;

W. billi l-gruppi ta' azzjoni lokali tas-sajd (FLAGs) huma parti essenzjali mill-qafas tal-PKS biex jitfasslu u jiġu implimentati strateġiji multisettorjali u integrati ta' żvilupp lokali parteċipattiv li jissodisfaw il-ħtiġijiet taż-żona tas-sajd lokali tagħhom; billi huma rikonoxxuti bħala strument siewi li jikkontribwixxi għad-diversifikazzjoni fl-attivitajiet tas-sajd;

X. billi l-katina tal-provvista tas-sajd ma teżistix f'iżolament u billi l-ħolqien ta' rabtiet transsettorjali huwa importanti ħafna biex jiġu żviluppati prodotti innovattivi li jippermettu l-aċċess għal swieq ġodda u titjib tal-promozzjoni tagħhom;

Y. billi jeżisti nuqqas ta' koordinazzjoni u ta' assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd f'ċerti Stati Membri tal-UE;

Z. billi s-setturi tas-sajd tar-reġjuni ultraperiferiċi (ORs) huma suġġetti għall-eżiġenzi tagħhom, rikonoxxuti fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni, u dan jinfluwenza l-istrutturazzjoni tagħhom;

AA. billi l-organizzazzjonijiet interprofessjonali (kif issemmi diġà fl-OKS) għandhom il-potenzjal li jtejbu l-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni tul il-katina tal-provvista u li jagħmlu progress b'miżuri ta' interess għas-settur kollu kemm hu;

AB. billi, ladarba l-istokkijiet tal-ħut huma riżorsi kondiviżi, l-isfruttar sostenibbli u effiċjenti tagħhom, f'ċerti każijiet, jista' jitwettaq b'mod aktar adegwat minn organizzazzjoniiet magħmula minn membri minn Stati Membri differenti u minn reġjuni differenti tal-EU u jenħtieġ, għalhekk, li jiġu ttrattati u studjati abbażi ta' kull reġjun għalih;

AC. billi s-settur tas-sajd huwa ċentrali għas-sitwazzjoni soċjoekonomika, għall-impjiegi, u għall-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika u soċjali fir-reġjuni ultraperiferiċi, li l-ekonomiji tagħhom ibatu minn limitazzjonijiet strutturali permanenti u li ftit għandhom possibilitajiet ta' diversifikazzjoni ekonomika;

AD. billi n-nuqqas ta' professjonisti żgħażagħ huwa ostaklu għall-modernizzazzjoni u t-titjib tas-settur, u huwa theddida serja għas-sopravivenza ta' ħafna komunitajiet kostali;

AE. billi jingħata profil baxx ħafna lir-rwol tan-nisa fis-settur tas-sajd, minkejja l-fatt li dawn tipikament jagħmlu x-xogħol ta' wara l-kwinti, bħall-appoġġ loġistiku jew il-burokrazija marbuta mal-attività, filwaqt li jaħdmu wkoll bħala sajjieda u kaptani f'xi bastimenti tas-sajd;

AF. billi l-obbligu ta' ħatt l-art jirrappreżenta eżiġenza ekonomika u soċjali reali, li tnaqqas il-profittabbiltà finanzjarja u tolqot il-katina tal-valur, u jkun tajjeb li tiġi minimizzata;

AG. billi jeħtieġ tiġi promossa kuxjenza akbar fost il-konsumaturi dwar l-importanza ta' dieta tajba għas-saħħa u produzzjoni sostenibbli;

AH. billi fost il-kawżi li qed jikkontribwixxu biex is-sitwazzjoni soċjoekonomika taggrava jridu jitqiesu wkoll it-tnaqqis fil-prezzijiet tal-ħut fl-ewwel bejgħ u l-ispejjeż dejjem jogħlew tal-fjuwil;

1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, flimkien mal-awtoritajiet reġjonali, jistabbilixxu gruppi ta' esperti inkarigati li janalizzaw u jipproponu miżuri korrettivi fir-rigward tal-użu tad-diversi linji tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd sabiex jiġu identifikati r-raġunijiet għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni u t-telf possibbli ta' fondi, kif ukoll biex jiġi żgurat livell adegwat ta' kontroll u trasparenza u biex l-amministrazzjonijiet rilevanti jintalbu jtejbu l-ġestjoni;

2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkonformaw mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u joffru aċċess preferenzjali reali għall-opportunitajiet tas-sajd lill-flotot fuq skala żgħira u artiġjanali tal-UE;

3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-azzjoni meħtieġa biex jiffaċilitaw il-ħolqien ta' organizzazzjoni tal-produtturi, filwaqt li jneħħu l-ostakli burokratiċi fil-proċedura stabbilita u jbaxxu l-limiti minimi ta' produzzjoni sabiex jinkoraġġixxu d-dħul ta' produtturi żgħar; jirrimarka li huwa meħtieġ ukoll li tingħata spinta lill-attivitajiet tal-organizzazzjoni tal-produtturi, biex b'hekk tingħatalhom aktar saħħa u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-appoġġ finanzjarju meħtieġ ħalli jkunu jistgħu jwettqu varjetà usa' ta' kompiti minbarra l-ġestjoni ta' kuljum tas-sajd, filwaqt li jirrispettaw qafas definit mill-għanijiet tal-PKS, b'mod partikolari għall-ORs, li għandhom ikunu kapaċi lokalment jadattaw il-funzjonament tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-organizzazzjonijiet interprofessjonali fit-territorji tagħhom, li huma karatterizzati minn insularità, iżolament, daqs żgħir, il-prevalenza tas-sajd artiġjanali u livell għoli ta' vulnerabbiltà għall-importazzjonijiet;

4. Isostni li l-programmi operattivi jridu jinkoraġġixxu lill-organizzazzjoni tal-produtturi, – billi jipprovdu l-appoġġ finanzjarju neċessarju – biex jikkummerċjalizzaw il-prodotti tagħhom direttament, billi jaħdmu fi ħdan il-katina tal-valur, peress li dan ikun jippermettilhom jisfruttaw il-produzzjoni tagħhom u jkabbru l-valur miżjud tal-prodotti tas-sajd;

5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-għajnuniet għas-sikurezza abbord u għall-iġjene ma jsirux parti minn proċess kompetittiv u li jiġi assenjat baġit akbar lis-settur tas-sajd artiġjanali;

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

6. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffaċilitaw u jippromovu li l-OPs jinkludu l-katina tal-valur fil-pjanijiet ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni, bl-għan li l-provvista tiġi adattata għad-domanda, jiġi żgurat dħul ekwu għas-sajjieda u jiġi garantit li l-konsumaturi Ewropej isibu prodotti li jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom, meta jitqiesu l-għażliet differenti; josserva li, f'dan il-kuntest, l-istrateġiji ta' kummerċjalizzazzjoni adatti għall-ispeċifiċitajiet lokali huma għodda essenzjali u għandhom jinkludu l-possibbiltà tal-bejgħ dirett, fejn jinkludu kampanji settorjali u/jew abbażi ta' prodott u jgħinu biex jittejbu l-informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi, inklużi l-immarkar u t-tikkettar li jipprovdu tagħrif li jinftiehem;

7. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-gvernijiet reġjonali u lokali biex isaħħu l-pożizzjoni tas-sajd fuq skala żgħira billi jinkoraġġixxu l-konsum lokali permezz ta' kummerċjalizzazzjoni diretta u aktar speċjalizzata, kanali tal-kummerċ żero kilometri, inkluża kooperazzjoni mtejba bejn is-settur pubbliku u s-settur tas-sajd permezz tal-forniment lil stabbilimenti pubbliċi bħall-iskejjel u l-isptarijiet bi prodotti tal-ħut lokali, kif ukoll kampanji ta' promozzjoni li għandhom jikkoperaw ukoll ma' inizjattivi privati biex jippromwovu prodotti tal-ikel lokali, bħall-inizjattiva Slowfish, u biex jirrispettaw l-istaġunalità ta' ċerti qabdiet. Fl-istess waqt jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jappoġġaw il-kooperazzjoni bejn is-setturi tas-sajd u tat-turiżmu u sabiex ifasslu lista ta' prattiki tajba dwar l-esperjenzi li jiffaċilitaw forom ġodda ta' kollaborazzjoni;

8. Jenfasizza li wieħed mill-pedamenti ta' dawn l-istrateġi ta' kummerċjalizzazzjoni hu l-indikazzjoni obbligatorja tat-tikketti ta' oriġini tal-prodotti tas-sajd, kemm dawk mibjugħa friski kif ukoll dawk proċessati;

9. Jitlob li jinħolqu sistemi bil-għan li jittejbu l-prezzijiet tal-ewwel bejgħ, sabiex igawdu s-sajjieda billi jitjieb id-dħul tagħhom għax-xogħol li jagħmlu, u li jkunu promossi distribuzzjoni ġusta u xierqa tal-valur miżjud tul il-katina ta' valur tas-settur, billi jitnaqqsu l-marġnijiet operattivi, jiżdiedu l-prezzijiet li jitħallsu l-produtturi, u jiġu limitati l-prezzijiet imħallsa mill-konsumaturi; itenni li fejn jeżistu żbilanċi serji fil-katina, l-Istati Membri għandu jkollhom is-setgħa jintervjenu, pereżempju billi jistabbilixxu marġnijiet massimi tal-intermedjazzjoni għal kull attur fil-katina;

10. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jgħinu l-moviment ta' organizzazzjoni ta' sajjieda fuq skala żgħira tal-UE bl-iżvilupp ta' logo speċifiku li jiggarantixxi: prodott tal-ħut frisk, kwalità eċċellenti, standards tas-saħħa kkontrollati, konformità marrekwiżiti ta' żero kilometri (niffavorixxu prodotti lokali flok prodotti trasportati mill-bogħod), qrubija għall-konsumaturi, rispett għat-tradizzjonijiet, eċċ.;

11. Jindika li, għall-finijiet tat-trasparenza u għas-salvagwardja tad-drittijiet tal-konsumaturi se jkun meħtieġ li jiġi rivedut l-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 1536/92 dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti preservati;

12. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jimplimentaw sistema tat-tikkettar tal-ħut, kemm dak frisk kif ukoll dak ipproċessat, li tindika b'mod ċar il-pajjiż ta' oriġini;

13. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jippromwovu koordinazzjoni akbar u assoċjazzjoni fis-settur tas-sajd;

14. Jitlob li l-Kummissjoni tinkludi klawżola fil-ftehimiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi bl-istandards ta' kwalità tal-UE, b'tali mod li jkun meħtieġ li l-importazzjonijiet ikunu konformi mal-istess regoli bħall-prodotti tas-sajd tal-UE;

15. Sabiex jiżgura kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura importati u dawk tal-UE, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jissorveljaw mill-qrib il-konformità tal-prodotti importati fl-UE mal-leġizlazzjoni attwali tas-sikurezza, l-iġjene u l-kwalità tal-UE, kif ukoll mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 ([5]) dwar sajd IUU;

([5]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

16. Jinsisti fuq implimentazzjoni aktar stretta tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-tikkettar u l-informazzjoni għall-konsumaturi, kemm fis-swieq tal-konsumaturi kif ukoll fis-settur tal-lukandi, ristoranti u catering (HORECA); jemmen li dan huwa importanti għall-prodotti kollha tas-sajd, kemm dawk importati kif ukoll dawk prodotti fl-UE; jemmen li l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Kontroll (KE) Nru 1224/2009 għandha tissaħħaħ għal dan l-għan fl-Istati Membri kollha, u li r-regolamenti għandhom jiġu adottati biex ikopru l-istadji kollha tal-katina tal-provvista;

17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni twettaq studju dwar l-impatt tal-importazzjonijiet fuq is-sajd lokali;

18. Jitlob lill-Kummissjoni tawtorizza li jsir użu konvenjenti mir-reġjonalizzazzjoni, b'attenzjoni partikolari għall-ORs, u li ssir differenzjazzjoni fl-għodod ta' appoġġ, u li dawn ikunu jistgħu jiġu adattati għal diversi tipi ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi u għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom;

19. Jenfasizza l-importanza li jiġu żviluppati politiki li jippermettu lill-komunitajiet tal-kosta lokali joffru servizzi integrati, jisfruttaw is-sinerġiji li jirriżultaw mid-diversi setturi tal-produzzjoni u li għandhom il-possibbiltà li jġibu magħhom u jħeġġu l-iżvilupp fil-livell lokali; jinsisti, għaldaqstant, li l-finanzjament mill-PKS jiġi kombinat ma' programmi Ewropej oħra fil-Fond Soċjali Ewropew jew fl-PAK; jindika li dan il-kombinament ta' riżorsi u programmi għandu jappoġġa l-inizjattivi tal-komunitajiet u l-imprendituri lokali ffokati fuq l-iżvilupp rurali, it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien, il-konċiljazzjoni u b'mod partikolari id-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' dħul;

20. Iqis li huwa kruċjali li jinżamm, u preferibbilment jiżdied, l-appoġġ mogħti lir-reġjuni ultraperiferiċi għat-trasport tal-ħut, sakemm jasal fis-suq internazzjonali, bil-għan li tiġi ggarantita kompetizzjoni ġusta ma' prodotti minn postijiet oħra;

21. Jistieden lill-Kummissjoni tqis il-possibbiltà li toħloq, mill-aktar fis, strument finanzjarju biex jipprovdi appoġġ speċifiku għas-settur tas-sajd, abbażi tal-POSEI għas-settur agrikolu fir-reġjuni ultraperiferiċi, bil-kapaċità li jtejjeb ġenwinament il-potenzjal tas-settur tas-sajd tagħhom; jemmen li għandha tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li jiġu inklużi f'dan l-istrument speċifiku, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 8 (Għajnuna mill-Istat), l-Artikolu 13(5) (Riżorsi baġitarji taħt ġestjoni kondiviża), l-Artikolu 70 (Sistema ta' kumpens), l-Artikolu 71 (Kalkolu tal-kumpens), l-Artikolu 72 (Pjan ta' kumpens) u l-Artikolu 73 (Għajnuna mill-Istat għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' kumpens) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS);

22. Jemmen li dawn il-pjanijiet lokali ta' żvilupp għall-komunitajiet tal-kosta għandhom jappoġġaw attivitajiet u negozji ġodda li jippermettu l-integrazzjoni ta' materji primi ta' kwalità, il-proċessi speċifiċi ta' trasformazzjoni u l-patrimonju kulturali u storiku ta' dawn il-komunitajiet fil-katina tal-valur. jindika, barra minn hekk, li għandhom jippromwovu mekkaniżmi ta' kummerċjalizzazzjoni, bħat-tikkettar obbligatorju tal-oriġini tal-prodotti, li jgħollu l-profil ta' dawn il-kwalitajiet fis-suq u jiżguraw li l-parti l-kbira tal-introjtu ġġenerat imur lura għand dawn il-komunitajiet.

23. Jenfasizza wkoll l-importanza tal-baħar, tar-riżorsi marittimi u tal-prodotti tas-sajd fil-promozzjoni tal-koeżjoni u l-iżvilupp fir-reġjuni ultraperiferiċi u fl-implimentazzjoni tal-Artikolu 349 tat-TFUE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, biex tirrispetta l-Artikolu 349 tat-TFUE, anke fir-rigward tas-sajd, billi terġa' tintroduċi b'mod sħiħ u indipendenti il-programm POSEI-Sajd, li ġie eliminat fil-qafas tar-riforma tal-FEMS attwali;

24. Jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jinkoraġġixxu l-istabbiliment ta' organizzazzjonijiet interprofessjonali, kif ukoll ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi u assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi fuq livell transnazzjonali (kif previst diġà fl-OKS), ibbażati fir-reġjuni bijoġeografiċi jew fil-livell tal-UE; jindika li din hija għodda essenzjali biex tingħata aktar setgħa lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi u biex dawn jingħataw aktar setgħa ta' negozjar;

25. Jitlob li dan il-proċess jingħata spinta u jiġi żviluppat b'enfasi speċjali fuq il-politiki tal-ġeneru biex ikun garantit li n-nisa jkunu rappreżentati adegwatament f'dawn l-organizzazzjonijiet. jindika li b'dan il-mod jiġi rifless il-piż attwali tan-nisa fis-settur, u jgħinhom ikollhom rwol akbar fih;

26. Jenfasizza l-importanza li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn ix-xjenza u s-sajd biex jiġu indirizzati id-dipendenzi u d-dgħufijiet kumplessi fil-proċessi tal-katina ta' valur bl-għan ta' titjib u biex ikun hemm aktar benefiċċji għall-partijiet interessati;

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

27. Jitlob lill-Kummissjoni żżid, tippromwovi u tiġġeneralizza l-użu tal-informazzjoni pprovduta permezz tal-Osservatorju Ewropew tas-Suq tal-Prodotti tas-Sajd u tal-Akkwakultura (EUMOFA) sabiex l-operaturi kollha fil-katina jkollhom informazzjoni trasparenti, affidabbli u aġġornata għat-teħid effiċjenti ta' deċiżjonijiet ta' negozju; jitlob, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tipprovdi data aġġornata dwar l-isfidi l-ġodda għan-negozjanti, bħall-bejgħ online jew it-tibdil fix-xejriet tal-konsum;

28. Jindika l-ħtieġa ta' reviżjoni ambizzjuża tal-OKS għall-prodotti tas-sajd, bl-għan li jiżdied il-kontribut tagħha għall-introjtu tas-settur, l-istabbiltà tas-suq, u kummerċjalizzazzjoni aqwa tal-prodotti tas-sajd u żieda fil-valur miżjud tagħhom;

29. Jitlob lill-Kummissjoni tinkludi l-prodotti tas-sajd fil-proposta għal regolament biex jiġu miġġielda l-prattiki kummerċjali żleali, li hi problema ġenerali fis-settur tal-prodotti tal-ikel;

30. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel rieżami tas-sistema għat-tikkettar tal-prodotti tas-sajd stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 abbażi taż-żoni tas-sajd tal-FAO, li tfasslu aktar minn 70 sena ilu għar-rappurtar tal-qabdiet u ma kinux maħsuba biex jipprovdu gwida lill-konsumatur, minħabba li s-sistema toħloq il-konfużjoni u ma tgħinx biex tkun ipprovduta informazzjoni ċara, trasparenti u sempliċi;

31. Jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali janalizzaw in-nuqqas ta' kwalifiki professjonali fis-settur tas-sajd, u b'mod speċjali ta' professjonisti żgħażagħ, b'tali mod li jiggarantixxu u jiffokaw il-programmi ta' taħriġ tal-professjonisti tas-settur tas-sajd fuq il-ħtiġijiet reali tas-settur u b'ħekk jgħinu biex is-settur jiġi modernizzat u mtejjeb, filwaqt li jżommu lill-popolazzjoni fil-lokalitajiet tas-sajd, kif ukoll biex joħolqu opportunitajiet ta' impjieg adegwati fiż-żoni bl-akkwalkultura, u fiż-żoni rurali u tal-kosta, fiż-żoni ultraperiferiċi u f'reġjuni li jiddependu fuq l-attivitajiet tas-sajd;

32. Jindika l-importanza li jinħolqu swieq lokali għall-prodotti tradizzjonali ta' kwalità partikolari, li jkunu appoġġati minn fieri, negozji żgħar u l-industrija tal-ikel, bħala mezz ta' kif jiżdied il-valur miżjud tal-prodotti lokali u jiġi promoss l-iżvilupp lokali;

33. Jenfasizza l-importanza li jitfasslu strateġiji speċifiċi ta' taħriġ fil-ħiliet diġitali li jiffokaw fuq il-ġestjoni, u speċjalment fuq il-kummerċjalizzazzjoni, bħala għodda bażika biex titjieb il-pożizzjoni tal-produtturi fil-katina tal-valur;

34. Jindika li dawn il-pjanijiet tat-taħriġ għandhom ikopru l-professjonijiet tradizzjonali, prattikati fis-settur prinċipalment minnisa, kif ukoll pjanijiet speċifiċi ffokati biex iżidu l-impjegabbiltà u l-intraprenditorjat tan-nisa; jenfasizza li l-inklużjoni ta' dawn l-ispeċjalitajiet fit-taħriġ akkreditat għandha tħalli wkoll l-effetti legali konsegwenti u ttejjeb l-istatus ta' dawn il-professjonisti fis-suq tax-xogħol;

35. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra modi aħjar ta' kif tippromwovi l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd ipproċessati b'valur miżjud ogħla, fosthom il-prodotti fil-bottijiet, billi jiġi segwit l-eżempju ta' ċerti prodotti agrikoli, u programmi għall-promozzjoni esterna tal-prodotti tas-sajd tal-UE, inkluża l-preżentazzjoni tagħhom f'kompetizzjonijiet u fieri internazzjonali;

36. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali jgħinu lill-atturi ekonomiċi tas-settur tas-sajd biex jaċċedu għall-għarfien, in-netwerks u l-finanzjament meħtieġa ħalli jwettqu attivitajiet innovattivi u jiddisinjaw prodotti ġodda ('novel foods') b'mod partikolari fil-valutazzjoni ta' speċijiet maqbuda diġà li jkollhom valur ekonomiku baxx, u jinvolvu lill-organizzazzjonijiet u l-istituzzjoni tar-riċerka, bħall-istituti oċeanografiċi, sabiex jibbenefikaw mill-għarfien estensiv tagħhom tal-materja prima bażika u l-karatteristiċi bijoloġiċi, nutrittivi u organolettiċi tagħha; fi sforz biex tiġi evitata l-ħela, ikun massimizzat il-valur tal-prodotti friski u jiġu stimulati s-sinerġiji bejn il-partijiet differenti tal-katina tal-valur u biex is-settur isir aktar reżiljenti;

37. Jistieden lill-Istati Membri u l-awtoritajiet lokali u reġjonali jaħdmu flimkien biex jiżviluppaw kampanji ta' informazzjoni maħsuba għall-konsumaturi li jkunu effikaċi u ffokati fuq prodotti konkreti, biex iqajmu kuxjenza dwar kwistjonijiet bħall-importanza tal-konsum ta' prodotti tas-sajd lokali, jiżguraw li l-impatt tas-settur fuq l-impjieg lokali u l-koeżjoni soċjali tal-komunitajiet tal-kosta jista' jkun viżwalizzat, jenfasizzaw il-kwalitajiet nutrittivi tal-ħut frisk u jqajmu kuxjenza dwar il-ħtieġa li ninkludu l-prodotti tas-sajd f'dieta tajba għas-saħħa, eċċ.;

38. Jitlob lill-Kummissjoni tipproponi definizzjoni ċara u tfassal is-sisien ta' programm futur Ewropew ta' appoġġ għas-sajd artiġjanali li jgħin biex titjieb is-sostenibbiltà ambjentali u soċjoekonomika tal-industrija tas-sajd fl-UE, li jippermetti l-identifikazzjoni, id-differenzjazzjoni u l-valorizzazzjoni tal-prodotti minn sajd artiġjanali sabiex jinkoraġġixxi l-konsum tagħhom, li jinkoraġġixxi l-ġenerazzjonijiet il-ġodda jaħdmu fis-settur tas-sajd sabiex ikun hemm tiġdid ġenerazzjonali, jiżgura kwoti deċenti għas-sajjieda u għas-sajd artiġjanali u kontroll ikbar tar-riżorsi, u b'hekk tiżdied il-koeżjoni soċjali fil-komunitajiet kostali tal-UE;

39. Jistieden lill-Kummissjoni tvara konsultazzjonijiet pubbliċi online speċifiċi fil-livell tal-UE biex tinġabar data dwar il-katina tal-provvista, kwistjonijiet tat-trasparenza tas-suq, kondiviżjoni tal-valur, tikkettar u ħtiġijiet tal-konsumatur mingħand firxa wiesgħa ta' partijiet interessati fis-settur tas-sajd tal-UE;

40. Jitlob lill-Kummissjoni tesplora l-benefiċċji li l-katini ta' valur globali jistgħu jġibu magħhom għas-sajd artiġjanali, biex jintegraw aktar faċilment fl-ekonomija globali, billi jżidu l-valur miżjud tal-prodotti tagħhom filwaqt li jkunu jistgħu jżommu l-attività tagħhom u tal-komunitajiet lokali; jenfasizza l-importanza tat-taħriġ fil-ħiliet diġitali għal dan l-għan;

41. Jemmen li l-katina tal-valur tal-prodotti tas-sajd hi kumplessa, u tinvolvi l-produtturi, diversi intermedjarji u l-bejjiegħa bl-imnut jew ir-ristoranti; jenfasizza li s-sensara u dak li jipproċessaw il-ħut għandhom rwol importanti fil-katina tal-valur; jinnota li, bħala medja, il-marġini fil-katina tal-valur hu li 10 % biss imorru għand il-produtturi, filwaqt li 90 % jmorru għand l-intermedjarji; jenfasizza li t-tqassir tal-katina tal-valur, partikolarment permezz tal-ħolqien ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi li huma atturi ewlenin minħabba l-produzzjoni u l-pjanijiet ta' kummerċjalizzazzjoni tagħhom, hu mezz inizjali biex jitjieb l-introjtu tas-sajjieda fuq skala żgħira, iżda wkoll ta' kif jiġi offrut prodott aqwa (probabilment bi prezz aħjar) lill-konsumatur;

42. Jenfasizza l-importanza tal-investiment fi professjonisti żgħażagħ sabiex il-ġenerezzjoni tas-sajjieda li jmiss tiġi involuta u tissaħħaħ il-pożizzjoni tagħha, u jitlob li jinħolqu opportunitajiet għas-sajjieda żgħażagħ biex jiżviluppaw ħiliet ġodda, jibnu negozji reżiljenti, ikunu membri attivi fil-komunitajiet lokali tagħhom u jikkontribwixxu b'mod pożittiv għall-katina tal-valur fis-settur tas-sajd;

43. Jitlob lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali jagħmlu użu mill-opportunitajiet offruti mill-appoġġ tal-Gruppi ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd biex jaġġustaw l-operazzjonijiet għall-ħtiġijiet lokali f'ħafna oqsma, bħalma huma t-taħriġ u d-diversifikazzjoni ta' attivitajiet ibbażati fuq l-innovazzjoni, fost ħafna oħrajn, u jassistu lis-sajjieda u l-membri tal-komunitajiet lokali fl-aċċess għal fondi u programmi ta' appoġġ eżistenti tal-UE;

44. Jistieden lill-Kummissjoni tistudja l-possibbiltà li tistabbilixxi proċess biex isir użu mill-qabdiet aċċessorji li jkun marbut mal-obbligu tal-ħatt l-art fl-interess ekonomiku u soċjali tal-atturi fil-katina tal-valur, speċjalment is-sajjieda, u billi jiġu appoġġati inizjattivi lokali;

45. Jistieden lill-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali jagħtu spinta lit-trasferiment tal-informazzjoni dwar skemi ta' appoġġ eżistenti u jsaħħu l-appoġġ amministrattiv, pereżempju permezz ta' pjattaformi ta' informazzjoni;

46. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi u tappoġġa inizjattivi li jippromwovu selettività akbar biex jitnaqqsu l-qabdiet aċċessorji u titjieb il-vijabbiltà finanzjarja tas-sajd permezz ta' mira fuq speċijiet li jilħqu l-aspettattivi tal-konsumaturi;

47. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkludu l-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-politika tas-sajd sabiex ikun jidher ċar ir-rwol importanti li jaqdu n-nisa fis-settur tas-sajd tal-UE u sabiex tissaħħaħ il-pożizzjoni tagħhom;

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

48. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu r-rabtiet bejn id-dinja tax-xogħol u dik akkademika, pereżempju billi jaraw li l-iskejjel tekniċi nawtiċi jinkludu fil-pjanijiet tal-istudji tagħhom kwistjonijiet relatati mas-sajd u l-akkwakultura;

49. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali jgħaqqdu flimkien l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw l-attivitajiet proposti f'dan ir-rapport bl-għan li l-attivitajiet tas-sajd iħallu aktar qligħ;

50. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni kif ukoll lill-Gvernijiet tal-Istati Membri u lill-Kunsilli Konsultattivi.

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0211

L-implimentazzjoni tal-għodod għall-bdiewa żgħażagħ tal-PAK fl-UE wara r-riforma tal-2013

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 2018 dwar l-implimentazzjoni tal-għodod għall-bdiewa żgħażagħ tal-PAK fl-UE wara r-riforma tal-2013 (2017/2088(INI))

(2020/C 76/02)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2017/2393 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), (UE) Nru 1306/2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni, (UE) Nru 1307/2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni, (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u (UE) Nru 652/2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti ([3]),

— wara li kkunsidra l-istudju dwar "Young farmers: Policy implementation after the 2013 CAP reform" (Il-bdiewa żgħażagħ: Implimentazzjoni tal-politika wara r-riforma tal-PAK tal-2013) ikkummissjonat mid-Dipartiment Tematiku B – Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni – u li ġie ppreżentat fil-laqgħa tal-ComAGRI tat-23 ta' Novembru 2017,

— wara li kkunsidra s-seduta ta' smigħ tiegħu dwar l-"Implimentazzjoni ta' politiki dwar il-bdiewa żgħażagħ wara r-riforma tal-PAK tal-2013", li saret fit-23 ta' Novembru 2017,

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 10/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri – "Jenħtieġ li l-appoġġ li jingħata mill-UE lil bdiewa żgħażagħ ikun immirat aħjar biex jitrawwem tiġdid ġenerazzjonali effettiv",

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' April 2017 dwar is-sitwazzjoni attwali tal-konċentrazzjoni tal-art agrikola fl-UE: kif niffaċilitaw l-aċċess tal-bdiewa għall-art ([4]),

— wara li kkunsidra l-istudju mill-Kunsill Ewropew tal-Bdiewa Żgħażagħ (CEJA) bit-titolu "Young farmers are key in the future CAP" (Il-bdiewa żgħażagħ huma l-qofol tal-PAK futura) li ġie ppubblikat fis-17 ta' Mejju 2017,

— wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar "L-appoġġ għal bdiewa żgħażagħ Ewropej" ([5]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 1(1)(e) ta'd-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-12 ta' Diċembru 2002 dwar il-proċedura għall-awtorizzazzjoni tat-tfassil tar-rapporti fuq inizjattiva proprja, kif ukoll l-Anness 3 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A8-0157/2018)

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487.
([2]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608.
([3]) ĠU L 350, 29.12.2017, p. 15.
([4]) Testi adottati, P8_TA(2017)0197.
([5]) ĠU C 207, 30.6.2017, p. 57.

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

A. billi fl-UE madwar 6 % biss ta' dawk li jmexxu l-azjendi agrikoli għandhom inqas minn 35 sena u iżjed minn nofshom għandhom aktar minn 55 sena, u billi d-disparitajiet bejn l-Istati Membri huma sostanzjali;

B. billi dawn iċ-ċifri ma nbidlux b'mod sinifikanti matul dawn l-aħħar għaxar snin, bil-perċentwal ta' bdiewa żgħażagħ jiċkien, filwaqt li t-tixjiħ tal-popolazzjoni tal-bdiewa hija problema ewlenija; billi s-sitwazzjonijiet ta' tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura jvarjaw ħafna minn Stat Membru għal ieħor u għalhekk jeħtieġu approċċ flessibbli u diversifikat;

C. billi kullimkien, għal aktar minn 50 sena, l-iżvilupp agrikolu appoġġjat mill-Politika Agrikola Komuni (PAK) wassal għal tkabbir, konċentrazzjoni ta' azjendi u kapitalizzazzjoni qawwija tal-assi tal-produzzjoni, u dan jagħmilha diffiċli għal ċerti stabbilimenti li għandhom jiġu trasferiti u/jew magħmula aċċessibbli għaż-żgħażagħ, minħabba l-ammonti ta' kapital meħtieġa sabiex jeħduhom f'idejhom;

D. billi t-tixjiħ tal-forza tax-xogħol agrikola hija partikolarment akuta fis-setturi tat-trobbija tal-bhejjem, b'mod partikolari fit-trobbija tan-ngħaġ u l-mogħoż, sforz il-limiti eżistenti fil-profitabbiltà tagħha;

E. billi fil-perjodu 2007-2013, l-għadd ta' bdiewa żgħażagħ fl-UE inġenerali naqas minn 3,3 għal 2,3 miljuni, u l-erja tal-azjendi agrikoli kkultivati minn bdiewa żgħażagħ naqset matul dak il-perjodu minn 57 għal 53 ettaru;

F. billi, fid-dawl ta' bidliet demografiċi bħalma huma d-depopolazzjoni u t-tixjiħ tal-popolazzjoni fiż-żoni rurali, huwa essenzjali li jinħolqu opportunitajiet għall-agrikoltura bħala industrija moderna u attraenti biex iż-żgħażagħ jitħeġġu jibdew karriera fil-biedja;

G. billi hemm kompetizzjoni qawwija għall-aċċess għall-art bejn iż-żgħażagħ li jixtiequ jidħlu fis-settur tal-biedja u l-bdiewa li diġà huma stabbiliti sew, u f'xi każijiet, anke bejn iż-żgħażagħ u d-ditti tal-investiment li bdew jieħdu interess fl-agrikoltura;

H. billi fil-futur, mudell sħiħ ta' żvilupp agrikolu bbażat fuq l-azjendi agrikoli tal-familja qiegħed f'riskju;

I. billi l-PAK għandha rwol kruċjali f'dan ir-rigward;

J. billi t-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura huwa problema li tgħaqqad żewġ aspetti, jiġifieri d-diffikultajiet esperjenzati mill-ġenerazzjoni żagħżugħa biex tidħol fis-settur tal-biedja u d-diffikultajiet biex titħalla f'idejn il-ġenerazzjoni attwali tal-bdiewa, u billi n-nuqqas ta' żgħażagħ li jfittxu karriera fil-biedja qiegħed jipperikola s-sostenibbiltà ekonomika u soċjali u t-tkabbir taż-żoni rurali, kif ukoll l-awtosuffiċjenza u s-sigurtà tal-ikel tal-UE; billi sitwazzjoni ekonomika sodisfaċenti hija l-ewwel kundizzjoni biex il-biedja ssir attraenti;

K. billi l-aktar riforma reċenti tal-PAK ġiet ikkonfermata u introdotta sensiela ta' għodod li jistgħu jiġu kkombinati u adattati għaċ-ċirkostanzi nazzjonali fl-Istati Membri, b'mod partikolari l-pagament obbligatorju għall-bdiewa żgħażagħ skont l-ewwel pilastru (EUR 6,9 biljun pagabbli lil 180 000 bidwi żagħżugħ) u, taħt it-tieni pilastru, miżuri bħall-għajnuna tal-bidu, l-aċċess għall-finanzjament u l-kreditu, jew il-possibbiltà li jiġi stabbilit sottoprogramm tematiku għall-bdiewa żgħażagħ (EUR 2,6 biljun);

L. billi fl-UE mhux l-Istati Membri kollha għandhom politika ġenwina dwar l-istabbiliment fl-agrikoltura u mhux kollha jużaw l-istrumenti kollha li l-PAK toffri biex tappoġġja bdiewa żgħażagħ, speċjalment il-miżura tat-tieni pilastru dwar "għajnuna tal-bidu għal bdiewa żgħażagħ";

M. billi n-nisa żgħażagħ li jieħdu f'idejhom ir-responsabbiltà tal-ġestjoni ta' negozju tal-biedja jirrappreżentaw biss proporzjon żgħir ta' bdiewa żgħażagħ, iżda mhumiex grupp omoġenju u għalhekk għandhom bżonnijiet differenti meta jibdew din il-karriera;

N. billi t-tiġdid ġenerazzjonali għandu jkun wieħed mill-prijoritajiet ewlenin għall-ġejjieni tal-PAK, li tipprovdi qafas ta' politika komuni għal strateġiji nazzjonali mfassla apposta, u billi l-inkoraġġiment tat-tiġdid ġenerazzjonali huwa prerekwiżit indispensabbli għall-preservazzjoni tal-agrikoltura madwar l-UE kollha u biex iż-żoni rurali jibqgħu ħajjin u attraenti, b'mod partikolari billi titrawwem id-diversità tal-azjendi agrikoli u l-promozzjoni ta' biedja sostenibbli mill-familji;

O. billi l-aċċess għall-art ġie identifikat bħala wieħed mill-ostakli ewlenin għal bdiewa żgħażagħ u għal bdiewa ġodda, li ilu jippersisti għal snin twal u jeħtieġ soluzzjonijiet ġenwini; billi l-aċċess għall-art għandu t-tendenza li jkun ostakolat, b'mod partikolari, minn naħa, mit-telf ta' art agrikola permezz tal-issiġillar tal-ħamrija, mill-iżvilupp urban, mit-turiżmu, mill-proġetti tal-infrastruttura, mit-tibdil fl-użu u mit-tifrix tad-dežertifikazzjoni kkawżat mit-tibdil fil-klima, u, min-naħa l-oħra, mill-konċentrazzjoni tal-art; billi ż-żidiet fil-prezzijiet spekulattivi jirrappreżentaw problemi serji u li qed ikunu dejjem aktar allarmanti għall-bdiewa ġodda u l-bdiewa żgħażagħ f'ħafna Stati Membri; billi l-appoġġ attwali, filwaqt li jiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament u l-kapital, ma jindirizzax il-kwistjoni sostanzjali tal-ksib tal-aċċess għall-art sabiex tiġi stabbilita azjenda agrikola ġdida;

P. billi l-bdiewa ġodda, bħalma huma l-bdiewa żgħażagħ, huma partikolarment vulnerabbli għall-volatilità tal-prezzijiet, u billi dawn jiffaċċjaw diffikultajiet addizzjonali biex jiksbu aċċess għal finanzjament minn banek jew programmi oħra ta' kreditu, minħabba nuqqas ta' assi finanzjarji biex jintużaw bħala garanzija;

Q. billi l-appoġġ tal-UE għal bdiewa żgħażagħ għandu jkun immirat aħjar sabiex jiġi żgurat it-tiġdid ġenerazzjonali u jiġu miġġielda t-tnaqqis u l-konċentrazzjoni ta' azjendi agrikoli;

R. billi, minkejja l-miżuri ta' appoġġ tal-UE, għad hemm sfidi li jridu jkunu ffaċċjati fil-kuntest tal-installazzjoni ta' bdiewa żgħażagħ u t-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur agrikolu tal-UE;

S. billi fost il-bdiewa ġodda, in-nisa huma identifikati bħala l-bidwi primarju b'rati ogħla minn dawk tas-settur agrikolu b'mod ġenerali;

T. billi l-qagħda demografika f'xi reġjuni tal-UE hija żbilanċjata ħafna, bi ftit żgħażagħ jew ebda żagħżugħ ma jgħix hemmhekk;

U. billi l-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda fis-suq jirrappreżentaw sorsi importanti ta' innovazzjoni u ta' intraprenditorija fl-agrikoltura, u joffru benefiċċji bħalma huma l-introduzzjoni ta' għarfien ġdid jew tekniki, l-iżvilupp ta' mudelli ġodda tan-negozju msejsa fuq l-utenti aħħarija, l-iżvilupp ta' sistemi agrikoli iktar sostenibbli, l-iżvilupp ta' mudelli organizzattivi ġodda (pereżempju l-biedja kondiviża, il-prefinanzjament u l-finanzjament kollettiv), iż-żieda fil-konnessjonijiet bejn il-biedja u l-komunità lokali, u l-adattament tal-għarfien tradizzjonali għall-iżvilupp ta' innovazzjoniiet ta' negozju (pereżempju l-produzzjoni ta' ikel artiġjanali);

V. billi partijiet ewlenin tar-reġjuni muntanjużi jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet partikolari minħabba rati aktar baxxi ta' investiment, kundizzjonijiet speċifiċi u riżalt ostili, li jiskoraġġixxu liż-żgħażagħ milli jibqgħu jew jibdew negozji f'dawn ir-reġjuni;

W. billi dan jistabbillixxi prerekwiżit li jikkunsidra approċċ aktar flessibbli għall-awtoritajiet nazzjonali u/jew reġjonali meta japplikaw il-mekkaniżmu ta' "bidwi żagħżugħ" fil-pajjiżi b'reġjuni bħal dawn;

X. billi l-bdiewa ġodda għandhom it-tendenza li joperaw azjendi agrikoli iżgħar u għalhekk isibuha diffiċli biex jaċċessaw l-inputs bi prezzijiet kompetittivi u biex jipproduċu l-kwantitajiet meħtieġa biex jiksbu ekonomiji ta' skala;

Y. billi 80 % tas-sussidji tal-PAK huma distribwiti għal 20 % biss tal-azjendi agrikoli tal-UE, u d-distribuzzjoni reali tas-sussidji tista' tkun saħansitra aktar inugwali, billi l-istatistika disponibbli ma tagħmilhiex possibbli li dak li jkun jistabbilixxi xi ħaġa dwar is-sjieda u l-kontroll tal-azjendi agrikoli;

Z. billi l-"Manifest tal-Bdiewa Żgħażagħ", li tnieda fl-2015 mill-Kunsill Ewropew tal-Bdiewa Żgħażagħ, jitlob li jkun hemm: aċċess għall-art u l-kreditu permezz ta' miżuri ta' appoġġ pubbliku; regolament biex jitrażżnu l-prattiki kummerċjali inġusti fil-katina tal-provvista tal-ikel; miżuri biex titnaqqas il-volatilità tal-introjtu għall-bdiewa żgħażagħ; u appoġġ għall-investimenti u għall-aċċess għall-art sabiex tiġi ssalvagwardjata u protetta l-ħamrija u sabiex l-art tintuża bl-aħjar mod mill-bdiewa żgħażagħ għall-produzzjoni tal-ikel;

AA. billi l-bdiewa żgħażagħ huma fundamentali għal settur agrikolu sostenibbli, diversifikat u inklużiv u l-promozzjoni tal-aċċess tagħhom għall-biedja se tgħin biex tissalvagwardja l-produzzjoni tal-ikel futura u tipproteġi l-ambjent u l-pajsaġġi rurali;

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

AB. billi l-volatilità estrema tal-prezzijiet tal-prodotti agrikoli hija diżinċentiv kbir għal dawk li jixtiequ jibdew negozju tal-biedja, li ħafna drabi twassalhom biex jiffokaw fuq prodotti niche b'marġni ta' profitt aktar sikur;

AC. billi d-dritt tal-UE jirrikonoxxi l-kunċetti ta' "bdiewa żgħażagħ" u "żgħażagħ li għadhom jibdew l-attività agrikola tagħhom";

AD. billi l-konċentrazzjoni tal-art hija proċess li qed tintensifika ruħha konsiderevolment; billi bejn l-2005 u l-2015, l-għadd ta' azjendi agrikoli naqas b'madwar 3,8 miljuni filwaqt li d-daqs medju kiber b'36 %;

AE. billi d-Dikjarazzjoni 2.0 ta' Cork tas-6 ta' Settembru 2016 tesprimi tħassib dwar l-eżodu rurali u taż-żgħażagħ, u l-ħtieġa li jiġi żgurat li ż-żoni u l-komunitajiet rurali (kampanja, irziezet, irħula u bliet żgħar) jibqgħu postijiet attraenti biex tgħix u taħdem billi jitjieb l-aċċess għas-servizzi bħall-iskejjel, l-isptarijiet, inklużi s-servizzi tal-maternità, il-faċilitajiet rikreattivi u l-broadband, flimkien mal-opportunitajiet għaċ-ċittadini rurali għat-trawwim tal-intraprenditorija f'oqsma tradizzjonalment rurali kif ukoll f'setturi ġodda tal-ekonomija;

AF. billi, fuq kollox, it-tiġdid ġenerazzjonali jiddependi fuq rieda ġenwina min-naħa tal-politiċi eletti (tal-UE u nazzjonali) u l-professjonisti rilevanti, u b'mod partikolari fuq l-anzjani; billi din ir-rieda timplika politika ġenerali koerenti u ambizzjuża – li llum mhuwiex ġenwinament il-każ – li tinvolvi kemm l-għodod tal-PAK u diversi strumenti tal-politika nazzjonali f'oqsma differenti bħalma huma l-art, il-finanzjament, il-modi tad-dritt għaż-żamma ta' art u l-politiki dwar l-istrutturi tal-ażjendi agrikoli, it-tassazzjoni, il-liġi tas-suċċessjoni, l-iskemi tal-pensjoni, it-taħriġ, eċċ.;

AG. billi llum il-ġurnata, il-bdiewa żgħażagħ fl-UE qed jikkompetu f'settur agrikolu li qed jevolvi b'mod rapidu; billi l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-agrikoltura ta' preċiżjoni għandhom il-potenzjal li jtejbu l-produzzjoni agrikola, filwaqt li fl-istess ħin jippermettu li jkun hemm ġestjoni aħjar tar-riżorsi;

AH. billi l-għadd ta' applikazzjonijiet imressqa għall-miżura rigward l-introduzzjoni ta' bdiewa żgħażagħ fil-biedja taħt it-tieni pilastru tal-PAK, f'xi Stati Membri, qabeż il-valur tan-negozji ġodda fil-biedja kollha li saru provvedimenti għalihom fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020;

AI. billi l-bdiewa żgħażagħ, li, bħall-bdiewa l-oħra kollha fl-EU, jipproduċu u jqiegħdu l-prodotti tagħhom fis-suq uniku Ewropew, ma jgawdux l-istess kundizzjonijiet kummerċjali u tas-self fl-Istati Membri kollha;

AJ. billi ġew stabbiliti inizjattivi bħal "Azzjoni tal-UE għal Irħula Intelliġenti";

AK. billi ż-żoni rurali jeħtieġ jinżammu popolati, kemm b'żgħażagħ ta' età tax-xogħol kif ukoll b'nies kbar fl-età;

Rakkomandazzjonijiet

Baġit u aċċess għall-finanzi

1. Isostni li tinżamm PAK b'saħħitha bil-għan tar-riforma li jmiss, peress li din tikkostitwixxi l-aktar inċentiv attraenti għaż-żgħażagħ li jixtiequ jinvolvu ruħhom f'attività agrikola;

2. Jitlob l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet reċenti meħuda fir-Regolament (UE) 2017/2393 u li l-appoġġ għall-"Iskema għall-Bdiewa Żgħażagħ" għandu jkompli billi jiżdied il-livell massimu ta' aktar minn 2 % għall-pagamenti obbligatorji (taħt l-ewwel pilastru) u billi tiżdied ir-rata ta' appoġġ taħt it-tieni pilastru sabiex jiġi inkoraġġut it-tiġdid ġenerazzjonali; jenfasizza li t-tisħiħ mill-ġdid ta' miżura ta' għajnuna tal-bidu għall-bdiewa żgħażagħ (għotjiet għall-bdiewa żgħażagħ) għandu jiġi kkunsidrat fi kwalunkwe PAK fil-futur;

3. Jilqa' l-fatt li, taħt ir-Regolament (UE) 2017/2393, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li tiżdied l-allokazzjoni għall-bdiewa żgħażagħ taħt l-ewwel pilastru sa 50 % tal-limiti eżistenti (qabel 25 %); jirrakkomanda li l-perjodu li fih azjenda agrikola tista' tibbenefika minn dan l-apoġġ ikun estiż sabiex jiġi mħeġġeġ it-tiġdid ġenerazzjonali; jilqa' wkoll id-deċiżjoni li jiġi rivedut, permezz tar-Regolament (UE) 2017/2393, il-limitu fuq l-aċċess għall-appoġġ previst taħt l-ewwel pilastru, u ġie miżjud minn ħames sa għaxar snin mit-twaqqif tan-negozju;

4. Jilqa' l-possibbiltà għall-bdiewa żgħażagħ, hekk kif prevista fir-Regolament (UE) 2017/2393, li jirċievu l-għajnuna għall-iżvilupp rurali għall-ewwel attività agrikola tagħhom, anki meta dawn jistabbilixxu n-negozju tagħhom b'mod konġunt ma' bdiewa oħra, kemm jekk dawn ikollhom aktar minn 40 sena, bil-għan li jkun hemm tiġdid ġenerazzjonali akbar, kif ukoll bdiewa żgħażagħ, billi jimmultiplikaw l-appoġġ;

5. Jinnota li l-istrumenti tal-PAK għall-bdiewa żgħażagħ għandu jkun immirat lejn il-bżonnijiet speċifiċi tal-bdiewa żgħażagħ, inklużi l-ħtiġijiet ekonomiċi u soċjali tagħhom;

6. Jirrakkomanda li l-appoġġ ikun varjat anke skont l-età tal-bdiewa żgħażagħ u l-livelli ta' taħriġ tagħhom;

7. Jilqa' l-ħolqien ta' strument ta' garanzija agrikola, propost mill-Kummissjoni u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) f'Marzu 2015, li għandu jiffaċilita l-aċċess għall-kreditu għall-bdiewa żgħażagħ; jirrakkomanda li l-aċċess għall-finanzjament għandu jittejjeb permezz ta' rati tal-interess sussidjati fuq self għall-bdiewa ġodda, anki minn operaturi finanzjarji privati, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji li jiżborsaw self mingħajr interessi għall-investimenti għall-bdiewa żgħażagħ; jitlob li jkun hemm kooperazzjoni mtejba mal-BEI u mal-Fond Ewropew tal-Investiment sabiex jitrawwem il-ħolqien ta' strumenti finanzjarji ddedikati għall-bdiewa żgħażagħ fl-Istati Membri kollha;

8. Iqis bħala meħtieġ li jiġu promossi forom ġodda ta' finanzjament parteċipattiv fl-agrikoltura u dawk diġà osservati fi ħdan l-UE dwar trasferiment tal-art li jistgħu jiġu kkombinati ma' dawn l-istrumenti finanjarji ġodda;

9. Jirrakkomanda li l-valutazzjonijiet tal-affidabbiltà kreditizja tal-azjendi agrikoli mill-banek u l-istituzzjonijiet ta' kreditu jitjiebu, anke billi jiġu żviluppati l-istrumenti finanzjarji tal-PAK;

10. Jirrakkomanda li jkunu magħmula aktar aċċessibbli l-opportunitajiet offruti fil-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, flimkien mal-appoġġ tal-PAK, biex jitfasslu u jiġu implimentati strumenti finanzjarji b'mod sinerġistiku fil-forma ta' self, garanzjia jew fondi ta' ekwità, sabiex jingħata aċċess għall-finanzjament għall-bdiewa żgħażagħ; jinnota li pjan ta' negozju agrikolu b'saħħtu ħafna drabi huwa komponent essenzjali għall-kisba ta' finanzjament u jemmen li r-regoli tas-self prudenti għandhom japplikaw; jenfasizza l-ħtieġa għal medjazzjoni għall-bdiewa u għalhekk jirrakkomanda li l-appoġġ ikun akkompanjat minn servizzi ta' konsulenza finanzjarja kwalifikati u indipendenti;

11. Jissottolinja l-ħtieġa għal promozzjoni aħjar tal-Iskema għall-Bdiewa Żgħażagħ mill-Istati Membri u jitlob li jkun hemm kooperazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, sabiex tixtered l-informazzjoni dwar l-għodod ta' appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ;

12. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi miżuri ta' appoġġ għall-investimenti f'biedja intelliġenti, biex jiżdied l-aċċess għall-bdiewa żgħażagħ għal avvanzi teknoloġiċi;

L-amministrazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-miżuri implimentati

13. Jilqa' l-fatt li r-riforma tal-PAK 2014-2020 introduċiet miżuri ġodda biex jappoġġjaw lill-bdiewa żgħażagħ fl-istabbiliment tal-azjendi agrikoli; jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-livell tal-piżijiet amministrattivi ħafna drabi jxekklu l-adozzjoni ta' dawn il-miżuri; jinnota li l-amministrazzjoni globali tal-pagamenti diretti u tal-miżuri tal-Programm tal-Iżvilupp Rurali hija kkunsidrata bħala kumplessa u diffiċli ħafna, speċjalment għall-bdiewa ġodda li mhuwiex familjari mas-sistema ta' pagamenti; jirrakkomanda li jsir sforz akbar biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri u jitnaqqas il-ħin meħtieġ għall-approvazzjoni tal-pagamenti;

14. Jilqa' l-emendi li jappoġġjaw liż-żgħażagħ introdotti mir-Regolament (UE) 2017/2393, billi jittejjeb l-aċċess tagħhom għall-istrumenti finanzjarji u tiġi pprovduta żieda fil-pagament uniku taħt l-ewwel pilastru;

15. Jitlob li l-appoġġ għall-konsulenza jsir sistematikament disponibbli, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ li mhumiex minn żoni rurali;

16. Jifraħ lill-Kummissjoni Ewropea dwar l-intenzjoni tagħha li ssaħħaħ il-miżuri li jippromwovu t-tiġdid ġenerazzjonali fir-riforma li jmiss tal-PAK, iżda jqis li dawn l-inizjattivi l-ġodda għandhom ikunu koperti b'baġit tal-UE suffiċjenti, għax inkella jonqsu milli jipprovdu l-effett ta' inċentiva mixtieq;

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

17. Jinsab diżappuntat dwar in-nuqqas ta' koordinazzjoni bejn pagamenti għall-bdiewa żgħażagħ u l-miżura ta' appoġġ stabbilita, li huma ġestiti minn awtoritajiet differenti;

18. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa approċċ aktar olistiku li jippermetti sinerġiji akbar bejn l-appoġġi tal-Pilastru I u l-Pilastru II, u jenfasizza li dawn tal-aħħar għandhom jiġu implimentati mill-Istati Membri kollha;

19. Jinnota li ħafna mill-azjendi agrikoli li jkunu għadhom kif ġew stabbiliti jitpoġġew f'ambjent kompetittiv b'kundizzjonijiet li jinbidlu malajr; jirrakkomanda li l-bdiewa tal-UE jingħataw aktar flessibbiltà biex jirrispondu għall-kundizzjonijiet dejjem jinbidlu fisswieq bil-pjanijiet tan-negozju tagħhom; jemmen li għandu jiġi kkunsidrat tibdil fil-ħlasijiet parzjali;

20. Jinnota li l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li japplikaw aktar strumenti permezz taż-żewġ pilastri tal-PAK u jinkoraġġixxi dawk l-Istati Membri bi sfidi ġeografiċi speċifiċi, bħal reġjuni muntanjużi jew, f'xi każijiet, reġjuni inqas vantaġġjati, jikkunsidraw jintroduċu fattur multiplikatur (eż. 2), li jqis l-għadd ta' ħsad kull sena jew il-firxa ta' kultivazzjonijiet li jistgħu jikbru hemmhekk, meta jagħtu appoġġ lill-bdiewa żgħażagħ li jixtiequ joperaw f'dawn ir-reġjuni, sabiex jinċentivizzaw attivitajiet f'dawn ir-reġjuni f'tentattiv li jiġġieldu l-isfidi demografiċi t'hemmhekk;

21. Jindika li l-prattiki kummerċjali żleali fil-katina alimentari, li l-impożizzjoni tagħhom tippermetti lill-bejjiegħ u/jew proċessur jew negozjant jisfruttaw is-setgħa ta' negozjar sinifikanti tagħhom fil-konfront tal-forniturі tagħhom, joħolqu theddida serja għall-istabbiltà tan-negozji tal-bdiewa; jistieden lill-Kummissjoni tadotta regolamentazzjoni xierqa fil-livell tal-UE;

22. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu t-tibdil regolatorju meħtieġ biex jiżguraw li l-għajnuna biex jgħinu liż-żgħażagħ jingħaqdu mas-settur tal-biedja u jtejbu l-azjendi agrikoli għaż-żgħażagħ tiġi kklasifikata bħala għotja ta' kapital u mhux sussidju attwali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali kollha;

23. Jirrikonoxxi li l-bdiewa jridu jkunu kapaċi jibqgħu jieħdu ħsieb l-art tagħhom u li jekk azjenda agrikola għandha taħdem sew, hi trid tkun ħielsa u flessibbli bl-istess mod bħal kwalunkwe tip ieħor ta' negozju;

24. Jenfasizza li l-pagamenti lill-bdiewa żgħażagħ m'għandhomx jiddewmu, iżda jsiru perjodikament u fiż-żmien previst biex il-bdiewa ma jitħallewx jispiċċaw midjuna sabiex b'hekk ma jitfixklux il-proġetti tagħhom;

25. Iħeġġeġ li jittieħed approċċ ibbażat fuq ir-riżultati, li jistimula l-iżvilupp ta' innovazzjonijiet ġodda u ġestjoni aħjar tar-riżorsi, b'tali mod li tingħata s-setgħa lill-bdiewa żgħażagħ motivati;

26. Jenfasizza li biex tkun ekonomikament vijabbli, azjenda agrikola trid tkun kapaċi tespandi biex tilħaq daqs kritiku li jirrifletti r-realtà ekonomika tas-suq;

27. Jenfasizza l-ħtieġa li titqies id-diversità tat-territorji, b'mod partikolari f'żoni diffiċili, li jirrikjedu appoġġ imfassal apposta;

L-aċċess għall-art u l-ġlieda kontra l-"ħtif tal-art"

28. Jinnota li l-aċċess għall-art huwa wieħed mill-akbar ostakli għall-bdiewa żgħażagħ u għall-bdiewa ġodda fl-UE u li huwa limitat mill-provvista baxxa ta' art għall-bejgħ jew għall-kiri f'bosta reġjuni, kif ukoll minn kompetizzjoni minn bdiewa, investituri u utenti residenzjali oħra, u problemi fl-akkwist tal-finanzjament; jemmen li ċ-ċirkustanzi li jillimitaw l-aċċess għall-art f'kull Stat Membru għandhom jiġu studjati aktar; jikkunsidra li l-problema tal-aċċess għall-art hija aggravata mill-istruttura attwali ta' pagamenti diretti, li tista' twassal għal żieda kemm fl-ispejjeż tal-kiri tal-art kif ukoll fil-prezzijiet tax-xiri tal-art, u talloka sussidji l-aktar abbażi ta' sjieda tal-art; jemmen li xi bdiewa, kemm jekk proprjetarji kif ukoll jekk kerrejja, huma inċentivati biex jibqgħu attivi sabiex ikomplu jibbenefikaw minn sussidji billi jużaw forniturі tas-servizzi biex itejbu arthom jew billi jagħmlu l-minimu tax-xogħol fuq l-art tagħhom; jirrakkomanda li jiżdiedu l-livelli ta' attività meħtieġa, billi jitqiesu l-mudelli tal-biedja, meta jiġu allokati l-pagamenti li jimmiraw għall-appoġġ lejn il-kisba ta' riżultati partikolari (eż. ħin tax-xogħol reali mqatta' fil-biedja, b'kunsiderazzjoni tal-innovazzjonijiet ġodda, il-produzzjoni ta' beni ambjentali jew soċjali speċifiċi), u l-projbizzjoni li jiġu kkombinati sussidji mal-pagament ta' pensjoni tal-irtirar, li għalihom ma hemm l-ebda ġustifikazzjoni.

29. Ifakkar li, biex tinkiseb agrikoltura sostenibbli, il-bdiewa żgħażagħ iridu jkunu jistgħu jinvestu u jakkwistaw kemm art agrikola kif ukoll makkinarju ġdid jew użat u jtejbu t-tekniki agrikoli tagħhom;

30. Jenfasizza li s-sidien għandhom jkunu liberi li jbigħu lil min iridu u jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita t-trasferiment tal-art, u b'mod partikolari s-suċċessjoni, sabiex tagħmilha aktar faċli biex iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jistabbilixxu ruħhom;

31. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex jiġġieldu l-ispekulazzjoni tal-art agrikola, peress li l-aċċess għall-art huwa l-akbar problema li jħabbtu wiċċhom magħha l-bdiewa żgħażagħ u ġodda;

32. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi rakkomandazzjonijiet fil-livell tal-Unjoni Ewropea biex tinkoraġġixxi politiki nazzjonali aktar attivi dwar l-aċċess għall-art ibbażati fuq l-aħjar prattiki;

33. Jistieden lill-Istati Membri jagħtu prijorità lil min jidħol ġdid u lill-bdiewa żgħażagħ fl-aċċess għall-art, billi jsir użu sħiħ tal-istrumenti regolatorji li diġà ġew implimentati b'suċċess f'uħud mill-Istati Membri, skont il-Komunikazzjoni Interpretattiva tal-Kummissjoni dwar Akkwist ta' Farmland u tal-Liġi tal-Unjoni Ewropea ([6]); iqis, f'dan ir-rigward, li l-Istati Membri jistgħu jiżviluppaw strumenti bħal banek tal-art li jiġi ffaċilitat aktar l-aċċess għall-art u tiġi mmappjata l-art mhux użata disponibbli għall-bdiewa żgħażagħ;

34. Jemmen li huwa importanti li jkun hemm deroga għall-bdiewa żgħażagħ stabbilita fil-limitu attwali ta' 10 % għax-xiri tal-art kif stipulat fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014 tat-3 ta' Marzu 2014 dwar il-fondi strutturali u fil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat;

35. Jitlob biex aktar għajnuna tiġi mgħoddija lejn żoni iżolati jew inqas popolati, jew żoni affettwati minn nuqqas ta' tiġdid ġenerazzjonali;

36. Jitlob lill-Kummissjoni tappoġġja l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar l-aċċess għall-art fl-Istati Membri;

37. Jistieden lill-Kummissjoni tippreženta evalwazzjoni tal-impatt dirett u indirett tax-xiri mill-ġdid tal-art u tal-art agrikola minn residenti mhux tal-UE dwar id-disponibbiltà u l-prezz tal-art agrikola;

38. Jipproponi li, bħala parti mill-politiki nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu s-servizzi konsultattivi dwar l-azjendi agrikoli u l-ġestjoni tagħhom biex jappoġġjaw u jiffaċilitaw is-servizzi tal-mobilità tal-art u tal-ippjanar tas-suċċessjoni;

39. Jistieden lill-Istati Membri kollha jintroduċu għajnuna għat-trasferiment ta' azjendi agrikoli fi sforz biex jingħata appoġġ lill-maniġers tal-azjendi agrikoli li għandhom aktar minn 55 sena u mingħajr suċċessuri, li jistgħu jsibu ruħhom f'sitwazzjoni prekarja meta jasal iż-żmien biex jirtiraw, bil-kundizzjoni li jgħaddu l-azjendi agrikoli kollha tagħhom jew parti minnhom lil persuna żagħżugħa jew aktar;

40. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi biex jiggarantixxu sjieda konġunta tal-azjendi agrikoli, b'enfasi speċjali fuq in-nisa żgħażagħ sabiex jiżguraw li d-drittijiet tagħhom ikunu rispettati;

41. Huwa tal-fehma li d-definizzjoni ta' bidwi attiv ma tridx tirriżulta f'xi piż amministrattiv fuq dawk li jirriżultaw mill-aħħar riforma, jew jillimitaw l-aċċess għall-biedja għaż-żgħażagħ billi jimponu kundizzjonijiet eċċessivi;

42. Jinnota li f'bosta Stati Membri, it-tiġdid ġenerazzjonali u l-aċċess taż-żgħażagħ għal art agrikola huma mfixkla minn dewmien fil-proċess ta' suċċessjoni; jikkunsidra li l-PAK attwali m'għadx għandha nuqqas ta' inċentivi għal bdiewa akbar fl-età biex jgħaddu n-negozji tagħhom lil ġenerazzjonijiet iżgħar; jirrakkomanda li tiġi kkunsidrata mill-ġdid l-implimentazzjoni ta' miżuri li jimmotivaw lid-detenturi akbar fl-età biex jgħaddu l-azjendi agrikoli tagħhom lil bdiewa żgħażagħ, bħall-"iskema ta' ħruġ mill-biedja" u inċentivi oħra għall-irtirar, sabiex l-art ma tispiċċax f'idejn l-azjendi agrikoli ġirien; jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' strutturi legali bħal "Groupements Agricoles d'Exploitation en Commun" (GAEC), li jistgħu jgħinu liż-żgħażagħ jistabbilixxu negozju flimkien u jiffaċilitaw it-trasferiment bejn il-ġenerazzjonijiet;

43. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistimulaw l-użu tal-possibbiltajiet taħt l-iżvilupp rurali biex jappoġġjaw l-azzjonijiet il-ġodda biex titrawwem il-mobilità tal-art, bħal banek tal-artijiet, inizjattivi li jqabblu l-art tal-irziezet u inizjattivi oħra promossi fil-livell lokali biex jinkoraġġixxu l-aċċess għall-art għall-bdiewa ġodda;

([6]) ĠU C 350, 18.10.2017, p. 5.

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

44. Iqis li l-bdiewa żgħażagħ fl-Unjoni kollha għandu jkollhom aċċess għal self bl-istess kundizzjonijiet u rati tal-imgħax, u li dawn m'għandhomx ivarjaw; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni, flimkien mal-Bank tal-Investiment Ewropew, tistabbilixxi miżuri ta' appoġġ xierqa u faċilitajiet ta' self għall-bdiewa żgħażagħ;

45. Jitlob il-promozzjoni ta' mudelli ġodda ta' kollaborazzjoni bejn ġenerazzjonijiet ta' bdiewa permezz ta' sħubija, kooperattivi tal-makkinarju agrikolu, kiri fit-tul u arranġamenti fit-tul oħra, arranġamenti bejn l-irziezet u fondi għal organizzazzjonijiet nazzjonali jew reġjonali involuti fil-promozzjoni u fl-iffaċilitar ta' servizzi ta' qbil bejn bdiewa żgħażagħ u dawk akbar fl-età (bħal servizzi tal-mobilità tal-art);

46. Jindika li organizzazzjoni ikbar u iktar b'saħħitha tal-bdiewa, permezz tal-istabbiliment ta' kooperattivi u l-ħolqien ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi (OP) f'setturi regolati fil-livell tal-UE permezz tar-Regolament dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq (OKS) tista' tgħin biex il-biedja tkun tista' trendi profitt ikbar u tista' tgħin biex tipproteġi l-introjtu tal-bdiewa, b'mod partikolari dak tal-bdiewa żgħażagħ, billi takkumpanja l-għażliet tal-produzzjoni u tisfrutta bl-aħjar mod il-karatteristiċi taż-żoni rurali; jinnota wkoll li jekk issir riforma strutturali tal-OP, biex isiru iktar b'saħħithom, iktar responsabbli u iktar effiċjenti, u jekk ikun hemm aggregazzjoni ikbar, ikun jista' jingħata kontribut effikaċi, l-ewwel u qabel kollox, favur il-protezzjoni u ż-żieda tal-profittabilità tas-settur matul iż-żmien;

47. Jinnota d-differenzi li jeżistu bejn is-sitwazzjoni ta' tiġdid ġenerazzjonali fi ħdan il-familja u l-bdiewa ġodda; jemmen li t-taħriġ vokazzjonali u l-korsijiet iridu jkunu adattati għal dawk li jippjanaw li jieħdu f'idejhom negozju tal-familja jew għal dawk li qed jippjanaw li jibdew negozju ġdid, skont il-ħtiġijiet tagħhom;

48. Jenfasizza li n-nisa żgħażagħ għandhom jiġu mħeġġa biex jieħdu r-responsabbiltà marbuta mal-ġestjoni tal-agrikoltura u għandhom jingħataw appoġġ adegwat f'termini ta' aċċess għall-art, għall-kreditu u tagħrif ulterjuri dwar ir-regoli u r-regolamenti;

49. Jemmen li l-għażla li jirregolaw l-aċċess għal art agrikola u jistabbilixxu inċentivi jew restrizzjonijiet għal dak il-għan tappartjeni għall-Istati Membri, b'mod partikolari f'dak li jirrigwardja l-mod kif l-UE tindirizza l-fenomenu tal-ħtif tal-art u l-inkoraġġiment tal-bdiewa żgħażagħ biex jistabbilixxu negozju;

50. Jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri u l-partijiet interessati, biex ikomplu jiżviluppaw il-komunikazzjoni li ġiet adottata dan l-aħħar dwar is-sistema tal-kriterju tas-suq tal-art biex tiżgura li l-liġi tal-UE ġenwinament żżomm livell ugwali għax-xerrejja potenzjali kollha tal-art – inkluża d-diskriminazzjoni pożittiva favur il-bdiewa tal-UE – u li jsir assolutament ċar għall-Istati Membri, fil-kuntest tal-erba' libertajiet fundamentali, liema miżuri tar-regolamentazzjoni tas-suq tal-art huma permessi sabiex il-bdiewa jkunu jistgħu jiksbu l-art b'mod aktar faċli biex tintuża għal skopijiet agrikoli u ta' forestrija; jistieden lill-Kummissjoni tissospendi l-proċedimenti ta' ksur attwali bil-għan li jivvalutaw il-kompatibbiltà tal-liġijiet tal-Istati Membri mal-liġi tal-UE dwar il-bejgħ tal-art agrikola sakemm l-aħħar komunikazzjoni li fiha l-kriterji msemmija hawn fuq tkun ippubblikata;

51. Hu tal-fehma li l-politiki nazzjonali dwar l-ippjanar tal-art, urban u tal-użu tal-art (eż. l-infrastruttura tat-trasport) għandhom iqisu l-prattiki tal-iskart tal-art u l-abbandun, u jġibu din l-art lura fis-settur agrikolu sabiex jagħmlu disponibbli aktar art agrikola lill-bdiewa żgħażagħ li jkunu għadhom jibdew;

52. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni Interpretattiva tal-Kummissjoni dwar Akkwist ta' Farmland u tal-Liġi tal-Unjoni Ewropea, iżda jinnota li l-komunikazzjoni ma tirriflettix biżżejjed dwar kif għandhom jiġi rregolat ix-xiri minn gruppi korporattivi, li spiss huwa attiv fuq livell transnazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tagħġorna l-komunikazzjoni f'dan ir-rigward;

53. Jenfasizza l-importanza li jkun hemm koerenza bejn il-miżuri lokali, nazzjonali u dawk tal-UE li jikkonċernaw lill-bdiewa żgħażagħ; jistieden lill-Istati Membri jiffaċilitaw it-tiġdid ġenerazzjonali, pereżempju, permezz tal-liġijiet tas-suċċessjoni u tat-tassazzjoni, ir-regoli dwar l-aċċess għall-art, l-ippjanar territorjali u l-istrateġiji ta' suċċessjoni tal-azjendi agrikoli;

54. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu lin-nisa b'aċċess ġust għal art sabiex jinkoraġġuhom jistabbilixxu ruħhom f'żoni rurali u jaqdu rwol sħiħ u attiv fis-settur agrikolu;

55. Jistieden lill-Kummissjoni tiffinanzja studju dwar is-sitwazzjoni attwali tal-konċentrazzjoni tal-art fl-UE li jqis il-fenomenu tal-gruppi korporattivi b'sussidjarji li jakkwistaw u jikkontrollaw l-art permezz ta' ftehimiet ta' negozju, u li tanalizza r-riskji li l-konċentrazzjoni tal-art toħloq, mhux biss f'dak li jirrigwarda l-aċċess għall-art għall-bdiewa żgħażagħ u dawk ġodda, iżda wkoll fir-rigward tal-provvista tal-ikel, l-impjiegi, l-ambjent, il-kwalità tal-ħamrija u l-iżvilupp rurali b'mod ġenerali;

56. Huwa tal-fehma li l-UE għandu jkollha liġijiet dwar il-kwalità tal-art, peress li l-kwalità tal-art qiegħda tiddeterjora bħala riżultat ta' żvilupp agrikolu mhux adatt; jindika li dan id-deterjorament tal-art jaffettwa s-suq tal-art u l-prezzijiet tal-art, iżda jnaqqas ukoll il-kapaċità tal-produzzjoni tal-artijiet mgħoddija lill-ġenerazzjonijiet futuri tal-bdiewa;

57. Jinnota li s-sistema attwali ta' pagamenti tal-PAK, u b'mod partikolari l-pagamenti diżakkoppjati, ma tippromwovix it-trasferiment ta' art agrikola u ma tipproteġix b'mod adegwat lill-bdiewa żgħażagħ mill-volatilità tal-prezzijiet agrikoli, li huma esposti iktar għaliha għal raġunijiet ċari dovuti għall-fatt li jkunu għadhom jibdew u ma jkollhomx l-esperjenza prattika jew għall-fatt li ma jkollhomx strumenti finanzjarji suffiċjenti disponibbli għalihom;

Taħriġ, innovazzjoni u komunikazzjoni

58. Jinnota li hemm ħtieġa li jiġi mmodernizzat u jingħata aktar valur lit-taħriġ vokazzjonali pprovdut fir-reġjuni rurali, bl-involviment attiv tas-servizzi konsultattivi nazzjonali; jemmen li l-aċċess għall-Fond Soċjali Ewropew għandu jiġi ffaċilitat u li għandu jingħata baġit ikbar għat-taħriġ vokazzjonali fiż-żoni rurali;

59. Jenfasizza l-aktar inizjattiva reċenti tal-UE, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, li toħloq opportunitajiet għaż-żgħażagħ biex jagħmlu volontarjat jew jaħdmu fuq proġetti fil-qasam tar-riżorsi naturali, u matul oqsma differenti bħall-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd;

60. Jirrakkomanda li dawn iż-żgħażagħ jissieħbu f'kooperattivi, li għandhom jipprovduhom b'konsulenza importanti dwar il-kummerċjalizzazzjoni, il-produzzjoni u aspetti oħra relatati mal-azjenda agrikola tagħhom;

61. Jenfasizza l-ħtieġa għal reviżjoni tal-kriterji bil-għan li titrawwem l-inkorporazzjoni taż-żgħażagħ f'soċjetà li fuqha m'għandhom ebda kontroll, bl-għajnuna li ż-żgħażagħ jirċievu tkun proporzjonata mal-importanza tagħhom fis-soċjetà;

62. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joffru aktar opportunitajiet ta' taħriġ u konsulenza lill-bdiewa żgħażagħ potenzjali u kkonfermati, inklużi l-ħiliet għall-bidu ta' negozji agrikoli u l-ħiliet agrikoli, teknoloġiċi, ħiliet ġodda teknoloġiċi u intraprenditorjali bħall-kummerċjalizzazzjoni, in-netwerking, il-komunikazzjoni, l-innovazzjoni, il-multifunzjonalità u d-diversifikazzjoni u l-għarfien espert finanzjarju;

63. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joffru aktar opportunitajiet ta' taħriġ u aktar opportunitajiet u inċentivi għall-mobilità internazzjonali; jinkoraġġixxi l-istabbiliment ta' skema tat-tip Erasmus assoċjata ma' taħriġ vokazzjonali biex jittejbu l-ħiliet u l-esperjenza tal-bdiewa, anke fir-rigward ta' teknoloġiji ġodda u mudelli ta' negozju ġodda, u biex jiġi permess lilhom trasferiment effiċjenti u effikaċi tat-tagħrif;

64. Iqis li huwa importanti titrawwem l-estensjoni tan-netwerks tar-riċerkaturi, l-akkademiċi, il-maniġers u l-bdiewa żgħażagħ Ewropej li huma interessati fl-identifikazzjoni ta' mudelli ġodda ta' żvilupp ekonomiku biex jinstabu soluzzjonijiet innovattivi għall-ħtiġijiet soċjali u tas-suq li qed jitfaċċaw mid-dinja l-ġdida ta' negozju rurali;

65. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu l-informazzjoni disponibbli għall-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda dwar approċċi innovattivi u mhux konvenzjonali li huma l-aktar adatti biex tinbeda azjenda agrikola ġdida, l-iżvilupp ta' mudelli ġodda tan-negozju msejsa fuq l-utenti aħħarija, l-iżvilupp ta' sistemi agrikoli iktar sostenibbli, l-iżvilupp ta' mudelli organizzattivi ġodda (pereżempju l-biedja kondiviża, il-prefinanzjament u l-finanzjament kollettiv), iż-żieda fil-konnessjonijiet bejn il-biedja u l-komunità lokali, u l-adattament tal-għarfien tradizzjonali għall-iżvilupp ta' innovazzjoniiet ta' negozju (pereżempju l-produzzjoni ta' ikel artiġjanali);

66. Jitlob, bil-għan li jitnaqqas l-għadd ta' kumpaniji li jfallu, li jiġi introdott mekkaniżmu li jissorvelja jew jagħti parir lin-negozji bil-ħsieb li jingħata appoġġ kontinwu liż-żgħażagħ fit-teħid tad-deċiżjonijiet, tal-anqas għall-ewwel tliet snin ta' attività tal-kumpanija tagħhom;

67. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkoraġġixxu inizjattivi bħal "Demain je Serai paysan" Franċiża, li għandha l-għan li tippromwovi l-biedja bħala karriera fost iż-żgħażagħ u tagħtihom l-informazzjoni kollha li jeħtieġu biex jiksbu taħriġ rilevanti u jistabbilixxu l-azjendi agrikoli tagħhom;

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

68. Huwa tal-fehma li għandu jinħoloq ambjent akkoljenti għaż-żgħażagħ fl-industrija tal-biedja, permezz ta' strutturi kollettivi u bbażati fuq is-solidarjetà bħall-gruppi tal-biedja konġunti ta' intrapriża agrikola (soċjetajiet tal-bdiewa), il-kooperattivi għall-użu tat-tagħmir agrikolu komunali, il-kooperattivi għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, il-gruppi tal-kondiviżjoni tax-xogħol, is-servizzi ta' sostituzzjoni, il-grupp tal-assistenza reċiproka, il-gruppi tal-estensjoni agrikola u l-innovazzjoni, l-assoċjazzjonijiet tal-bdiewa u tal-konsumaturi, in-netwerks bejn l-atturi agrikoli u mhux agrikoli (LEADER), eċċ.; jenfasizza li dawn it-tipi ta' organizzazzjoni jgħinu lill-professjonisti biex jaqsmu l-esperjenza, il-pariri u ċerti spejjeż, li huwa importanti għall-baġit u d-dħul taż-żgħażagħ, li ta' spiss ikollhom iħallsu spejjeż sinifikanti biex jibdew negozju;

69. Jindika kemm hu importanti li ż-żgħażagħ fiż-żoni rurali jkollhom aċċess għall-istess servizzi u infrastruttura (pereżempju bandwidth b'veloċità għolja, skejjel u kindergartens, toroq, eċċ.) bħaż-żgħażagħ li jgħixu fil-bliet; iqis, għaldaqstant, li huwa essenzjali li jkun żgurat li l-bdiewa żgħażagħ fiż-żoni rurali jkunu f'pożizzjoni li jiżviluppaw l-azjendi agrikoli tagħhom u jappoġġjaw il-familji tagħhom;

70. Jistieden biex l-ispirtu intraprenditorjali tan-nisa u l-inizjattivi jiġu inkoraġġuti, b'mod partikolari permezz tal-promozzjoni tas-sjieda tan-nisa, tan-netwerks tal-bdiewa żgħażagħ nisa, l-imprendituri u l-bdiewa ġodda, u l-provvista fis-settur finanzjarju biex tiffaċilita l-aċċess għall-investimenti u l-kreditu għan-negozjanti nisa rurali, b'tali mod li jippermettilhom jiżviluppaw negozji li minnhom jaqilgħu għajxien stabbli;

71. Huwa tal-fehma li t-tiġdid ġenerazzjonali jiddependi fuq l-attraenza tal-professjoni tal-biedja, iżda b'mod partikolari fuq il-kapaċità tagħha li tiġġenera dħul għal dawk li jixtiequ jaqilgħu l-għajxien tagħhom minnha; jenfasizza li, biex l-agrikoltura tkun vijabbli, il-PAK trid tippermetti ċertu livell ta' regolamentazzjoni tas-suq, b'mod partikolari meta s-swieq ma jkunux qed jaħdmu sew u qed jikkawżaw kriżijiet; jirrimarka li d-deregolamentazzjoni tas-swieq attwali qed ikollha impatt negattiv fuq l-iżvilupp tal-agrikoltura, qed tbiegħed liż-żgħażagħ mill-agrikoltura, u qed ikollha impatt serju fuq iż-żgħażagħ li diġà stabbilixxew azjendi agrikoli u għandhom djun kbar bħala riżultat tal-ispejjeż tal-bidu tagħhom;

Servizzi pubbliċi

72. Jikkunsidra li l-iżvilupp ta' prattiki agrikoli agroekoloġiċi moderni u ta' mudelli ġodda ta' negozju se jagħmel l-agrikoltura aktar attraenti għall-bdiewa żgħażagħ; jenfasizza li l-bdiewa żgħażagħ iridu jkunu mħarrġa u kkwalifikati fl-aħħar teknoloġiji biex jindirizzaw, b'mod partikolari, l-isfidi ambjentali kurrenti u futuri; jenfasizza l-ħtieġa li jingħata appoġġ għall-approċċi innovattivi u mhux konvenzjonali bħall-agroekoloġija, il-mudelli ta' negozju ġodda bbażati fuq l-utenti finali, it-teknoloġija tal-biedja diġitali u s-soluzzjoni intelliġenti, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe PAK futura tirrifletti dan;

73. Jinnota li l-bdiewa żgħażagħ jirrappreżentaw potenzjal qawwi għall-innovazzjoni u d-diversifikazzjoni peress li għandhom it-tendenza li jkollhom iktar ħiliet u abbiltà maniġerjali u jkunu aktar inklinati li jidħlu fi swieq ġodda, jiżviluppaw metodi ġodda ta' produzzjoni u jagħmlu l-aħjar użu ta' avvanzi teknoloġiċi u innovattivi fis-settur agrikolu, li jistgħu, b'mod partikolari, jgħinu biex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali li qed tiffaċċja l-agrikoltura; iqis meħtieġ, għalhekk, li dawn iż-żgħażagħ li jixtiequ jintroduċu tekniki u proċessi ta' produzzjoni innovattivi, bħal agrikoltura ta' preċiżjoni u sistemi ta' konservazzjoni, li għandhom l-għan li jtejbu l-kosteffikaċja u s-sostenibbiltà ambjentali tas-settur agrikolu, jiġu pprovduti b'appoġġ kritiku; jistieden lill-Kummissjoni żżid ir-riċerka dwar l-użu ta' teknoloġiji u prattiki agrikoli li jippermettu agrikoltura sostenibbli b'impatt ambjentali żgħir; jenfasizza li l-ħolqien ta' impjiegi ġodda u l-ħarsien tagħhom, u l-promozzjoni tal-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fil-qasam tat-taħriġ agrikolu huma essenzjali għall-kompetittività tal-agrikoltura fl-UE;

74. Jenfasizza li l-bdiewa jeħtieġu aċċess għal infrastruttura, faċilitajiet pubbliċi affordabbli u ta' kwalità għolja, u s-servizzi, inklużi kura tas-saħħa, edukazzjoni, broadband b'veloċità għolja, assistenza, taħriġ, servizzi kulturali, uffiċċji postali, trasport pubbliku u toroq aħjar; jinnota li l-istess kundizzjonijiet u l-istandard tal-għajxien għandhom jiġu żgurati għaż-żgħażagħ li jgħixu f'żoni rurali għal dawk li jgħixu f'żoni urbani, sabiex ma jiżdiedx aktar l-eżodu rurali u l-qasma territorjali;

75. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu impenn sod favur l-istabbiliment ta' kanali ta' kummerċjalizzazzjoni diretti li ser jippermettu lill-bdiewa żgħażagħ ibigħu l-prodotti tagħhom fis-swieq lokali b'mod iktar sostenibbli u bi profitt ikbar;

76. Jirrimarka li, għal azjendi agrikoli żgħar u ż-żoni rurali biex ikomplu jiżviluppaw b'mod sostenibbli, hija meħtieġa bidla ġenerazzjonali;

77. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa Aġenda Rurali, li trid tinkludi miżuri kkoordinati taħt diversi politiki ta' żvilupp rurali tal-UE, reġjonali u lokali;

78. Jenfasizza li l-PAK teħtieġ approċċi intelliġenti, peress li dawn is-soluzzjonijiet ġodda jagħmlu l-ħajja rurali u ta' rħula attraenti għaż-żgħażagħ;

Miżuri biex jitwaqqaf l-eżodu rurali

79. Iqis li huwa meħtieġ li l-bdiewa żgħażagħ jiġu offruti prospetti fit-tul sabiex jitwaqqaf l-eżodu rurali, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu inizjattivi ġodda biex jistabbilixxu l-infrastruttura meħtieġa biex jappoġġjaw lill-intraprendituri ġodda u lill-familji tagħhom fiż-żoni rurali;

80. Jirrakkomanda, f'dan ir-rigward, li tingħata kunsiderazzjoni lill-armonizzazzjoni ta' miżuri taħt il-programmi tal-iżvilupp rurali u l-ewwel pilastru tal-PAK, il-politika ta' koeżjoni tal-UE u miżuri f'livell nazzjonali, reġjonali u lokali, sabiex itejbu l-effikaċja tagħhom;

81. Jirrimarka li l-innovazzjoni mhijiex biss kwistjoni ta' tekniki tal-biedja u makkinarju ġdid iżda tinkludi wkoll l-iżvilupp ta' mudelli ta' negozju ġodda, inkluż għodod ta' bejgħ u kummerċjalizzazzjoni, taħriġ u ġbir ta' data u informazzjoni;

82. Jistieden lill-Kummissjoni torjenta l-pagamenti diretti lejn azjendi agrikoli żgħar u lejn il-biedja agroekoloġika fir-riforma li ġejja tal-PAK, għax dan se jgħin ħafna lill-bdiewa iktar żgħażagħ u lill-bdiewa ġodda;

83. Jirrimarka li ż-żoni rurali għandu ikollhom ukoll servizzi li jnaqqsu l-pressjonijiet tal-biedja, bħal konsulenza professjonali, pariri finanzjarji u pariri dwar il-ġestjoni ta' azjenda agrikola;

84. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu pprovduti konnessjonijiet broadband f'żoni rurali u remoti; jilqa' d-diversi inizjattivi fil-qasam ta' "irħula intelliġenti", li l-għan finali tagħhom irid ikun li joħolqu opportunitajiet ġodda ta' impjieg u jipprovdu impjieg għaż-żgħażagħ fiż-żoni rurali, kemm jekk f'forma ta' attivitajiet supplimentari fl-azjendi agrikoli kif ukoll f'attivitajiet mhux relatati mal-biedja (kura soċjali, mobbiltà, kura tas-saħħa, turiżmu, enerġija); iqis li l-produttività dejjem ikbar fl-agrikoltura u l-waqgħa kontinwa fil-prezzijiet tal-prodott agrikolu ser jagħmluha dejjem aktar diffiċli li jiġi ġġenerat biżżejjed dħul mill-attività agrikola bażika, speċjalment fl-azjendi agrikola żgħar;

85. Jemmen li kwalunkwe strateġija ta' suċċess favur it-tiġdid ġenerazzjonali u l-appoġġ għall-bdiewa żgħażagħ għandha tieħu approċċ olistiku, u tiffaċilita l-aċċess tal-bdiewa għall-art, il-finanzi, is-servizzi ta' konsulenza u t-taħriġ, u tqis it-tiġdid ġenerazzjonali għall-benefiċċju tal-bdiewa żgħażagħ u mhux; jenfasizza li dan għandu jagħmel il-biedja, li hija ta' importanza vitali għall-umanità, okkupazzjoni attraenti kemm għall-bdiewa żgħażagħ kif ukoll għas-soċjetà inġenerali;

86. Jinnota li appoġġ qawwi għall-bdiewa żgħażagħ u l-iżvilupp ta' attivitajiet ekonomiċi ġodda fis-settur agrikolu tal-UE huma essenzjali għall-futur taż-żoni rurali u jridu jiġu mħeġġa bħala parti mill-PAK l-ġdida ta' wara l-2020;

L-ambjent u s-sostenibbiltà

87. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura iktar konsistenza bejn il-miżuri ambjentali u tiżgura li dawn il-miżuri jiġu armonizzati; itenni li l-bdiewa żgħażagħ jeħtieġu miżuri li jkunu ċari u faċli biex jitpoġġew fil-prattika;

88. Jemmen li, sabiex jiġu ppreżervati l-insedjamenti fiż-żoni rurali u żgurat standard simili ta' għajxien għall-persuni li jgħixu hemm meta mqabbla ma' żoni urbani, jeħtieġ li b'mod urġenti jitneħħew ostakli regolatorji u amministrattivi ħalli jiġi permess lill-operaturi tal-azjendi agrikoli jwettqu attivitajiet supplimentari agrikoli u mhux agrikoli, primarjament fil-kura soċjali, il-kura tas-saħħa, it-turiżmu, il-mobbiltà tal-anzjani u s-setturi tal-enerġija, b'tali mod li jiġi pprovdut dħul adegwat għall-operaturi tal-azjendi agrikoli u l-familji tagħhom u jitnaqqas ir-riskju ta' depopolazzjoni rurali;

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

89. Jappella għal djalogu ġdid mas-soċjetà dwar il-futur tal-industrija agroalimentari b'tali mod li jkun hemm stampa realistika ta' x'tinvolvi l-biedja u jittejjeb l-għarfien ta' xi jfisser li tkun bidwi u kif jiġi prodott l-ikel;

Kwistjonijiet oħra

90. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex jiżguraw l-introjtu tal-bdiewa fil-konfront tar-riskji klimatiċi, ekonomiċi u tas-saħħa, u b'hekk jagħmlu l-azjendi agrikoli aktar reżiljenti, b'mod partikolari billi jintroduċu għodod ġodda għall-ġestjoni tar-riskji u jsaħħu l-għodod eżistenti;

91. Jiġbed l-attenzjoni għall-karatteristiċi speċifiċi tar-Reġjuni Ultraperiferiċi tal-UE, li s-sitwazzjonijiet ambjentali, klimatiċi u tas-saħħa uniċi tagħhom huma differenti ħafna minn dawk tal-kontinent Ewropew, u għaldaqstant jitlob, kif previst fl-Artikolu 349 tat-TFUE, konsiderazzjoni ikbar ta' dawn ir-reġjuni u tal-assi u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom fl-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-istrumenti tal-PAK għall-bdiewa żgħażagħ, inkluż f'termini ta' aċċess għall-finanzjament;

92. Jenfasizza li impriżi żgħar u tal-familja li joperaw f'kundizzjonijiet diffiċli u li jkunu qed ifittxu sorsi addizzjonali ta' introjtu għandhom jiġu megħjuna saħansitra iktar, pereżempju permezz tal-finanzjament ta' servizzi ta' konsulenza jew mudelli innovattivi ta' negozju;

93. Jirrakkomanda li t-tiġdid ġenerazzjonali jrid iqis ukoll it-tiġdid interġenerazzjonali għall-benefiċċju tal-bdiewa żgħażagħ u dawk ikbar fl-età; jinnota kemm hu importanti li l-bdiewa jfasslu pjan għas-suċċessjoni tal-azjenda agrikola, u jinnota l-ħtieġa ta' pagament tranżitorju biex tiġi ffaċilitata din is-suċċessjoni;

o

o o

94. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0215

Finanzi sostenibbli

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 2018 dwar il-finanzi sostenibbli (2018/2007(INI))

(2020/C 76/03)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-impenn tal-G20 favur it-tkabbir sostenibbli taħt il-Presidenza Ġermaniża mill-1 ta' Diċembru 2016 sat-30 ta' Novembru 2017, b'riferiment partikolari għad-dikjarazzjoni: "se nkomplu nużaw l-istrumenti kollha tal-politika monetarja, fiskali u strutturali, b'mod individwali u kollettiv, biex nilħqu l-għan tagħna ta' tkabbir sod, sostenibbli, ibbilanċjat u inklużiv, filwaqt li nsaħħu r-reżiljenza ekonomika u finanzjarja",

— wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli stabbiliti min-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari l-impenn li tittieħed azzjoni sabiex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima u l-impatt tiegħu u jiġu żgurati konsum u produzzjoni sostenibbli,

— wara li kkunsidra l-impenn tal-Kummissjoni favur investiment sostenibbi f'dan ir-rigward fil-pjan tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali u b'mod speċifiku l-konklużjonijiet tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli (HLEG) dwar il-Finanzi Sostenibbli,

— wara li kkunsidra r-rapport interim tal-HLEG ta' Lulju 2017 bit-titolu "Financing a Sustainable European Economy" (Finanzjament ta' ekonomija Ewropea sostenibbli), li jispjega t-tensjoni bejn l-aġir mingħajr skop ta' lukru fit-terminu qasir u l-bżonn ta' investiment fit-terminu twil biex jintlaħqu l-miri ambjentali, soċjali u ta' governanza, u partikolament għall-punt 5 dwar il-fatt li s-sistema finanzjarja u l-qafas politiku jirriskjaw li jċedu għall-hekk imsejħa "tragedy of the horizon" (traġedja tal-orizzont) fil-paġna 16,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Ġunju 2017 dwar ir-Rieżami ta' Nofs it-Terminu tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (COM(2017)0292),

— wara li kkunsidra r-rapport finali tal-HLEG ta' Jannar 2018 bit-titolu "Financing a Sustainable European Economy" (Finanzjament ta' ekonomija Ewropea sostenibbli),

— wara li kkunsidra l-paġna 14 tar-rapport interim tal-HLEG li jafferma li l-investituri tal-Ewropa għandhom skopertura kombinata għas-setturi b'intensità għolja ta' karbonju ta' bejn wieħed u ieħor 45 % u li inqas minn 1 % tal-investituri istituzzjonali globali huma assi infrastrutturali ekoloġiċi,

— wara li kkunsidra l-fatt li l-oqfsa prudenzjali, partikolarment id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) [1], u r-regoli tal-kontabilità għall-investituri jiskoraġġixxu approċċ fit-tul, u li r-regoli prudenzjali jirrikjedu livell ta' kapital proporzjonali għal-livell ta' riskju fuq medda ta' sena u jqis biss ir-riskju finanzjarju għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 173 tal-Liġi Franċiża Nru 2015-992 tas-17 ta' Awwissu 2015 dwar it-Tranżizzjoni Enerġetika għat-Tkabbir Ekoloġiku,

— wara li kkunsidra d-diskors li għamel fit-22 ta' Settembru 2016 Mark Carney, Gvernatur tal-Bank tal-Ingilterra u President tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja, u r-rapport tal-2015 tal-Carbon Tracker Initiative, b'riferiment partikolari għall-fatt li minn tmiem l-2010 l-kapitalizzazzjoni kombinata tas-suq tal-ewwel erba' produtturi ta' faħam tal-Istati Uniti niżlet b'aktar minn 99 %;

— wara li kkunsidra l-Pjattaforma tal-Finanzjament għall-Ġlieda Kontra t-Tibdil fil-Klima li tnediet mill-BEI u l-Lussemburgu f'Settembru 2016,

— wara li kkunsidra l-paġna 9 tad-dokument ta' diskussjoni ta' E3G ta' Mejju 2016 bit-titolu "Clean Energy Lift Off – Capitalising Europe's Energy Union" (Bidu għall-Enerġija Nadifa – Kapitalizzazzjoni tal-Unjoni tal-Enerġija tal-Ewropa), b'riferiment partikolari għall-fatt li mill-2008 sal-2013 spiċċa fix-xejn aktar minn nofs il-valur tas-suq tal-ewwel 20 kumpanija tas-servizzi enerġetiċi fl-Ewropa, li kien jammonta għal EUR 1 triljun,

[1] ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1.

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

— wara li kkunsidra r-rapporti tal-2015 u tal-2016 tal-Carbon Tracker Initiative li jindikaw li bejn USD 1,1 u USD 2 triljun oħra ta' nefqa kapitali mill-fjuwils fossili huma f'riskju li jkunu abbandunati, b'USD 500 biljun fis-settur tal-enerġija Ċiniż biss,

— wara li kkunsidra r-"Recommendation of the Council on Common Approaches for Officially Supported Export Credits and Environmental and Social Due Diligence" (Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Approċċi Komuni għal krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġjati u d-Diliġenza Dovuta ambjentali u soċjali) ("Common Approaches" (l-Approċċi Komuni)) tal-OECD li tirrikonoxxi "r-responsabilità tal-Aderenti li jimplimentaw l-impenji meħuda mill-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima" u "r-responsabilità tal-Aderenti li jqisu l-impatti ambjentali u soċjali pożittivi u negattivi tal-proġetti, b'mod partikolari f'setturi sensittivi jew li jinsabu f'żoni sensittivi jew ħdejhom, u r-riskji ambjentali u soċjali assoċjati ma' operazzjonijiet eżistenti, fid-deċiżjonijiet tagħhom li joffru appoġġ uffiċjali għal krediti għall-esportazzjoni",

— wara li kkunsidra r-Responsible Business Conduct for Institutional Investors guidelines (linji gwida dwar l-Imġiba Responsabbli fin-Negozju għall-Investituri Istituzzjonali) tal-OECD tal-2017, partikolarment il-paġna 13 fejn hemm imniżżel li l-investituri, anki dawk b'parteċipazzjoni azzjonarja minoritarja, jafu jkunu direttament marbuta mal-impatti negattivi kkawżati minn destinatarji ta' investiment jew li għal dawn l-impatti kkontribwew dawn tal-aħħar, bħala konsegwenza tas-sjieda tagħhom ta' ishma jew tal-ġestjoni ta' tali ishma, fil-kumpanija li tkun qiegħda tikkawża ċerti impatti soċjali jew ambjentali jew tikkontribwixxi għalihom;

— wara li kkunsidra l-approċċ tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Ekoloġika (GET) tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ), li għandu l-għan li jimmitiga u/jew jibni reżiljenza għall-effetti tat-tibdil fil-klima u ta' forom oħra ta' degradazzjoni ambjentali, b'riferiment partikolari għad-dokumenti tal-BERŻ li jgħaqqdu l-impatt tat-tranżizzjoni mal-ambjent, inklużi, fejn xieraq, bidliet fil-metodoloġija tal-valutazzjoni tal-proġett,

— wara li kkunsidra d-dokument tal-OECD bit-titolu "Responsible Business Conduct for Institutional Investors: Key Considerations for Due Diligence under the OECD Guidelines for Multinational Enterprises" (Imġiba Responsabbli fin-Negozju għall-Investituri Istituzzjonali: Kunsiderazzjonijiet Fundamentali għad-Diliġenza Dovuta fil-kuntest tal-Linji Gwida għall-Impriżi Multinazzjonali),

— wara li kkunsidra r-rapport tat-2018 tat-Task Force ta' Livell Għoli dwar l-Investiment fl-Infrastruttura Soċjali fl-Ewropa bit-titolu "Boosting Investment in Social Infrastructure in Europe" (It-Titjib tal-Investiment fl-Infrastruttura Soċjali fl-Ewropa),

— wara li kkunsidra l-Liġi Franċiża dwar id-Dmir Korporattiv ta' Viġilanza tas-27 ta' Marzu 2017, b'mod partikolari l-Artikoli 1 u 2 tagħha,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja u dwar id-diversità minn ċerti impriżi u gruppi kbar ([2]) (Direttiva dwar ir-Rappurtar Mhux Finanzjarju – NFRD), u b'mod partikolari l-Artikoli 19 u 19(a) tad-Direttiva 2013/34/UE u l-premessi 3, 6, 7 u 8 tad-Direttiva 2014/95/UE,

— wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2017/828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 li temenda d-Direttiva 2007/36/KE rigward l-inkoraġġiment ta' involviment fit-tul tal-azzjonisti ([3]) (Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Azzjonisti),

— wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs) ([4]) (Direttiva dwar l-IORPs),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE ([5]),

([2]) ĠU L 330, 15.11.2014, p. 1.
([3]) ĠU L 132, 20.5.2017, p. 1.
([4]) ĠU L 354, 23.12.2016, p. 37.
([5]) ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19.

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 ([6]) (ir-Regolament dwar l-STS),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIP) ([7]) (Regolament dwar il-PRIIPs), li jgħid li meta prodott aggregat ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni jkollu objettiv ambjentali jew soċjali muri, il-manifattur irid juri lill-investitur potenzjali fil-livell tal-konsumatur u lill-partijiet interessati f'sens usa' kif dawn l-objettivi jintlaħqu matul il-proċess ta' investiment kollu,

— wara li kkunsidra s-suġġeriment tat-Triodos Bank ta' "mandati mudell" li jinkludu r-rekwiżit ta' integrazzjoni totali tal-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza fid-deċiżjonijiet ta' investiment, l-involviment attiv u l-votazzjoni dwar dawn il-kwistjonijiet, l-għażla ta' parametri referenzjarji sostenibbli, rappurtar inqas frekwenti iżda iktar sinifikattiv min-naħa tal-maniġers tal-assi u struttura tariffarja u tal-pagamenti orjentata fuq terminu twil,

— wara li kkunsidra r-reinterpretazzjoni min-naħa tal-Gvern tar-Renju Unit tad-dmir fiduċjarju, li ddgħajjef ir-rabta mar-redditi massimi u tippermetti l-eżami ta' kwistjonijiet etiċi u ambjentali,

— wara li kkunsidra r-rwol pijunier tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) fil-ħruġ tal-ewwel bond aħdar fid-dinja u billi minn Jannar 2018 sar l-akbar emittent ta' bonds ħodor fid-dinja,

— wara li kkunsidra l-"Principles for Positive Impact Finance" (Prinċipji għal Finanzi b'Impatt Pożittiv) żviluppati mill-Inizjattiva Finanzjarja tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP FI),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-10 ta' Ottubru 2017 bit-titolu "Il-finanzjament tal-azzjoni klimatika: għodda essenzjali għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi" li tenfasizza r-rwol tal-gvernijiet lokali u reġjonali fit-titjib tal-portafoll tal-investimenti biex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi,

— wara li kkundira l-Inkjesta tal-UNEP dwar it-Tifsil ta' Sistema Finanzjarja Sostenibbli (Inquiry into the Design of a Sustainable Financial System),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-2017 tal-Climate Bonds Initiative, li juri kif il-bonds qegħdin jintużaw għat-tranżizzjoni lejn ekonomija globali b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-2016 tal-Inkjesta tal-UNEP, li wasal għall-konklużjoni li bosta regolaturi finanzjarji nazzjonali diġà qegħdin jagħmlu jew iħejju valutazzjonijiet tas-sostenibilità u tali inizjattivi għandhom jiġu integrati malajr fil-livell tal-UE, u b'riferiment għall-punt li tali analiżijiet għandhom jibnu fuq xenarji klimatiċi standardizzati, fosthom xenarju li fih żieda fit-temperaturi tad-dinja tinżamm sew taħt iż-2 °C,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni fir-rapport finali ta' Jannar 2018 tal-HLEG li tgħid li l-Kummissjoni jmissha tagħmel test tas-sostenibilità għall-proposti leġiżlattivi finanzjarji kollha;

— wara li kkunsidra ir-rieżami ta' nofs it-terminu tas-CMU (COM(2017)0292) u l-istqarrija ċara tal-Kummissjoni li "tappoġġja l-allinjament ta' investimenti privati mal-objettivi li jolqtu l-klima,l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u l-ambjent, kemm permezz ta' miżuri ta' politika kif ukoll ta' investiment pubbliku" (COM(2016)0601),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Bank Federali Ġermaniż (Bundesbank) tal-2017 u l-Bullettin Trimestrali (Quarterly Bulletin) tal-Bank tal-Ingilterra tar-raba' trimestru tal-2014, li jgħidu li l-maġġor parti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni tinħoloq mis-settur bankarju privat meta l-banek isellfu;

([6]) ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35.
([7]) ĠU L 352, 9.12.2014, p. 1.

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

— wara li kkunsidra l-Artikolu 2(1)(c) tal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-ħtieġa li l-flussi finanzjarji jsiru konsistenti ma' pjan orjentat lejn żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u reżistenti għat-tibdil fil-klima;

— wara li kkunsidra r-rapport tal-UNISDR u taċ-ĊRED bit-titolu "The Human Cost of Weather-Related Disasters 1995-2015" (Il-Prezz Uman tad-Diżastri Relatati mat-Temp 1995-2015) li kkonkluda li 90 % tad-diżastri ewlenin irreġistrati f'dan il-perjodu kkawżati minn perikli naturali kienu marbuta mal-klima u mat-temp u li, globalment, id-diżastri jikkawżaw USD 300 biljun f'dannu ekonomiku kull sena ([8]),

— wara li kkunsidra l-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030 u l-Prijorità 3 tiegħu "Investing in disaster risk reduction for resilience" (Ninvestu fit-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri għal reżiljenza) inkluż il-paragrafu 30 li jsemmi l-ħtieġa "li tiġi promossa, kif xieraq, l-integrazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet u miżuri relatati mat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri fi strumenti finanzjarji u fiskali",

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja ta' Ġunju 2017 bit-titolu "Recommendations of the Task Force on Climate-related Financial Disclosure" (Rakkomandazzjonijiet tat-Task Force għad-Divulgazzjoni Finanzjarja relatata mal-Klima),

— wara li kkunsidra x-xogħol tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) dwar ir-riskji marbuta mal-assi mhux irkuprabbli u l-ħtieġa ta' "testijiet tal-istress relatati mal-karbonju" fil-livell Ewropew,

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 31/2016 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li wasal għall-konklużjoni li minkejja li l-UE għamlet impenn politiku fl-ambitu tal-perjodu baġitarju attwali 2014-2020 biex tonfoq euro wieħed minn kull ħamsa (20 %) għal skopijiet relatati mal-klima, ma kinitx fit-triq it-tajba biex tonora dan l-impenn, peress li l-programmazzjoni attwali tkun tirrappreżenta madwar 18 % biss,

— wara li kkunsidra r-Rapport Statistiku 2016 tal-BEI tas-27 ta' April 2017, li juri li l-appoġġ tal-BEI favur l-azzjoni klimatika jkompli jirrifletti l-kuntesti differenti tas-swieq madwar l-UE u ma laħaqx il-livell ta' 20 % f'16-il Stat Membru tal-UE fl-2016, u li, filwaqt li l-investiment fl-azzjoni klimatika fl-2016 kien prevalentement jinsab fl-ekonomiji l-aktar b'saħħithom tal-UE, fl-2016 il-BEI ffinanzja proġetti favur l-enerġija rinnovabbli fi 11-il Stat Membru u proġetti ta' effiċjenza enerġetika fi 18-il Stat Membru,

— wara li kkunsidra r-rapport tat-Task Force ta' Livell Għoli dwar l-Investiment fl-Infrastruttura Soċjali fl-Ewropa, li jikkalkula li d-diskrepanza minima fl-investiment tal-infrastruttura soċjali fl-UE hi ta' EUR 100-150 biljun kull sena u li d-diskrepanza totali se tkun ta' aktar minn EUR 1,5 triljun bejn l-2018 u l-2030,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Frar 2018 dwar ir-Rapport Annwali dwar l-Attivitajiet Finanzjarji tal-Bank Ewropew tal-Investiment ([9]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Frar 2018 dwar ir-Rapport Annwali tal-Bank Ċentrali Ewropew għall-2016 ([10]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Novembru 2017 dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Servizzi Finanzjarji għall-Konsumatur ([11]),

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-BEI dwar l-Investiment 2017/2018,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Lulju 2013 dwar l-innovazzjoni għal tkabbir sostenibbli: bijoekonomija għall-Ewropa ([12]),

— wara li kkunsidra l-Pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari tal-Kummissjoni tal-2015 u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tad-9 ta' Lulju 2015 dwar l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi: lejn ekonomija ċirkolari ([13]),

([8]) L-Uffiċċju tan-NU għat-Tnaqqis tar-Riskju tad-Diżastri https://www.unisdr.org/files/46796_cop21weatherdisastersreport2015.pdf
([9]) Testi adottati, P8_TA(2018)0039.
([10]) Testi adottati, P8_TA(2018)0025.
([11]) Testi adottati, P8_TA(2017)0428.
([12]) ĠU C 75, 26.2.2016, p. 41.
([13]) ĠU C 265, 11.8.2017, p. 65.

— wara li kkunsidra l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u r-responsabilità għal Protezzjoni, Rispett u Rimedju,

— wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A8-0164/2018),

A. billi s-swieq finanzjarji jistgħu u għandhom jaqdu rwol essenzjali biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli fl-UE li tmur lil hinn mit-tranżizzjoni klimatika u minn kwistjonijiet ekoloġiċi u tirrigwarda anki kwistjonijiet soċjali u ta' governanza; billi hemm ħtieġa urġenti li jiġu indirizzati l-fallimenti relatati mas-suq; billi l-isfidi ambjentali, ekonomiċi u soċjali huma marbuta flimkien mill-qrib; billi, skont ir-rapport tal-HLEG ta' Lulju 2017, id-diskrepanza tal-likwidità biex l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni tal-Ewropa jħallu l-frott hija kważi EUR 180 biljun, esklużi l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli oħrajn;

B. billi jeħtieġ li t-tranżizzjoni ekoloġika tkun mezz biex jiżdiedu s-solidarjetà u l-koeżjoni; billi l-finanzi sostenibbli jistgħu jkunu mezz li bih jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà lejn tkabbir inklużiv fit-tul u jiġi promoss il-benessri taċ-ċittadini; billi l-kriterji għall-investiment favur il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jidhru promettenti ħafna u jistgħu jkun punt tat-tluq tajjeb; billi l-finanzi sostenibbli jmorru lil hinn mill-investimenti ekoloġiċi u favur il-klima u għandhom iqisu b'urġenza anki kriterji soċjali u ta' governanza;

C. billi sistema regolatorja prevedibbli u stabbli għall-investimenti relatati mat-tibdil fil-klima hija ta' importanza kbira sabiex jitrawwem l-involviment tas-settur privat fil-finanzjament għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima; billi l-Unjoni Ewropea tista' tistabbilixxi standard għal sistema finanzjarja sostenibbli billi tintroduċi qafas kredibbli u komprensiv, li d-dettalji tiegħu għandhom jiġu stabbiliti b'mod progressiv permezz ta' inizjattivi leġiżlattivi speċifiċi;

D. billi hemm bżonn bidla fil-mentalità tal-partijiet ikkonċernati kollha, li tirrikjedi leġiżlazzjoni trasversali min-naħa tal-Kummissjoni; billi l-investituri istituzzjonali u fil-livell tal-konsumatur qed juru interess akbar biex jinvestu fi prodotti li josservaw il-kriterji ambjentali, soċjali u ta' governanza;

E. billi hemm bżonn żieda fit-trasparenza tad-data ambjentali, soċjali u ta' governanza dwar il-kumpaniji sabiex jiġi evitat il-"greenwashing";

F. billi l-evalwazzjoni tal-impatt għandha tkun parti mit-tassonomija ta' prodotti finanzjarji sostenibbli; billi l-għarfien espert dwar kif għandu jiġi kkalkulat l-impatt tal-investimenti fuq l-għanijiet ambjentali, soċjali u ta' governanza qiegħed jikber;

Il-ħtieġa ta' qafas ta' politika xieraq għall-mobilizzazzjoni tal-kapital meħtieġ għal tranżizzjoni sostenibbli

1. Jisħaq fuq il-potenzjal ta' tranżizzjoni sostenibbli aktar rapida bħala opportunità biex is-swieq kapitali u l-intermedjarji finanzjarji jiġu orjentati lejn investimenti fit-tul, innovattivi, soċjalment favorevoli, ambjentalment sani u effiċjenti; josserva x-xejra attwali ta' żvestiment mill-faħam, iżda jirrimarka l-ħtieġa ta' sforzi ulterjuri għall-iżvestiment minn fjuwils fossili oħra; jenfasizza l-importanza li l-banek u s-swieq kapitali Ewropej jieħdu vantaġġ mill-innovazzjoni f'dan il-qasam; jinnota li l-benefiċċji u r-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza sikwit ma jkunux integrati adegwatament fil-prezzijiet u li dan jagħti inċentivi tas-suq lill-finanzi insostenibbli u ingranati għal terminu qasir għal ċerti parteċipanti fis-suq li jiffukaw fuq redditi rapidi; jenfasizza li hemm bżonn qafas regolatorju, politiku u superviżorju mfassal tajjeb sabiex jirregola l-finanzi sostenibbli, filwaqt li jitqiesu l-opportunitajiet differenti li joffru r-reġjuni tal-UE; jinnota li qafas bħal dan jista' jgħin sabiex jiġi mmobilizzat il-kapital fuq skala kbira għall-iżvilupp sostenibbli u jtejjeb l-effiċjenza tas-suq biex jidderieġi l-flussi tal-kapital lejn assi li jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni tressaq qafas leġiżlattiv ambizzjuż li jirrikonoxxi l-proposti mressqa fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Finanzi Sostenibbli;

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

Ir-rwol tas-settur finanzjarju fir-rigward tas-sostenibilità u l-politiki meħtieġa għall-korrezzjoni tal-fallimenti tas-suq

2. Jenfasizza li s-settur finanzjarju kollu kemm hu, kif ukoll il-funzjoni prinċipali tiegħu li jalloka l-kapital b'mod effiċjenti kemm jista' jkun għall-ġid tas-soċjetà, f'konformità mal-objettivi tal-UE, għandhom ikunu rregolati mill-valuri tal-ekwità u tal-inklużjoni kif ukoll mill-prinċipju tas-sostenibilità, u għandhom jinkludu indikaturi ambjentali, soċjali u ta' governanza u l-kost ta' nuqqas ta' azzjoni fl-analiżi tal-investiment u fid-deċiżjonijiet relatati; jinnota li l-valutazzjoni ineżatta jew il-preżentazzjoni qarrieqa tar-riskji klimatiċi u ambjentali oħra tal-prodotti finanzjarji jistgħu jikkostitwixxu riskju għall-istabilità tas-suq; jenfasizza r-rwol strumentali tal-politika ekonomika, fiskali u monetarja biex jitrawmu finanzi sostenibbli billi tiffaċilita l-allokazzjoni tal-kapital u torjenta mill-ġdid l-investimenti lejn teknoloġiji u impriżi aktar sostenibbli u lejn attivitajiet ekonomiċi dekarbonizzati, reżiljenti għad-diżastri u effiċjenti fir-riżorsi li jkunu kapaċi jnaqqsu l-bżonn attwali ta' riżorsi futuri u b'hekk ikunu jistgħu jintlaħqu l-objettivi relatati mas-sostenibilità tal-UE u l-Ftehim ta' Pariġi; jirrikonoxxi li prezz xieraq u dejjem ogħla għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra huwa komponent fundamentali f'ekonomija tas-suq ambjentali u soċjali funzjonanti u effiċjenti billi jikkoreġi l-fallimenti attwali tas-suq; jinnota li l-prezzijiet fis-suq Ewropew tal-karbonju kienu instabbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu biex jeliminaw gradwalment is-sussidji diretti u indiretti għall-fjuwils fossili;

L-assi mhux irkuprabbli u r-riskji sistemiċi relatati

3. Jissottolinja li għalkemm l-assi tal-karbonju għad għandhom valur fil-karta bilanċjali tal-impriżi, dan il-valur irid isegwi xejra negattiva biex tkun tista' ssir tranżizzjoni lejn soċjetà b'livell baxx ta' karbonju; jenfasizza, għaldaqstant, ir-riskji sistemiċi sostanzjali li l-assi mhux irkuprabbli relatati mal-karbonju u li jagħmlu ħsara lill-ambjent jirrappreżentaw għall-istabilità finanzjarja jekk ma jiġux ipprezzati fil-ħin skont il-profil tar-riskju fit-tul tagħhom; jisħaq fuq il-bżonn ta' identifikazzjoni, valutazzjoni u ġestjoni prudenti tal-iskoperturi u, wara perjodu tranżitorju, ta' rappurtaġġ proporzjonat u obbligatorju, kif ukoll id-disponiment progressiv ta' dawn l-assi, bħala essenzjali għat-tranżizzjoni ordinata, bilanċjata u stabbli lejn investimenti pożittivi f'termini ta' klima u ta' effiċjenza fir-riżorsi; jirrakkomanda li l-kunċett tal-assi mhux irkuprabbli jiġi estiż biex jinkludi sistemi u servizzi ekoloġiċi fundamentali;

4. Jitlob l-introduzzjoni ta' "testijiet tal-istress relatati mal-karbonju" fil-livell Ewropew kif propost mill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) fl-2016 għall-banek u għall-intermedjarji finanzjarji l-oħra biex ikunu jistgħu jiġu ddeterminati r-riskji relatati ma' dawn l-assi mhux irkuprabbli; jilqa' l-proposti tal-BERS għall-iżvilupp ta' politiki prudenzjali reżiljenti għall-klima, pereżempju aġġustamenti addizzjonali speċifiċi tal-kapital abbażi tal-intensità tal-karbonju ta' skoperturi individwali vvalutati bħala eċċessivi applikati għall-investiment globali f'assi meqjusa vulnerabbli ħafna għal tranżizzjoni f'daqqa lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju; jiġbed l-attenzjoni għar-reviżjoni pendenti tar-regolamenti li jistabbilixxu l-awtoritajiet superviżorji Ewropej (ASE) bħala opportunità biex jitqies ir-rwol tal-ASE fl-investigazzjoni u l-iżvilupp ta' standards għall-valutazzjoni tar-riskji relatati mal-karbonju u ta' riskji oħra relatati mal-ambjent, kif ukoll id-divulgazzjoni u l-inklużjoni tagħhom fil-proċess intern ta' valutazzjoni tar-riskji fil-banek, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti ta' rapportar eżistenti dwar is-sostenibilità mill-istituzzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti leġiżlattivi f'dan ir-rigward;

Il-finanzjament tal-investimenti pubbliċi meħtieġa għat-tranżizzjoni

5. Jenfasizza li r-riforma tas-sistema finanzjarja, biex tikkontribwixxi b'mod attiv għall-aċċelerazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika, tirrikjedi l-kooperazzjoni tas-settur pubbliku u s-settur privat; jenfasizza, f'dan ir-rigward, ir-rwol strumentali tal-politika fiskali u ekonomika li tipprovdi s-sinjali u l-inċentivi t-tajba; jistieden lill-Istati Membri biex, f'koordinament mal-Kummissjoni, l-ASE u l-BEI, jivvalutaw il-bżonnijiet nazzjonali u kollettivi ta' investiment pubbliku tagħhom u jindirizzaw il-lakuni li jista' jkun hemm biex jiżguraw li l-UE tkun fit-triq it-tajba biex, fil-ħames snin li ġejjin, tilħaq l-għanijiet tagħha fil-qasam tat-tibdil fil-klima u, sal-2030, tilħaq l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU; jissottolinja r-rwol li l-banek u l-istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali jistgħu jaqdu f'dan ir-rigward; jissuġġerixxi li dan il-proċess jiġi kkoordinat fil-livell Ewropew u li tiġi stabbilita sistema li tintraċċa l-flussi finanzjarji effettivi lejn investimenti pubbliċi sostenibbli fil-qafas ta' Osservatorju tal-UE dwar il-Finanzi Sostenibbli; jilqa' l-għodod finanzjarji innovattivi li jintegraw l-indikaturi tas-sostenibilità u li jistgħu jiffaċilitaw dan il-proċess, bħalma huma l-bonds ħodor maħruġa pubblikament; jilqa' l-kjarifika mogħtija mill-Eurostat dwar it-trattament ta' kuntratti għall-prestazzjoni tal-enerġija f'kontijiet nazzjonali peress li dan it-trattament iċċarat jista' jiftaħ flussi konsiderevoli ta' kapital pubbliku lejn settur li attwalment jammonta għal tliet kwarti tad-diskrepanza fl-investiment f'enerġija nadifa tal-UE għall-2030; jitlob lill-Kummissjoni tesplora ulterjorment trattament ikkwalifikat ta' investimenti pubbliċi relatati mal-għanijiet ambjentali, soċjali u ta' governanza sabiex l-ispiża ta' dawn il-proġetti tinfirex tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-investiment pubbliku relatat;

L-indikaturi u t-tassonomija tas-sostenibilità bħala inċentiv għal investimenti sostenibbli

6. Jistieden lill-Kummissjoni tmexxi proċess ta' diversi partijiet ikkonċernati, inklużi esperti fix-xjenza klimatika kif ukoll parteċipanti fis-suq finanzjarju, biex, sa tmiem l-2019, tistabbilixxi tassonomija tas-sostenibilità soda, kredibbli u teknoloġikament newtrali abbażi ta' indikaturi li jiddivulgaw l-impatt sħiħ tal-investimenti fuq is-sostenibilità u jippermettu li jsir paragun bejn il-proġetti ta' investiment u l-kumpaniji; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati tali indikaturi tas-sostenibilità bħala l-ewwel pass fil-proċess tal-iżvilupp ta' tassonomija tas-sostenibilità tal-UE u li dawn l-indikaturi jiġu inkorporati f'rappurtar integrat; jirrimarka li l-iżvilupp tat-tassonomija tas-sostenibilità għandu jiġi segwit mill-proposti leġiżlattivi addizzjonali li ġejjin: qafas ta' diliġenza dovuta komprensiv u obbligatorju, li jinkludi obbligu ta' diliġenza li jiġi introdott gradwalment tul perjodu tranżitorju u li jqis il-prinċipju tal-proporzjonalità, tassonomija responsabbli dwar l-investiment, u proposta sabiex ir-riskji u l-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza jiġu integrati fil-qafas prudenzjali tal-istituzzjonijiet finanzjarji;

7. Jinnota li diġà jeżistu indikaturi tas-sostenibilità, iżda li l-oqfsa attwali ta' rappurtar volontarju mhumiex armonizzati biżżejjed; jitlob lill-Kummissjoni, għalhekk, tibbaża t-tassonomija tagħha fil-qasam tas-sostenibilità fuq lista armonizzata ta' indikaturi tas-sostenibilità abbażi tal-ħidma eżistenti, fost l-oħrajn, tal-Global Reporting Initiative (GRI), il-Prinċipji tan-NU għal Investiment Responsabbli (UN PRI), il-Kummissjoni nnifisha, l-OECD, u s-settur privat, u b'mod partikolari l-indikaturi eżistenti tal-Eurostat dwar l-effiċjenza fir-riżorsi; jirrakkomanda li dawn l-indikaturi jiġu inklużi fit-tassonomija b'mod dinamiku u bi gwida ċara għall-investituri dwar iż-żmien sa meta jridu jintlaħqu ċerti standards; jirrakkomanda li l-Kummissjoni tikkunsidra wkoll il-ponderazzjoni tal-indikaturi skont l-urġenza li jiġu indirizzati fi kwalunkwe mument partikolari; jissottolinja li t-tassonomija għandha ssib il-bilanċ it-tajjeb bejn l-impenn u l-flessibilità, li jfisser li l-qafas għandu jkun obbligatorju u standardizzat waqt perjodu tranżitorju, iżda għandha titqies ukoll bħala għodda li tevolvi u li tista' tirrikonoxxi riskji emerġenti u/jew riskji li għadhom iridu jiġu identifikati b'mod xieraq;

8. Iqis li l-inklużjoni ta' indikaturi kwantitattivi prestabbiliti u ta' ġudizzji kwalitattivi dwar ir-riskji klimatiċi u ambjentali ta' tip ieħor hija pass importanti lejn tassonomija ta' investiment responsabbli li tirrispetta l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt umanitarju u tax-xogħol internazzjonali; jenfasizza li l-istandards minimi dwar ir-riskji u l-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza għandhom jinkludu standards soċjali minimi għal dawn l-investimenti li jinkludu d-drittijiet tal-ħaddiema, l-istandards tas-saħħa u tas-sikurezza u l-esklużjoni ta' riżorsi li jkunu ġejjin minn reġjuni ta' kunflitt jew mingħajr il-kunsens infurmat minn qabel tal-komunitajiet affettwati, kif ukoll standards minimi ta' governanza li jinkludu r-rekwiżiti tal-UE għall-governanza u r-rappurtar korporattivi, li jkunu ekwivalenti għall-istandards tal-UE dwar ir-rappurtar finanzjarju u l-istandards tal-UE li jirregolaw l-azzjoni kontra l-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni u t-trasparenza fiskali;

Tikketta għall-Finanzi Ekoloġiċi

9. Jistieden lill-Kummissjoni tmexxi proċess ta' diversi partijiet ikkonċernati biex, sa tmiem l-2019, tistabbilixxi "Tikketta għall-Finanzi Ekoloġiċi" permezz ta' inizjattiva leġiżlattiva, li għandha tingħata lill-prodotti ta' investiment, ekwità u pensjonijiet li jkunu diġà laħqu l-ogħla standards fit-tassonomija tas-sostenibilità, biex tiggwida d-deċiżjoni dwar l-investiment ta' dawk li jipprijoritizzaw is-sostenibilità fuq il-fatturi l-oħrajn kollha; jirrakkomanda li din it-"Tikketta għall-Finanzi Ekoloġiċi" tinkludi standards minimi għar-riskji u l-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza konformi mal-Ftehim ta' Pariġi u l-prinċipju "primum non nocere" f'konformità mal-analiżi tar-riskju ambjentali, soċjali u ta' governanza, u attivitajiet li juru biċ-ċar li jkun qed ikollhom "impatt pożittiv" kif definit minn mill-Inizjattiva Finanzjarja tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP FI); jinnota li funzjoni importanti tat-tassonomija, u ta' Tikketta għall-Finanzi Ekoloġiċi, hi li titjieb il-valutazzjoni tar-riskju min-naħa tal-parteċipanti tas-suq finanzjarju bil-ħsieb li jkun hemm skala ta' klassifikazzjoni bbażata fuq is-suq; jilqa' l-innovazzjonijiet tal-atturi tas-suq, bħall-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, fl-iżvilupp u fl-amministrazzjoni ta' tali klassifikazzjoni bbażata fuq is-suq;

L-integrazzjoni ta' kriterji finanzjarji sostenibbli fil-leġiżlazzjoni kollha relatata mas-settur finanzjarju

10. Jinnota l-inklużjoni reċenti tal-kwistjonijiet ta' sostenibilità fir-Regolamenti dwar il-PRIIPs (prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni) u dwar l-STS (titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata), kif ukoll fid-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Azzjonisti u fl-NFRD; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata kunsiderazzjoni regolatorja adegwata tar-riskji assoċjati mal-assi ekoloġiċi u sostenibbli; jilqa' l-inklużjoni tar-rikonoxximent tal-assi mhux irkuprabbli fid-Direttiva dwar l-IORPs, kif ukoll l-estensjoni tal-prinċipju tal-"persuna prudenti" u riferiment għall-prinċipji tan-NU għal investiment responsabbli; jitlob l-integrazzjoni xierqa u proporzonata tal-indikaturi finanzjarji sostenibbli f'kull leġiżlazzjoni ġdida u riveduta relatata mas-settur finanzjarju permezz ta' proposta omnibus jew proposti speċifiċi; jitlob linji gwida komuni sabiex jiġu armonizzati d-definizzjoni ta' fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza u l-introduzzjoni tagħhom f'kull leġiżlazzjoni ġdida u riveduta;

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

11. Jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tuża s-setgħa ddefinita fir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 biex tipprovdi, kemm jista' jkun malajr u qabel ma tiżviluppa t-tassonomija tas-sostenibilità, att delegat li jispeċifika d-dettalji tal-proċeduri użati biex jiġi stabbilit jekk prodott aggregat ta' investiment għall-konsumaturi bbażat fuq l-assigurazzjoni jkunx immirat lejn objettivi ambjentali jew soċjali speċifiċi; jitlob ukoll qafas ta' diliġenza dovuta proporzjonat u obbligatorju abbażi tal-Linji Gwida 2017 tal-OECD dwar l-Imġiba Responsabbli fin-Negozju għall-Investituri Istituzzjonali, li jirrikjedi lill-investituri jidentifikaw, jipprevjenu, jimmitigaw u jqisu l-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza; isostni li dan il-qafas pan-Ewropew għandu jkun ibbażat fuq il-Liġi Franċiża dwar id-Dmir Korporattiv ta' Viġilanza għall-kumpaniji u l-investituri, inklużi l-banek; jitlob ukoll li jsir riferiment dirett għall-kriterji ambjentali, soċjali u ta' governanza fis-"sorveljanza u l-governanza tal-prodotti" (POG) f'kull leġiżlazzjoni ġdida u riveduta, inkluża l-leġiżlazzjoni li qed tiġi diskussa bħalissa; jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli tal-Kummissjoni dwar il-Finanzjament Sostenibbli biex il-prinċipju "Think Sustainability First" (L-Ewwel Aħseb fis-Sostenibilità) jiġi inkorporat fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-UE;

Ir-riskji għas-sostenibilità fil-qafas prudenzjali tar-regoli dwar l-adegwatezza tal-kapital

12. Jinnota li r-riskji għas-sostenibilità jistgħu wkoll iġorru riskji finanzjarji u li, għalhekk, dawn għandhom jiġu riflessi, jekk ikunu sostanzjali, fir-rekwiżiti tal-kapital u fil-kunsiderazzjoni prudenzjali tal-banek; jitlob lill-Kummissjoni, għaldaqstant, tadotta strateġija regolatorja u pjan direzzjonali mmirati, fost affarijiet oħra, lejn il-kejl tar-riskji għas-sostenibilità fil-qafas prudenzjali u tippromwovi l-inklużjoni tar-riskji għas-sostenibilità fil-qafas ta' Basel IV biex tiżgura riżervi ta' kapital suffiċjenti; jenfasizza li l-adegwatezza tal-kapital trid tkun ibbażata fuq ir-riskji murija u trid tirrifletti b'mod sħiħ dawn tal-aħħar; jimmira li jagħti bidu għal proġett pilota tal-UE, fil-qafas tal-baġit annwali li jmiss, biex jibdew jiġu żviluppati parametri referenzjarji metodoloġiċi għal dan l-iskop;

Id-divulgazzjoni

13. Jenfasizza li d-divulgazzjoni hija kundizzjoni propizja essenzjali għall-finanzi sostenibbli; jilqa' l-ħidma tat-Task Force għad-Divulgazzjoni Finanzjarja relatata mal-Klima (TCFD) u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jissekondaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħha; jitlob l-inkorporazzjoni tal-kost tan-nuqqas ta' azzjoni dwar ir-riskji klimatiċi u ambjentali u dwar riskji oħrajn għas-sostenibilità fl-oqfsa tad-divulgazzjoni; jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tinkludi d-divulgazzjoni proporzjonali u obbligatorja fil-qafas tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Kontabilità, l-NFRD, id-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital u r-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital mill-2020, b'perjodu ta' traspożizzjoni li matulu l-kumpaniji jistgħu jħejju għall-implimentazzjoni; jinnota li l-Artikolu 173 tal-Abbozz ta' Liġi Franċiż dwar it-Tranżizzjoni tal-Enerġija diġà joffri mudell possibbli għar-regolamentazzjoni tad-divulgazzjoni obbligatorja tar-riskji għall-klima min-naħa tal-investituri; jitlob li jiġi kkunsidrat twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tal-NFRD; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li r-rekwiżiti tal-qafas ta' rappurtar għandhom ikun proporzjonati fir-rigward tar-riskji mġarrba mill-istituzzjoni, id-daqs u l-livell ta' kumplessità tagħha; jirrakkomanda li t-tip ta' divulgazzjoni meħtieġa attwalment skont ir-regolament PRIIPs u permezz tad-Dokument bl-Informazzjoni Ewlenija tiġi estiża għall-prodotti finanzjarji kollha għall-konsumatur;

Id-dmir fiduċjarju

14. Jinnota li d-dmirijiet fiduċjarji diġà huma inkorporati fil-qafas regolatorju finanzjarju tal-UE, iżda jinsisti li għandhom jiġu ċċarati matul id-definizzjoni, l-istabbiliment u l-ittestjar ta' tassonomija sostenibbli, soda u kredibbli, filwaqt li jinkludu attivitajiet kruċjali ta' investiment, inklużi l-istrateġija ta' investiment, il-ġestjoni tar-riskju, l-allokazzjoni tal-assi, il-governanza u l-kunċett ta' "stewardship" għall-atturi kollha tul il-katina tal-investiment, inklużi l-maniġers tal-assi, il-konsulenti indipendenti tal-investiment u intermedjarji oħra; jirrakkomanda li d-dmir fiduċjarju għandu jitwessa' biex iħaddan proċess ta' integrazzjoni bidirezzjonali obbligatorju li abbażi tiegħu l-atturi kollha tul il-katina tal-investiment, inklużi l-maniġers tal-assi u l-konsulenti indipendenti tal-investimenti jew l-intermedjarji l-oħra tal-investimenti, huma obbligati jintegraw ir-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza materjali mil-lat finanzjarju fid-deċiżjonijiet tagħhom, inkluża l-kost tan-nuqqas ta' azzjoni, kif ukoll iqisu l-preferenzi ambjentali, soċjali u ta' governanza materjali mil-lat mhux finanzjarju tal-klijenti u l-benefiċjarji, jew tal-investituri aħħarin finali, li għandhom jiġu mistoqsija b'mod proattiv dwar il-preferenzi tagħhom mil-lat ta' żmien u sostenibilità; jitlob li l-kost tan-nuqqas ta' azzjoni fir-rigward ir-riskji klimatiċi, ambjentali u ta' tip ieħor għas-sostenibilità ssir parti mill-ġestjoni tar-riskju u l-valutazzjoni tad-diliġenza dovuta tal-bordjiet tal-kumpaniji u l-awtoritajiet pubbliċi, u parti mid-dmir fiduċjarju tal-investituri;

Mudelli ta' kuntratt għall-identifikazzjoni tal-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza

15. Jistieden lill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) jiżviluppaw linji gwida rigward il-mudelli ta' kuntratt bejn is-sidien tal-assi u l-maniġers tal-assi, il-konsulenti indipendenti tal-investiment u intermedjarji oħra tal-investiment li jkunu jinkorporaw b'mod ċar it-trażmissjoni tal-interess tal-benefiċjarju kif ukoll l-aspettattivi ċari għal dak li għandu x'jaqsam mal-identifikazzjoni u l-integrazzjoni tar-riskji u l-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza, bil-ħsieb li dawn ir-riskji jiġu evitati, mnaqqsa, mitigati u kkumpensati; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jiżguraw l-allokazzjoni xierqa tar-riżorsi lill-ASE fil-kuntest tar-reviżjoni pendenti tar-regolamentazzjoni dwar l-ASE; jitlob sabiex l-kost tan-nuqqas ta' azzjoni fir-rigward tal-klima u riskji oħra tas-sostenibilità tiġi inkorporata fil-leġiżlazzjoni u l-valutazzjonijiet tal-impatt tal-finanzjament futuri kollha tal-UE;

Stewardship

16. Jitlob li l-kunċett ta' "stewardship" attiv u responsabbli jifforma parti integrali mid-dmirijiet ġuridiċi tal-investituri u li rendikont tal-attivitajiet relatati mal-kunċett ta' "stewardship" jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji u l-pubbliku permezz, fost l-oħrajn, tad-divulgazzjoni pubblika u obbligatorja tal-holdings ewlenin, tal-attivitajiet ta' impenn, tal-użu ta' konsulenti delegati u tal-użu ta' strumenti ta' investiment passivi; jirrakkomanda li l-fondi passivi, immexxija minn investimenti bbażati fuq l-indiċi, għandhom jiġu mħeġġa jiddivulgaw l-attivitajiet tagħhom ta' "stewardship" u dwar kemm l-użu ta' indiċizzazzjoni u parametri referenzjarji passivi jippermetti l-identifikazzjoni xierqa tar-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza fid-destinatarji tal-investiment; iqis li l-forniturituri tal-indiċi għandhom jintalbu jipprovdu d-dettalji tal-iskopertura tal-parametri referenzjarji użati b'mod estensiv u referenzjati għall-parametri klimatiċi u tas-sostenibilità;

Il-ħtieġa li jiġu żviluppati aktar rekwiżiti ta' rappurtar dwar il-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza fil-qafas tal-NFRD

17. Jinnota grad insuffiċjenti ta' konverġenza fir-rappurtar dwar il-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza fil-qafas tal-NFRD u l-ħtieġa ta' armonizzazzjoni bil-għan li titrawwem aktar konsistenza, u biex tiġi definita l-aktar metrika ambjentali, soċjali u ta' governanza xierqa għad-divulgazzjoni, permezz ta' indikaturi ta' sostenibilità u effiċjenza fir-riżorsi; jistieden lill-Kummissjoni toħloq grupp li jħaddan diversi partijiet ikkonċernati fil-livell tal-UE, li jkun jinkludi rappreżentanti tal-industrija tas-servizzi finanzjarji, tad-dinja akkademika u tas-soċjetà ċivili, biex tiġi vvalutata u proposta lista xierqa ta' metrika, inkluża lista ta' indikaturi li jkejlu l-impatt tas-sostenibilità u jkopru l-aktar riskji sinifikanti għas-sostenibilità; hu tal-fehma li riforma bħal din għandha tinkludi l-obbligu ta' rappurtar awditjat minn terzi;

Bonds ħodor

18. Jinnota li l-bonds ħodor jirrappreżentaw frazzjoni biss mis-suq tal-investiment, u waħda li mhijiex regolata biżżejjed, u, minħabba f'hekk, hi parti mis-suq li hija suxxettibbli għar-riskju ta' kummerċjalizzazzjoni qarrieqa, u li l-UE bħalissa m'għandhiex standard unifikat għall-bonds ħodor, li għandu jkun ibbażat fuq it-tassonomija sostenibbli futura tal-UE; jinnota li tali bonds ħodor għandhom jiġu vverifikati u sorveljati mill-awtoritajiet pubbliċi u għandhom jinkludu rappurtar perjodiku dwar l-impatt ambjentali tal-assi sottostanti; jissottolinja li l-bonds ħodor għandhom jinkludu wkoll impatt ambjentali fid-direzzjoni opposta u jappoġġjaw tnaqqis fl-użu ta' assi ta' fjuwils fossili; jissottolinja li l-bonds ħodor għandhom jeskludu ċerti setturi – speċjalment b'rabta mal-attivitajiet li għandhom impatt negattiv sinifikanti fuq il-klima – u m'għandhomx jiksru l-istandards soċjali u tad-drittijiet tal-bniedem ewlenin; jissuġġerixxi li l-iżvilupp tal-istandard għal bond aħdar tal-UE għandu jseħħ bi trasparenza sħiħa ma' grupp ta' ħidma speċifiku tal-Kummissjoni li jkun soġġett għal skrutinju regolatorju mill-Parlament Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta b'mod regolari l-impatt, l-effikaċja u s-superviżjoni tal-bonds ħodor; jitlob, f'dan ir-rigward, li jkun hemm inizjattiva leġiżlattiva li tinċentiva, tippromwovi u tikkummerċjalizza ħruġ pubbliku Ewropew ta' bonds ħodor mill-istituzzjonijiet Ewropej eżistenti u futuri bħall-BEI u l-Fond Monetarju Ewropew, sabiex jiġu ffinanzjati investimenti sostenibbli ġodda;

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu

19. Josserva li l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu (CRAs) ma jintegrawx biżżejjed l-impatt tar-riskji u l-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza distruttivi fl-affidabilità kreditizja futura tal-emittenti; jappella għall-adozzjoni ta' standards tal-UE ċari u superviżjoni fir-rigward tal-integrazzjoni tal-indikaturi ambjentali, soċjali u ta' governanza fil-klassifikazzjonijiet tal-aġenziji kollha ta' klassifikazzjoni tal-kreditu li joperaw fl-UE; jirrimarka li n-nuqqas ta' kompetizzjoni sottostanti fost dawn l-impriżi u l-enfasi ekonomika dejqa tagħhom għadhom ma ġewx indirizzati għalkollox; jappella għall-ħolqien ta' proċess ta' akkreditament għal "Tikketta għall-Finanzi Ekoloġiċi" min-naħa tal-aġenti taċ-ċertifikazzjoni taħt is-superviżjoni tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA); jirrakkomanda li l-ESMA tiġi inkarigata biex tobbliga lis-CRAs jinkorporaw ir-riskji għas-sostenibilità fil-metodoloġiji tagħhom; billi dawn x'aktarx jimmanifestaw ruħhom fil-futur, jitlob lill-Kummissjoni tipproponi reviżjoni tar-Regolament dwar is-CRAs; jenfasizza l-importanza ta' riċerka dwar is-sostenibilità mogħtija mill-indiċi tas-sostenibilità u l-aġenziji ta' klassifikazzjoni ambjentali, soċjali u ta' governanza billi din tipprovdi lill-atturi finanzjarji kollha bl-informazzjoni meħtieġa għad-dmir tar-rappurtar u d-dmir fiduċjarju tagħhom, fl-implimentazzjoni tal-bidla lejn sistema finanzjarja aktar sostenibbli;

Sistemi ta' tikkettar għas-servizzi finanzjarji

20. Jissuġġerixxi li l-Kummissjoni toħloq sistema ta' tikkettar vinkolanti u proporzjonata, li għandha tkun volontarja matul perjodu ta' tranżizzjoni, għall-istituzzjonijiet li joffru kontijiet bankarji għall-konsumatur, għall-fondi ta' investiment, għall-prodotti finanzjarji u tal-assigurazzjoni, li tindika kemm l-assi sottostanti huma f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u mal-għanijiet ambjentali, soċjali u ta' governanza;

Il-mandat tal-ASE

21. Biħsiebu jkompli jiċċara l-mandat tal-ASE u tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali fil-kuntest tar-reviżjoni pendenti tar-regolamenti dwar l-ASE għall-inklużjoni u l-monitoraġġ tar-riskji u l-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza, biex b'ħekk l-attivitajiet fis-swieq finanzjarji jsiru aktar konsistenti ma' objettivi sostenibbli; hu tal-fehma, f'dan ir-rigward, li l-ESMA għandha:

— tinkludi preferenzi dwar is-sostenibilità bħala parti mil-linji gwida tagħha dwar il-valutazzjoni tal-"adegwatezza", kif propost mill-Kummissjoni fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar il-Finanzi Sostenibbli u, b'mod aktar ġenerali, tipprovdi gwida dwar il-mod kif kunsiderazzjonijiet dwar is-sostenibilità jistgħu jiġu inkorporati b'mod effikaċi fil-leġiżlazzjoni finanzjarja rilevanti tal-UE, kif ukoll tippromwovi l-implimentazzjoni koerenti ta' dawn id-dispożizzjonijiet mal-adozzjoni;

— tistabbilixxi sistema ta' monitoraġġ superviżorju proporzjonata u – wara perjodu ta' tranżizzjoni – obbligatorja, għall-valutazzjoni tar-riskji u l-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza materjali mill-2018 'il quddiem, flimkien ma' analiżi tax-xenarji tas-sostenibilità li tħares fil-bogħod;

— tingħata l-mandat li tivverifika l-allinjament tal-portafoll mar-riskji u l-fatturi tal-Ftehim ta' Pariġi u tiżgura l-konsistenza mar-rakkomandazzjonijiet tat-TCFD;

jissottolinja, f'dan il-kuntest, li l-ASE għandu jkollhom biżżejjed riżorsi finanzjarji biex iwettqu l-missjoni tagħhom; iħeġġeġ lill-ASE jikkooperaw mal-aġenziji u l-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti dwar dawn il-kwistjonijiet;

Ir-rwol tal-BEI fir-rigward tal-finanzi sostenibbli

22. Jisħaq fuq ir-rwol eżemplari li l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jaqdu sabiex jagħmlu l-finanzi sostenibbli; jinnota li għalkemm 26 % tal-finanzjament kollu tal-BEI jiffoka fuq l-azzjoni klimatika, u għalkemm il-BEI kien il-pijunier tas-suq tal-bonds ħodor fl-2007 u jinsab fit-triq it-tajba biex jissodisfa l-impenn li kien ħabbar f'dan ir-rigward, xorta għadu jiffinanzja proġetti b'livell għoli ta' karbonju u allura għad hemm lok għal titjib; iħeġġeġ lill-BEI, għaldaqstant, jadatta u jipprijoritizza s-self futur tiegħu b'tali mod li jkun kompatibbli mal-Ftehim ta' Pariġi u mal-limitu klimatiku ta' 1,5 °C; jitlob tiskiħ u ribilanċjament fl-operazzjonijiet tas-self tal-BEI u fir-Regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) biex ma jibqgħux isiru investimenti fi proġetti b'livell għoli ta' karbonju u tingħata prijorità lil proġetti ta' dekarbonizzazzjoni u effiċjenza fir-riżorsi flimkien ma' setturi innovattivi u impriżi immaterjali oħra; jissuġġerixxi li l-BEI jinsab f'pożizzjoni li jipprovdi aktar kapital tar-riskju għat-tranżizzjoni ekoloġika b'mod bilanċjat millat reġjonali; huwa tal-fehma li għandhom jittieħdu aktar miżuri b'dik il-perspettiva, inkluż, fost l-oħrajn, f'interazzjoni ma' strumenti finanzjarji tal-UE fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss;

Ir-rwol tal-BĊE fir-rigward tal-finanzi sostenibbli

23. Jirrikonoxxi li l-BĊE huwa indipendenti u li l-mandat primarju tiegħu hu li tinżamm l-istabilità tal-prezzijiet, iżda jfakkar li, bħala istituzzjoni tal-UE, il-BĊE hu marbut ukoll bil-Ftehim ta' Pariġi; jesprimi tħassib, għaldaqstant, dwar il-fatt li "62,1 % tax-xiri ta' bonds korporattivi tal-BĊE jsir f'setturi [...] li huma responsabbli għal 58,5 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fiż-żona tal-euro" ([14]) u jinnota li l-aktar li jibbenefikaw minn dan il-programm huma korporazzjonijiet kbar; jirrakkomanda li l-BĊE jqis espliċitament il-Ftehim ta' Pariġi u l-għanijiet ambjentali, soċjali u ta' governanza fil-linji gwida tiegħu dwar il-programmi ta' xiri; jissottolinja li dawn il-linji gwida jistgħu jservu ta' pilota għall-ħolqien ta' politika tal-investiment li tkun orjentata lejn il-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza u konsistenti ma' standards għoljin ta' tassonomija sostenibbli tal-UE;

Kwistjonijiet oħra

24. Jissottolinja li offerta siewja ta' prodotti finanzjarji sostenibbli jista' jkollha wkoll effetti pożittivi fuq it-titjib tal-infrastruttura soċjali Ewropea mifhuma bħala s-sett ta' inizjattivi u proġetti li l-għan tagħhom hu li joħolqu valur pubbliku billi jagħtu spinta lill-investiment u l-innovazzjoni fis-setturi strateġiċi u kruċjali għall-benessri u r-reżiljenza tal-persuni u l-komunitajiet, bħall-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-akkomodazzjoni;

25. Jilqa' l-ħidma tal-HLEG, li toffri pedamenti siewja għall-ħidma lejn standard ġdid għal settur finanzjarju sostenibbli; jinsisti, madankollu, fuq il-ħtieġa tal-involviment aktar attiv tas-settur bankarju, li minħabba d-dominanza tiegħu fix-xenarju finanzjarju Ewropew għadu essenzjali biex il-finanzi jsiru aktar sostenibbli;

26. Jissottolinja li l-metodoloġija użata sabiex jiġi intraċċat l-infiq relatat mal-klima twassal għal inkonsistenza fil-programmi, filwaqt li tippermetti li proġetti b'benefiċċji ambjentali u klimatiċi dubjużi jikkwalifikaw bħala nefqa relatata mal-klima (pereżempju l-komponent ekoloġiku tal-politika agrikola komuni);

27. Jenfasizza li l-parametri referenzjarji finanzjarji kollha li jintużaw b'mod estensiv ma jqisux il-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza fil-metodoloġija tagħhom; jappella biex jiġi żviluppat parametru referenzjarju Ewropew wieħed jew aktar għas-sostenibilità, bl-użu tat-tassonomija tas-sostenibilità Ewropea, biex tkejjel il-prestazzjoni tal-emittenti Ewropej abbażi ta' riskji u fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza;

28. Jitlob li jiġu analizzati u mħeġġa inizjattivi privati, bħall-proġett EeMAP dwar "ipoteki ekoloġiċi", sabiex jiġi vvalutat u jintwera f'liema kundizzjonijiet l-assi ekoloġiċi jistgħu jinvolvu tnaqqis tar-riskju għall-investimenti filwaqt li fl-istess ħin tittejjeb is-sostenibilità ambjentali;

29. Jistieden lill-UE tippromwovi b'mod attiv l-inklużjoni tal-indikaturi tas-sostenibilità fil-qafas tal-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju fil-livell internazzjonali;

30. Jenfasizza li l-governanza korporattiva għandha tippromwovi l-ħolqien ta' valur sostenibbli fit-tul pereżempju permezz ta' ishma ta' lealtà għall-azzjonisti f'terminu ta' żmien twil u billi tinkludi l-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza fil-pakketti ta' remunerazzjoni għad-diretturi u l-bord; jinnota li l-kjarifika tad-dmirijiet tad-diretturi f'dan ir-rigward tappoġġja lill-investituri sostenibbli fl-involviment tagħhom mal-bordijiet;

31. Jitlob l-introduzzjoni ta' assigurazzjoni obbligatorja tar-responsabilità ambjentali għall-attivitajiet kollha kummerċjali u pubbliċi bħala prekundizzjoni għall-ħruġ ta' permessi ta' awtorizzazzjoni;

32. Jenfasizza li l-finanzjament sostenibbli jirrikjedi kjarifika tad-dmirijiet tad-diretturi tal-kumpaniji Ewropej rigward il-ħolqien ta' valur sostenibbli fit-tul, kwistjonijiet ambjentali, soċjali u ta' governanza, kif ukoll ir-riskji sistemiċi, bħala parti mid-dmir globali tad-diretturi li jippromwovu s-suċċess tal-kumpanija;

([14]) Sini Matikainen, Emanuele Campiglio u Dimitri Zenghelis, "The climate impact of quantitative easing" (L-impatt klimatiku ta' tnaqqis kwantitattiv), L-Istitut ta' Grantham dwar it-tibdil fil-klima u l-ambjent, Mejju 2017.

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

33. Jistieden lill-awtoritajiet superviżorji Ewropej jifformulaw linji gwida għall-ġbir ta' statistika dwar l-identifikazzjoni tar-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza u l-integrazzjoni tagħhom fil-finanzjament, u jitlob li l-istatistika tiġi ppubblikata kull meta jkun possibbli;

34. Jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali tas-swieq bankarji u finanzjarji jfasslu istruzzjonijiet ċari u konċiżi dwar kif it-tassonomija l-ġdida u bidliet oħra assoċjati ma' din il-leġiżlazzjoni jistgħu jiġu implimentati mingħajr ma dan jiġġenera spejjeż u dewmien li jistgħu jiġu evitati;

35. Isostni l-fehma li l-miżuri ta' pprezzar jistgħu jagħtu kontribut kruċjali fl-eliminazzjoni tad-diskrepanza tal-finanzjament ta' EUR 180 biljun sabiex l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni tal-Ewropa jħallu l-frott, billi jittrasformaw l-investiment f'għanijiet sostenibbli fit-tul;

36. Jinnota li l-SMEs sikwit jintesew f'diskussjonijiet li jikkonċernaw il-finanzi sostenibbli, minkejja n-natura innovattiva tagħhom; jinnota, f'dan il-kuntest, il-potenzjal kbir tad-diġitalizzazzjoni u l-FinTech ekoloġika; jirrakkomanda li l-Kummissjoni tqis mekkaniżmi li jippermettu lill-SMEs jaggregaw proġetti sabiex dawn ikunu jistgħu jiksbu aċċess għas-suq tal-bonds ħodor;

37. Jisħaq fuq l-importanza tal-komponent soċjali tal-finanzi sostenibbli; jinnota l-potenzjal tal-iżvilupp ta' strumenti finanzjarji ġodda ddedikati b'mod speċjali għal infrastrutturi soċjali, bħall-bonds soċjali, kif imħaddna mill-Prinċipji tal-Bonds Soċjali (SBP) 2017;

38. Jenfasizza li l-identifikazzjoni, il-ġestjoni u d-divulgazzjoni ta' riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza huma parti integrali mill-protezzjoni tal-konsumaturi u l-istabilità finanzjarja u għalhekk għandhom jaqgħu taħt il-mandat u d-dmirijiet superviżorji tal-ASE; jitlob lill-BERS iwettaq b'mod proattiv riċerka dwar l-interazzjoni tal-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza u r-riskju sistemiku, lil hinn mit-tibdil fil-klima;

39. Ifakkar li l-Parlament talab l-introduzzjoni ta' kont tat-tfaddil tal-UE għall-finanzjament tal-ekonomija ekoloġika fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Novembru 2017 dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar is-Servizzi Finanzjarji għall-Konsumatur;

40. Jesiġi li l-infiq kollu futur tal-UE jrid ikun kompatibbli mal-Ftehim ta' Pariġi, bl-inklużjoni tal-objettivi relatati mad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija fl-istrumenti legali li jirregolaw l-operazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (inklużi l-fondi ta' koeżjoni), il-fondi għall-azzjoni esterna u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp u strumenti oħra lil hinn mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali bħall-FEIS;

41. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq studju ta' fattibilità dwar kif is-superviżuri u r-regolaturi jistgħu jippremjaw aħjar il-mandati li jinkludu perspettivi fit-tul;

42. Jistieden lill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) tipprovdi l-aħjar prattika u linji gwida dwar kif il-forniturі ta' skemi ta' pensjoni okkupazzjonali u prodotti ta' pensjoni privata għandhom jinvolvu ruħhom mal-benefiċjarji fuq bażi prekuntrattwali u tul il-ħajja tal-investiment; jistieden lill-EIOPA tipprovdi linji gwida dwar l-aħjar prattika, bħall-Fond tar-Renju Unit tal-Aġenzija għall-Ambjent, fir-rigward tal-involviment mal-benefiċjarji u l-klijenti fil-livell tal-konsumatur u sabiex jiġu aċċertati l-interessi finanzjarji u mhux finanzjarji tagħhom;

43. Jieħu nota tar-rakkomandazzjoni tal-HLEG fir-rigward ta' osservatorju tal-UE għall-finanzi sostenibbli, li għandu jinħoloq sabiex jintraċċa, jirrapporta u jiddivulga informazzjoni dwar investimenti sostenibbli tal-UE u li għandu jitwaqqaf mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent f'kooperazzjoni mal-ASE; jirrakkomanda, bil-ħsieb li tissaħħaħ il-funzjoni eżemplari tal-Unjoni Ewropea, li dan l-osservatorju jaqdi wkoll rwol fl-intraċċar, l-appoġġ u d-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar l-investimenti sostenibbli tal-fondi tal-UE u l-istituzzjonijiet tal-UE inklużi l-FEIS, il-BEI u l-BĊE; jitlob lill-osservatorju jirrapporta dwar l-attivitajiet tiegħu lill-Parlament;

44. Jirrakkomanda li l-BEI jaħdem mal-parteċipanti ż-żgħar fis-suq u mal-kooperattivi tal-komunità biex jitwettaq ir-raggruppament ta' proġetti fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli fuq skala żgħira sabiex dawn ikunu jistgħu jkunu eliġibbli għal finanzjament tal-BEI u bħala parti mill-programm ta' xiri mis-settur korporattiv;

45. Jaqbel mal-HLEG li hu ta' importanza kbira li ċ-ċittadini tal-Ewropa jingħataw is-setgħa u jkunu involuti fi kwistjonijiet dwar il-finanzi sostenibbli; jissottolinja l-ħtieġa li jittejjeb l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-prestazzjoni tas-sostenibilità u jiġi promoss il-litteriżmu finanzjarju;

46. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw il-koerenza tal-politiki bejn is-settur finanzjarju u s-settur mhux finanzjarju; ifakkar li politika finanzjarja sostenibbli jeħtieġ li tkun akkumpanjata b'għażliet ta' politika koerenti f'setturi oħra bħall-enerġija, it-trasport, l-industrija u l-agrikoltura;

47. Jistieden lill-Kummissjoni tippubblika rapport ta' progress regolari dwar il-kwistjonijiet koperti f'dan ir-riżoluzzjoni;

48. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jużaw l-influwenza tal-UE biex juru sens ta' tmexxija fir-rigward tal-finanzjament sostenibbli u jgħollu l-istandards tas-sostenibilità fil-finanzjament fil-livell globali, inkluż permezz ta' ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi, f'fora politiċi multilaterali bħan-NU, il-G7 u l-G20 u ta' dawk li jistabbilixxu standards internazzjonali, bħall-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO);

o

o o

49. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0216

It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2017

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 2018 dwar it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2017 (2018/2009(INI))

(2020/C 76/04)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 2, 6 u 7 tiegħu,

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 70, 85, 86, 258, 259 u 260 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet rilevanti tiegħu fil-qasam tal-istat tad-dritt u f'dak tal-ġustizzja,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-10 ta' April 2017 bit-titolu "It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2017" (COM(2017)0167),

— wara li kkunsidra l-istudju tal-2017 taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea bl-isem "The judicial system and economic development across EU Member States" ("Is-sistema ġudizzjarja u l-iżvilupp ekonomiku fl-Istati Membri kollha tal-UE") ([1]),

— wara li kkunsidra l-Istħarriġ tal-2017 tal-Istitut għar-Riforma Legali tal-Kungress tal-Istati Uniti, (Institute for Legal Reform) bit-titolu "The Growth of Collective Redress in the EU" ("It-Tkabbir tar-Rimedju Kollettiv fl-UE") ([2]),

— wara li kkunsidra l-Bażi tad-Data bl-Istatistika dwar il-Ġeneri tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) ([3]),

— wara li kkunsidra r-rapporti li għamlet il-Kummissjoni Ewropea għad-Demokrazija permezz tad-Dritt (il-Kummissjoni ta' Venezja), b'mod partikolari l-Lista tal-Kriterji tal-Istat tad-Dritt ([4]) tagħha,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2014 dwar l-evalwazzjoni tal-ġustizzja fir-rigward tal-ġustizzja kriminali u l-istat tad-dritt ([5]),

— wara li kkunsidra l-"Comparative study on access to justice in gender equality and anti-discrimination law"("Studju komparattiv dwar l-aċċess għall-ġustizzja fil-liġi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u kontra d-diskriminazzjoni") tal-2011 ta' Milieu ([6]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-imħallfin: l-indipendenza, l-effiċjenza u r-responsabiltajiet (judges: independence, efficiency and responsibilities) (CM/Rec(2010)12) ([7]),

— wara li kkunsidra l-istudju tal-2017 tad-Dipartiment Tematiku tad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali tal-Parlament Ewropew bit-titolu "Mapping the Representation of Women and Men in Legal Professions Across the EU" ("L-Immappjar tar-Rappreżentanza tan-Nisa u l-Irġiel fil-Professjonijiet Legali Madwar l-UE") ([8]),

([1]) http://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/bitstream/JRC104594/jrc104594__2017_the_judicial_system_and_economic_development_across_eu_member_states.pdf
([2]) http://www.instituteforlegalreform.com/uploads/sites/1/The_Growth_of_Collective_Redress_in_the_EU_A_Survey_of_Developments_in_10_Member_States_April_2017.pdf
([3]) http://eige.europa.eu/gender-statistics/dgs
([4]) http://www.venice.coe.int/webforms/documents/default.aspx?pdffile=CDL-AD(2016)007-e
([5]) ĠU C 378, 9.11.2017, p. 136.
([6]) Milieu Ltd (2011), 'Comparative study on access to justice in gender equality and anti-discrimination law' ("Studju komparattiv dwar l-aċċess għall-ġustizzja fil-liġi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u kontra d-diskriminazzjoni'), Rapport ta' Sinteżi, DĠ Ġustizzja tal-Kummissjoni Ewropea, Brussell.
([7]) https://wcd.coe.int/ViewDoc.jsp?p=&Ref=CM/Rec(2010)12&Language=lanEnglish&Ver=original&BackColorInternet=C3C3C3&BackColorIntranet=EDB021&BackColorLogged=F5D383&direct=true
([8]) http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2017/596804/IPOL_STU(2017)596804_EN.pdf.

— wara li kkunsidra r-rapporti ta' evalwazzjoni annwali dwar is-sistemi ġudizzjarji Ewropej imfassla mill-Kummissjoni Ewropea għall-Effiċjenza tal-Ġustizzja (CEPEJ) tal-Kunsill tal-Ewropa ([9]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0161/2018),

A. billi sistemi ġudizzjarji indipendenti, effiċjenti u ta' kwalità huma essenzjali għar-rispett tal-istat tad-dritt, il-ġustizzja fi proċedimenti ġudizzjarji u l-fiduċja taċ-ċittadini u tan-negozji fl-ordinament ġuridiku, billi jiżguraw li l-individwi u n-negozji jistgħu jgawdu b'mod sħiħ id-drittijiet tagħhom; billi sistema ġudizzjarja effettiva hija inseparabbli mill-indipendenza ġudizzjarja, u tappoġġa t-tkabbir ekonomiku, tiddefendi d-drittijiet fundamentali u tirfed l-applikazzjoni xierqa tad-dritt tal-Unjoni; billi l-ġustizzja hija valur fiha nnifisha u minnha nnifisha, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-aċċess taċ-ċittadini għall-ġustizzja u r-rispett tad-dritt ta' proċess ġust;

B. billi l-Kummissjoni ppubblikat It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2017, li hija għodda informattiva, komparattiva mhux vinkolanti li fil-prinċipju tivvaluta l-effikaċja, l-indipendenza u l-kwalità tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali, bil-għan li jiġi ddeterminat kwalunkwe nuqqas, jiġu identifikati prattika tajba u progress u jiġu ddefiniti aħjar il-politiki tal-ġustizzja tal-Istati Membri, filwaqt li tiffoka għal dak il-għan fuq il-parametri tas-sistemi ġudizzjarji li jikkontribwixxu għal titjib fil-klima tan-negozju, tal-investiment u tal-konsumatur fl-Unjoni;

C. billi l-ħames Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tanalizza b'mod partikolari, kwistjonijiet relatati mal-aċċess pubbliku għall-proċedimenti ġudizzjarji, l-indipendenza tal-ġudikatura kif meqjus mill-individwi u mis-settur tan-negozju, l-użu attwali tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) fis-sistema ġudizzjarja u l-operat tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali f'oqsma speċifiċi relatati mas-suq uniku u mas-settur tan-negozju, filwaqt li tagħti wkoll ħarsa ġenerali inizjali lejn il-funzjonament tas-sistemi ġudizzjarji kriminali nazzjonali fl-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-UE kontra l-ħasil tal-flus;

D. billi t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2017 ma tippreżentax klassifikazzjoni ġenerali tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali u m'għandhiex il-ħsieb li tpoġġi sistema qabel oħra;

E. billi, min-naħa l-oħra, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja għandha tkun manwal utli li joffri ħarsa ġenerali tal-aħjar prattiki li għandhom jintużaw mill-Istati Membri fil-qasam tal-ġustizzja ċivili, kummerċjali u amministrattiva;

F. billi ħafna data li tirrigwarda ċerti Stati Membri għadha mhijiex disponibbli; billi hemm diskrepanzi fil-kwantità u fil-kontenut speċifiku tad-data pprovduta minn ċerti Stati Membri;

G. billi t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja 2017 tiffoka prinċipalment fuq il-ġustizzja ċivili, kummerċjali u amministrattiva, iżda tippreżenta wkoll ħarsa ġenerali tal-bidu lejn il-funzjonament tas-sistemi nazzjonali meta japplikaw il-leġiżlazzjoni tal-UE ta' kontra l-ħasil tal-flus fil-ġustizzja kriminali;

H. billi dan l-eżerċizzju mhux vinkolanti għandu l-merti li jidentifika xejriet kemm pożittivi kif ukoll negattivi u li joffri forum għat-tagħlim tal-pari u għall-iskambju tal-aqwa prattiki madwar l-Unjoni sabiex jippromwovi u jiggarantixxi l-konformità mal-istat tad-dritt;

I. billi l-għoti ta' informazzjoni dwar is-sistema ġudizzjarja b'mod li jkun faċli għall-utent huwa prerekwiżit għall-aċċess għall-ġustizzja;

J. billi s-sistemi ġudizzjarji għandhom jiġu adattati biex jilqgħu għall-isfidi l-ġodda li qed tħabbat wiċċha magħhom l-UE;

Osservazzjonijiet ġenerali

1. Jissottolinja li l-ġustizzja tafferma l-istat tad-dritt fis-soċjetà u tiżgura d-dritt ta' kulħadd għal proċess ġust minn qorti indipendenti u imparzjali; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li kwalunkwe riforma tal-ġustizzja tiddefendi l-istat tad-dritt u tikkonforma mal-istandards tal-UE dwar l-indipendenza ġudizzjarja; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tkompli timmonitorja r-riformi ġudizzjarji nazzjonali fil-qafas tas-Semestru Ewropew, li jutilizza wkoll informazzjoni mit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE; jistieden barra minn hekk lill-Kummissjoni tiżviluppa kriterji ġodda bil-għan li tivvaluta aħjar il-konformità tas-sistemi ġudizzjarji mal-istat tad-dritt, billi tibbaża ruħha b'mod partikolari fuq il-Lista tal-Kriterji tal-Istat tad-Dritt tal-Kummissjoni ta' Venezja;

([9]) https://www.coe.int/t/dghl/cooperation/cepej/evaluation/default_en.asp

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

2. Jistieden lill-Kummissjoni tiġbor informazzjoni aktar preċiża dwar il-mod kif qed jiġi ttrattat il-ksur tal-istat tad-dritt u t-theddidiet kontra d-drittijiet fundamentali, inklużi l-korruzzjoni, id-diskriminazzjoni u l-ksur kontra l-privatezza, il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza, tar-reliġjon, tal-espressjoni, tal-għaqda u tal-assoċjazzjoni;

3. Ifakkar fit-talba li saret fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2016 dwar mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, u jtenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni li tressaq proposta għall-konklużjoni ta' Patt tal-Unjoni għad-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali (Patt tal-UE għad-DRF); jistieden lill-Kummissjoni tiġbor flimkien ir-rapporti eżistenti, inkluża t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja, sakemm jiġi adottat il-Patt tal-UE għad-DRF);

4. Jieħu nota tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2017 b'interess kbir u jistieden lill-Kummissjoni tkompli tippromwovi aktar dan l-eżerċizzju b'konformità mat-Trattati u b'konsultazzjoni mal-Istati Membri;

5. Jenfasizza li l-ħolqien ta' Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja separata fi kwistjonijiet kriminali se jservi ta' kontribut fundamentali għall-ħolqien ta' fehim komuni tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tal-ġustizzja kriminali fost l-imħallfin u l-prosekuturi, u għaldaqstant isaħħaħ il-fiduċja reċiproka;

6. Jistieden lill-Kummissjoni tqis il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u jidhirlu li l-inklużjoni ta' din il-kwistjoni fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja hija prijorità;

7. Jappoġġja l-għan ta' dan l-iskambju u jenfasizza li sistema ġudizzjarja indipendenti, effiċjenti, ta' kwalità għolja tista' tagħti linnegozji inċentivi biex jiżviluppaw u jinvestu fil-livell nazzjonali u f'dak transfruntier, filwaqt li fl-istess ħin tipproteġi d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini, u tinforza d-drittijiet tal-konsumaturi u tal-ħaddiema, u b'hekk tagħti spinta lill-kontribut ekonomiku tagħhom;

8. Jinnota l-importanza tal-valurireferenzjarji ġudizzjarji għall-fiduċja reċiproka transfruntiera, għall-kooperazzjoni effettiva bejn l-istituzzjonijiet tal-ġustizzja u għall-ħolqien ta' spazju ġudizzjarju komuni u kultura ġudizzjarja Ewropea; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, għalhekk, tkompli tiżviluppa indikaturi konkreti biex tivvaluta, fil-prattika, ir-rispett tal-valuri tal-UE bħalma hu l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet fundamentali;

9. Jemmen li tqabbil bħal dan jeħtieġ li jkun ibbażat fuq kriterji oġġettivi u evidenza li tkun ikkompilata, imqabbla u analizzata b'mod preċiż filwaqt li jitqiesu l-oqfsa kostituzzjonali u legali individwali; jenfasizza kemm hu importanti li tiġi żgurata l-ugwaljanza fit-trattament bejn l-Istati Membri kollha meta jkunu qed jiġu vvalutati b'mod imparzjali s-sistemi ġudizzjarji tagħhom;

10. Jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex tivvaluta, għall-ewwel darba, ċerti aspetti tal-ġustizzja kriminali relatati mal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, u jirrakkomanda li l-Kummissjoni tieħu l-miżuri meħtieġa biex tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jipprovdu data dwar it-tul tal-proċeduri ġudizzjarji f'dan il-qasam, bil-ħsieb tad-dħul fis-seħħ tar-Raba', u aktar 'il quddiem, tal-Ħames Direttiva dwar il-Ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus;

11. Jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex tippreżenta data li tista' titkejjel u biex tislet konklużjonijiet konkreti dwar kif l-Istati Membri tejbu jew għad jistgħu jtejbu l-kwalità u l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji tagħhom, b'mod speċjali fir-rigward tal-istatus u l-ħatra tal-imħallfin, l-indipendenza tagħhom u l-bilanċ bejn is-sessi; jirrimarka li l-lakuna li hemm fid-data kompliet tonqos, b'mod partikolari għall-indikaturi relatati mal-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji; jiddispjaċih, madankollu, li għad hemm każijiet fejn, għalkemm applikabbli jew disponibbli, l-ebda data ma ġiet ipprovduta minn xi Stati Membri għal ċerti kategoriji; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jagħmlu d-data komparabbli u biex jikkollaboraw bis-sħiħ mal-Kummissjoni billi jagħtu d-data mitluba; jenfasizza li l-Istati Membri jeħtiġilhom inaqqsu l-lakuna li hemm fid-data bil-għan li jilħqu l-prijoritajiet tagħhom għal sistemi tal-ġudizzjarji effiċjenti; jistieden lill-Istati Membri jikkooperaw mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea għall-Effikaċja tal-Ġustizzja (CEPEJ) mal-Kummissjoni, speċjalment permezz tal-grupp informali ta' esperti nazzjonali mill-Ministeri u mis-sistemi ġudizzjarji rispettivi, sabiex jimlew il-lakuni li għad fadal fid-data taħt xi kategoriji tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja;

12. Jistieden lill-Istati Membri jeżaminaw mill-qrib ir-riżultati tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2017 u jiddeterminaw x'lezzjonijiet jeħtieġ jitgħallmu minnha u jikkunsidraw jekk għandhomx jiġu adottati miżuri nazzjonali sabiex titranġa kwalunkwe irregolarità li tirrigwarda l-kwalità, l-effiċjenza u l-indipendenza tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali tagħhom;

13. Jinnota li ħafna mill-Istati Membri żammew l-isforzi tagħhom sabiex itejbu l-effettività tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali tagħhom permezz tal-introduzzjoni ta' riformi; jilqa' l-fatt li tħabbar għadd sinifikanti ta' riformi ġodda fir-rigward tal-għajnuna legali, metodi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim (alternative dispute resolution - ADR), l-ispeċjalizzazzjoni tal-qrati u l-mapep ġudizzjarji;

Effiċjenza

14. Jenfasizza l-importanza ta' proċedimenti effiċjenti u f'waqthom skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE; jenfasizza, barra minn hekk, kemm huma importanti li l-proċedimenti jsiru malajr u b'mod effiċjenti fi kwistjonijiet ta' ħarsien tal-konsumatur, drittijiet tal-proprjetà intellettwali u privatezza tad-data; jinnota bi tħassib li tali proċedimenti damu żżejjed f'xi Stati Membri; jindika li l-fatt li jkun hemm għadd kbir ta' każijiet pendenti jista' jwassal ukoll biex iċ-ċittadini u n-negozji jkollhom inqas rieda li jafdaw fis-sistema ġudizzjarja, filwaqt li l-fiduċja hija l-ġebla tax-xewka tar-rispett tal-istat tad-dritt;

15. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jinvestu fl-użu u fl-iżvilupp kontinwu ta' għodod tal-ICT fis-sistemi ġudizzjarji tagħhom, fi sforz biex dawn isiru aktar aċċessibbli, aktar komprensibbli u aktar faċli biex jintużaw miċ-ċittadini kollha tal-UE, b'mod speċjali dawk b'xi forma ta' diżabilità u l-gruppi vulnerabbli, inklużi l-minoranzi nazzjonali u/jew il-migranti; jenfasizza l-benefiċċju li għandhom is-sistemi tal-ICT għall-kooperazzjoni transfruntiera bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri kif ukoll fil-livell nazzjonali fit-tnaqqis tal-ispejjeż għall-partijiet ikkonċernati kollha involuti, kif ukoll f'dawk li huma t-titjib tal-effiċjenza u l-kwalità ġenerali tas-sistemi ġudizzjarji, pereżempju permezz tat-tressiq elettroniku tal-pretensjonijiet, il-possibilità li proċedimenti jiġu monitorjati u mwettqa online u l-komunikazzjoni elettronika bejn il-qrati u l-avukati; jiddispjaċih għall-fatt li s'issa mkien fl-UE kollha għadu ma ntlaħaq il-potenzjal sħiħ tas-sistemi tal-ICT; jilqa' t-trasparenza fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rigward il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-qrati; jenfasizza li d-disponibilità tal-informazzjoni online b'mod li jkun faċli għall-utent tikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex il-ġustizzja tkun aċċessibbli għaċ-ċittadini u n-negozji; jistieden lill-Istati Membri jippubblikaw online id-deċiżjonijiet kollha tal-qrati peress li dan se jgħin liċ-ċittadini u lin-negozji jsiru aktar familjari mas-sistema ġudizzjarja kif ukoll jagħmilha iktar trasparenti; Jinnota barra minn hekk li dan jista' jiffaċilita l-konsistenza tal-ġurisprudenza;

16. Jenfasizza l-ħtieġa li l-ambitu tat-taħriġ offrut lill-imħallfin jiġi intensifikat u diversifikat, għaliex dan huwa wkoll bażi għal sistema ġudizzjarja effiċjenti, indipendenti u imparzjali; jenfasizza b'mod partikolari l-ħtieġa li jingħata taħriġ fl-oqsma tar-rwoli, in-normi u l-istereotipi tas-sessi, l-etika ġudizzjarja, il-ħiliet tal-IT, il-ġestjoni ġudizzjarja, il-medjazzjoni, u l-komunikazzjoni mal-partijiet u mal-istampa; jenfasizza barra minn hekk l-importanza ta' taħriġ adegwat fid-dritt tal-UE u fl-istrutturi ta' kooperazzjoni differenti tal-UE, bħalma hi l-Eurojust; jinnota li oqsma speċifiċi tad-dritt tal-UE, bħalma hi l-leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet tal-awtur u l-privatezza, jistgħu jeħtieġu fehim mhux biss tal-liġi iżda tal-iżviluppi teknoloġiċi wkoll; jinnota li l-ispeċjalizzazzjoni tal-imħallfin u tal-qrati tidher li għandha effett pożittiv fuq l-effiċjenza kif ukoll fuq il-kwalità tas-sistemi ġudizzjarji; jitlob lill-Kummissjoni tkompli teżamina din il-kwistjoni fl-eżerċizzju tas-sena d-dieħla; jissottolinja li huwa meħtieġ taħriġ kontinwu u sistematiku tal-imħallfin u ta' esperti legali oħra sabiex jiġu żgurati l-applikazzjoni koerenti u ta' kwalità għolja tad-dritt tal-Unjoni u l-infurzar effiċjenti tagħha; jistieden lill-Istati Membri jinvestu aktar fl-iżvilupp tat-taħriġ ġudizzjarju u fl-edukazzjoni kontinwa għall-professjonisti fil-qasam tal-ġustizzja, bħalma huma l-imħallfin, inkluż fi Stati Membri oħra, bil-għan li jiġu skambjati l-esperjenzi u l-aħjar prattiki;

17. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE jappoġġjaw l-iżvilupp ulterjuri tal-medjazzjoni fil-livell tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta b'mod sistematiku l-impatti tal-medjazzjoni fis-sistemi ġudizzjarji tal-UE;

Kwalità

18. Jistieden lill-Kummissjoni żżid il-proċeduri ta' rimedju kollettiv mal-eżerċizzju komparattiv tas-sena d-dieħla dwar il-fatturi ta' aċċessibilità tas-sistemi ġudizzjarji, peress li jemmen li l-aċċess għall-ġustizzja u għar-riżoluzzjoni effiċjenti tat-tilwim huwa ta' importanza ewlenija; iqis li dawn il-proċeduri huma għodda mill-akbar sabiex jissaħħaħ il-ħarsien tal-konsumatur, tal-ambjent u tas-saħħa fl-UE kollha kemm hi, f'oqsma fejn għadd kbir ta' rikorrenti huma affettwati direttament; iqis li l-proċeduri ta' rimedju kollettiv jiffaċilitaw l-aċċess taċ-ċittadini għall-ġustizzja u għas-soluzzjoni effiċjenti tat-tilwim u konsegwentement jeliminaw l-ostakli mhux raġonevoli, b'mod partikolari għaċ-ċittadini li jgħixu taħt is-soll tal-faqar jew li jkunu involuti f'każijiet b'dimensjoni transfruntiera;

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

19. Jinnota li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jirrikjedu lill-partijiet iħallsu onorarju tal-qorti meta jkunu qed jagħtu bidu għal proċedimenti legali; jenfasizza li d-disponibilità tal-għajnuna legali u l-livell tal-onorarji tal-qrati għandhom impatt ewlieni fuq l-aċċess għall-ġustizzja, li hu dritt fundamentali fl-UE, b'mod partikolari għaċ-ċittadini li qed jgħixu fil-faqar, u jissottolinja r-rwol tal-għajnuna legali biex jiġi ggarantit li l-partijiet aktar dgħajfa jistgħu jkollhom aċċess għall-ġustizzja b'kundizzjonijiet indaqs; jenfasizza li l-għajnuna legali għall-konsumaturi li jgħixu taħt is-soll tal-faqar tibqa' fattur ta' bbilanċjar essenzjali; jirrimarka li d-diffikultà biex tinkiseb għajnuna legali tista' tkun deterrent mill-akbar fejn l-onorarji tal-qorti u/jew l-onorarji legali jirrappreżentaw sehem sinifikanti tal-valur tal-pretensjoni; iqis li l-għajnuna legali għandha jkollha rabta mas-soll tal-faqar fl-Istati Membri; isostni li l-ispejjeż legali għandhom, b'mod ġenerali, ikomplu jitnaqqsu, pereżempju, billi jsir użu ta' portali elettroniċi nazzjonali tal-ġustizzja elettronika; jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-faċilità tal-użu tal-informazzjoni online għall-utent ħalli jippermettu liċ-ċittadini jsiru jafu jekk ikunux eliġibbli għall-għajnuna legali, inkluża informazzjoni online aċċessibbli għall-persuni b'vista batuta;

20. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi, qabel l-għeluq tal-eżerċizzju tas-sena d-dieħla, indikatur ġdid dwar l-aċċess għall-ġustizzja għal kwalunkwe grupp li jista' possibilment ikun sottoprivileġġjat jew qed isofri diskriminazzjoni, ħalli jiġu identifikati l-ostakli li jista' jkun hemm;

21. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati d-disparitajiet li għadhom jeżistu fil-bilanċ bejn is-sessi u l-lakuni konsiderevoli li għad hemm fil-proporzjonijiet fost l-imħallfin, jiġifieri fil-qrati ta' istanza ogħla / qrati supremi, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE; jinnota, b'dispjaċir, l-iżvilupp negattiv riċenti fil-proporzjon ta' mħallfin professjonali nisa f'xi Stati Membri;

22. Jenfasizza li għad hemm ħafna xi jsir f'dik li hi ugwaljanza bejn is-sessi fil-professjonijiet ġudizzjarji madwar l-Ewropa, b'mod speċjali fl-aċċess għall-maġistratura, f'dawk li huma stereotipi tas-sessi, trasparenza fil-ħatriet, rikonċiljazzjoni bejn ir-responsabilitajiet tax-xogħol u dawk mhux tax-xogħol jew l-eżistenza ta' prattiki ta' gwida minn mentor; jenfasizza d-diskrepanza ċara li hemm bejn il-proporzjon ta' professjonisti nisa fil-livelli aktar baxxi tal-ġudikatura (inklużi uffiċjali mhux ġudizzjarji) u tal-qrati superjuri u tal-prosekuzzjoni; iħeġġeġ lill-Istati Membri jidderieġu l-isforzi tagħhom, b'mod partikolari fil-qasam tal-edukazzjoni għolja, lejn in-nisa li jinsabu fil-professjonijiet ġuridiċi, u jinkoraġġixxu attitudni pożittiva lejn l-imħallfin nisa;

23. Ifakkar fid-Dikjarazzjoni Konġunta tal-2015 tal-Parlament Ewropew u mill-Kunsill ([10]) li tiddikjara li l-Istati Membri għandhom, kemm jista' jkun possibbli u fid-dawl tal-objettiv li tintlaħaq l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa stabbilit fl-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jiżguraw preżenza indaqs ta' nisa u rġiel meta jkunu qed jaħtru kandidati bħala mħallfin fil-Qorti Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea; iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu eżempju tajjeb f'dan ir-rigward;

24. Jenfasizza li, filwaqt li iktar minn nofs l-Istati Membri żiedu n-nefqa tagħhom fuq is-sistema ġudizzjarja għal kull abitant fl-2015, id-determinazzjoni tar-riżorsi finanzjarji għadha fil-biċċa l-kbira msejsa fuq l-ispejjeż storiċi minflok li huma msejsa fuq il-piż tax-xogħol attwali jew fuq l-għadd ta' talbiet tal-qorti;

25. Jilqa' l-użu akbar ta' mekkaniżmi alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, b'mod partikolari dak tal-pjattaforma Ewropea għas-soluzzjoni online għat-tilwim (ODR) għall-konsumaturi u n-negozjanti;

26. Jieħu nota tan-nuqqas ta' data disponibbli fil-qasam tal-kwistjonijiet matrimonjali u l-kwistjonijiet ta' responsabilità tal-ġenituri; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tinkludi tali data fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE meta din issir disponibbli mill-Istati Membri, possibilment bħala objettiv ta' nofs it-terminu li għandu jiddaħħal fis-seħħ wara li jitlesta r-rieżami tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabilità tal-ġenituri;

Indipendenza

27. Jissottolinja li l-indipendenza, il-kwalità u l-effiċjenza huma elementi fundamentali għal sistema ġudizzjarja effettiva, li minnaħa tagħha hija ċentrali għall-istat tad-dritt, għall-ġustizzja tal-proċedimenti ġudizzjarji u għall-fiduċja taċ-ċittadini u tan-negozji fl-ordinament ġuridiku; jenfasizza, barra minn hekk, li l-indipendenza tal-ġudikatura hija parti integrali mid-demokrazija; iqis li sistema ġudizzjarja indipendenti tiddependi, minn naħa, min-nuqqas ta' indħil jew pressjoni mill-gvernijiet u l-politiċi jew minn partijiet b'interessi ekonomiċi speċifiċi u, min-naħa l-oħra, mill-garanziji effettivi pprovduti mill-istatus u l-pożizzjoni tal-imħallfin kif ukoll mis-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom; jenfasizza li trid tiġi żgurata biżżejjed awtonomija sabiex l-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni jiġu protetti minn influwenza politika mhux xierqa; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tinkludi fil-parti tat-Tabella ta' Valutazzjoni taqsima ddedikata għall-istatus tal-prosekuturi pubbliċi u għall-awtonomija tagħhom; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tkompli tivvaluta s-salvagwardji legali għall-indipendenza ġudizzjarja, inkluż b'kooperazzjoni man-netwerks tal-Qrati Supremi u tal-Kunsilli tal-Ġudikatura;

([10]) ĠU C 436, 24.12.2015, p. 1.

28. Jirrimarka l-importanza ta' mekkaniżmi imparzjali, jiġifieri ħielsa mid-diskrezzjoni eżekuttiva arbitrarja, u komprensivi għall-ħatra, l-evalwazzjoni, it-trasferiment jew it-tkeċċija tal-imħallfin;

o

o o

29. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0221

Qamħirrum ġenetikament modifikat GA21 (MON-ØØØ21-9)

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat GA21 (MON-ØØØ21-9) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf ġenetikament modifikat (D056125-02 – 2018/2698(RSP))

(2020/C 76/05)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat GA21 (MON-ØØØ21-9) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (D056125-02),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 11(3) u 23(3) tiegħu,

— wara li kkunsidra l-votazzjoni fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali msemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, tat-23 ta' April 2018, li matulha ma ngħatat ebda opinjoni,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ([2]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni adottata mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel fil-21 ta' Settembru 2017 u ppubblikata fl-24 ta' Ottubru 2017 ([3]),

— wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 182/2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (COM(2017)0085, COD(2017)0035),

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1.
([2]) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.
([3]) https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/10.2903/j.efsa.2017.5006

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu li joġġezzjonaw l-awtorizzazzjoni ta' organiżmi ġenetikament modifikati ([4]),

— wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 106(2) u (3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

---

([4]) — Riżoluzzjoni tas-16 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq għall-kultivazzjoni, skont id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ta' prodott tal-qamħirrum (*Zea mays* L., il-linja 1 507) ġenetikament modifikat għar-reżistenza għal ċerti organiżmi ta' ħsara lepidopterani (ĠU C 482, 23.12.2016, p. 110).
— Riżoluzzjoni tas-16 ta' Diċembru 2015 dwar id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2279 tal-4 ta' Diċembru 2015 li tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom il-qamħirrum ġenetikament modifikat NK603 × T25 (ĠU C 399, 24.11.2017, p. 71).
— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Frar 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti minn, fażola tas-sojja ġenetikament modifikata MON 87705 × MON 89788 (ĠU C 35, 31.1.2018, p. 19).
— Riżoluzzjoni tat-3 ta' Frar 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti minn, fażola tas-sojja modifikata ġenetikament MON 87708 × MON 89788 (ĠU C 35, 31.1.2018, p. 17).
— Riżoluzzjoni tat-3 ta' Frar 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti minn, fażola tas-sojja modifikata ġenetikamenta FG72 (MST-FGØ72-2) (ĠU C 35, 31.1.2018, p. 15).
— Riżoluzzjoni tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat Bt11 × MIR162 × MIR604 × GA21, u qamħirrum ġenetikament modifikat li jgħaqqad tnejn jew tlieta minn dawk l-eventi (ĠU C 86, 6.3.2018, p. 108).
— Riżoluzzjoni tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tqegħid fis-suq ta' qronfla mmodifikata ġenetikament (*Dianthus caryophyllus* L., linja SHD-27531-4) (ĠU C 86, 6.3.2018, p. 111).
— Riżoluzzjoni tas-6 ta' Ottubru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq għall-kultivazzjoni ta' żerriegħa ta' qamħirrum ġenetikament modifikat MON 810 (Testi adottati, P8_TA(2016)0388).
— Riżoluzzjoni tas-6 ta' Ottubru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti ta' qamħirrum ġenetikament modifikat MON 810 (Testi adottati, P8_TA(2016)0389).
— Riżoluzzjoni tas-6 ta' Ottubru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-introduzzjoni fis-suq għall-kultivazzjoni ta' żerriegħa ta' qamħirrum ġenetikament modifikat Bt11 (Testi adottati, P8_TA(2016)0386).
— Riżoluzzjoni tas-6 ta' Ottubru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-introduzzjoni fis-suq għall-kultivazzjoni ta' żerriegħa ta' qamħirrum ġenetikament modifikat 1 507 (Testi adottati, P8_TA(2016)0387).
— Riżoluzzjoni tas-6 ta' Ottubru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew ikunu prodotti minn qoton ġenetikament modifikat 281-24-236 × 3006-210-23 × MON 88913 (Testi adottati, P8_TA(2016)0390).
— Riżoluzzjoni tal-5 ta' April 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat Bt11 × 59122× MIR604 × 1 507 × GA21, u qamħirrum ġenetikament modifikat li jgħaqqad tnejn, tlieta jew erbgħa mill-eventi Bt11, 59122, MIR604, 1 507 u GA21, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf ġenetikament modifikat (Testi adottati, P8_TA(2017)0123).
— Riżoluzzjoni tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat DAS-40278-9, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (Testi adottati, P8_TA(2017)0215).
— Riżoluzzjoni tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew ikunu prodotti minn qoton ġenetikament modifikat GHB119 (BCS-GHØØ5-8) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Testi adottati, P8_TA(2017)0214).
— Riżoluzzjoni tat-13 ta' Settembru 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-fażola tas-sojja ġenetikament modifikata DAS-68416-4, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (Testi adottati, P8_TA(2017)0341).
— Riżoluzzjoni tal-4 ta' Ottubru 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-fażola tas-sojja ġenetikament modifikata FG72 × A5547-127, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (Testi adottati, P8_TA(2017)0377).
— Riżoluzzjoni tal-4 ta' Ottubru 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-fażola tas-sojja ġenetikament modifikata DAS-44406-6, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (Testi adottati, P8_TA(2017)0378).
— Riżoluzzjoni tal-24 ta' Ottubru 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat 1 507 (DAS-Ø15Ø7-1) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (Testi adottati, P8_TA(2017)0396).
— Riżoluzzjoni tal-24 ta' Ottubru 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-fażola tas-sojja ġenetikament modifikata 305 423 x 40-3-2 (DP-3Ø5423-1 × MON-Ø4Ø32-6) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (Testi adottati, P8_TA(2017)0397).
— Riżoluzzjoni tal-24 ta' Ottubru 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-kolza ġenetikament modifikata MON 88302 x Ms8 x Rf3 (MON-883Ø2-9 × ACSB-NØØ5-8× ACS-BNØØ3-6), MON 88302 x Ms8 (MON-883Ø2-9 × ACSBNØØ5-8) u MON 88302 x Rf3 (MON-883Ø2-9 × ACS-BNØØ3-6) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf ġenetikament modifikat (Testi adottati, P8_TA(2017)0398).
— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Marzu 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat 59122 (DAS-59122-7) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (Testi adottati, P8_TA(2018)0051).
— Riżoluzzjoni tal-1 ta' Marzu 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 87427 × MON 89034 × NK603 (MON-87427-7 × MON-89Ø34-3 × MON-ØØ6Ø3-6) u qamħirrum ġenetikament modifikat li jikkombina tnejn mill-eventi MON 87427, MON 89034 u NK603 u li thassar id-Deċiżjoni 2010/420/UE (Testi adottati, P8_TA(2018)0052).
— Riżoluzzjoni tat-3 ta' Mejju 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-pitrava zokkrija ġenetikament modifikata H7-1 (KM-ØØØH71-4) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (Testi adottati, P8_TA(2018)0197).

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

A. billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/280/KE ([5]) awtorizzat it-tqegħid fis-suq ta' ikel u għalf li jkun fihom, ikunu jikkonsistu minn jew li jkunu prodotti minn qamħirrum ġenetikament modifikat GA21 ("Qamħirrum GA21"); billi l-kamp ta' applikazzjoni ta' dik l-awtorizzazzjoni kien ikopri wkoll it-tqegħid fis-suq ta' prodotti oħra għajr l-ikel u l-għalf li fihom il-qamħirrum GA21 jew jikkonsistu minnu għall-istess użu bħal kwalunkwe qamħirrum ieħor, bl-eċċezzjoni tal-kultivazzjoni;

B. billi, qabel id-Deċiżjoni 2008/280/KE, fit-13 ta' Settembru 2007, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) adottat opinjoni favorevoli, skont l-Artikoli 6 u 18 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, li ġiet ippubblikata fit-2 ta' Ottubru 2007 ([6]) ("EFSA 2007");

C. billi, fis-6 ta' Ottubru 2016, Syngenta France SAS ippreżentat lill-Kummissjoni, f'isem Syngenta Crop Protection AG, l-Iżvizzera, applikazzjoni, f'konformità mal-Artikoli 11 u 23 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni msemmija hawn fuq;

D. billi fil-21 ta' Settembru 2017, l-EFSA adottat opinjoni favorevoli, skont l-Artikoli 6 u 18 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, li ġiet ippubblikata fl-24 ta' Ottubru 2017 ([7]) ("EFSA 2017");

E. billi l-qamħirrum GA21 ġie żviluppat biex jipprovdi tolleranza għall-glifosat permezz tal-espressjoni ta' verżjoni modifikata tal-proteina EPSPS;

F. billi l-applikazzjoni tal-erbiċida, f'dan il-każ il-glifosat, hija parti minn prattika agrikola regolari fil-kultivazzjoni ta' pjanti reżistenti għall-erbiċidi u għalhekk jista' jkun mistenni li r-residwi mill-bexx ikunu preżenti fil-ħsad u huma kostitwenti inevitabbli; billi ntwera li l-għelejjel ġenetikament modifikati tolleranti għall-erbiċidi jwasslu għal użu akbar ta' erbiċidi komplementari minn dawk tal-kontropartijiet konvenzjonali tagħhom;

G. billi, bħala konsegwenza, huwa mistenni li l-qamħirrum GA21 ser ikun espost għal dożi kemm ogħla kif ukoll ripetuti ta' glifosat li mhux biss iwasslu għal piż ogħla ta' residwi fil-ħsad iżda jistgħu wkoll jinfluwenzaw il-kompożizzjoni tal-pjanta tal-qamħirrum ġenetikament modifikata u l-karatteristiċi agronomiċi tagħha;

H. billi l-Istati Membri ressqu bosta kummenti kritiċi matul il-perjodu ta' konsultazzjoni ta' tliet xhur, kemm fir-rigward tal-EFSA 2007 ([8]) kif ukoll l-EFSA 2017 ([9]); billi, pereżempju, l-Istati Membri kkritikaw il-fatt li kien hemm bżonn aktar informazzjoni qabel ma setgħu jinsiltu konklużjonijiet fir-rigward tal-valutazzjoni tar-riskju tal-qamħirrum GA21, li ma ngħatatx data li tappoġġa passat ta' użu sikur, li r-rapporti ta' monitoraġġ tal-qamħirrum GA21 matul il-perjodu ta' awtorizzazzjoni kellhom nuqqasijiet fundamentali u li l-approċċ ta' monitoraġġ implimentat ma kienx kompletament konformi mad-Direttiva 2001/18/KE;

I. billi l-Bord tal-EFSA dwar Organiżmi Ġenetikament Modifikati (Bord tal-EFSA dwar l-OĠM) stess qies li tinħtieġ aktar diskussjoni mal-applikanti u l-maniġers tar-riskju dwar l-implimentazzjoni prattika tal-pjanijiet tal-monitoraġġ ambjentali wara t-tqegħid fis-suq għall-pjanti ġenetikament modifikati (ĠM) għall-importazzjoni u l-ipproċessar;

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/280/KE tat-28 ta' Marzu 2008 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, li jikkonsistu minn, jew prodotti mill-qamħirrum GA21 (MON-ØØØ21-9) modifikat ġenetikament skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 87, 29.3.2008, p. 19).

([6]) https://www.efsa.europa.eu/fr/efsajournal/pub/541

([7]) https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/10.2903/j.efsa.2017.5006

([8]) Anness G, Kummenti tal-Istati Membri, http://registerofquestions.efsa.europa.eu/roqFrontend/questionLoader?question=EFSA-Q-2005-226

([9]) Anness G, Kummenti tal-Istati Membri, http://registerofquestions.efsa.europa.eu/roqFrontend/questionDocumentsLoader?question=EFSA-Q-2016-00714

J. billi għad hemm dubji dwar il-karċinoġeniċità tal-glifosat; billi, f'Novembru 2015, l-EFSA kkonkludiet li l-glifosat x'aktarx mhuwiex karċinoġeniku, filwaqt li, f'Marzu 2017, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) ikkonkludiet li l-ebda klassifikazzjoni ma kienet ġustifikata; billi, għall-kuntrarju, fl-2015 l-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa kklassifikat il-glifosat bħala probabbilment karċinoġeniku għall-bnedmin;

K. billi l-Parlament stabbilixxa kumitat speċjali dwar il-proċeduri tal-Unjoni għall-awtorizzazzjoni tal-pestiċidi, li ser jgħin biex jiġi stabbilit jekk kienx hemm konformità mal-istandards xjentifiċi rilevanti tal-Unjoni fil-proċedura ta' valutazzjoni tar-riskju u jekk kienx hemm influwenza mhux dovuta mill-industrija fuq il-konklużjonijiet tal-aġenziji tal-Unjoni dwar il-karċinoġeniċità tal-glifosat;

L. billi, b'mod ġenerali, skont il-bord tal-EFSA dwar il-pestiċidi, ma jistgħux isiru konklużjonijiet dwar is-sikurezza ta' residwi mill-bexx ta' għelejjel ĠM b'formazzjonijiet ta' glifosat ([10]); billi l-addittivi u t-taħlitiet tagħhom użati f'formulazzjonijiet kummerċjali tal-glifosat għall-bexx jistgħu juru tossiċità ogħla mill-ingredjenti attivi waħedhom ([11]);

M. billi l-Unjoni diġà neħħiet mis-suq addittiv tal-glufosinat magħruf bħala "POE tallowamine" minħabba tħassib dwar it-tossiċità tiegħu; billi l-addittivi u t-taħlitiet problematiċi jistgħu, madankollu, jiġu permessi f'pajjiżi fejn huwa kkultivat il-qamħirrum GA21 (l-Arġentina, il-Brażil, il-Kanada, il-Ġappun, il-Paragwaj, il-Filippini, l-Afrika t'Isfel, l-Istati Uniti tal-Amerka, l-Urugwaj u l-Vjetnam);

N. billi informazzjoni dwar il-livelli ta' residwi ta' erbiċidi u l-metaboliti tagħhom hija essenzjali għal valutazzjoni tar-riskju bir-reqqa ta' pjanti ĠM tolleranti għall-erbiċidi; billi r-residwi mill-bexx bl-erbiċidi huma meqjusa barra mill-mandat tal-bord tal-EFSA dwar l-OĠM; billi ma ġewx ivvalutati l-impatti fuq il-qamħirrum GA21 mit-tbexxix bil-glifosat;

O. billi l-Istati Membri mhumiex meħtieġa li jkejlu r-residwi tal-glifosat fuq l-importazzjonijiet tal-qamħirrum sabiex jiżguraw il-konformità mal-livelli massimi ta' residwu bħala parti mill-programm multiannwali tal-Unjoni kkoordinat u ta' kontroll għall-2018, l-2019 u l-2020, skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/660 ([12]), u lanqas m'huma meħtieġa jagħmlu dan għas-snin 2019, 2020 u 2021 ([13]); billi għalhekk mhuwiex magħruf jekk ir-residwi tal-glifosat fuq dan il-qamħirrum GA21 importat humiex konformi mal-limiti massimi ta' residwi tal-Unjoni;

P. billi l-qamħirrum GA21 jiġi kkultivat, fost oħrajn, fl-Arġentina; billi l-impatt devastanti tal-użu tal-glifosat fuq is-saħħa ġie ddokumentat b'mod mifrux; billi l-Unjoni ntrabtet li tilħaq l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli (SDGs) tan-NU, li jinkludu impenn biex jitnaqqas sostanzjalment, sal-2030, l-għadd ta' mwiet u mard minn sustanzi kimiċi perikolużi u mit-tniġġis fl-arja, fl-ilma u fil-ħamrija u mill-kontaminazzjoni (SDG 3, il-mira 3.9) ([14]);

Q. billi l-Unjoni hija impenjata favur il-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp, li għandha l-għan li timminimizza l-kontradizzjonijiet u tibni sinerġiji bejn il-politiki differenti tal-Unjoni, inkluż fl-oqsma tal-kummerċ, l-ambjent u l-agrikoltura, għall-benefiċċju tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, u żżid l-effikaċja tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp;

([10]) Konklużjoni tal-EFSA dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi tas-sustanza attiva glifosat. Il-Ġurnal tal-EFSA 2015, 13 (11):4302, http://onlinelibrary.wiley.com/doi/10.2903/j.efsa.2015.4302/epdf

([11]) https://www.ncbi.nlm.nih.gov/pmc/articles/PMC3955666

([12]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/660 tas-6 ta' April 2017 dwar programm multiannwali tal-Unjoni kkoordinat u ta' kontroll għall-2018, l-2019 u l-2020 biex tiġi żgurata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fi u fuq ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u biex jiġi vvalutat l-esponiment tal-konsumatur għalihom (ĠU L 94, 7.4.2017, p. 12).

([13]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/555 tad-9 ta' April 2018 dwar programm multiannwali tal-Unjoni kkoordinat u ta' kontroll għall-2019, l-2020 u l-2021 biex tiġi żgurata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fi u fuq ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u biex jiġi vvalutat l-esponiment tal-konsumatur għalihom (ĠU L 92, 10.4.2018, p. 6).

([14]) https://sustainabledevelopment.un.org/sdg3

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

R. billi l-EFSA kkonkludiet li bl-eċċezzjoni ta' wieħed, l-użi rappreżentattivi tal-glifosat għall-għelejjel konvenzjonali (jiġifieri għelejjel li mhumiex ĠM) jirrappreżentaw "riskju għall-vertebrati terrestri selvaġġi mhux fil-mira", u identifikat ukoll riskju għoli fuq terminu twil għall-mammiferi għal uħud mill-użi ewlenin għall-għelejjel konvenzjonali ([15]); billi l-ECHA kklassifikat il-glifosat bħala tossiku għall-organiżmi akkwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema; billi l-impatti negattivi tal-użu tal-glifosat fuq il-bijodiversità u fuq l-ambjent huma dokumentati b'mod mifrux; billi, pereżempju, studju tal-Istati Uniti tal-2017 sab korrelazzjoni negattiva bejn l-użu tal-glifosat u l-abbundanza ta' friefet adulti tar-razza Monarch, partikolarment f'żoni fejn hemm konċentrazzjoni ta' agrikoltura ([16]);

S. billi r-riawtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-qamħirrum GA21 ser tkompli toħloq domanda għat-tkabbir tiegħu f'pajjiżi terzi; billi, kif imsemmi hawn fuq, huwa mistenni li dożi ogħla u ripetuti ta' erbiċida ser jintużaw għal pjanti ĠM li jittolleraw l-erbiċida (meta mqabbel ma' pjanti mhux ĠM), peress li dawn ġew iddisinjati speċifikament għal dan l-iskop;

T. billi l-Unjoni hija firmatarja tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika, li jimponi fuq il-partijiet kontraenti tagħha r-responsabbiltà li jiżguraw li l-attivitajiet fil-ġurisdizzjoni tagħhom ma jikkawżawx ħsara lill-ambjent ta' stati oħrajn ([17]); billi d-deċiżjoni dwar jekk jiġix riawtorizzat il-qamħirrum GA21 hija fi ħdan il-ġurisdizzjoni tal-Unjoni;

U. billi l-iżvilupp ta' għelejjel ĠM tolleranti għal diversi erbiċidi selettivi huwa prinċipalment dovut għall-evoluzzjoni mgħaġġla ta' ħaxix ħażin reżistenti għall-glifosat f'pajjiżi li kienu jiddependu ħafna fuq għelejjel ĠM; billi fl-2015, fuq livell globali kien hemm mill-inqas 29 speċi ta' ħaxix ħażin reżistenti għall-glifosat ([18]);

V. billi, b'segwitu ta' votazzjoni fit-23 ta' April 2018, il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali, imsemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, ma ta ebda opinjoni;

W. billi f'diversi okkażjonijiet il-Kummissjoni ddeplorat il-fatt li mindu daħal fis-seħħ ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 hija kellha tadotta deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni mingħajr l-appoġġ tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, u li r-ritorn tad-dossier lill-Kummissjoni għal deċiżjoni finali, li hija verament l-eċċezzjoni għall-proċedura kollha kemm hija, sar in-norma għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-awtorizzazzjonijiet tal-ikel u l-għalf ĠM; billi din il-prattika ġiet ukoll ikkundannata mill-President Juncker bħala mhijiex demokratika ([19]);

X. billi, fit-28 ta' Ottubru 2015, il-Parlament ċaħad fl-ewwel qari ([20]) l-proposta leġiżlattiva tat-22 ta' April 2015 li temenda r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 u talab lill-Kummissjoni tirtiraha u tressaq proposta ġdida;

Y. billi l-premessa 14 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tafferma li jenħtieġ li l-Kummissjoni, kemm jista' jkun, timxi b'tali mod li topponi kwalunkwe pożizzjoni predominanti li tista' tqum fil-kumitat ta' appell kontra l-idoneità ta' att ta' implimentazzjoni, speċjalment meta dak l-att jikkonċerna kwistjonijiet sensittivi bħalma huma s-saħħa tal-konsumatur, is-sikurezza tal-ikel u l-ambjent;

([15]) https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/epdf/10.2903/j.efsa.2015.4302
([16]) https://onlinelibrary.wiley.com/doi/abs/10.1111/ecog.02719
([17]) Artikolu 3, https://www.cbd.int/convention/articles/default.shtml?a=cbd-03
([18]) https://www.ncbi.nlm.nih.gov/pmc/articles/PMC5606642/
([19]) Ara, pereżempju, id-dikjarazzjoni inawgurali fis-sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew inkluża fil-linji gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss (Strasburgu, il-15 ta' Lulju 2014), jew id-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni 2016 (Strasburgu, l-14 ta' Settembru 2016).
([20]) ĠU C 355, 20.10.2017, p. 165.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

Z. billi r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 jiddikjara li ikel jew għalf ġenetikament modifikat ma jridx ikollu effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali jew l-ambjent u li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti tad-dritt tal-Unjoni u fatturi leġittimi oħrajn li jkunu rilevanti għall-kwistjoni li tkun qiegħda tiġi kkunsidrata fl-abbozzar tad-deċiżjoni tagħha għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni;

1. Iqis li l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jmur lil hinn mis-setgħat ta' implimentazzjoni previsti fir-Regolament (KE) Nru 1829/2003;

2. Iqis li l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni mhijiex konsistenti mad-dritt tal-Unjoni billi mhijiex kompatibbli mal-għan tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 li, skont il-prinċipji ġenerali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([21]), huwa li jipprovdi l-bażi biex, fir-rigward ta' ikel u għalf ġenetikament modifikati, jiżgura livell għoli ta' protezzjoni għall-ħajja u s-saħħa tal-bniedem, is-saħħa u l-benesseri tal-annimali, u l-interessi tal-ambjent u tal-konsumaturi, filwaqt li jiżgura l-funzjonament effettiv tas-suq intern;

3. Jitlob lill-Kummissjoni tirtira l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tagħha;

4. Jistieden lill-Kummissjoni tissospendi kwalunkwe deċiżjoni ta' implimentazzjoni rigward l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni ta' OĠM sa ma tiġi riveduta l-proċedura ta' awtorizzazzjoni b'tali mod li tindirizza n-nuqqasijiet tal-proċedura attwali, li wriet li mhix adegwata;

5. Jistieden, b'mod partikolari, lill-Kummissjoni tirrispetta l-impenji tagħha skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika, billi tissospendi l-importazzjonijiet kollha ta' pjanti ĠM li huma tolleranti għall-glifosat;

6. Jistieden lill-Kummissjoni ma tawtorizza l-ebda pjanta ġenetikament modifikata tolleranti għall-erbiċida mingħajr valutazzjoni sħiħa tar-residwi minn bexx b'erbiċidi komplementari u l-formulazzjonijiet kummerċjali tagħhom kif applikati fil-pajjiżi ta' kultivazzjoni;

7. Jistieden lill-Kummissjoni tintegra bis-sħiħ il-valutazzjoni tar-riskju tal-applikazzjoni tal-erbiċidi komplementari u r-residwi tagħhom fil-valutazzjoni tar-riskju tal-pjanti ĠM tolleranti għall-erbiċidi, irrispettivament minn jekk il-pjanta ĠM tkunx maħsuba għall-kultivazzjoni fl-Unjoni jew għall-importazzjoni fl-Unjoni għall-ikel u l-għalf;

8. Itenni l-impenn tiegħu li javvanza bil-ħidma fuq il-proposta tal-Kummissjoni li temenda r-Regolament (UE) Nru 182/2011 sabiex jiżgura li, fost l-oħrajn, jekk il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali ma jagħti l-ebda opinjoni fir-rigward ta' approvazzjonijiet ta' OĠM, sew għall-kultivazzjoni u sew għall-ikel u l-għalf, il-Kummissjoni tirtira l-proposta; jistieden lill-Kunsill imexxi 'l quddiem il-ħidma tiegħu fuq l-istess proposta tal-Kummissjoni bħala kwistjoni ta' urġenza;

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

([21]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0222

Qamħirrum ġenetikament modifikat 1 507 × 59 122 × MON 810 × NK603, u qamħirrum ġenetikament modifikat li jikkombina tnejn jew tlieta mill-eventi uniċi 1 507, 59 122, MON 810 u NK603

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat 1 507 × 59 122 × MON 810 × NK603, u qamħirrum ġenetikament modifikat li jikkombina tnejn jew tlieta mill-eventi uniċi 1 507, 59 122, MON 810 u NK603, u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2009/815/KE, 2010/428/UE u 2010/432/UE skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf ġenetikament modifikat (D056123-02 – 2018/2699(RSP))

(2020/C 76/06)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat 1 507 × 59 122 × MON 810 × NK603, u qamħirrum ġenetikament modifikat li jikkombina tnejn jew tlieta mill-eventi uniċi 1 507, 59 122, MON 810 u NK603, u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2009/815/KE, 2010/428/UE u 2010/432/UE skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament u tal-Kunsill dwar ikel u għalf ġenetikament modifikat (D056123-02),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 7(3) u 19(3) tiegħu,

— wara li kkunsidra l-votazzjoni fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali msemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, tat-23 ta' April 2018, li matulha ma ngħatat ebda opinjoni,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ([2]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni adottata mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel fl-14 ta' Novembru 2017 u ppubblikata fit-28 ta' Novembru 2017 ([3]),

— wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 182/2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (COM(2017)0085, COD(2017)0035),

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1.
([2]) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.
([3]) https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/10.2903/j.efsa.2017.5000

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu li joġġezzjonaw għall-awtorizzazzjoni ta' organiżmi ġenetikament modifikati ([4]),

— wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 106(2) u (3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

---

([4]) — Riżoluzzjoni tas-16 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq għall-kultivazzjoni, skont id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ta' prodott tal-qamħirrum (Zea mays L., il-linja 1 507) ġenetikament modifikat għar-reżistenza għal ċerti organiżmi ta' ħsara lepidopterani (ĠU C 482, 23.12.2016, p. 110).
— Riżoluzzjoni tas-16 ta' Diċembru 2015 dwar id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2279 tal-4 ta' Diċembru 2015 li tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom il-qamħirrum ġenetikament modifikat NK603 × T25 (ĠU C 399, 24.11.2017, p. 71).
— Riżoluzzjoni tat-3 ta' Frar 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti minn, fażola tas-sojja ġenetikament modifikata MON 87705 × MON 89788 (ĠU C 35, 31.1.2018, p. 19).
— Riżoluzzjoni tat-3 ta' Frar 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti minn, fażola tas-sojja ġenetikament modifikata MON 87708 × MON 89788 (ĠU C 35, 31.1.2018, p. 17).
— Riżoluzzjoni tat-3 ta' Frar 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti minn, fażola tas-sojja ġenetikament modifikata FG72 (MST-FGØ72-2) (ĠU C 35, 31.1.2018, p. 15).
— Riżoluzzjoni tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat Bt11 × MIR162 × MIR604 × GA21, u qamħirrum ġenetikament modifikat li jgħaqqad tnejn jew tlieta minn dawk l-eventi (ĠU C 86, 6.3.2018, p. 108).
— Riżoluzzjoni tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tqegħid fis-suq ta' qronfla mmodifikata ġenetikament (*Dianthus caryophyllus* L., linja SHD-27531-4) (ĠU C 86, 6.3.2018, p. 111).
— Riżoluzzjoni tas-6 ta' Ottubru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq għall-kultivazzjoni ta' żerriegħa ta' qamħirrum ġenetikament modifikat MON 810 (Testi adottati, P8_TA(2016)0388).
— Riżoluzzjoni tas-6 ta' Ottubru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti ta' qamħirrum ġenetikament modifikat MON 810 (Testi adottati, P8_TA(2016)0389).
— Riżoluzzjoni tas-6 ta' Ottubru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-introduzzjoni fis-suq għall-kultivazzjoni ta' żerriegħa ta' qamħirrum ġenetikament modifikat Bt11 (Testi adottati, P8_TA(2016)0386).
— Riżoluzzjoni tas-6 ta' Ottubru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-introduzzjoni fis-suq għall-kultivazzjoni ta' żerriegħa ta' qamħirrum ġenetikament modifikat 1 507 (Testi adottati, P8_TA(2016)0387).
— Riżoluzzjoni tas-6 ta' Ottubru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew ikunu prodotti minn qoton ġenetikament modifikat 281-24-236 × 3006-210-23 × MON 88913 (Testi adottati, P8_TA(2016)0390).
— Riżoluzzjoni tal-5 ta' April 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat Bt11 × 59 122 × MIR604 × 1 507 × GA21, u qamħirrum ġenetikament modifikat li jgħaqqad tnejn, tlieta jew erbgħa mill-eventi Bt11, 59 122, MIR604, 1 507 u GA21, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf ġenetikament modifikat (Testi adottati, P8_TA(2017)0123).
— Riżoluzzjoni tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat DAS-40278-9, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (Testi adottati, P8_TA(2017)0215).
— Riżoluzzjoni tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew ikunu prodotti minn qoton ġenetikament modifikat GHB119 (BCS-GHØØ5-8) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Testi adottati, P8_TA(2017)0214).
— Riżoluzzjoni tat-13 ta' Settembru 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-fażola tas-sojja ġenetikament modifikata DAS-68416-4, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (Testi adottati, P8_TA(2017)0341).
— Riżoluzzjoni tal-4 ta' Ottubru 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-fażola tas-sojja ġenetikament modifikata FG72 × A5547-127, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (Testi adottati, P8_TA(2017)0377).
— Riżoluzzjoni tal-4 ta' Ottubru 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-fażola tas-sojja ġenetikament modifikata DAS-44406-6, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (Testi adottati, P8_TA(2017)0378).
— Riżoluzzjoni tal-24 ta' Ottubru 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat 1 507 (DAS-Ø15Ø7-1) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (Testi adottati, P8_TA(2017)0396).
— Riżoluzzjoni tal-24 ta' Ottubru 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-fażola tas-sojja ġenetikament modifikata 305 423 × 40-3-2 (DP-3Ø5423-1 × MON-Ø4Ø32-6) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (Testi adottati, P8_TA(2017)0397).
— Riżoluzzjoni tal-24 ta' Ottubru 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-kolza ġenetikament modifikata MON 88302 × Ms8 × Rf3 (MON-883Ø2-9 × ACSB-NØØ5-8× ACS-BNØØ3-6), MON 88302 × Ms8 (MON-883Ø2-9 × ACSBNØØ5-8) u MON 88302 × Rf3 (MON-883Ø2-9 × ACS-BNØØ3-6) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf ġenetikament modifikat (Testi adottati, P8_TA(2017)0398).
— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Marzu 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat 59 122 (DAS-59 122-7) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (Testi adottati, P8_TA(2018)0051).
— Riżoluzzjoni tal-1 ta' Marzu 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 87427 × MON 89034 × NK603 (MON-87427-7 × MON-89Ø34-3 × MON-ØØ6Ø3-6) u qamħirrum ġenetikament modifikat li jikkombina tnejn mill-eventi MON 87427, MON 89034 u NK603 u li thassar id-Deċiżjoni 2010/420/UE (Testi adottati, P8_TA(2018)0052).
— Riżoluzzjoni tat-3 ta' Mejju 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-pitrava zokkrija ġenetikament modifikata H7-1 (KM-ØØØH71-4) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (Testi adottati, P8_TA(2018)0197).

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

A. billi fit-3 ta' Frar 2011, Pioneer Overseas Corporation, f'isem Pioneer Hi-Bred International Inc., tal-Istati Uniti tal-Amerka, ressqet applikazzjoni għat-tqegħid fis-suq ta' ikel, ingredjenti tal-ikel u għalf li fihom, jikkonsistu minn jew prodotti minn qamħirrum ġenetikament modifikat 1 507 × 59 122 × MON 810 × NK603 (minn hawn 'il quddiem "l-applikazzjoni") lill-awtorità nazzjonali kompetenti tan-Netherlands bi qbil mal-Artikoli 5 u 17 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003; billi l-applikazzjoni kopriet wkoll it-tqegħid fis-suq tal-prodotti li jikkonsistu jew li fihom qamħirrum ġenetikament modifikat 1 507 × 59 122 × MON 810 × NK603 ("il-qamħirrum ĠM") għal użi oħra għajr għall-ikel u għall-għalf, bl-eċċezzjoni tal-kultivazzjoni;

B. billi l-applikazzjoni kienet tkopri għaxar sottokombinazzjonijiet tal-eventi ta' trasformazzjoni uniċi li jikkostitwixxu l-qamħirrum ĠM, li minnhom ħamsa kienu diġà ġew awtorizzati; billi tmienja minn dawk is-sottokombinazzjonijiet huma rregolati mill-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni; billi s-sottokombinazzjonijiet 1 507 × NK603 × MON 810 × NK603 diġà ġew awtorizzati b'deċiżjonijiet differenti tal-Kummissjoni;

C. billi fl-14 ta' Novembru 2017, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) adottat opinjoni favorevoli f'konformità mal-Artikoli 6 u 18 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, li ġiet ippubblikata fit-28 ta' Novembru 2017 ([5]);

D. billi l-qamħirrum ĠM huwa dderivat bit-taħlit ta' erba' eventi ta' qamħirrum ġenetikament modifikat: l-event 1 507 jipproduċi l-proteina insettiċida Cr1F u huwa reżistenti għall-erbiċida glufosinat; l-event 59 122 jipproduċi l-proteini insettiċidi Cry34Ab1 u Cry35Ab1 u huwa wkoll reżistenti għall-erbiċida glufosinat; l-event MON810 jipproduċi l-proteina insettiċida Cr1Ab; l-event NK603 jipproduċi żewġ enzimi li jikkawżaw reżistenza għall-erbiċida glifosat;

E. billi l-applikazzjoni tal-erbiċidi komplementari, f'dan il-każ tal-glifosat u tal-glufosinat, hija parti minn prattika agrikola regolari fil-kultivazzjoni ta' pjanti reżistenti għall-erbiċidi u għalhekk jista' jkun mistenni li r-residwi mill-bexx ikunu preżenti fil-ħsad u huma kostitwenti inevitabbli; billi ntwera li l-għelejjel ġenetikament modifikati tolleranti għall-erbiċidi jwasslu għal użu akbar ta' erbiċidi komplementari mill-kontropartijiet konvenzjonali tagħhom;

F. billi, b'konsegwenza, għandu jkun mistenni li l-qamħirrum ĠM ser ikun espost għal dożi kemm ogħla kif ukoll ripetuti ta' glifosat u glufosinat, li mhux biss iwasslu għal piż ogħla ta' residwi fil-ħsad iżda jistgħu wkoll jinfluwenzaw il-kompożizzjoni tal-pjanta tal-qamħirrum ĠM u l-karatteristiċi agronomiċi tagħha;

G. billi studju indipendenti kkonkluda li l-valutazzjoni tar-riskju tal-EFSA m'għandhiex tiġi aċċettata minħabba li, fost l-oħrajn, l-EFSA ma talbet ebda data empirika dwar tossiċità u l-impatt fuq is-sistema immunitarja, l-effetti kombinatorji, filwaqt li l-konsegwenzi tal-bexx ta' dożi ogħla tal-erbiċidi komplementari ġew injorati, il-valutazzjoni tar-riskju ambjentali kienet inaċċettabbli u kienet ibbażata fuq suppożizzjonijiet żbaljati, u ma kienet prevista ebda sistema biex twettaq monitoraġġ speċifiku għal kull każ ta' tixrid u tal-effetti potenzjali fuq is-saħħa ([6]);

H. billi ebda data sperimentali ma ġiet ipprovduta mill-applikant għal subkombinazzjoni ta' event ta' trasformazzjoni multiplu li bħalissa mhijiex awtorizzata (59 122 × MON810 × NK603); billi l-awtorizzazzjoni ta' event ta' trasformazzjoni multiplu m'għandhiex titqies mingħajr valutazzjoni profonda tad-data sperimentali għal kull sottokombinazzjoni;

I. billi l-glufosinat huwa klassifikat bħala sustanza tossika għar-riproduzzjoni u għalhekk jaqa' taħt il-kriterji ta' esklużjoni stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]); billi l-approvazzjoni għall-użu tal-glufosinat fl-Unjoni tiskadi fil-31 ta' Lulju 2018 ([8]);

([5]) https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/10.2903/j.efsa.2017.5000
([6]) https://www.testbiotech.org/node/2130
([7]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.
([8]) Punt 7 tal-Anness għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/404 (ĠU L 67, 12.3.2015, p. 6).

J. billi għad hemm dubji dwar il-karċinoġeniċità tal-glifosat; billi, f'Novembru 2015, l-EFSA kkonkludiet li l-glifosat x'aktarx mhuwiex karċinoġeniku, filwaqt li, f'Marzu 2017, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) ikkonkludiet li ebda klassifikazzjoni ma kienet ġustifikata; billi, għall-kuntrarju, fl-2015 l-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa kklassifikat il-glifosat bħala probabbilment karċinoġeniku għall-bnedmin;

K. billi, b'mod ġenerali, skont il-bord tal-EFSA dwar il-pestiċidi, ma jistgħux isiru konklużjonijiet dwar is-sikurezza ta' residwi mill-bexx ta' għelejjel ĠM b'formazzjonijiet ta' glifosat ([9]); billi l-addittivi u t-taħlitiet tagħhom użati f'formulazzjonijiet kummerċjali tal-glifosat għall-bexx jistgħu juru tossiċità ogħla minn ingredjenti attivi waħedhom ([10]);

L. billi l-Unjoni diġà neħħiet mis-suq addittiv tal-glufosinat magħruf bħala "POE tallowamine" minħabba tħassib dwar it-tossiċità tiegħu; billi addittivi u taħlitiet problematiċi jistgħu, madankollu, xorta waħda jiġu permessi f'pajjiżi fejn jiġi kkultivat il-qamħirrum ĠM (il-Kanada u l-Ġappun);

M. billi informazzjoni dwar il-livelli ta' residwi ta' erbiċidi u l-metaboliti tagħhom hija essenzjali għal valutazzjoni tar-riskju bir-reqqa ta' pjanti ĠM tolleranti għall-erbiċidi; billi r-residwi mill-bexx bl-erbiċidi huma meqjusa barra mill-mandat tal-bord tal-EFSA dwar l OĠM; billi l-impatti tal-bexx tal-qamħirrum ĠM bl-erbiċidi ma ġewx ivvalutati, u lanqas ma ġie vvalutat l-effett kumulattiv tal-bexx bil-glifosat u bil-glufosinat;

N. billi l-Istati Membri mhumiex meħtieġa li jkejlu r-residwi tal-glifosat jew tal-glufosinat fuq l-importazzjonijiet tal-qamħirrum sabiex jiżguraw il-konformità mal-livelli massimi ta' residwu bħala parti mill-programm multiannwali tal-Unjoni kkoordinat u ta' kontroll għall-2018, l-2019 u l-2020, skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/660 ([11]), u lanqas m'huma meħtieġa jagħmlu dan għas-snin 2019, 2020 u 2021 ([12]); billi għalhekk mhuwiex magħruf jekk ir-residwi tal-glifosat jew tal-glufosinat fuq dan il-qamħirrum ĠM importat humiex konformi mal-limiti massimi ta' residwi tal-UE;

O. billi l-proċeduri ta' event ta' trasformazzjoni multiplu jipproduċi erba' tossini insettiċidali (Cry1F u Cry1Ab, immirati għall-insetti lepidoptera, u Cry34Ab1 u Cry35Ab1, immirati għall-coleptera); billi studju xjentifiku fl-2017 dwar l-impatti possibbli fuq is-saħħa ta' tossini Bt u residwi minn bexx b'erbiċidi komplementari kkonkluda li għandha tingħata attenzjoni speċifika għar-residwi tal-erbiċidi u l-interazzjoni tagħhom ma' tossini Bt ([13]); billi dan ma ġiex investigat mill-EFSA;

P. billi l-EFSA kkonkludiet li bl-eċċezzjoni ta' wieħed, l-użi rappreżentattivi tal-glifosat għall-għelejjel konvenzjonali (jiġifieri għelejjel mhux ĠM) jirrappreżentaw "riskju għall-vertebrati terrestri selvaġġi mhux fil-mira", u identifikat ukoll riskju għoli fuq terminu twil għall-mammiferi għal uħud mill-użi ewlenin għall-għelejjel konvenzjonali ([14]); billi l-ECHA kklassifikat il-glifosat bħala tossiku għall-organiżmi akkwatiċi b'mod li jħalli effetti dejjiema; billi l-impatti negattivi tal-użu tal-glifosat fuq il-bijodiversità u fuq l-ambjent huma dokumentati b'mod wiesa'; billi, pereżempju, studju tal-Istati Uniti tal-2017 sab korrelazzjoni negattiva bejn l-użu tal-glifosat u l-abbundanza ta' friefet adulti tar-razza Monarch, partikolarment f'żoni fejn hemm konċentrazzjoni ta' agrikoltura ([15]);

Q. billi l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq tal-qamħirrum ĠM ser iżżid id-domanda għat-tkabbir tiegħu f'pajjiżi terzi; billi, kif imsemmi hawn fuq, dożi ogħla u ripetuti ta' erbiċida jintużaw għal pjanti ĠM li jittolleraw l-erbiċida (meta mqabbel ma' pjanti mhux ĠM), peress li dawn ġew iddisinjati speċifikament għal dan l-iskop;

([9]) Konklużjoni tal-EFSA dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi tas-sustanza attiva glifosat. Il-Ġurnal tal-EFSA 2015, 13 (11):4302, http://onlinelibrary.wiley.com/doi/10.2903/j.efsa.2015.4302/epdf

([10]) https://www.ncbi.nlm.nih.gov/pmc/articles/PMC3955666

([11]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/660 tas-6 ta' April 2017 dwar programm multiannwali tal-Unjoni kkoordinat u ta' kontroll għall-2018, l-2019 u l-2020 biex tiġi żgurata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fi u fuq ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u biex jiġi vvalutat l-esponiment tal-konsumatur għalihom (ĠU L 94, 7.4.2017, p. 12).

([12]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/555 tad-9 ta' April 2018 dwar programm multiannwali tal-Unjoni kkoordinat u ta' kontroll għall-2019, l-2020 u l-2021 biex tiġi żgurata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fi u fuq ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali u biex jiġi vvalutat l-esponiment tal-konsumatur għalihom (ĠU L 92, 10.4.2018, p. 6).

([13]) https://www.ncbi.nlm.nih.gov/pmc/articles/PMC5236067/

([14]) https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/epdf/10.2903/j.efsa.2015.4302

([15]) https://onlinelibrary.wiley.com/doi/abs/10.1111/ecog.02719

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

R. billi l-Unjoni hija firmatarja tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika, li jimponi fuq il-partijiet kontraenti tagħha r-responsabbiltà li jiżguraw li l-attivitajiet fil-ġurisdizzjoni tagħhom ma jikkawżawx ħsara lill-ambjent ta' stati oħrajn ([16]); billi d-deċiżjoni dwar jekk tiġix imġedda l-awtorizzazzjoni għall-qamħirrum ĠM hija fi ħdan il-ġurisdizzjoni tal-Unjoni;

S. billi l-iżvilupp ta' għelejjel ĠM tolleranti għal diversi erbiċidi selettivi huwa prinċipalment dovut għall-evoluzzjoni mgħaġġla ta' ħaxix ħażin reżistenti għall-glifosat f'pajjiżi li kienu jiddependu ħafna fuq għelejjel ĠM; billi fl-2015, fuq livell globali kien hemm mill-inqas 29 speċi ta' ħaxix ħażin reżistenti għall-glifosat ([17]);

T. billi, b'segwitu ta ' votazzjoni fit-23 ta' April 2018, il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali, imsemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, ma ta ebda opinjoni;

U. billi f'diversi okkażjonijiet il-Kummissjoni ddeplorat il-fatt li mindu daħal fis-seħħ ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 hija kellha tadotta deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni mingħajr l-appoġġ tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, u li r-ritorn tad-dossier lill-Kummissjoni għal deċiżjoni finali, li hija verament l-eċċezzjoni għall-proċedura kollha kemm hija, sar in-norma għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-awtorizzazzjonijiet tal-ikel u l-għalf ĠM; billi din il-prattika ġiet ukoll ikkundannata mill-President Juncker bħala mhijiex demokratika ([18]);

V. billi, fit-28 ta' Ottubru 2015, il-Parlament ċaħad fl-ewwel qari ([19]) l-proposta leġiżlattiva tat-22 ta' April 2015 li temenda r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 u talab lill-Kummissjoni tirtiraha u tressaq proposta ġdida;

W. billi l-premessa 14 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tafferma li jenħtieġ li l-Kummissjoni, kemm jista' jkun, timxi b'tali mod li topponi kwalunkwe pożizzjoni predominanti li tista' tqum fil-kumitat ta' appell kontra l-idoneità ta' att ta' implimentazzjoni, speċjalment meta dak l-att jikkonċerna kwistjonijiet sensittivi bħalma huma s-saħħa tal-konsumatur, is-sikurezza tal-ikel u l-ambjent;

X. billi r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 jiddikjara li ikel jew għalf ġenetikament modifikat ma jridx ikollu effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali jew l-ambjent u li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti tad-dritt tal-Unjoni u fatturi leġittimi oħrajn li jkunu rilevanti għall-kwistjoni li tkun qiegħda tiġi kkunsidrata fl-abbozzar tad-deċiżjoni tagħha għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni;

1. Iqis li l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jmur lil hinn mis-setgħat ta' implimentazzjoni previsti fir-Regolament (KE) Nru 1829/2003;

2. Iqis li l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni mhijiex konsistenti mad-dritt tal-Unjoni billi mhijiex kompatibbli mal-għan tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 li, skont il-prinċipji ġenerali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([20]), huwa li jipprovdi l-bażi biex, fir-rigward ta' ikel u għalf ġenetikament modifikati, jiżgura livell għoli ta' protezzjoni għall-ħajja u s-saħħa tal-bniedem, is-saħħa u l-benesseri tal-annimali, u l-interessi tal-ambjent u tal-konsumaturi, filwaqt li jiżgura l-funzjonament effettiv tas-suq intern;

3. Jitlob lill-Kummissjoni tirtira l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tagħha;

4. Jistieden lill-Kummissjoni tissospendi kwalunkwe deċiżjoni ta' implimentazzjoni rigward l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni ta' OĠM sa ma tiġi riveduta l-proċedura ta' awtorizzazzjoni b'tali mod li tindirizza n-nuqqasijiet tal-proċedura attwali, li wriet li mhix adegwata;

5. Jistieden, b'mod partikolari, lill-Kummissjoni tirrispetta l-impenji tagħha skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika, billi tissospendi l-importazzjonijiet kollha ta' pjanti ĠM li huma tolleranti għall-glifosat;

([16]) Artikolu 3, https://www.cbd.int/convention/articles/default.shtml?a=cbd-03
([17]) https://www.ncbi.nlm.nih.gov/pmc/articles/PMC5606642/
([18]) Ara, pereżempju, id-dikjarazzjoni inawgurali fis-sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew inkluża fil-linji gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss (Strasburgu, il-15 ta' Lulju 2014), jew id-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni 2016 (Strasburgu, l-14 ta' Settembru 2016).
([19]) ĠU C 355, 20.10.2017, p. 165.
([20]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

6. Jistieden, b'mod partikolari, lill-Kummissjoni ma tawtorizzax l-importazzjoni ta' kwalunkwe pjanta ġenetikament modifikata għall-użi bħala ikel jew għalf li tkun ġiet magħmula tolleranti għal erbiċida li ma jkunx awtorizzat għal użu fl-Unjoni (f'dan il-każ il-glufosinat, li l-awtorizzazzjoni għalih tiskadi fil-31 ta' Lulju 2018);

7. Jistieden lill-Kummissjoni ma tawtorizza ebda pjanta ĠM tolleranti għall-erbiċida mingħajr valutazzjoni sħiħa tar-residwi minn bexx b'erbiċidi komplementari u l-formulazzjonijiet kummerċjali tagħhom kif applikati fil-pajjiżi ta' kultivazzjoni;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tintegra bis-sħiħ il-valutazzjoni tar-riskju tal-applikazzjoni tal-erbiċidi komplementari u r-residwi tagħhom fil-valutazzjoni tar-riskju tal-pjanti ĠM tolleranti għall-erbiċidi, irrispettivament minn jekk il-pjanta ĠM tkunx maħsuba għall-kultivazzjoni fl-Unjoni jew għall-importazzjoni fl-Unjoni għall-ikel u l-għalf;

9. Itenni l-impenn tiegħu li javvanza bil-ħidma fuq il-proposta tal-Kummissjoni li temenda r-Regolament (UE) Nru 182/2011 sabiex jiżgura li, fost l-oħrajn, jekk il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali ma jagħti ebda opinjoni fir-rigward ta' approvazzjonijiet ta' OĠM, sew għall-kultivazzjoni u sew għall-ikel u l-għalf, il-Kummissjoni tirtira l-proposta; jistieden lill-Kunsill imexxi 'l quddiem il-ħidma tiegħu fuq l-istess proposta tal-Kummissjoni bħala kwistjoni ta' urġenza;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0223

Konformità tal-prodotti tas-sajd mal-kriterji ta' aċċess għas-suq tal-UE

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kontroll għall-istabbiliment tal-konformità tal-prodotti tas-sajd mal-kriterji ta' aċċess għas-suq tal-UE (2017/2129(INI))

(2020/C 76/07)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE ([1]),

— wara li kkunsidra r-reġim ta' kontroll tal-politika komuni tas-sajd (PKS), li jinkludi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ([2]) u (KE) Nru 1005/2008 ([3]), u r-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 ([5]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman ([6]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1026/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ċerti miżuri għall-iskop tal-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut fir-rigward ta' pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli ([7]),

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 19/2017 tal-Qorti tal-Awdituri ta' Diċembru 2017 bit-titolu "Proċeduri ta' importazzjoni: xi nuqqasijiet fil-qafas legali u implimentazzjoni ineffettiva għandhom impatt fuq l-interessi finanzjarji tal-UE",

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' April 2017 dwar il-ġestjoni tal-flotot tas-sajd fir-Reġjuni Ultraperiferiċi ([8]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 1(1)(e) u l-Anness 3 tad-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-12 ta' Diċembru 2002 dwar il-proċedura tal-għoti ta' awtorizzazzjoni għat-tfassil tar-rapporti fuq inizjattiva proprja,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A8-0156/2018),

A. billi l-UE hija l-akbar suq tad-dinja għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, hekk kif fl-2016 assorbiet 24 % tal-importazzjonijiet globali totali, u tiddependi fuq l-importazzjonijiet għal aktar minn 60 % tal-konsum tagħha ta' tali prodotti;

([1]) ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.
([2]) ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006. (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.)
([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999; (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.)
([4]) Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008; (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81.)
([5]) ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1.
([6]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206.
([7]) ĠU L 316, 14.11.2012, p. 34.
([8]) Testi adottati, P8_TA(2017)0195.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

B. billi fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju 2010 dwar is-sistema ta' importazzjoni fl-UE ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura ([9]), il-Parlament enfasizza li wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-politika tal-UE dwar l-importazzjonijiet tas-sajd u tal-akkwakultura jrid ikun li jiġi żgurat li l-prodotti importati jissodisfaw ir-rekwiżiti li japplikaw għall-produzzjoni tal-UE f'kull aspett, u li l-UE timpenja ruħha biex tagħmel is-sajd sostenibbli fejn dan huwa inkompatibbli mal-prodotti importati minn pajjiżi li jistadu mingħajr ma jqisu s-sostenibbiltà;

C. billi l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2015 bit-titolu "Kummerċ għal Kulħadd: Lejn politika aktar responsabbli għall-kummerċ u l-investiment" (COM(2015)0497) timpenja lill-UE lejn politika aktar responsabbli tal-kummerċ bħala strument għall-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli;

D. billi l-Istati Membri huma responsabbli biex jivverifikaw li l-ħut mingħand il-produtturi tal-UE jissodisfa l-istandards sanitarji tal-UE, filwaqt li, fir-rigward tal-ħut importat, il-Kummissjoni tawtorizza lil pajjiżi terzi biex jidentifikaw stabbilimenti permessi li jesportaw prodotti tal-ħut lejn l-UE, diment li dawn ikunu jistgħu jiggarantixxu standards ekwivalenti;

E. billi r-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE, fil-Karibew, l-Oċean Indjan u l-Oċean Atlantiku, huma l-ġirien ta' pajjiżi terzi li l-kundizzjonijiet tas-sajd, tal-produzzjoni u tal-kummerċjalizzazzjoni tagħhom mhux dejjem jilħqu l-istandards Ewropej, u dan jirriżulta f'kummerċ inġust fil-konfront tal-produzzjoni lokali;

F. billi hemm diversi strumenti internazzjonali li jikkonċernaw is-sajjieda li għandhom jiġu ratifikati u implimentati, bħall-Konvenzjoni Nru 188 dwar ix-xogħol fis-sajd tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO C188), il-Ftehim ta' Cape Town tal-2012 tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) u l-Konvenzjoni Internazzjoni tal-IMO dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Persunal tal-Bastimenti tas-Sajd (STCW-F);

G. billi l-konklużjonijiet tal-Opinjoni Xjentifika Nru 3/2017 tad-29 ta' Novembru 2017 bit-titlu "Food from the Oceans (Ikel mill-Oċeani) jirrakkomandaw l-integrazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fil-politiki kollha tal-Unjoni u l-applikazzjoni tal-istess approċċ f'areni internazzjonali oħra u fl-appoġġ ta' reġjuni oħra tad-dinja, sabiex jinstab bilanċ bejn l-għanijiet ekonomiċi u ekoloġiċi li jinvolvu l-produzzjoni tal-ikel u l-ambjent marittimu;

1. Jinnota li sabiex iqiegħdu l-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura fis-suq, l-operaturi tal-UE jeħtiġilhom jikkonformaw ma' firxa wiesgħa ta' regolamenti u jissodisfaw kriterji stretti, inklużi r-regoli tal-PKS kif ukoll l-istandards sanitarji, tax-xogħol, tas-sikurezza tal-bastimenti u tal-ambjent, li kollha huma mirfuda b'reġimi biex tiġi żgurata l-konformità; jinsab konvint li dawn jingħaqdu flimkien biex joħolqu standards għolja li jikkonċernaw il-kwalità u s-sostenibbiltà tal-prodott li l-konsumaturi tal-UE jistennew b'mod leġittimu;

2. Iqis li l-konformità tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura minn pajjiżi terzi mal-istandards tal-UE dwar is-sostenibbiltà ambjentali u soċjali tippromwovi s-sostenibbiltà f'dawk il-pajjiżi terzi u tgħin biex tinħoloq kompetizzjoni aktar ġusta bejn il-prodotti tal-UE u l-prodotti minn pajjiżi terzi;

3. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-importazzjonijiet ta' tali prodotti huma soġġetti għal inqas kontrolli, filwaqt li l-kontrolli primarji huma standards sanitarji u r-Regolament dwar is-Sajd Illegali, Mhux Irrappurtat u Mhux Irregolat (IUU) ([10]), li dan tal-aħħar tfassal unikament bl-għan li jiżgura li l-prodott inqabad f'konformità mar-regoli applikabbli;

4. Jenfasizza li sabiex ikun żgurat trattament ekwu għall-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura Ewropea, li għandu jkun għan ewlieni tal-politika tas-sajd tal-UE, l-UE għandha tesiġi li l-prodotti importati kollha jikkonformaw mal-istandards tal-UE tal-konservazzjoni u tal-ġestjoni, kif ukoll ir-rekwiżiti tal-iġjene imposti mil-leġiżlazzjoni tal-UE; jinnota li dan jgħin biex tinħoloq il-kompetizzjoni aktar ġusta u jgħolli l-istandards għall-isfruttament tar-riżorsi tal-baħar fil-pajjiżi terzi;

5. Iqis li l-isforzi tal-UE biex tikkonserva l-istokkijiet tal-ħut u biex tagħmel is-sajd sostenibbli, imwettqa permezz (tal-PKS), huma inkompatibbli mal-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura minn pajjiżi li qed iżidu l-isforzi tas-sajd tagħhom mingħajr ma jinteressaw ruħhom fis-sostenibbiltà u huma interessati biss fil-profitti fuq medda ta' żmien qasira;

([9]) ĠU C 351E, 2.12.2011, p. 119.
([10]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

6. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li r-regoli differenti għat-tqegħid tal-ħut fis-suq joħolqu suq diskriminatorju li jolqot ħażin lis-sajjieda u lil dawk li jrabbu l-ħut fl-UE, u għal din ir-raġuni jemmen li l-kontrolli fuq il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura għandhom jiżdiedu u jittejbu;

7. Iqis li l-applikazzjoni tar-Regolament ta' Kontroll ([11]) għandha tissaħħaħ fl-Istati Membri kollha, sabiex tkun applikata b'mod omoġenu u armonizzat fl-istadji kollha tal-katina tal-provvista, inkluż il-bejgħ bl-imnut u s-servizzi tar-ristoranti, u kemm għall-prodotti tal-UE kif ukoll għall-prodotti importati; jinnota li dan japplika wkoll għad-dispożizzjonijiet tat-tikkettar;

Standards sanitarji

8. Jinsab imħasseb li s-sistema imposta mill-Unjoni u użata mill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi għall-verifika tal-kriterji sanitarji għal prodotti tas-sajd esportati lejn l-UE ma tipprovdix biżżejjed garanziji li dawn il-kriterji jiġu osservati dejjem;

9. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi aktar taħriġ, assistenza teknika u faċilitajiet għall-bini tal-kapaċità istituzzjonali sabiex tgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw jikkonformaw mar-regoli tal-UE; iħeġġeġ inizjattivi bħall-Programm għat-Taħriġ Imtejjeb għal Iżjed Sikurezza fl-Ikel, immexxi mid-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari (DĠ SANTE), li jipprovdi sessjonijiet ta' taħriġ għall-persunal inkarigat mill-kontrolli uffiċjali mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw dwar l-istandards tal-UE għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;

10. Jisħaq fuq l-importanza tal-applikazzjoni rigoruża tal-aspetti kollha tal-leġiżlazzjoni tal-UE relatati mal-istandards u l-ispezzjonijiet sanitarji (fosthom is-sikurezza tal-ikel, it-traċċabbiltà u l-prevenzjoni), li huma aspetti kruċjali għall-ħarsien tal-konsumatur, għall-importazzjonijiet tas-sajd u tal-akkwakultura, inkluż l-għalf u l-materjal tal-għalf; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, biex issaħħaħ il-programm tagħha ta' spezzjonijiet ta' pajjiżi terzi billi ttejjeb il-ħidma tal-missjonijiet tal-Uffiċċji tal-Ikel u Veterinarji, prinċipalment billi żżid l-għadd ta' stabbilimenti spezzjonati waqt kull missjoni, sabiex tikseb riżultati li jirriflettu aħjar is-sitwazzjoni reali fil-pajjiżi terzi;

11. Jinnota li anke l-awditi mwettqa mid-DĠ SANTE juru li xi pajjiżi terzi għadhom lura ħafna milli jiżguraw li l-prodotti jissodisfaw l-istandards sanitarji meħtieġa, għall-inqas f'dak li jirrigwarda s-sajd u l-bastimenti fabbriki u l-bastimenti refriġeraturi, u dan ixekkel il-kontrolli sanitarji mwettqa fil-postijiet ta' spezzjoni tal-fruntieri tal-UE biex jivverifikaw li jintlaħqu r-rekwiżiti sanitarji legali;

12. Jinsab allarmat dwar osservazzjonijiet li bastimenti tas-sajd mhux tal-UE li joperaw 'il barra mill-Afrika tal-Punent jesperjenzaw diffikultajiet biex jiżguraw it-traċċabbiltà tal-prodotti u osservanza tal-istandards sanitarji; jemmen li ma nistgħux niddependu għalkollox fuq il-veraċità taċ-ċertifikati maħruġa minn pajjiżi terzi għal bastimenti u stabbilimenti awtorizzati li jesportaw lejn l-UE;

13. Jemmen li l-fatt li pajjiżi terzi jitħallew jiddelegaw lil pajjiżi terzi magħżula oħra d-dritt li jagħtu tali ċertifikati, anke lil Stat kostali, imur kontra l-kunċett tar-responsabbiltà ta' stat tal-bandiera li jsejjes il-PKS, inkluż ir-Regolament IUU, b'mod partikolari r-responsabbiltajiet tal-istat tal-bandiera li jivvalida ċ-ċertifikat ta' qabda; iqis li l-Kummissjoni għandha twaqqaf il-prattika li tippermetti lil pajjiżi terzi jiddelegaw awtorità bħal din lil pajjiżi oħra;

14. Jemmen, barra minn hekk, li spezzjoni sanitarja tal-bastimenti tas-sajd għandha titwettaq mill-awtoritajiet kompetenti tal-inqas darba fis-sena;

Drittijiet tax-xogħol

15. Jikkuntrasta r-rekord tajjeb tal-Istati Membri fir-ratifika tal-konvenzjonijiet tax-xogħol li huma relatati mal-baħħara mar-rekord verament fqira tagħhom fir-ratifika tal-konvenzjonijiet relatati mas-sajjieda, u jħeġġiġhom jirratifikaw l-istrumenti rilevanti minnufih, fosthom il-Konvenzjoni Nru 188 tal-ILO, il-Ftehim ta' Cape Town u l-STCW-F;

([11]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009.

16. Jifraħ lis-sħab soċjali għas-suċċess tagħhom fl-użu tal-Artikolu 155 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) biex jinnegozjaw id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/159 ([12]), li timplimenta parzjalment il-Konvenzjoni 188 tal-ILO, filwaqt li jiddispjaċih li din ma tkoprix is-sajjieda li jaħdmu għal rashom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tlesti l-proċess billi tressaq proposta għal direttiva komplementari li tinkludi dispożizzjonijiet ta' infurzar, kif għamlet għat-tbaħħir;

17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tniedi proċeduri għall-użu tal-Artikolu 155 tat-TFUE fir-rigward tal-STCW-F sabiex ittejjeb is-sigurtà marittima fis-sajd, li huwa rikonoxxut b'mod wiesa' bħala waħda mill-professjonijiet l-aktar perikoluż fid-dinja;

18. Jappoġġa l-isforzi kontinwi biex il-politika tas-sajd tal-UE tittejjeb sabiex issir aktar sostenibbli f'termini ambjentali, li jiżgura s-sopravivenza fit-tul tal-komunitajiet kostali u sors ta' ikel sustanzjuż; dan jikkuntrasta mal-ftuħ dejjem jikber tas-suq tal-UE għal prodotti tas-sajd minn pajjiżi terzi li r-reġimi ta' ġestjoni tagħhom mhumiex daqstant stretti; iqis li dan jikkostitwixxi nuqqas ta' koerenza bejn il-politika tas-sajd u l-politika tal-kummerċ;

Il-politika tal-kummerċ

19. Jiddispjaċih dwar il-fatt li xi kultant il-Kummissjoni tibgħat sinjali kunfliġġenti lil pajjiżi terzi, bħal fir-rigward tan-negozjar ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles (FTAs) jew inkella t-twessigħ b'xi mod ieħor tal-aċċess għas-suq tal-UE ma' pajjiżi li ġew identifikati minn qabel skont ir-Regolament IUU jew ir-Regolament dwar is-Sajd Mhux Sostenibbli ([13]);

20. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura koordinazzjoni mill-qrib bejn il-politiki tal-kummerċ u tas-sajd tal-Unjoni, inkluż fin-negozjati ta' ftehimiet ta' kummerċ li jinvolvu kwistjonijiet marbuta mas-sajd; iqis li huwa essenzjali li jiġi analizzat l-impatt ekonomiku u soċjali tal-FTAs fuq il-prodotti tas-sajd tal-UE, li jiġu stabbiliti l-miżuri ta' salvagwardja adegwati fejn ikun meħtieġ u li ċerti prodotti tal-ħut jiġu trattati bħala sensittivi;

21. Iqis li l-UE, bħala l-akbar importatur ta' prodotti tas-sajd fid-dinja, taqsam ir-responsabbiltà politika ma' pajjiżi oħra li huma importaturi ewlenin tal-ħut li tiżgura li r-regoli kummerċjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ikunu konformi mal-oġħla standards dinjija possibbli tal-ġestjoni u tal-konservazzjoni tas-sajd; jistieden, għal dan il-għan, lill-Kummissjoni tiżgura li fil-ftehimiet kummerċjali bilaterali u multilaterali tal-UE jiġi msaħħaħ il-kummerċ ġust, trasparenti u sostenibbli tal-ħut;

22. Jinsisti li l-FTAs u ftehimiet multilaterali oħra b'dispożizzjonijiet kummerċjali nnegozjati mill-Kummissjoni għandhom jinkludu kapitoli rinfurzati dwar l-iżvilupp sostenibbli li jindirizzaw preokkupazzjonijiet speċifiċi tas-sajd u li:

— jirrinfurzaw b'mod espliċitu r-rekwiżiti tar-Regolament IUU u jobbligaw lill-pajjiż terz iniedi proċedura biex jipprevjeni ħut IUU milli jidħol fis-suq tiegħu, sabiex dan jinżamm milli jidħol fl-UE b'mod indirett;

— jirrikjedu lill-pajjiż terz jirratifika u jimplimenta b'mod effettiv strumenti tas-sajd internazzjonali ewlenin, bħall-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar, il-Ftehim tan-NU dwar l-Istokkijiet tal-Ħut, il-Ftehim dwar il-Miżuri tal-Istat tal-Port tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) u l-Ftehim ta' Osservanza tal-FAO, u jaderixxi mal-istandards tal-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) rilevanti;

23. Jitlob li jitqiesu serjament l-interessi tar-reġjuni ultraperiferiċi f'każ ta' dħul fi ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli jew fi ftehimiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi, u tiġi prevista, jekk ikun meħtieġ, l-esklużjoni ta' prodotti sensittivi;

24. Jistieden lill-Kummissjoni biex fit-tfassil ta' ftehim ta' wara l-Brexit, tagħmel l-aċċess tar-Renju Unit għas-suq tal-UE għal prodotti tas-sajd u l-akkwakultura dipendenti fuq l-aċċess tal-bastimenti tal-UE għall-ilmijiet Brittaniċi u fuq l-applikazzjoni tal-PKS;

([12]) ĠU L 25, 31.1.2017, p. 12.
([13]) Ir-Regolament (UE) Nru 1026/2012.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

25. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi l-emenda tar-Regolament SĠP ([14]) biex jinkludi strumenti importanti tas-sajd, bħall-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar, il-Ftehim tan-NU dwar l-Istokkijiet tal-Ħut, il-Ftehim ta' Osservanza tal-FAO u l-Ftehim dwar il-Miżuri tal-Istat tal-Port tal-FAO, fost dawk li jeħtieġ jiġu ratifikati u applikati, u dispożizzjonijiet li jippermettu s-sospensjoni tal-istatus ta' SĠP+ f'każijiet fejn id-dispożizzjonijiet ta' dawn l-istrumenti ma jiġux applikati;

26. Jenfasizza li sabiex jiġu rettifikati n-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-kapitoli dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli fl-FTAs u sabiex tingħata saħħa lil dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkorporaw mekkaniżmu vinkolanti ta' riżoluzzjoni tat-tilwim (li tkun tinkludi konsultazzjonijiet bejn il-gvernijiet, proċedura ta' panel, aċċess pubbliku għad-dokumenti u konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili), flimkien mal-possibbiltà li jiġu applikati sanzjonijiet fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-impenji internazzjonali tagħhom;

27. Jesprimi allarm dwar id-dgħufijiet u l-lakuni fil-kontrolli doganali deskritti fir-Rapport Speċjali Nru 19/2017 tal-QEA, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fih malajr kemm jista' jkun;

28. Jinnota li minbarra l-obbligi ġenerali ta' divulgazzjoni mhux finanzjarja għal kumpaniji kbar, ġew imposti rekwiżiti addizzjonali għal responsabbiltajiet miżjuda ta' diliġenza dovuta fuq atturi ta' kull daqs (inklużi l-SMEs) f'żewġ setturi problematiċi – l-injam u l-minerali ta' kunflitt – li għandhom jiġu applikati tul il-proċess kollu tal-katina tal-kustodja; iqis li jkun ta' benefiċċju kieku obbligi simili jiġu introdotti għall-prodotti tas-sajd, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni teżamina l-vijabbiltà tal-introduzzjoni ta' rekwiżiti ta' diliġenza dovuta għal dawn il-prodotti;

Standards tal-kummerċjalizzazzjoni

29. Jinnota li, filwaqt li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura japplikaw għall-prodotti kollha tas-sajd u tal-akkwakultura, dawk dwar it-tikkettar għall-konsumaturi japplikaw biss għal grupp ta' prodotti relattivament żgħir, bl-esklużjoni tal-prodotti ppreparati, ippreservati jew ipproċessati; iqis li l-informazzjoni għall-konsumaturi għandha tittejjeb għal dawn il-prodotti, anke bl-inklużjoni ta' informazzjoni obbligatorja addizzjonali fuq it-tikketti tagħhom; iqis li t-tikkettjar ta' dawn il-prodotti jeħtieġ jittejjeb, sabiex il-konsumaturi jingħataw informazzjoni u jiġi żgurat li l-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu traċċabbli;

30. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi kampanji ta' informazzjoni dwar l-isforzi tas-sostenibbiltà għas-sajjieda u dawk li jrabbu l-ħut tal-UE, b'enfasi fuq l-istandards kwalitattivi u ambjentali għolja meħtieġa mil-leġiżlazzjoni tal-UE meta mqabbla ma' dawk ta' pajjiżi terzi;

31. Iqis li l-konformità stretta mal-politika komuni tas-sajd u leġiżlazzjoni oħra tal-UE tiggarantixxi r-rispett ta' standards għoljin fl-oqsma ambjentali, iġjeniċi-sanitarji u soċjali min-naħa tal-flotta tal-UE, u għaldaqstant iħeġġeġ lill-Kummissjoni teżamina minnufih il-possibilità li tinħoloq tabella biex jiġu identifikati l-prodotti tas-sajd tal-UE;

32. Jesprimi l-konvinzjoni li l-konsumaturi Ewropej spiss jagħmlu għażliet differenti kieku jkunu infurmati aħjar dwar in-natura vera tal-prodotti għall-bejgħ, l-oriġini ġeografika tagħhom, il-kwalità tagħhom u l-kundizzjonijiet li fihom ġew prodotti jew maqbuda;

33. Iqis li l-informazzjoni obbligatorja fuq it-tikketti tal-prodotti mis-sajd għandhom jinkludu wkoll l-Istat tal-bandiera tal-bastiment li jkun qabad il-prodott;

34. Jilqa' t-tnedija riċenti tal-Kummissjoni ta' evalwazzjoni tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni li ġew adottati għall-ewwel darba għaxar snin ilu sabiex jiġi ddeterminat liema standards għandhom jiġu applikati fid-dawl tal-prattiki tal-kummerċjalizzazzjoni u tat-teknoloġiji tal-lum disponibbli għat-traċċabbiltà tal-prodott;

Reġim ta' kontroll

35. Iqis li t-tliet regolamenti li jinkludu r-reġim ta' kontroll jikkostitwixxu pakkett ibbilanċjat u wasslu għal titjib sinifikanti fil-ġestjoni tas-sajd fl-UE;

36. Ifaħħar lill-Kummissjoni għall-mod li bih infurzat ir-Regolament IUU fir-rigward tal-pajjiżi terzi, u wriet li l-UE jista' jkollha influwenza enormi fuq is-sajd dinji fir-rwol tagħha ta' stat tas-suq responsabbli; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli tpoġġi pressjoni fuq Stati tas-suq oħra biex jimplimentaw miżuri li jipprevjenu ħut maqbud b'mod IUU milli jidħol fis-suq tagħhom;

([14]) Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012; (ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1.)

37. Jenfasizza r-rapport ippubblikat reċentement mis-soċjetà ċivili li janalizza l-fluss ta' importazzjonijiet ta' frott tal-baħar lejn il-pajjiżi tal-UE mill-2010, is-sena li fiha daħal fis-seħħ ir-Regolament IUU, u li juri kif in-nuqqasijiet fil-kontrolli fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi lejn l-Istati Membri u l-fatt li r-regoli mhumiex uniformi jista' jippermetti li prodotti mhux konformi jidħlu fis-suq tal-UE; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri u lill-pajjiżi ta' tranżitu u ta' destinazzjoni jsaħħu l-koordinazzjoni tagħhom sabiex jiżguraw li ċ-ċertifikati tal-qabdiet maħruġin għall-importazzjonijiet tal-ħut jiġu eżaminati aktar bir-reqqa; iqis li huwa vitali li tiġi adottata sistema kompjuterizzata Ewropea li tkun armonizzata u kkoordinata u li tista' tiffaċilita l-kontrolli fuq l-importazzjonijiet tal-ħut fl-Istati Membri;

38. Jemmen li l-Kummissjoni u wħud mill-Istati Membri naqsu milli jimplimentaw b'mod strett it-tliet regolamenti kollha u naqsu milli jinfurzawhom, kif ġie rikonoxxut f'dokumenti prodotti mill-Kummissjoni, il-QEA u osservaturi indipendenti;

39. Jemmen li, minbarra l-applikazzjoni tar-Regolament IUU, jeħtieġ li jsiru aktar kontrolli downstream fuq il-kummerċjalizzazzjoni ta' ħut bħal dan, partikolarment permezz ta' awditi aktar rigoruż tal-Istati Membri u ta' intrapriżi suspettati b'forniment ta' prodotti li joriġinaw minn sajd illegali;

40. Jitlob lill-Kummissjoni tuża l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tiżgura li l-pajjiżi kollha li jesportaw prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura lejn l-UE japplikaw politiki stretti fir-rigward tal-konservazzjoni tal-istokkijiet; jinkoraġġiha biex tikkopera ma' dawn il-pajjiżi fil-fora kollha xierqa u fl-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd b'mod partikolari;

41. Josserva li n-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni seħħew f'diversi aspetti u jinkludu:

— livelli mhux indaqs ta' sanzjonijiet u nuqqas ta' implimentazzjoni tas-sistemi tal-punti fl-Istati Membri differenti;

— sanzjonijiet li mhux dejjem huma dissważivi, effettivi jew proporzjonati biżżejjed biex jipprevjenu li l-ksur jirrepeti ruħu;

— il-ġbir u l-iskambju mhux sodisfaċenti tad-data mill-Istati Membri u bejniethom, b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' bażi ta' data komuni u kompatibbli;

— traċċabbiltà batuta tal-ħut, inkluż meta jaqsam fruntieri nazzjonali;

— kontroll ħażin tal-prattiki tal-użin;

— differenzi sinifikanti fil-verifika tal-importazzjonijiet u tal-punti ta' dħul, inklużi ċ-ċertifikati tal-qabdiet;

— nuqqas ta' definizzjoni ċara u uniformi ta' ksur serju fl-Istati Membri kollha;

42. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li meta prodott importat ikun miċħud f'port fi Stat Membru partikolari ma jkunx jista' jidħol fis-suq tal-UE minn port ieħor fi Stat Membru ieħor;

43. Jaqbel li ċerti dispożizzjonijiet tar-regolamenti tar-reġim ta' kontroll huma miftuħa għall-interpretazzjoni u xekklu l-implimentazzjoni uniformi, iżda jqis li jekk ikun hemm biżżejjed ftuħ u rieda politika, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jiżguraw implimentazzjoni aktar armonizzata tal-leġiżlazzjoni eżistenti, pereżempju bl-użu ta' linji gwida u interpretazzjonijiet;

44. Jinnota li din kienet l-intenzjoni tal-Grupp ta' Esperti dwar il-Konformità mal-obbligi skont is-sistema ta' kontroll tas-sajd tal-Unjoni Ewropea, stabbilit bħala parti mir-riforma tal-PKS bħala lok għal diskussjoni b'onestà u b'attitudni li ma tiġġudikax, dwar in-nuqqasijiet fost l-atturi, u jiddispjaċih li dan mhux il-mod kif żviluppa l-grupp s'issa;

45. Iqis li jeħtieġ li jsir ħafna aktar biex titħeġġeġ l-implimentazzjoni sħiħa tar-reġim ta' kontroll, inkluż segwitu xieraq tal-ksur skopert, rappurtar aħjar mill-Istati Membri dwar l-azzjonijiet meħuda u skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u mal-Kummissjoni;

46. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża s-sett sħiħ ta' strumenti għad-dispożizzjoni tagħha biex tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jimplimentaw għalkollox id-dispożizzjonijiet tar-reġim ta' kontroll, inkluż, fejn xieraq, billi jinżammu l-fondi mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd;

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

47. Itenni l-konklużjoni milħuqa fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2016 dwar kif il-kontrolli tas-sajd fl-Ewropa jistgħu jsiru uniformi ([15]), li kwalunkwe reviżjoni tar-Regolament ta' Kontroll jew tar-Regolament IUU jeħtieġ li tkun immirata u tiffoka li tittratta biss dawk l-aspetti li jxekklu l-kontrolli effettivi u simili f'kull Stat Membru tal-Unjoni;

48. Jitlob li s-setgħat tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) jiġu estiżi biex ikopru l-verifiki dwar bastimenti koperti minn ftehimiet tas-sajd, fosthom abbażi ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-istat firmatarju, u li l-EFCA tingħata r-riżorsi li teħtieġ biex tagħmel dan;

49. Jiddispjaċih ħafna dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tvara reviżjoni maġġuri tar-reġim kollu ta' kontroll mingħajr konsultazzjonijiet pubbliċi xierqa dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament IUU, il-mandat tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd jew ir-reviżjoni tal-pakkett kollu, kif meħtieġ skont il-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar; iqis li konsultazzjoni pubblika formali dwar dawn l-elementi kollha, qabel it-tressiq ta' proposta għal reviżjoni, jippermetti lill-partijiet interessati kollha jkollhom input biżżejjed fuq ir-reviżjoni ta' dan il-pilastru tant kritiku tal-PKS;

50. Jinsisti bil-qawwa fuq il-fatt li r-reviżjoni ma trid twassal għall-ebda dgħufija tal-miżuri attwali, iżda, minflok, għandha ttejjeb u ssaħħaħ il-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fil-kontrolli tas-sajd, bħala l-uniku mod possibbli sabiex tiġi ggarantita d-dimensjoni "komuni" tal-politika komuni tas-sajd;

51. Jinsisti li r-reġim ta' kontroll rivedut irid jinkludi, fost il-prinċipji bażiċi tiegħu:

— standards u regoli tal-UE kollha rigward l-ispezzjonijiet fuq il-baħar, fil-port u tul il-katina kollha tal-kustodja;

— traċċabbiltà sħiħa tal-ħut hekk tul il-katina sħiħa tal-kustodja, mill-bastiment sal-punt finali tal-bejgħ;

— data kompluta dwar il-qabdiet mill-operaturi kollha, inklużi l-bastimenti ta' taħt l-10 metri u s-sajjieda rikreattivi;

— livelli komuni ta' sanzjonijiet fl-Istati Membri kollha;

— definizzjoni komuni ta' x'jikkostitwixxi ksur;

— sistema ta' punti applikata mill-Istati Membri kollha b'mod ekwivalenti;

— sanzjonijiet li jkunu dissważivi, effettivi u proporzjonati biżżejjed;

— sistema aċċessibbli għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri kollha għall-iskambju tal-informazzjoni kollha dwar ksur osservat u dwar is-segwitu legali u ġudizzjarju;

— adozzjoni sħiħa tat-titjib fit-teknoloġiji disponibbli u l-ħila li t-teknoloġiji futuri jiġu adottati hekk kif jevolvu, mingħajr il-ħtieġa ta' emenda leġiżlattiva;

— l-istabbiliment mhux ambigwu tar-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri, u fejn japplika, tar-reġjuni fi ħdan l-Istati Membri;

— l-ebda reġjonalizzazzjoni tar-Regolament ta' Kontroll;

52. Jistieden lill-Kummissjoni biex tissottometti l-proposta tagħha għall-emenda tar-Regolament ta' Kontroll malajr kemm jista' jkun;

53. Jinsisti li d-dispożizzjonijiet u l-prinċipji tar-Regolament IUU ma jridux jinbidlu jew jiddgħajfu, meta wieħed iqis is-suċċess enormi ta' dan ir-regolament u l-impatt tiegħu fuq is-sajd fid-dinja;

54. Jinsisti li l-inklużjoni ta' pajjiżi terzi fil-proċessi tar-Regolament IUU ta' identifikazzjoni minn qabel, identifikazzjoni u elenkar trid tkun mingħajr indħil politiku ta' kwalunkwe tip u li t-tneħħija mill-elenku trid tkun ibbażata strettament fuq il-ksib sħiħ mill-pajjiż ikkonċernat tat-titjib meqjus neċessarju mill-Kummissjoni;

([15]) Testi adottati, P8_TA(2016)0407.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

55. Iqis li r-rwol tal-EFCA għandu jiġi msaħħaħ biex jippermetti l-involviment akbar tagħha fl-applikazzjoni r-Regolament IUU u r-Regolament ta' Kontroll, inkluża l-verifika u l-kontroverifika tad-data tul il-katina ta' kustodja, l-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-ispezzjonijiet mill-Kummissjoni u l-Istati Membri, u l-verifika taċ-ċertifikati tal-qabdiet;

o

o o

56. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0224

Il-ġejjieni tal-ikel u tal-biedja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-ġejjieni tal-ikel u tal-biedja (2018/2037(INI))

(2020/C 76/08)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Novembru 2017 bit-titolu "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja" (COM(2017)0713),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 38 u 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li jistabbilixxu l-politika agrikola komuni (PAK) u l-objettivi tagħha,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 40 u 42 tat-TFUE li jistabbilixxu organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) fil-prodotti agrikoli u l-ambitu tal-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni għall-produzzjoni u l-bejgħ ta' prodotti agrikoli,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 13 tat-TFUE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 349 tat-TFUE, li jiddefinixxi l-istatut tar-reġjuni ultraperiferiċi u jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tat-Trattati għal dawn ir-reġjuni,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2017/2393 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), (UE) Nru 1306/2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni, (UE) Nru 1307/2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni, (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u (UE) Nru 652/2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti ([1]) (regolament "omnibus"),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-ħarsien ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja ([2]),

— wara li kkunsidra d-Dokument Informattiv u Analitiku tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-ġejjieni tal-PAK, ippubblikat fid-19 ta' Marzu 2018,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi ([3]) u r-rapport tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ottubru 2017 dwar il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali tal-Istati Membri u dwar il-progress fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/128/KE dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi (COM(2017)0587),

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tas-6 ta' Frar 2018 dwar it-twaqqif, ir-responsabbiltajiet, il-kompożizzjoni numerika u t-tul tal-mandat ta' kumitat speċjali dwar il-proċeduri tal-Unjoni għall-awtorizzazzjoni tal-pestiċidi ([4]),

— wara li kkunsidra r-Rapporti Speċjali tal-QEA Nru 16/2017 bit-titolu "Programmazzjoni tal-Iżvilupp Rurali: jeħtieġ li jkun hemm inqas kumplessità u aktar fokus fuq ir-riżultati" u Nru 21/2017 bit-titolu "Ekoloġizzazzjoni: skema aktar kumplessa ta' appoġġ għall-introjtu, li għadha mhijiex ambjentalment effettiva",

— wara li kkunsidra d-dokument ta' riflessjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ġunju 2017 dwar il-futur tal-finanzi tal-UE (COM(2017)0358),

([1]) ĠU L 350, 29.12.2017, p. 15.
([2]) ĠU L 221, 8.8.1998, p. 23.
([3]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71.
([4]) Testi adottati, P8_TA(2018)0022.

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Frar 2018 bit-titolu "Qafas Finanzjarju Pluriennali ġdid u modern għal Unjoni Ewropea li tagħti riżultati fuq il-prijoritajiet tagħha b'mod effiċjenti wara l-2020" (COM(2018)0098),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Cork 2.0 tal-2016, "Ħajja Aħjar fiż-Żoni Rurali", maħruġa fl-okkażjoni tal-Konferenza Ewropea dwar l-Iżvilupp Rurali,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Mejju 2018 dwar is-sitwazzjoni kurrenti u l-prospetti futuri għas-setturi tan-nagħaġ u tal-mogħoż fl-UE ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2018 dwar strateġija Ewropea għall-promozzjoni tal-għelejjel li fihom il-proteini – Inħeġġu l-produzzjoni tal-pjanti leguminużi u li fihom il-proteini fis-settur agrikolu Ewropew ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2018 dwar il-QFP li jmiss: tħejjija tal-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-QFP wara l-2020 ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Marzu 2018 dwar prospettivi u sfidi għas-settur tal-apikultura tal-UE ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' April 2017 dwar is-sitwazzjoni attwali tal-konċentrazzjoni tal-art agrikola fl-UE: kif niffaċilitaw l-aċċess tal-bdiewa għall-art ([9]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' April 2017 dwar in-nisa u r-rwol tagħhom fiż-żoni rurali ([10]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-għodod tal-PAK biex titnaqqas il-volatilità tal-prezzijiet fis-swieq agrikoli ([11]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Ottubru 2016 dwar kif il-PAK tista' ttejjeb il-ħolqien tal-impjiegi fiż-żoni rurali ([12]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2016 dwar it-tisħiħ tal-innovazzjoni u tal-iżvilupp ekonomiku fil-ġestjoni futura tal-farms Ewropej ([13]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2015 dwar il-prospettivi għas-settur tal-ħalib tal-UE – rieżami tal-implimentazzjoni tal-Pakkett dwar il-Prodotti magħmula mill-Ħalib ([14]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Tfassil mill-ġdid possibbli tal-Politika Agrikola Komuni" ([15]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni bit-titolu "Il-PAK wara l-2020" ([16]),

— wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU, li l-maġġoranza tagħhom huma rilevanti għall-PAK,

— wara li kkunsidra r-rapport u l-konklużjonijiet ta' Novembru 2016 tat-Task Force għas-Swieq Agrikoli bit-titolu "Improving Market Outcomes – Enhancing the Position of Farmers in the Supply Chain" (Intejbu l-eżiti tas-swieq – Insaħħu l-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista),

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Pariġi fl-okkażjoni tal-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (COP21) tal-2015, u b'mod parti-kolari l-impenji meħuda mill-Unjoni Ewropea bħala "kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali" (NDCs) sabiex jintlaħqu l-għanijiet dinjija tal-ftehim,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-15 ta' Diċembru 2016 dwar l-implimentazzjoni tal-iskema ta' miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni (POSEI) (COM(2016)0797),

([5]) Testi adottati, P8_TA(2018)0203.
([6]) Testi adottati, P8_TA(2018)0095.
([7]) Testi adottati, P8_TA(2018)0075.
([8]) Testi adottati, P8_TA(2018)0057.
([9]) Testi adottati, P8_TA(2017)0197.
([10]) Testi adottati, P8_TA(2017)0099.
([11]) Testi adottati, P8_TA(2016)0504.
([12]) Testi adottati, P8_TA(2016)0427.
([13]) ĠU C 86, 6.3.2018, p. 62.
([14]) ĠU C 265, 11.8.2017, p. 7.
([15]) ĠU C 288, 31.8.2017, p. 10.
([16]) ĠU C 342, 12.10.2017, p. 10.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

— wara li kkunsidra l-Analiżi tal-Implimentazzjoni Ambjentali (EIR), imħabbra fl-2016 (COM(2016)0316), li hija għodda li tgħin biex il-benefiċċji tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki ambjentali tal-UE jaslu għand in-negozji u ċ-ċittadini permezz ta' implimentazzjoni aħjar,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp, il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, il-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A8-0178/2018),

A. billi l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-ġejjieni tal-ikel u tal-biedja tirrikonoxxi li l-politika agrikola komuni (PAK) hija waħda mill-aktar politiki qodma u integrati fl-UE u hija ta' importanza strateġika globali, u għandha tkun imfassla biex tippermetti lis-settur tal-biedja u tal-forestrija tal-UE jirrispondi għall-esiġenzi ġustifikati taċ-ċittadini mhux biss fir-rigward tas-sikurezza, is-sigurtà, il-kwalità u s-sostenibbiltà tal-ikel, iżda anke fir-rigward tal-ħarsien ambjentali, il-bijodiversità u l-protezzjoni tar-riżorsi naturali, l-azzjoni dwar it-tibdil fil-klima, l-iżvilupp rurali, is-saħħa, l-impjiegi u standards għoljin fil-benessri tal-annimali;

B. billi huwa fatt li issa l-PAK trid tiġi riformata sabiex twieġeb b'mod aktar sodisfaċenti kemm għall-ħtiġijiet tal-persuni li hija primarjament indirizzata lilhom – il-bdiewa – u kemm għall-ħtiġijiet taċ-ċittadini b'mod ġenerali;

C. billi l-PAK hija ta' importanza kbira fl-Ewropa kollha għal madwar 12-il miljun azjenda agrikola;

D. billi l-art agrikola tammonta għal 47 % tat-territorju Ewropew u fl-UE hemm 22 miljun bidwi u ħaddiem agrikolu;

E. billi l-għanijiet tal-PAK għandhom ikunu li tiżgura s-sikurezza u s-sovranità tal-ikel, kif ukoll ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-sistemi agrikoli u t-territorji tal-UE;

F. billi l-objettiv globali tal-UE li jkun hemm settur agrikolu u forestali multifunzjonali u diversifikat li joħloq l-impjiegi, ikun ġust, ikun xprunat minn prattiki agrikoli sostenibbli u jippermetti l-preservazzjoni ta' azjendi agrikoli żgħar u tal-familja vijabbli li jistgħu jiġu akkwistati u mgħoddija minn ġenerazzjoni għal oħra, jibqa' kruċjali sabiex jitwasslu l-esternalitajiet pożittivi u l-beni pubbliċi li jesiġu ċ-ċittadini Ewropej (prodotti u servizzi alimentari u mhux alimentari);

G. billi huwa essenzjali li titwaqqaf u titreġġa' lura l-konċentrazzjoni attwali tal-poter f'idejn is-settur il-kbir tal-bejgħ bl-imnut u l-kumpaniji l-kbar;

H. billi kwalunkwe tibdil fil-PAK attwali jrid ikun ibbażat fuq miri strateġiċi biex tissaħħaħ il-kompetittività u jiġi żgurat ikel tajjeb u sikur;

I. billi, għal aktar minn 25 sena, il-PAK għaddiet regolarment minn riformi ddettati mill-ftuħ tal-agrikoltura Ewropea għas-swieq internazzjonali u minn sfidi ġodda f'oqsma bħall-ambjent u t-tibdil fil-klima; billi issa hemm bżonn pass ieħor f'dan il-proċess kontinwu ta' aġġustament sabiex il-PAK tiġi ssimplifikata, immodernizzata u orjentata mill-ġdid sabiex tassigura l-introjtu tal-bdiewa u tilħaq b'mod aktar effettiv l-aspettattivi tas-soċjetà b'mod ġenerali, partikolarment fir-rigward tal-kwalità u s-sigurtà alimentari, it-tibdil fil-klima, is-saħħa pubblika u l-impjiegi, filwaqt li tiżgura ċertezza politika u sigurtà finanzjarja għas-settur, sabiex ikun hemm żoni rurali sostenibbli, tiġi indirizzata s-sigurtà alimentari u jiġi żgurat li l-miri klimatiċi u ambjentali Ewropej jintlaħqu, kif ukoll biex jiżdied il-valur miżjud Ewropew;

J. billi, għalkemm il-Kummissjoni semmiet il-komunikazzjoni tagħha dwar ir-riforma li għaddejja fil-PAK "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja", ma tat l-ebda garanzija li l-baġit tal-PAK se jinżamm, u billi huwa essenzjali li dan jiġi indirizzat qabel jiġu ppreżentati l-proposti leġiżlattivi li jmiss; billi dawn iridu jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda rinazzjonalizzazzjoni tal-PAK, li l-funzjonament xieraq tas-suq uniku ma jiġix imfixkel, u li jkun hemm simplifikazzjoni ġenwina għall-benefiċjarji, mhux biss fil-livell tal-UE iżda anke fil-livell tal-Istati Membri, reġjonali, lokali u tal-azjendi agrikoli, kif ukoll flessibbiltà u sigurtà ġuridika għall-bdiewa u għas-sidien tal-foresti, filwaqt li jiżguraw għanijiet ambjentali ambizzjużi u li l-miri tal-PAK il-ġdida jintlaħqu mingħajr ma jiżdiedu restrizzjonijiet ġodda fuq l-Istati Membri u, b'hekk, saff ġdid ta' kumplessità li jwassal għal dewmien fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali;

K. billi mudell ta' implimentazzjoni ġdid għandu jiżgura relazzjoni diretta bejn l-UE u l-bdiewa Ewropej;

L. billi l-PAK trid taqdi rwol importanti biex jissaħħu l-produttività u l-kompetittività fit-tul tas-settur u jiġu evitati l-istaġnar u l-volatilità tal-introjtu tal-azjendi agrikoli, li, minkejja l-konċentrazzjoni u l-intensifikazzjoni tal-produzzjoni u ż-żieda fil-produttività, xorta waħda għadu, bħala medja, aktar baxx mill-bqija tal-ekonomija;

M. billi l-pagamenti diretti jipprovdu l-ewwel saff sostanzjali ta' stabbiltà u xibka ta' sikurezza għall-introjtu tal-azjendi agrikoli, peress li jirrappreżentaw porzjon tanġibbli annwali tal-introjtu tal-biedja, u saħansitra sa 100 % tad-dħul tal-azjendi agrikoli f'ċerti reġjuni; billi dawn il-pagamenti għandhom jitkomplew sabiex il-bdiewa jiġu megħjuna jikkompetu fuq l-istess livell ma' pajjiżi terzi;

N. billi ktajjen tal-valur rurali ġodda fil-bijoekonomija jistgħu joffru potenzjal tajjeb ta' tkabbir u impjiegi fiż-żoni rurali;

O. billi l-pagamenti diretti jridu jkunu aktar immirati għall-bdiewa, peress li dawn huma n-nies li jikkontribwixxu għall-istabbiltà u l-futur tar-reġjuni rurali tagħna u li qed jiffaċċjaw ir-riskji ekonomiċi tas-suq;

P. billi, f'dawn l-aħħar snin, il-bdiewa kellhom iħabbtu wiċċhom ma' żieda fil-volatilità tal-prezzijiet, li kienet tirrifletti ċ-ċaqliq tal-prezzijiet fis-swieq globali u l-inċertezza kkawżata minn żviluppi makroekonomiċi, politiki esterni bħal kwistjonijiet kummerċjali, politiċi u diplomatiċi, kriżijiet sanitarji, kwantitajiet eċċessivi f'ċerti setturi Ewropej, tibdil fil-klima u avvenimenti estremi tat-temp aktar frekwenti fl-UE;

Q. billi l-għodod speċifiċi għas-setturi tal-Mediterran għandhom jibqgħu fil-Pilastru I;

R. billi huwa essenzjali li jiġu previsti għodod flessibbli u reattivi li jgħinu lis-setturi sensittivi u strateġiċi jaffrontaw il-bidliet strutturali, bħall-konsegwenzi potenzjali tal-Brexit jew tal-ftehimiet kummerċjali bilaterali approvati mas-sħab ewlenin tal-UE;

S. billi l-istrateġiji settorjali għall-frott u l-ħaxix, l-inbid u l-apikultura għandhom jibqgħu obbligatorji għall-pajjiżi produtturi, u għandhom jinżammu l-ispeċifiċitajiet tal-għodod u r-regoli relatati;

T. billi huwa essenzjali li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, prezzijiet ġusti u standard tal-għajxien ġust għall-bdiewa kollha fir-reġjuni u l-Istati Membri kollha tal-UE, biex b'hekk jiġu żgurati prezzijiet aċċessibbli għaċ-ċittadini u l-konsumaturi u jkun hemm attività agrikola fil-partijiet kollha tal-Unjoni inkluż f'żoni b'restrizzjonijiet naturali; billi huwa essenzjali li nippromwovu l-konsum u d-disponibbiltà ta' ikel ta' kwalità għolja u dieti sani u sostenibbli, filwaqt li jitwettqu l-impenji għas-sostenibbiltà soċjali u ambjentali, l-azzjoni klimatika, is-saħħa, saħħet il-pjanti u l-annimali, il-benessri tagħhom, u l-iżvilupp bilanċjat taż-żoni rurali;

U. billi l-ilma u l-agrikoltura huma marbutin mill-qrib ma' xulxin, u l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma fis-settur agrikolu hija essenzjali għal produzzjoni alimentari suffiċjenti u ta' kwalità tajba u għall-preservazzjoni tar-riżorsi tal-ilma;

V. billi l-PAK teħtieġ għodod adegwati biex tindirizza l-vulnerabbiltà tal-agrikoltura quddiem it-tibdil fil-klima u fl-istess ħin tnaqqas il-pressjoni eżerċitata mis-settur fuq ir-riżervi tal-ilma ħelu, responsabbli għal 50 % tal-konsum ta' ilma ħelu fl-UE;

W. billi, għal aktar ekwità u leġittimità, hemm bżonn sistema ta' pagamenti aġġornata, aktar sempliċi u aktar ġusta;

X. billi l-PAK attwali m'għandhiex l-istrumenti meħtieġa biex tiżgura introjtu deċenti li jagħti ħajja dinjituża lill-bdiewa ta' età akbar;

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

Y. billi ma jeżistux strumenti adegwati li jinkoraġġixxu t-trasferiment tan-negozji mill-ġenerazzjoni tal-bdiewa ta' età akbar għall-ġenerazzjoni żagħżugħa;

Z. billi skont id-dokument informattiv u analitiku tal-QEA ta' Marzu 2018 dwar il-futur tal-PAK, fl-2010, għal kull 100 maniġer ta' azjenda agrikola li kellhom aktar minn 55 sena, kien hemm 14 li kellhom inqas minn 35 sena, ċifra li niżlet għal 10.8 fl-2013; billi l-età medja tal-bdiewa fl-UE żdiedet minn 49.2 għal 51.4 sena fil-perjodu bejn l-2004 u l-2013; billi, sikwit, l-iżgħar azjendi agrikoli jkunu dawk ta' bdiewa ta' età akbar;

AA. billi ż-żieda fil-kummerċ globali tippreżenta kemm opportunitajiet kif ukoll sfidi, relatati fost affarijiet oħra mal-ambjent, it-tibdil fil-klima, il-protezzjoni tal-ilma, in-nuqqas ta' art agrikola u d-degradazzjoni tal-art, u għalhekk tirrikjedi aġġustament fir-regoli tal-kummerċ internazzjonali biex ikun jistgħu jinħolqu kundizzjonijiet ekwi komuni bbażati fuq standards għolja u kundizzjonijiet ġusti u sostenibbli għall-iskambju tal-prodotti u s-servizzi, kif ukoll mekkaniżmi mġedda u effiċjenti għall-protezzjoni tal-kummerċ, skont l-istandards soċjali, ekonomiċi, ambjentali, tas-saħħa, sanitarji, fitosanitarji u tal-benessri tal-annimali Ewropej eżistenti;

AB. billi dawn l-istandards għoljin għandhom jinżammu u jkomplu jiġu promossi fil-livell internazzjonali, b'mod partikolari fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), biex jiġu ppreservati l-interessi tal-produtturi u tal-konsumaturi Ewropej billi jiġu żgurati standards Ewropej fil-ftehimiet kummerċjali dwar l-importazzjoni;

AC. billi madwar 80 % tal-proteina meħtieġa fl-UE hija importata minn pajjiżi terzi u s'issa għadu ma sarx biżżejjed biex tiġi implimentata strateġija dwar il-proteini fil-PAK;

AD. billi, filwaqt li għandha tintlaqa' tajjeb l-enfasi fuq ir-riċerka u l-iżvilupp favur l-innovazzjoni ta' prodotti u proċessi li jiffrankaw ir-riżorsi, irid isir aktar sabiex jiġu żviluppati l-kapaċità u l-infrastruttura tar-riċerka meħtieġa biex ir-riżultati tar-riċerka jissarfu fl-ikel u fil-biedja u fi prattika sostenibbli ta' agroforestrija, bl-għajnuna ta' appoġġ adegwat, kif ukoll biex jiġi promoss approċċ b'diversi atturi li jipprevedi l-bdiewa fil-qofol tiegħu u li jkun appoġġjat minn servizzi ta' estensjoni agrikola indipendenti, trasparenti u ffinanzjati b'mod suffiċjenti fl-Istati Membri u fir-reġjuni kollha u bl-iskambju ta' għarfien u servizzi ta' taħriġ fil-livell tal-Istati Membri;

AE. billi l-appoġġ dirett għall-investiment għandu jkun immirat aħjar lejn l-esiġenzi doppji tal-prestazzjoni ekonomika u ambjentali u jqis il-ħtiġijiet tal-azjendi agrikoli nfushom;

AF. billi l-Unjoni Ewropea żviluppat sensiela ta' programmi spazjali (EGNOS u Galileo) u programmi ta' osservazzjoni tad-dinja (Copernicus), li l-potenzjal tagħhom għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-PAK u t-tranżizzjoni tal-agrikoltura Ewropea lejn biedja ta' preċiżjoni u lejn il-prestazzjoni ambjentali u ekonomika doppja tal-azjendi għandu jiġu sfruttat kemm jista' jkun;

AG. billi l-biċċa l-kbira tar-riċerka fil-bijoteknoloġija issa tinsab barra mill-UE, fejn normalment tiffoka fuq kwistjonijiet agroekonomiċi li mhumiex rilevanti għas-settur tal-UE, u b'hekk tirriżulta f'telf potenzjali ta' investiment u attenzjoni;

AH. billi, abbażi tal-esperjenzi reċenti, l-isfruttament u l-promozzjoni tal-proċessi naturali biex jitjiebu r-rendiment u r-reżiljenza x'aktarx inaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni;

AI. billi settur agrikolu, alimentari u forestali kompetittiv jeħtieġ ikompli jaqdi rwol b'saħħtu biex jintlaħqu l-objettivi klimatiċi u tal-ħarsien ambjentali tal-UE stabbiliti fi ftehimiet internazzjonali bħall-COP21 u l-SDGs tan-NU, bl-għoti ta' inċentivi u kumpens lill-bdiewa għall-kontribut tagħhom u b'assistenza permezz ta' tnaqqis fil-piżijiet regolatorji u amministrattivi bla bżonn fil-miżuri li jidħlu għalihom;

AJ. billi l-livell taż-żieda fit-temperaturi medji globali tal-wiċċ prevista għas-seklu 21, u l-konsegwenzi immedjati tagħha għall-kundizzjonijiet klimatiċi, jeħtieġu sistema alimentari ambjentalment sostenibbli li tiggarantixxi produzzjoni sikura u abbundanti, minghajr ma l-Unjoni tkun dipendenti fuq swieq oħra;

AK. billi huwa importanti li l-PAK tal-ġejjieni tkun koerenti mal-SDGs, mal-Ftehim ta' Pariġi u mal-politiki tal-UE, b'mod partikolari fl-oqsma tas-sostenibbiltà, l-ambjent, il-klima, is-saħħa pubblika u l-ikel;

AL. billi l-agrikoltura hija wieħed mis-setturi tal-ekonomija li huma mistennija jikkontribwixxu għall-objettiv li, sal-2030, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra jitnaqqsu bi 30 % meta mqabbla mal-livelli tal-2005 skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi;

AM. billi l-bdiewa ż-żgħar jammontaw għal madwar 40 % tal-azjendi agrikoli tal-UE, iżda jirċievu biss 8 % tas-sussidji tal-PAK;

AN. billi s-17-il SDG jistabbilixxu objettivi ġodda u ċari għall-PAK wara l-2020;

AO. billi l-PAK integrat progressivament l-objettivi ambjentali billi żgurat li r-regoli tagħha jkunu kompatibbli mal-obbligi ambjentali stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE u li l-bdiewa jkunu konformi ma' dawk l-obbligi u anke jippromwovu l-iżvilupp ta' prattiki agrikoli sostenibbli li jippreservaw l-ambjent u l-bijodiversità;

AP. billi l-konsum ta' xaħmijiet saturati u laħam aħmar fl-Unjoni jibqa' ferm ogħla mill-konsum nutrizzjonali rrakkomandat u l-industrija tal-ikel qed tkompli tagħti kontribut sostanzjali għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra u tan-nitroġenu;

AQ. billi ċ-ċrieki ta' produzzjoni magħluqa – produzzjoni, pproċessar u ppakkjar fl-istess reġjun – iżommu l-valur miżjud fir-reġjun ikkonċernat u b'hekk jiżguraw aktar impjiegi fl-inħawi lokali, u għalhekk juru l-potenzjal li terġa' tingħata l-ħajja liż-żoni rurali;

AR. billi l-PAK issegwi objettivi ekonomiċi u ambjentali inseparabbli, u dan l-approċċ fuq żewġ binarji jrid jiġi ppreservat u anke msaħħaħ, fil-kuntest tar-riforma tal-Pilastru I u tal-iskema tal-ekoloġizzazzjoni, favur tranżizzjoni lejn mudell agrikolu Ewropew sostenibbli u effiċjenti;

AS. billi, fil-PAK tal-futur, l-Unjoni Ewropea trid tirsisti għal limitazzjoni sinifikanti fuq l-użu tal-antibijotiċi fl-agrikoltura u fis-settur alimentari sabiex tissaħħaħ il-biedja sostenibbli;

AT. billi żieda fir-reżiljenza u fis-sostenibbiltà fit-tul tas-sistemi u t-territorji agrikoli tkun ta' benefiċċju għall-UE kollha kemm hi;

AU. billi l-QEA enfasizzat li, minħabba rekwiżiti ta' ekoloġizzazzjoni li sikwit ma jirriflettux ħlief il-prattiki attwali, il-pagamenti ta' ekoloġizzazzjoni introdotti bħala parti mir-riforma tal-2013 joħolqu aktar kumplessità u burokrazija, huma diffiċli biex jinftiehmu, u fl-opinjoni tal-QEA ma jtejbux biżżejjed il-prestazzjoni ambjentali u klimatika tal-PAK minħabba l-mod kif inhuma mfassla, u dawn il-punti huma importanti li jitqiesu meta titfassal l-arkitettura ekoloġika l-ġdida għall-PAK;

AV. billi l-QEA identifikat nuqqasijiet sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-Pilastru II, b'mod partikolari l-proċess ta' approvazzjoni twil, kif ukoll in-natura kumplessa u burokratika tal-programmi ta' żvilupp rurali;

AW. billi l-metavalutazzjoni tal-"Kontroll tal-Idoneità" bbażata fuq l-evidenza tal-istudji xjentifiċi sabet li l-miżuri ta' ekoloġizzazzjoni ma jtejbux il-prestazzjoni ambjentali b'mod sinifikanti, l-aktar għaliex dawk ir-rekwiżiti diġà kienu qed jintlaħqu;

AX. billi l-objettivi tad-Dikjarazzjoni ta' Cork 2.0 għal Ħajja Aħjar fiż-Żoni Rurali jirrigwardaw żoni rurali vibranti, multifunzjonalità intelliġenti, bijodiversità fl-agrikoltura u fil-forestrija u lil hinn minnhom, razez ta' annimali rari u għelejjel ta' konservazzjoni, kif ukoll agrikoltura organika, appoġġ għal żoni żvantaġġati u impenji fil-kuntest ta' Natura 2000; billi d-Dikjarazzjoni tenfasizza wkoll l-importanza tal-isforzi biex tiġi evitata d-depopolazzjoni taż-żoni rurali u r-rwol tan-nisa u taż-żgħażagħ f'dan il-proċess, kif ukoll il-ħtieġa ta' użu aħjar ta' riżorsi endoġeni fiż-żoni rurali bl-implimentazzjoni ta' strateġiji integrati u approċċi multisettorjali li jsaħħu l-approċċ minn isfel għal fuq u s-sinerġija bejn il-partijiet ikkonċernati, u li jirrikjedu investiment fil-vijabbiltà taż-żoni rurali, preservazzjoni u titjib fil-ġestjoni tar-riżorsi naturali, inċentivi għall-azzjoni klimatika, stimulazzjoni tal-għarfien u l-innovazzjoni, tisħiħ tal-governanza fiż-żoni rurali, u simplifikazzjoni tal-politika ta' żvilupp rurali u l-implimentazzjoni tagħha;

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

AY. billi l-PAK għandha tqis iż-żoni inqas vantaġġużi, bħar-reġjuni fejn hemm kompetizzjoni qawwija bejn l-iżvilupp urban u l-agrikoltura, għar-restrizzjonijiet addizzjonali tagħhom fuq l-aċċess għall-art, sabiex l-agrikoltura tibqa' tiġi ppreservata f'dawn iż-żoni;

AZ. billi l-inħawi żvantaġġati, bħar-reġjuni muntanjużi u ultraperiferiċi, għandhom ikomplu jingħataw kumpens mill-PAK għall-ispejjeż żejda assoċjati mar-restrizzjonijiet speċifiċi tagħhom sabiex tiġi ppreservata l-attività agrikola f'dawn l-inħawi;

BA. billi l-PAK għandha tagħti rikonoxximent mistħoqq lill-benefiċċji ambjentali kbar li jiġġeneraw ċerti setturi, bħas-setturi tan-nagħaġ u tal-mogħoż jew l-għelejjel li fihom il-proteini;

BB. billi s-settur tat-trobbija tan-naħal huwa essenzjali għall-UE u jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-soċjetà, kemm mil-lat ekonomiku u kemm mil-lat ambjentali;

BC. billi huwa essenzjali li tissaħħaħ aktar il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel u li tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta fis-suq uniku permezz ta' regoli ġusti u trasparenti li jqisu n-natura speċifika tal-agrikoltura fir-relazzjonijiet bejn il-produzzjoni u l-partijiet l-oħra tal-katina tal-provvista tal-ikel, kemm upstream kif ukoll downstream, u li jkun hemm inċentivi għall-prevenzjoni effettiva tar-riskji u l-kriżijiet, inklużi għodod ta' ġestjoni attivi li jkunu kapaċi jlaqqgħu aħjar il-provvista mad-domanda u jkunu jistgħu jintużaw fil-livell settorjali u mill-awtoritajiet pubbliċi, kif indikat fir-rapport tat-Task Force għas-Swieq Agrikoli; billi anke l-aspetti li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-PAK u li jaffettwaw il-kompetittività u l-kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa jridu jitqiesu u jiġu sorveljati kif xieraq;

BD. billi l-isfidi l-ġodda li jirrigwardaw is-sigurtà u l-awtonomija alimentari għall-agrikoltura Ewropea fl-ambitu tal-prijoritajiet politiċi tal-UE, kif imsemmi fid-dokument ta' riflessjoni tal-Kummissjoni dwar il-futur tal-finanzi tal-UE, jirrikjedu li l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss iżid jew iżomm il-baġit agrikolu f'euro kostanti biex ikopri l-isfidi eżistenti u ġodda;

BE. billi peress li s-soċjetà tistenna li l-bdiewa jibdlu l-prattiki tagħhom biex ikunu kompletament sostenibbli, dawn għandhom jingħataw appoġġ f'din it-tranżizzjoni permezz ta' fondi pubbliċi;

BF. billi kwalunkwe tibdil fil-PAK attwali jrid jiġi introdott b'tali mod li jiżgura stabbiltà għas-settur, ċertezza ġuridika u sigurtà fl-ippjanar għall-bdiewa u s-sidien tal-foresti, permezz ta' perjodi u miżuri tranżitorji adegwati;

BG. billi l-Parlament jeħtieġ jaqdi rwol komprensiv fil-ħolqien ta' qafas ta' politika ċar sabiex tinżamm ambizzjoni komuni fil-livell Ewropew u dibattitu demokratiku dwar il-kwistjonijiet strateġiċi li għandhom impatt fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini kollha f'dak li għandu x'jaqsam mal-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, fosthom l-ilma, il-ħamrija u l-arja, il-kwalità tal-ikel tagħna, l-istabbiltà finanzjarja tal-produtturi agrikoli, is-sikurezza tal-ikel, is-saħħa u l-modernizzazzjoni sostenibbli tal-prattiki agrikoli u iġjeniċi, bil-għan li jiġi stabbilit kuntratt soċjetali fil-livell Ewropew fost il-produtturi u l-konsumaturi;

BH. billi l-PAK hemm bżonn tiġi riformulata biex topera fil-livell li huwa mistenni fis-sitwazzjoni, huwa importanti ferm li l-koleġiżlaturi jingħataw il-mezzi biex iwettqu bis-sħiħ il-missjoni tagħhom f'perjodu ta' żmien regolat, u jridu jitqiesu l-inċertezzi marbuta mal-Brexit;

BI. billi l-ġejjieni tas-sigurtà alimentari fl-Ewropa jrid ikun żgurat kemm għar-Renju Unit u kemm għall-UE 27, u għandhom isiru l-aqwa sforzi biex jiġi minimizzat it-tfixkil għall-produzzjoni u l-aċċess għall-ikel għaż-żewġ partijiet; billi jridu jsiru l-isforzi kollha possibbli biex jiġi żgurat allinjament unitarju fl-istandards ambjentali u tas-sikurezza tal-ikel sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini tar-Renju Unit u tal-UE ma jiffaċċjaw l-ebda tnaqqis fil-kwalità u s-sikurezza tal-ikel;

BJ. billi waħda mis-sitt prijoritajiet ewlenin għall-iżvilupp rurali fl-UE hija r-restawr, il-preservazzjoni u t-titjib tal-ekosistemi relatati mal-agrikoltura u l-forestrija, inkluż fiż-żoni ta' Natura 2000;

BK. billi bħalissa l-UE qed taħdem fuq strateġija dwar il-proteini biex tippromwovi l-awtosuffiċjenza fl-għelejjel li fihom il-proteini;

BL. billi l-insigurtà alimentari laqtet 124 miljun persuna f'51 pajjiż fl-2017, jiġifieri 16-il miljun aktar mill-2016; billi l-maġġoranza tal-persuni milquta mill-insigurtà alimentari jgħixu f'żoni rurali;

BM. billi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija objettiv ewlieni tal-UE u l-Istati Membri tagħha; billi ħafna mir-rwoli li jaqdu n-nisa fiż-żoni rurali jgħinu biex tinżamm il-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli u tal-komunitajiet rurali; billi l-isforzi biex tiġi evitata d-depopolazzjoni rurali huma marbuta mal-opportunitajiet għan-nisa u għaż-żgħażagħ; billi n-nisa li jgħixu f'żoni rurali għadhom jiffaċċjaw diversi sfidi, filwaqt li l-politiki tal-agrikoltura u tal-iżvilupp rurali ma jqisux biżżejjed id-dimensjoni tal-ġeneri; billi, għalkemm il-ġeneru tal-benefiċjarji tal-pagamenti diretti jew tal-iżvilupp rurali mhuwiex indikatur affidabbli tal-impatt tal-programmi, in-nisa bħala applikanti jew benefiċjarji mhumiex rappreżentati biżżejjed;

BN. billi, sabiex il-PAK tingħata ġustifikazzjoni quddiem il-kontribwenti Ewropej, il-finanzjament futur irid ikun marbut kemm mal-produzzjoni ta' ikel sikur u ta' kwalità għolja kif ukoll ma' valur miżjud soċjetali ċar fir-rigward ta' agrikoltura sostenibbli, prestazzjoni ambjentali u klimatika ambizzjuża, standards tas-saħħa pubblika u tas-saħħa u l-benessri tal-annimali, u impatti soċjetali oħra tal-PAK, sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi ġenwini fl-UE u lil hinn minnha;

BO. billi l-istudju speċjali Nru 442 tal-Ewrobarometru dwar l-attitudnijiet tal-Ewropej lejn il-benessri tal-annimali jindika li 82 % taċ-ċittadini Ewropej jemmnu li l-benessri tal-bhejjem tat-trobbija għandu jitjieb;

BP. billi l-użu tal-pestiċidi, id-degradazzjoni tal-bijodiversità u t-tibdil fl-ambjent agrikolu jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-kwantità tad-dakkara u fuq il-varjetà tal-ispeċijiet ta' dakkara; billi l-isfidi li jiffaċċjaw id-dakkara, kemm domestikati kif ukoll selvaġġi, huma sinifikanti, u l-effett fuq l-agrikoltura tal-UE u fuq is-sigurtà alimentari jista' jkun ta' detriment minħabba d-dipendenza tal-maġġoranza tal-produzzjoni tal-UE fuq is-servizzi tad-dakra; billi f'Jannar 2018 tnediet konsultazzjoni pubblika fil-qafas tal-Inizjattiva tad-Dakkara tal-UE biex jiġu identifikati l-aħjar approċċ u l-passi meħtieġa biex jiġi indirizzat it-tnaqqis tad-dakkara fl-UE;

BQ. billi hemm il-ħtieġa li titfassal miżura speċifika fil-qafas tal-iżvilupp rurali – iffukata fuq it-tmien prinċipji tal-Ġestjoni Integrata tal-Organiżmi ta' Ħsara (IPM) tal-Unjoni Ewropea – sabiex jiġi mħeġġeġ it-tnaqqis fl-użu ta' pestiċidi serji u jitrawwem l-użu ta' alternattivi mhux kimiċi;

BR. billi l-inħawi żvantaġġati, bħar-reġjuni muntanjużi u ultraperiferiċi, għandhom ikomplu jingħataw kumpens mill-PAK għall-ispejjeż żejda assoċjati mar-restrizzjonijiet speċifiċi tagħhom sabiex tiġi ppreservata l-attività agrikola f'dawn l-inħawi;

BS. billi l-applikazzjoni tal-qafas tal-PAK fir-reġjuni ultraperiferiċi għandha tesplora bis-sħiħ il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 349 tat-TFUE, għaliex dawn iż-żoni jinsabu f'pożizzjoni partikolarment żvantaġġata f'termini ta' żvilupp soċjoekonomiku, fir-rigward ta' aspetti bħat-tixjiħ tal-popolazzjoni u d-depopolazzjoni; billi l-POSEI huwa għodda effettiva maħsuba għall-iżvilupp u t-tisħiħ tal-istrutturar tas-settur li tindirizza l-kwistjonijiet agrikoli speċifiċi fir-reġjuni ultraperiferiċi; ifakkar li l-Kummissjoni, fir-rapport tagħha tal-15 ta' Diċembru 2016 lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-POSEI, ikkonkludiet li "b'kont meħud tal-valutazzjoni tal-iskema [...], modifika tar-Regolament (UE) Nru 228/2013 bażiku mhix meqjusa meħtieġa";

BT. billi kemm il-ġestjoni tal-foresti kif ukoll l-agroforestrija, li tikkonsisti f'livell superjuri ta' veġetazzjoni msaġġra fuq il-bwar jew fuq l-għelejjel, jistgħu jikkontribwixxu għar-reżiljenza fil-livell tal-azjendi agrikoli u tal-pajsaġġ u għal azzjonijiet ta' mitigazzjoni ambjentali u tat-tibdil fil-klima, u jipprovdu prodotti agrikoli u forestali jew servizzi ekosistemiċi oħra u b'hekk isaħħu l-objettivi tal-PAK u jippermettu li l-ekonomiji ċirkolari u l-bijoekonomiji jikkontribwixxu għal mudelli kummerċjali ġodda li jkunu ta' benefiċċju għall-bdiewa, għall-forestiera u għaż-żoni rurali; billi l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti tippromwovi perspettiva koerenti u olistika tal-ġestjoni tal-foresti u tad-diversi benefiċċji tal-foresti, u tindirizza l-katina tal-valur tal-foresti kollha kemm hi; jenfasizza li l-PAK taqdi rwol kruċjali fl-objettivi tagħha u tagħti attenzjoni speċjali lill-foresti Mediterranji, li jbatu aktar mit-tibdil fil-klima u min-nirien, li jqiegħdu f'riskju l-bijodiversità u l-potenzjal tal-produzzjoni agrikola;

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

Relazzjoni ġdida bejn l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-bdiewa

1. Jilqa' l-intenzjoni li l-PAK tiġi ssimplifikata u mmodernizzata għall-benefiċċju ekonomiku tal-bdiewa u biex jintlaħqu l-aspettativi taċ-ċittadini, iżda jenfasizza li l-prijoritajiet urġenti tar-riforma jridu jkunu l-prinċipji stabbiliti fit-Trattat ta' Ruma, l-integrità tas-suq uniku, u politika tassew komuni, iffinanzjata b'mod adegwat mill-UE, li tkun moderna u orjentata lejn ir-riżultati, tappoġġja l-agrikoltura sostenibbli, u tiżgura ikel sikur, ta' kwalità għolja u varjat, impjiegi u żvilupp fiż-żoni rurali;

2. Jinnota l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja u jilqa' r-rikonoxximent li wieħed mill-objettivi tal-PAK għandu jkun li ttejjeb u tiżgura l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u tikkontribwixxi għall-objettivi ambjentali u klimatiċi tal-UE;

3. Jitlob PAK li bħala l-ogħla prijorità jkollha t-tranżizzjoni ta' kull azjenda agrikola Ewropea lejn impriża li tgħaqqad l-istandards tal-prestazzjoni ekonomika mal-istandards ambjentali;

4. Jenfasizza l-ħtieġa li l-PAK tippreserva r-relazzjoni essenzjali bejn il-leġiżlaturi, il-bdiewa u ċ-ċittadini tal-UE; jirrifjuta kwalunkwe possibbiltà ta' rinazzjonalizzazzjoni tal-PAK, li tkun qed iżżid l-iżbilanċi fil-kompetizzjoni fis-suq uniku;

5. Jiġbed l-attenzjoni għar-rwol importanti ħafna tal-azjendi agrikoli żgħar u medji, rwol li għandu jiġi rikonoxxut u vvalorizzat;

6. Jirrimarka li l-flessibbiltà li l-Istati Membri jgawdu bħalissa rigward l-għażliet stabbiliti fir-regoli bażiċi tagħmilha possibbli li jwieġbu għal sitwazzjonijiet speċifiċi imma, fl-istess ħin, turi li partijiet mill-PAK ma jistgħux jitqiesu aktar bħala komuni; jissottolinja l-ħtieġa li jitħarsu l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq uniku u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fir-rigward tal-aċċess għall-appoġġ għall-bdiewa fi Stati Membri differenti jew f'reġjuni differenti, flimkien mal-ħtieġa ta' soluzzjonijiet adegwati u effiċjenti biex jiġu minimizzati r-riskji ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni jew ir-riskji għall-koeżjoni;

7. Iqis li l-Istati Membri għandhom igawdu livell raġonevoli ta' flessibbiltà f'qafas komuni b'saħħtu ta' regoli tal-UE, standards bażiċi, għodod ta' intervent, kontrolli u allokazzjonijiet finanzjarji miftiehma fil-livell tal-UE mill-koleġiżlatur, sabiex jiġu ggarantiti kundizzjonijiet ekwi għall-bdiewa u, b'mod partikolari, approċċ tal-UE għall-appoġġ fl-ambitu tal-Pilastru I, bil-ħsieb li jiġi ggarantit ir-rispett għall-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta;

8. Iqis li, sabiex l-implimentazzjoni tal-PAK tkun aktar effettiva u adattata aħjar għar-realtajiet tat-tipi differenti ta' agrikoltura fl-Ewropa, l-għażliet nazzjonali meħuda fil-qafas tas-sett ta' għodod iddefinit mill-UE u disponibbli fl-ambitu tal-Pilastri I u II għandhom ikunu ssimplifikati u l-Istati Membri għandhom ifasslu, bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, l-istrateġiji nazzjonali koerenti tagħhom abbażi tal-evidenza u tal-objettivi u l-indikaturi tal-UE li jikkonċernaw it-tipi prinċipali ta' għodod ta' intervent possibbli, li għandhom jiġu ddefiniti wkoll fil-livell tal-UE, kif ukoll il-kriterji tal-għażla tagħhom, f'qafas ċar ta' regoli komuni applikabbli fl-UE kollha, bir-rispett dovut għar-regoli u l-prinċipji tas-suq uniku;

9. Jenfasizza li s-sussidjarjetà addizzjonali għandha tingħata biss bil-kundizzjoni li jkun hemm sett komuni b'saħħtu ta' regoli, objettivi, indikaturi u kontrolli fil-livell tal-UE;

10. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel l-aġġustamenti meħtieġa fil-PAK li jmiss, sabiex timplimenta t-talba tal-Parlament biex l-ebda sussidju agrikolu ma jintuża għat-trobbija ta' barrin għas-sarar mat-toru;

11. Jissottolinja r-riskji tar-regolamentazzjoni żejda fil-livell nazzjonali u reġjonali u l-livell għoli ta' inċertezza għall-bdiewa minħabba l-possibbiltà li l-Istati Membri jkollhom jiddefinixxu l-pjanijiet nazzjonali tagħhom b'mod independenti u jirrevedu d-deċiżjonijiet tagħhom kull sena, skont il-pożizzjonijiet meħuda mill-gvernijiet inkarigati; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tippreżenta lill-koleġiżlaturi, flimkien mal-proposti leġiżlattivi tagħha, mudell ċar u sempliċi ta' pjan strateġiku nazzjonali sabiex il-koleġiżlaturi jkunu jistgħu jivvalutaw il-kamp ta' applikazzjoni, il-livell ta' dettall u l-kontenut ta' dawn il-pjanijiet, li huma elementi essenzjali tal-proposta imminenti tal-Kummissjoni, u tiċċara l-kriterji li dawn l-istrateġiji nazzjonali se jiġu evalwati bihom;

12. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi għodod maħsuba biex iżidu l-użu ta' sinerġiji bejn il-PAK u l-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni;

13. Jenfasizza l-ħtieġa li l-PAK tal-futur tirrispetta bis-sħiħ id-distribuzzjoni tal-poteri fi ħdan kull Stat Membru, li ta' spiss hija stabbilita fil-kostituzzjonijiet tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tar-rispett għall-kompetenzi legali tar-reġjuni tal-UE, fit-tfassil, fil-ġestjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki, bħall-FAEŻR; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-bdiewa u benefiċjarji oħra jkunu involuti kif suppost fl-istadji kollha tal-iżvilupp tal-politika;

14. Jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex tistabbilixxi tfassil ta' programm, implimentazzjoni u kontroll ta' approċċ ibbażat fuq ir-riżultati sabiex titrawwem prestazzjoni pjuttost milli konformità, filwaqt li tiżgura monitoraġġ adegwat ibbażat fuq ir-riskji permezz ta' indikaturi definiti b'mod ċar, aktar sempliċi, inqas burokratiċi (inkluża l-prevenzjoni ta' regolamentazzjoni żejda), solidi, trasparenti u li jistgħu jitkejlu fil-livell tal-UE, inklużi l-kontrolli xierqa tal-miżuri, tat-tfassil tal-programm, tal-implimentazzjoni u tas-sanzjonijiet tal-Istati Membri; iqis il-ħtieġa li jiġu introdotti kriterji uniformi bażiċi għall-istabbiliment ta' penali simili għal nuqqasijiet ta' konformità ekwivalenti li jinstabu fl-implimentazzjoni tad-diversi miżuri użati mill-Istati Membri jew mir-reġjuni biex jilħqu l-objettivi ġenerali komuni stabbiliti mill-UE;

15. Jenfasizza li approċċ ibbażat purament fuq ir-riżultati jista' jġib miegħu riskju għall-Istati Membri, li, minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, jistgħu ma jkunux kapaċi jiksbu r-riżultati kollha stabbiliti fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom, u li jistgħu jkunu soġġetti għal tnaqqis *ex post* tal-pakketti nazzjonali tagħhom u għal sospensjoni tal-finanzjamenti;

16. Jirrikonoxxi li l-mudell ta' implimentazzjoni l-ġdid jeħtieġ irfinar u emendi matul diversi snin, biex b'hekk jiġi żgurat li l-bdiewa ma jkunux penalizzati bħala konsegwenza tal-bidla lejn mudell ibbażat fuq ir-riżultati;

17. Jinnota, madankollu, li dewmien potenzjali fl-adozzjoni ta' pjanijiet strateġiċi tal-PAK jista' jwassal għal pagamenti tard, xenarju li jrid jiġi evitat;

18. Jinnota li fil-Pilastru I, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu programmi minn katalgu prijoritarju stabbilit mill-UE;

19. Jitlob li tiġi żviluppata sistema ta' aġġustamenti istituzzjonali u legali xierqa li għandha twassal biex jinbidel il-mudell ta' implimentazzjoni sabiex jiġi evitat li jkun hemm spejjeż addizzjonali u li jitnaqqas l-assorbiment tal-fondi fl-Istati Membri;

20. Iqis li l-ġbir ta' informazzjoni għandu jiddependi fuq l-immaġni bis-satellita u fuq bażijiet tad-data tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u ta' kontroll u mhux fuq data individwali mressqa mill-bdiewa;

21. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa sinerġiji rilevanti bejn il-programmi ewlenin tal-UE għas-settur spazjali u l-PAK, u b'mod partikolari mal-programm Copernicus li jippreżenta interess speċifiku għall-komunità tal-biedja f'termini tat-tibdil fil-klima u l-monitoraġġ tal-ambjent;

22. Jitlob miżuri li jżidu r-riċiklaġġ tan-nutrijenti; jitlob li l-politika strutturali agrikola tiġi allinjata mal-iskema ta' appoġġ ambjentali, pereżempju billi t-tkabbir tal-għelejjel u t-trobbija tal-bhejjem jingħaqdu flimkien b'mod aħjar;

23. Jitlob li l-Iskema simplifikata għall-Bdiewa Żgħar (SFS) tiġi ppreservata;

24. Jemmen li l-bdiewa b'inqas minn ħames ettari ta' art għandu jkollhom l-opportunità li b'mod volontarju jidħlu fl-SFS;

25. Jappella lill-Kummissjoni twettaq il-kontrolli u l-awditi finanzjarji u tal-prestazzjoni bil-għan li tiggarantixxi li l-funzjonijiet jitwettqu bl-istess standards għolja u skont l-istess kriterji fost l-Istati Membri kollha, irrispettivament mit-titjib tal-flessibbiltà għall-Istati Membri fit-tfassil u l-ġestjoni tal-programmi, u bil-għan, b'mod partikolari, li tiżgura l-iżborż fil-ħin tal-fondi fl-Istati Membri għall-bdiewa u għall-komunitajiet rurali eliġibbli kollha, filwaqt li jiġi minimizzat il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji;

26. Ifakkar li fir-riforma preċedenti, kien diffiċli li jintlaħaq qbil fuq id-definizzjoni ta' 'bidwi attiv'; iqis, għalhekk, li l-produzzjoni agrikola (pereżempju li l-art tinżamm fi stat agrikolu tajjeb, l-implimentazzjoni ta' trobbija tajba tal-annimali, u l-kontribuzzjoni għall-ekonomija ċirkolari) tista' tkun soluzzjoni mmirata aħjar u kwantifikabbli għal tali definizzjoni;

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

27. Jirrifjuta t-tnaqqis ta' 25 % fil-baġit għall-iżvilupp rurali kif deskritt fil-proposta reċenti tal-QFP 2021-2027 tal-2 ta' Mejju 2018; jinsisti li kwalunkwe tnaqqis fil-baġit fl-agrikoltura u l-iżvilupp rurali jrid iwassal għal tnaqqis tal-ambizzjoni meta mqabbel tal-PAK attwali;

28. Iqis li l-atturi kollha involuti fil-proċess tal-kontroll tal-finanzi tal-UE, inkluża l-QEA, irid ikollhom l-istess fehim tas-sistema ta' kontroll ibbażata fuq il-prestazzjoni, biex ikun evitat li l-Istati Membri jew benefiċjarji jiffaċċjaw korrezzjonijiet finanzjarji mhux mistennija;

29. Jisħaq fuq il-fatt li l-bdiewa huma intraprendituri u bħala tali għandhom jingħataw il-libertajiet korrispondenti sabiex ikunu jistgħu jiksbu prezzijiet ġusti tas-suq għall-prodotti tagħhom;

30. Jenfasizza li l-bdiewa part-time u l-bdiewa b'introjtu mħallat ma għandhomx jiġu esklużi;

31. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tingħata aktar flessibbiltà lill-Istati Membri, lir-reġjuni u lill-bdiewa fi ħdan il-qafas ta' livell limitu finanzjarju ogħla għar-regoli *de minimis* tal-agrikoltura, filwaqt li tiġi ppreservata l-integrità tas-suq intern;

32. Barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi lill-Istati Membri aktar flessibbiltà fil-qafas tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat fis-settur agrikolu sabiex il-bdiewa jiġu mħeġġa jipprevedu b'mod volontarju tfaddil ta' prekawzjoni bil-għan li jindirizzaw aħjar iż-żieda f'daqqa tar-riskji kkawżati mill-klima u r-riskji għas-saħħa, kif ukoll il-kriżijiet ekonomiċi;

33. Jitlob madankollu li jiġu ppremjati b'mod ġust il-beni pubbliċi pprovduti minn intrapriżi agrikoli żgħar u mikro, inkluż il-parteċipazzjoni tagħhom fl-isforzi kooperattivi u tal-komunità;

34. Jistieden lill-Istati Membri jistinkaw għal sinerġiji aħjar bejn il-PAK u politiki u fondi oħra bħall-fondi ta' koeżjoni, fondi strutturali u fondi oħra ta' investiment, sabiex joħolqu effett multiplikatur għaż-żoni rurali;

35. Jitlob koordinament ta' politika aħjar bejn il-PAK u politiki u azzjonijiet oħra tal-UE – b'mod partikolari mad-Direttiva 2000/60/KE, mad-Direttiva 91/676/KEE u mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 – bħala mezz biex tinkiseb protezzjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma li l-kwantità u l-kwalità tagħhom qed jiġu affettwati b'mod negattiv mill-agrikoltura; jitlob inċentivi li jappoġġjaw proġetti ta' kooperazzjoni lokali bejn il-bdiewa u l-forniturі tal-ilma sabiex tittejjeb il-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma;

36. Jinnota li, għal raġunijiet amministrattivi, numru kbir ta' villaġġi u reġjuni, minkejja n-natura rurali tagħhom, għadhom barra mill-ambitu tal-programmi tal-iżvilupp rurali f'xi Stati Membri, li jpoġġihom fi żvantaġġ;

37. Jistieden lill-Istati Membri jqisu approċċi aktar flessibbli sabiex ma ssirx ħsara fir-reġjuni u lill-produtturi tagħhom;

PAK intelliġenti, effiċjenti, sostenibbli u ġusta – naħdmu għall-bdiewa, għaċ-ċittadini, għaż-żoni rurali u għall-ambjent

38. Iqis li huwa meħtieġ li tinżamm l-arkitettura attwali b'żewġ pilastri u jenfasizza li l-pilastri jridu jkunu koerenti u komplementari, bil-Pilastru I iffinanzjat kompletament permezz tal-finanzjament mill-UE u jikkostitwixxi mezz effiċjenti ta' appoġġ għall-introjtu, għall-miżuri ambjentali ta' bażi u għall-kontinwità ta' miżuri eżistenti tas-suq, u l-Pilastru II jissodisfa l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri; iqis li huwa meħtieġ fl-istess ħin, madankollu, li l-bdiewa u benefiċjarji oħra jingħataw l-inċentiv li jwettqu azzjonijiet li jwasslu beni pubbliċi ambjentali u soċjali li mhumiex rimunerati mis-suq, u li jirrispettaw il-prattiki kemm ġodda kif ukoll stabbiliti tal-biedja fuq il-bażi ta' kriterji komuni, uniformi u oġġettivi, filwaqt li jippreservaw il-possibbiltà għall-Istati Membri li jieħdu approċċi speċifiċi biex jirriflettu l-kundizzjonijiet lokali u settorjali; iqis li t-tranżizzjoni tal-azjendi agrikoli Ewropej kollha lejn is-sostenibbiltà, l-integrazzjoni sħiħa tagħhom fl-ekonomija ċirkolari, u li l-istandards tal-prestazzjoni ekonomika jingħaqdu ma' dawk ambjentali u mingħajr l-ebda tnaqqis fl-istandards soċjali jew tal-impjiegi, għandhom ikunu prijorità ewlenija;

39. Ifakkar lill-Kummissjoni li l-objettivi tal-PAK kif stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE huma li tiżdied il-produttività agrikola, li jiġi żgurat standard ta' għajxien ġust għall-komunità agrikola, li jiġu stabbilizzati s-swieq, li tiġi ggarantita d-disponibbiltà tal-provvisti u jiġi żgurat li l-provvisti jaslu għand il-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli;

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

40. Jissottolinja l-potenzjal ta' innovazzjonijiet teknoloġiċi għal settur intelliġenti u effiċjenti li jagħti riżultati sostenibbli, partikolarment fir-rigward tal-użu effiċjenti tar-riżorsi, u l-monitoraġġ tas-saħħa tal-għelejjel u tal-annimali, kif ukoll tal-ambjent;

41. Jappella sabiex il-PAK tiffaċilita u tappoġġja l-applikazzjoni ta' innovazzjonijiet bħal dawn;

42. Iqis li l-arkitettura tal-PAK tal-futur tista' twettaq l-objettivi tagħha biss jekk tkun iffinanzjata biżżejjed; jitlob, għalhekk, li l-baġit tal-PAK jiżdied jew jinżamm f'euro kostanti fil-QFP li jmiss sabiex jintlaħqu l-ambizzjonijiet ta' PAK riveduta u effiċjenti wara l-2020;

43. Iqis li l-liberalizzazzjoni ulterjuri tas-suq li ġġib magħha tnaqqis tal-protezzjonijiet għall-bdiewa, ikun hemm bżonn il-ħtieġa ta' kumpens għas-settur agrikolu u, b'mod partikolari, għal dawk l-azjendi agrikoli li qed jiffaċċjaw żvantaġġi kompetittivi – b'mod partikolari diffikultajiet relatati mal-użu tal-art agrikola jew li jkunu jinsabu f'żoni muntanjużi – u huma biss dawn il-miżuri ta' kumpens li jistgħu jiżguraw il-ġestjoni tal-art agrikola estensiva u l-preservazzjoni tal-pajsaġġ kulturali;

44. Jenfasizza li l-baġit tal-PAK għandu jiġi adattat għall-ħtiġijiet u l-isfidi futuri, bħal dawk li jirriżultaw mill-impatti ta' Brexit u mill-ftehimiet ta' kummerċ ħieles adottati mill-UE mas-sħab kummerċjali ewlenin tagħha;

45. Jirrimarka d-differenzi persistenti fl-iżvilupp bejn iż-żoni rurali f'reġjuni differenti u bejn l-Istati Membri u għalhekk iqis li l-kriterji ta' koeżjoni għandu jibqa' jkollhom rwol importanti fit-tqassim tal-fondi tat-tieni pilastru bejn l-Istati Membri;

46. Jissottolinja l-importanza li jiġi allokat baġit b'saħħtu għall-Pilastru II (il-politika tal-iżvilupp rurali), fi ħdan il-baġit ġenerali tal-PAK;

47. Iqis li l-bdiewa jeħtieġ li jiġu appoġġjati fit-tranżizzjoni lejn sostenibbiltà sħiħa;

48. Iqis li l-iżvilupp ta' politiki u objettivi ġodda tal-UE ma jridux ikunu ta' detriment għas-suċċess tal-PAK u r-riżorsi tagħha;

49. Jirrikonoxxi l-inċertezza attwali dwar il-baġit futur tal-PAK;

50. Jenfasizza li r-riżorsi tal-PAK huma l-flus tal-kontribwenti minn kull Stat Membru u li l-kontribwenti madwar l-UE għandhom id-dritt li jiġu rassigurati li dawn il-fondi huma użati esklussivament b'mod immirat u trasparenti;

51. Jikkunsidra li għandhom jiġu evitati linji ta' żvilupp rurali ġodda li mhumiex akkumpanjati b'finanzjament addizzjonali;

52. Jemmen li huwa meħtieġ appoġġ aktar immirat għal sistemi agrikoli differenti, b'mod speċjali azjendi agrikoli tal-familja żgħar u medji u bdiewa żgħażagħ, sabiex jissaħħu l-ekonomiji reġjonali permezz ta' settur agrikolu produttiv f'termini ekonomiċi, ambjentali u soċjali; iqis li dan jista' jinkiseb permezz ta' rata ta' appoġġ ridistributtiva ogħla obbligatorja għall-ewwel ettari ta' azjenda, marbuta mad-daqs medju tal-azjenda fl-Istati Membri, fid-dawl tal-firxa wiesgħa tad-daqsijiet tal-azjendi agrikoli fl-UE kollha; jenfasizza li l-appoġġ għall-azjendi agrikoli akbar għandu jkun digressiv, biex jirrifletti l-ekonomiji ta' skala, bl-iffissar ta' limitu massimu obbligatorju li għandu jiġi deċiż fil-livell Ewropew, u kriterji flessibbli biex iqisu l-kapaċità tal-azjendi agrikoli u tal-kooperattivi biex jipprovdu impjiegi stabbli li jżommu n-nies fit-territorji rurali; jemmen li l-fondi disponibbli bl-iffissar ta' limitu massimu u bid-digressjoni għandhom jinżammu fl-Istat Membru jew fir-reġjun li jiġu minnhom;

53. Jemmen li huwa essenzjali li jkun żgurat li l-appoġġ hu mmirat lejn bdiewa ġenwini, b'enfasi fuq dawk li huma attivi fil-biedja sabiex jaqilgħu l-għajxien tagħhom;

54. Iqis li huwa neċessarju li tinżamm skema simplifikata għal produtturi żgħar biex tiffaċilita l-aċċess tagħhom u l-ġestjoni ta' pagamenti diretti tal-PAK;

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

55. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu identifikati l-elementi ewlenin ta' sistema bbilanċjata tajjeb, trasparenti, sempliċi u oġġettiva ta' penali u inċentivi, ikkombinata ma' sistema trasparenti u f'waqtha għad-determinazzjoni tal-eliġibbiltà tal-benefiċjarji li jirċievu flus pubbliċi għat-twettiq ta' beni pubbliċi, sistema li għandha tikkonsisti f'miżuri sempliċi, volontarji u obbligatorji u li jkunu orjentati lejn ir-riżultati, biex b'hekk jiċċaqlaq l-enfasi minn fuq il-konformità għal fuq il-prestazzjoni attwali;

56. Jisħaq fuq il-fatt li l-bdiewa part-time u l-individwi li jmexxu l-ażjendi agrikoli b'introjtu mħallat – li jagħtu ħajja lill-kampanja f'ħafna modi – jinvolvu ruħhom fil-biedja sabiex jaqilgħu l-għajxien tagħhom u huma bdiewa ġenwini, kif definit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni;

57. Jitlob li s-sistema kurrenti għall-kalkolu tal-pagamenti diretti taħt il-Pilastru I, b'mod partikolari fl-Istati Membri fejn il-valur tal-intitolamenti għadu jiġi kkalkulat parzjalment fuq il-bażi ta' referenzi storiċi, għandha tiġi mmodernizzata u mibdula b'metodu tal-kalkolu tal-pagamenti tal-UE, li l-komponent bażiku tiegħu jkun l-appoġġ għall-introjtu għall-bdiewa f'ċerti limiti u li jista' jiżdied f'biċċiet mal-kontribuzzjoni għat-twettiq tal-beni pubbliċi skont l-objettivi u l-miri tal-UE sal-2030, sabiex is-sistema tkun aktar sempliċi u aktar trasparenti;

58. Jilqa' l-Iskema ta' Pagament Uniku skont l-Erja (SPUE) li hija sempliċi, trasparenti u faċli biex tiġi implimentata, li ġiet applikata b'suċċess f'ħafna Stati Membri; jitlob, għalhekk, li l-SPUE għandha tinżamm wara l-2020 u jissuġġerixxi li għandha tintuża fi kwalunkwe Stat Membru jew minn kwalunkwe bidwi fl-UE;

59. Jenfasizza li din l-iskema tista' tbiddel is-sistema amministrattiva kumplessa ta' intitolamenti għal pagament, li twassal għal tnaqqis konsiderevoli fil-burokrazija;

60. Jemmen li, bil-għan li tiġi żgurata l-effettività tagħhom fuq medda twila ta' żmien, dawn il-pagamenti l-ġodda ma għandhomx isiru kummerċjabbli;

61. Jitlob li l-Kummissjoni teżamina l-ħtieġa ta' talbiet għal pagament fir-rigward tal-kompatibbiltà mar-regoli tad-WTO;

62. Jissottolinja l-fatt li l-fondi pubbliċi tal-PAK attwali, li qed jintefqu fuq attivitajiet attwali tal-bdiewa, huma suġġetti għal kontrolli preċiżi ħafna u fuq skala żgħira;

63. Iqis li l-pagamenti għandhom jinkludu wkoll kundizzjonalità komuni b'saħħitha inklużi riżultati ambjentali u beni pubbliċi oħra bħall-impjiegi ta' kwalità;

64. Ifakkar li r-riżoluzzjoni tal-Parlament dwar is-sitwazzjoni attwali tal-konċentrazzjoni tal-art agrikola fl-UE: kif niffaċilitaw l-aċċess tal-bdiewa għall-art tirrikonoxxi li l-pagamenti tal-art mingħajr kundizzjonalità ċara twassal għal distorsjonijiet tas-suq tal-artijiet, u b'hekk jinfluwenzaw il-konċentrazzjoni ta' aktar u aktar art agrikola f'idejn ftit proprjetarji;

65. Jiċċara li l-beni pubbliċi huma dawk is-servizzi li huma ogħla mil-leġiżlazzjoni statutorja dwar l-ambjent, il-klima u l-benessri tal-annimali, inkluż b'mod partikolari l-konservazzjoni tal-ilma, il-protezzjoni tal-bijodiversità, tal-fertilità tal-ħamrija, tad-dakkara, tas-saff tal-ħumus u tal-benessri tal-annimali;

66. Jisħaq fuq il-ħtieġa għal distribuzzjoni ġusta tal-pagamenti diretti bejn l-Istati Membri, li hija essenzjali għall-funzjonament tas-suq uniku, u li trid tqis il-kriterji oġġettivi bħall-ammonti rċevuti mill-Istati Membri taħt il-Pilastri I u II u l-fatt li l-kundizzjonijiet naturali, l-impjiegi u ċ-ċirkostanzi soċjoekonomiċi, l-istandards tal-għajxien ġenerali, l-ispejjeż tal-produzzjoni, b'mod speċjali l-ispejjeż tal-art, u l-kapaċità tal-akkwist mhumiex l-istess fl-UE kollha;

67. Jenfasizza li konverġenza akbar tal-ammont ta' pagamenti diretti bejn l-Istati Membri tista' tinkiseb biss jekk il-baġit jiżdied b'mod adegwat;

68. Jisħaq fuq il-fatt li l-pagamenti diretti qegħdin hemm biex jappoġġjaw il-bdiewa fil-produzzjoni tal-ikel u fil-protezzjoni tal-ambjent kif ukoll tal-istandards relatati mal-benessri tal-annimali;

69. Jemmen li, taħt il-kundizzjonijiet stretti li jkunu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq uniku, tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni, b'mod speċjali fir-rigward tal-komoditajiet, tiġi żgurata l-konsistenza mar-regoli tad-WTO, u biex ma tiġix kompromessa l-kisba tal-għanijiet ambjentali u klimatiċi, il-pagamenti ta' appoġġ akkopjat volontarju (VCS) għandhom jinżammu, iżda jiġu attivati biss wara l-valutazzjoni mill-Kummissjoni; jemmen li l-VCS iservi bħala għodda biex jindirizza l-ħtiġijiet tas-setturi sensittivi u l-objettivi speċifiċi relatati mal-ambjent, il-klima jew il-kwalità u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli, biex jinċentiva l-prattiki tal-biedja li jissodisfaw standards għolja tal-benessri tal-annimali u ambjentali, biex jegħleb diffikultajiet speċifiċi, b'mod partikolari dawk li jinħolqu mill-iżvantaġġ kompetittiv strutturali ta' reġjuni żvantaġġati u muntanjużi, kif ukoll diffikultajiet li huma aktar ta' natura temporanja u li jinħolqu mill-abbandun tal-iskema l-antika tal-intitolamenti, pereżempju; jemmen, barra minn hekk, li l-VCS huwa wkoll għodda li tippromwovi l-produzzjoni importanti b'mod strateġiku, bħall-għelejjel li fihom il-proteini, fil-futur, jew li tikkumpensa għall-effetti tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles; jenfasizza, barra minn hekk, li l-pagamenti tal-VCS huma importanti għaż-żamma tad-diversità tal-UE tal-produzzjoni agrikola, tal-impjiegi agrikoli u tas-sistemi tal-produzzjoni sostenibbli;

70. Jitlob li l-pagamenti mill-Pilastru I, inkluż l-appoġġ akkoppjat, ikunu limitati għal kull ettaru u kull benefiċjarju għall-ekwivalenti ta' darbtejn il-medja tal-pagamenti diretti tal-UE kull ettaru, biex ma jitħalliex li jkun hemm tagħwiġ tal-kompetizzjoni;

71. Ifakkar li l-iżgurar tat-tiġdid ġenerazzjonali u ta' min jidħol ġdid huma sfida għall-biedja f'ħafna Stati Membri u li kull strateġija nazzjonali jew reġjonali trid għalhekk tindirizza din il-kwistjoni permezz ta' approċċ komprensiv, li jimmobilizza r-riżorsi finanzjarji kollha tal-PAK, inkluż il-pagament addizzjonali għall-bdiewa żgħażagħ taħt il-Pilastru I, u miżuri li jgħinu lill-bdiewa żgħażagħ jistabbilixxu ruħhom taħt il-Pilastru II, li t-tnejn li huma għandhom isiru obbligatorji għall-Istati Membri, flimkien mal-appoġġ minn strumenti finanzjarji ġodda, bħall-għodda li tagħti aċċess għall-kapital fil-kuntest ta' riżorsi limitati; jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza ta' miżuri nazzjonali fit-tneħħija ta' ostakoli regolatorji u ekonomiċi filwaqt li jippromwovu l-ippjanar tas-suċċessjoni, il-pakketti tal-irtirar u l-aċċess għall-art, u fl-iffaċilitar u l-inkoraġġiment ta' arranġamenti kollaborattivi, bħal shubiji, biedja kondiviża, trobbija b'kuntratt u kiri bejn il-bdiewa anzjani u żgħażagħ; iqis li r-regoli tal-għajnuna mill-Istat għandhom jqisu wkoll l-importanza tat-tiġdid ġenerazzjonali u jipprevjenu t-tmiem tal-biedja tal-familja;

72. Jemmen li l-leġiżlazzjoni l-ġdida teħtieġ li tagħmel distinzjoni aktar ċara bejn il-kriterji li jiffurmaw il-bażi ta' inċentivi għal "bdiewa żgħażagħ" u għal "min jidħol ġdid fil-biedja" (bdiewa żgħażagħ qed jiġu definiti skont l-età, u min jidħol ġdid skont in-numru ta' snin minn meta stabbilew l-azjendi agrikoli tagħhom) sabiex issaħħaħ il-potenzjal għaż-żewġ gruppi biex iġġib magħha tiġdid ġenerazzjonali u ttejjeb il-ħajja fiż-żoni rurali;

73. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrikonoxxu li l-bidliet soċjetali, teknoloġiċi u ekonomiċi l-ġodda, bħall-enerġija nadifa, id-diġitalizzazzjoni u s-soluzzjonijiet intelliġenti għandhom impatt fuq il-ħajja rurali;

74. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-isforzi biex tittejjeb il-kwalità tal-ħajja fiz-zoni rurali sabiex tinkoraġġixxi lill-persuni – u b'mod speċjali ż-żgħażagħ – jibqgħu jew jirritornaw lejn ż-żoni rurali, u jħeġġeġ kemm lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Istati Membri jappoġġjaw l-iżvilupp ta' servizzi ġodda minn intraprendituri, prinċipalment min-nisa u ż-żgħażagħ;

75. Jinnota bi tħassib li n-nuqqas ta' ħaddiema f'diversi setturi agrikoli qed iwassal għall-waqfien tal-attivitajiet tal-biedja; jitlob li jingħata appoġġ sabiex jiġu attirati aktar ħaddiema lejn l-agrikoltura;

76. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jkun hemm skambju tal-mudelli li għamlu suċċess fl-Istati Membri u li jiġbru flimkien bdiewa żgħażagħ u anzjani għal tiġdid ġenerazzjonali;

77. Jirrakkomanda li l-aċċess għall-finanzjament għandu jitjieb permezz ta' rati tal-imgħax issussidjati fuq self għal min jidħol ġdid;

78. Ifakkar li ż-żoni rurali u l-insedjamenti jirrikjedu attenzjoni speċjali u sforzi integrati biex jiżviluppaw irħula intelliġenti;

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

79. Jitlob li jkun hemm kooperazzjoni mtejba mal-BEI u mal-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) sabiex jitrawwem il-ħolqien ta' strumenti finanzjarji ddedikati għall-bdiewa żgħażagħ fl-Istati Membri kollha;

80. Jappella għal kundizzjonijiet ekwi għal titjib teknoloġiku speċjali għaċ-ċentri u l-grilji rurali;

81. Jissottolinja l-importanza tal-iżvilupp rurali, inkluża l-inizjattiva LEADER, għat-titjib tas-sinerġiji bejn politiki differenti u għat-tisħiħ tal-kompetittività, għall-promozzjoni ta' ekonomiji effettivi u sostenibbli, għall-appoġġ ta' agrikoltura u forestrija sostenibbli u multifunzjonali, u għall-produzzjoni ta' ikel u prodotti u servizzi mhux tal-ikel, li jiġġeneraw valur miżjud u impjiegi; jisħaq fuq l-importanza tal-iżvilupp rurali fil-promozzjoni ta' sħubiji bejn il-bdiewa, il-komunitajiet lokali u s-soċjetà ċivili u fit-trawwim ta' attivitajiet u opportunitajiet imprenditorjali addizzjonali, li spiss ma jistgħux jiġu rilokati, fin-negozju agrikolu, fl-agrituriżmu, fil-kummerċjalizzazzjoni diretta, fl-agrikoltura appoġġjata mill-komunità, fil-bijoekonomija u fil-produzzjoni sostenibbli tal-bijoenerġija u tal-enerġija rinnovabbli, li lkoll jgħinu biex jiżguraw il-preservazzjoni tal-attività ekonomika fir-reġjuni; jenfasizza, għalhekk, l-importanza tat-tisħiħ finanzjarju tal-Pilastru II, biex b'hekk jiżdied il-potenzjal tal-ġenerazzjoni tal-introjtu, biex jgħin fl-indirizzar tad-depopolazzjoni, il-qgħad, il-faqar u biex jippromwovi l-inklużjoni soċjali, il-provvista tas-servizzi soċjali u t-tisħiħ tan-nisġa soċjoekonomika fiż-żoni rurali, bl-objettiv ġenerali ta' titjib fil-kwalità tal-ħajja fihom;

82. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi approċċ ta' investiment iffinanzjat minn diversi sorsi fil-perjodu leġiżlattiv ta' wara l-2020 sabiex tiżgura l-implimentazzjoni bla xkiel tal-għodod integrati ta' żvilupp rurali, bħall-inizjattiva tal-irħula intelliġenti;

83. Jitlob li jinħoloq fond ġdid għal żvilupp lokali mmexxi mill-komunità (CLLD), imsejjes fuq l-inizjattiva LEADER u fuq l-esperjenza fil-qasam, li għandu jiġi allokat f'livell ta' 10 % fil-fondi kollha strutturali għall-objettivi stabbiliti mill-istrateġiji mmexxija mill-komunità lokali, mingħajr ebda demarkazzjoni bejn il-fondi strutturali li għandhom jintużaw fuq bażi deċentralizzata;

84. Jenfasizza li l-programmi ta' żvilupp rurali għandu jkollhom valur miżjud għall-azjendi agrikoli u jżommu r-rwol importanti tagħhom fl-iffaċilitar ta' azzjoni fit-tul rigward prattiki innovattivi u miżuri agroambjentali;

85. Jemmen li għandha tingħata attenzjoni addizzjonali fl-inizjattiva LEADER għall-ħtiġijiet u l-proġetti tal-azjendi agrikoli tal-familja fuq skala mikro, minbarra li tingħata l-assistenza finanzjarja meħtieġa;

86. Jemmen li ġie ppruvat li ż-żoni rurali jeħtieġu nisa u rġiel li jinvolvu ruħhom fil-biedja fuq skala żgħira u medja;

87. Jisħaq fuq l-importanza li jinżamm l-appoġġ kompensatorju speċifiku għall-azjendi agrikoli f'żoni żvantaġġati, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Istati Membri fid-dawl taċ-ċirkostanzi lokali partikolari tagħhom;

88. Jenfasizza, barra minn hekk, li l-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji fl-iżvilupp rurali għandha ssir fuq bażi volontarja, filwaqt li l-investimenti f'żoni rurali għandhom jissaħħu;

89. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi miżuri għall-inizjattiva tal-irħula intelliġenti biex l-irħula intelliġenti jkunu prijorità fil-politika ta' żvilupp rurali li jmiss;

90. Jemmen li l-finanzjament tal-Pilastru II għat-trobbija tan-naħal għandu jiġi mmirat aħjar u jsir aktar effettiv u li l-qafas leġiżlattiv il-ġdid għandu jipprovdi skema ġdida ta' appoġġ tal-Pilastru I għal min irabbi n-naħal, inkluż appoġġ dirett għal kull xehda tad-duqqajs;

91. Jenfasizza li għandha tiġi applikata rata ogħla ta' kofinanzjament għall-miżuri li huma inqas relatati mal-biedja;

92. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi reġim ta' kundizzjonalità ġdid, koerenti, rinfurzat u simplifikat fil-Pilastru I, li jippermetti l-integrazzjoni u l-implimentazzjoni tat-tipi differenti ta' azzjonijiet ambjentali eżistenti, bħall-miżuri attwali ta' kundizzjonalità u ta' ekoloġizzazzjoni; jenfasizza li l-linja bażi tal-Pilastru I biex jinkiseb l-iżvilupp agrikolu sostenibbli għandha tkun obbligatorja u tistipula b'mod ċar il-miżuri u r-riżultati mistennija mill-bdiewa sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi, filwaqt li tiġi żgurata burokrazija minima fil-livell tal-azjenda agrikola u, billi jitqiesu l-kundizzjonijiet lokali, il-kontroll adegwat mill-Istati Membri; jitlob, barra minn hekk, skema ġdida u sempliċi, li għandha tkun obbligatorja għall-Istati Membri u fakultattiva għall-azjendi agrikoli, ibbażata fuq ir-regoli tal-UE li jmorru lil hinn mil-linja bażi biex tinċentiva t-tranżizzjoni tal-bdiewa lejn tekniki u prattiki sostenibbli għall-klima u għall-ambjent u li huma kompatibbli mal-miżuri agroambjentali klimatiċi (AECMs) fil-Pilastru II; jemmen li l-implimentazzjoni ta' din l-iskema għandha tkun iddeterminata fil-pjanijiet strateġiċi nazzjonali f'qafas tal-UE;

93. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-AECMs tal-Pilastru II għall-iżvilupp rurali jkomplu jikkumpensaw l-ispejjeż addizzjonali u n-nuqqasijiet assoċjati mal-istabbiliment volontarju mill-bdiewa ta' prattiki ambjentali u li ma jagħmlux ħsara lill-klima, bil-possibbiltà ta' żieda ta' inċentiv għall-investiment fil-protezzjoni ambjentali, fil-bijodiversità u fl-effiċjenza fir-riżorsi; iqis li dawn il-programmi għandhom ikunu simplifikati, immirati aħjar u aktar effiċjenti, sabiex il-bdiewa jkunu jistgħu jwettqu b'mod effettiv l-għanijiet ambizzjużi tal-politika fir-rigward tal-protezzjoni ambjentali, il-bijodiversità, il-ġestjoni tal-ilma u l-azzjoni klimatika u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, filwaqt li jiżguraw burokrazija minima fil-livell tal-azjenda agrikola u, billi jitqiesu l-kundizzjonijiet lokali, kontroll adegwat mill-Istati Membri;

94. Jitlob, barra minn hekk, li l-azjendi agrikoli jipproduċu biss agrikola organika f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u huma eżentati mir-rekwiżiti tal-ekoloġizzazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, u li l-azjendi agrikoli li jwettqu miżuri agroambjentali fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 għandhom ukoll ikunu eżentati;

95. Jenfasizza li r-reġjuni Mediterranji tal-UE huma aktar vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima, bħan-nixfa, in-nirien u d-deżertifikazzjoni, u li l-bdiewa jeħtieġu jagħmlu sforzi akbar f'dawn iż-żoni biex jadattaw l-attivitajiet tagħhom għat-tibdil fl-ambjent;

96. Iqis li l-proposti leġiżlattivi futuri tal-Kummissjoni għandhom jippermettu appoġġ lill-akbar numru possibbli ta' bdiewa fl-isforzi tagħhom biex jimmodernizzaw lejn aktar żvilupp agrikolu sostenibbli;

97. Jitlob li, fl-interessi tas-simplifikazzjoni tal-PAK, jinżammu l-eżenzjonijiet eżistenti u mhux jintefa piż fuq l-iżgħar azjendi agrikoli taħt 15-il ettaru b'aktar miżuri ambjentali u klimatiċi skont il-PAK;

98. Jipproponi li din il-forma ġdida ta' ekoloġizzazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn mezzi sinifikanti, ikkoordinati u aktar effiċjenti fil-Pilastru II permezz ta' investimenti mmirati tanġibbli u mhux tanġibbli (trasferiment ta' għarfien, taħriġ, pariri, skambju tal-għarfien, netwerking u innovazzjoni permezz tas-Shubijiet Ewropej għall-Innovazzjoni (EIPs)), u hija forma oħra li tixpruna bidla;

99. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proposti leġiżlattivi tagħha għar-riforma tal-PAK ikunu jinkludu miżuri u strumenti adatti biex jintegraw il-produzzjoni tal-għelejjel li fihom il-proteina fis-sistemi mtejba tan-newba tal-għelejjel, bil-għan li jingħeleb id-defiċit li hemm bħalissa tal-proteini, jittejjeb l-introjtu tal-bdiewa u jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin li qed tiffaċċja l-agrikoltura, bħalma huma t-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u tal-fertilità tal-ħamrija u l-protezzjoni u l-immaniġġjar sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma;

100. Jemmen li ammont minimu mill-baġit totali disponibbli fil-Pilastru II għandu jiġi allokat għall-AECMs, inklużi l-agrikoltura organika, is-sekwestru tal-karbonju, is-saħħa tal-ħamrija, il-miżuri ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti, l-ippjanar tal-ġestjoni tan-nutrijenti għall-protezzjoni tal-bijodiversità, u d-dakkir u d-diversità ġenetika fl-annimali u fil-pjanti; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza taż-żamma tal-pagamenti ta' Natura 2000 u li jiġi żgurat li jkunu suffiċjenti biex iservu ta' inċentiv ġenwin għall-bdiewa;

101. Jisħaq fuq il-ħtieġa għal pagamenti skont l-iżvilupp rurali lill-bdiewa f'żoni b'restrizzjonijiet naturali, kundizzjonijiet klimatiċi diffiċili, għoljiet weqfin jew limitazzjonijiet f'termini ta' kwalità tal-ħamrija; jitlob simplifikazzjoni u titjib fl-approċċ tal-pjan ANC wara l-2020;

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

102. Ifakkar li l-Parlament diġà enfasizza li l-"Kontroll tal-Idoneità" tad-Direttiva Natura jenfasizza l-bżonn li tittejjeb il-koerenza mal-PAK, u jenfasizza t-tnaqqis inkwetanti fl-ispeċijiet u fil-ħabitats marbuta mal-agrikoltura; jistieden lill-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni tal-impatt tal-PAK fuq il-bijodiversità; jerġa' jitlob pagamenti ogħla għan-Natura 2000 biex tiġi inċentivata aktar il-protezzjoni tas-siti agrikoli tan-Natura 2000, li jinsabu fi stat ħażin ħafna;

103. Jitlob li jiġu implimentati u msaħħa l-miżuri agrikoli intelliġenti fil-livell klimatiku billi se jiżdiedu impatti futuri tal-bidla fil-klima fuq l-agrikoltura fl-Ewropa;

104. Iqis li r-riskji assoċjati mat-tibdil fil-klima u mad-degradazzjoni tal-art fil-pajsaġġ maħdum kollu jeħtieġ li jiġu ġestiti fil-PAK, permezz ta' investiment sabiex l-agroekosistemi jsiru reżiljenti u robusti, u investiment fl-infrastruttura ekoloġika biex tibni ħamrija tal-wiċċ, treġġa' l-erożjoni tal-ħamrija, tintroduċi/ittawwal in-newba tal-uċuħ tar-raba', iżżid aktar siġar fil-pajsaġġ u ttejjeb id-diversità bijoloġika u strutturali fl-azjendi agrikoli;

105. Iqis li għandu jingħata appoġġ u jiġi promoss l-użu akbar ta' skart agrikolu bħala sors rinnovabbli, effiċjenti u sostenibbli tal-enerġija għal żoni rurali;

106. Jistieden lill-Kummissjoni trawwem l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-immodernizzar fil-biedja, fl-agroforestrija u fis-settur tal-ikel billi tappoġġja sistema ta' konsulenza b'saħħitha u taħriġ li huwa adattat aħjar għall-ħtiġijiet tal-benefiċjarji tal-PAK fl-iżvilupp tal-prattiki tagħhom lejn aktar sostenibbiltà u protezzjoni tar-riżorsi, u billi tappoġġja l-applikazzjoni ta' teknoloġiji intelliġenti sabiex iwieġbu b'mod aktar effettiv għall-isfidi fl-oqsma tas-saħħa, l-ambjent u l-kompetittività; jenfasizza li t-taħriġ u l-estensjoni jridu jkunu prekundizzjoni fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programm fl-Istati Membri kollha u li huwa essenzjali li jitrawwem it-trasferiment tal-għarfien espert, il-mudelli tal-aħjar prattika u l-iskambji fost il-kooperattivi u l-organizzazzjonijiet tal-produtturi madwar l-Istati Membri, ngħidu aħna permezz tas-sistema tal-għarfien u tal-innovazzjoni agrikoli (AKIS); jemmen li l-metodi agroekoloġiċi, u l-prinċipji li fuqhom hija bbażata l-biedja ta' preċiżjoni, jistgħu jiġġeneraw benefiċċji sinifikanti għall-ambjent, iżidu l-introjtu tal-bdiewa, jirrazzjonalizzaw l-użu ta' makkinarju agrikolu u jżidu b'mod sinifikanti l-effiċjenza tar-riżorsi;

107. Jenfasizza l-ħtieġa importanti li l-PAK, Orizzont 2020 u skemi oħra ta' finanzjament ta' appoġġ jinkoraġġixxu lill-bdiewa biex jinvestu f'teknoloġiji ġodda li jkunu adattati għad-daqs tal-azjendi agrikoli tagħhom, bħal għodod tal-biedja ta' preċiżjoni u diġitali li jtejbu r-reżiljenza u l-impatt ambjentali tal-agrikoltura;

108. Jistieden lill-Kummissjoni tistimola l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji innovattivi għall-azjendi agrikoli ta' kull tip, irrispettivament mid-daqs tagħhom u mill-produzzjoni, sew jekk konvenzjonali jew organiċi, trobbija tal-bhejjem jew uċuħ tar-raba', fuq skala żgħira jew kbira;

109. Jitlob li l-Kummissjoni twettaq PAK li tikseb aktar innovazzjoni, tikkontribwixxi għal progress fil-bijoekonomija u tipprovdi soluzzjonijiet għall-bijodiversità, il-klima u l-ambjent;

110. Jistieden lill-Kummissjoni tiffoka fuq il-kwalità tal-ħajja f'żoni rurali, biex tagħmilha attraenti għan-nies kollha, b'mod speċjali għall-ġenerazzjoni żagħżugħa;

111. Jemmen li d-diġitalizzazzjoni tal-agrikoltura u l-agrikoltura ta' preċiżjoni promossi fil-PAK ma għandhomx jagħmlu lill-bdiewa aktar dipendenti fuq kontribuzzjonijiet addizzjonali jew finanzjament estern, u lanqas ma għandhom jipprevjenu l-aċċess tagħhom għar-riżorsi, iżda għandhom ikunu pubbliċi, miftuħa u żviluppati b'mod inklużiv bl-involviment tal-bdiewa;

112. Jitlob li, mingħajr preġudizzju għal definizzjoni mill-ġdid tal-ammont totali ta' appoġġ mill-UE għall-iżvilupp rurali, il-programmi attwali tal-iżvilupp rurali, approvati skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013, jibqgħu japplikaw sal-2024 jew sakemm tiġi adottata riforma ġdida;

113. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tippromwovi l-kunċett ta' "irħula intelliġenti" fl-UE, li permezz ta' żvilupp aktar ikkoordinat tal-politiki differenti, se jkun possibbli li tiġi indirizzata b'mod komprensiv l-insuffiċjenza tal-konnessjonijiet broadband, tal-opportunitajiet ta' impjiegi u tal-forniment ta' servizzi f'żoni rurali;

114. Jitlob li tittieħed azzjoni biex tiġi indirizzata l-problema serja ta' inċidenti fl-azjendi agrikoli, li jirriżultaw f'korrimenti u fatalitajiet f'dawn l-azjendi tal-UE, permezz ta' miżuri tal-Pilastru II li jappoġġjaw investiment f'miżuri ta' sikurezza u taħriġ;

115. Jitlob li, fil-kuntest tal-iżvilupp ta' strateġija tal-UE dwar l-għelejjel tal-proteini, ikun hemm applikazzjoni unika tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti matul il-perjodu minn qabel sa ftit żmien biss wara ż-żrigħ, u li għandha tiġi awtorizzata għall-artijiet kollha fosthom l-għelejjel tal-proteini;

116. Jemmen li l-investimenti fl-innovazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ huma vitali għall-futur tal-agrikoltura Ewropea;

117. Jenfasizza li approċċ ibbażat fuq ir-riżultati fil-livell tal-Istati Membri u dak reġjonali u soluzzjonijiet innovattivi pprovduti minn skemi ta' ċertifikazzjoni għandhom ikomplu jiġu investigati fil-qafas tal-PAK tal-futur, mingħajr ma tiżdied il-burokrazija u l-kontrolli fuq il-post;

118. Jitlob l-introduzzjoni ta' modernizzazzjoni mmirata u miżuri ta' titjib strutturali taħt il-Pilastru II, bil-ħsieb li jinkisbu l-objettivi prijoritarji bħal "Digital Farming 4.0";

119. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jissalvagwardjaw u jippromwovu l-aċċess għaż-żrieragħ u għall-produzzjoni agrikola lill-bdiewa żgħar u lill-gruppi emarġinati, u jippromwovu u jissalvagwardjaw l-iskambju taż-żrieragħ u s-sjieda pubblika tagħhom, flimkien mat-tekniki tradizzjonali sostenibbli li jiggarantixxu d-dritt tal-bniedem għall-ikel u n-nutrizzjoni xierqa;

120. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu aktar enfasi fuq l-opportunitajiet imprenditorjali għal servizzi lejn l-irħula u servizzi li joriġinaw minnhom;

121. Jinnota li kull azjenda agrikola hija differenti u li għalhekk hemm bżonn ta' soluzzjonijiet individwali;

Pożizzjoni b'saħħitha għall-bdiewa fis-sistema alimentari globali

122. Jistieden lill-Kummissjoni żżomm il-qafas attwali tal-organizzazzjoni komuni tas-suq unika (OKS unika) fi ħdan il-Pilastru I, inklużi l-istrumenti speċifiċi ta' politika u l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni, u ttejjeb l-iskema tal-UE ta' frott, ħxejjex u ħalib għall-iskejjel; jenfasizza l-importanza tas-sistemi tal-ġestjoni tal-produzzjoni eżistenti għal prodotti speċifiċi u ż-żamma ta' programmi ta' setturi individwali obbligatorji (inbid, frott u ħxejjex, żejt taż-żebbuġa u apikultura) għall-pajjiżi produtturi, bl-għan aħħari tat-tisħiħ tas-sostenibbiltà u tal-kompetittività ta' kull settur u ż-żamma ta' kundizzjonijiet ekwi filwaqt li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-bdiewa kollha;

123. Jemmen li l-esperjenza pożittiva u "orjentata lejn is-suq" tal-programmi operazzjonali tal-OKS unika fis-settur tal-frott u l-ħxejjex, implimentati mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u ffinanzjati fuq il-bażi tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata, uriet l-effikaċja tagħhom fit-tisħiħ tal-kompetittività u fl-istrutturar tas-setturi mmirati u fit-titjib tas-sostenibbiltà tagħhom; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tqis l-introduzzjoni ta' programmi operazzjonali simili għal setturi oħra; jemmen li dan jista' jkun ta' benefiċċju partikolari għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jirrappreżentaw lill-bdiewa fis-settur tal-ħalib fir-reġjuni muntanjużi u fiż-żoni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni, li jipproċessaw u jikkummerċjalizzaw prodotti ta' kwalità għolja u jżommu l-produzzjoni tal-ħalib f'dawn iż-żoni diffiċili għall-biedja;

124. Ifakkar li l-inugwaljanza tas-saħħa fis-suq tirrappreżenta ostaklu partikolari għall-produzzjoni li tkopri l-ispejjeż fis-settur tal-ħalib;

125. Jiġbed l-attenzjoni għall-possibbiltà li tiġi introdotta Skema Volontarja għat-Tnaqqis tal-Provvista tal-Ħalib fl-ambitu tal-OKS;

126. Jappella għall-introduzzjoni ta' strument ġdid għall-ġestjoni tal-awtoassistenza għaż-żejt taż-żebbuġa, li jippermetti li ż-żejt jinħażen fis-snin meta jkun hemm eċċess tal-produzzjoni, u biex jiġi rilaxxat fis-suq meta l-produzzjoni tkun inqas mid-domanda;

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

127. Jinsisti fuq il-ħtieġa kritika li l-PAK tal-futur tappoġġja lill-bdiewa b'mod aktar effiċjenti, ġust u fil-pront sabiex ilaħħqu mal-volatilità tal-prezzijiet u tal-introjtu minħabba l-klima, il-kundizzjonijiet ħżiena tat-temp, u riskji sanitarji u tas-suq, billi jinħolqu inċentivi addizzjonali u kundizzjonijiet tas-suq li jistimolaw l-iżvilupp u l-użu volontarju tal-ġestjoni tar-riskju u tal-għodod għall-istabbilizzazzjoni (skemi ta' assigurazzjoni, għodod għall-istabbilizzazzjoni tal-introjtu, mekkaniżmi ta' forniment individwali u fondi mutwi) filwaqt li tiżgura l-aċċessibbiltà għall-bdiewa kollha u l-kompatibbiltà mal-iskemi nazzjonali eżistenti;

128. Jappella biex jingħata appoġġ aħjar biex tiżdied il-produzzjoni tal-pjanti leguminużi fl-UE u biex jingħataw għajnuniet speċifiċi lil dawk li jrabbu n-ngħaġ u l-mogħoż b'mod estensiv, fid-dawl tal-benefiċċji li dawn is-setturi għandhom fuq l-ambjent u l-ħtieġa li titnaqqas id-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjoni ta' proteini għall-għalf;

129. Jenfasizza li l-PAK orjentata lejn il-futur għandha tkun imfassla biex tindirizza aħjar kwistjonijiet tas-saħħa kritiċi, bħal dawk relatati mar-reżistenza għall-antimikrobiċi, mal-kwalità tal-arja, u man-nutrizzjoni aktar tajba għas-saħħa;

130. Jissottolinja l-isfidi imposti fuq is-saħħa tal-annimali u tal-bnedmin mir-reżistenza għall-antimikrobiċi; jemmen li l-qafas ġuridiku ġdid għandu jippromwovi b'mod attiv livell ogħla ta' saħħa u benessri tal-annimali bħala mezz sabiex tiġi miġġielda r-reżistenza għall-antibijotiċi, u b'ħekk jipproteġi aħjar is-saħħa pubblika u s-settur tal-biedja kollu kemm hu;

131. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li r-riskji tas-suq jistgħu wkoll jiġu ġestiti permezz ta' titjib fl-aċċess tas-suq għall-prodotti agrikoli u alimentari tal-UE fis-swieq tal-esportazzjoni;

132. Jinsisti fuq l-importanza tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-produtturi primarji fil-katina tal-provvista tal-ikel, b'mod partikolari billi tiġi ggarantita distribuzzjoni ġusta tal-valur miżjud bejn il-produtturi, il-proċessuri u s-settur tal-bejgħ bl-imnut, billi jiġu introdotti r-riżorsi u l-inċentivi finanzjarji meħtieġa biex jappoġġjaw il-ħolqien u l-iżvilupp ta' organizzazzjonijiet ekonomiċi, kemm vertikali kif ukoll orizzontali, bħal organizzazzjonijiet tal-produtturi, inklużi kooperattivi, u l-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet interprofessjonali tagħhom, billi jistabbilixxu standards minimi armonizzati biex jiġġieldu prattiki kummerċjali inġusti u abbużivi tul il-katina tal-provvista tal-ikel u billi jsaħħu t-trasparenza fis-swieq u permezz ta' għodod ta' prevenzjoni tal-kriżijiet;

133. Jenfasizza li, skont l-objettivi tal-Artikolu 39 tat-TFUE u l-eċċezzjoni msemmija fl-Artikolu 42 tat-TFUE, ir-regolament omnibus iċċara r-relazzjoni legali bejn id-dispożizzjonijiet tal-OKS unika u r-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE u introduċa possibbiltajiet kollettivi ġodda għall-bdiewa biex isaħħu s-setgħa ta' negozjar tagħhom fil-katina tal-provvista tal-ikel; jemmen li dawn id-dispożizzjonijiet huma essenzjali fil-qafas tal-PAK tal-futur u għandhom jittejbu aktar;

134. Iqis li billi nitgħallmu mill-esperjenzi tal-passat tal-funzjonament tal-Osservatorji differenti tas-Suq tal-UE (Ħalib, Laħam, Zokkor u Għelejjel), dawn l-għodod għandhom jiġu estiżi għas-setturi li għadhom mhumiex koperti u żviluppati aktar biex joffru data u tbassir affidabbli lill-operaturi tas-suq sabiex titwassal twissija bikrija u jkunu jistgħu jittieħdu azzjonijiet fil-pront u preventivi fil-każ ta' disturbi fis-suq bil-għan li jiġu evitati l-kriżijiet;

135. Jappella għal appoġġ imsaħħaħ għas-swieq lokali u għall-ktajjen qosra tal-provvista alimentari, u għall-promozzjoni tagħhom; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati servizzi lokali marbuta mal-ktajjen qosra tal-provvista;

136. Jistieden lill-Kummissjoni tikkjarifika aktar u taġġorna, fejn meħtieġ, ir-regoli għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-organizzazzjonijiet interprofessjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-politika tal-kompetizzjoni, bl-għan li l-organizzazzjonijiet interprofessjonali jadottaw miżuri u jikkonkludu ftehimiet sabiex jissodisfaw l-esiġenzi tas-soċjetà;

137. Jenfasizza li l-għodod storiċi tal-ġestjoni tas-suq tal-PAK (jiġifieri l-intervent pubbliku u l-ħżin privat) għandhom effett iżgħar u insuffiċjenti fil-kuntest ta' ekonomiji globalizzati u li l-għodod tal-ġestjoni tar-riskju mhumiex dejjem suffiċjenti biex ilaħħqu mal-volatilità sinifikanti tal-prezzijiet u ma' disturbi severi fis-suq;

138. Jenfasizza l-ħtieġa, għalhekk, li l-OKS unika tkompli taqdi rwol importanti fil-PAK tal-futur bħala xibka ta' sikurezza fi swieq agrikoli li qed jistabbilizzaw malajr u fl-antiċipazzjoni ta' kriżijiet, u jissottolinja l-importanza tar-regolament omnibus biex jippermetti u jinkoraġġixxi – mit-tagħlimiet meħuda mill-aħħar kriżijiet tas-suq, b'mod partikolari fis-settur tal-ħalib – l-użu komplementari ta' strumenti innovattivi tas-suq u tal-ġestjoni ta' kriżijiet, bħall-ftehimiet tas-settur volontarji, biex jimmaniġġjaw u, fejn xieraq, inaqqsu l-provvista f'termini kwantitattivi fost il-produtturi, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, l-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, u l-organizzazzjonijiet interprofessjonali u l-proċessuri (eż. l-Iskema tat-Tnaqqis tal-Produzzjoni tal-Ħalib tal-UE);

139. Jilqa' l-ħidma li qiegħda ssir fuq l-istrateġija sostenibbli tal-UE dwar il-proteini;

140. Jinnota n-neċessità li jinħolqu swieq lokali u reġjonali għall-għelejjel tal-legumi madwar l-UE, għat-titjib fil-prestazzjoni ambjentali bl-użu tas-sistema tan-newba tal-għelejjel, filwaqt li titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-għalf, tal-fertilizzanti u tal-pestiċidi, u jiżdiedu l-vijabbiltà u l-inċentivi ekonomiċi biex issir bidla għal prattiki agrikoli aktar sostenibbli;

141. Iqis li l-miżuri għall-ġestjoni tal-provvista ta' ġobnijiet u prieżet b'denominazzjonijiet ta' oriġini protetta jew b'indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, jew ta' nbejjed, urew l-effiċjenza tagħhom fit-titjib tas-sostenibbiltà, tal-kompetittività u tal-kwalità tal-prodotti fil-mira, u għandhom għalhekk jinżammu u, jekk meħtieġ, estiżi sabiex ikopru kwalunkwe prodott b'tikketta ta' kwalità skont l-objettivi tal-PAK;

142. Jitlob li jsir rieżami fil-fond tal-mekkaniżmu ta' riżerva għall-kriżijiet attwali sabiex jinħoloq fond tal-UE indipendenti u li jista' jitħaddem għall-kriżijiet agrikoli, li jkun eżentat mill-prinċipju tal-annwalità tal-baġit, sabiex jippermetti trasferimenti baġitarji minn sena għall-oħra, b'mod speċjali meta l-prezzijiet tas-suq ikunu għoljin biżżejjed, filwaqt li r-riżerva tal-kriżijiet tinżamm f'livell kostanti tul il-perjodu kollu tal-QFP, biex b'hekk ikunu permessi azzjonijiet u reazzjonijiet ta' prevenzjoni aktar rapidi, aktar koerenti u effettivi li jkunu komplementari għall-użu tal-għodod tas-suq u tal-ġestjoni tar-riskju fil-każ ta' sitwazzjonijiet ta' kriżijiet severi, inklużi dawk li jinvolvu konsegwenzi ekonomiċi għall-bdiewa minħabba kwistjonijiet marbuta mas-saħħa tal-annimali, il-mard tal-pjanti u s-sikurezza tal-ikel, kif ukoll dawk li jirriżultaw minn xokkijiet esterni b'impatt fuq l-agrikoltura;

143. Jemmen li l-ftehimiet kummerċjali, filwaqt li huma ta' benefiċċju għal xi setturi agrikoli tal-UE, u huma meħtieġa biex tissaħħaħ il-pożizzjoni tal-Unjoni fis-suq agrikolu globali u tibbenefika minnhom l-ekonomija tal-UE inġenerali, jippreżentaw ukoll għadd ta' sfidi, b'mod partikolari għall-biedja fuq skala żgħira u medja u għal setturi sensittivi li jridu jitqiesu, bħar-rispett għall-istandards sanitarji, fitosanitarji, tal-benessri tal-annimali, ambjentali u soċjali, b'hekk jeħtieġ li jkun hemm koerenza bejn il-politika kummerċjali u ċerti objettivi tal-PAK u li ma jirriżultawx fid-dgħufija tal-istandards għolja tal-Ewropa jew li t-territorji rurali jitqiegħdu f'riskju;

144. Jenfasizza li l-applikazzjoni ta' standards differenti żżid ir-riskju tal-esportazzjoni tal-produzzjoni domestika tal-UE lejn pajjiżi oħra, għad-detriment tal-iżvilupp rurali, tal-ambjent u, f'ċerti każijiet, tal-kwalità tal-ikel;

145. Jissottolinja li l-ħtieġa ta' mekkaniżmi ta' salvagwardja msaħħa għandha wkoll tkun parti mid-dibattiti dwar il-ftehimiet kummerċjali futuri (Mercosur, New Zealand, l-Awstralja eċċ.) u l-impatt tagħhom fuq l-agrikoltura fl-Ewropa;

146. Jenfasizza li, filwaqt li huwa importanti li titkompla l-ħidma għal żieda fl-aċċess għas-suq għall-prodotti agrikoli Ewropej, hemm bżonn miżuri adegwati għall-protezzjoni tal-agrikoltura Ewropea li jqisu t-tħassib speċifiku tas-settur, bħal mekkaniżmi ta' salvagwardja biex jiġu evitati impatti soċjoekonomiċi negattivi fuq bdiewa fuq skala żgħira u fuq skala medja fl-UE u f'pajjiżi terzi, jew l-esklużjoni potenzjali min-negozjati tas-setturi l-aktar sensittivi u l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' reċiproċità fil-kundizzjonijiet tal-produzzjoni, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn il-bdiewa fl-UE u l-kompetituri barranin tagħhom; jinsisti li l-produzzjoni Ewropea ma tridx tiġi mminata minn importazzjonijiet inferjuri u li mhumiex konformi mal-istandards;

147. Jistieden lill-Kummissjoni tibda tqis l-agrikoltura bħala attività strateġika u tadotta approċċ għall-ftehimiet ta' kummerċ ħieles b'tali mod li l-agrikoltura ma titqiesx bħala varjabbli ta' aġġustament tas-setturi l-oħra involuti fil-kummerċ u tipproteġi setturi ewlenin bħall-produzzjoni tal-ħalib mhux ipproċessat;

148. Huwa tal-fehma li r-rekwiżiti tal-kummerċ internazzjonali u tad-WTO kellhom impatt sinifikanti kbir fuq is-serje ta' reviżjonijiet tal-PAK li twettqu sa mid-disgħinijiet; iqis li dawn ir-reviżjonijiet wasslu biex il-prodotti agrikoli Ewropej u s-settur agroalimentari Ewropew ikunu aktar kompetittivi, iżda imminaw ukoll partijiet kbar tas-settur agrikolu billi esponuhom għall-instabbiltà tas-swieq dinjija; huwa tal-fehma li issa huwa ż-żmien, kif tissuġġerixxi l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Futur tal-Biedja u tal-Ikel fl-Ewropa, li jkun hemm aktar enfasi fuq l-objettivi l-oħra tal-PAK, bħall-istandards ta' għajxien tal-bdiewa u kwistjonijiet dwar is-saħħa, l-impjiegi, l-ambjent u l-klima;

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

149. Jissottolinja li l-politika kummerċjali tal-UE għandha tkun koerenti ma' politiki oħra tal-UE, bħall-politika tal-iżvilupp u l-politika ambjentali, u għandha tappoġġja l-kisba tal-SDGs, u li tista' tikkontribwixxi biex jinkisbu l-objettivi tal-PAK, b'mod partikolari biex jiġi żgurat standard ġust ta' għajxien għall-komunità agrikola u li l-provvisti jaslu għand il-konsumaturi bi prezzijiet raġonevoli; jisħaq fuq il-fatt li s-settur agroalimentari tal-UE għandu jieħu vantaġġ mill-opportunitajiet għat-tkabbir offruti mill-esportazzjonijiet, peress li madwar 90 % tad-domanda globali addizzjonali għall-prodotti agroalimentari matul l-għaxar snin li ġejjin se tiġi minn barra l-Ewropa; jenfasizza li l-PAK trid tissodisfa l-ħtiġijiet relatati mal-ikel, l-ambjent u l-klima tas-soċjetà Ewropea qabel ma tiffoka fuq il-produzzjoni għall-bejgħ fis-suq agrikolu internazzjonali; jenfasizza li l-ħekk imsejħa pajjiżi li qed jiżviluppaw għandu jkollhom biżżejjed opportunitajiet biex jistabbilixxu u jżommu settur agroalimentari b'saħħtu waħedhom;

150. Iqis, barra minn hekk, li prodotti manifatturati b'rabta mad-deforestazzjoni, il-ħtif tal-art jew tar-riżorsi u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem ma għandhomx jingħataw aċċess fis-suq tal-UE;

151. Ifakkar fil-Kunsens Ewropew il-Ġdid għall-Iżvilupp li fih l-UE u l-Istati Membri tagħha jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom u jirrikonoxxu l-importanza fundamentali tar-rispett effettiv tal-prinċipju tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD) stabbilit fl-Artikolu 208 tat-TFUE, li jimplika li jitqiesu l-objettivi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-politiki kollha tal-UE, inklużi l-politika u l-finanzjament agrikoli, li x'aktarx jaffettwaw lill-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp b'mod negattiv; iqis, f'dan il-kuntest, li r-riforma tal-PAK għandha tirrispetta d-dritt tal-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp li jfasslu l-politiki agrikoli u l-politiki tal-ikel tagħhom mingħajr ma jdgħajfu l-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel fit-tul, b'mod partikolari dawk tal-pajjiżi l-inqas żviluppati;

152. Ifakkar fl-impenn tal-UE u tal-Istati Membri tagħha għall-SDGs u jissottolinja li l-koerenza tal-PAK mal-SDGs hija kruċjali, speċjalment fil-każ tal-SDG 2 (xejn ġuħ), 5 (ugwaljanza bejn is-sessi), 12 (konsum u produzzjoni responsabbli) 13 (azzjoni klimatika) u 15 (il-ħajja fuq l-art), li l-PAK tal-futur trid tkun allinjata magħhom;

153. Jitlob, skont il-prinċipju tal-effiċjenza baġitarja, li jkun hemm koerenza u sinerġiji aħjar bejn il-PAK u l-politiki u l-impenji internazzjonali l-oħra kollha tal-UE, b'mod partikolari fl-oqsma tal-enerġija, tal-provvista tal-ilma, tal-użu tal-art, tal-bijodiversità u l-ekosistemi, u fl-iżvilupp ta' żoni remoti u muntanjużi;

154. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni tal-impatt sistematika tad-dispożizzjonijiet rigward is-settur agrikolu fil-ftehimiet kummerċjali kollha, u tipproponi strateġiji speċifiċi ħalli tiżgura li l-ebda settur agrikolu ma jsofri minħabba xi ftehim kummerċjali konkluż ma' pajjiż terz;

155. Jinsisti li l-proċessi u l-metodi ta' produzzjoni huma parti essenzjali mill-istandards soċjali, ekonomiċi u ambjentali fil-kummerċ agrikolu globali, u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tħeġġeġ lid-WTO tirrikonoxxi l-proċessi u l-metodi ta' produzzjoni bħala tali;

156. Jissottolinja li t-twettiq tal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima u l-kisba tal-SDGs irid ikun wieħed mill-prinċipji li jirregolaw kwalunkwe politika kummerċjali fir-rigward tal-prodotti agrikoli; jinnota li l-Kummissjoni, fid-dokument ta' riflessjoni tagħha dwar l-isfruttar tal-globalizzazzjoni, ġustament indikat it-talba għal aktar kummerċ ġust u sostenibbli u prodotti lokali bħala xejra li qiegħda tinbidel fil-globalizzazzjoni; jenfasizza li l-politika kummerċjali tal-UE tista' tikkontribwixxi b'mod estensiv għall-kisba tal-SDGs u tal-objettivi fil-qasam tal-klima kif stabbiliti fil-Ftehim ta' Pariġi;

157. Ifakkar li l-UE eliminat is-sussidji għall-esportazzjoni min-naħa tagħha u li ma għad baqa' l-ebda linja baġitarja għas-sussidji għall-esportazzjoni fil-baġit attwali tal-UE; jistieden lis-sħab kummerċjali tal-UE, f'dan ir-rigward, biex jieħdu impenji biex jitnaqqas l-appoġġ domestiku li jfixkel il-kummerċ; jappella lill-membri tad-WTO jkomplu jagħtu sussidji għall-esportazzjoni biex jimplimentaw id-Deċiżjoni Ministerjali dwar il-Kompetizzjoni tal-Esportazzjoni adottata f'Nairobi fid-19 ta' Diċembru 2015;

158. Jitlob li l-Kummissjoni żżomm għajnejha miftuħin u tintensifika l-azzjoni difensiva tal-Unjoni sabiex telimina l-ostakli eżistenti u futuri għall-aċċess għas-suq fil-pajjiżi terzi, li qed jiżdiedu, filwaqt li jitħarsu l-ambjent u d-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt għall-ikel; jissottolinja li l-maġġoranza ta' dawn l-ostakli jaffettwaw il-prodotti agrikoli (27 % skont il-Bażi tad-Data tal-Aċċess għas-Suq tal-Kummissjoni), li jirrigwardaw l-aktar il-miżuri sanitarji u fitosanitarji tal-aċċess għas-suq;

159. Jistieden lill-Kummissjoni tantiċipa u tqis l-implikazzjonijiet tal-Brexit meta tħejji l-iskambji tal-offerti u l-kalkolu tal-kwoti;

160. Jistieden lill-Kummissjoni tniedi inizjattivi ċari u trasparenti biex issaħħaħ aktar il-promozzjoni tal-istandards tal-UE dwar il-produzzjoni, is-sikurezza, il-benessri tal-annimali u l-ambjent u tal-ktajjen ta' provvista qosra u tappoġġja l-iskemi tal-produzzjoni ta' ikel ta' kwalità, li jistgħu jinkisbu fost l-oħrajn permezz ta' skemi tat-tikkettar tal-oriġini Ewropej, u attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni u promozzjoni dwar swieq interni u ta' pajjiżi terzi għal dawk is-setturi li jibbenefikaw minn strumenti ta' politika speċifiċi fl-ambitu tal-PAK; jinsisti fuq il-ħtieġa li titnaqqas il-burokrazija żejda u l-kundizzjonijiet bla bżonn biex il-produtturi iżgħar ikun jistgħu jieħdu sehem f'dawn l-iskemi; jilqa' ż-żieda stabbli fil-baġit disponibbli għall-programmi promozzjonali u jħeġġeġ lill-Kummissjoni żżomm il-pass taż-żieda fl-approprjazzjonijiet fid-dawl tal-interess dejjem akbar mill-produtturi;

161. Jisħaq fuq l-importanza tal-ktajjen tal-provvista qosra lokali u reġjonali, li huma aktar ambjentalment sostenibbli – peress li jikkawżaw inqas tniġġis minħabba li jeħtieġu inqas trasport – b'hekk ifisser li l-prodotti jkunu aktar friski u faċli biex jiġu traċċati;

162. Ifakkar fl-importanza li l-bdiewa lokali jingħataw is-setgħa li javvanzaw fil-katina tal-valur billi dawn jingħataw għajnuna u appoġġ fir-rigward ta' prodotti organiċi u prodotti b'valur miżjud u għarfien u teknoloġiji ġodda, peress li l-kisba tas-sostenibbiltà tirrikjedi azzjoni diretta sabiex ir-riżorsi naturali jiġu kkonservati, protetti u msaħħa;

163. Jirrimarka li l-produzzjoni lokali tappoġġja l-kultura tal-ikel lokali u l-ekonomiji lokali;

164. Jenfasizza li l-enfasi tal-futur tal-biedja għandha ssir fuq il-produzzjoni ta' ikel ta' kwalità għolja, peress li dan huwa l-vantaġġ kompetittiv tal-Ewropa; jisħaq li l-istandards tal-UE jridu jinżammu u jissaħħu kemm jista' jkun; jitlob li jittieħdu miżuri biex ikun hemm aktar tkabbir fil-produttività u l-kompetittività fit-tul tas-settur tal-produzzjoni tal-ikel, u li jiġu introdotti teknoloġiji ġodda u użu aktar effiċjenti tar-riżorsi, biex b'hekk jissaħħaħ ir-rwol tal-UE bħala mexxejja dinjija;

165. Jikkunsidra li huwa inaċċettabbli li jkun hemm differenzi fil-kwalità bejn prodotti tal-ikel li huma rreklamati u ddistribwiti fis-suq uniku taħt l-istess marka kummerċjali u bl-istess imballaġġ; jilqa' l-inċentivi tal-Kummissjoni biex tindirizza l-kwistjoni tal-kwalità dupliċi tal-ikel fis-suq uniku, inkluża l-ħidma tiegħu fuq metodoloġija komuni tal-ittestjar;

166. Jilqa' l-progress li sar fil-promozzjoni tal-interessi agrikoli tal-UE fin-negozjati kummerċjali bilaterali reċenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għas-suq għall-prodotti agroalimentari ta' kwalità għolja tal-UE u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi f'pajjiżi terzi; huwa fiduċjuż li din ix-xejra tista' titkompla u titjieb;

Proċess deċiżjonali trasparent għal proposta solida 2021-2028 dwar il-PAK

167. Jenfasizza li l-Parlament u l-Kunsill għandhom, permezz ta' proċedura ta' kodeċiżjoni, jistabbilixxu l-objettivi ġenerali komuni, l-istandards bażiċi, il-miżuri u l-allokazzjonijiet finanzjarji, u jiddeterminaw il-livell xieraq ta' flessibbiltà meħtieġa sabiex l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom ikunu jistgħu jilqgħu għall-ispeċifiċitajiet u l-ħtiġijiet tagħhom f'konformità mas-suq uniku sabiex jevitaw id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li jinħolqu mill-għażliet nazzjonali;

168. Jiddispjaċih dwar il-fatt li l-proċess kollu tal-eżerċizzju ta' programmazzjoni tal-PAK ta' wara l-2020 – konsultazzjoni, komunikazzjoni, valutazzjoni tal-impatt u proposti leġiżlattivi – qed jibda għal darb'oħra b'dewmien sinifikanti hekk kif qed joqrob it-tmiem tat-tmien leġiżlatura, li jirrappreżenta riskju li d-dibattitu dwar il-PAK tal-futur ikun imtappan b'dibattiti elettorali u jxekkel il-possibbiltà li jintlaħaq ftehim finali qabel l-elezzjonijiet Ewropej;

169. Jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi regolament tranżitorju li, fl-eventwalità ta' dewmien fl-adozzjoni tal-PAK, jippermetti lill-bdiewa jkomplu jkollhom aċċess għall-miżuri tal-programm tal-iżvilupp rurali, b'mod partikolari l-miżuri ambjentali u ta' investiment;

170. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw, meta jimplimentaw ir-riforma l-ġdida, li ma jkun hemm l-ebda dewmien fit-tqassim tal-pagamenti lill-bdiewa u jieħdu responsabbiltà u jikkumpensaw b'mod korrett lill-bdiewa jekk ikun hemm dewmien bħal dan;

171. Jenfasizza, madankollu, li jrid isir progress kemm jista' jkun qabel it-tmiem tal-leġiżlatura attwali, u li din il-kwistjoni trid tkun tema li tiġi promossa matul il-kampanja elettorali għall-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew;

172. Jirrikonoxxi l-importanza li fil-proċess deċiżjonali dwar il-PAK jiġu involuti istituzzjonijiet u esperti responsabbli għall-politiki tas-saħħa u dawk ambjentali li jaffettwaw il-bijodiversità, it-tibdil fil-klima, it-tniġġis tal-arja, tal-ħamrija u tal-ilma;

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

173. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi, qabel l-introduzzjoni ta' tibdil sostanzjali fit-tfassil u/jew fl-implimentazzjoni tal-PAK, perjodu tranżitorju twil biżżejjed sabiex jiġi żgurat soft-landing u żmien għall-Istati Membri biex jimplimentaw kif xieraq il-politika l-ġdida b'mod ordnat sabiex jiġi evitat kwalunkwe dewmien fil-pagamenti annwali tal-bdiewa u fl-implimentazzjoni ta' miżuri għall-iżvilupp rurali;

174. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jsaħħu d-djalogu mal-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u jipprovdu l-għarfien espert u l-appoġġ finanzjarju tagħhom biex jippromwovu agrikoltura ekoloġikament sostenibbli abbażi tal-biedja fuq skala żgħira u l-biedja tal-familja, li jkollha fil-mira tagħha, b'mod partikolari, lin-nisa u ż-żgħażagħ, impenn li sar fid-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Summit bejn l-Unjoni Afrikana u l-UE tal-2017 bit-titolu "Investing in Youth for Accelerated Inclusive Growth and Sustainable Development" ("Ninvestu fiż-Żgħażagħ għal Tkabbir Inklużiv Aċċellerat u Żvilupp Sostenibbli"); ifakkar fil-kontribut tan-nisa fiż-żoni rurali bħala intraprendituri u promoturi tal-iżvilupp sostenibbli; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu żviluppati l-potenzjal tagħhom fl-agrikoltura sostenibbli u r-reżiljenza tagħhom fiż-żoni rurali;

175. Ifakkar li l-ġuħ u l-malnutrizzjoni fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp huma relatati l-aktar man-nuqqas ta' kapaċità tal-akkwist u/jew man-nuqqas ta' kapaċità min-naħa tal-foqra f'żoni rurali li jkunu awtosufiċjenti; iħeġġeġ lill-UE, għalhekk, tgħin b'mod attiv lill-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp jegħlbu l-ostakoli (bħalma huma l-infrastruttura ta' kwalità baxxa u l-loġistika dgħajfa) għall-produzzjoni agrikola tagħhom;

176. Jirrimarka li, fl-2050, aktar minn nofs il-popolazzjoni tal-pajjiżi l-inqas żviluppati se tkun għadha tgħix f'żoni rurali u li l-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp se jgħin biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-komunitajiet rurali tagħhom, jiġu sostnuti l-popolazzjonijiet rurali, u jitnaqqsu s-sottoimpjieg, il-faqar u l-insigurtà tal-ikel, li min-naħa l-oħra jgħin sabiex jiġu indirizzati b'mod determinat il-kawżi prinċipali tal-migrazzjoni sfurzata;

177. Jirrikonoxxi r-rwol kritiku li t-teknoloġiji tal-ispazju, bħalma huma dawk żviluppati fil-programmi tal-UE tal-ispazju u s-satelliti ġestiti mill-Aġenzija tas-Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita Ewropea (Galileo, EGNOS u Copernicus), jistgħu jaqdu biex jintlaħqu l-SDGs tan-NU billi jipprovdu soluzzjonijiet affordabbli sabiex tiġi ffaċilitata l-bidla lejn agrikoltura ta' preċiżjoni, u b'hekk jeliminaw il-ħela, jiffrankaw il-ħin, inaqqsu l-eżawriment u jottimizzaw l-użu tal-apparat;

178. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora t-teknoloġiji u l-applikazzjonijiet tax-xjenza spazjali u s-Sħubija Globali dwar Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp bħala mekkaniżmi biex jassistu l-monitoraġġ tal-għelejjel, tat-trobbija tal-bhejjem, tal-forestrija, tas-sajd u tal-akwakultura, jappoġġjaw lill-bdiewa, lis-sajjieda, lill-forestiera u lil dawk li jfasslu l-politika fl-isforzi tagħhom biex jintużaw metodi differenti għal produzzjoni alimentari sostenibbli, u jirrispondu għall-isfidi relatati;

179. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri, fil-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom, jiggarantixxu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fiż-żoni rurali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw ir-rappreżentanza ugwali tan-nisa fl-istrutturi tal-istituzzjonijiet għad-djalogu mas-settur u anke fil-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-organizzazzjonijiet, kooperattivi u assoċjazzjonijiet professjonali tas-settur; iqis li l-leġiżlazzjoni l-ġdida tal-UE għandha ttejjeb b'mod sostanzjali s-sottoprogrammi tematiċi għan-nisa fiż-żoni rurali;

180. Jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tkompli tiżgura l-infurzar strett tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-benessri tal-annimali fil-ħin kollu fl-Istati Membri kollha b'mod ugwali, b'kontroll u sanzjonijiet xierqa; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja u tirrapporta dwar is-saħħa u l-benessri tal-annimali, inkluż it-trasport tal-annimali; ifakkar li l-prodotti li jidħlu fl-UE jridu jirrispettaw l-istandards Ewropej dwar il-benessri tal-annimali, l-istandards ambjentali u dawk soċjali; jitlob li jkun hemm inċentivi finanzjarji għall-adozzjoni volontarja ta' miżuri għall-benessri tal-annimali li jmorru lil hinn mill-istandards minimi leġiżlattivi;

181. Jistieden lill-Kummissjoni timplimenta u tinforza l-liġi rilevanti tal-UE, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 1/2005 tal-Kunsill tad-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport; iqis li huwa neċessarju, f'dan il-kuntest, li tiġi rispettata s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li ddeċidiet li l-protezzjoni tal-benessri tal-annimali ma tiqafx mal-fruntieri esterni tal-UE u li t-trasportaturi tal-annimali li jiġu esportati mill-Unjoni Ewropea jeħtiġilhom għalhekk jikkonformaw mar-regoli tal-UE dwar il-benessri tal-annimali, inkluż barra mill-UE;

182. Jinsisti li għandha tingħata kunsiderazzjoni speċjali lill-bdiewa li jiffaċċjaw spejjeż żejda minħabba r-restrizzjonijiet speċifiċi marbuta ma' żoni naturali ta' valur għoli bħal żoni muntanjużi, gżejjer, reġjuni ultraperiferiċi, u żoni oħra żvantaġġati; jemmen li minħabba r-restrizzjonijiet speċifiċi tagħhom, il-finanzjament tal-PAK huwa importanti ħafna għal dawn ir-reġjuni u li kwalunkwe tnaqqis ikollu impatt ta' ħsara kbira fuq ħafna prodotti agrikoli; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw u jimplimentaw skemi ta' kwalità sabiex jagħtu lill-produtturi interessati l-opportunità li jintroduċuhom malajr;

183. Iqis li l-baġit tal-POSEI għandu jinżamm f'livelli suffiċjenti biex jindirizza l-isfidi tal-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi, bħalma talab bosta drabi l-Parlament; jilqa' r-riżultati tal-aktar rapport reċenti tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-POSEI u jqis li l-programmi għar-reġjuni ultraperiferiċi u għall-gżejjer minuri tal-Eġew għandhom jinżammu separati mill-iskema ġenerali tal-pagamenti diretti tal-UE, sabiex jiġi żgurat żvilupp territorjali bilanċjat billi jiġi evitat ir-riskju tal-abbandun tal-produzzjoni b'riżultat ta' sfidi relatati mal-periferiċità, l-insularità, id-daqs żgħir, it-topografija u l-klima diffiċli, u d-dipendenza ekonomika fuq numru żgħir ta' prodotti;

184. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi fl-Osservatorju tas-Suq tal-Ħalib taqsima awtonoma biex tistudja l-prezzijiet fir-reġjuni ultraperiferiċi, sabiex tirreaġixxi b'mod immedjat għal kriżi fis-settur; jemmen li d-definizzjoni ta' "kriżi" u l-intervent sussegwenti tal-Kummissjoni għandhom jiġu adattati għar-reġjuni ultraperiferiċi, billi jitqies id-daqs tas-suq, id-dipendenza fuq għadd limitat ta' attivitajiet ekonomiċi u anqas kapaċità għad-diversifikazzjoni;

185. Jitlob li jkun hemm integrazzjoni aħjar tal-"ekonomija ċirkolari" biex jiġi żgurat l-aħjar użu u l-aktar użu effiċjenti tal-materjal primarju u tal-prodotti sekondarji fil-bijoekonomija emerġenti filwaqt li jiġu rrispettati l-limiti tad-disponibbiltà tal-bijomassa u tal-art u ta' servizzi oħra tal-ekosistema, u jemmen li l-iżvilupp tal-industrija b'bażi bijoloġika fiż-żoni rurali jista' jipprovdi mudelli kummerċjali ġodda li jistgħu jgħinu lill-bdiewa u lis-sidien tal-foresti biex isibu swieq ġodda għall-prodotti tagħhom u joħolqu impjiegi ġodda; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, għalhekk, jipprovdu l-appoġġ meħtieġ lis-settur agrikolu u tal-forestrija bil-għan li jingħata kontribut akbar għall-iżvilupp ulterjuri tal-bijoekonomija fl-UE; jissottolinja l-ħtieġa li tiġi promossa l-agroforestrija, li tista' tipprovdi ekosistemi b'diversi skopijiet, rikreattivi u produttivi u mikroklimi, u li jitnaqqsu d-differenzi li jistgħu jfixklu l-iżvilupp tagħha;

186. Jemmen li l-appoġġ tal-AECM, ikkomplementat minn ekoskemi fil-livell tal-Istati Membri, għandu jkopri l-ispejjeż tal-bdiewa għat-tranżizzjoni lejn prattiki sostenibbli ġodda, bħal permezz tal-promozzjoni u l-appoġġ għall-agroforestrija u miżuri oħra tal-forestrija sostenibbli li jappoġġjaw il-bijodiversità u d-diversità ġenetika fl-ispeċijiet tal-annimali u tal-pjanti, u għall-adattament għat-tibdil fil-kundizzjonijiet klimatiċi;

187. Jistieden lill-Kummissjoni tiggarantixxi l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-modernizzazzjoni fl-agroforestrija u fil-forestrija billi tappoġġja sistema ta' konsulenza b'saħħitha u mfassla apposta, taħriġ immirat u soluzzjonijiet imfassla apposta biex jixprunaw l-innovazzjoni u l-iskambju tal-għarfien espert u tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri, b'enfasi ġenerali fuq it-teknoloġiji ġodda rilevanti u d-diġitalizzazzjoni; jissottolinja, fl-istess ħin, ir-rwol kruċjali tal-assoċjazzjonijiet tas-sidien tal-foresti fit-trasferiment ta' informazzjoni u innovazzjoni, fit-taħriġ u fl-edukazzjoni avvanzata għas-sidien tal-foresti fuq skala żgħira u fl-implimentazzjoni ta' ġestjoni tal-foresti multifunzjonali attiva;

o

o o

188. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0225

L-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (2016/2018(INI))

(2020/C 76/09)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 295 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([1]) ("il-FII l-ġdid"),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea ([2]) ("il-Ftehim Qafas tal-2010"),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2003 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([3]) ("il-FII tal-2003"),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar metodu ta' ħidma aċċellerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi ([4]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-22 ta' Diċembru 1998 dwar linji gwida komuni għall-kwalità tal-abbozzar tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità ([5]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 dwar l-użu aktar strutturat tat-teknika ta' kitba mill-ġdid tal-atti legali ([6]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tat-13 ta' Ġunju 2007 dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni ([7]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tas-27 ta' Ottubru 2011 tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni ([8]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi tal-UE għall-2017 ([9]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi tal-UE għall-2018-2019 ([10]),

([1]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.
([2]) ĠU L 304, 20.11.2010, p. 47.
([3]) ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.
([4]) ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.
([5]) ĠU C 73, 17.3.1999, p. 1.
([6]) ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.
([7]) ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.
([8]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 15.
([9]) ĠU C 484, 24.12.2016, p. 7.
([10]) ĠU C 446, 29.12.2017, p. 1.

— wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-18 ta' Marzu 2014 ("il-kawża dwar il-bijoċidi"), tas-16 ta' Lulju 2015 ("il-kawża dwar il-mekkaniżmu ta' reċiproċità tal-viża"), tas-17 ta' Marzu 2016 ("il-kawża dwar l-att delegat dwar is-CEF"), tal-14 ta' Ġunju 2016 ("il-kawża dwar it-Tanzanija") u tal-24 ta' Ġunju 2014 ("il-kawża dwar Mauritius") ([11]),

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2016 dwar ir-reviżjoni ġenerali tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament ([12]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' April 2016 dwar Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT): Is-Sitwazzjoni Attwali u l-Perspettivi ([13]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2016 dwar il-prijoritajiet strateġiċi għall-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-2017 ([14]),

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea ([15]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Novembru 2014 dwar ir-reviżjoni tal-linji gwida tal-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni u r-rwol tat-test tal-SMEs ([16]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Frar 2014 dwar segwitu dwar id-delega ta' setgħat leġiżlattivi u l-kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni ([17]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Frar 2014 dwar l-idoneità Regolatorja tal-UE, Sussidjarjetà u Proporzjonalità – id-19-il rapport dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet li jkopri s-sena 2011 ([18]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Settembru 2012 dwar it-18-il rapport dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet – Applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità (2010) ([19]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2011 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, is-Sussidjarjetà u l-Proporzjonalità u r-Regolamentazzjoni Intelliġenti ([20]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar l-iżgurar ta' valutazzjonijiet tal-impatt indipendenti ([21]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mil-Kummissjoni tal-24 ta' Ottubru 2017 bit-titolu "Kompletar tal-Aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar: Soluzzjonijiet aħjar għal riżultati aħjar" (COM(2017)0651),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294 tat-TFUE dwar il-proċedura ta' kodeċiżjoni,

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ottubru 2017 bit-titolu "Overview of the Union's Efforts to Simplify and to Reduce Regulatory Burdens" (Ħarsa Ġenerali tal-Isforzi tal-Unjoni Favur is-Simplifikazzjoni u t-Tnaqqis tal-Piżijiet Regolatorji" (SWD(2017)0675),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 2016, bit-titolu "Id-Dritt tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar" ([22]),

---

([11]) Sentenza tal-Qorti (Awla Manja) tat-18 ta' Marzu 2014, *Il-Kummissjoni Ewropea* vs *Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, Kawża C-427/12, ECLI:EU:C:2014:170; sentenza tal-Qorti (Awla Manja) tas-16 ta' Lulju 2015, *Il-Kummissjoni Ewropea* vs *Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, Kawża C-88/14, ECLI:EU:C:2015:499; sentenza tal-Qorti tas-17 ta' Marzu 2016, *Il-Parlament Ewropew* vs *Il-Kummissjoni Ewropea*, Kawża C-286/14, ECLI:EU:C:2016:183; sentenza tal-Qorti (Awla Manja) tal-14 ta' Ġunju 2016, *Il-Parlament* vs *Il-Kunsill*, Kawża C-263/14, ECLI:EU:C:2016:435; sentenza tal-Qorti (Awla Manja) tal-24 ta' Ġunju 2014, *Il-Parlament* vs *Il-Kunsill*, Kawża C-658/11, ECLI:EU:C:2014:2025.

([12]) Testi adottati, P8_TA(2016)0484.

([13]) ĠU C 58, 15.2.2018, p. 39.

([14]) ĠU C 101, 16.3.2018, p. 116.

([15]) ĠU C 50, 9.2.2018, p. 91.

([16]) ĠU C 289, 9.8.2016, p. 53.

([17]) ĠU C 285, 29.8.2017, p. 11.

([18]) ĠU C 93, 24.3.2017, p. 14.

([19]) ĠU C 353 E, 3.12.2013, p. 117.

([20]) ĠU C 51 E, 22.2.2013, p. 87.

([21]) ĠU C 380 E, 11.12.2012, p. 31.

([22]) ĠU C 50, 9.2.2018, p. 91.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Settembru 2016, bit-titolu "Ir-Regolamentazzjoni Aħjar: Inwasslu riżultati aħjar għal Unjoni iktar b'saħħitha" (COM(2016)0615),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Mejju 2015 bit-titolu "Regolamentazzjoni aħjar għal riżultati aħjar - Aġenda tal-UE" (COM(2015)0215),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tas-7 ta' Lulju 2017 intitolat "Better regulation guidelines" (Linji gwida għal regolamentazzjoni aħjar) (SWD(2017)0350),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali skont l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A8-0170/2018),

A. billi l-FII l-ġdid daħal fis-seħħ fil-jum li fih ġie ffirmat, jiġifieri fit-13 ta' April 2016;

B. billi, fl-okkażjoni tal-adozzjoni tal-FII l-ġdid, il-Parlament u l-Kummissjoni għamlu dikjarazzjoni fejn affermaw li l-ftehim il-ġdid "jirrifletti l-bilanċ bejn u l-kompetenzi rispettivi tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni kif stipulati fit-Trattati" u "huwa mingħajr preġudizzju għall-Ftehim Qafas tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea" ([23]);

C. billi, sabiex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tal-FII l-ġdid dwar il-programmazzjoni interistituzzjonali, il-Parlament irreveda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu, fost affarijiet oħra, sabiex jistabbilixxi l-proċessi interni għan-negozjar u l-adozzjoni ta' konklużjonijiet konġunti dwar programmazzjoni pluriennali u dikjarazzjonijiet konġunti dwar programmazzjoni interistituzzjonali annwali;

D. billi, fil-kuntest tal-programmazzjoni interistituzzjonali annwali, it-tliet Istituzzjonijiet qablu dwar żewġ dikjarazzjonijiet konġunti dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi tal-UE għas-snin 2017 u 2018-2019 rispettivament;

E. billi, għall-kuntrarju tal-FII tal-2003, il-FII l-ġdid m'għadux jinkludi qafas legali għall-użu ta' metodi alternattivi ta' regolamentazzjoni, bħalma huma l-koregolamentazzjoni u l-awtoregolamentazzjoni, u konsegwentement ma fih l-ebda referenza għal dawn il-metodi;

F. billi l-paragrafu 13 tal-FII l-ġdid jirrikjedi li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjoni kemm jista' jkun wiesgħa fil-proċess ta' valutazzjoni tal-impatt tagħha; billi, bl-istess mod, il-paragrafu 19 tal-FII l-ġdid jirrikjedi li l-Kummissjoni, qabel ma tadotta proposta u mhux wara, twettaq konsultazzjonijiet pubbliċi b'mod miftuħ u trasparenti, filwaqt li tiżgura li l-modalitajiet u l-iskadenzi ta' dawk il-konsultazzjonijiet pubbliċi jkunu jippermettu l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa possibbli, li ma tkunx limitata għall-interessi partikolari u l-lobbisti relatati;

G. billi, f'Lulju tal-2017, il-Kummissjoni rrivediet il-linji gwida tagħha għal Regolamentazzjoni Aħjar bl-għan li tispjega u tisfrutta aħjar ir-rabtiet bejn id-diversi stadji tat-tfassil tal-politika fi ħdan il-Kummissjoni, billi ssostitwiet il-linji gwida awtonomi preċedenti, li kienu jindirizzaw b'mod separat il-valutazzjoni tal-impatt, l-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni, filwaqt li inkludiet gwida ġdida dwar l-ippjanar u l-konsultazzjoni tal-partijiet interessati;

([23]) Ara l-Anness II għad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea.

H. billi skont il-paragrafu 16 tal-FII l-ġdid, il-Kummissjoni tista', fuq inizjattiva proprja jew fuq stedina mill-Parlament jew mill-Kunsill, tikkomplementa l-valutazzjoni tal-impatt tagħha stess jew twettaq ħidma analitika oħra li tkun tqis meħtieġa.

I. billi l-FII l-ġdid jirrikonoxxi s-sostituzzjoni tal-Bord għall-Valutazzjoni tal-Impatt preċedenti bil-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju tal-Kummissjoni; billi l-kompitu ta' dan tal-aħħar, inter alia, huwa li jwettaq kontroll oġġettiv tal-kwalità tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni; billi sabiex inizjattiva, akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt, tiġi ppreżentata għall-adozzjoni mill-Kummissjoni, hemm bżonn tal-opinjoni pożittiva tal-Bord; billi, fil-każ ta' opinjoni negattiva, l-abbozz tar-rapport irid jiġi rieżaminat u ppreżentat mill-ġdid lill-Bord, u, fil-każ ta' opinjoni negattiva sussegwenti, ikun hemm bżonn ta' deċiżjoni politika sabiex l-inizjattiva tkun tista' tkompli tipproċedi; billi l-opinjoni tal-Bord tiġi ppubblikata fis-sit web tal-Kummissjoni fl-istess ħin bħar-rapport relatat mal-inizjattiva kkonċernata u, fil-każ tal-valutazzjonijiet tal-impatt, ladarba l-Kummissjoni tkun adottat l-inizjattiva ta' politika relatata ([24]);

J. billi fil-bidu tal-2017, il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju kkompleta l-proċess ta' reklutaġġ tal-persunal tiegħu, fosthom tliet Membri minn barra l-Istituzzjonijiet tal-UE; billi fl-2016 il-Bord eżamina 60 valutazzjoni tal-impatt separata, li minnhom 25 (42 %) irċevew valutazzjoni inizjali negattiva, u dan wassal għal reviżjoni u preżentazzjoni mill-ġdid lill-Bord; billi, sussegwentement, il-Bord ta valutazzjonijiet ġeneralment pożittivi fir-rigward tal-valutazzjonijiet tal-impatt riveduti kollha li waslulu ħlief waħda; billi l-Bord kellu skambju ta' informazzjoni mas-servizzi tal-Parlament dwar l-aħjar prattiki u metodoloġiji relatati mal-valutazzjonijiet tal-impatt;

K. billi skont il-paragrafu 25 tal-FII l-ġdid, jekk tiġi prevista modifika tal-bażi ġuridika li tkun tinvolvi bidla mill-proċedura leġiżlattiva ordinarja għal proċedura leġiżlattiva speċjali jew għal proċedura mhux leġiżlattiva, it-tliet Istituzzjonijiet se jkollhom skambju ta' fehmiet dwar dan. billi l-Parlament irreveda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu sabiex jimplimenta din id-dispożizzjoni; billi s'issa ma kienx neċessarju li din id-dispożizzjoni tiġi applikata;

L. billi skont il-paragrafu 27 tal-FII l-ġdid, it-tliet Istituzzjonijiet jirrikonoxxu l-ħtieġa li l-leġiżlazzjoni eżistenti kollha tiġi allinjata mal-qafas legali li ġie introdott mit-Trattat ta' Lisbona, u b'mod partikolari l-ħtieġa li tingħata prijorità għolja lill-allinjament fil-pront tal-atti bażiċi kollha li għadhom jirreferu għall-proċedura regolatorja bi skrutinju (RPS). billi l-Kummissjoni pproponiet dak it-tali allinjament f'Diċembru 2016 ([25]); billi l-Parlament u l-Kunsill attwalment qed jeżaminaw f'dettall kbir din il-proposta;

M. billi hemm verżjoni ġdida tal-Fehim Komuni dwar l-Atti Delegati u dwar il-klawżoli standard relatati annessa mal-FII l-ġdid; billi skont il-paragrafu 28 tal-FII l-ġdid, it-tliet Istituzzjonijiet se jidħlu f'negozjati mingħajr dewmien żejjed wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim, bil-ħsieb li jissupplementaw dan il-Fehim Komuni billi jipprevedu kriterji mhux vinkolanti għall-applikazzjoni tal-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE. billi, wara ħidma ta' tħejjija twila, finalment dawn in-negozjati bdew f'Settembru tal-2017;

N. billi fil-paragrafu 29 tal-FII l-ġdid it-tliet Istituzzjonijiet impenjaw ruħhom li jistabbilixxu, sa mhux aktar tard minn tmiem l-2017, reġistru funzjonali konġunt ta' atti delegati, li jipprovdi informazzjoni b'mod strutturat tajjeb u faċli għall-utent, sabiex tiżdied it-trasparenza, jiġi ffaċilitat l-ippjanar u tkun tista' ssir traċċabbiltà tal-istadji differenti kollha fiċ-ċiklu tal-ħajja ta' att delegat. billi r-reġistru issa ġie stabbilit u beda jitħaddem f'Diċembru tal-2017;

O. billi l-punt 32 tal-FII jipprevedi li "l-Kummissjoni għandha taqdi r-rwol tagħha bħala faċilitatur bit-trattament ugwali taż-żewġ fergħat tal-awtorità leġiżlattiva, b'rispett sħiħ għar-rwoli assenjati mit-Trattati lit-tliet Istituzzjonijiet";

P. ifakkar li skont il-paragrafu 34 tal-FII l-ġdid, il-Parlament u l-Kunsill, fil-kapaċità tagħhom ta' leġiżlaturi, enfasizzaw l-importanza li jinżammu kuntatti mill-qrib diġà minn qabel in-negozjati interistituzzjonali, sabiex ikun hemm fehim reċiproku aħjar tal-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom, u qablu, għal dak il-għan, li jiffaċilitaw skambju reċiproku ta' fehmiet u informazzjoni, inkluż billi jistiednu lir-rappreżentanti tal-istituzzjonijiet l-oħra għal skambji informali ta' fehmiet fuq bażi regolari; billi dawn id-dispożizzjonijiet ma wasslu għall-ebda proċedura jew struttura speċifika ġdida; billi, filwaqt li l-kuntatt bejn l-Istituzzjonijiet ġie intensifikat fi ħdan il-qafas tad-dikjarazzjoni konġunta dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi, l-esperjenza tal-kumitati tagħti x'wieħed jifhem li ma hemm l-ebda approċċ sistematiku biex jiġi ffaċilitat tali skambju reċiproku ta' fehmiet u li għadu diffiċli biex wieħed jikseb informazzjoni u feedback mill-Kunsill dwar kwistjonijiet li jitqajmu fi ħdanu mill-Istati Membri; billi l-Parlament iħoss li din is-sitwazzjoni xejn ma hija sodisfaċenti;

([24]) L-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni tal-President tal-Kummissjoni Ewropea tad-19 ta' Mejju 2015 dwar l-istabbilment ta' Bord tal-Iskrutinju Regolatorju indipendenti (C(2015)3263).

([25]) Ara COM(2016)0798 u COM(2016)0799.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

Q. billi, sabiex ikompli jsaħħaħ it-trasparenza tal-proċess leġiżlattiv, il-Parlament irreveda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu sabiex jadatta r-regoli tiegħu dwar in-negozjati interistituzzjonali matul il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, filwaqt li kompla jibni fuq id-dispożizzjonijiet li ddaħħlu fl-2012; billi, filwaqt li l-mandati ta' negozjar kollha tal-Parlament huma pubbliċi, dan ma japplikax għall-mandati tal-Kunsill; billi l-Parlament iħoss li din is-sitwazzjoni xejn ma hija sodisfaċenti;

R. billi fil-paragrafu 39 tal-FII l-ġdid, sabiex tiġi ffaċilitata t-traċċabbiltà tad-diversi passi fil-proċess leġiżlattiv, it-tliet Istituzzjonijiet impenjaw ruħhom li jidentifikaw, sal-31 ta' Diċembru 2016, modi ta' kif jiżviluppaw aktar pjattaformi u għodod għal dak l-għan, bil-ħsieb li tiġi stabbilita bażi tad-data konġunta apposta dwar l-istat attwali tal-fajls leġiżlattivi; billi, sal-lum, ma nħolqot l-ebda bażi tad-data konġunta ta' dan it-tip;

S. billi fil-paragrafu 40 tal-FII l-ġdid, rigward in-negozjati u l-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali, it-tliet Istituzzjonijiet impenjaw ruħhom li jiltaqgħu fi żmien sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tal-FII l-ġdid sabiex jinnegozjaw arranġamenti prattiċi mtejba għall-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni fil-qafas tat-Trattati, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea; billi dawn in-negozjati bdew f'Novembru tal-2016 u għadhom għaddejjin;

T. billi l-kooperazzjoni regolatorja ħarġet bħala strument ewlieni fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali fit-triq lejn id-djalogu regolatorju u l-koerenza bejn is-sħab kummerċjali; billi f'dak il-proċess il-Kummissjoni għandha tibqa' impenjata favur il-prinċipji ta' kundizzjonijiet ġusti u ekwi għall-partijiet interessati kollha filwaqt li tiggarantixxi l-ogħla livell ta' trasparenza fit-teħid tad-deċiżjonijiet;

U. billi fil-paragrafu 46 tal-FII l-ġdid, it-tliet Istituzzjonijiet ikkonfermaw l-impenn tagħhom li jużaw it-teknika leġiżlattiva ta' riformulazzjoni għall-modifika tal-leġiżlazzjoni eżistenti b'mod aktar frekwenti u b'rispett sħiħ tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 dwar użu aktar strutturat tat-teknika tar-riformulazzjoni ta' atti legali;

V. billi skont il-paragrafu 28 tal-FII l-ġdid, bħala kontribut għall-programm tagħha dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni (REFIT), il-Kummissjoni timpenja ruħha li kull sena tippreżenta ħarsa ġenerali, inkluż stħarriġ annwali dwar il-pożizzjet, tar-riżultati tal-isforzi tal-Unjoni biex tissimplifika l-leġiżlazzjoni u tevita r-regolamentazzjoni eċċessiva u tnaqqas il-pożizzjet amministrattivi; billi r-riżultati tal-ewwel stħarriġ annwali dwar il-pożizzjet ġew ippreżentati fl-24 ta' Ottubru 2017 bħala parti mill-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2018;

W. billi l-istħarriġ annwali dwar il-pożizzjet joffri opportunità unika għall-identifikazzjoni u l-monitoraġġ tar-riżultati tal-isforzi tal-UE biex tiġi evitata regolamentazzjoni żejda u jitnaqqsu l-pożizzjet amministrattivi; billi dan l-istħarriġ jipprovdi opportunità eċċellenti biex jintwera l-valur miżjud tal-leġiżlazzjoni tal-UE u tiġi pprovduta trasparenza liċ-ċittadini tal-UE;

X. billi l-FII l-ġdid jitlob kooperazzjoni interistituzzjonali bl-għan li tiġi ssimplifikata l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni u jiġu evitati pożizzjet amministrattivi u regolamentazzjoni żejda għaċ-ċittadini, l-amministrazzjonijiet u n-negozji; billi l-Parlament jenfasizza li fir-rigward tal-ftehimiet kummerċjali internazzjonali dawn l-objettivi ma għandhomx iwasslu għal standards aktar baxxi għall-protezzjoni tal-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-ħaddiema, is-sikurezza, l-istandards tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol jew id-drittijiet tal-konsumaturi;

Y. billi skont il-paragrafu 50 tal-FII l-ġdid, it-tliet Istituzzjonijiet se jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-FFI l-ġdid b'mod konġunt u regolari, kemm fil-livell politiku permezz ta' diskussjonijiet annwali, kif ukoll fil-livell tekniku fil-Grupp ta' Koordinazzjoni Interistituzzjonali; billi l-monitoraġġ fil-livell politiku jinkludi diskussjonijiet regolari fil-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati u l-laqgħa ta' rendikont annwali ta' livell għoli; billi, barra minn hekk, ġew stabbiliti arranġamenti speċifiċi ta' monitoraġġ fil-kuntest tad-dikjarazzjonijiet konġunti dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi tal-UE għall-2017 u l-2018-2019 rispettivament; billi, barra minn hekk, l-esperjenza miksuba s'issa mill-kumitati hija għodda imprezzabbli għall-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-FII l-ġdid; billi l-Kumitat għall-Affarijiet Legali għandu kompetenza speċifika fir-rigward tat-tfassil aħjar tal-liġijiet u s-simplifikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni;

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

Impenji u objettivi komuni

1. Iqis il-FII l-ġdid bħala eżerċizzju interistituzzjonali li jaspira li jtejjeb il-kwalità tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni; ifakkar li, f'ħafna każijiet, il-leġiżlazzjoni tal-UE tarmonizza jew tissostitwixxi regoli differenti fi 28 Stat Membru, u b'hekk tagħmel is-swieq nazzjonali aċċessibbli b'mod reċiproku u ugwali u tnaqqas l-ispejjeż amministrattivi b'mod ġenerali biex jinħoloq suq intern li jiffunzjona għal-kollox;

2. Jilqa' l-progress u l-esperjenza miksuba fl-ewwel sena u nofs mill-applikazzjoni tal-FII l-ġdid u jinkoraġġixxi lill-Istituzzjonijiet jagħmlu sforzi ulterjuri sabiex jimplimentaw bis-sħiħ il-ftehim, b'mod partikolari fir-rigward tan-negozjati interistituzzjonali dwar kriterji mhux vinkolanti għall-applikazzjoni tal-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE, l-allinjament tal-atti bażiċi kollha li għadhom jirreferu għall-RPS, in-negozjati interistituzzjonali dwar l-arranġamenti prattiċi għall-kooperazzjoni u l-qsim tal-informazzjoni dwar in-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali, u l-istabbiliment ta' bażi tad-data konġunta apposta dwar l-istat attwali tal-fajls leġiżlattivi;

3. Ifakkar li l-FII l-ġdid għandu l-għan li jiżviluppa relazzjoni aktar miftuħa u trasparenti bejn it-tliet Istituzzjonijiet bil-ħsieb li titwassal leġiżlazzjoni ta' kwalità għolja fl-interess taċ-ċittadini tal-UE; iqis li, għalkemm il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali fost l-istituzzjonijiet jissemma biss fil-paragrafi 9 u 32 fir-rigward ta' oqsma speċifiċi koperti mill-FII l-ġdid, dan jinħtieġ li jiġi osservat matul iċ-ċiklu leġiżlattiv kollu bħala wieħed mill-prinċipji minquxa fl-Artikolu 13 tat-TUE;

Programmazzjoni

4. Jilqa' l-ftehim tat-tliet Istituzzjonijiet li jsaħħu l-programmazzjoni annwali u pluriennali tal-Unjoni skont l-Artikolu 17(1) tat-TUE permezz ta' proċedura aktar strutturata bi skeda ta' żmien preċiża; jinnota b'sodisfazzjon li t-tliet Istituzzjonijiet ipparteċipaw b'mod attiv fl-ewwel eżerċizzju ta' programmazzjoni interistituzzjonali annwali skont il-FII l-ġdid, u din il-parteċipazzjoni wasslet għal dikjarazzjoni konġunta dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi tal-UE għall-2017, fejn ġew identifikati 59 proposta leġiżlattiva ewlenija bħala prijoritajiet għall-2017 u, b'segwitu għal dikjarazzjoni konġunta dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi għall-2018-2019, ġew identifikati 31 proposta leġiżlattiva ewlenija bħala prijoritajiet sal-aħħar tal-leġiżlatura attwali; jilqa' b'mod partikolari, f'dan il-kuntest, l-involviment attiv tal-Kunsill u għandu fiduċja li tali involviment se jkompli fil-futur, inkluż fir-rigward tal-programmazzjoni pluriennali għall-mandat il-ġdid; iqis, madankollu, li t-trattament prijoritarju għal ċerti fajls leġiżlattivi maqbula f'dikjarazzjonijiet konġunti m'għandux jintuża biex titqiegħed pressjoni żejda fuq il-koleġiżlaturi, u li ż-żieda fil-veloċità m'għandhiex tkun prijoritizzata għad-detriment tal-kwalità leġiżlattiva; iqis li huwa importanti li tiġi evalwata l-applikazzjoni tal-prattika u r-regoli attwali għall-approvazzjoni tad-dikjarazzjonijiet konġunti u jiġi evalwat ukoll jekk jistax isir ċertu titjib fir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament fir-rigward tan-negozjati dwar il-programmazzjoni interistituzzjonali, pereżempju biex jissaħħaħ il-mandat mogħti lill-President mill-gruppi politiċi;

5. Iqis li huwa ta' importanza assoluta li l-kumitati parlamentari jiġu kkonsultati b'mod sħiħ matul il-proċess ta' tħejjija u implimentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet konġunti;

6. Jinnota li l-FII l-ġdid huwa mingħajr preġudizzju għall-impriżi mutwi maqbula bejn il-Parlament u l-Kummissjoni fil-Ftehim Qafas tal-2010; ifakkar, b'mod partikolari, li l-arranġamenti relatati mal-iskeda ta' żmien tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni stabbiliti fl-Anness 4 tal-Ftehim Qafas tal-2010 jridu jiġu rispettati fl-implimentazzjoni tal-paragrafi 6-11 tal-FII l-ġdid;

7. Iqis li l-Kummissjoni jinħtieġ li, meta tkun qed tippreżenta l-Programm ta' Ħidma tagħha, minbarra l-elementi msemmija fil-paragrafu 8 tal-FII l-ġdid, tindika kif il-leġiżlazzjoni prevista hija ġustifikabbli fid-dawl tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità u tispeċifika l-valur miżjud Ewropew tagħha;

8. Jilqa' t-twaqqif tat-Task Force tal-Kummissjoni dwar is-Sussidjarjetà, il-Proporzjonalità u li "Nagħmlu Anqas b'Aktar Effiċjenza", li trid taħdem id f'id mal-FII l-ġdid biex tiżdied il-fiduċja taċ-ċittadini li jqisu l-prinċipju tas-sussidjarjetà bħala aspett fundamentali tal-proċess demokratiku;

9. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta Programmi ta' Ħidma iktar inklużivi, iktar dettaljati u iktar affidabbli; jitlob, b'mod partikolari, li l-Programmi ta' Ħidma tal-Kummissjoni jindikaw b'mod ċar in-natura legali ta' kull proposta b'perjodi ta' żmien preċiżi u realistiċi; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-proposti leġiżlattivi li ġejjin – speċjalment il-pakketti leġiżlattivi ewlenin – jaslu sew qabel tmiem din il-leġiżlatura, biex b'hekk il-koleġiżlaturi jingħataw biżżejjed ħin biex jeżerċitaw il-prerogattivi tagħhom b'mod sħiħ;

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

10. Iħeġġeġ l-iżvilupp ta' leġiżlazzjoni effiċjenti orjentata lejn l-iżvilupp tal-protezzjoni tal-impjiegi u l-kompetittività Ewropea b'enfasi partikolari fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, fis-setturi kollha tal-ekonomija;

11. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni wieġbet għat-talbiet tal-Parlament għal proposti għal atti tal-Unjoni skont l-Artikolu 225 tat-TFUE, fil-parti l-kbira fi żmien l-iskadenza ta' tliet xhur imsemmija fil-paragrafu 10 tal-FII l-ġdid; jirrimarka, madankollu, li l-Kummissjoni naqset milli tadotta komunikazzjonijiet speċifiċi kif previst f'dik id-dispożizzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tadotta komunikazzjonijiet bħal dawn bil-ħsieb li tiġi żgurata trasparenza sħiħa u tingħata reazzjoni politika għat-talbiet li jagħmel il-Parlament fir-riżoluzzjonijiet tiegħu, u bil-kunsiderazzjoni dovuta fir-rigward tal-analiżi rilevanti tal-Parlament dwar il-Valur Miżjud Ewropew u l-Kost tan-Non-Ewropa;

12. Jissottolinja l-importanza ta' kooperazzjoni trasparenti u leali bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni, li fil-prattika għandha tfisser impenn ġenwin min-naħa tal-Kummissjoni biex tinvolvi lill-Parlament u lill-Kunsill, fl-istess livell, fl-implimentazzjoni tal-arranġamenti ta' programmazzjoni tagħha u jfakkar lill-Kummissjoni fl-obbligu tagħha li tirrispondi minnufih għar-rapporti fuq inizjattiva proprja, kemm leġiżlattivi u kemm mhux leġiżlattivi; jiddeplora l-fatt li diversi rapporti fuq inizjattiva proprja baqgħu bla tweġiba, u jistieden lill-Kummissjoni tagħti lill-koleġiżlaturi – fi żmien tliet xhur – ir-raġunijiet għalfejn tkun irtirat test u tagħti wkoll risposta motivata għat-talbiet għal proposti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi;

13. Iqis li t-tħassir ta' kwalunkwe referenza għall-użu ta' metodi alternattivi ta' regolamentazzjoni fil-FII l-ġdid huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tal-Parlament li l-istrumenti legali nonvinkolanti jinħtieġ li jkunu applikati b'attenzjoni kbira u fuq bażi ġustifikata b'mod xieraq biss, mingħajr ħsara għaċ-ċertezza legali u ċ-ċarezza tal-leġiżlazzjoni eżistenti, u wara konsultazzjoni mal-Parlament ([26]); jinsab imħasseb, barra minn hekk, li n-nuqqas ta' limiti ċari dwar l-użu ta' strumenti legali nonvinkolanti jista' saħansitra jħeġġeġ ir-rikors għalihom, mingħajr ebda garanzija li l-Parlament ikun jista' jwettaq skrutinju;

14. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jaqblu li l-metodi alternattivi ta' regolamentazzjoni, sakemm dawn ikunu strettament meħtieġa, għandhom jiġu inklużi fid-dokumenti ta' programmazzjoni pluriennali u annwali, sabiex jingħata lok għall-identifikazzjoni korretta u l-iskrutinju mil-leġiżlaturi;

Għodod għal tfassil aħjar tal-liġijiet

15. Jenfasizza li l-valutazzjonijiet tal-impatt jistgħu jinfurmaw iżda qatt ma għandhom jieħdu post id-deċiżjonijiet politiċi jew jikkawżaw dewmien żejjed fil-proċess leġiżlattiv; jenfasizza li, tul il-proċess leġiżlattiv u fil-valutazzjonijiet tal-impatt kollha tal-leġiżlazzjoni proposta, trid tingħata attenzjoni partikolari fir-rigward tal-impatti potenzjali fuq dawk il-partijiet interessati li għandhom l-inqas possibbiltà li jippreżentaw it-tħassib tagħhom lil dawk responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet, inklużi l-SMEs u oħrajn li ma għandhomx il-vantaġġ ta' aċċess faċli għall-Istituzzjonijiet; jemmen li l-valutazzjonijiet tal-impatt iridu jagħtu attenzjoni ugwali b'mod partikolari lill-evalwazzjoni tal-konsegwenzi soċjali, tas-saħħa u dawk ambjentali, u li jrid jiġi vvalutat l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini u fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi;

16. Ifakkar li l-SMEs jirrappreżentaw 99 % tan-negozji kollha fl-UE, jiġġeneraw 58 % tal-fatturat tal-UE u huma responsabbli għal żewġ terzi tal-impjiegi privati kollha; ifakkar li l-Kummissjoni, fl-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar, impenjat ruħha li timplimenta l-prinċipju "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" fit-tfassil tal-politika tagħha, u li dan jinkludi t-test tal-SMEs biex jiġi vvalutat l-impatt tal-leġiżlazzjoni u l-inizjattivi amministrattivi futuri fuq l-SMEs ([27]); ifakkar li fid-deċiżjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-FII l-ġdid il-Parlament iddikjara li l-formulazzjoni tal-FII l-ġdid ma timpenjax biżżejjed lit-tliet Istituzzjonijiet biex jinkludu testijiet tal-SMEs u tal-kompetittività fil-valutazzjonijiet tal-impatt tagħhom ([28]); jenfasizza kemm hu importanti li l-impatt kemm fuq il-kompetittività u l-innovazzjoni kif ukoll fuq il-ħtiġijiet tal-SMEs jiġi kkunsidrat u jingħata l-attenzjoni dovuta fl-istadji kollha taċ-ċiklu leġiżlattiv u jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu li l-Linji Gwida tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar jipprevedu li l-impatti potenzjali fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività jridu jiġu kkunsidrati u rrapportati b'mod sistematiku fil-valutazzjonijiet tal-impatt kollha; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li t-test tal-SMEs ħafna drabi jkun ikkaratterizzat minn nuqqas ta' kwalità u implimentazzjoni koerenti; jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra kif l-impatt fuq l-SMEs jista' jiġi kkunsidrat aħjar, u biħsiebu jsegwi din il-kwistjoni mill-qrib fis-snin li ġejjin;

([26]) Ara l-paragrafu 47 tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tad-9 ta' Settembru 2010 dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet – il-15-il rapport annwali mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità (ĠU C 308 E, 20.10.2011, p. 66).

([27]) Ara l-paragrafu 16 tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-27 ta' Novembru 2014 dwar ir-reviżjoni tal-linji gwida tal-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni u r-rwol tat-test tal-SMEs.

([28]) Ara l-paragrafu 4 tad-deċiżjoni tal-Parlament tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea.

17. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, fil-kuntest tat-tfassil aħjar tal-liġijiet, tivvaluta aħjar il-konsegwenzi soċjali u ambjentali tal-politiki tagħha, kif ukoll l-impatt tagħhom fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini, billi tikkunsidra wkoll l-ispiża tan-nuqqas ta' leġiżlazzjoni fil-livell Ewropew u l-fatt li l-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji tikkostitwixxi biss wieħed minn bosta kriterji;

18. Itenni l-appell tiegħu għall-inklużjoni obbligatorja fil-valutazzjonijiet tal-impatt kollha ta' analiżi bbilanċjata tal-impatti ekonomiċi, soċjali ambjentali u fuq is-saħħa fuq perjodu medju sa twil ta' żmien;

19. Jistieden lill-Kummissjoni tuża l-valutazzjonijiet tal-impatt u l-evalwazzjonijiet ex post biex teżamina l-kompatibbiltà ta' inizjattivi, proposti jew biċċiet ta' leġiżlazzjoni eżistenti mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, kif ukoll l-impatt tagħhom, rispettivament, fuq il-progress u l-implimentazzjoni ta' dawn l-Għanijiet;

20. Ifakkar li l-idea ta' panel ad hoc indipendenti tekniku supplimentari fil-proposta inizjali tal-Kummissjoni għall-FII l-ġdid ma ġietx segwita ulterjorment matul in-negozjati; jinnota li l-għan tal-ħolqien ta' tali panel kien it-tisħiħ tal-indipendenza, it-trasparenza u l-oġġettività tal-valutazzjonijiet tal-impatt; ifakkar li ġie miftiehem, fil-paragrafu 15 tal-FII l-ġdid, li l-Parlament u l-Kunsill, fejn u meta jqisu li dan ikun adatt u neċessarju, iwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fir-rigward tal-emendi sostanzjali tagħhom għall-proposta tal-Kummissjoni, li huma assolutament meħtieġa sabiex jieħdu deċiżjoni infurmata u fuq bażi soda; ifakkar lill-kumitati tiegħu dwar l-importanza li jagħmlu użu minn din l-għodda kull fejn ikun meħtieġ;

21. Jilqa' r-referenza fil-FII l-ġdid għall-inklużjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità fil-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-impatt; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-valutazzjonijiet tal-impatt għandhom dejjem jinkludu analiżi bir-reqqa u rigoruża tal-konformità ta' proposta mal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità u jispeċifikaw il-valur miżjud Ewropew tagħha;

22. Jinnota li għadd sinifikanti ta' proposti tal-Kummissjoni ma kinux akkumpanjati minn valutazzjonijiet tal-impatt u li l-kumitati esprimew tħassib minħabba li l-kwalità u l-livell ta' dettall ivarja minn valutazzjonijiet tal-impatt komprensivi għal valutazzjonijiet tal-impatt pjuttost superfiċjali; jinnota li fl-ewwel fażi ta' applikazzjoni tal-FII l-ġdid, 20 minn 59 proposta tal-Kummissjoni inklużi fid-dikjarazzjoni konġunta tal-2017 ma kinux akkumpanjati minn valutazzjonijiet tal-impatt; ifakkar, f'dan ir-rigward, li, filwaqt li huwa, fi kwalunkwe każ, previst li l-inizjattivi li mistennija li jkollhom impatt soċjali, ekonomiku jew ambjentali sinifikanti għandhom ikunu akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt, il-paragrafu 13 tal-FII l-ġdid jiddikjara wkoll li l-inizjattivi inklużi fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni jew fid-dikjarazzjoni konġunta għandhom, bħala regola ġenerali, ikunu akkompanjati minn valutazzjoni tal-impatt;

23. Jilqa' l-fatt li l-FII jistipula li għandhom jitqiesu l-"valur miżjud Ewropew" ta' kwalunkwe azzjoni proposta min-naħa tal-Unjoni kif ukoll il-"kost tan-non-Ewropa" fin-nuqqas ta' azzjoni fil-livell tal-Unjoni meta tiġi stabbilita l-aġenda leġiżlattiva; jenfasizza li l-kost tan-non-Ewropa jista' jiġi stmat f'EUR 1,75 triljun fis-sena, ekwivalenti għal 12 % tal-PDG tal-UE (2016); ifaħħar il-ħidma tad-Direttorat għall-Valutazzjoni tal-Impatt u l-Valur Miżjud Ewropew tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (ERPS) f'dan il-kuntest;

24. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tikkjarifika kif għandha l-ħsieb li tivvaluta l-kost tan-non-Ewropa – inter alia l-kost għall-produtturi, il-konsumaturi, il-ħaddiema, l-amministraturi u l-ambjent minħabba n-nuqqas ta' leġiżlazzjoni armonizzata fil-livell tal-UE u meta regoli nazzjonali diverġenti jikkawżaw kostijiet żejda u jnaqqsu l-effettività tal-politiki – kif imsemmi fil-paragrafi 10 u 12 tal-FII l-ġdid; jirrimarka li tali valutazzjoni jeħtieġ li ma ssirx biss f'każ ta' klawżoli ta' estinzjoni, lejn tmiem il-programm, jew meta jkun previst tħassir, iżda jinħtieġ li titqies ukoll f'każijiet fejn l-azzjoni jew il-leġiżlazzjoni fil-livell tal-UE tkun għadha mhux fis-seħħ jew tkun taħt rieżami;

25. Ifakkar li l-Bord għall-Valutazzjoni tal-Impatt preċedenti ġie sostitwit b'Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ġdid, biex b'hekk tissaħħaħ l-indipendenza tal-Bord; ifakkar li l-indipendenza, it-trasparenza u l-oġġettività tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju u l-ħidma tiegħu jridu jiġu mħarsa u li l-membri tal-Bord ma għandhom jiġu soġġetti għall-ebda kontroll politiku ([29]); jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tiżgura li l-opinjonijiet kollha tal-Bord, inklużi dawk negattivi, isiru pubbliċi u aċċessibbli fl-istess waqt meta jiġu ppubblikati l-valutazzjonijiet tal-impatt rilevanti; jitlob evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju fit-twettiq tar-rwol tiegħu fis-superviżjoni u fl-għoti ta' pariri oġġettivi dwar il-valutazzjonijiet tal-impatt;

([29]) Ara l-paragrafu 12 tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-27 ta' Novembru 2014, imsemmija hawn fuq, u l-paragrafu 6 tad-deċiżjoni tal-Parlament tad-9 ta' Marzu 2016, imsemmija hawn fuq.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

26. Jirrimarka li d-Direttorat għall-Valutazzjoni tal-Impatt u l-Valur Miżjud Ewropew tal-Parlament, stabbilit fi ħdan l-amministrazzjoni tiegħu, jassisti lill-kumitati parlamentari u joffrilhom varjetà ta' servizzi, li fir-rigward tagħhom għandu jkun hemm disponibbli riżorsi suffiċjenti sabiex jiġi żgurat li l-Membri u l-kumitati jirċievu l-aħjar appoġġ possibbli disponibbli; jinnota b'apprezzament il-fatt li l-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati adottat verżjoni aġġornata tal-"Impact Assessment Handbook – Guidelines for Committees" (Manwal għall-Valutazzjoni tal-Impatt - Linji Gwida għall-Kumitati) fit-12 ta' Settembru 2017;

27. Jistieden lill-kumitati kollha jeżaminaw il-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni u jeżaminaw l-analiżi tal-valutazzjoni tal-impatt ex ante tal-Parlament kmieni kemm jista' jkun fil-proċess leġiżlattiv;

28. Ifakkar li skont il-paragrafu 14 tal-FII l-ġdid, il-Parlament Ewropew, waqt li jkun qed jikkunsidra l-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni, se jieħu kont sħiħ tal-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni; ifakkar, f'dan il-kuntest, li l-kumitati parlamentari jistgħu jistiednu lill-Kummissjoni tippreżenta l-valutazzjoni tal-impatt tagħha u l-opzjoni ta' politika magħżula f'laqgħa tal-kumitat sħiħ u jistieden lill-kumitati tiegħu jagħmlu użu minn din l-opportunità b'mod aktar regolari, kif ukoll mill-possibbiltà li jaraw preżentazzjoni tal-evalwazzjoni inizjali tal-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni mis-servizzi proprja tal-Parlament; jindika, madankollu, li dan ma jridx iwassal għar-restrizzjoni tal-ispazju ta' manuvra tal-koleġiżlaturi;

29. Jilqa' l-possibbiltà li l-Kummissjoni tikkomplementa l-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha stess matul il-proċess leġiżlattiv; iqis li l-paragrafu 16 tal-FII l-ġdid għandu jiġi interpretat fis-sens li, fuq talba mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill, il-Kummissjoni għandha, bħala regola ġenerali, tipprovdi minnufih tali valutazzjonijiet tal-impatt komplementari;

30. Jisħaq fuq l-importanza li l-partijiet ikkonċernati jiġu involuti u kkonsultati pubblikament, b'mod trasparenti u f'waqtu, u li jingħataw biżżejjed żmien għal risposti sinifikanti; isostni li hu essenzjali li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet pubbliċi bil-lingwi uffiċjali kollha matul il-fażi ta' tħejjija;

31. Jinnota li, kif speċifikat fil-paragrafu 17 tal-FII l-ġdid dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet, "kull waħda mit-tliet Istituzzjonijiet hija responsabbli li tiddeċiedi kif torganizza l-ħidma tal-valutazzjoni tal-impatt tagħha, inklużi r-riżorsi interni tal-organizzazzjoni u l-kontroll tal-kwalità";

32. Jilqa' l-fatt li fil-paragrafu 17 tal-FII l-ġdid, it-tliet Istituzzjonijiet impenjaw ruħhom li jiskambjaw informazzjoni dwar l-aħjar prattiki u metodoloġiji b'rabta mal-valutazzjonijiet tal-impatt; huwa tal-opinjoni li dan għandu jinkludi l-kondiviżjoni tad-data mhux ipproċessata li tirfed il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni kull fejn ikun possibbli, u b'mod partikolari meta l-Parlament jiddeċiedi li jikkomplementa l-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni bil-ħidma ulterjuri tiegħu stess; iħeġġeġ, għal dak il-għan, is-servizzi tat-tliet Istituzzjonijiet biex jikkooperaw kemm jista' jkun possibbli, inkluż fir-rigward ta' sessjonijiet ta' taħriġ konġunti dwar il-metodoloġiji tal-valutazzjoni ta' l-impatt, bil-ħsieb, barra minn hekk, li tinkiseb metodoloġija interistituzzjonali komuni futura;

33. Isostni li, bħalma jgħid il-paragrafu 18 tal-FII, huwa essenzjali li "l-valutazzjoni tal-impatt inizjali tal-Kummissjoni u kwalunkwe ħidma addizzjonali fuq il-valutazzjoni tal-impatt imwettqa matul il-proċess leġiżlattiv" mill-Istituzzjonijiet ser isiru pubbliċi sa tmiem il-proċess leġiżlattiv fl-interess tat-trasparenza fil-konfront taċ-ċittadini u tal-partijiet interessati;

34. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-partijiet interessati, fosthom it-trade unions u s-soċjetà ċivili, għandhom ikunu jistgħu jagħtu kontribut effettiv għall-proċess ta' valutazzjoni tal-impatt kmieni kemm jista' jkun fil-fażi ta' konsultazzjoni, u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni, għal dak il-għan, biex tagħmel użu aktar sistematiku mill-pjanijiet direzzjonali u l-valutazzjonijiet tal-impatt tal-bidu u tippubblikahom fi żmien debitu fil-bidu tal-proċess tal-valutazzjoni tal-impatt;

35. Jilqa' l-impenn magħmul mill-Kummissjoni li, qabel ma tadotta proposta, twettaq konsultazzjoni wiesgħa u tħeġġeġ, b'mod partikolari, il-parteċipazzjoni diretta tal-SMEs, tas-soċjetà ċivili u ta' utenti finali oħrajn fil-konsultazzjonijiet; jinnota b'sodisfazzjon li l-Linji Gwida riveduti tal-Kummissjoni dwar Regolamentazzjoni Aħjar ħadu din id-direzzjoni;

36. Jissottolinja d-dispożizzjonijiet il-ġodda għall-konsultazzjonijiet pubbliċi u mal-partijiet interessati, li għandhom iservu ta' għodda importanti kemm fil-fażi ta' tħejjija kif ukoll matul il-proċess leġiżlattiv kollu;

37. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrispetta l-iskadenzi obbligatorji stabbiliti għar-rapporti ta' implimentazzjoni u għar-rieżami tad-direttivi u r-regolamenti;

38. Jenfasizza l-importanza ta' evalwazzjoni ex post tal-leġiżlazzjoni eżistenti, f'konformità mal-prinċipju "l-ewwel evalwa", u jirrakkomanda li, kull meta jkun possibbli, din tieħu l-forma ta' valutazzjonijiet tal-impatt ex post bl-applikazzjoni tal-istess metodoloġija bħall-valutazzjoni tal-impatt ex ante relatata mal-istess biċċa leġiżlazzjoni, biex b'hekk tkun tista' ssir valutazzjoni aħjar tal-prestazzjoni ta' tali leġiżlazzjoni;

39. Jilqa' l-paragrafu 22 tal-FII l-ġdid, fejn, sabiex jappoġġaw dawn il-proċessi, it-tliet Istituzzjonijiet jaqblu li jistabbilixxu, kif xieraq, rekwiżiti ta' rapportar, monitoraġġ u evalwazzjoni fil-leġiżlazzjoni, filwaqt li jevitaw ir-regolamentazzjoni eċċessiva u l-piżijiet amministrattivi, b'mod partikolari għall-Istati Membri; jinnota l-isfidi marbutin mal-ġbir tad-data fl-Istati Membri dwar il-prestazzjoni tal-leġiżlazzjoni u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iżidu l-isforzi tagħhom f'dan ir-rigward;

40. Jilqa' l-paragrafu 23 tal-FII l-ġdid, fejn it-tliet Istituzzjonijiet jaqblu li b'mod sistematiku jqisu l-użu tal-klawżoli ta' rieżami fil-leġiżlazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni biex tinkludi klawżoli ta' rieżami fil-proposti tagħha kull meta jkun xieraq u, jekk le, biex tiddikjara r-raġunijiet tagħha għalfejn ma tkunx żammet ma' din ir-regola ġenerali;

Strumenti leġiżlattivi

41. Jilqa' l-impenji magħmula mill-Kummissjoni fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-memorandum ta' spjegazzjoni li jakkumpanja kull waħda mill-proposti tagħha; jesprimi sodisfazzjon partikolari għall-fatt li l-Kummissjoni se tispjega wkoll kif il-miżuri proposti huma ġustifikati fid-dawl tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità; jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza ta' valutazzjoni u ġustifikazzjoni msaħħa u komprensivi rigward il-konformità ma' dawn il-prinċipji kif ukoll il-valur miżjud Ewropew tal-miżura proposta;

42. Iqis li hemm bżonn ta' konsistenza bejn il-memorandum ta' spjegazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt relatata mal-istess proposta; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, biex tiżgura tali konsistenza u biex tispjega l-għażla magħmula meta titbiegħed mill-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tal-impatt;

43. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fil-paragrafu 25 tal-FII l-ġdid, il-Kummissjoni impenjat ruħha biss li "tieħu kont dovut tad-differenzi fin-natura u l-effetti bejn ir-regolamenti u d-direttivi"; itenni t-talba tiegħu li, fuq l-istess approċċ bħal dak deskritt fir-rapport Monti, għandu jsir użu akbar mir-regolamenti fil-proposti leġiżlattivi ([30]), f'konformità mar-rekwiżiti legali stabbiliti bit-Trattati fir-rigward tal-użu tagħhom, sabiex jiġu żgurati konsistenza, sempliċità u ċertezza legali madwar l-Unjoni;

44. Jilqa' l-impenn tat-tliet Istituzzjonijiet li jkollhom skambju ta' fehmiet dwar il-modifiki tal-bażi ġuridika, kif imsemmi fil-paragrafu 25 tal-FII l-ġdid; jenfasizza r-rwol u l-kompetenza esperta tal-Kumitat tiegħu għall-Affarijiet Legali fil-verifika tal-bażijiet ġuridiċi ([31]); ifakkar fil-pożizzjoni tal-Parlament li se jirreżisti kwalunkwe tentattiv li jdgħajjef is-setgħat leġiżlattivi tal-Parlament Ewropew permezz ta' modifika mhux meħtieġa tal-bażi ġuridika; jistieden lill-Kunsill biex jirrispetta bis-sħiħ l-impenn tiegħu li jkollu djalogu mal-Parlament f'każ ta' nuqqas ta' qbil dwar il-bażi ġuridika proposta, speċjalment f'fajls li jkunu politikament sensittivi;

45. Jenfasizza l-fatt li l-għażla tal-bażi ġuridika għall-proposta tal-Kummissjoni għandha ssir abbażi ta' raġunijiet oġġettivi soġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju; jenfasizza, madankollu, id-dritt tal-Parlament, bħala koleġiżlatur, li jipproponi modifiki għall-bażi ġuridika, abbażi tal-interpretazzjoni li jagħti lit-Trattati;

Atti delegati u ta' implimentazzjoni

46. Jenfasizza l-importanza tal-prinċipju minqux fil-paragrafu 26 tal-FII l-ġdid, u jtenni li hija l-kompetenza tal-leġiżlatur li jiddeċiedi, fil-limiti tat-Trattati u fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-QtĠ-UE, jekk u sa liema punt għandhomx jintużaw atti delegati jew atti ta' implimentazzjoni ([32]);

47. Jinnota li d-delega tas-setgħa lill-Kummissjoni mhijiex sempliċement kwistjoni teknika iżda tista' tinvolvi wkoll kwistjonijiet ta' sensittività politika li huma ta' importanza konsiderevoli għaċ-ċittadini, għall-konsumaturi u għan-negozji tal-UE;

([30]) Ara l-paragrafu 5 tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-14 ta' Settembru 2011 dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet, is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità u r-regolamentazzjoni intelliġenti.

([31]) Ara r-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, l-Anness V, punt XVI.1.

([32]) Ara l-premessa D tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-25 ta' Frar 2014 dwar segwitu dwar id-delega ta' setgħat leġiżlattivi u l-kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni, imsemmija hawn fuq.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

48. Jilqa' l-isforz tal-Kummissjoni biex tirrispetta l-iskadenza msemmija fil-paragrafu 27 tal-FII l-ġdid biex tipproponi l-allinjament tal-atti bażiċi kollha li għadhom jirreferu għall-RPS; jikkunsidra wkoll li, bħala regola, il-każijiet kollha li ġew trattati qabel taħt l-RPS issa għandhom ikunu allinjati mal-Artikolu 290 tat-TFUE u għalhekk jiġu konvertiti f'atti delegati ([33]);

49. Iwissi li l-inklużjoni tal-obbligu għall-Kummissjoni ta' rikors sistematiku għall-esperti tal-Istati Membri b'rabta mat-tħejjija tal-atti delegati m'għandux iwassal biex il-proċedura rilevanti ssir simili ħafna, jekk mhux għal kollox identika, għal dik stabbilita għat-tħejjija tal-atti ta' implimentazzjoni, speċjalment fir-rigward tal-prerogattivi proċedurali mogħtija lil dawk l-esperti; iqis li dan ukoll jista' jċajpar id-differenzi bejn iż-żewġ tipi ta' atti sal-punt li dan jista' jimplika qawmien mill-ġdid *de facto* tal-mekkaniżmu ta' komitoloġija ta' qabel it-Trattat ta' Lisbona;

50. jesprimi nuqqas ta' sodisfazzjon dwar il-fatt li, minkejja l-konċessjonijiet magħmula mill-Parlament, il-Kunsill għadu jsibha bi tqila li jaċċetta atti delegati meta l-kriterji tal-Artikolu 290 tat-TFUE jkunu ssodisfati; ifakkar li, kif stipulat fil-premessa 7 tiegħu, il-FII l-ġdid għandu jiffaċilita n-negozjati fil-qafas tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja u jtejjeb l-applikazzjoni tal-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li f'diversi fajls leġiżlattivi l-Kunsill, madankollu, insista fuq l-għoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 tat-TFUE jew fuq l-inklużjoni tal-elementi kollha eliġibbli *in abstracto* għad-delega tas-setgħat jew tal-għoti tas-setgħat ta' implimentazzjoni fl-att bażiku nnifsu; jesprimi d-diżappunt tiegħu dwar il-fatt li, f'dawk il-każijiet, il-Kummissjoni ma ddefendietx il-proposti oriġinali tagħha stess;

51. Huwa preokkupat ħafna li l-Kunsill qed jipprova, kważi b'mod sistematiku, jissostitwixxi l-atti delegati b'atti ta' implimentazzjoni; iqis li huwa partikolarment inaċċettabbli li l-Kunsill qed jipprova juża l-allinjament ta' wara Lisbona biex jissostitwixxi l-RPS b'atti ta' implimentazzjoni, minflok b'atti delegati;

52. Jilqa' l-bidu tan-negozjati interistituzzjonali msemmija fil-paragrafu 28 tal-FII l-ġdid; jikkonferma l-pożizzjoni tiegħu dwar kriterji mhux vinkolanti għall-applikazzjoni tal-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE, kif stabbilit fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Frar 2014 ([34]); iqis li dawn għandhom ikunu l-bażi għal dawk in-negozjati;

53. Ifakkar li elementi sinifikanti politikament, bħal-listi jew ir-reġistri tal-Unjoni ta' prodotti jew sustanzi, għandhom jibqgħu parti integrali minn att bażiku – meta jkun xieraq fil-forma ta' annessi – u għalhekk għandhom jiġu emendati biss permezz ta' atti delegati; jenfasizza li l-ħolqien ta' listi indipendenti għandu jiġi evitat fl-interess taċ-ċertezza tad-dritt;

54. Iqis li l-kriterji għall-applikazzjoni tal-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE jridu jieħdu kont tas-sentenzi tal-QtĠ-UE, bħal dawk maħruġa fil-każ tal-Bijoċidi, fil-każ l-att delegat tas-CEF u fil-każ tal-Mekkaniżmu ta' Reċiproċità tal-Viża ([35]);

55. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li jekk tkun meħtieġa kompetenza akbar fit-tħejjija bikrija tal-abbozzi ta' atti ta' implimentazzjoni, tagħmel użu mill-gruppi ta' esperti, tikkonsulta lill-partijiet interessati fil-mira u twettaq konsultazzjonijiet pubbliċi, kif xieraq; iqis li, kull meta jinbeda tali proċess ta' konsultazzjoni, il-Parlament għandu jiġi infurmat debitament;

56. Jinnota b'apprezzament il-fatt li l-Kummissjoni, fil-paragrafu 28 tal-FII l-ġdid, qablet li tiżgura li l-Parlament u l-Kunsill ikollhom aċċess ugwali għall-informazzjoni kollha dwar l-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni, b'tali mod li huma jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri; jilqa' l-fatt li l-esperti tal-Parlament u tal-Kunsill se jkollhom aċċess b'mod sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li għalihom ikunu mistiedna l-esperti tal-Istati Membri u li jikkonċernaw it-tħejjija ta' atti delegati; jistieden lill-Kummissjoni biex tosserva dan l-impenn b'mod ġenwin u konsistenti; jinnota li tali aċċess diġà ttejjeb;

57. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm kooperazzjoni informali aħjar matul il-fażi ta' tħejjija tal-atti delegati u tal-atti ta' implimentazzjoni; iwissi kontra r-riskju li tintesa l-intenzjoni tal-koleġiżlaturi, kif espressa f'att leġiżlattiv u bħala parti mill-għan tiegħu, fit-tħejjija tal-atti delegati u tal-atti ta' implimentazzjoni; jenfasizza l-importanza tar-Reġistru tal-Atti Delegati, li issa sar operattiv;

([33]) Ara l-paragrafu 6 tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-25 ta' Frar 2014 dwar segwitu dwar id-delega ta' setgħat leġiżlattivi u l-kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni, imsemmija hawn fuq.

([34]) Ibid., paragrafu 1.

([35]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tat-18 ta' Marzu 2014, *Il-Kummissjoni Ewropea* vs *Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, imsemmija hawn fuq; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Marzu 2016, *Il-Parlament Ewropew* vs *Il-Kummissjoni Ewropea*, imsemmija hawn fuq; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-14 ta' Ġunju 2016, *Il-Parlament* vs *Il-Kunsill*, imsemmija hawn fuq.

58. Jiddispjaċih minħabba l-fatt li f'ħafna okkażjonijiet il-Kummissjoni tqis li l-miżuri ta' livell 2 proposti mit-tliet awtoritajiet tas-servizzi finanzjarji (l-ESAME, l-EBA u l-EIOPA) jiġu adottati mingħajr tibdil, u dan inaqqas il-ħin ta' skrutinju disponibbli għall-Parlament meta jiġu introdotti tibdiliet importanti jew numru sostanzjali ta' tibdiliet;

59. Ifaħħar il-progress rapidu li sar fil-livell interistituzzjonali fl-istabbiliment ta' reġistru funzjonali konġunt ta' atti delegati u jilqa' b'sodisfazzjon it-tnedija uffiċjali tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2017;

60. Jistenna bil-ħerqa li juża reġistru strutturat sew u faċli għall-utent ta' atti delegati, li ġie ppubblikat fit-12 ta' Diċembru 2017 u li kien ġie mitlub mill-Parlament;

61. Jinnota li proċeduri leġiżlattivi mtejba fil-livell tal-UE, b'kooperazzjoni interistituzzjonali f'waqtha u aktar profonda, jistgħu jwasslu għal applikazzjoni aktar konsistenti u armonizzata tad-dritt tal-UE;

Trasparenza u koordinazzjoni tal-proċess leġiżlattiv

62. Jilqa' l-fatt li skont il-paragrafu 32 tal-FII l-ġdid, il-Parlament u l-Kunsill, bħala l-koleġiżlaturi, se jeżerċitaw is-setgħat tagħhom fuq l-istess livell, u l-Kummissjoni għandha twettaq ir-rwol tagħha bħala faċilitatur billi tittratta ż-żewġ fergħat tal-awtorità leġiżlattiva bl-istess mod; ifakkar li dan il-prinċipju diġà huwa minqux fit-Trattat ta' Lisbona; jitlob, għalhekk, lill-Kummissjoni tagħmel id-dokumenti rilevanti kollha relatati mal-proposti leġiżlattivi, inklużi d-dokumenti informali, disponibbli għaż-żewġ leġiżlaturi fl-istess ħin u, meta jkun fattibbli, tippubblikahom;

63. Jiddeplora l-fatt li l-paragrafi 33 u 34 tal-FII l-ġdid għadhom ma wasslux għal titjib fil-fluss tal-informazzjoni mill-Kunsill, partikolarment peress li jidher li hemm nuqqas ġenerali ta' informazzjoni dwar il-kwistjonijiet imqajma mill-Istati Membri fi ħdan il-Kunsill u ma hemm l-ebda approċċ sistematiku li jiffaċilita l-iskambju reċiproku tal-fehmiet u l-informazzjoni; jinnota bi tħassib li l-fluss ta' informazzjoni normalment ivarja ħafna bejn Presidenza u oħra u bejn is-servizzi tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill; jenfasizza l-aċċess asimmetriku għal informazzjoni bejn il-koleġiżlaturi, peress li l-Kunsill jista' jattendi laqgħat tal-kumitati parlamentari iżda r-rappreżentanti tal-Parlament ma jkunux mistednin biex jattendu l-laqgħat tal-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill; iqis, għalhekk, li huwa mixtieq approċċ li jkun trasparenti b'mod koerenti; jissuġġerixxi li l-Kunsill, bħala regola, għandu jmexxi l-laqgħat kollha tiegħu fil-pubbliku kif jagħmel il-Parlament;

64. Jitlob li l-paragrafi 33 u 34 tal-FII l-ġdid jiġu implimentati bis-sħiħ; jitlob lill-Kunsill, b'mod partikolari, li l-aġendi, id-dokumenti ta' ħidma u l-proposti tal-gruppi ta' ħidma u tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri (Coreper) jintbagħtu lill-Parlament b'mod regolari u strutturat sabiex jingħata lok għal livell ekwu ta' informazzjoni bejn il-koleġiżlaturi; iqis li l-paragrafi 33 u 34 tal-FII l-ġdid jinħtieġ li jiġu interpretat fis-sens li, minnbarra l-iskambji informali ta' fehmiet, il-Parlament jista' jkun mistieden jibgħat rappreżentant għal-laqgħat tal-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill u l-Coreper;

65. Jenfasizza li, fi ħdan it-tifsir tal-paragrafi 35 u 36 rispettivament tal-FII l-ġdid, is-sinkronizzazzjoni u l-aċċellerazzjoni tal-proċess leġiżlattiv jistgħu jsiru biss jekk ikun żgurat li l-prerogattivi ta' kull Istituzzjoni jiġu ppriżervati kompletament; iqis, għalhekk, li s-sinkronizzazzjoni jew l-aċċellerazzjoni bl-ebda mod ma tista' twassal għall-impożizzjoni ta' skeda ta' żmien fuq il-Parlament minn Istituzzjonijiet oħra;

66. Iħeġġeġ sabiex jiżdiedu l-isforzi biex tiġi stabbilita l-bażi tad-data konġunta apposta dwar l-istat attwali tal-fajls leġiżlattivi msemmija fil-paragrafu 39 tal-FII l-ġdid; ifakkar li din il-bażi tad-data għandha tinkludi informazzjoni dwar il-passi kollha tal-proċedura leġiżlattiva biex tiffaċilita t-traċċabilità tagħha; jissuġġerixxi li tali informazzjoni għandha tinkludi wkoll informazzjoni dwar il-proċess tal-valutazzjoni tal-impatt;

67. Ifakkar lit-tliet istituzzjonijiet tal-UE li jeħtieġ isir aktar progress fl-istabbiliment ta' bażi tad-data konġunta apposta dwar l-istat attwali tal-fajls leġiżlattivi;

68. Jipproponi li l-Kunsill jiltaqa' mill-inqas darba mal-Parlament fil-qafas tal-proċedura ta' konsultazzjoni sabiex il-Parlament ikun jista' jippreżenta u jiġġustifika r-raġunijiet għall-emendi approvati, filwaqt li l-Kunsill ikun jista' jesprimi l-pożizzjoni tiegħu dwar kull waħda minnhom; jipproponi, fi kwalunkwe każ, li l-Kunsill jipprovdi tweġiba bil-miktub;

69. Jissuġġerixxi li l-Parlament iwettaq studju kwantitattiv dwar l-effettività tal-proċedura ta' konsultazzjoni;

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

70. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrispetta l-qafas ta' żmien stabbilit fir-Regolament tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej biex tiddeċiedi jekk tapprovax, temendax jew ma tapprovax l-istandards tekniċi abbozzati u, bħala minimu, tinforma uffiċjalment lill-koleġiżlaturi bil-quddiem sew jekk, fuq bażi straordinarja, ikollha l-ħsieb li ma tirrispettax dan iż-żmien, filwaqt li tagħti wkoll ir-raġunijiet tagħha għal dan; jenfasizza l-fatt li dan l-aħħar il-Kummissjoni naqset milli tagħmel dan f'bosta każijiet; ifakkar lill-Kummissjoni li l-proċeduri li permezz tagħhom il-Parlament jiddikjara li m'għandux oġġezzjonijiet għal att mhumiex maħsuba biex jikkumpensaw għal dewmien li joriġina min-naħa tal-Kummissjoni u li dawn il-proċeduri għandhom impatt sinifikanti fuq iż-żmien disponibbli għall-Parlament biex jeżerċita d-drittijiet ta' skrutinju tiegħu;

71. Jilqa' l-fatt li n-negozjati interistituzzjonali msemmija fil-paragrafu 40 tal-FII l-ġdid bdew f'Novembru tal-2016; jinnota b'diżappunt li wara aktar minn sena ta' diskussjonijiet, tliet sessjonijiet ta' negozjati fil-livell politiku u għadd ta' laqgħat fil-livell tekniku, għadu ma ntlaħaq l-ebda ftehim minkejja ġurisprudenza ċara u stabbilita; jinnota l-progress li sar s'issa u jinsisti bil-qawwa li dawn in-negozjati għandhom jiġu konklużi taħt il-presidenza Bulgara;

72. Jilqa' t-tgħarrif bil-miktub mogħti mill-Kummissjoni qabel il-konferenzi internazzjonali u t-tgħarrif orali ta' kuljum mogħti mill-Presidenza tal-Kunsill u mill-Kummissjoni matul dawn il-konferenzi;

73. Jiddispjaċih għall-fatt li l-Parlament ma jitħalliex jattendi, bħala osservatur, il-laqgħat ta' koordinazzjoni tal-UE matul il-konferenzi internazzjonali;

74. Ifakkar lill-Kunsill u l-Kummissjoni li l-arranġamenti prattiċi fir-rigward tal-ftehimiet internazzjonali jridu jkunu konformi mat-Trattati, b'mod partikolari l-Artikolu 218(10) tat-TFUE, u jieħdu kont tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, bħal dawk maħruġa fil-każ tat-Tanzanija u fil-każ ta' Mauritius ([36]);

75. Jistieden lill-istituzzjonijiet l-oħra jikkonformaw mat-Trattati u mar-regolamenti u josservaw il-ġurisprudenza rilevanti sabiex jiżguraw li l-Parlament:

(a) ikun informat minnufih, bis-sħiħ u b'mod preċiż dwar iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-ftehimiet internazzjonali b'mod proattiv, strutturat u simplifikat, mingħajr ma tiġi mminata l-pożizzjoni ta' negozjar tal-UE u filwaqt li jingħata biżżejjed żmien biex jesprimi l-fehmiet tiegħu fl-istadji kollha u jara li tali fehmiet jiġu kkunsidrati kemm jista' jkun;

(b) ikun informat b'mod preċiż u jkun involut fl-istadju ta' implimentazzjoni tal-ftehimiet u, speċjalment fir-rigward tad-deċiżjonijiet meħuda mill-korpi stabbiliti mill-ftehimiet, jitħalla jeżerċita bis-sħiħ id-drittijiet tiegħu bħala koleġiżlatur meta dawn id-deċiżjonijiet ikollhom impatt fuq il-leġiżlazzjoni tal-UE;

(c) ikun informat b'mod proattiv dwar il-pożizzjoni tal-Kummissjoni f'fora internazzjonali bħalma huma d-WTO, l-UNCTAD, l-OECD, l-UNDP, l-FAO u l-UNHCR;

76. Jemmen li huwa essenzjali li tiġi rispettata b'mod orizzontali l-prattika dejjiema li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu qabel ma jiġu applikati b'mod proviżorju d-dispożizzjonijiet kummerċjali u ta' investiment ta' ftehimiet politikament importanti, bi qbil ukoll mal-impenn li ħadet il-Kummissarju Malmström fis-smigħ tagħha fid-29 ta' Settembru 2014; jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jkomplu jestendu din il-prattika għall-ftehimiet internazzjonali kollha;

77. Jinnota li l-Parlament jinsab lest li jressaq kawża quddiem il-QtĠ-UE għal darb' oħra sabiex jiżgura li d-drittijiet tal-Parlament jiġu rispettati jekk ma jsir l-ebda progress konklużiv fil-futur qarib fin-negozjati dwar il-paragrafu 40 tal-FII l-ġdid;

78. Jinnota li kull istituzzjoni għandha tkun konxja li r-responsabilità tagħha bħala leġiżlatur ma tiqafx ladarba jiġu konklużi l-ftehimiet internazzjonali; jenfasizza l-ħtieġa ta' monitoraġġ mill-qrib tal-implimentazzjoni u l-isforzi li għaddejjin sabiex jiġi żgurat li l-ftehimiet qed jilħqu l-għanijiet tagħhom; jitlob li l-istituzzjonijiet jestendu l-aħjar prattiki u approċċ kollaborattiv għall-fażijiet ta' implimentazzjoni u ta' evalwazzjoni tal-ftehimiet internazzjonali;

([36]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-14 ta' Ġunju 2016, *Il-Parlament* vs *Il-Kunsill*, imsemmija hawn fuq; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-24 ta' Ġunju 2014, *Il-Parlament* vs *Il-Kunsill*, imsemmija hawn fuq.

79. Jinnota li l-valutazzjonijiet tal-impatt, inkluża analiżi tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, jaf ikunu għodda importanti fin-negozjar tal-ftehimiet kummerċjali u dwar l-investiment u jistgħu jgħinu lill-partijiet jikkonformaw mal-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom, u jfakkar fin-natura vinkolanti ta' ftehimiet bħall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali;

80. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jirrispettaw bis-sħiħ id-distribuzzjoni tal-kompetenzi bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha, kif jista' jiġi dedott mill-Opinjoni 2/15 tal-QtĠ-UE tas-16 ta' Mejju 2017, għall-adozzjoni ta' direttivi ta' negozjar, negozjati u l-bażi ġuridika tal-proposti li jridu jiġu ffirmati u konklużi, u b'mod partikolari għall-firma tal-Kunsill u l-konklużjoni tal-ftehimiet ta' kummerċ internazzjonali;

81. Jistieden lir-rappreżentanti Ewropej jagħtu attenzjoni partikolari għall-konsistenza bejn l-istandards/ir-rekwiżiti internazzjonali u l-leġiżlazzjoni adottata u vinkolanti tal-UE;

82. Jistieden lill-Kummissjoni tiżvela d-dokumenti li jiddeskrivu l-pożizzjoni tagħha f'organizzazzjonijiet internazzjonali li jistabbilixxu l-istandards fl-oqsma finanzjarji, monetarji u regolatorji, b'mod partikolari l-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja; jitlob li l-Parlament ikun infurmat bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-iżvilupp tal-istandards internazzjonali li jista' jkollhom impatt fuq id-dritt tal-UE;

83. Jitlob l-istabbiliment u l-formalizzazzjoni ta' djalogu finanzjarju dwar l-adozzjoni u l-koerenza tal-pożizzjonijiet Ewropej fit-tħejjija għal negozjati internazzjonali ewlenin, skont ir-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' April 2016 dwar ir-rwol tal-UE fil-qafas tal-istituzzjonijiet u l-korpi internazzjonali finanzjarji, monetarji u regolatorji ([37]); jenfasizza li, abbażi ta' linji gwida dettaljati, li potenzjalment jistgħu jiġu kkomplementati b'riżoluzzjonijiet ta' gwida proattivi, dawn il-pożizzjonijiet jenħtieġ li jiġu diskussi u jkunu magħrufa ex ante, filwaqt li jiġi żgurat segwitu, fejn il-Kummissjoni tirrapporta lura b'mod regolari dwar l-applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida;

84. Ifakkar fid-dikjarazzjoni tiegħu adottata fil-15 ta' Marzu 2018 dwar il-post tas-sede tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ([38]), fejn il-Parlament wera d-dispjaċir tiegħu għall-fatt li r-rwol u d-drittijiet tiegħu bħala koleġiżlatur ugwali mal-Kunsill, ma ġewx ikkunsidrati debitament;

85. Jirrikonoxxi l-mandat approvat mill-Coreper fis-6 ta' Diċembru 2017 li jaqbel dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill rigward il-proposta tal-Kummissjoni għal reġistru ta' trasparenza obbligatorju; jistieden lill-partijiet kollha jiffinalizzaw in-negozjati fi spirtu ta' kooperazzjoni tajba biex titjieb it-trasparenza tal-proċess leġiżlattiv;

86. Jieħu inkunsiderazzjoni dovuta s-sentenza De Capitani ([39]) li tafferma li l-prinċipji ta' pubbliċita' u ta' trasparenza huma inerenti għall-proċess leġislattiv tal-UE u li l-ebda prerogattiva ġenerali ta' nuqqas ta' żvelar ma tista' tiġi aċċettata fir-rigward tad-dokumenti leġislattivi, inkluż dokumenti tat-trilogi;

Implimentazzjoni u applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni

87. Jenfasizza l-importanza tal-prinċipju stipulat fil-paragrafu 43 tal-FII l-ġdid, li meta, fil-kuntest tat-traspożizzjoni tad-direttivi fil-liġi nazzjonali, l-Istati Membri jagħżlu li jżidu elementi li bl-ebda mod ma jkunu relatati ma' dik il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, tali żidiet għandhom ikunu identifikabbli permezz tal-att(i) ta' traspożizzjoni, jew permezz ta' dokumenti assoċjati; jinnota li din l-informazzjoni għadha tkun nieqsa ta' spiss; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaġixxu b'mod konġunt u konsistenti biex jindirizzaw in-nuqqas ta' trasparenza u problemi oħra relatati ma' regolamentazzjoni żejda ([40]);

88. Huwa tal-fehma li fl-implimentazzjoni u t-traspożizzjoni ta' atti tal-UE, trid issir distinzjoni ċara bejn każijiet ta' "regolamentazzjoni żejda", fejn l-Istati Membri jintroduċu rekwiżiti amministrattivi addizzjonali mhux relatati mal-leġiżlazzjoni tal-UE, u l-istabbiliment ta' standards ogħla li jmorru lil hinn mill-istandards minimi fl-UE kollha għall-protezzjoni ambjentali u tal-konsumatur, il-kura tas-saħħa u s-sikurezza tal-ikel;

([37]) ĠU C 58, 15.2.2018, p. 76.
([38]) Ara t-Testi adottati, P8_TA(2018)0086.
([39]) Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Seba'Awla Estiża) tat-22 ta' Marzu 2018, *De Capitani* v *Il-Parlament Ewropew*, Kawża T-540/15, ECLI:EU:T:2018:167.
([40]) Ara l-paragrafu 7 tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-21 ta' Novembru 2012 dwar it-28 rapport annwali dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE (2010) (ĠU C 419, 16.12.2015, p. 73).

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

89. Iqis li, sabiex jitnaqqsu l-problemi relatati mar-regolamentazzjoni żejda, it-tliet Istituzzjonijiet għandhom jimpenjaw ruħhom li jadottaw leġiżlazzjoni tal-UE li tkun ċara u tista' tiġi trasposta faċilment, u li jkollha valur miżjud Ewropew speċifiku; ifakkar li, filwaqt li għandhom jiġu evitati piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa, dan ma għandux iwaqqaf lill-Istati Membri milli jkollhom jew jieħdu miżuri aktar ambizzjużi u jadottaw standards soċjali, ambjentali u ta' protezzjoni tal-konsumatur ogħla f'każijiet fejn ikunu definiti biss standards minimi mid-dritt tal-Unjoni;

90. Jistieden lill-Istati Membri jevitaw kemm jista' jkun li joħolqu rekwiżiti amministrattivi addizzjonali meta jittrasponu l-leġiżlazzjoni tal-UE, u f'konformità mal-paragrafu 43 tal-Ftehim Interistituzzjonali, jagħmlu dawn iż-żidiet identifikabbli fl-att ta' traspożizzjoni jew fid-dokumenti assoċjati;

91. Ifakkar li skont il-paragrafu 44 tal-FII l-ġdid, l-Istati Membri mistiedna jikkooperaw mal-Kummissjoni fil-kisba tal-informazzjoni u d-data meħtieġa biex l-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni tiġi mmonitorjata u evalwata; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirrispettaw l-impenji tagħhom, inkluż billi jipprovdu tabelli ta' korrelazzjoni li jkun fihom informazzjoni ċara u preċiża dwar il-miżuri nazzjonali li jittrasponu d-direttivi fl-ordni ġuridiku domestiku tagħhom, kif miftiehem fid-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni u fid-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tas-27 ta' Ottubru 2011 tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni;

92. Iqis li l-impenn meħud mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 45 tal-FII l-ġdid għandu jiġi interpretat fis-sens li, bir-rispett dovut għar-regoli dwar il-kunfidenzjalità, l-aċċess tal-Parlament għal informazzjoni relatata ma' proċeduri ta' qabel il-ksur u ta' ksur se jissaħħaħ b'mod konsiderevoli; itenni, għal dan il-għan, it-talbiet li ilu jagħmel lill-Kummissjoni fir-rigward tad-data li l-Parlament huwa intitolat jaċċessa ([41]);

93. Itenni l-apprezzament tiegħu fir-rigward tal-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tal-problemi EU Pilot bħala mod aktar informali, iżda xorta waħda effettiv, biex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni min-naħa tal-Istati Membri ([42]); ma japprovax it-tħabbira tal-Kummissjoni li, bħala regola ġenerali, se tniedi proċeduri ta' ksur mingħajr ma tibqa' tibbaża ruħha fuq dan il-mekkaniżmu ([43]);

94. Jirrimarka li l-Membri tal-Kummissjoni huma obbligati jirrispettaw il-prerogattivi leġiżlattivi tal-Membri tal-Parlament Ewropew; huwa tal-fehma li dawn għandhom jipprovdu lill-Parlament l-istudji kollha mwettqa b'mod indipendenti li abbażi tagħhom ikunu ħadu d-deċiżjonijiet tagħhom, filwaqt li fl-istess ħin jiżvelaw dawk li jikkontradixxu l-konklużjonijiet tagħhom;

95. Jiddispjaċih li mhux it-traduzzjonijiet kollha tal-proposti leġiżlattivi jsiru disponibbli fl-istess ħin, u dan iwassal għal dewmien fil-proċess leġiżlattiv;

96. Jisħaq fuq il-punt li f'dak li jikkonċerna l-applikazzjoni tagħha, leġiżlazzjoni tal-UE effikaċi għandha timmira li tiżgura li l-proċeduri stabbiliti fiha jkunu jaqblu mal-iskop sottostanti tal-att leġiżlattiv innifsu, u partikolarment mal-mira aħħarija tal-ħarsien tal-ambjent f'dak li jikkonċerna l-iżgurar ta' grad għoli ta' protezzjoni ambjentali.

97. Jirrikonoxxi l-importanza tal-ħidma li qed issir fil-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-valutazzjoni tal-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet tal-UE f'dak li jikkonċerna l-implimentazzjoni proprja, u bħala bażi għat-titjib tat-testi u l-proċeduri leġiżlattivi; jinnota, f'dan ir-rigward, kemm hu importanti li jkun hemm kooperazzjoni interistituzzjonali ġenwina mal-Kummissjoni bil-għan li jiġi żgurat li l-petizzjonijiet jiġu eżaminati kif suppost;

Simplifikazzjoni

98. Jilqa' l-impenn meħud fil-paragrafu 46 tal-FII l-ġdid favur użu aktar frekwenti tat-teknika leġiżlattiva ta' riformulazzjoni; itenni li din it-teknika għandha tikkostitwixxi t-teknika leġiżlattiva ordinarja bħala għodda imprezzabbli biex tinkiseb is-simplifikazzjoni ([44]); iqis, madankollu, li fil-każ ta' riforma politika sħiħa, il-Kummissjoni għandha, minflok tuża riformulazzjoni teknika, tressaq proposta għal att legali ġdid għal kollox li jħassar il-leġiżlazzjoni eżistenti, sabiex il-koleġiżlaturi jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom f'diskussjonijiet politiċi wiesgħa u jaraw li l-prerogattivi tagħhom kif minquxa fit-Trattati jkunu ppreżervati għal kollox;

([41]) Ara l-paragrafi 21 u 22 tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-4 ta' Frar 2014 dwar id-29 rapport annwali dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE (2011).

([42]) Ara l-paragrafu 16 tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-6 ta' Ottubru 2016 dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dritt tal-UE: Rapport Annwali 2014 (Testi adottati, P8_TA(2016)0385).

([43]) Ara l-punt 2 tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "EU law: Better results through better application" (Id-Dritt tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar), imsemmija hawn fuq (ara l-paġna 12 fil-ĠU C 18, 19.1.2017).

([44]) Ara l-paragrafu 41 tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-14 ta' Settembru 2011, imsemmija hawn fuq.

99. Ifakkar li, fil-valutazzjoni tal-pożijiet amministrattivi u regolatorji mhux meħtieġa, skont il-ftehim milħuq bejn it-tliet Istituzzjonijiet fil-paragrafi 47 u 48 tal-FII l-ġdid, u meta jiġu eżaminati l-objettivi ta' tnaqqis ta' piż possibbli sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-amministrazzjonijiet u n-negozji, inklużi l-SMEs, it-tfassil aħjar tal-liġijiet, fejn xieraq, jista' jfisser ukoll iktar leġiżlazzjoni tal-UE, inkluża l-armonizzazzjoni tad-differenzi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, b'kont meħud tal-benefiċċji tal-miżuri leġiżlattivi u l-konsegwenzi f'każ ta' nuqqas ta' azzjoni fil-livell tal-UE fir-rigward tal-istandards ta' protezzjoni soċjali, ambjentali u tal-konsumatur, u filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li l-Istati Membri huma ħielsa li japplikaw standards ogħla jekk ikunu definiti biss standards minimi mid-dritt tal-Unjoni; ifakkar, barra minn hekk, li l-klawsola soċjali orizzontali minquxa fl-Artikolu 9 tat-TFUE tirrikjedi li l-Unjoni tikkunsidra bir-reqqa l-impatt tal-leġiżlazzjoni tal-UE fuq l-istandards soċjali u l-impjiegi, b'konsultazzjoni xierqa tal-partijiet soċjali interessati, b'mod partikolari t-trade unions, il-konsumaturi u r-rappreżentanti tal-interessi tal-gruppi vulnerabbli, u b'rispett għall-awtonomija tas-sħab soċjali u l-ftehimiet li jistgħu jikkonkludu f'konformità mal-Artikolu 155 tat-TFUE; jenfasizza, għalhekk, li t-tnaqqis tal-pożijiet amministrattivi mhux bilfors ifisser deregolamentazzjoni u li, fi kwalunkwe każ, dan m'għandux jikkomprommetti d-drittijiet fundamentali u l-istandards ambjentali, soċjali, tax-xogħol, tas-saħħa u s-sikurezza, ta' protezzjoni tal-konsumatur, ta' ugwaljanza bejn is-sessi jew ta' benesseri tal-annimali, inklużi r-rekwiżiti ta' informazzjoni relatati magħhom, u għalhekk ma għandux ikun ta' detriment għad-drittijiet tal-ħaddiema – irrispettivament mid-daqs tal-kumpanija –, jew iwassal għal żieda fil-kuntratti ta' impjieg prekarju;

100. Jilqa' l-ewwel stħarriġ annwali tal-Kummissjoni dwar il-pożijiet imwettaq fil-kuntest tas-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE, li fir-rigward tiegħu wettqet stħarriġ Flash tal-Ewrobarometru dwar il-perċezzjonijiet tan-negozju dwar ir-regolament, fejn intervistat aktar minn 10 000 negozju fit-28 Stat Membru, b'mod partikolari l-SMEs, u tat stampa tad-distribuzzjoni tan-negozju fl-UE; jiġbed l-attenzjoni għas-sejbiet tal-istħarriġ, li jikkonfermaw li l-enfasi fuq il-qtugħ tal-ispejjeż żejda għadha xierqa u jissuġġerixxu li hemm interazzjoni kumplessa ta' fatturi differenti li jinfluwenzaw il-perċezzjoni tan-negozji, li tista' tkun ikkawżata wkoll minn varjazzjonijiet fil-konfigurazzjonijiet amministrattivi u legali nazzjonali li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni; jirrimarka li r-regolamentazzjoni żejda u anki l-kopertura mhux eżatta min-naħa tal-midja jistgħu jaffettwaw ukoll din il-perċezzjoni; iqis li l-kunċett ta' stħarriġ annwali dwar il-pożijiet, filwaqt li huwa għodda importanti għall-identifikazzjoni ta' problemi rigward l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE, ma jistax iwassal biex wieħed jassumi li r-regolamentazzjoni tirriżulta, min-natura tagħha stess, f'pożijiet amministrattivi eċċessivi; jaqbel mal-Kummissjoni li l-uniku mezz sabiex jiġi identifikat b'mod konkret dak kollu li tassew jista' jiġi ssimplifikat, imħaffef jew eliminat huwa li jinkisbu l-fehmiet tal-partijiet interessati kollha, inklużi dawk b'rappreżentanza inqas b'saħħitha, dwar biċċiet ta' leġiżlazzjoni speċifiċi jew diversi biċċiet ta' leġiżlazzjoni li japplikaw għal settur partikolari; jistieden lill-Kummissjoni biex tirfina l-istħarriġ annwali dwar il-pożijiet, abbażi tal-lezzjonijiet misluta mill-ewwel edizzjoni, biex tapplika metodi ta' ġbir ta' data trasparenti u verifikabbli, biex tagħti attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet tal-SMEs, u biex tinkludi kemm il-pożijiet reali kif ukoll dawk perċepiti;

101. barra minn hekk, jinnota l-eżitu tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-fattibbiltà, mingħajr detriment għall-għan tal-leġiżlazzjoni, tal-istabbiliment ta' objettivi għat-tnaqqis tal-pożijiet f'setturi speċifiċi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tistabbilixxi objettivi ta' tnaqqis tal-pożijiet għal kull inizjattiva b'mod flessibbli iżda b'mod affidabbli u bbażat fuq l-evidenza, u f'konsultazzjoni sħiħa mal-partijiet interessati, kif tagħmel diġà fir-REFIT;

102. Jenfasizza li standard tal-UE fil-prinċipju jissostitwixxi 28 standard nazzjonali, u dan isaħħaħ is-suq intern u jwassal għal inqas burokrazija;

103. Jenfasizza l-importanza li tiġi evitata burokrazija żejda u li titqies il-korrelazzjoni bejn id-daqs tal-kumpanija u r-riżorsi meħtieġa biex l-obbligi jiġu implimentati;

Implimentazzjoni u monitoraġġ tal-FII l-ġdid

104. Jinnota li l-Konferenza tal-Presidenti se tirċievi rapport regolari, imfassal mill-President, li jiddeskrivi s-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni kemm internament kif ukoll interistituzzjonalment; iqis li dan ir-rapport jinħtieġ li jieħu kont dovut tal-valutazzjoni magħmula mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati abbażi tal-esperjenzi tal-kumitati differenti, b'mod partikulari l-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli għat-tfassil aħjar tal-liġijiet u s-semplifikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni ([45]);

([45]) Ara r-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, l-Anness V, punt XVI.3.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

105. Jilqa' l-ewwel laqgħa ta' eżami interistituzzjonali annwali dwar is-sitwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-FII, li saret fit-12 ta' Diċembru 2017; iħeġġeġ lill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati biex tipprovdi lill-Konferenza tal-Presidenti kwalunkwe rakkomandazzjoni li tqis xierqa dwar l-implimentazzjoni tal-FII l-ġdid;

o

o o

106. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0226

Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 u r-riżorsi proprji

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 u r-riżorsi proprji (2018/2714(RSP))

(2020/C 76/10)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 311, 312 u 323 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Mejju 2018 intitolata "Baġit modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi – Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027" (COM(2018)0321),

— wara li kkunsidra l-proposti tal-Kummissjoni tat-2 ta' Mejju 2018 dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għas-snin 2021sal-2027 u s-sistema ta' Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea (riżorsi proprji),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-2 ta' Mejju 2018 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-Baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri (COM(2018)0324),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-14 ta' Marzu 2018 dwar il-QFP li jmiss: Tħejjija tal-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-QFP wara l-2020 ([1]) u dwar riforma tas-sistema ta' riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea ([2]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 2018 il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 u r-riżorsi proprji,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. Jieħu nota tal-proposti tal-Kummissjoni tat-2 ta' Mejju 2018 dwar il-QFP 2021-2027 u s-sistema ta' riżorsi proprji tal-UE, li stabbilew il-bażi għan-negozjati li ġejjin; ifakkar li l-pożizzjoni tal-Parlament hija esposta b'mod ċar f'żewġ riżoluzzjonijiet li ġew adottati b'maġġoranzi kbar ħafna fl-14 ta' Marzu 2018, li jikkostitwixxu l-mandat tiegħu għan-negozjati;

2. Iħeġġeġ lill-Kunsill jiżgura li l-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss jirrifletti viżjoni ċara u pożittiva tal-ġejjieni tal-Unjoni u jirrispondi għall-ħtiġijiet, il-preokkupazzjonijiet u l-istennijiet taċ-ċittadini Ewropej; jenfasizza li d-deċiżjoni dwar il-QFP se jeħtiġilha tipprovdi lill-Unjoni l-mezzi finanzjarji meħtieġa biex tkun tista' tilqa' għal sfidi importanti u twettaq il-prijoritajiet u l-objettivi politiċi tagħha matul il-perjodu ta' seba' snin li jmiss; jistenna, għalhekk, li l-Kunsill jaġixxi b'mod konsistenti mal-impenji politiċi li diġà assuma u li jkun kuraġġuż fl-approċċ tiegħu; huwa mħasseb li l-proposta tal-Kummissjoni ddgħajjef il-politiki ewlenin tal-UE dwar is-solidarjetà, u biħsiebu jinnegozja mal-Kunsill bil-għan li jibni QFP aktar ambizzjuż għall-ġid taċ-ċittadini;

3. Jesprimi l-istagħġib u t-tħassib tiegħu għall-fatt li d-data komparattiva li l-Kummissjoni rrilaxxat uffiċjalment fit-18 ta' Mejju 2018, wara t-talba qawwija mill-Parlament, tikxef ċerti diskrepanzi fil-mod kif dawn iċ-ċifri ġew ippreżentati u kkomunikati mal-proposti għall-QFP; jinnota, b'mod partikolari, li ż-żidiet għal bosta programmi tal-UE fil-fatt huma sostanzjalment aktar baxxi, filwaqt li t-tnaqqisiet għal programmi oħra huma sostanzjalment akbar milli kif kienu ppreżentati oriġinarjament mill-Kummissjoni; jissottolinja l-ħtieġa li l-Parlament u l-Kunsill jaqblu mill-bidu fuq metodoloġija ċara fir-rigward taċ-ċifri; jiddikjara li sejjer juża l-kalkoli proprji tiegħu, ibbażati fuq prezzijiet kostanti u fil-qies tal-ħruġ tar-Renju Unit, għall-finijiet ta' din ir-riżoluzzjoni;

([1]) Testi adottati, P8_TA(2018)0075.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2018)0076.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

4. Jesprimi d-diżappunt tiegħu dwar il-livell globali propost għall-QFP li jmiss, stabbilit fil-livell ta' EUR 1,1 triljun, li jirrappreżenta 1,08 % tal-ING tal-UE-27, wara t-tnaqqis tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (bħalissa 0,03 % tal-ING tal-UE barra l-baġit tal-UE); jissottolinja li dan il-livell globali f'termini ta' perċentwal tal-ING huwa aktar baxx, f'termini reali, mil-livell tal-QFP kurrenti, minkejja l-finanzjament addizzjonali meħtieġ għall-prijoritajiet politiċi ġodda u għall-isfidi li qed ifeġġu quddiem l-Unjoni; ifakkar li l-QFP kurrenti huwa anqas minn dak ta' qablu (il-QFP 2007-2013) u li rriżulta li ma kienx adegwat biex jiffinanzja l-ħtiġijiet urġenti tal-Unjoni;

5. Jiddeplora l-fatt li din il-proposta twassal direttament għal tnaqqis sew fil-Politika Agrikola Komuni (PAK) u sew fil-Politika ta' Koeżjoni, bi 15 % u b'10 % rispettivament; huwa partikolarment kontra kwalunkwe tnaqqis radikali li se jkollu impatt negattiv fuq l-istess natura u fuq l-objettivi ta' dawn il-politiki, bħat-tnaqqis propost għall-Fond ta' Koeżjoni (b'45 %), jew għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (b'aktar minn 25 %); jikkontesta, f'dan il-kuntest, il-proposta li l-Fond Soċjali Ewropew jitnaqqas b'6 %, minkejja l-ambitu mwessa' tiegħu u l-integrazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ;

6. Jerġa' jikkonferma l-pożizzjoni soda tiegħu dwar il-livell ta' finanzjament meħtieġ għal politiki ewlenin tal-UE fil-QFP 2021-2027, biex ikunu jistgħu jaqdu l-missjoni tagħhom u jilħqu l-objettivi tagħhom; jenfasizza, b'mod partikolari, is-sejħa biex il-finanzjament tal-PAK u tal-Politika ta' Koeżjoni għall-UE-27 jinżamm tal-anqas fil-livell tal-baġit 2014-2020 f'termini reali, filwaqt li jirrispetta l-arkitettura kumplessiva ta' dawn il-politiki, biex il-baġit kurrenti għall-programm Erasmus+ jiġi ttripplikat, biex il-finanzjament speċifiku għall-SMEs u għall-indirizzar tal-qgħad fost iż-żgħażagħ jiġi rduppjat, biex il-baġit kurrenti għar-riċerka u l-innovazzjoni jiżdied b'tal-anqas 50 % ħalli jilħaq il-livell ta' EUR 120 biljun, biex il-programm Life+ jiġi rduppjat, li l-investiment permezz tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa jiżdied b'mod sostanzjali, u biex jiġi żgurat finanzjament addizzjonali għas-siġurtà, għall-migrazzjoni u għar-relazzjonijiet esterni; jissottolinja, konsegwentement, il-pożizzjoni tiegħu li l-livell tal-QFP 2021-2017 għandu jkun stabbilit fil-livell ta' 1,3 % tal-ING tal-UE-27;

7. Jissottolinja l-importanza tal-prinċipji orizzontali li għandhom jirfdu l-QFP u l-politiki tal-UE kollha relatati; jerġa' jsostni, f'dan il-kuntest, il-pożizzjoni tiegħu li l-UE jeħtiġilha twettaq l-impenn tagħha li tkun minn ta' quddiem fl-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU, u jiddeplora l-fatt li l-proposti għall-QFP ma fihomx impenn ċar u viżibbli f'dak is-sens; jitlob, għaldaqstant, li l-SDGs jiġu integrati fil-politiki u fl-inizjattivi kollha tal-UE fil-QFP li jmiss; jenfasizza, barra minn hekk, li l-eliminazzjoni tad-diskriminazzjoni hija vitali għat-twettiq tal-impenji tal-UE favur Ewropa inklussiva, u jiddeplora n-nuqqas tal-integrazzjoni tal-ġeneri u tal-impenji dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki tal-UE, kif ippreżentati mal-proposti għall-QFP; jissottolinja wkoll il-pożizzjoni tiegħu li, wara l-Ftehim ta' Pariġi, l-infiq relatat mal-klima għandu jiżdied b'mod sinifikanti meta mqabbel mal-QFP kurrenti u jilħaq 30 % mill-aktar fis possibbli u sa mhux aktar tard mill-2027;

8. Jappoġġja l-proposti tal-Kummissjoni dwar riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji tal-UE, li tirrappreżenta parti pożittiva ħafna mill-introjtu fil-pakkett tal-QFP 2021-2027; jilqa', għalhekk, l-introduzzjoni proposta ta' tliet riżorsi proprji ġodda tal-UE, kif ukoll is-semplifikazzjoni tar-riżorsa proprja kurrenti bbażata fuq il-VAT; jissottolinja li dawn il-proposti, li huma mnebbħa direttament mix-xogħol tal-Grupp interistituzzjonali ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji, kienu wkoll parti mill-pakkett imressaq mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2018; jinnota b'sodisfazzjoni li dawn ir-riżorsi l-ġodda jikkorrispondu għal żewġ objettivi strateġiċi tal-Unjoni, jiġifieri l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u l-ħarsien tal-ambjent u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima; jistenna l-appoġġ tal-Kunsill u tal-Kummissjoni biex isaħħu r-rwol tal-Parlament fil-proċedura għall-adozzjoni ta' riżorsi proprji; ifakkar għal darb'oħra fil-pożizzjoni tiegħu li kemm in-naħa tan-nefqa kif ukoll dik tad-dħul fil-QFP li jmiss għandhom jiġu ttrattati bħala pakkett wieħed fin-negozjati li ġejjin, u li ma jista' jintlaħaq l-ebda qbil dwar il-QFP mingħajr ma jsir progress korrispondenti dwar ir-riżorsi proprji;

9. Jilqa', barra minn hekk, il-prinċipju li d-dħul futur li jirriżulta minn politiki tal-UE għandu jmur fil-baġit tal-UE, u jappoġġja bis-sħiħ l-eliminazzjoni ta' kull ribass u korrezzjoni; jistaqsi b'liema ritmu se jiddaħħlu dawn ir-riżorsi proprji ġodda ħalli jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet nazzjonali; jikkontesta, madankollu, l-assenza ta' proposti tal-Kummissjoni dwar il-ħolqien ta' riserva speċjali fil-baġit tal-UE li fiha jmorru t-tipi kollha ta' dħul ieħor mhux previst, inklużi multi tal-kompetizzjoni imposti fuq kumpaniji, kif ukoll taxxa fuq kumpaniji kbar fis-settur diġitali u t-Taxxa fuq it-Tranżazzjonjiet Finanzjarji bħala riżorsi proprji ġodda tal-UE;

10. Ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu favur li jitwaqqaf mekkaniżmu li, permezz tiegħu, l-Istati Membri li ma jirrispettawx il-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistgħu jkunu soġġetti għal konsegwenzi finanzjarji; jieħu nota tal-proposta tal-Kummissjoni dwar "Il-protezzjoni tal-Baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri", li ġiet imressqa bħala parti mill-pakket kumplessiv tal-QFP; biħsiebu jeżamina bir-reqqa l-elementi kollha ta' din il-proposta, u jdaħħal id-dispożizzjonijiet meħtieġa li jiggarantixxu li l-benefiċjarji aħħarin tal-baġit tal-Unjoni bl-ebda mod ma jkunu jistgħu jiġu affettwati minn ksur tar-regoli li ma jkunux responsabbli għalih;

11. Huwa konvint mill-ħtieġa li jkun hemm rieżami obbligatorju u vinkolanti f'nofs it-terminu tal-QFP, liema rieżami għadu jiġi propost u deċiż f'waqtu biex il-Parlament u l-Kummissjoni li jmiss ikunu jistgħu jagħmlu aġġustament sinifikattiv tal-qafas għall-2021-2017; biħsiebu jtejjeb il-formulazzjoni tal-Artikolu propost fir-Regolament dwar il-QFP;

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

12. Iqis li l-proposti tal-Kummissjoni dwar il-flessibbiltà jirrappreżentaw bażi tajba għan-negozjati; jilqa', b'mod partikolari, diversi proposti li jtejbu d-dispożizzjonijiet kurrenti, speċifikament l-użu mill-ġdid ta' approprjazzjonijiet diżimpenjati għar-riserva tal-Unjoni, iż-żieda fl-allokazzjonijiet ta' strumenti speċjali, it-tneħħija ta' kwalunkwe restrizzjoni għall-Marġni Globali għall-Pagamenti, bi qbil mat-talbiet tal-Parlament f'dan il-qasam; biħsiebu jinnegozja titjibiet addizzjonali, kull fejn ikunu meħtieġa;

13. Jieħu nota li l-proposta tal-Kummissjoni għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu Ewropew għall-istabilizzazzjoni tal-investiment, li se jikkomplementa l-funzjoni ta' stabilizzazzjoni tal-baġits nazzjonali f'każijiet ta' xokkijiet asimetriċi maġġuri; biħsiebu jeżamina din il-proposta bir-reqqa, speċjalment f'dak li jirrigwarda l-objettivi u l-volum tagħha;

14. Jenfasizza li l-proposti tal-Kummissjoni jvaraw uffiċjalment perjodu ta' negozjati intensi fi ħdan il-Kunsill, iżda wkoll bejn il-Kunsill u l-Parlament bil-għan li l-Parlament jagħti l-kunsens tiegħu għar-Regolament dwar il-QFP; jissottolinja li l-elementi kollha tal-pakkett dwar il-QFP/riżorsi proprji, inklużi ċ-ċifri tal-QFP, għandhom jibqgħu fuq il-mejda tan-negozjati sa ma jintlaħaq qbil finali; jesprimi r-rieda tiegħu li minnufih jibda djalogu strutturat mal-Kunsill, biex l-istennijiet tal-Parlament ikunu mifhuma aktar u biex jiffaċilita qbil f'waqtu; iqis, għaldaqstant, li l-varar reċenti ta' laqgħat regolari bejn il-presidenzi suċċessivi tal-Kunsill u t-tim tan-negozjaturi tal-Parlament huwa punt ta' tluq essenzjali fil-proċedura li sejra twassal għall-adozzjoni tal-QFP li jmiss;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-istituzzjonijiet u lill-korpi l-oħrajn ikkonċernati, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0228

Rapport annwali dwar il-Funzjonament taż-Żona Schengen

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Mejju 2018 dwar ir-rapport annwali dwar il-funzjonament taż-żona Schengen (2017/2256(INI))

(2020/C 76/11)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Settembru 2017 dwar l-ippreservar u t-tisħiħ ta' Schengen (COM(2017)0570),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2016 bit-titolu "Lura lejn Schengen – Pjan ta' direzzjoni" (COM(2016)0120),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta ([1]) ('ir-Regolament EBCG'),

— wara li kkunsidra l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, u b'mod partikolari l-Artikoli 14 u 17 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1052/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (Eurosur) ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0160/2018),

A. billi ż-żona Schengen hija arranġament uniku u waħda mill-akbar kisbiet tal-Unjoni Ewropea li tippermetti l-moviment ħieles tal-persuni fiż-żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni; billi dan sar possibbli permezz ta' diversi miżuri ta' kumpens bħat-tisħiħ tal-iskambju ta' informazzjoni permezz tal-istabbiliment tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) u permezz tal-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni biex tiġi verifikata l-implimentazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen mill-Istati Membri u titrawwem fiduċja reċiproka fil-funzjonament taż-żona Schengen; billi l-fiduċja reċiproka titlob ukoll is-solidarjetà, is-sigurtà, il-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija fi kwistjonijiet kriminali, il-protezzjoni konġunta tal-fruntieri esterni tal-UE, fehim komuni u politiki komuni dwar il-migrazzjoni, il-viżi u l-asil, u r-rispett tad-dritt internazzjonali u tad-dritt Ewropew f'dan il-qasam;

B. billi f'dawn l-aħħar snin bosta fatturi kellhom impatt fuq il-funzjonament taż-żona Schengen; billi dawn il-fatturi jinkludu l-impatt tal-movimenti internazzjonali u tal-flussi turistiċi li inizjalment kienu dawk li mmotivaw il-leġiżlazzjoni hekk imsejħa tal-"fruntieri intelliġenti" kif ukoll l-għadd sinifikanti ta' persuni li jfittxu asil u migranti irregolari b'movimenti sekondarji relatati u l-introduzzjoni mill-ġdid u t-titwil sussegwenti tal-kontrolli tal-fruntieri interni minn xi Stati Membri mill-2014; billi l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni jidher li hija relatata ma' perċezzjoni ta' theddid għall-ordni pubbliku u s-sigurtà interna b'rabta mal-moviment tal-persuni u t-terroriżmu, l-għadd ta' persuni li jfittxu protezzjoni internazzjonali u migranti irregolari li jaslu aktar milli evidenza soda tal-eżistenza reali ta' theddid serju jew l-għadd reali ta' dawk li qed jaslu; billi dawn il-fatturi jinkludu wkoll it-terroriżmu u theddida ogħla għall-ordni pubbliku u għas-sigurtà interna tal-Istati Membri;

C. billi t-tisħiħ tal-fruntieri esterni tal-UE u l-introduzzjoni ta' verifiki sistematiċi ma' bażijiet ta' data rilevanti, inkluż għaċ-ċittadini Ewropej, kienu parti mill-miżuri implimentati biex jipproteġu ż-żona Schengen;

([1]) ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1.
([2]) ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53.
([3]) ĠU L 295, 6.11.2013, p. 11.

D. billi xi Stati Membri rreaġixxew għall-wasliet ta' persuni li jfittxu asil u tar-rifuġjati billi introduċew mill-ġdid il-kontrolli fil-fruntieri interni tagħhom, sabiex "jirregolaw" il-moviment ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jfittxu protezzjoni internazzjonali, minkejja li l-Artikolu 14(1) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jistipula li l-"proċedura tal-fruntieri normali" ma tapplikax għall-persuni li jfittxu asil; billi għandha tiġi implimentata sistema ġusta ta' responsabilità kondiviża għall-valutazzjoni tat-talbiet għall-asil;

E. billi, minn Marzu 2016, il-Kummissjoni pproponiet sensiela ta' miżuri bl-għan li tirkupra l-funzjonament normali taż-żona Schengen; billi l-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen għadu ma ġiex lura għan-normal u jiddependi primarjament fuq l-Istati Membri, il-fiduċja li għandhom f'xulxin, is-solidarjetà li juru b'appoġġ tal-pajjiżi tal-ewwel wasla, l-adozzjoni ta' miżuri adegwati u l-implimentazzjoni ta' tali miżuri, b'mod partikolari mill-Istati Membri;

F. billi l-inċentivi biex l-Istati Membri jadottaw miżuri biex iż-żona Schengen terġa' tibda tiffunzjona tajjeb jiddependu l-aktar fuq in-nonrinnovabilità tat-talbiet ta' kontrolli fil-fruntieri;

G. billi ż-żamma tal-kontrolli fil-fruntieri interni fl-Unjoni jew l-introduzzjoni mill-ġdid ta' tali kontrolli fiż-żona Schengen għandha impatt serju fuq il-ħajjiet taċ-ċittadini Ewropej u ta' dawk kollha li jgawdu mill-prinċipju tal-moviment liberu ġewwa l-UE u timmina serjament il-fiduċja fl-istituzzjonijiet Ewropej u l-integrazzjoni; billi ż-żamma jew l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni tinvolvi spejjeż operattivi u ta' investiment diretti għall-ħaddiema, it-turisti, it-trasportaturi tal-merkanzija bit-triq u l-amministrazzjonijiet pubbliċi transfruntieri, b'effetti debilitanti fuq l-ekonomiji tal-Istati Membri; billi l-istimi tal-ispejjeż marbuta mal-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri jistgħu jvarjaw bejn EUR 0,05 biljun u EUR 20 biljun fi spejjeż ta' darba u EUR 2 biljun fi spejjeż operattivi annwali ([4]); billi r-reġjuni transfruntieri huma partikolarment affettwati;

H. billi l-bini ta' ħitan u ċnut fil-fruntieri esterni u interni tal-UE minn diversi Stati Membri qed jiżdied u billi dan qed jintuża bħala deterrent għad-dħul u t-tranżitu ta' persuni li jfittxu asil, *inter alia*, fit-territorju tal-UE; ifakkar li, skont it-Transnational Institute (TNI), huwa stmat li l-pajjiżi Ewropej bnew aktar minn 1 200 kilometru ta' ħitan u fruntieri bi spiża ta' mill-anqas EUR 500 miljun u li mill-2007 sal-2010, il-fondi tal-UE kkontribwew għall-iskjerament ta' 545 sistema ta' sorveljanza fuq il-fruntieri li jkopru 8 279 kilometru ta' fruntieri esterni tal-UE u 22 347 apparat ta' sorveljanza;

I. billi ż-żona Schengen tinsab f'salib it-toroq u teħtieġ azzjonijiet deċiżivi u konġunti biex iġġib lura l-benefiċċji kollha li tipprovdi liċ-ċittadini; billi teħtieġ ukoll fiduċja reċiproka, kooperazzjoni u solidarjetà fost l-Istati Membri; billi ma għandux ikun hemm diskors politiku li jkollu l-għan li jitfa' l-ħtija fuq Schengen;

J. billi t-tkabbir taż-żona Schengen għadu strument ewlieni biex jiġu estiżi l-benefiċċji ekonomiċi u soċjali li jirriżultaw mid-dritt għall-moviment liberu ta' persuni, servizzi, oġġetti u kapital, għall-Istati Membri l-ġodda, filwaqt li titrawwem il-koeżjoni u jitnaqqsu d-diskrepanzi bejn il-pajjiżi u r-reġjuni; billi l-applikazzjoni sħiħa tal-*acquis* ta' Schengen fl-Istati Membri kollha li ssodisfaw il-kriterji għall-konklużjoni b'suċċess tal-proċess ta' evalwazzjoni ta' Schengen, hija essenzjali għall-ħolqien ta' qafas ta' sigurtà legali kkoordinat u robust; billi r-rieda tar-Rumanija u l-Bulgarija biex jissieħbu fiż-Żona Schengen ġiet imħabbra f'diversi okkażjonijiet mill-President tal-Kummissjoni u ġiet enfasizzata wkoll mill-Parlament fil-pożizzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ([5]) u mill-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu;

K. billi l-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskrutinju ta' Schengen segwa mill-qrib l-implimentazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen permezz tas-sejbiet tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni, tal-metodoloġija ta' valutazzjoni tal-vulnerabilità, tas-seduti tas-smigħ tal-kumitati u tal-missjonijiet lejn Stati Membri u pajjiżi terzi; billi huwa identifika l-miżuri li ġew implimentati jew li waslu biex jiġu implimentati, in-nuqqasijiet ewlenin fil-funzjonament taż-żona Schengen u l-azzjonijiet meħtieġa li se jittieħdu fil-futur;

Kwistjonijiet Ewlenin

Il-progress li sar fl-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati

1. Jirrimarka li l-leġiżlatur tal-UE adotta għadd ta' miżuri f'dawn l-aħħar tliet snin li ġew imfassla biex isaħħu l-integrità taż-Żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni; jilqa' l-effikaċja tal-miżuri li ttieħdu fil-fruntieri esterni u l-ħolqien tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (EBCGA); jinnota l-isforzi tal-Aġenzija fl-implimentazzjoni tar-regolament il-ġdid, speċjalment permezz ta' operazzjonijiet konġunti fil-qasam tas-sorveljanza tal-fruntieri u r-ritorn, u billi tappoġġa lill-Istati Membri soġġetti għal livelli ogħla ta' migrazzjoni filwaqt li fl-istess ħin jinżamm rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali kif stipulat fir-Regolament EBCG; jagħraf l-importanza tal-mekkaniżmu ta' valutazzjoni tal-vulnerabilità li għadu kif ġie introdott li kixef dgħufijiet fil-fruntieri esterni komuni u pprevjena kriżijiet; jenfasizza l-isforzi konġunti u l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji u partijiet interessati oħra fl-organizzazzjoni tal-approċċ 'hotspot' fil-qasam tat-taħriġ;

([4]) Wouter van Ballegooij, The Cost of Non-Schengen: Civil Liberties, Justice and Home Affairs aspects' (Il-prezz tan-Non-Schengen), Cost of Non-Europe Report (Ir-rapport dwar il-Prezz tan-Non-Ewropa), Unità tal-Valur Miżjud Ewropew, 2016, paġna 32.

([5]) ĠU C 380 E, 11.12.2012, p. 160.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

2. Jinnota l-passi meħuda permezz tal-emenda tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u l-introduzzjoni ta' kontrolli obbligatorji sistematiċi mal-bażijiet ta' data rilevanti fil-fruntieri esterni mad-dħul u l-ħruġ għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u għaċ-ċittadini tal-UE filwaqt li tinżamm il-viġilanza dwar l-effetti, in-neċessità u l-proporzjonalità ta' dawn il-miżuri fuq il-qsim tal-fruntieri miċ-ċittadini tal-UE; jenfasizza li f'xi każijiet verifiki sistematiċi mandatorji fil-fruntieri esterni ta' Schengen ġew sostitwiti minn kontrolli mmirati minħabba l-impatt sproporzjonat tagħhom fuq il-fluss tat-traffiku; ifakkar li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra dawn il-konsegwenzi meta twettaq l-evalwazzjoni prevista fir-Regolament (UE) 2017/458;

3. Jilqa' r-riforma li għaddejja tas-SIS u t-tnedija fil-5 ta' Marzu 2018, mill-eu-LISA, tal-pjattaforma tas-Sistema Awtomatizzata għall-Identifikazzjoni tal-Marki tas-Swaba' tas-SIS II (AFIS), li tintroduċi kapaċità ta' tiftix bijometriku fis-sistema, li se tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu;

4. Jenfasizza l-ħtieġa li jsir użu aħjar mill-għodod eżistenti, jiġifieri biex jiġu mmassimizzati l-benefiċċji tas-sistemi eżistenti u biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi strutturali fl-informazzjoni f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data u r-rispett tal-prinċipji tad-dritt għall-privatezza, tan-nondiskriminazzjoni, tan-neċessità u tal-proporzjonalità;

5. Jilqa' l-ħidma li saret fil-qasam tal-kooperazzjoni transfruntiera tal-pulizija u dik ġudizzjarja u l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u l-ħidma tal-Eurojust u tal-Europol, biex tiġġieled il-kriminalità transfruntiera u l-kriminalità organizzata, it-traffikar tal-bnedmin u t-terroriżmu permezz tal-intelligence, l-iskambju tal-informazzjoni u l-investigazzjonijiet konġunti;

6. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-isforzi tal-Kummissjoni biex tiżviluppa l-kunċett u l-istrateġija tal-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri Ewropea (IBM) fuq il-bażi ta' dak li ġie ppubblikat fl-14 ta' Marzu 2018 sabiex tikkonforma mad-dispożizzjonijiet fir-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta; jesprimi dubji rigward l-effikaċja tagħha fl-iffissar tal-objettivi u l-għanijiet mixtieqa fil-qasam tal-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri Ewropea, u b'mod partikolari fir-rigward tat-tisħiħ u l-implimentazzjoni tad-drittijiet fundamentali u komponenti oħra tal-istrateġija;

7. Jara valur kbir fil-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen imġedded peress li jippromwovi t-trasparenza, il-fiduċja reċiproka u r-responsabilità bejn l-Istati Membri billi jiskrutinizza l-mod kif jimplimentaw l-oqsma differenti tal-*acquis* ta' Schengen;

Nuqqasijiet kritiċi li ġew identifikati

8. Jesprimi tħassib rigward in-nuqqasijiet kritiċi u d-defiċjenzi skoperti permezz tal-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni ta' Schengen u l-valutazzjoni tal-vulnerabilità;

9. Jesprimi tħassib profond dwar in-nuqqasijiet serji ħafna fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen misjuba matul l-evalwazzjoni tal-użu proviżorju tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen mir-Renju Unit u, fl-interess tal-integrità ta' din is-sistema, jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jimpenjaw ruħhom f'diskussjonijiet mal-Parlament dwar segwitu xieraq għal dawn is-sejbiet;

10. Jikkundanna t-tkomplija tal-introduzzjoni mill-ġdid tal-verifiki fil-fruntieri interni peress li din timmina l-prinċipji bażiċi taż-żona Schengen; huwa tal-fehma li ħafna mill-prorogi mhumiex konformi mar-regoli attwali dwar l-estensjonijiet, in-neċessità jew il-proporzjonalità tagħhom u għalhekk huma illegali; jiddispjaċih li l-Istati Membri ma ħadux il-miżuri xierqa biex jiżguraw il-kooperazzjoni ma' Stati Membri affettwati oħra biex jimminimizzaw l-effetti ta' dawn il-miżuri, u li lanqas ma ġġustifikaw biżżejjed ir-raġunijiet ta' dawn il-kontrolli u lanqas ma pprovdew biżżejjed informazzjoni dwar ir-riżultati tagħhom, u għalhekk xekklu l-analiżi mill-Kummissjoni u l-iskrutinju mill-Parlament; jiddispjaċih ukoll li teżisti l-prattika mill-Istati Membri li jibdlu b'mod artifiċjali l-bażi legali għall-introduzzjoni mill-ġdid biex jestenduha lil hinn mill-perjodu massimu possibbli fl-istess ċirkostanzi fattwali; iqis li l-impatti ekonomiċi, politiċi u soċjali ta' din il-prattika huma ta' detriment għall-unità taż-żona Schengen u ta' ħsara għall-prosperità taċ-ċittadini Ewropej u għall-prinċipju tal-libertà ta' moviment; itenni li l-leġiżlatur tal-Unjoni adotta ħafna miżuri f'dawn l-aħħar tliet snin biex isaħħaħ il-fruntieri esterni u l-kontroll fil-fruntieri esterni; jissottolinja li ma kien hemm l-ebda reazzjoni korrispondenti f'termini tat-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni;

11. Jenfasizza li rriżulta li l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni hija ħafna aktar faċli mit-tneħħija ta' dawk il-kontrolli fil-fruntieri interni ladarba jkunu ġew introdotti mill-ġdid;

12. Jesprimi tħassib dwar in-nuqqas ta' implimentazzjoni f'għadd ta' oqsma tar-regolamentazzjoni li jirregolaw ċerti oqsma tal-kontroll tal-fruntieri esterni bħall-konsultazzjoni sistematika tal-bażijiet tad-data waqt il-verifiki fil-fruntieri u l-verifika bir-reqqa tal-kundizzjonijiet tad-dħul rikjesti; huwa mħasseb ukoll dwar in-nuqqas ta' disponibilità okkażjonali ta' ċerti bażijiet tad-data bħas-SIS u l-VIS f'ċerti punti ta' qsim tal-fruntieri; jinnota li hija prevalenti f'ħafna Stati Membri nonkonformità ċara fl-istabbiliment taċ-Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni f'konformità mar-Regolament li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (Eurosur); jenfasizza għal darb'oħra li, sabiex il-leġiżlazzjoni dwar il-fruntieri interni u esterni tkun effettiva, huwa essenzjali li l-miżuri miftiehma fil-livell tal-Unjoni jiġu implimentati kif xieraq mill-Istati Membri;

13. Ifakkar li l-Istati Membri għandhom għodod oħra għad-dispożizzjoni tagħhom għajr il-kontroll fil-fruntieri interni, inkluż – kif rakkomandat mill-Kummissjoni – kontrolli tal-pulizija mmirati dment li dawn il-kontrolli ma jkollhomx il-kontroll fil-fruntieri bħala objettiv, ikunu bbażati fuq informazzjoni ġenerali tal-pulizija jew esperjenza rigward theddid possibbli għas-sigurtà pubblika, u jkollhom l-għan, b'mod partikolari, li jiġġieldu l-kriminalità transfruntiera, u jkunu mfassla u eżegwiti b'mod li jkun distint b'mod ċar minn kontrolli sistematiċi fuq persuni fil-fruntieri esterni; ifakkar li tali kontrolli jistgħu jkunu aktar effettivi mill-kontrolli tal-fruntieri interni, speċjalment peress li huma aktar flessibbli u jistgħu jkunu adattati aktar faċilment għall-iżvilupp tar-riskji;

14. Ifakkar li żjarat Schengen fuq il-post għal għarrieda jistgħu isiru fil-fruntieri interni mingħajr notifika minn qabel tal-Istat Membru kkonċernat;

15. Jikkundanna l-kostruzzjonijiet ta' ostakoli fiżiċi, inklużi reċinti, bejn l-Istati Membri u jfakkar id-dubji tiegħu dwar il-kompatibilità ta' dawn l-azzjonijiet mal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa l-kostruzzjonijiet eżistenti u futuri u tirrapporta lill-Parlament;

16. Jirrikonoxxi, bħala parti mill-isforzi biex il-funzjonament ta' Schengen jitreġġa' għan-normal, il-proposta għall-emenda tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen fir-rigward tar-regoli applikabbli għall-introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli fil-fruntieri interni; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu stabbiliti regoli ċari u li dawn il-bidliet għandhom sempliċement jirriflettu sfidi ġodda u jxejnu theddidiet għas-sigurtà interna mingħajr ma titħeġġeġ l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni; ifakkar li kwalunkwe bidla ma għandhiex tkun mezz ulterjuri biex jiġu estiżi l-kontrolli fil-fruntieri interni; huwa mħasseb li l-proposta tal-Kummissjoni dwar l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni hija bbażata fuq valutazzjoni tar-"riskju perċepit" minflok fuq evidenza rigoruża u soda u l-eżistenza ta' theddida serja u li l-hekk imsejħa "valutazzjoni tar-riskji" proposta għandha tiġi fdata kompletament lill-Istat li jerġa' jintroduċi l-kontrolli fil-fruntieri; iqis li dawn il-passi għandhom isiru b'attenzjoni sabiex ma jikkawżawx ħsara irriversibbli lill-idea bażika tal-moviment liberu, speċjalment billi jiġu stabbiliti garanziji proċedurali sostanzjali, b'mod partikolari sabiex jinżamm limitu strett ta' żmien għall-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli tal-fruntieri interni;

17. Jissottolinja li estensjoni ulterjuri tal-kontrolli fil-fruntieri interni eżistenti – jew l-introduzzjoni mill-ġdid ta' oħrajn ġodda – timponi spejjeż ekonomiċi kbar fuq l-UE kollha kemm hi billi tagħmel ħsara kbira lis-Suq Uniku;

Azzjonijiet li għandhom jittieħdu

18. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġu indirizzati mingħajr dewmien in-nuqqasijiet kritiċi identifikati sabiex ikun hemm ritorn lejn il-funzjonament normali taż-żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni;

19. Jistieden lill-Istati Membri kollha jimplimentaw b'mod sħiħ ir-regolamenti eżistenti u jistieden lill-Kummissjoni taġixxi b'mod deċiżiv fi kwistjonijiet relatati mal-ksur ta' regoli maqbula b'mod komuni billi timponi miżuri proporzjonati u meħtieġa fuq l-Istati Membri inkwistjoni sabiex tissalvagwardja l-interessi tal-Istati Membri l-oħrajn u tal-Unjoni kollha kemm hi, inklużi l-proċeduri ta' ksur;

20. Jenfasizza l-importanza tar-riforma u tal-adattament tas-SIS biex tiffaċċja sfidi ġodda rapidament, jiġifieri fir-rigward tal-protezzjoni tat-tfal f'riskju jew tfal nieqsa, l-iskambju immedjat u obbligatorju ta' informazzjoni dwar it-terroriżmu f'konformità mad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE u ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-ħarsien tas-salvagwardji fuq il-protezzjoni tad-data u l-privatezza u l-iskambju ta' informazzjoni obbligatorju dwar id-deċiżjonijiet ta' ritorn; jenfasizza li tali riforma ma tridx timmina l-prinċipji tan-neċessità u l-proporzjonalità; jissottolinja li jekk is-sistema trid tiffunzjona kif xieraq, it-twissijiet iridu jirrikjedu azzjoni u għandhom jiġġustifikaw l-inklużjoni tagħhom fis-sistema; jirrileva ż-żieda sostanzjali mistennija fl-attività tal-Bureau tat-Talba għal Informazzjoni Supplimentari fil-Punti ta' Dħul Nazzjonali (SIRENE) u jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-mezzi għad-dispożizzjoni tiegħu billi jiżguraw li jkollu riżorsi finanzjarji u umani adegwati sabiex iwettaq il-funzjonijiet il-ġodda tiegħu;

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

21. Jenfasizza n-natura kritika tas-sejbiet tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen u jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw kif xieraq ir-rakkomandazzjonijiet indirizzati lilhom; jenfasizza wkoll il-valutazzjoni tal-vulnerabilità u jistieden lill-Istati Membri jaġixxu b'segwitu għar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta;

22. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta rapport komprensiv annwali lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjonijiet imwettqa skont ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013;

23. Jinsisti b'determinazzjoni biex il-Kummissjoni ma ġġeddidx aktar it-talbiet ta' deroga minn Schengen jekk l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx implimenta r-rakkomandazzjonijiet magħmula lilu bħala parti mill-mekkaniżmu ta' valutazzjoni ta' Schengen;

24. Jenfasizza li l-Istati Membri kollha, inklużi dawk mingħajr fruntiera tal-art esterna, għandhom jagħmlu ħilithom biex jiżguraw livell għoli ta' kontroll fil-fruntieri esterni tagħhom billi jallokaw riżorsi suffiċjenti permezz tal-persunal, l-apparat u l-għarfien espert filwaqt li jiżguraw ir-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali – inkluż fil-kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni internazzjonali u man-*non-refoulement* – jistabbilixxu l-istrutturi ta' kmand u kontroll meħtieġa u jifformulaw analiżi tar-riskju aġġornata f'konformità mar-Regolament EBCG għal-livelli kollha ta' kmand biex jiffaċilitaw operazzjonijiet effettivi u jipprovdu infrastrutturi adegwati għall-qsim tal-fruntieri sikur, ordnat u mexxej;

25. Huwa tal-fehma li kieku jiġi rivedut il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen, kwalunkwe proposta għandha tindirizza d-dewmien kbir bejn iż-żjara fuq il-post u l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet u tal-pjanijiet ta' azzjoni u għandha tiffaċilita azzjoni ta' rimedju rapida min-naħa tal-Istati Membri; huwa tal-fehma li l-valur taż-żjarat fuq il-post għal għarrieda fil-kuntest tal-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni ta' Schengen jista' jissaħħaħ kieku dawn iż-żjarat isiru verament għal għarrieda (mingħajr avviż minn 24 siegħa qabel);

26. Ifakkar li l-Parlament għandu jiġi infurmat minnufih u bis-sħiħ dwar kwalunkwe proposta biex jiġi emendat jew sostitwit il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen; jinnota li l-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-operat tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen fi żmien sitt xhur mill-adozzjoni tar-rapporti kollha ta' evalwazzjoni li jirrigwardaw l-evalwazzjonijiet koperti mill-ewwel programm ta' evalwazzjoni pluriennali u tgħaddi dan kollu lill-Parlament;

27. Jinsisti fuq l-iżvilupp tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen flimkien mal-għodda tal-valutazzjoni tal-vulnerabilità b'mod li jipprevjeni rikaduti imprevisti fil-ġestjoni ġenerali tal-fruntieri esterni u jtejjibha, isaħħaħ ir-rispett tal-*acquis* ta' Schengen u d-drittijiet fundamentali, inkluża l-konformità mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra li ġiet iffirmata mill-Istati Membri kollha u jiffaċilita skrutinju bir-reqqa u trasparenza bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej, b'mod partikolari l-Parlament; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jallokaw biżżejjed riżorsi għall-implimentazzjoni u s-segwitu tal-evalwazzjonijiet ta' Schengen u l-valutazzjonijiet ta' vulnerabilità; jistieden lill-Kummissjoni torganizza żjarat fuq il-post fil-fruntieri interni li jkunu ġenwinament għal għarrieda u biex tivvaluta n-natura u l-impatt tal-miżuri fis-seħħ;

28. Jistieden lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jtejbu l-ġbir tal-informazzjoni u d-data statistika dwar il-ġestjoni nazzjonali tar-riżorsi u l-kapaċitajiet relatati mal-kontroll tal-fruntieri; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu disponibbli fi żmien xieraq l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-mekkaniżmu tal-valutazzjoni tal-vulnerabilità;

29. Jistieden lill-Istati Membri, b'mod partikolari dawk affettwati direttament, jippreparaw u jittestjaw biżżejjed il-pjanijiet ta' kontinġenza meħtieġa biex jimmitigaw sitwazzjonijiet ta' żieda fil-livell tal-migrazzjoni, kif ukoll biex isaħħu l-kapaċità ta' reġistrazzjoni u akkomodazzjoni tagħhom fl-eventwalità li jiġru tali sitwazzjonijiet; jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-kapaċitajiet tagħhom biex jindividwaw il-frodi tad-dokumenti u d-dħul irregolari filwaqt li jirrispettaw il-prinċipju tan-*non-refoulement* u d-drittijiet fundamentali b'mod sħiħ; jitlob biex isiru sforzi miftiehma fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u t-terroriżmu b'mod partikolari sabiex jiġu identifikati l-organizzazzjonijiet kriminali u l-finanzjament tagħhom b'aktar preċiżjoni;

30. Jenfasizza li aċċess sikur u legali għall-UE, inkluż fil-fruntieri esterni taż-żona Schengen, se jikkontribwixxi għall-istabilità ġenerali taż-żona Schengen;

31. Iqis l-istat attwali ta' implimentazzjoni tal-istrateġija tal-IBM bħala inadegwata; jirrikjedi li l-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta jappoġġaw lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom li jissodisfaw ir-rekwiżiti kif stipulati fir-Regolament EBCG u jibdew l-evalwazzjonijiet tematiċi tal-IBM fl-Istati Membri fi żmien debitu; jistieden lill-Istati Membri jġibu l-ġestjoni tal-fruntieri tagħhom f'konformità mal-kunċett tal-IBM billi japplikaw approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-fruntieri fuq il-bażi tal-prinċipji fundamentali sottostanti tiegħu u b'mod partikolari billi jiggarantixxu r-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali, b'attenzjoni speċifika fuq gruppi vulnerabbli u l-minorenni fl-attivitajiet kollha tal-ġestjoni tal-fruntieri u ta' ritorn, inkluż ir-rispett għall-prinċipju ta' *non-refoulement*; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żgurati l-implimentazzjoni sħiħa tal-istrateġija IBM fil-livell Ewropew u fil-livell nazzjonali u l-konformità mal-konvenzjonijiet internazzjonali, u għaldaqstant tissaħħaħ il-ġestjoni tal-fruntieri esterni filwaqt li jitħarsu d-drittijiet fundamentali;

32. Jinsisti fuq il-ħtieġa tal-introduzzjoni fil-pront tal-istrateġija IBM implimentata b'mod sħiħ, kif maqbul bejn l-istituzzjonijiet, l-istrateġija teknika u operazzjonali mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-istrateġiji nazzjonali sussegwenti tal-Istati Membri; huwa konxju bis-sħiħ tal-inkonsistenzi fl-implimentazzjoni tal-istrateġija IBM fl-Istati Membri u jenfasizza li l-eżekuzzjoni sħiħa tal-istrateġija IBM fl-Istati Membri kollha hija essenzjali għall-funzjonament adegwat taż-żona Schengen;

33. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta proposta leġiżlattiva biex temenda r-Regolament Eurosur fid-dawl tal-akbar nuqqasijiet li tfaċċaw fl-implimentazzjoni tar-regolament attwali, u jikkunsidra li tali proposta għandha tinkoraġġixxi użu akbar tal-Eurosur biex tinvolvi ruħha u tgħin fl-iskambju tal-informazzjoni, l-analiżi tar-riskju u f'operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ;

34. Itenni l-appoġġ tal-Parlament għall-adeżjoni immedjata tal-Bulgarija u r-Rumanija maż-żona ta' Schengen, u l-adeżjoni tal-Kroazja malli tissodisfa l-kriterji għas-sħubija; jistieden lill-Kunsill japprova l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija bħala membri sħaħ taż-żona Schengen;

Kwistjonijiet oħra b'impatt fuq Schengen

35. Jenfasizza li l-istat attwali ta' Schengen u l-persistenza ta' kontrolli fil-fruntieri interni mhumiex ikkawżati, primarjament, minn problemi fl-istruttura u fir-regoli taż-żona Schengen innifisha imma pjuttost mill-oqsma relatati tal-*acquis*, bħan-nuqqasijiet fil-qasam tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil, inkluż nuqqas ta' rieda politika, il-kondiviżjoni tas-solidarjetà u r-responsabilità, ir-Regolament ta' Dublin u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni;

Il-progress li sar fl-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati

36. Jenfasizza l-miżuri ta' appoġġ u ta' bini tal-kapaċità meħudin sabiex jiġu indirizzati l-kawżi ta' oriġini tal-migrazzjoni irregolari u sabiex jiġu mtejba l-kundizzjonijiet tal-għajxien fil-pajjiżi ta' oriġini;

37. Iqis li l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi hija element wieħed biex jittaffew iċ-ċirkostanzi li jwasslu għall-migrazzjoni furzata u irregolari; jenfasizza n-natura komprensiva tal-miżuri meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi mixtieqa;

Nuqqasijiet kritiċi li ġew identifikati

38. Jiddispjaċih li ħafna persuni ġew irrapportati mejta jew nieqsa fil-Baħar Mediterran f'dawn l-aħħar snin; jenfasizza wkoll li t-tfittix u s-salvataġġ huwa komponent individwali tal-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri Ewropea kif stabbilit fir-Regolament EBCG; huwa tal-fehma li rispons tal-Unjoni permanenti, robust u effikaċi fl-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ fuq il-baħar huwa kruċjali għall-prevenzjoni tat-telf ta' ħajjiet fuq il-baħar; iqis li huwa essenzjali li l-aspetti u l-kapaċitajiet adegwati ta' tiftix u salvataġġ marittimi jiġu inkorporati fl-ippjanar operazzjonali kollu tas-sorveljanza tal-fruntieri fuq il-baħar u fl-implimentazzjoni ta' tali operazzjonijiet mill-EBCGA, kif previst mir-Regolament (UE) Nru 656/2014;

39. Jesprimi tħassib kbir rigward l-implimentazzjoni tar-Regolament EBCG u jissottolinja l-ħtieġa li l-Istati Membri jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fir-regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-impenji għall-kontribut ta' riżorsi umani u tagħmir tekniku suffiċjenti kemm għal operazzjonijiet konġunti kif ukoll għar-riżerva ta' tagħmir tar-reazzjoni rapida u li jallokaw riżorsi adegwati għall-implimentazzjoni tal-valutazzjoni ta' vulnerabilità; huwa mħasseb dwar ir-riżorsi u l-ippjanar finanzjarju tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-istimi li fuqhom huma bbażati l-finanzjament tal-operazzjonijiet u l-kontribuzzjonijiet rikjesti mill-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu taħriġ xieraq dwar id-drittijiet fundamentali għall-gwardji tal-fruntieri nazzjonali;

40. Iqis li l-kooperazzjoni fil-livell nazzjonali bejn servizzi tal-infurzar tal-liġi differenti, il-militar, il-gwardji tal-fruntieri, id-dwana u l-awtoritajiet ta' tiftix u salvataġġ marittimi hija ta' spiss inadegwata u twassal għal għarfien tas-sitwazzjoni frammentat u effikaċja baxxa; jinnota li n-nuqqas ta' strutturi ta' kooperazzjoni jista' jwassal għal miżuri mhux effettivi u/jew sproporzjonati; ifakkar li l-ebda ammont ta' miżuri b'intenzjoni tajba fil-livell tal-Unjoni ma jistgħu jpattu għal nuqqas ta' kooperazzjoni interna bejn l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri;

41. Jinnota l-istabbiliment ta' sistemi ta' informazzjoni fuq skala kbira oħrajn kif ukoll l-objettiv tat-titjib tal-interoperabilità tagħhom filwaqt li jinżammu s-salvagwardji neċessarji, inkluż fir-rigward tal-protezzjoni u l-privatezza tad-data;

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

42. Iqis li l-ħidma fuq il-proposti ta' interoperabilità tas-sistemi ta' informazzjoni għandha tkun opportunità biex jittejbu u jiġu armonizzati parzjalment is-sistemi tal-IT nazzjonali u l-infrastrutturi nazzjonali fil-punti ta' qsim tal-fruntieri;

Azzjonijiet li għandhom jittieħdu

43. Jinkoraġġixxi lill-Aġenziji u lill-Istati Membri jkomplu jimplimentaw l-operazzjonijiet b'diversi għanijiet u jiżguraw li jittieħdu l-passi xierqa sabiex jinkludu t-tiftix u s-salvataġġ marittimu fl-operazzjonijiet permezz ta' assi u riżorsi umani xierqa; iħeġġeġ lill-Aġenzija tiżgura l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu tal-ilmenti u r-riżorsi relatati għall-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali u l-personal b'appoġġ tiegħu;

44. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw proċeduri ta' ritorn rapidi u effikaċi, b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali u f'kundizzjonijiet umani u dinjitużi, ladarba tinħareġ deċiżjoni ta' ritorn;

45. Jinnota li l-Istati Membri għandhom l-opportunità offruta mid-Direttiva 2001/40/KE li jirrikonoxxu u jimplimentaw deċiżjoni ta' ritorn meħuda minn Stat Membru ieħor minflok ma joqogħdu jieħdu deċiżjoni ta' ritorn ġdida jew jibgħatu lill-migrant irregolari lura lejn l-ewwel Stat Membru emittenti;

46. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu passi speċifiċi biex jiżguraw infrastruttura, akkomodazzjoni u kundizzjonijiet tal-għajxien adegwati għall-persuni kollha li qed ifittxu asil, speċjalment billi jqisu l-ħtiġijiet tal-minuri mhux akkumpanjati u l-familji b'minuri kif ukoll tan-nisa f'sitwazzjonijiet vulnerabbli; jistieden lill-Istati Membri jikkonformaw il-faċilitajiet ta' detenzjoni tagħhom mar-rekwiżiti tal-aħjar prattiki internazzjonali u man-normi u l-konvenzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem, biex jilħqu l-kapaċità li jissodisfaw id-domanda, filwaqt li jżommu f'moħħhom li d-detenzjoni tikkostitwixxi miżura ta' meta ma jkun hemm l-ebda għażla oħra, u ma hijiex fl-aħjar interess tat-tfal, u biex iżidu l-użu ta' miżuri alternattivi għad-detenzjoni; jistieden lill-Istati Membri jonoraw l-impenji ta' rilokazzjoni tagħhom, kif miftiehma mill-Kunsill tal-Ewropa f'Settembru 2015 u kkonfermati mill-ġdid mill-Qorti tal-Ġustizzja f'Settembru 2017, sabiex tiġi rkuprata l-ordni fil-ġestjoni tal-migrazzjoni u jitrawmu s-solidarjetà u l-kooperazzjoni fi ħdan l-UE;

47. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw in-natura indipendenti tal-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari billi jipprovdu riżorsi finanzjarji u persunal suffiċjenti biex jissodisfaw il-kompiti tagħhom li dejjem jiżdiedu; jistieden lill-awtoritajiet ta' kontroll indipendenti tal-Istati Membri jiżguraw l-awditi meħtieġa u l-użu tas-sistemi ta' informazzjoni; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw strumenti biex jabilitaw id-drittijiet tas-suġġetti tad-data li jagħmlu lmenti u jirrikjedu l-informazzjoni personali tagħhom u jqajmu l-kuxjenza pubblika dwar is-sistemi ta' informazzjoni;

48. Jinsisti li l-operazzjonijiet bi skopijiet multipli għandhom jitmexxew mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta bl-għan li jwieġbu għall-ħtieġa li jkunu preżenti l-assi marittimi ta' tiftix u salvataġġ (kif previst mir-Regolament (UE) Nru 656/2014) fiż-żoni rilevanti; ifakkar li l-awtoritajiet nazzjonali tal-gwardja tal-fruntiera għandhom ukoll jipprovdu riżorsi adegwati għall-operazzjonijiet tagħha, b'mod partikolari għat-tiftix u s-salvataġġ; jissottolinja li l-kontroll tal-fruntiera għandu jsir minn uffiċjal gwardjan tal-fruntiera mħarreġ jew taħt superviżjoni stretta tal-awtorità kompetenti;

49. Jinnota li l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta ngħatat mandat akbar li tista' tuża biex ikollha rwol fl-appoġġ tal-Istati Membri fl-operazzjonijiet ta' ritorn koordinati;

50. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw aktar il-kooperazzjoni reċiproka tranfruntiera tal-pulizija permezz tal-valutazzjoni tat-theddid, l-analiżi tar-riskji u l-pattulji konġunti; jitlob li ssir l-implimentazzjoni sħiħa tal-Konvenzjoni ta' Prüm u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI, u l-adeżjoni mal-Mudell Ewropew għall-Iskambju ta' Informazzjoni u l-Inizjattiva Żvediża; jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-istrutturi tal-kooperazzjoni tal-infurzar tal-liġi nazzjonali tagħhom u tal-istrutturi ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni u jtejbu l-kooperazzjoni prattika, b'mod partikolari mal-Istati Membri ġirien;

51. Ifakkar fil-prijorità għolja mogħtija lir-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA) bħala parti minn approċċ olistiku li jindirizza l-isfidi li jaffettwaw il-politiki dwar ir-rifuġjati, persuni li jkunu qed ifittxu asil u l-migranti u l-Aġenda tal-Kummissjoni dwar il-Migrazzjoni; jinnota li l-Parlament Ewropew ripetutament enfasizza li l-ftuħ ta' kanali legali għall-migranti u r-rifuġjati huwa l-aħjar mod biex jiġi miġġieled it-traffikar tal-bnedmin u b'hekk anki l-migrazzjoni irregolari; jistieden lill-Kunsill isegwi lill-Parlament rapidament fl-adozzjoni ta' mandat għan-negozjati dwar kull proposta f'dan ir-rigward, b'mod partikolari fir-rigward tar-Regolament ta' Dublin; jirrileva li l-Aġenzija l-ġdida tal-Unjoni Ewropea għall-Asil għad trid tiġi approvata u jħeġġeġ lill-Kunsill jiżblokka dan il-fajl bħala kwistjoni ta' urġenza;

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

52. Jenfasizza l-ħtieġa li tittejjeb is-sigurtà tal-karti tal-identità maħruġa mill-Istati Membri liċ-ċittadini tal-UE; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tipproponi standards għall-elementi ta' sigurtà u l-elementi bijometriċi integrati fil-karta tal-identità bħal fil-każ tal-passaporti;

o

o o

53. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali u lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0229

Standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità (2016/2328(INI))

(2020/C 76/12)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikoli 8, 10, 18, 19, 21, 79 u 82 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 3, 6, 20, 21, 23, 24, 41 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fl-1948,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU tal-1989 dwar id-Drittijiet tat-Tfal,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU tal-1979 dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Prinċipji Bażiċi tal-Ġustizzja għall-Vittmi tal-Kriminalità u l-Abbuż tal-Poter, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fid-29 ta' Novembru 1985,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul) u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2017/865 ([1]) u (UE) 2017/866 ([2]) tal-11 ta' Mejju 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika,

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa CM/Rec(2006)8 tal-Kumitat tal-Ministri lill-istati membri tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar assistenza għall-vittmi tal-kriminalità,

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa CM/Rec(2010)5 tal-Kumitat tal-Ministri lill-istati membri tal-31 ta' Marzu 2010 dwar miżuri għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi tal-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2001/220/ĠAI tal-15 ta' Marzu 2001 dwar id-drittijiet tal-vittmi fi proċedimenti kriminali ([3]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2013 dwar il-ġlieda kontra r-reati ta' mibegħda fl-UE u tal-5 ta' Ġunju 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet inkluża l-mutilazzjoni ġenitali femminili,

— wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI ([4]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2016/800 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali ([5]),

([1]) ĠU L 131, 20.5.2017, p. 11.
([2]) ĠU L 131, 20.5.2017, p. 13.
([3]) ĠU L 82, 22.3.2001, p. 1.
([4]) ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6.
([5]) ĠU L 132, 21.5.2016, p. 1.

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 606/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni f'materji ċivili ([6]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI ([7]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/99/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-ordni Ewropea ta' protezzjoni ([8]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI ([9]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Diċembru 2011, dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2004/68/ĠAI ([10]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2017 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija ([11]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-3 ta' April 2014, dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea ([12]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2004/80/KE tad-29 ta' April 2004 li għandha x'taqsam ma' kumpens għal vittmi ta' delitti ([13]),

— wara li kkunsidra l-istudju bit-titolu "How can the EU and the Member States better help victims of terrorism?" (Kif tista' l-UE u l-Istati Membri jgħinu aħjar il-vittmi tat-terroriżmu?), ippubblikat mid-Dipartiment Tematiku għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali f'Settembru 2017,

— wara li kkunsidra l-istudju mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) bit-titolu "Second European Union minorities and discrimination survey" (It-Tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-minoranzi u d-diskriminazzjoni), ippubblikat f'Diċembru 2017,

— wara li kkunsidra l-istudju mill-FRA bit-titolu "Child-friendly justice -Perspectives and experiences of children involved in judicial proceedings as victims, witnesses or parties in nine EU Member States" (Il-ġustizzja li tqis l-interessi tat-tfal - Perspettivi u esperjenzi ta' tfal involuti fi proċedimenti ġudizzjarji bħala vittmi, xhieda jew partijiet f'disa' Stati Membri tal-UE), ippubblikat fi Frar 2017,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-FRA dwar id-Drittijiet Fundamentali għall-2017, ippubblikat f'Ġunju 2017,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-FRA dwar id-Drittijiet Fundamentali għall-2016, ippubblikat f'Mejju 2016,

— wara li kkunsidra l-istudju tal-FRA bit-titolu "Victims of crime in the EU:the extent and nature of support for victims" (Il-vittmi tal-kriminalità fl-UE: il-livell u n-natura tal-appoġġ għall-vittmi), ippubblikat f'Jannar 2015,

— wara li kkunsidra l-istudju tal-FRA bit-titolu "Severe labour exploitation: workers moving within or into the European Union" (L-isfruttament sever tal-ħaddiema: il-ħaddiema li jiċċaqilqu fi ħdan l-Unjoni Ewropea jew li jidħlu fiha), ippubblikat f'Ġunju 2015,

— wara li kkunsidra l-istudju tal-FRA bit-titolu "Severe labour exploitation: an EU-wide survey" (L-isfruttament sever tal-ħaddiema, stħarriġ madwar l-UE), ippubblikat f'Marzu 2014,

([6]) ĠU L 181, 29.6.2013, p. 4.
([7]) ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57.
([8]) ĠU L 338, 21.12.2011, p. 2.
([9]) ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1.
([10]) ĠU L 335, 17.12.2011, p. 1.
([11]) Testi Adottati, P8_TA(2017)0501.
([12]) ĠU L 127, 29.4.2014, p. 39.
([13]) ĠU L 261, 6.8.2004, p. 15.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

— wara li kkunsidra r-rapport dwar il-Proġett IVOR bit-titolu "Implementing Victim-Oriented Reform of the criminal justice system in the EU" (Nimplimentaw ir-Riforma orjentata lejn il-vittmi tas-sistema tal-ġustizzja kriminali fl-UE), ippubblikat fis-6 ta' Mejju 2016,

— wara li kkunsidra r-rapport mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) bit-titolu "An analysis of the Victims' Rights Directive from a gender perspective" (Analiżi tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi mill-perspettiva tas-sessi),

— wara li kkunsidra l-"Yogyakarta Principles plus 10" adottati fl-10 ta' Novembru 2017 ("Il-Prinċipji u l-Obbligi tal-Istat dwar l-Applikazzjoni tad-Dritt Internazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem Rigward l-Orjentazzjoni Sesswali, l-Identità tal-Ġeneru, l-Espressjoni tal-Ġeneru u l-Karatteristiċi tas-Sess"),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2017 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, mill-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika ([14]),

— wara li kkunsidra l-Valutazzjoni tal-Implimentazzjoni Ewropea tad-Direttiva 2012/29/UE tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, magħmula mill-Unità ta' Evalwazzjoni Ex-Post,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 1(1)(e) u l-Anness 3 tad-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-12 ta' Diċembru 2002 dwar il-proċedura ta' awtorizzazzjoni għat-tħejjija ta' rapporti fuq inizjattiva proprja,

— wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, kif ukoll tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi skont l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, kif ukoll tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A8-0168/2018),

A. billi d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità ("id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi") tfittex li tpoġġi lill-vittma tar-reat fiċ-ċentru tas-sistema tal-ġustizzja kriminali, u għandha l-għan li ssaħħaħ id-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità sabiex kwalunkwe vittma tkun tista' tiddependi fuq l-istess livell ta' drittijiet, irrispettivament minn fejn twettaq ir-reat, min-nazzjonalità tagħha jew mill-istatus ta' residenza tagħha;

B. billi 23 mis-27 Stat Membru ttrasponew id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali sa Settembru 2017; billi l-Kummissjoni bdiet 16-il proċedura ta' ksur kontra Stati Membri li għadhom mhumiex kompletament konformi fil-prattika; billi d-Direttiva għamlitha possibbli li jibda l-progress lejn it-trattament tal-vittmi tal-kriminalità fi Stat Membru ieħor; billi għad fadal nuqqasijiet fil-każ tas-sitwazzjonijiet transfruntiera;

C. billi jeżistu fis-seħħ standards u strumenti magħquda fil-livell ta' UE biex itejbu l-ħajjiet taċ-ċittadini tal-UE, iżda l-vittmi tal-kriminalità għadhom jiġu ttrattati b'mod differenti bejn pajjiż u ieħor;

D. billi minkejja ħafna bidliet introdotti fl-Istati Membri, il-vittmi xorta spiss huma nieqsa mis-sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom, dan jimmina l-effikaċja fil-prattika tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi u b'mod partikolari l-aċċess għar-rekwiżiti tal-informazzjoni;

E. billi, apparti l-għajnuna legali, il-gruppi ta' appoġġ għall-vittmi jikklassifikaw il-ħtiġijiet tal-vittmi f'erba' kategoriji: id-dritt għall-ġustizzja, id-dinjità, il-verità u l-memorja, fejn din tal-aħħar tfisser diżapprovazzjoni mhux kundizzjonata tat-terroriżmu;

F. billi xi Stati Membri juru nuqqas ta' servizzi ta' appoġġ għall-vittmi u nuqqas ta' koordinazzjoni bejniethom fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u internazzjonali, u dan jagħmilha diffiċli għall-vittmi biex jaċċessaw servizzi ta' appoġġ eżistenti;

G. billi d-djar ta' kenn, iċ-ċentri u l-linji telefoniċi ta' għajnuna għan-nisa, huma aġenziji ewlenin għall-appoġġ tal-vittmi nisa tal-vjolenza u t-tfal tagħhom; billi hemm nuqqas ta' provvediment għal djar ta' kenn u ċentri għan-nisa fl-Ewropa; billi huma meħtieġa b'mod urġenti aktar djar ta' kenn għan-nisa peress li jipprovdu sikurezza, akkomodazzjoni, konsulenza u appoġġ għal nisa li jesperjenzaw il-vjolenza domestika u għat-tfal tagħhom; billi n-nuqqas ta' djar ta' kenn għan-nisa jista' jikkostitwixxi riskju għal ħajja;

([14]) Testi adottati, P8_TA(2017)0329.

H. billi f'każijiet meta jseħħ attakk terroristiku fi Stat Membru partikolari u l-vittma tkun residenti fi Stat Membru ieħor, iż-żewġ Stati Membri għandhom jikkooperaw mill-qrib sabiex jiffaċilitaw l-assistenza għall-vittma;

I. billi jekk l-entitajiet governattivi u l-istituzzjonijiet nazzjonali jieħdu azzjoni effikaċi u protettiva biex jgħinu lill-vittmi, iċ-ċittadini jappoġġjaw u jafdaw lill-istituzzjonijiet, u dan jista' jagħti spinta lir-reputazzjoni tagħhom;

J. billi firxa wiesgħa ta' professjonisti tas-saħħa huma aktarx li jiġu f'kuntatt mal-vittmi, b'mod speċjali l-vittmi tal-vjolenza sessista, u spiss jiġu inizjalment ikkuntattjati mill-vittma biex jirrapportaw reat; billi l-evidenza turi li l-professjonisti tas-saħħa, bħat-tobba u professjonisti kliniċi oħra, jirċievu taħriġ limitat fir-rispons effikaċi għall-vjolenza sessista;

K. billi l-vittmi nisa ta' vjolenza sessista dejjem jirrikjedu appoġġ u protezzjoni speċjali, minħabba l-vulnerabbiltà partikolari tagħhom għal vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta;

L. billi għad hemm sottorapportar sistematiku tal-inċidenti jew tal-awturi tal-vjolenza fl-UE, b'mod partikolari fil-każijiet li jinvolvu l-minoranzi, il-migranti, persuni bi status ta' residenza dipendenti jew prekarju, il-persuni LGBTI, ir-reati anti-Semitiċi, l-abbuż sesswali tat-tfal, il-vjolenza domestika u sessista, u t-traffikar u l-vittmi ta' xogħol furzat; billi kważi żewġ terzi mill-vittmi nisa ta' vjolenza sessista ma jirrapportawx lil awtorità, minħabba li jibżgħu mir-ritaljazzjoni, l-imbarazzament u l-istigma soċjali;

M. billi r-reati ta' mibegħda kontra l-persuni LGBTI huma realtà fl-UE kollha; billi dawn id-delitti mhumiex irrapportati biżżejjed u d-drittijiet tal-vittmi huma għaldaqstant mhux rispettati;

N. billi l-istudju tal-FRA bit-titolu "Making hate crime visible in the European Union: acknowledging victims' rights" (Nagħmlu r-reat ta' mibegħda viżibbli fl-Unjoni Ewropea: nirrikonoxxu d-drittijiet tal-vittmi) jiddikjara li status ta' immigrant iżid ir-riskju li wieħed jiġi vittimizzat kriminalment, indipendentement minn fatturi ta' riskju magħrufa oħra;

O. billi r-reati ta' mibegħda razzisti kontra l-migranti u l-persuni li jfittxu asil żdiedu madwar l-Istati Membri; billi l-għadd tal-awturi ta' dawn ir-reati ta' mibegħda li jitressqu quddiem il-ġustizzja huwa wieħed żgħir ħafna;

P. billi minkejja li l-vittmi tal-kriminalità kollha jingħataw drittijiet ugwali mingħajr diskriminazzjoni skont l-Artikolu 1, fir-realtà l-parti l-kbira tal-Istati Membri ma daħħlux fis-seħħ politiki jew proċessi biex jiżguraw li l-vittmi mhux iddokumentati jistgħu jirrapportaw b'mod sigur l-isfruttament sever tal-ħaddiema, il-vjolenza sessista, u forom oħra ta' abbuż mingħajr ir-riskju ta' penalitajiet tal-immigrazzjoni; billi dan jaffettwa b'mod sproporzjonat lin-nisa u l-bniet, li huma anke aktar esposti għat-traffikar u l-isfruttament sesswali; billi l-istħarriġ tal-FRA "Second European Union Minorities and Discrimination Survey" (It-Tieni Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-minoranzi u d-diskriminazzjoni) jiddikjara li wieħed biss minn kull tmien rispondenti rrapporta jew ressaq ilment dwar l-inċident l-aktar riċenti tad-diskriminazzjoni li esperjenza minħabba l-isfond etniku jew ta' immigrant tiegħu;

Q. billi l-Artikolu 1 tad-Direttiva jiddikjara li d-drittijiet stabbiliti fiha għandhom japplikaw għall-vittmi b'mod mhux diskriminatorju, inkluż fir-rigward tal-istatus ta' residenza tagħhom;

R. billi l-kampanja #MeToo enfasizzat li s-sistema ġudizzjarja ma tipprovdix ġustizzja u protezzjoni adegwati lin-nisa u l-bniet u li, bħala konsegwenza, il-vittmi tal-vjolenza sessista ma jirċevux l-appoġġ meħtieġ;

S. billi r-ratifika u l-implimentazzjoni sħiħa tal-Konvenzjoni ta' Istanbul jipprovdu qafas legali Ewropew koerenti biex tiġi pprevenuta u miġġielda l-vjolenza fuq in-nisa u biex jiġu mħarsa l-vittmi tagħha; billi d-definizzjoni tal-vjolenza sessista għandha li tkun ibbażata fuq il-Konvenzjoni ta' Istanbul, u għandha tirrikonoxxi n-natura strutturali tal-vjolenza kontra n-nisa u forom oħra ta' vjolenza sessista u r-rabtiet tagħhom mal-inugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, li tibqa' prevalenti fis-soċjetà; billi l-vjolenza f'relazzjonijiet mill-qrib trid titqies minn perspettiva tas-sessi, peress li taffettwa lin-nisa b'mod sproporzjonat;

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

T. billi n-nisa huma l-aktar esposti għall-istalking, li huwa forma komuni ta' vjolenza sessista, u billi l-istalking bħala reat speċifiku ma ġiex meqjus fil-kodiċijiet kriminali ta' seba' Stati Membri;

U. billi trid tingħata attenzjoni speċifika għas-sikurezza u l-protezzjoni tat-tfal ta' vittmi nisa ta' vjolenza sessista u vjolenza domestika;

V. billi l-vittmi ta' spiss mhumiex infurmati sew dwar il-proċess u l-eżiti tiegħu; billi l-vittmi ta' spiss jiġu infurmati b'mod mhux mistenni dwar ir-rilaxx tal-awtur tar-reat mill-midja jew minn fatturi esterni oħra, minflok mill-awtoritajiet kompetenti;

W. billi l-vittmi u l-membri tal-familja ma jingħatawx biżżejjed informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom meta jkun seħħ reat fi Stat Membru ieħor għajr fejn tkun qed tirrisjedi l-vittma; billi l-Istati Membri għandhom definizzjonijiet differenti tal-kunċett ta' "vittma"; billi, bħala konsegwenza ta' dan, il-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali jvarja (xi kultant jestendi biex ikopri l-membri tal-familja, pereżempju);

X. billi n-numri ta' linji telefoniċi għall-għajnuna faċilment aċċessibbli u pubbliċizzati b'mod wiesgħa huma għal ħafna nisa l-ewwel pass lejn il-kisba tal-għajnuna u l-appoġġ li jeħtieġu meta jkunu qed jesperjenzaw il-vjolenza f'relazzjonijiet mill-qrib;

Y. billi huma biss 27 % tal-Ewropej li huma familjari man-numru tat-telefon ta' emerġenza uniku Ewropew 112; billi mhux kulħadd għandu aċċess għalih;

Z. billi f'numru konsiderevoli ta' każijiet, il-vittma hija l-aktar xhud importanti fil-proċess u teħtieġ tkun protetta minn imġiba possibbilment ritaljatorja jew ta' theddid mill-awtur tar-reat, inkluż billi tiġi pprevenuta vittimizzazzjoni ripetuta jew sekondarja; billi d-dikjarazzjoni tax-xhieda hija kruċjali għall-funzjonament tajjeb u l-fiduċja fis-sistema tal-ġustizzja kriminali u essenzjali għall-investigazzjoni effikaċi u l-prosekuzzjoni tal-kriminalità organizzata u gruppi terroristiċi, li tista' twassal għaż-żarmar tagħhom; billi l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jipproteġu b'mod effikaċi lix-xhieda u jżidu l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-kooperazzjoni internazzjonali f'dan il-qasam;

AA. billi ġew irrapportati nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, b'mod partikolari fir-rigward ta':

— l-għoti ta' servizzi xierqa lill-vittmi skont il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom,

— l-implimentazzjoni xierqa tar-rekwiżiti biex tiġi ggarantita valutazzjoni individwali tal-vittmi,

— l-istabbiliment xieraq tal-mekkaniżmi li jippermettu lill-allegat awtur tar-reat li jkollu kopja tal-ilment,

— l-iżgurar ta' aċċessibbiltà ugwali għall-vittmi u s-servizzi ta' appoġġ speċjalizzat għall-vittmi kollha, inklużi l-persuni b'diżabilità, il-persuni LGBTI, il-vittmi tfal, il-vittmi ta' vjolenza sessista, inkluża l-vjolenza sesswali, u l-vittmi ta' reati ta' mibegħda u unur, irrispettivament mill-istatus ta' residenza tagħhom,

— il-garanzija ta' proċeduri rapidi, effiċjenti u sensittivi għall-vittmi fil-każijiet fil-qorti kriminali, li jikkunsidraw il-bżonnijiet speċifiċi tal-gruppi ta' persuni l-aktar vulnerabbli,

— il-ġbir ta' data dwar u l-analiżi tal-kultura tal-vjolenza, il-misoġenija u l-istereotipi tas-sessi, u r-rabta tagħhom mal-inċidenza tar-reati ta' mibegħda,

— tingħata informazzjoni lill-vittmi dwar is-sitwazzjoni penali u proċedurali tat-trasgressuri tagħhom,

AB. billi l-vittmi tal-kriminalità jirrapportaw b'mod regolari li t-tbatija tal-proċess tal-ġustizzja nnifsu huwa tip ta' vittimizzazzjoni – vittimizzazzjoni sekondarja jew rivittimizzazzjoni; billi l-fatturi li għandhom impatt fuq kif il-vittmi jesperjenzaw is-sistema jinkludu kif jiġu ttrattati matul il-proċess, u l-ammont ta' kontroll u aċċess parteċipatorju li jingħatalhom;

AC. billi l-vittmi tat-terroriżmu kienu soġġetti għal attakki li huma maħsuba fl-aħħar mill-aħħar biex jagħmlu ħsara lis-soċjetà jew grupp ikbar li jirrappreżentaw; billi dawn għalhekk jeħtieġu attenzjoni speċjali, appoġġ u rikonoxximent soċjali minħabba n-natura partikolari tar-reat kommess kontrihom;

AD. billi ċerti drittijiet, bħad-dritt għal għajnuna u kumpens finanzjarju, ma kinux implimentati jew mogħtija kif xieraq lill-vittmi tal-attakki terroristiċi tal-2016 fi Brussell skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi;

Valutazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva

1. Jikkritika n-nuqqas min-naħa tal-Kummissjoni li tissottometti rapport lill-Parlament u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi sa Novembru 2017, skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva; jistieden lill-Istati Membri jikkooperaw u jibagħtu d-data u l-istatistika rilevanti kollha lill-Kummissjoni sabiex tiffaċilita l-valutazzjoni tagħha dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva;

2. Jikkritika l-fatt li li sentejn wara li t-traspożizzjoni kienet dovuta, kienu biss 23 mis-27 Stat Membru li uffiċjalment ittrasponew id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi sa Settembru 2017, u fost dawn, xi wħud huma biss parzjalment konformi u ma' xi dispożizzjonijiet biss;

3. Jinnota l-implimentazzjoni b'suċċess minn xi Stati Membri ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, jiġifieri:

— id-dritt għal interpretar u traduzzjoni,

— id-dritt għal smigħ,

— il-protezzjoni ta' vittmi li huma tfal,

— id-drittijiet tal-vittmi meta jagħmlu lment,

— id-dritt li tingħata informazzjoni mal-ewwel kuntatt li jsir ma' awtorità kompetenti;

4. Jiddeplora, madankollu, in-nuqqasijiet importanti li jifdal fit-traspożizzjoni u fl-implimentazzjoni tad-Direttiva f'ħafna Stati Membri, b'mod partikolari fir-rigward ta':

— il-kumplessità ta' proċeduri għall-aċċess tas-servizzi ta' appoġġ u nuqqasijiet fis-sistema ta' appoġġ għall-vittmi, inkluż nuqqas ta' aċċess għall-għajnuna legali u kumpens, nuqqas ta' appoġġ finanzjarju u koordinazzjoni bejn is-servizzi ta' appoġġ, u mekkaniżmi inkonsistenti ta' referenza,

— il-fatt li spiss ma tingħatax informazzjoni ċara f'aktar minn lingwa waħda, li jagħmilha diffiċli de facto għall-vittmi li jfittxu l-protezzjoni barra mill-pajjiż fi Stat Membru ieħor,

— in-nuqqas ta' preżenza leġiżlattiva f'każijiet transfruntiera u d-drittijiet tal-vittmi residenti fi Stati Membri oħra, u n-nuqqas li jieħdu miżuri biex jiżguraw li n-nuqqas ta' status ta' residenza jew status inċert ma joħolqux ostaklu għall-kapaċità tal-vittmi li jasserixxu d-drittijiet tagħhom taħt din id-Direttiva;

5. Jenfasizza kemm huwa essenzjali li l-ewwel kuntatt mal-vittma jsir kif xieraq, b'mod speċjali fil-każ ta' vittmi ta' vjolenza sessista; jinnota, madankollu, li uħud mill-vittmi l-aktar vulnerabbli – bħal minorenni u vittmi bla edukazzjoni, b'diżabilità jew anzjani, kif ukoll (għal raġunijiet ta' lingwa) migranti u vittmi ta' traffikar tal-bnedmin – jista' jkollhom diffikultajiet biex jifhmu l-informazzjoni li tiġi kkomunikata lilhom u, bħala riżultat, id-dritt tagħhom għall-informazzjoni stipulat fl-Artikolu 4 tad-Direttiva ma jiġix eżerċitat bis-sħiħ, u għalhekk huwa neċessarju li tiġi żgurata l-preżenza ta' espert ikkwalifikat biex jgħin lill-vittmi; jinnota li l-Artikolu 4 huwa wieħed mill-punti b'saħħithom tad-Direttiva, peress li jgħin lill-vittmi jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-appoġġ disponibbli kif stabbilit fid-Direttiva;

6. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu l-aċċess faċli għall-ġustizzja u għajnuna legali adegwata bla ħlas, għaliex dan jikkontribwixxi bil-kbir biex jinkiser is-silenzju u biex iżid il-fiduċja tal-vittma fis-sistema tal-ġustizzja kriminali, inaqqas il-possibbiltà tal-impunità u jippermetti lill-vittma li tibda l-proċess tal-irkupru psikoloġiku;

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

7. Jistieden lill-Istati Membri kollha sabiex jimplimentaw u jinfurzaw b'mod effikaċi d-dritt garantit mill-Artikolu 4 tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi għall-vittmi u l-vittmi potenzjali kollha għall-informazzjoni; jenfasizza l-ħtieġa li jittejbu l-mekkaniżmi ta' informazzjoni fi ħdan l-Istati Membri sabiex il-vittmi mhux biss ikunu jafu bid-drittijiet tagħhom, iżda jkunu jafu wkoll fejn għandhom imorru biex jeżerċitawhom; ifakkar li l-professjonisti li jagħtu l-ewwel għajnuna lill-vittmi għandhom ikunu l-ewwel punt ta' kuntatt għall-informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u dwar il-programmi mfassla biex jindirizzaw sitwazzjonijiet li jwasslu għal vittimizzazzjoni; jissottolinja li n-nuqqas ta' provvista ta' informazzjoni lill-vittmi qabel, matul u wara l-proċedimenti kriminali jirriżulta fi tgawdija fqira tad-drittijiet tal-vittmi u n-nuqqas ta' sodisfazzjoni lejn is-sistema ġudizzjarja u jiskoraġġixxi lill-vittmi milli jipparteċipaw b'mod attiv fil-proċedimenti kriminali;

8. Jiddeplora l-fatt li wisq Stati Membri naqsu milli jimplimentaw, fil-leġiżlazzjoni tagħhom, valutazzjonijiet individwali tal-vittmi, li jwassal għal ineffiċjenza fid-detezzjoni u fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, fit-trattament tagħhom b'rispett u dinjità u, bħala konsegwenza, biex jingħataw protezzjoni skont il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom;

9. Jinnota li n-nuqqas ta' traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva f'ċerti Stati Membri jfisser li ċ-ċittadini ta' dawk l-Istati Membri jsofru diskriminazzjoni f'dak li jirrigwarda r-rispett tad-drittijiet tagħhom bħala ċittadini Ewropej;

10. Jiddeplora l-fatt li d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi tillimita l-eżerċizzju tad-dritt tal-vittmi għal għajnuna legali minħabba d-dispożizzjonijiet li jobbligaw lill-Istati Membri jipprovdu l-għajnuna legali biss meta l-vittma jkollha l-istatus ta' parti għall-proċedimenti kriminali u jistipulaw li l-kundizzjonijiet jew ir-regoli proċedurali li taħthom il-vittmi jkollhom aċċess għal għajnuna legali għandhom jiġu determinati mil-liġi nazzjonali; jenfasizza li dawn ir-restrizzjonijiet jistgħu jkunu partikolarment oneruż għall-vittmi ta' vjolenza sessista li ma jagħmlux ilmenti u li l-każijiet tagħhom qatt ma jiġu trattati bħala parti mis-sistema tal-ġustizzja kriminali;

11. Jinnota li strumenti oħra li jindirizzaw żidiet suċċessivi simili għad-drittijiet tal-vittmi jikkomplikaw il-koerenza mad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi;

12. Ifakkar li ċ-ċittadini tal-UE u ċ-ċittadini ta' pajjiż terz li sfaw vittmi tal-kriminalità fi Stat Membru ieħor jistgħu jgawdu wkoll id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni offruta minn din id-Direttiva irrispettivament mill-istatus ta' residenza tagħhom, u li vittmi ta' reati kriminali kommessi fi Stat Membru għajr dak fejn il-vittima tirrisjedi jistgħu jressqu l-ilment tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' residenza; jinnota, madankollu, li dan id-dritt spiss jiġi mminat mill-inċertezza tad-dispożizzjonijiet tal-Istat Membru dwar l-extraterritorjalità; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-istatus ta' residenza tagħhom mhuwiex kriterju għat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-vittmi u biex jiċċaraw id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-extraterritorjalità; jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu l-aċċess għal servizzi ta' appoġġ għall-vittmi mhux residenti ta' reati u informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom, u biex jadottaw miżuri speċifiċi li jiffukaw b'mod partikolari fuq id-drittijiet tal-vittmi kollha għal kumpens u fi proċedimenti kriminali; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Istati Membri jieħdu azzjoni adatta biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jew l-entitajiet li jipprovdu appoġġ speċjalizzat biex jiġi żgurat l-aċċess effikaċi tal-vittmi għal din l-informazzjoni u għal dawn is-servizzi;

13. Ifakkar lill-Istati Membri li l-vittmi f'sitwazzjoni ta' residenza irregolari għandu jkollhom ukoll aċċess għal drittijiet u servizzi, inklużi djar ta' kenn u servizzi speċjalizzati skont din id-Direttiva, bħal protezzjoni legali u appoġġ psikosoċjali u finanzjarju mill-Istati Membri, mingħajr il-biża' li jiġu deportati; jistieden lill-Istati Membri jintroduċu miżuri biex jiżguraw li dawn id-drittijiet u s-servizzi jsiru disponibbli mingħajr diskriminazzjoni; jilqa' l-passi meħuda minn xi Stati Membri li jagħtu lill-vittmi mhux iddokumentati permess ta' residenza għal raġunijiet umanitarji jew sakemm il-proċedimenti kriminali, li jistgħu jinkoraġġixxu lill-vittmi jirrapportaw ir-reati u jiġġieldu l-klima ta' impunità; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jippromulgaw leġiżlazzjoni li tipprovdi toroq għal vittmi bi status ta' residenza dipendenti biex jaħarbu minn sitwazzjonijiet ta' abbuż billi jagħmluha possibbli li jinkiseb status ta' residenza indipendenti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tinkoraġġixxi u tiffaċilita l-iskambju u l-evalwazzjoni ta' prattiki tajba eżistenti fost l-Istati Membri, li jintegraw il-perspettivi tal-vittmi u s-soċjetà ċivili;

Rakkomandazzjonijiet

Valutazzjoni individwali

14. Ifakkar li wieħed mill-għanijiet l-aktar importanti tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi huwa li tittejjeb il-pożizzjoni tal-vittmi tal-kriminalità madwar l-UE u biex il-vittma titpoġġa fiċ-ċentru tas-sistema tal-ġustizzja kriminali;

15. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu d-drittijiet tal-vittmi ta' reati ta' mibegħda, inklużi dawk kontra l-persuni LGBTI jew b'raġunijiet razzisti;

16. Jenfasizza l-fatt li l-valutazzjonijiet individwali huma kruċjali fit-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-vittmi billi jiġu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom, u d-dritt li jagħmlu deċiżjonijiet fil-proċedimenti li huma involuti fihom u, jekk il-vittma tkun tifel jew tifla, id-dritt li jkollha aċċess għas-salvagwardji proċedurali speċifika li japplika għalihom mill-bidu nett tal-proċedimenti legali; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw b'mod xieraq fil-leġiżlazzjoni tagħhom valutazzjonijiet individwali fil-ħin tal-vittmi, inkluż waqt l-ewwel kuntatt ma' awtorità kompetenti jekk ikun meħtieġ, bħala pass proċedurali essenzjali biex jiġu rikonoxxuti u identifikati l-ħtiġijiet tal-vittma, biex wara tingħata protezzjoni speċifika skont dawk il-ħtiġijiet, u tiġi pprevenuta vittimizzazzjoni sekondarja u ripetuta, intimidazzjoni u ritaljazzjoni; jenfasizza li l-valutazzjonijiet individwali jeħtieġ li jiġu rieżaminati fuq bażi regolari biex jiġu ddeterminati l-ħtiġijiet ta' appoġġ kontinwu, u li l-vittmi għandhom jiġu pprovduti b'analiżi ta' segwitu f'perjodu ta' żmien xieraq wara li jkun seħħ ir-reat, abbażi tal-għarfien eżistenti ta' reazzjonijiet trawmatiċi; ifakkar li l-valutazzjonijiet individwali huma partikolarment meħtieġa għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin u l-vittmi tfal li sofrew minn abbuż sesswali, minħabba r-riperkussjonijiet soċjali, fiżiċi u psikoloġiċi ta' dawn ir-reati; ifakkar li l-valutazzjonijiet individwali kollha għandhom ikunu sensittivi għall-ġeneru, ladarba n-nisa u l-vittmi LGBTQI ta' vjolenza sessista jirrikjedu attenzjoni u protezzjoni speċjali minħabba riskju għoli ta' vittimizzazzjoni ripetuta, u għalhekk għandhom ikunu żgurati miżuri speċifiċi u appoġġ speċjalizzat;

Is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi

17. Jiddispjaċih għad-diffikultajiet esperjenzati mill-vittmi biex jiksbu aċċess għas-servizzi ta' appoġġ; jiddeplora l-fatt li f'xi Stati Membri, is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi għadhom ma twaqqfux; jenfasizza li s-servizzi u d-drittijiet ta' appoġġ għall-vittmi għandhom jingħataw lill-vittmi kollha madwar l-UE u għandhom ikunu aċċessibbli anke meta persuna tkun għadha ma ppruvatx jekk hijiex vittma tal-kriminalità, jew qabel ma jkunu seħħew kwalunkwe proċedura jew att uffiċjali; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu għal, u jżidu n-numru u jtejbu l-aċċessibbiltà tan-nisa, is-servizzi ta' djar ta' kenn u ċentri għan-nisa, l-appoġġ għall-vittmi nisa tal-forom kollha ta' vjolenza sessista, u jiżguraw li s-superstiti nisa ta' vjolenza qatt ma jiġu mċaħħda minn post; jinsisti li s-servizzi jeħtieġ jiġu estiżi biex b'mod aktar adegwat jissodisfaw il-ħtiġijiet tan-nisa kollha, b'mod partikolari nisa b'abbiltajiet differenti u nisa migranti, inklużi nisa migranti mhux iddokumentati; jenfasizza li dawn is-servizzi għandhom jinkludu wkoll appoġġ speċjalizzat mhux residenzjali, bħal informazzjoni u konsulenza, akkumpanjament il-qorti u servizzi ta' komunikazzjoni; iqis li d-djar ta' kenn għan-nisa għandhom jgħinu lin-nisa kollha li qed jaffaċċjaw vjolenza f'relazzjonijiet mill-qrib, u għandhom ikunu disponibbli 24/7 u bla ħlas għan-nisa u t-tfal tagħhom, b'tali mod li n-nisa jkunu jistgħu jħossuhom sikuri u kapaċi jirrapporta vjolenza sessista;

18. Jistieden lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lill-valutazzjoni individwali tat-tfal u tal-vittmi li huma tfal ta' kwalunkwe tip ta' kriminalità, b'mod partikolari t-traffikar tal-bnedmin, inkluż l-isfruttament sesswali, il-vjolenza sessista u l-abbuż u l-isfruttament sesswali; ifakkar li l-vittmi li huma tfal għandhom dejjem jiġu kkunsidrati li għandhom ħtiġijiet ta' protezzjoni speċifiċi minħabba l-vulnerabbiltà tagħhom kif previst fl-Artikolu 22(4) tad-Direttiva; jenfasizza l-ħtieġa li l-vittmi li huma tfal u żgħażagħ jiġu trattati b'mod li jqis b'mod xieraq il-vulnerabbiltà tagħhom;

Taħriġ

19. Jenfasizza li l-iżgurar ta' aktar programmi ta' taħriġ fil-livell tal-UE huwa ta' importanza kbira għall-armonizzazzjoni u l-istandardizzazzjoni tal-proċeduri madwar l-Istati Membri u l-iżgurar tat-trattament ugwali għaċ-ċittadini Ewropej;

20. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu taħriġ speċifiku għal dawk responsabbli biex jgħinu lill-vittmi ta' atti terroristiċi, kif ukoll jagħtuhom ir-riżorsi meħtieġa għal dan il-għan;

21. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu programmi ta' taħriġ li huma sensittivi għall-ġeneru u linji gwida għall-professjonisti kollha involuti fit-trattament tal-vittmi tal-kriminalità, bħal dawk li jipprattikaw il-liġi, l-uffiċjali tal-pulizija, il-prosekuturi, l-imħallfin, il-professjonisti tas-saħħa, il-ħaddiema soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; iħeġġeġ lill-Istati Membri jużaw l-fondi tal-UE b'mod adegwat għal dawn l-iskopijiet ta' taħriġ; jistieden lill-Istati Membri biex b'mod speċifiku jiżguraw li huma jikkonformaw mal-obbligi kollha dwar it-taħriġ għall-uffiċjali tal-pulizija, sabiex ikunu jistgħu jwettqu valutazzjonijiet individwali aħjar u fil-ħin ladarba r-reat ikun sar; jistieden lill-Istati Membri jipprevjenu vittimizzazzjoni ulterjuri jew vittimizzazzjoni sekondarja esperjenzata mill-vittmi tal-kriminalità, biex jipprovdu lill-vittmi b'informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom u s-servizzi li jistgħu jaċċessaw, u li jsaħħu l-pożizzjoni tagħhom, bħala mezz biex jitnaqqas l-istress postrawmatiku; jenfasizza li dan it-taħriġ għandu jkun inkluż ukoll fi programmi edukattivi, f'kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili u l-NGOs, u li taħriġ obbligatorju u speċifiku għandu jkun regolarment disponibbli kollha għall-professjonisti kollha involuti fit-trattament tal-vittmi tal-kriminalità, bil-għan li tiġi żviluppata attitudni xierqa biex tittratta l-karatteristiċi u l-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull tip ta' vittma, tgħin lill-professjonisti jipprevjenu l-vjolenza u tipprovdi appoġġ adegwat għal gruppi vulnerabbli, bħat-tfal, in-nisa vittmi ta' vjolenza sessista, il-vittmi tat-traffikar ta' bnedmin, il-persuni LGBTI u l-persuni b'diżabilità; ifakkar li t-taħriġ personali huwa element neċessarju biex l-objettivi tad-Direttiva jiġu implimentati b'mod effikaċi; iqis li dan it-taħriġ għandu jinkludi gwida dwar kif għandu jiġi żgurat li l-vittmi jkunu protetti minn koerċizzjoni, abbuż u vjolenza u li l-integrità fiżika u mentali tagħhom tiġi rispettata; jemmen, barra minn hekk, li kull sessjoni ta' taħriġ għandha tenfasizza l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni – pedament tad-Direttiva;

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

22. Ifakkar li t-tfal vittmi tal-kriminalità huma partikolarment vulnerabbli, u li għandha tingħata attenzjoni partikolari għat-taħriġ tal-professjonisti li jittrattaw mal-vittmi tal-kriminalità relatata mat-tfal, speċjalment f'każijiet ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali, b'kunsiderazzjoniet tal-ħtiġijiet assoċjati mal-gruppi ta' etajiet differenti; jenfasizza li dawn il-professjonisti għandhom jikkomunikaw b'mod adatt għat-tfal;

23. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tipprovdi kontenut prattiku għall-jum internazzjonali tal-vittmi tat-terroriżmu billi torganizza, mill-inqas darbtejn fis-sena, laqgħa internazzjonali mmirata speċifikament lejn l-iskambju ta' esperjenzi u prattiki tajbin bejn l-awtoritajiet lokali, reġjonali u statali tal-Istati Membri u l-ġbir ta' xiehda mill-vittmi; jikkunsidra li dan għandu jgħin biex tiġi żgurata traspożizzjoni rapida, uniformi u sħiħa tad-Direttiva, l-identifikazzjoni bikrija ta' problemi komuni ta' applikazzjoni, u proċess għall-valutazzjoni għaddejja ta' din il-kapaċità li titqajjem sensibilizzazzjoni, u tiżdied dimensjoni operattiva għal wirjiet ta' solidarjetà u appoġġ istituzzjonali u soċjali għall-vittmi;

24. Jissottolinja l-fatt li l-professjonisti tal-kura tas-saħħa huma essenzjali biex jidentifikaw vittmi ta' vjolenza domestika, ladarba l-vjolenza fuq in-nisa f'relazzjonijiet mill-qrib taffettwa kemm is-saħħa fiżika kif ukoll dik mentali fuq terminu twil; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-informazzjoni dwar is-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi u d-drittijiet tal-vittmi hija aċċessibbli għal professjonisti tas-saħħa, u li jiġi pprovdut taħriġ immirat għal firxa wiesgħa ta' professjonisti tal-kura tas-saħħa, inklużi t-tobba tal-familja, it-tobba speċjalizzati f'assistenza f'emerġenza, l-infermiera, l-assistenti mediċi, il-ħaddiema soċjali kliniċi u l-persunal tal-akkoljenza, bil-ħsieb li tiġi pprovduta tweġiba effikaċi għall-vittma, b'mod partikolari f'każijiet ta' vjolenza sessista, b'tali mod li tippermetti lill-professjonisti tal-kura tas-saħħa jidentifikaw każijiet ta' abbuż potenzjali, u jinkoraġġixxu lill-vittmi nisa jikkuntattjaw awtorità kompetenti;

Dimensjoni transfruntiera

25. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu għajnuna finanzjarja u legali lill-membri tal-familja f'każijiet fejn ikun seħħ reat serju – eż., fejn il-vittma tkun mietet jew imweġġa' serjament – fi Stat Membru għajr dak li fih huma residenti, b'mod partikolari f'każijiet fejn il-familja ma jkollhiex riżorsi finanzjarji biex tivvjaġġa lejn dak l-Istat Membru biex tattendi l-qorti, biex tiffinanzja appoġġ psikoloġiku jew biex tirripatrija lill-vittmi;

26. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-proċeduri aktar flessibbli u jgħaġġlu l-proċess ta' trażmissjoni tas-sentenzi għall-vjolenza sessista mogħtija f'pajjiż, b'mod speċjali fil-każijiet ta' koppji internazzjonali, sabiex l-awtoritajiet tal-pajjiżi tal-konjugi jkunu jistgħu jaġixxu kif meħtieġ kemm jista' jkun malajr u jipprevjenu li l-kustodja tat-tfal tingħata lil ġenitur akkużat bi vjolenza sessista f'pajjiż ieħor;

27. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill ikomplu jiżviluppaw id-drittijiet tal-vittmi sabiex l-UE jkun jista' jkollha rwol ewlieni fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-vittmi;

Id-drittijiet proċedurali

28. Jenfasizza l-importanza li tingħata għajnuna legali mingħajr ħlas filwaqt li jiġi żgurat li l-piż burokratiku għall-vittma jkun kemm jista' jkun baxx;

29. Jistieden, b'mod partikolari, lill-Istati Membri jistabbilixxu proċeduri kunfidenzjali u anonimi biex jirrapportaw ir-reati, partikolarment f'każijiet ta' abbuż sesswali u l-abbuż ta' persuni b'diżabilità u minorenni, bil-għan li jiġu mmonitorjati u evalwati l-għadd ta' rapporti u jiġi żgurat li l-vittmi mhux iddokumentati jistgħu jressqu lment mingħajr ir-riskju ta' konsegwenzi relatati ma' immigrazzjoni;

30. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-miżuri legali fi proċeduri kriminali li jiggarantixxu l-protezzjoni tal-vittmi tfal, inklużi l-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi tfal ta' vjolenza sessista, partikolarment f'każijiet fejn l-omm tat-tifel jew tifla tinqatel mis-sieħeb tagħha, matul il-proċedimenti kriminali kollha, u biex jiġi żgurat li huma jirċievu assistenza u appoġġ soċjali u psikoloġiku minn hemm 'il quddiem, sabiex jiġi evitat li l-vittmi tfal jiġu esposti għal vittimizzazzjoni sekondarja; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-miżuri speċifiċi biex itejbu r-rwol tal-linji telefoniċi nazzjonali fil-kuntest tal-vittmi tfal, meta jitqies li l-awtorapportar tat-tfal huwa limitat;

31. Jistieden lill-Istati Membri jqisu l-inċidenti sinifikanti ta' vjolenza sessista, inkluż il-vjolenza domestika, meta jiddeterminaw id-drittijiet ta' kustodja u ta' żjara, u jqis li d-drittijiet u l-ħtiġijiet tax-xhieda tfal għandhom jitqiesu wkoll meta l-vittmi jiġu pprovduti b'servizzi ta' protezzjoni u ta' appoġġ;

32. Ifakkar lill-Istati Membri dwar ir-rekwiżit li jipprovdu servizzi ta' traduzzjoni u interpretar mingħajr ħlas, u jinnota li nuqqas ta' informazzjoni f'lingwi oħra jista' jikkostitwixxi ostakolu għall-protezzjoni effikaċi tal-vittmi u forma ta' diskriminazzjoni kontrihom;

33. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvolvu ruħhom b'mod attiv u jikkooperaw mill-qrib f'kampanji ta' informazzjoni biex iżidu s-sensibilizzazzjoni ġenerali pubblika dwar id-drittijiet tal-vittmi kif stabbilit mid-dritt tal-UE, inklużi l-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi li huma tfal; jenfasizza li dawn il-kampanji ta' sensibilizzazzjoni għandhom jiġu organizzati wkoll fl-iskejjel sabiex it-tfal jiġu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom u jiġu pprovduti bl-għodda biex jirrikonoxxu kwalunkwe forma tal-kriminalità li huma setgħu sofrew jew kienu xhieda tiegħu; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jwaqqfu kampanji biex iħeġġu n-nisa u l-persuni LGBTQI jirrapportaw kwalunkwe forma ta' vjolenza sessista sabiex ikunu jistgħu jiġu protetti u jirċievu l-appoġġ li jeħtieġu;

34. Jistieden lill-Istati Membri jiskambjaw l-aħjar prattiki għal approċċ orjentat lejn il-vittmi għall-uffiċjali tal-pulizija fil-ħidma ta' kuljum tagħhom;

35. Jistieden lill-Istati Membri jimpenjaw ruħhom b'mod attiv, kemm fil-livell reġjonali kif ukoll f'dak nazzjonali, f'kampanji ta' prevenzjoni kontra l-vjolenza sessista u l-vittimizzazzjoni mill-ġdid fis-sistema ġudizzjarja u fil-midja, u biex jippromwovu bidla kulturali fl-opinjoni pubblika sabiex jipprevjenu attitudnijiet jew imġiba li jagħtu tort lill-vittma, li jistgħu jirriżultaw fi trawma addizzjonali għall-vittmi ta' reati speċifiċi bħal vjolenza sessista jew abbuż sesswali; jistieden lill-Istati Membri jinkoraġġixxu lis-settur privat, is-settur tal-IT u lill-midja biex jagħmlu użu mill-potenzjal tagħhom u jipparteċipaw fil-prevenzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika;

36. Jistieden lill-Istati Membri jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmi biex jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw il-proċess biex il-vittmi jirrapportaw ir-reati li jkunu sofrew;

37. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu miżuri speċifiċi fil-każ ta' attakki li jirriżultaw f'għadd kbir ta' vittmi, sabiex fil-proċedimenti kriminali jkunu jistgħu jipparteċipaw għadd kbir ta' vittmi;

38. Ifakkar lill-Istati Membri li għandha tingħata attenzjoni partikolari għar-riskju ta' intimidazzjoni u ta' ritaljazzjoni u għall-ħtieġa li tiġi mħarsa d-dinjità u l-integrità fiżika tal-vittmi, inkluż waqt is-smigħ u x-xhieda tagħhom biex jiġu ddeterminati l-ammont u l-limitu ta' protezzjoni meħtieġa għal dawn il-persuni waqt il-proċedimenti kriminali;

39. Jenfasizza l-importanza tal-obbligu li l-vittmi jinżammu infurmati dwar il-progress tal-proċedimenti kriminali miġjuba kontra l-atturi tar-reati kontrihom, b'mod partikolari meta jkunu ngħataw sentenzi ta' priġunerijajew meta dawn ikunu qed jiġu skontati;

Perspettiva istituzzjonali

40. Jistieden lill-Kummissjoni tissodisfa l-obbligi ta' rapportar tagħha kif stabbilit fid-Direttiva;

41. Jenfasizza l-importanza ta' data komparabbli diżaggregata rilevanti dwar ir-reati kollha, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-vjolenza fuq in-nisa u t-traffikar tal-bnedmin, sabiex jiġi żgurat fehim aħjar tal-problema, u biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni u tiġi vvalutata u mtejba l-azzjoni tal-Istati Membri għall-appoġġ tal-vittmi;

42. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni kontra n-nuqqasijiet ġudizzjarji u prattiċi fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva permezz ta' interazzjoni xierqa tad-diversi strumenti tal-UE għall-protezzjoni tal-vittmi, bħad-Direttiva 2011/99/UE dwar l-ordni Ewropea ta' protezzjoni, id-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, id-Direttiva 2011/93/UE dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u d-Direttiva 2014/42/UE dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali; jistieden lill-Istati Membri u lill-UE jirratifikaw u jinfurzaw b'mod sħiħ il-Konvenzjoni ta' Istanbul tal-Kunsill tal-Ewropa ([15]), biex jipprevjenu u jiġġieldu kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet u jimplimentaw dawn l-istrumenti importanti b'mod koerenti sabiex jiżguraw li l-vittmi fl-Ewropa jgawdu bis-sħiħ id-drittijiet tagħhom;

43. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi eżamijiet settorjali fil-monitoraġġ u r-rapportar tagħha, u tiżgura applikazzjoni uniformi tad-Direttiva biex il-vittmi kollha jiġu protetti irrispettivament mir-raġunijiet tal-vittimizzazzjoni jew karatteristiċi speċifiċi, bħar-razza, il-kulur, ir-reliġjon, is-sess, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, il-karatteristiċi tas-sess, id-diżabilità, l-istatus ta' migrazzjoni jew kwalunkwe status ieħor;

([15]) Ara r-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-12 ta' Settembru 2017 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni ta' Istanbul.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

44. Ifakkar li l-membri tal-familja tal-vittmi huma inklużi fid-definizzjoni ta' "vittma", u jistieden lill-Istati Membri jinterpretaw it-terminu "membri tal-familja" – u termini ewlenin oħra, bħal "partikolarment vulnerabbli" – b'mod wiesa', sabiex ma jirrestrinġux il-lista ta' detenturi tad-drittijiet potenzjali bla bżonn;

45. Jistieden lill-Istati Membri jdaħħlu fis-seħħ miżuri li jiżguraw li l-komunikazzjonijiet bil-miktub u orali jikkonformaw ma' standards tal-lingwa sempliċi, u huma adattati għall-minorenni u l-persuni b'diżabilità, b'lingwa li l-vittma tista' tifhem, sabiex il-vittmi jkunu jistgħu jinżammu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom b'mod komprensibbli, adegwat u mmirat qabel, matul u wara l-proċedimenti kriminali;

46. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li fejn l-eżerċizzju tad-drittijiet ikun limitat minn perjodi ta' preskrizzjoni, għandu jitqies id-dewmien li jirriżulta minn diffikultajiet ta' traduzzjoni u interpretazzjoni;

47. Sforz il-fatt li huwa forma komuni ta' vjolenza sessista li jeħtieġ miżuri ta' prevenzjoni speċifiċi, jistieden lis-seba' Stati Membri li għadhom m'għamlux dan biex jilleġiżlaw ħalli jagħmlu l-istalking reat kriminali, kif mitlub mill-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni ta' Istanbul, fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet rilevanti fid-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi dwar id-dritt għall-protezzjoni tal-privatezza, id-dritt għall-protezzjoni u, b'mod partikolari, id-dritt li jiġi evitat kuntatt mal-awtur tar-reat jew, fejn ikun il-każ, ma' awturi jew kompliċi potenzjali oħra tar-reat;

48. Jitlob lill-Istati biex jipprevjenu vittimizzazzjoni ulterjuri permezz ta' umiljazzjonijiet u attakki kontra l-unur tal-vittma minnaħa tas-setturi soċjali relatati mal-attakkant; ifakkar li dawn l-espressjonijiet jikkostitwixxu vittimizzazzjoni oħra u mhumiex protetti mil-libertà ta' espressjoni skont l-Artikolu 10(2) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ([16]);

49. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li tkun qed titħaddem linja telefonika ta' informazzjoni ta' emerġenza wara l-attakk jew preferibbilment, li jinkludu dan is-servizz fil-lista ta' servizzi tan-numru ta' emerġenza Ewropew 112, u li jsiru dispożizzjonijiet biex jipprovdu assistenza f'lingwa barranija; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri kollha biex immedjatament jimplimentaw l-Artikolu 22 tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi fil-leġiżlazzjoni tagħhom;

50. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li, f'każ li vittma ta' terroriżmu ma tirrisjedix fl-Istat Membru fejn l-att seħħ, dan l-Istat Membru għandu jikkoopera mal-Istat Membru ta' residenza sabiex jiffaċilita l-assistenza għall-vittma;

51. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu linja telefonika nazzjonali, miftuħa 24/7 u bla ħlas, għan-nisa u persuni LGBTQI li jkunu vittmi ta' vjolenza sessista;

52. Jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu l-assistenza lill-vittmi mis-servizzi tal-appoġġ għall-vittmi qabel, matul u wara l-proċedimenti kriminali, inkluż appoġġ psikoloġiku; jissottolinja r-rwol importanti tas-soċjetà ċivili fl-appoġġ tal-vittmi; iqis, madankollu, li l-gvernijiet m'għandhomx joqogħdu biss fuq l-NGOs biex jipprovdu s-servizzi ta' appoġġ ewlenin lill-vittmi ("il-volontarjat"); jinsisti li l-Istati Membri jiżguraw li jiżdiedu l-fondi u r-riżorsi għal NGOs li jaħdmu fil-qasam tad-drittijiet tan-nisa u d-drittijiet tal-vittma u jridu jibnu l-kapaċità biex jiġu żviluppati mekkaniżmi ta' appoġġ għall-vittmi, li jinvolvu l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, is-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali u s-soċjetà ċivili;

53. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu appoġġ speċjalizzat għall-vittmi tat-terroriżmu fl-ippjanar tar-rispons għal emerġenza biex tkun żgurata l-provvista ta' servizzi ta' appoġġ xierqa, kemm immedjatament wara attakk kif ukoll fuq terminu twil;

54. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu miżuri speċifiċi biex jiżguraw il-provvista ta' informazzjoni lil vittmi mhux residenti fit-territorju ta' Stat Membru fejn ikun seħħ l-attakk terroristiku; jemmen li dawn il-miżuri għandhom, b'mod partikolari, jiffokaw fuq id-drittijiet ta' vittmi mhux residenti fi proċedimenti kriminali u fuq kumpens;

55. Jistieden lill-Istati Membri kollha jiġġieldu l-impunità dejjem u jiżguraw li l-awturi tar-reat jitressqu quddiem il-ġustizzja, sabiex il-vittmi jkunu jistgħu jħosshom protetti; jistieden lill-Istati Membri kollha, barra minn hekk, jaħdmu b'mod transsettorjali biex jidentifikaw u jindirizzaw fatturi sistemiċi li jikkontribwixxu għall-vittimizzazzjoni ripetuta ta' persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u/jew li jiffaċċjaw livelli għoljin ta' diskriminazzjoni, għaliex jekk ma jsirx dan jista' jkollha impatt serju fuq il-proċess ta' rkupru psikoloġiku tal-vittma;

([16]) Sentenza tal-Awla tas-16 ta' Lulju 2009, *Féret vs il-Belġju*, C-573.

56. Jistieden lill-Istati Membri jwaqqfu mekkaniżmi legali li jikkriminalizzaw il-glorifikazzjoni ta' att speċifiku ta' terroriżmu fil-każ li dan jumilja lill-vittmi u jikkawża vittimizzazzjoni sekondarja billi jagħmel ħsara lid-dinjità u l-irkupru tal-vittmi;

57. Jikkunsidra li l-vittmi tat-terroriżmu għandu jkollhom post ċentrali fis-soċjetà Ewropea, bħala simbolu tad-difiża tal-pluraliżmu demokratiku; jistieden, f'dan ir-rigward, li jitħejjew kungressi, imfakar, materjal awdjoviżiv biex tinħoloq sensibilizzazzjoni fost iċ-ċittadini Ewropej u reġistru tal-vittmi Ewropej għal użu amministrattiv;

58. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw protezzjoni aktar b'saħħitha għall-vittmi ta' vjolenza sessista, inkluża l-vjolenza sesswali, bħala mezz ta' titjib tal-aċċess għall-ġustizzja u l-effiċjenza tal-proċedimenti kriminali;

59. Ifakkar in-natura speċifika tal-vittmi ta' attakki terroristiċi, li jaqgħu f'kategorija separata u għandhom ħtiġijiet speċifiċi; jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tabbozza direttiva speċifika dwar il-protezzjoni tal-vittmi tat-terroriżmu;

60. Jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu s-servizzi ta' appoġġ, bħal appoġġ għat-trawma u konsulenza, u aċċess għall-kura tas-saħħa meħtieġa, inkluża s-saħħa sesswali u riproduttiva, bħala parti mill-appoġġ immirat għall-vittmi bi ħtiġijiet speċifiċi, bħat-tfal, il-vittmi nisa ta' vjolenza sessista, il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, il-persuni LGBTI, u l-persuni b'diżabilità;

61. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi ta' kontroll tal-kwalità adegwati biex jivvalutaw jekk laħqux ir-rekwiżiti għall-istandards sensittivi għall-ġeneru u li jqisu l-interessi tan-nisa u t-tfal fir-rigward tad-dispożizzjonijiet magħmula mis-servizzi ta' appoġġ għall-vittmi biex jinkoraġġixxu r-rapportar tar-reati u biex il-vittma tiġi protetta b'mod effikaċi;

62. Jistieden lill-Istati Membri jgħinu lill-vittmi jittrattaw il-kwistjonijiet legali, finanzjarji u prattiċi kif ukoll ir-riskju ta' aktar vittimizzazzjoni;

63. Jistieden lill-Kummissjoni tenfasizza l-użu potenzjali tal-proġett iffinanzjat mill-UE "Infovictims", bħala għodda biex tinforma u tikkomunika mal-vittmi dwar proċessi kriminali permezz ta' metodi ta' komunikazzjoni differenti, bħal fuljetti u kartelluni; iqis li dan il-proġett isaħħaħ il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki biex jiġu infurmati l-vittmi tal-kriminalità;

64. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi kkoordinati għall-ġbir tal-informazzjoni dwar il-vittmi ta' attakki terroristiċi li jseħħu fit-territorju tagħhom, u, permezz tal-ħolqien u l-iżvilupp ta' one-stop shop, jipprovdu lill-vittmi b'portal tal-internet u linja telefonika ta' emerġenza jew b'mezzi oħra ta' komunikazzjoni, bħall-email jew għodda ta' messaġġi multimedjali, li jagħtu aċċess għal informazzjoni sikura, personalizzata, speċifika u rilevanti skont il-ħtiġijiet tal-utent, b'servizz ta' appoġġ kunfidenzjali, bla ħlas u faċilment aċċessibbli; jenfasizza li dan is-servizz ta' appoġġ irid ikun kapaċi jipprovdi assistenza u appoġġ lill-vittmi tat-terroriżmu f'konformità mal-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, bħal appoġġ emozzjonali u psikoloġiku, u pariri u informazzjoni dwar kwalunkwe kwistjoni legali, prattika jew finanzjarja, irid ikun kapaċi jassisti lill-vittmi li qed jikkomunikaw ma' diversi dipartimenti amministrattivi u, jekk meħtieġ, jirrappreżentahom f'dan ir-rigward immedjatament wara l-attakk u waqt kwalunkwe proċediment kriminali, kif ukoll assistenza għal proċeduri nazzjonali għal talba ta' kumpens;

65. Jistieden lill-Istati Membri jadottaw miżuri xierqa biex kemm jista' jkun jipprevjenu, attakki fuq il-ħajja privata tal-vittmi u l-membri tal-familja tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward ta' attivitajiet investigattivi u matul il-proċeduri legali;

66. Jistieden lill-Kummissjoni tibdel il-portal tal-Ġustizzja elettronika attwali fi pjattaforma aktar faċli għall-utent li tipprovdi lill-vittmi b'informazzjoni konċiża u faċli li tinftiehem dwar id-drittijiet tagħhom u l-proċeduri li huma jeħtieġ isegwu;

67. Jistieden lill-Istati Membri, fir-rispett sħiħ tal-libertà tal-espressjoni, jinvolvu ruħhom mal-midja u l-ġurnalisti biex jadottaw miżuri ta' awtoregolazzjoni wara attakk terroristiku sabiex jiggarantixxu l-protezzjoni tal-ħajja privata tal-vittmi u l-membri tal-familja tagħhom u, barra minn hekk jirrikonoxxu l-valur tal-kooperazzjoni ma' servizzi speċjalizzati għal assistenza u appoġġ tal-vittmi biex jgħinu lill-vittmi jittrattaw l-attenzjoni tal-midja li jirċievu;

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

68. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi ta' koordinazzjoni biex jiżguraw it-tranżizzjoni effikaċi tal-appoġġ għall-vittmi minn kura sensittiva għall-ġeneru immedjata wara r-reat, għall-assistenza li huma jeħtieġu fuq medda itwal ta' żmien; jinnota li l-awtoritajiet lokali u reġjonali li jipprovdu l-maġġoranza tas-servizzi ta' assistenza għall-vittmi għandhom ikunu inklużi fl-istadji kollha tal-ippjanar, it-teħid tad-deċiżjonijiet u l-implimentazzjoni; jenfasizza li mekkaniżmi bħal dawn għandhom, b'mod partikolari, jiżguraw li l-vittmi jiġu riferiti servizzi fuq terminu twil, b'organizzazzjonijiet differenti jipprovdu appoġġ matul il-fażijiet diversi; iqis li dawn il-mekkaniżmi għandhom jaqdu wkoll funzjoni transfruntiera sabiex jipprovdu servizzi ta' appoġġ għall-vittmi, u jiggarantixxu d-dritt tal-vittma li tkun infurmata, megħjuna u kkumpensata fil-post tar-residenza tagħha, meta r-reat ikun seħħ fi Stat Membru għajr dak li fih tirrisjedi l-vittma;

69. Jistieden lill-Istati Membri, f'każ ta' attakk terroristiku, biex jistabbilixxu ċentru ta' koordinazzjoni li jgħaqqad flimkien organizzazzjonijiet u esperti bl-għarfien espert meħtieġ biex jipprovdu informazzjoni, appoġġ u servizzi prattiċi lill-vittmi u lill-familji u l-qraba tagħhom; jenfasizza li dawn is-servizzi għandhom ikunu kunfidenzjali, bla ħlas u aċċessibbli faċilment għall-vittmi kollha tat-terroriżmu, u għandhom jinkludu, b'mod partikolari:

(a) Appoġġ emozzjonali u psikoloġiku speċjalizzat, bħall-appoġġ tat-trawma u l-konsulenza speċifikament adatti għall-ħtiġijiet tal-vittmi tat-terroriżmu;

(b) Servizzi ta' rijabilitazzjoni vokazzjonali biex jgħinu lill-vittmi li jsofru minn korrimenti u ħsara biex isibu impjiegi ġodda jew jibdlu l-karrieri;

(c) Iffaċilitar ta' konnessjonijiet virtwali sikuri għall-vittmi ma' vittmi oħra u ma' gruppi ta' appoġġ immexxija mill-vittmi;

(d) Servizzi ta' appoġġ ibbażati fuq il-komunita;

(e) Servizzi li jinfurmaw lill-membri tal-familja dwar l-identifikazzjoni tal-vittmi u l-fdalijiet tagħhom u biex jintbagħtu lura l-fdalijiet tagħhom lejn pajjiżhom;

70. Jiddispjaċih dwar il-fatt li, meta mqabbel mal-Konvenzjoni ta' Istanbul, il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi huwa aktar limitat fir-rigward tal-protezzjoni tal-vittmi ta' vjolenza sessista (inklużi persuni affettwati mill-FGM); jilqa, madankollu, il-mekkaniżmu ta' obbligu ta' rendikont aktar b'saħħtu tad-Direttiva u jenfasizza li ż-żewġ strumenti għandhom jiġu promossi flimkien sabiex tiġi mmasimizzata l-protezzjoni offruta lill-vittmi ta' vjolenza sessista;

71. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jipprovdu materjal ta' informazzjoni adegwat u għajnuna legali bla ħlas lill-vittmi tat-terroriżmu li jkunu wkoll partijiet fi proċedimenti kriminali, biex ikunu jistgħu jiksbu deċiżjoni dwar kumpens;

72. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi l-ħolqien ta' fond Ewropew ta' għajnuna lill-vittmi ta' atti terroristiċi;

73. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu:

a) Sit web dedikat permanenti li minnu tkun tista' tiġi aċċessata l-informazzjoni pubblika kollha dwar is-servizzi ta' appoġġ stabbiliti wara li jkun seħħ attakk terroristiku f'dak l-Istat Membru, u li għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja, li għandha ssir disponibbli bħala kwistjoni ta' urġenza: id-dettalji ta' kuntatt ta' kwalunkwe organizzazzjoni responsabbli biex tipprovdi appoġġ u informazzjoni lill-vittmi, il-membri tal-familja u l-membri tal-pubbliku wara attakk terroristiku, u informazzjoni dwar l-attakk u miżuri stabbiliti bħala reazzjoni għalih, inkluża informazzjoni dwar is-sejbien jew il-kuntatt ma' vittmi nieqsa u miżuri biex jgħinu lill-vittmi jirritornaw lejn djarhom, li għandhom jinkludu:

   i. Kif terġa' tinkiseb kwalunkwe proprjetà mitlufa bħala riżultat ta' attakk;

   ii. Reazzjonijiet psikoloġiċi normali ta' vittmi ta' attakk u gwida lill-vittmi dwar modi kif tiġi mmitigata kwalunkwe reazzjoni negattiva, u informazzjoni dwar korrimenti mhux viżibbli possibbli, bħal pereżempju t-telf tas-smigħ;

   iii. Informazzjoni dwar kif jiġu ssostitwiti dokumenti ta' identifikazzjoni;

   iv. Informazzjoni dwar kif tikseb assistenza finanzjarja, kumpens jew benefiċċji tal-gvern;

   v. Informazzjoni dwar id-drittijiet speċifiċi tal-vittmi tat-terroriżmu u l-membri tal-familja, inklużi d-drittijiet fi proċedimenti kriminali kif preskritt fid-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi;

   vi. Kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa meħtieġa sabiex tiżgura li l-vittmi jkunu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom, is-sikurezza tagħhom, jew is-servizzi disponibbli għalihom;

b) Sit web b'aċċess privat, disponibbli għall-vittmi ta' attakki terroristiċi u l-membri tal-familja tagħhom, li jipprovdi informazzjoni lill-vittmi li mhix pubblikament disponibbli;

c) Ippjanar dwar kif il-membri tal-familja jiġu infurmati dwar is-sitwazzjonijiet tal-vittmi;

d) Il-ġbir uniformi tal-informazzjoni dwar il-vittmi mill-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet kollha responsabbli għall-akkoljenza, it-trattament u l-assistenza tal-vittmi; l-informazzjoni għandha tinġabar b'mod konformi mal-ħtiġijiet tal-organizzazzjonijiet kollha involuti fir-rispons għal attakk terroristiku u b'appoġġ għall-vittmi u l-familji tagħhom;

74. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu netwerk nazzjonali ta' servizzi ta' appoġġ għall-vittmi biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn dawn l-organizzazzjonijiet u għall-varar ta' gruppi ta' ħidma biex jiġu kkondiviżi l-aħjar prattiki, jiġi żviluppat it-taħriġ u tittejjeb il-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet u l-vittmi tal-kriminalità;

75. Jistieden lill-Kummissjoni tidħol fi djalogu mal-Istati Membri sabiex jonqsu d-diskrepanzi kbar ([17]) fil-kumpens finanzjarju nazzjonali mogħti minn kull Stat Membru lill-vittmi ta' attakki terroristiċi;

76. Jenfasizza li huwa essenzjali li l-Istati Membri jirreaġixxu mal-vittmi tal-kriminalità b'mod rispettuż, sensittiv u professjonali sabiex jinkoraġġixxu lill-vittmi tal-kriminalità jirrapportaw lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew lill-persunal mediku;

77. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-hotline ta' emerġenza 112 ikun għalkollox aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità u li jiġu varati kampanji biex titqajjem sensibilizzazzjoni dwaru;

78. Itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta, malajr kemm jista' jkun, strateġija Ewropea għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull vjolenza sessista, inkluż att legali biex jappoġġja lill-Istati Membri fil-prevenzjoni u t-trażżin tal-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet u ta' vjolenza sessista; itenni l-appell tiegħu lill-Kunsill jattiva l-klawżola "passerelle" billi jadotta deċiżjoni unanima li tidentifika l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet kif ukoll forom oħrajn ta' vjolenza sessista bħala reat kriminali skont l-Artikolu 83(1) tat-TFUE;

79. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi għall-irkupru ta' ħlasijiet ta' kumpens adegwati mingħand l-awturi tar-reat;

80. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw b'mod effiċjenti, b'riżorsi ekonomiċi u finanzjarji biżżejjed u b'kooperazzjoni sħiħa mal-Kummissjoni u atturi rilevanti oħra, inkluża s-soċjetà ċivili, id-dispożizzjonijiet kollha tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi;

81. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi l-prijorità tas-salvagwardja tas-sigurtà personali u l-protezzjoni tal-individwi kollha mill-vjolenza sessista u interpersonali fl-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà;

o

o o

82. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

([17]) Il-kumpens finanzjarju nazzjonali jvarja minn euro simboliku f'ċerti Stati Membri għal EUR 250 000 u aktar f'oħrajn.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0230

Rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Politika Kummerċjali Komuni

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Mejju 2018 dwar ir-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Politika Kummerċjali Komuni (2017/2070(INI))

(2020/C 76/13)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Kummerċ għal Kulħadd: Lejn politika aktar responsabbli għall-kummerċ u l-investiment",

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2016 dwar strateġija futura ġdida progressiva u innovattiva dwar il-kummerċ u l-investiment ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-13 ta' Settembru 2017 dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-politika kummerċjali "Kummerċ għal Kulħadd" (COM(2017)0491),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2017 dwar 'L-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016' (COM(2017)0654),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fil-25 ta' Settembru 2015, bit-titolu "Transforming our world: the 2030 Agenda for Sustainable Development" ("Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda tal-2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli"),

— wara li kkunsidra d-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni mill-President tal-Kummissjoni, Jean-Claude Juncker, tat-13 ta' Settembru 2017,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2017 dwar in-negozjati multilaterali fid-dawl tal-11-il Konferenza Ministerjali tad-WTO fi Buenos Aires, fl-10-13 ta' Diċembru 2017 ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2016 dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-2010 tal-Parlament dwar l-istandards soċjali u ambjentali, id-drittijiet tal-bniedem u r-responsabbiltà korporattiva ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Frar 2016 li fiha r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament Ewropew lill-Kummissjoni dwar in-negozjati dwar il-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (TiSA) ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2017 dwar l-impatt tal-kummerċ internazzjonali u l-politiki kummerċjali tal-UE fuq il-katini ta' valur mondjali ([5]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari tal-15 ta' Novembru 2017 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2017 bit-titolu "Lejn Att dwar is-Suq Uniku Diġitali" ([7]),

([1]) ĠU C 101, 16.3.2018, p. 30.
([2]) Testi Adottati, P8_TA(2017)0439.
([3]) ĠU C 101, 16.3.2018, p. 19.
([4]) ĠU C 35, 31.1.2018, p. 21.
([5]) Testi Adottati, P8_TA(2017)0330.
([6]) Testi adottati, P8_TA(2017)0437.
([7]) Testi Adottati, P8_TA(2017)0488.

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari tas-16 ta' Marzu 2017 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-obbligi tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista ta' importaturi tal-Unjoni tal-landa, it-tantalju u t-tungstenu, il-minerali tagħhom, u d-deheb li joriġina f'żoni affettwati minn kunflitti u ta' riskju għoli ([8]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari tal-4 ta' Ottubru 2016 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2016/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra ([9]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali fil-ftehimiet ta' kummerċ internazzjonali ([10]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 dwar il-politika tal-kummerċ internazzjonali fil-kuntest tal-imperattivi marbuta mat-tibdil fil-klima ([11]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Mejju 2006 bit-titolu "Promozzjoni tax-xogħol deċenti għal kulħadd: Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-aġenda tax-xogħol deċenti għal kulħadd" (COM(2006)0249, SEC(2006)0643),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2017 dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea ([12]),

— wara li kkunsidra l-Opinjoni 2/15 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠ-UE) tas-16 ta' Mejju 2017 dwar il-kompetenza tal-Unjoni biex tiffirma u tikkonkludi l-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles ma' Singapore,

— wara li kkunsidra l-istudju tal-Kummissjoni tal-15 ta' Novembru 2016 dwar l-effetti kumulattivi ta' ftehimiet kummerċjali futuri dwar l-agrikoltura tal-UE,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-14 ta' Lulju 2015 bit-titolu "L-Implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem – Is-Sitwazzjoni Attwali" (SWD(2015)0144),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (ECHR) u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha li jipprojbixxi l-iskjavitù u s-servitù,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 207, 208 u 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A8-0166/2018),

A. billi l-Politika Kummerċjali Komuni hija magħmula minn ftehimiet kummerċjali u miżuri leġiżlattivi biex jissalvagwardjaw l-interessi kummerċjali offensivi u difensivi tal-Unjoni, jikkontribwixxu għat-tkabbir sostenibbli u l-holqien tal-impjiegi deċenti, jiżguraw ir-rispett tar-regoli u l-istandards Ewropej, jissalvagwardjaw id-dritt tal-istati biex jirregolaw u taċ-ċittadini għall-benessri, u jippromwovu l-valuri tal-Unjoni; u billi l-konformità ma' dawn l-għanijiet teħtieġ orjentazzjoni tajba tal-politika kummerċjali tal-Unjoni u implimentazzjoni u monitoraġġ effiċjenti u sħaħ tagħha b'mod aktar ġust u trasparenti;

([8]) Testi Adottati, P8_TA(2017)0090.
([9]) Testi adottati, P8_TA(2016)0369.
([10]) ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 31.
([11]) ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 94.
([12]) Testi Adottati, P8_TA(2017)0225.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

B. billi l-Unjoni impenjat ruħha li tiggarantixxi koerenza tal-politika għall-iżvilupp skont il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp tal-2017 tagħha, li jfittex li jiżgura żvilupp sostenibbli u jaċċellera t-trasformazzjoni billi jagħmel enfasi fuq l-elementi trażversali tal-politika tal-iżvilupp bħall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, iż-żgħażagħ, l-investiment u l-kummerċ, l-enerġija sostenibbli u l-azzjoni klimatika, il-governanza tajba, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, il-migrazzjoni u l-mobilità, sabiex tikkontribwixxi mat-totalità tal-politiki esterni tagħha, inkluż il-Politika Kummerċjali Komuni, għall-għanijiet definiti fl-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli;

C. billi l-Unjoni hija impenjata li tippromwovi xogħol deċenti għal kulħadd, kif stabbilit fl-Eżitu tas-Summit Dinji tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2005 u fid-Dikjarazzjoni Ministerjali tat-Taqsima ta' Livell Għoli tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2006, inkluż permezz tar-relazzjonijiet kummerċjali tagħha; billi l-Kunsill Ewropew issottolinja b'mod ripetut l-importanza li tissaħħaħ id-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni u li titqies f'diversi linji politiċi interni u esterni u fil-kooperazzjoni internazzjonali;

D. billi l-Unjoni hija l-akbar forza kummerċjali fid-dinja u l-akbar suq uniku fid-dinja, u billi hija l-akbar esportatur fid-dinja ta' oġġetti u servizzi, b'tali mod li ssostni 31 miljun impjieg fl-Ewropa, 67 % aktar mill-ammont ta' nofs id-disgħinijiet;

E. billi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) hija l-unika organizzazzjoni internazzjonali fid-dinja kollha li tittratta r-regoli globali tal-kummerċ bejn pajjiżi jew żoni ekonomiċi differenti;

F. billi l-fażi ta' implimentazzjoni u ta' infurzar hija kruċjali u fundamentali sabiex tiggarantixxi l-effikaċja tal-politika kummerċjali tal-Unjoni;

G. billi ċ-ċittadini tal-Unjoni qegħdin dejjem jeżiġu li l-politika kummerċjali tal-Unjoni tiżgura li l-oġġetti li jidħlu fis-suq tal-UE jkunu ġew prodotti skont kundizzjonijiet deċenti u sostenibbli;

H. billi l-kumpaniji Ewropej jużaw it-tnaqqis fid-dazji doganali disponibbli fil-kuntest tal-ftehimiet kummerċjali għal madwar 70 % tal-esportazzjonijiet tagħhom li jistgħu jibbenefikaw minnhom, filwaqt li s-sħab tagħna jużawhom f'madwar 90 % tal-każijiet u billi huwa fundamentali li l-kumpaniji Ewropej jużaw bis-sħiħ dawn il-benefiċċji biex l-impjiegi, it-tkabbir u l-investiment jingħataw spinta;

I. billi l-SMEs huma l-mutur tal-ekonomija Ewropea fejn jirrappreżentaw 30 % tal-esportazzjonijiet tal-Unjoni u 90 % tal-impjiegi fl-UE, u billi huwa fundamentali li dawn ikunu parti integrali mill-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali tal-Unjoni, b'tali mod li jsaħħu r-rwol tagħha fl-esportazzjoni, l-innovazzjoni u l-internalizzazzjoni;

J. billi l-Unjoni hija l-akbar esportatur dinji ta' servizzi u li s-surplus kummerċjali tal-Unjoni f'dan is-settur żdied b'għaxar darbiet mill-2000 u laħaq aktar minn EUR 120 biljun fl-2016;

K. billi għandhom jingħataw tweġibiet ċari u preċiżi għall-kwistjonijiet li qamu fil-kuntest tad-dibattitu pubbliku dwar il-Politika Kummerċjali Komuni u l-implimentazzjoni tagħha;

L. billi l-Politika Kummerċjali Komuni, kif issuġġerita mill-istrateġija Kummerċ għal Kulħadd, hija politika bbażata fuq il-valur maħsuba biex tippromwovi, fost affarijiet oħra, it-trasparenza, il-governanza tajba, l-iżvilupp sostenibbli u prattiki ta' kummerċ ġust;

M. billi l-politika kummerċjali tal-Unjoni trid tkun konsistenti mal-politiki oħra tagħha esterni u interni u f'konformità mal-prinċipju ta' koerenza politika għall-iżvilupp biex tiżgura trasparenza, stabbiltà u kundizzjonijiet aktar ġusti għall-kompetizzjoni, bil-kunsiderazzjoni, fost affarijiet oħra, tal-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv;

Il-kuntest attwali tal-politika kummerċjali

1. Ifakkar li l-kuntest internazzjonali għadda minn tibdil profond wara l-pubblikazzjoni tal-istrateġija "Kummerċ għal Kulħadd", u li issa jridu jiġu indirizzati sfidi ġodda u kompiti konkreti dwar il-kummerċ; huwa mħasseb dwar il-fatt li qed jara lok ta' xi prattiki protezzjonisti li huma inkompatibbli mar-regoli tad-WTO madwar id-dinja u jtenni l-appoġġ tiegħu għal sistema kummerċjali bbażata fuq ir-regoli li hija miftuħa, ġusta, ibbilanċjata, sostenibbli u bbażata fuq ir-regoli;

2. Jieħu nota tal-importanza ekonomika dejjem tikber tal-Asja kif ukoll tal-fatt li b'mod gradwali, l-Istati Uniti tal-Amerka qed jitbiegħdu mir-relazzjonijiet kummerċjali u l-inċertezza li tirriżulta għall-kummerċ internazzjonali, kif ukoll kritiki domestiċi tal-politika kummerċjali internazzjonali u d-domanda għal kummerċ ġust; jistieden lill-Kummissjoni tadatta l-politika kummerċjali tagħha biex tindirizza dawn l-iżviluppi u tkun aktar responsiva u responsabbli, filwaqt li fl-istess ħin tistabbilixxi strateġija fuq terminu twil, b'kunsiderazzjoni ta' dawn il-bidliet fil-kuntest internazzjonali; jissottolinja li, f'dan il-kuntest globali li qed jinbidel, ir-rwol tal-UE fil-promozzjoni ta' aġenda kummerċjali bbażata fuq il-valur huwa dejjem aktar importanti għaċ-ċittadini Ewropej;

3. Jenfasizza l-importanza dejjem akbar tas-servizzi, speċjalment is-servizzi diġitali, inkluż is-servitizzazzjoni tal-kummerċ fl-oġġetti (Modalità 5), tal-fluss tad-data u tal-kummerċ elettroniku fil-kummerċ internazzjonali; jenfasizza l-bżonn li jissaħħu r-regoli internazzjonali rilevanti sabiex jiġu żgurati benefiċċji konkreti għall-konsumaturi, aċċess aħjar għas-swieq barranin għall-kumpaniji Ewropej u r-rispett tad-drittijiet fundamentali madwar id-dinja kollha, inkluża l-protezzjoni tad-data u l-privatezza; jirrimarka li l-protezzjoni tad-data personali mhijiex negozjabbli fi ftehimiet kummerċjali, jemmen li d-drittijiet diġitali taċ-ċittadini għandhom jiġu avvanzati permezz ta' ftehimiet kummerċjali u jfakkar il-pożizzjoni tiegħu dwar il-protezzjoni tad-data u l-kummerċ diġitali kif espressa fir-riżoluzzjoni tiegħu "Lejn strateġija għall-kummerċ diġitali"; jissottolinja li l-politika kummerċjali tal-UE jista' jkollha rwol sinifikanti sabiex jitnaqqas id-distakk diġitali; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tavvanza l-aġenda kummerċjali diġitali fin-negozjati attwali u futuri tal-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles (FTA) u fid-WTO; jitlob li l-kapitoli dwar il-kummerċ diġitali jiġu inklużi fil-ftehimiet kummerċjali futuri kollha, inklużi dawk li bħalissa qed jiġu nnegozjati u jfakkar l-importanza li jiġu evitati rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni tad-data mhux ġustifikati; jitlob lill-Kummissjoni tippromwovi strateġija għall-kummerċ diġitali li tqis l-opportunitajiet li toffri lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju billi tiffaċilita l-aċċess għas-swieq globali;

4. Jenfasizza li l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni se jkollu konsegwenzi fuq il-kummerċ intern u estern; jistieden lill-Kummissjoni biex tantiċipa l-impatt tal-Brexit fuq il-politika kummerċjali tal-Unjoni u biex tiżgura l-kontinwità fl-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali tal-UE u r-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi u wkoll modi kif issib soluzzjoni rigward l-impenji komuni fid-WTO;

5. Jieħu nota tal-Opinjoni 2/15 tal-QtĠ-UE tas-16 ta' Mejju 2017 dwar l-FTA UE-Singapore li jistipula li minbarra l-kwistjoni tal-investimenti ta' portafoll u r-riżoluzzjoni tat-tilwim bejn investituri u Stati, il-FTA ma' Singapore jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jiċċaraw malajr kemm jista' jkun id-deċiżjoni tagħhom dwar l-istruttura tal-FTA fil-futur u biex jirrispettaw bis-sħiħ din id-distribuzzjoni tal-kompetenzi bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha għall-adozzjoni ta' direttivi ta' negozjati, il-bażi legali tal-proposti li għandhom jiġu ffirmati u konklużi, u b'mod partikolari l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Kunsill ta' ftehimiet kummerċjali internazzjonali, sabiex ma jkunx hemm aktar dewmien ta' kwalunkwe negozjati kummerċjali mas-sħab kummerċjali maqbula iżda mhux ratifikati; ifakkar li l-Parlament irid ikun involut u infurmat bis-sħiħ mill-bidu tal-negozjati kummerċjali kollha, qabel l-adozzjoni ta' linji gwida tan-negozjati, fil-ħin, fl-istadji kollha tal-għoti tal-mandat, u tan-negozjati u fl-implimentazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali; jitlob li l-arranġamenti meħtieġa jsiru permezz ta' ftehim interistituzzjonali, fil-kuntest ta' ftehim dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet;

6. Jinnota li, minkejja l-irtirar tal-Istati Uniti min-negozjati, il-11-il pajjiż li jifdal irnexxielhom jilħqu qbil dwar Ftehim ta' Sħubija Trans-Paċifika fit-23 ta' Jannar 2018 f'Tokyo;

L-istat attwali tal-programm ta' negozjati kummerċjali tal-Unjoni

7. Jiddeplora l-fatt li l-ebda ftehim ma ntlaħaq matul il-laqgħa Ministerjali tad-WTO fi Buenos Aires; jenfasizza l-importanza politika u ekonomika ewlenija tas-sistema multilaterali u jtenni l-appoġġ tiegħu għas-sistema; jistieden lill-Unjoni biex tmexxi 'l quddiem b'mod attiv il-proposti għal regoli aġġornati u multilaterali, filwaqt li tqis l-isfidi ġodda li ħerġin minn katini tal-valur mondjali, u biex tippromwovi r-rwol ċentrali tad-WTO fis-sistema globali tal-kummerċ; jilqa' d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Faċilitazzjoni tal-Kummerċ; jilqa' possibbiltà estensjoni sal-2033 tad-deroga tad-WTO għall-prodotti farmaċewtiċi għall-pajjiżi l-anqas żviluppati; jiddispjaċih li ċerti ftehimiet multilaterali mhumiex rispettati u jappella lill-Kummissjoni biex taħdem aktar fi ħdan id-WTO dwar l-implimentazzjoni effikaċi tar-regoli u l-ftehimiet multilaterali; ifakkar fit-talba preċedenti tiegħu lill-Kummissjoni biex timpenja ruħha fit-tfassil tal-aġenda tad-WTO, b'mod partikolari fir-rigward tar-Responsabbiltà Soċjali tal-Kumpaniji u l-Kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli; itenni t-tħassib tiegħu dwar l-ostakli tal-Istati Uniti ta' ħatriet ġodda fil-korp tal-appell tad-WTO u jenfasizza l-importanza ta' sistema li tiffunzjona tajjeb għas-soluzzjoni ta' tilwim fid-WTO; jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb il-kooperazzjoni mas-sħab ewlenin tagħna f'li tindirizza kompetizzjoni mhux ġusta u prattiki protezzjonisti minn pajjiżi terzi;

8. Jinnota l-fatt li n-negozjati plurilaterali tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (TiSA) u tal-Ftehim dwar il-Beni Ambjentali ġew imblukkati; jappella lill-Unjoni tieħu l-inizjattiva biex terġa' tmexxi ż-żewġ proċessi tan-negozjati mill-ġdid, u fil-każ tan-negozjati TiSA, f'konformità mal-pożizzjoni tal-Parlament dwar it-TiSA;

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

9. Jenfasizza li diversi FTA, eż. il-ftehimiet ta' kummerċ mal-Kanada u l-Ekwador, id-dispożizzjonijiet tad-DCFTA fil-ftehim ta' assoċjazzjoni UE-Ukrajna u d-diversi Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (FSE) mal-pajjiżi Afrikani, daħlu fis-seħħ bis-sħiħ jew proviżorjament u li l-ftehimiet kummerċjali ma' Singapore, il-Vjetnam u l-Ġappun ġew konklużi minn mindu ġiet ippubblikata l-istrateġija Kummerċ għal Kulħadd; jenfasizza l-bżonn li jingħata biżżejjed appoġġ politiku u amministrattiv biex jiġi żgurat li n-negozjati kummerċjali jkunu jistgħu jiġu maqbula u ratifikati fi ħdan skedi ta' żmien xierqa; jappoġġja l-proċess attwali ta' modernizzazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali maċ-Ċilì u l-Messiku; ifakkar fit-talba tiegħu biex jinbdew negozjati mal-Awstralja u New Zealand, b'kunsiderazzjoni tal-pożizzjonijiet tiegħu;

10. Jenfasizza li relazzjonijiet kummerċjali u ta' investimenti ta' benefiċċju reċiproku mas-sħab strateġiċi tal-UE għandhom jiġu promossi u msaħħa aktar; jappella għal sforzi mġedda biex jitmexxew 'il quddiem in-negozjati dwar il-Ftehim Komprensiv dwar l-Investiment maċ-Ċina, b'mod partikolari rigward ir-reċiproċità fit-trattament tal-aċċess għas-suq u l-progress dwar l-iżvilupp sostenibbli;

11. Jenfasizza l-fatt li l-ftehimiet konklużi u n-negozjati bilaterali kurrenti u futuri tal-Unjoni jirrappreżentaw opportunitajiet għal tkabbir permezz ta' aċċess għas-swieq u ta' tneħħija tal-ostakli kummerċjali; jitlob lill-Kummissjoni biex kontinwament timpenja ruħha mal-partijiet ikkonċernati biex tivvaluta l-prijoritajiet fin-negozjati li għaddejjin; ifakkar li trid tingħata prijorità lis-sustanza tan-negozjati minflok lill-pass tagħhom, li n-negozjati jridu jsiru fi spirtu ta' reċiproċità u benefiċċju reċiproku, li r-regoli tal-UE u l-istandards iridu jiġu assigurati, bi prevenzjoni ta' theddid tal-mudell soċjali tal-UE u l-ambjent, u li s-servizzi pubbliċi, inklużi s-servizzi ta' interess ġenerali u s-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, f'konformità mal-Artikoli 14 u 106 tat-TFUE u l-Protokoll Nru 26, kif ukoll is-servizzi awdjoviżivi, iridu jiġu esklużi; jenfasizza li l-Kummissjoni trid tiżgura fin-negozjati kummerċjali kollha li l-UE u l-awtoritajiet nazzjonali u lokali jżommu d-dritt sħiħ li jintroduċu, jadottaw, iżommu jew jirrevokaw kwalunkwe miżura fir-rigward tal-ikkummissjonar, l-organizzazzjoni, il-finanzjament u l-provvista ta' servizzi pubbliċi kif kien il-każ bi ftehimiet kummerċjali preċedenti;

12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrieżaminaw u, jekk meħtieġ, jaġġornaw il-mandati ta' negozjar għan-negozjati kummerċjali għaddejja kull ħames snin sabiex jirriflettu l-isfidi u l-kuntesti li potenzjalment jinbidlu, u li jinkludu klawżoli ta' rieżami fi ftehimiet kummerċjali biex jiżguraw li huma implimentati kemm jista' jkun b'mod effikaċi u li huma adattabbli sabiex jirriflettu u jadattaw għall-kuntesti attwali, dment li l-iskrutinju u t-trasparenza parlamentari huma ggarantiti;

13. Ifakkar li l-Kummissjoni ħabbret diversi drabi t-tnedija ta' negozjati dwar l-investiment ma' Hong Kong u t-Tajwan u jistieden lill-Kummissjoni tispiċċa l-ħidma preparatorja sabiex tibda uffiċjalment in-negozjati dwar il-ftehimiet ta' investiment kemm jista' jkun malajr;

14. Jenfasizza l-importanza ta' investiment intern u barrani għall-ekonomija Ewropea, kif ukoll il-ħtieġa li tiġi żgurata protezzjoni għall-investituri Ewropej barra minn pajjiżhom; jistieden lill-Kummissjoni tkompli x-xogħol tagħha dwar is-sistema multilaterali l-ġdida ta' Qorti tal-Investiment li, fost affarijiet oħra, trid tiffoka fuq it-trasparenza u fuq il-garanzija tad-dritt għal regolamentazzjoni tal-Istati, u tipprovdi mekkaniżmu ta' appell, regoli stretti dwar il-kunflitt ta' interess u kodiċi ta' kondotta; iqis li din is-sistema ġdida għandha tindirizza l-obbligi tal-investituri, tevita l-litigazzjoni frivola, iżżomm d-dritt li tirregola fl-interess pubbliku u tevita l-iffriżar regolatorju, tiggarantixxi ugwaljanza ġuridika fost l-investituri (b'attenzjoni partikolari għall-mikrointrapriżi u l-SMEs), l-indipendenza, it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont; jesplora l-possibbiltà ta' inklużjoni ta' dispożizzjonijiet proċedurali dwar, inter alia, kontrotalbiet fejn l-investimenti soġġetti għal talba saru bi ksur tal-liġijiet applikabbli, u jiġu evitati talbiet paralleli f'toroq differenti għall-ġustizzja, b'ħekk tiġi ċċarata r-relazzjoni tagħha mal-qrati domestiċi;

15. Jistieden lill-Istati Membri biex fl-aħħar jiżblukkaw il-proċedura rigward il-Konvenzjoni ta' Mauritius dwar it-Trasparenza f'Arbitraġġ ibbażat fuq Trattat bejn l-Investituri u l-Istat issa li ċċarat kwistjonijiet dwar kompetenza, u lill-Kummissjoni biex tirdoppja l-isforzi tagħha f'dan ir-rigward; jitlob ukoll li r-rieżami tar-regolament tal-anterjorità għal trattati bilaterali internazzjonali miżmuma mill-Istati Membri jitressqu 'l quddiem mill-2020;

16. Jistenna impenn imsaħħaħ tal-UE u l-Istati Membri tagħha f'deliberazzjonijiet fi ħdan in-NU rigward Trattat Vinkolanti dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem;

17. Jinnota bi tħassib li r-riforma tar-regoli ta' oriġini mħabbra fl-istrateġija ta' Kummerċ għal Kulħadd għadha mhix implimentata; jenfasizza l-kumplessità tar-regoli ta' oriġini u jtenni t-talba tiegħu għal regoli ta' oriġini aġġornati, applikabbli faċilment u aktar ċari; jenfasizza l-impenn li sar waqt l-10 Konferenza Ministerjali tal-Euromed biex tiġi ffinalizzata r-reviżjoni tal-Konvenzjoni Pan-Euromed sal-aħħar tal-2018; itenni mill-ġdid it-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tipprepara rapport li jagħti ħarsa lejn is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tar-regoli ta' oriġini, b'kunsiderazzjoni tal-effetti kumulattivi tar-regoli ta' oriġini permezz tal-FTAs bilaterali;

18. Ifakkar li trid tingħata attenzjoni speċjali lill-prodotti agrikoli kif ukoll lill-interessi tal-produtturi u l-konsumaturi Ewropej fl-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali tal-Unjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-impatt kumulattiv tal-FTAs fis-settur; jissottolinja l-fatt li l-ftehimiet kummerċjali jistgħu joffru opportunitajiet ekonomiċi għas-settur agroalimentari, b'mod partikolari fil-kuntest tal-ftehim konkluż mal-Ġappun; jinnota li l-Unjoni hija l-akbar esportatur tal-prodotti agroalimentari fid-dinja; jisħaq fuq l-importanza li jintlaħaq bilanċ ġust bejn il-ħarsien tal-prodotti agrikoli sensittivi u l-promozzjoni tal-interessi offensivi tal-Unjoni f'termini ta' esportazzjonijiet agroalimentari, billi jitqiesu, inter alia, il-perjodi ta' tranżizzjoni u l-kwoti xierqa, kif ukoll f'ċerti każijiet, l-esklużjoni possibbli tal-prodotti l-aktar sensittivi; jenfasizza li huwa fundamentali li jiġi żgurat livell għoli ta' standards sanitarji u fitosanitarji f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni tal-UE filwaqt li tkompli l-ġlieda kontra kwalunkwe trattament diskriminatorju f'dan il-qasam;

Il-prinċipju ta' reċiproċità bħala pilastru tal-politika kummerċjali tal-Unjoni u l-iżgurar tal-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusti u xierqa

19. Jemmen ħafna li waħda mill-miri ewlenin tal-politika kummerċjali tal-Unjoni għandha tkun li tiġi promossa kompetizzjoni ġusta u tiżgura kundizzjonijiet ekwi; jilqa' r-referenzi għall-prinċipju ta' reċiproċità fir-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija kummerċjali tal-Unjoni; itenni li r-reċiproċità trid tkun pilastru tal-politika kummerċjali tal-Unjoni filwaqt li titqies il-ħtieġa għal asimetriji ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw meta jkunu rilevanti u dispożizzjonijiet għal trattament preferenzjali lill-pajjiżi l-inqas żviluppati; jinnota l-proposta emendata tal-Kummissjoni għal regolament dwar l-aċċess ta' prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi għas-suq intern tal-Unjoni tal-akkwist pubbliku, li tista' tkun għodda importanti biex jiġu żgurati kundizzjonijiet indaqs fl-aċċess għas-swieq ta' pajjiżi terzi; huwa tal-fehma li l-inizjattiva dwar l-iskrinjar ta' investiment barrani dirett lejn l-Unjoni Ewropea għandu l-għan li jipproteġi s-sigurtà u l-ordni pubblika tal-Unjoni u tal-Istati Membri u tista' twassal għal aktar reċiproċità fil-qasam tal-aċċess għas-swieq filwaqt li jiġi żgurat ftuħ kontinwu għall-investiment dirett barrani;

20. Jenfasizza li l-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali trid tikkontribwixxi biex tiżgura kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusti u ekwi għall-kumpaniji; jilqa' l-adozzjoni tal-metodoloġija l-ġdida dwar l-antidumping f'każ ta' distorsjoni fi Stat terz; jieħu nota tal-ftehim interistituzzjonali li ntlaħaq dwar il-modernizzazzjoni tal-istrumenti għad-difiża kummerċjali; jenfasizza l-possibbiltà l-ġdida li huma joffru, b'mod partikolari fir-rigward tal-impożizzjoni ta' dazji 'l fuq mill-marġni tal-ħsara; jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata l-implimentazzjoni t-tajba ta' dawn l-istrumenti l-ġodda billi jintervjenu u jikkoreġu immedjatament kwalunkwe funzjonament ħażin jew abbuż, proporzjonali u f'konformità sħiħa mal-liġi tad-WTO u l-obbligi legali oħra tal-Unjoni; jilqa' l-pożizzjoni proattiva tal-Kummissjoni fl-iskjerament tal-istrumenti tad-difiża kummerċjali fl-2016, u riżoluzzjoni u reattività simili meta dawn l-istrumenti jintużaw b'mod mhux dovut kontra l-esportazzjonijiet tal-UE minn xi whud mis-sħab kummerċjali tagħna;

21. Jiddispjaċih li fir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Politika Kummerċjali ma tissemma kważi xejn il-ħidma ta' koordinazzjoni li trid issir mad-dwana; jiġbed l-attenzjoni li l-politika kummerċjali trid taħdem biex tiġġieled il-kummerċ illegali sabiex tiġi żgurata l-kompetittività tan-negozji tagħna u sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza tal-konsumaturi; jiġbed l-attenzjoni wkoll għar-rwol importanti tal-politika tal-kompetizzjoni f'dan ir-rigward u l-ħtieġa għal negozjati bilaterali u multilaterali għal dan il-għan;

L-użu ta' strumenti effikaċi trażversali għall-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali għall-benefiċċju ta' kulħadd

22. Jitlob li l-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali ssir parti integrali tal-istrateġija kummerċjali tal-Unjoni;

23. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża immedjatament l-istrumenti għad-dispożizzjoni tagħha fil-każ ta' funzjonament ħażin, ostaklu jew nuqqas ta' konformità ta' impenn minn sieħeb, b'mod partikolari bl-użu tal-proċedura ta' riżoluzzjoni tat-tilwim kif ukoll il-proċessi eżistenti u ad hoc maħsuba għal dispożizzjonijiet kummerċjali u tal-iżvilupp sostenibbli fl-FTAs tal-Unjoni;

24. Jistieden lill-Kummissjoni tqis ir-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli bħalissa, bil-għan li ttejjeb il-preparazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali għall-adozzjoni mill-koleġiżlaturi tagħna u l-mod kif il-politika ta' kummerċ hi implimentata, u jitlob li servizz speċjali ta' monitoraġġ u evalwazzjoni kontinwi tal-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali jiġu stabbiliti fi ħdan il-Kummissjoni, b'rapportar ukoll lill-Parlament;

25. Iħeġġeġ minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu aktar, b'mod partikolari permezz ta' strumenti diġitali, biex ineħħu kull ostaklu u piżijiet bla bżonn, biex jissimplifikaw il-proċeduri tekniċi kif ukoll biex jgħinu lill-kumpaniji fl-azzjonijiet tagħhom biex jibbenefikaw minn ftehimiet u strumenti kummerċjali;

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

26. Jenfasizza l-ħidma kruċjali tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni, flimkien mal-ambaxxati tal-Istati Membri u s-sħab soċjali, li tippermetti azzjoni rapida u diretta biex tiżgura li d-dispożizzjonijiet kummerċjali jiġu implimentati kif xieraq u jkunu identifikati malajr u indirizzati b'mod effikaċi l-problemi u l-ostakli li jinqalgħu; jemmen li d-delegazzjonijiet tal-Unjoni jistgħu jibbenefikaw minn sistema integrata bbażata fuq sett uniku ta' regoli u gwida sabiex tiġi żgurata aktar koerenza; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tinvolvi delegazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi terzi b'mod aktar mill-qrib fit-traspożizzjoni tal-ftehimiet eżistenti u ġodda ta' kummerċ ħieles, b'attenzjoni partikolari għax-xena lokali tan-negozji ġodda; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u lis-SEAE ikomplu l-ħidma tagħhom fuq id-diplomazija ekonomika, bl-involviment ta', fost l-oħrajn, il-kmamar tal-kummerċ Ewropej;

27. Jitlob lill-Kummissjoni twettaq studju dwar l-effetti kumulattivi tal-ftehimiet kummerċjali, settur b'settur u pajjiż b'pajjiż, sabiex tikkontribwixxi fil-valutazzjoni tal-politika kummerċjali tagħna u tantiċipa u tadatta l-effetti tagħhom;

28. Jisħaq li ċerti setturi jistgħu jiltaqgħu ma' diffikultajiet ekonomiċi relatati man-negozju kummerċjali; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki ta' appoġġ b'kunsiderazzjoni ta' perspettiva soċjali, sabiex jimmassimizzaw il-benefiċċji u jnaqqsu l-effetti negattivi li jistgħu jirriżultaw mil-liberalizzazzjoni tal-kummerċ; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, biex iżżid l-effikaċja tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni u tagħmlu aktar proattiv;

29. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tkompli u ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha ma' organizzazzjonijiet u fora internazzjonali bħall-G20, in-Nazzjonijiet Uniti, l-OECD, l-ILO, il-Bank Dinji, l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni, dwar l-iżvilupp ta' standards internazzjonali, l-implimentazzjoni tagħhom u l-monitoraġġ tal-kummerċ inkluż dwar aspetti soċjali u ambjentali;

Analiżi tal-ewwel Rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' FTAs

30. Jilqa' l-pubblikazzjoni tal-Kummissjoni tal-ewwel rapport dwar l-implimentazzjoni tal-FTAs; jitlob lill-Kummissjoni tkompli tippubblika rapport kull sena; jinsisti, madankollu, li l-Kummissjoni għandha tagħmel studji komprensivi aktar fil-fond dwar l-implimentazzjoni tal-FTAs tal-Unjoni, tkopri s-suġġett aktar fil-fond u tiżgura li l-istudji jinkludu analiżi ekonometrika u kwalitattiva rilevanti u xierqa u interpretazzjonijiet tad-data, rakkomandazzjonijiet konkreti, tqiegħed fil-kuntest iċ-ċifri ppubblikati u tipprovdi informazzjoni addizzjonali kwalitattiva, inklużi – għall-implimentazzjoni tar-regoli – partijiet mill-FTAs bħall-Kummerċ u Żvilupp Sostenibbli (TSD) u l-akkwisti pubbliċi; jissottolinja li dan se jagħmilha possibbli li jkun hemm valutazzjoni aħjar u komprensiva tal-impatt reali tal-ftehimiet fuq il-post bil-għan li r-rapport isir effikaċi f'li jiggwida l-istituzzjonijiet tal-UE dwar id-definizzjoni u l-kondotta tal-istrateġija kummerċjali tal-Unjoni; jemmen, f'dan ir-rigward, li għandha tiġi identifikata u użata metodoloġija komuni għal dawn l-istudji;

31. Jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta dwar id-dispożizzjonijiet tat-trattament ta' l-aktar nazzjon favorit (MFN) f'FTAs bilaterali tal-UE eżistenti u dwar l-effett prattiku tagħhom f'li jiggarantixxu aċċess addizzjonali għas-suq tal-UE f'pajjiżi terzi permezz tal-FTAs innegozjati mis-sħab tal-FTA tal-UE;

32. Jenfasizza l-fatt li fir-rapport hemm xi informazzjoni u ċifri neqsin; jistieden lill-Kummissjoni taħdem aktar mal-Istati Membri u mal-pajjiżi sħab biex jiksbu aktar data u informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-ftehimiet; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni dwar, fost affarijiet oħra, l-impatt fuq it-tkabbir u l-impjiegi tal-FTAs kollha, il-kontribut tal-FTAs fl-evoluzzjoni tal-flussi tal-kummerċ u l-impatt tal-ftehimiet kummerċjali u tal-investiment dwar il-flussi tal-investiment u l-kummerċ fis-servizzi;

33. Jinsab imħasseb dwar l-użu ħażin tal-preferenza kummerċjali fl-FTAs tal-Unjoni, b'mod partikolari għall-fatt li l-esportaturi Ewropej jużawhom inqas mill-esportaturi tal-pajjiżi sħab; jitlob lill-Kummissjoni tidentifika malajr kemm jista' jkun il-kawżi ta' dan l-iżbilanċ u tindirizzahom; jitlob lill-Kummissjoni tanalizza r-relazzjoni bejn regoli ta' oriġini kumplessi u l-adozzjoni tal-ftehimiet kummerċjali preferenzjali minn operaturi ekonomiċi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw minnufih azzjonijiet sabiex jinfurmaw aħjar lill-partijiet ikkonċernati ekonomiċi rigward il-preferenzi kummerċjali previsti mill-ftehimiet; jemmen li informazzjoni dettaljata, inklużi fil-livell mikro, hija meħtieġa sabiex tiġi vvalutata kif xieraq l-implimentazzjoni tal-FTAs tal-UE;

34. Iqis li l-Kummissjoni għandha tagħti l-attenzjoni lejn l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-FTAs bħal kif tagħti lill-fażi tan-negozjati; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza l-problemi ta' implimentazzjoni mas-sħab kummerċjali tal-UE rilevanti sabiex issib soluzzjonijiet u skambji sistematiċi mal-operaturi Ewropej;

35. Jistieden lill-Kummissjoni tiddiversifika l-approċċ tagħha fis-setturi li tanalizza u tippreżenta l-konsegwenzi tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali għas-setturi li huma meqjusa bħala sensittivi;

36. Jilqa' l-aħbar ta' introduzzjoni ta' pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni ta' kull ftehim kummerċjali u jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi l-partijiet ikkonċernati kollha fit-tfassil tiegħu; jistieden lill-Kummissjoni tidentifika objettivi li għandhom jintlaħqu kif ukoll kriterji konkreti li jippermettu valutazzjoni ċara, bħal pereżempju s-sitwazzjoni attwali tat-tneħħija tal-ostakli nontariffarji, ir-rata ta' użu tal-preferenzi u tal-kwoti, jew is-sitwazzjoni fir-rigward tal-kooperazzjoni regolatorja u l-progress f'termini ta' kummerċ u żvilupp sostenibbli; jistenna l-implimentazzjoni ta' pjanijiet direzzjonali li għandhom jiġu trażmessi lill-Parlament b'mod parallel mal-konsultazzjoni uffiċjali u jitlob li l-istat ta' progress tal-pjanijiet direzzjonali jiġi inkorporat fir-rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-FTAs;

37. Ifakkar li l-ftehimiet kummerċjali ma jistgħux jidħlu fis-seħħ qabel ir-ratifika tagħhom mill-Parlament Ewropew, inklużi l-kapitoli kummerċjali tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni; jemmen li l-prattika ta' stennija tal-kunsens tal-Parlament qabel ma jiġu applikati b'mod proviżorju ftehimiet ta' importanza politika trid tiġi rispettati b'mod orizzontali, kif impenjat mill-Kummissarju Malmström fis-seduta tagħha tad-29 ta' Settembru 2014;

Id-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Politika Kummerċjali Komuni għall-SMEs

38. Jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta s-sett kollu tal-għodda għall-SMEs sabiex tiżviluppa approċċ globali aktar integrat kif ukoll strateġija proprja ta' internazzjonalizzazzjoni u ta' assistenza għall-SMEs fil-qasam tal-esportazzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippromwovi dan l-approċċ f'fora internazzjonali; jappoġġja l-involviment f'kampanji ta' informazzjoni effiċjenti għall-SMEs fi sforz biex jiġu mtejba r-rati ta' użu ta' preferenza fl-FTAs tal-UE; jenfasizza l-importanza tal-multilingwiżmu f'li jiġu indirizzati l-SMEs mill-Istati Membri kollha; jitlob għal aktar appoġġ legali u amministrattiv li għandu jkun disponibbli għall-SMEs li għandhom l-intenzjoni li jesportaw lejn swieq barranin, mhux biss billi jaġġornaw is-siti web tagħhom iżda wkoll billi jikkunsidraw jużaw għodda ġodda bħaċ-chats tekniċi online li jistgħu jipprovdu appoġġ bażiku u aktar faċilment aċċessibbli; jitlob lid-delegazzjonijiet tal-Unjoni jikkontribwixxu fl-informazzjoni dwar l-esportazzjoni lejn is-swieq barranin rispettivi, bil-għan li jiġu mgħejjuna l-SMEs;

39. Jiddispjaċih li hemm ftit informazzjoni rigward l-SMEs fir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-FTAs; jitlob lill-Kummissjoni tiddedika parti speċifika mir-rapport tagħha għall-konsegwenzi tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali għall-SMEs u għall-użu ta' dispożizzjonijiet speċifiċi għall-SMEs;

40. Jilqa' l-introduzzjoni ta' kapitoli speċifiċi ddedikati lill-SMEs fl-FTAs li qed jiġu nnegozjati bħalissa u jitlob lill-Kummissjoni tkompli l-isforzi tagħha fin-negozjati u tinkludi kapitoli u dispożizzjonijiet speċifiċi għall-SMEs fil-ftehimiet kummerċjali li hi tinnegozja u fil-proposti leġiżlattivi tagħha sabiex ittejjeb il-kapaċità ta' intrapriżi żgħar u medji biex jinvolvu ruħhom fil-kummerċ u l-investiment; jenfasizza li l-fehim tal-komplessità tar-regoli ta' oriġini, li jiġu aġġornati u li jsiru faċilment applikabbli u aktar ċari hija kwistjoni ta' importanza kbira għall-SMEs u li dispożizzjonijiet speċifiċi għall-SMEs għandhom jiġu nnegozjati fir-rigward tal-aċċess tagħhom għas-swieq barranin tal-akkwist pubbliku; jitlob lill-Kummissjoni tagħmel ħilitha biex tipprovdi kalkolatur tar-regoli ta' oriġini magħmula apposta għall-SMEs li għandu speċifikament jippermettilhom jużaw il-preferenzi disponibbli taħt ftehimiet eżistenti bl-għan li tiżdied ir-rata ta' użu ta' preferenzi;

L-importanza tal-aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi

41. Jenfasizza li l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi hija punt offensiv tal-Unjoni fin-negozjati ta' ftehimiet; jissottolinja s-sejba tar-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-FTAs li ċerti sħab mhumiex qed jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, u jistieden lill-Kummissjoni taġixxi malajr biex dawn is-sħab ikunu konformi ma' dawn id-dispożizzjonijiet;

42. Ifakkar li s-swieq tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni huma l-aktar miftuħa fid-dinja; jinsab imħasseb dwar in-nonkonformità ta' ċerti sħab mad-dispożizzjonijiet tal-FTAs tal-UE dwar id-dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għas-suq tal-akkwist pubbliku, għad-detriment tal-kumpaniji tal-UE, u għall-aċċess limitat ħafna għas-swieq tal-akkwist pubbliku f'ċerti pajjiżi terzi; jitlob lill-Kummissjoni taħdem biex tikseb aktar aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku ta' pajjiżi terzi u tikkunsidra miżuri, f'konformità mar-regoli tal-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi (GPA), li għandhom jintużaw ma' pajjiżi terzi li jagħtu lill-kumpaniji domestiċi tagħhom aċċess prijoritarju lis-swieq tagħhom tal-akkwist pubbliku; jistieden lill-Kummissjoni tiġbor u tippubblika data fuq livell ta' kumpanija dwar l-użu tad-dispożizzjonijiet tal-akkwist pubbliku fl-FTAs sabiex jinftiehmu aħjar id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom in-negozji tal-UE;

43. Jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi aktar informazzjoni u statistika dwar kif l-aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku żviluppa fuq bosta snin, kif ukoll tagħti informazzjoni konkreta dwar il-benefiċċji li rriżultaw mill-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi;

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

L-implimentazzjoni effikaċi tal-politika kummerċjali tikkontribwixxi għall-promozzjoni u l-ħarsien tal-valuri tal-Unjoni

44. Ifakkar li l-Politika Kummerċjali Komuni trid tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-valuri difiżi mill-UE, kif definiti fl-Artikolu 2 tat-TUE, kif ukoll għall-ksib tal-objettivi elenkati fl-Artikolu 21 bħad-demokrazija, l-istat tad-dritt, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, l-ugwaljanza, ir-rispett tad-dinjità umana kif ukoll il-ħarsien tal-ambjent u d-drittijiet soċjali; jemmen li l-kisba ta' dawn l-objettivi teħtieġ azzjonijiet riżoluti u sostnuti mill-Kummissjoni; jissottolinja li l-Aġenda 2030 tan-NU u l-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima jipprovdu valuri referenzjarji primarji li magħhom jitkejjel il-kontribut tal-politika kummerċjali tal-UE għall-miri globali maqbula tal-iżvilupp sostenibbli;

45. Jitlob lill-Kummissjoni timmonitorja b'mod sistematiku s-Sistema ta' Preferenzi Ġeneralizzati (SPĠ), b'mod partikolari l-SPĠ+, u tkompli l-pubblikazzjoni tar-rapporti biennali; jistieden lill-Kummissjoni tintensifika l-ħidma tagħha mal-pajjiżi benefiċjarji, mas-SEAE, mad-delegazzjonijiet tal-Unjoni, mal-missjonijiet diplomatiċi tal-Istati Membri, mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, mal-kumpaniji, mas-sħab soċjali u mas-soċjetà ċivili sabiex tiżgura ġbir aħjar tal-informazzjoni u tapprofondixxi l-analiżi ta' monitoraġġ biex tasal għal valutazzjoni ċara tal-implimentazzjoni tal-aspetti kollha tas-sistema; jenfasizza li l-effikaċja tal-SPĠ tiddependi fuq il-kapaċità tal-Kummissjoni li timmonitorja u timplimenta d-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni f'każijiet ta' nuqqas ta' implimentazzjoni tal-konvenzjonijiet internazzjonali tax-xogħol u ambjentali;

46. Ifakkar li l-ftehimiet ta' ġenerazzjoni ġdida jinkludu klawżoli dwar id-drittijiet tal-bniedem u kapitoli dwar l-iżvilupp sostenibbli, li l-implementazzjoni sħiħa tagħhom għandha l-għan li tiżgura u tippromwovi r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, tal-valuri tal-Unjoni u tal-istandards soċjali u ambjentali ta' livell għoli; jinnota l-evalwazzjoni tal-kapitoli dwar l-iżvilupp sostenibbli inklużi fir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tal-FTAs u jitlob li jkun hemm implementazzjoni fil-ħin tad-dispożizzjonijiet eżistenti tat-TSD; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa metodoloġija preċiża u speċifika fil-monitoraġġ u fl-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' dawn il-kapitoli, minħabba l-fatt li tali evalwazzjoni ma tistax issir abbażi ta' data kwantitattiva biss; ifakkar li hemm diffikultajiet fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-TSD f'ċerti każijiet, pereżempju fil-każ tal-FTA UE-Korea, u għalhekk itenni l-appell tiegħu biex jissaħħu l-infurzar u l-monitoraġġ tal-kapitoli tat-TSD, permezz ta' involviment akbar tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż is-sħab soċjali, fil-ftehimiet kummerċjali kollha; jiddispjaċih li l-Kummissjoni kkonkludiet b'mod prematur id-dibattitu dwar kif se ssaħħaħ l-infurzar tal-kapitolu dwar l-iżvilupp sostenibbli tal-ftehimiet kummerċjali, inkluż il-kunsiderazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq is-sanzjonijiet fost għażliet oħra;

47. Ifakkar, f'dan il-kuntest, ir-rwol importanti ta' Gruppi Konsultattivi Domestiċi; (DAGs) jenfasizza l-valur miżjud potenzjali ta' relazzjoni aktar strutturata u trasparenti mal-(DAGs) fis-sħab kummerċjali, filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol fundamentali tagħhom f'fehim aħjar tal-imperattivi lokali u l-ambizzjonijiet lokali; iqis li d-DAGs huma essenzjali fil-kontribut lill-proċessi meħtieġa għal monitoraġġ u implimentazzjoni aħjar tal-kapitoli tat-TSD;

48. Jilqa' r-rieżami tal-Istrateġija tal-Għajnuna għall-Kummerċ u jappoġġja l-objettiv li jissaħħu l-kapaċitajiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw aktar mill-opportunitajiet offruti mill-ftehimiet kummerċjali tal-Unjoni; jenfasizza wkoll li l-istrateġija trid tikkontribwixxi biex tippromwovi kummerċ ġust u etiku u għandha ssir għodda ewlenija fil-ġlieda kontra l-inugwaljanza globali u tappoġġja l-iżvilupp ekonomiku fil-pajjiżi sħab tal-UE; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex, fost l-oħrajn, iżżomm aċċess għas-suq Ewropew għall-esportazzjonijiet tagħhom u għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima;

49. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet ambizzjużi dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-ftehimiet kummerċjali futuri kollha fi ħdan il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni; jilqa' l-inklużjoni tad-dispożizzjonijiet kontra l-korruzzjoni fin-negozjati li għaddejin bħalissa dwar l-aġġornar tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni UE-Messiku u UE-Ċilì; ifakkar li l-FTAs joffru opportunità tajba biex tiżdied il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa;

50. Jilqa' l-fatt li fir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija kummerċjali ġiet ikkunsidrata l-kwistjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jenfasizza l-għan li jiġi żgurat li n-nisa jibbenefikaw mill-kummerċ bl-istess mod bħall-irġiel, inkluż permezz tal-Għajnuna mill-istrateġija kummerċjali; jenfasizza li dan jirrikjedi approċċ proattiv mill-Kummissjoni, promozzjoni tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġenerifil-politika kummerċjali tal-UE, u jitlob lill-Kummissjoni tinkludi dan l-aspett fir-rapporti annwali ta' implimentazzjoni tagħha futuri;

51. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tiżgura li n-negozjati kummerċjali għall-immodernizzar tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni attwali UE-Ċilì jkun jinkludi, għall-ewwel darba fl-UE, kapitolu speċifiku dwar il-ġeneru u l-kummerċ; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jippromwovu u jappoġġjaw l-inklużjoni ta' kapitolu speċifiku dwar il-ġeneru fil-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment tal-UE;

52. Jilqa' l-adozzjoni tar-Regolament kontra t-Tortura u jisħaq fuq l-importanza li tiġi żgurata l-implimentazzjoni tajba tiegħu u li s-sħab kummerċjali tagħna jikkonformaw miegħu; jappoġġja t-tnedija tal-alleanza kontra t-tortura fuq livell internazzjonali;

53. Jilqa' l-adozzjoni tar-Regolament dwar il-Minerali ta' Kunflitt ((UE) 2017/821) li għandu l-għan li jikkontribwixxi għal ġestjoni aktar responsabbli tal-katina tal-valur mondjali; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati biex ikomplu x-xogħol preparatorju fid-dawl tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-miżuri ta' akkumpanjament huma mfassla b'mod effiċjenti u li l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati nazzjonali involuti jingħataw l-għarfien u l-assistenza meħtieġa, b'enfasi speċjali fuq l-akkumpanjament tal-SMEs biex isaħħu l-kapaċità tagħhom li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta tagħhom, kif stipulat mir-regolament;

54. Jirrikonoxxi l-proliferazzjoni tal-ktajjen tal-provvista globali integrati fix-xejriet kummerċjali internazzjonali; itenni l-appell tiegħu biex jinstabu modi kif jiġu żviluppati l-istrateġiji u r-regoli dwar l-obbligu ta' rendikont u t-trasparenza tal-katina tal-valur mondjali, u jenfasizza li l-Politika Kummerċjali Komuni trid tkun implimentata b'tali mod li tiżgura li l-katina tal-valur mondjali hija ġestita b'mod responsabbli; jitlob lill-Kummissjoni biex tippromwovi u ssaħħaħ ir-responsabbiltà soċjali korporattiva bħala parti mill-politika kummerċjali tagħha, inklużi azzjonijiet ulterjuri lejn l-iżvilupp ta' regoli u prattiki speċifiċi, b'kunsiderazzjoni tal-Linji Gwida tal-OECD għall-Impriżi Multinazzjonali, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effikaċi tas-CSR; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tinkludi s-CSR fil-ftehimiet kummerċjali kollha u biex timmonitorja b'mod effikaċi dawn id-dispożizzjonijiet, fi ħdan il-monitoraġġ indipendenti mtejjeb tal-kapitolu TSD mitlub mill-Parlament, li jinvolvi s-soċjetà ċivili; itenni l-appoġġ tiegħu għal inizjattivi internazzjonali bħal pereżempju l-Patt dwar is-Sostenibbiltà tal-Bangladesh, u jistieden lill-Kummissjoni tiffoka fuq l-implimentazzjoni tiegħu;

55. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-atturi internazzjonali kollha jaderixxu mal-linji gwida l-ġodda tal-OECD dwar id-diliġenza dovuta għal ktajjen tal-provvista responsabbli fis-settur tal-ħwejjeġ u tax-xedd tas-saqajn;

56. Ifakkar li l-politika kummerċjali u ta' żvilupp tal-UE trid tikkontribwixxi globalment għall-iżvilupp sostenibbli, għall-integrazzjoni reġjonali u għall-inkorporazzjoni tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-ktajjen tal-valur reġjonali u, fl-aħħar mill-aħħar, globali permezz tad-diversifikazzjoni ekonomika, fatt li jeħtieġ regoli kummerċjali globali ġusti u favorevoli għall-iżvilupp; jistieden lill-Kummissjoni tkompli ssostni l-iżvilupp ta' żona kontinentali ta' kummerċ ħieles fl-Afrika, bis-saħħa ta' assistenza politika u teknika;

57. Ifakkar li l-UE hija impenjata biex teqred l-aġħar forom ta' tħaddim tat-tfal fil-livell globali, peress li dan joħroġ mill-valuri tagħna, kif minquxa fl-Artikolu 21 tat-TUE; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni tressaq proposta biex tipprojbixxi l-importazzjoni ta' merkanzija prodotta bl-użu tat-tħaddim tat-tfal jew għal kwalunkwe forma ta' xogħol furzat jew skjavitù moderna; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza li l-pajjiżi li għadhom ma għamlux dan li jirratifikaw il-Konvenzjonijiet tal-ILO Nru 182 dwar l-aġħar forom tat-tħaddim tat-tfal u Nru 138 dwar l-età minima għall-ammissjoni għall-impjieg u x-xogħol;

58. Josserva l-progress li sar fil-konklużjoni u fl-implimentazzjoni tal-FSE; iqis li hemm bżonn analiżi fil-fond tal-impatt tagħhom fuq l-ekonomiji Afrikani u s-sottosetturi tagħhom, is-swieq tax-xogħol rispettivi u l-promozzjoni tal-kummerċ interreġjonali fl-Afrika; jistieden lill-Kummissjoni tintensifika d-djalogu fi spirtu ta' sħubija ġenwina bil-għan li jiġu indirizzati l-kwistjonijiet pendenti; ifakkar li l-FSE huma ftehimiet asimetriċi li għandhom jagħtu importanza ndaqs lill-aspetti marbuta mal-iżvilupp u mal-kummerċ; jitlob f'dan ir-rigward l-implimentazzjoni fil-pront tal-miżuri ta' akkumpanjament, inkluż l-iżborż tar-riżorsi tal-FEŻ;

59. Jilqa' pożittivament, barra minn hekk, l-implimentazzjoni tal-FSE Cariforum; josserva li hemm bżonn sensibilizzazzjoni akbar biex ikun żgurat li l-pajjiżi CARICOM ikunu jistgħu jisfruttaw l-opportunitajiet offruti mill-Ftehim; jilqa' b'sodisfazzjon il-ħolqien tal-Kumitat Konsultattiv Konġunt, iżda jħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-istituzzjonijiet futuri tas-soċjetà ċivili jkunu kkonvokati fil-ħin;

60. Itenni l-appell tiegħu lill-UE biex taħdem favur soluzzjonijiet adegwati u effiċjenti għall-introduzzjoni ta' sistema ta' tikkettar soċjalment u ambjentalment traċċabbli tul il-katina ta' produzzjoni kollha, f'konformità mal-Ftehim TBT tad-WTO, filwaqt li tiġi promossa azzjoni simili fuq livell internazzjonali;

It-trasparenza u l-aċċess għall-informazzjoni għandhom jimxu id f'id mal-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali tal-Unjoni

61. Jieħu nota tal-ħidma tal-Kummissjoni dwar it-trasparenza u jistieden lill-Kummissjoni biex tmexxi negozjati bl-iktar mod trasparenti possibbli, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ l-aħjar prattiki kif stabbilit f'negozjati oħra; jemmen li l-kisba tat-trasparenza trid tkun parti mill-objettivi ewlenin tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippubblikaw id-dokumenti dwar innegozjati u l-implimentazzjoni tal-ftehimiet filwaqt li ma jdgħajfux il-pożizzjoni ta' negozjati tal-Unjoni;

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

62. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw strateġija proprja ta' komunikazzjoni għall-politika kummerċjali kif ukoll għal kull ftehim kummerċjali sabiex tiġi massimizzata t-trażmissjoni tal-informazzjoni u biex tiġi adattata għall-partijiet ikkonċernati kollha biex b'ħekk ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-ftehimiet; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw kampanji ta' sensibilizzazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati ekonomiċi dwar il-ftehimiet konklużi billi jinżamm djalogu regolari mal-federazzjonijiet professjonali, mal-kumpaniji u mas-soċjetà ċivili;

63. Jilqa' l-pubblikazzjoni mill-Kunsill tal-mandati ta' negozjar għas-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP), is-CETA, it-TiSA, il-ftehimiet mal-Ġappun, it-Tuneżija u ċ-Ċilì, u l-Konvenzjoni MIC, kif ukoll il-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni tal-proposti tagħha tal-mandati ta' negozjar għall-ftehimiet mal-Awstralja u man-New Zealand kif ukoll għall-ħolqien ta' MIC f'konformità mad-domanda li l-Parlament ilu jagħmel dwar it-trasparenza; jitlob lill-Kunsill u lill-Istati Membri jippubblikaw il-mandati kollha ta' negozjati u jistieden lill-Kummissjoni tippubblika l-proposti kollha ta' mandat għall-ftuħ ta' negozjati futuri; jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jinkludu r-rakkomandazzjonijiet mill-Parlament waqt l-abbozzar u l-adozzjoni tal-mandati ta' negozjar;

64. Itenni t-talba tiegħu li l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, il-parlamenti nazzjonali, l-operaturi ekonomiċi u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u s-sħab soċjali għandhom ikunu involuti aktar mill-qrib fil-monitoraġġ tal-politika kummerċjali, inklużi, iżda mhux limitati għalihom, id-dispożizzjonijiet tat-TSD; jistieden lill-Kummissjoni toħroġ pjan ta' azzjoni u deskrizzjoni ta' "Sħubija Msaħħa" għall-implimentazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali;

65. Jitlob lill-Kummissjoni ttejjeb il-kwalità tal-valutazzjonijiet tal-impatt li saru għal kull ftehim kummerċjali u tinkludi fihom analiżi settorjali u ġeografika; jenfasizza li komunikazzjoni aħjar u aktar fil-ħin dwar l-informazzjoni li tinsab fl-istudji tal-impatt ex ante u ex post tal-ftehimiet kummerċjali hija essenzjali;

66. Jilqa' l-aħbar tat-twaqqif tal-grupp konsultattiv għall-monitoraġġ tal-politika kummerċjali; jenfasizza l-importanza li dan il-korp il-ġdid jidħol fis-seħħ malajr, b'mod miftuħ u inklużiv; jitlob li b'mod regolari, il-Kummissjoni tippubblika d-dokumenti tal-laqgħat u l-ħidma ta' dan il-grupp konsultattiv; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tiddefinixxi l-proċessi biex tiżgura li tingħata tweġiba xierqa dwar kwistjonijiet mqajma mill-grupp konsultattiv;

o

o o

67. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-parlamenti nazzjonali, kif ukoll lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0231

Is-sitwazzjoni ta' persuni b'ċittadinanza doppja UE-Iran mitfugħa l-ħabs

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Mejju 2018 dwar is-sitwazzjoni ta' persuni b'ċittadinanza doppja UE-Iran mitfugħa l-ħabs (2018/2717(RSP))

(2020/C 76/14)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Iran, b'mod partikolari dawk tal-25 ta' Ottubru 2016 dwar strateġija tal-UE dwar l-Iran wara l-ftehim nukleari ([1]), tat-3 ta' April 2014 dwar l-istrateġija tal-UE rigward l-Iran ([2]), tas-17 ta' Novembru 2011 dwar l-Iran – każijiet reċenti ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem ([3]) u tal-10 ta' Marzu 2011 dwar l-approċċ tal-UE rigward l-Iran ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Rapporti Annwali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar il-Piena tal-Mewt, dwar it-Tortura, dwar il-Libertà ta' Espressjoni u dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Qafas Strateġiku u l-Pjan ta' Azzjoni l-ġodda tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, li għandhom l-għan li jqiegħdu l-protezzjoni u s-sorveljanza tad-drittijiet tal-bniedem fil-qalba tal-politiki kollha tal-UE,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/568 tat-12 ta' April 2018 ([5]), li testendi l-miżuri restrittivi marbuta ma' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran għal sena, sat-13 ta' April 2019,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta magħmula f'Tehran fis-16 ta' April 2016 mill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ), Federica Mogherini, u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran, Javad Zarif, li fiha ġie deċiż li jingħata bidu għal djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem u li jiġu organizzati żjarat ta' skambju bejn l-UE u l-Iran dwar kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem,

— wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem u r-rapporti tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli u tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Repubblika Iżlamika tal-Iran, tat-23 ta' Marzu 2018,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966, li l-Iran hu firmatarju tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi hemm bosta ċittadini b'ċittadinanza doppja UE-Iranjana miżmuma f'ħabsijiet Iranjani, inkluż is-Sur Ahmadreza Djalali, riċerkatur Żvediż-Iranjan li ġie akkużat bi spjunaġġ u kkundannat għall-mewt wara proċess inġust, mingħajr aċċess għal avukat jew għall-kura medika neċessarja, u li attwalment jinsab taħt it-theddida imminenti ta' eżekuzzjoni u f'qagħda ta' saħħa deterjorata ferm;

([1]) Testi adottati, P8_TA(2016)0402.
([2]) ĠU C 408, 30.11.2017, p. 39.
([3]) ĠU C 153E, 31.5.2013, p. 157.
([4]) ĠU C 199E, 7.7.2012, p. 163.
([5]) ĠU L 95, 13.4.2018, p. 14.

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

B. billi s-Sur Kamran Ghaderi, ċittadin Awstrijak-Iranjan, ivvjaġġa fuq xogħol lejn l-Iran fejn ġie arrestat u kkundannat għal għaxar snin ħabs wara li l-prosekuzzjoni użat konfessjoni furzata; billi bħalissa tinsab detenuta fl-Iran ukoll is-Sa Nazanin Zaghari-Ratcliffe, ċittadina Brittanika-Iranjana li kienet taħdem għal organizzazzjoni ta' karità u li ġiet dijanjostikata b'dipressjoni avvanzata; billi s-Sur Abbas Edalat, akkademiku ta' ċittadinanza Brittanika-Iranjana, ġie arrestat f'April 2018 u s'issa għadhom ma ġewx ikkomunikati l-akkużi kontrih;

C. billi l-prattika kontinwa ta' arresti ta' persuni b'ċittadinanza doppja UE-Iranjana hija segwita minn tendenza ta' reklużjoni u interrogazzjonijiet fit-tul, nuqqas ta' proċess dovut, ċaħda ta' aċċess konsulari jew żjarat min-NU jew organizzazzjonijiet umanitarji, proċessi li jsiru b'segretezza fejn id-detenut jingħata aċċess limitat għal avukat, sentenzi ta' priġunerija twal ibbażati fuq akkużi vagi jew akkużi mhux speċifikati b'rabta mas-"sigurtà nazzjonali" u mal-"ispjunaġġ", u kampanji ta' malafama sponsorjati mill-istat kontra l-individwi mitfugħa l-ħabs;

D. billi l-Iran, bħala stat parti għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR), għandu jirrispetta l-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, kif ukoll il-libertà ta' espressjoni, ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda paċifika, f'konformità mal-obbligi tiegħu;

E. billi l-Iran qed ikompli jitfa' l-ħabs lil attivisti tas-soċjetà ċivili, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, attivisti ambjentali u attivisti politiċi, u dan l-aħħar żied l-arresti ta' tali persuni; billi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti u l-attivisti politiċi qed jiġu attivament soġġetti għal proċedura kriminali għall-azzjonijiet paċifiċi tagħhom;

F. billi persuni b'ċittadinanza doppja miżmuma fl-Iran mhux dejjem ingħataw aċċess għal avukat u proċess ġust; billi, fil-prattika, l-Iran jittratta lil persuni b'ċittadinanza doppja bħala Iranjani biss, u dan jillimita l-aċċess tal-ambaxxati barranin għaċ-ċittadini tagħhom miżmuma fil-pajjiż, u l-aċċess tad-detenuti għal protezzjoni konsulari;

G. billi diversi priġunieri politiċi u individwi akkużati b'reati kontra s-sigurtà nazzjonali batew minn nuqqas ta' aċċess adegwat għal kura medika matul id-detenzjoni, b'konsegwenzi serji;

1. Jikkundanna l-prattika kontinwa ta' detenzjoni ta' persuni b'ċittadinanza doppja UE-Iranjana min-naħa tal-awtoritajiet Iranjani wara proċessi inġusti; jitlob li tali persuni jinħelsu minnufih u mingħajr kundizzjonijiet, jew li jgħaddu mill-ġdid minn proċess f'konformità mal-istandards internazzjonali, u li l-uffiċjali responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tagħhom jinżammu responsabbli;

2. Jesprimi tħassib kbir dwar l-arresti ta' persuni b'ċittadinanza doppja UE-Iranjana mad-dħul tagħhom fl-Iran, mingħajr evidenza *prima facie* li jkunu wettqu reat; jisħaq fuq il-punt li dawn l-arresti jxekklu l-possibilitajiet ta' kuntatti interpersonali;

3. Jiddeplora l-fatt li persuni b'ċittadinanza doppja UE-Iranjana huma detenuti fil-ħabsijiet tal-Iran f'kundizzjonijiet ħżiena, u li spiss jiġu mġiegħla jagħmlu konfessjonijiet wara li jkunu ġew torturati u trattati b'mod inuman;

4. Jistieden lill-awtoritajiet Iranjani jiggarantixxu lis-Sur Djalali aċċess sħiħ għall-avukat tiegħu u għal kull trattament mediku f'każ li jitlob dan; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Iranjani jħassru l-piena tal-mewt li ngħatatlu u jeħilsuh minnufih, kif mitlub mill-komunità internazzjonali;

5. Jistieden lill-awtoritajiet Iranjani jiżguraw li Kamran Ghaderi jingħata proċess ieħor, bil-għan li jiġi ggarantit li d-dritt tiegħu għal proċess ġust jiġi rrispettat, jeħilsu minnufih lil Nazanin Zaghari-Ratcliffe, li diġà hija eliġibbli għal rilaxx bikri, u b'mod urġenti jikkomunikaw l-akkużi kontra Abbas Edalat;

6. Jistieden lill-awtoritajiet Iranjani jirrispettaw id-dritt fundamentali tal-imputati għal aċċess għal avukat tal-għażla tagħhom u d-dritt għal proċess ġust, fid-dawl tal-obbligi internazzjonali tal-Iran kif stipulat fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem;

7. Jikkundanna, wara rapporti kredibbli, l-atti ta' tortura u trattament krudili ieħor mwettqa, b'mod partikolari waqt l-interrogazzjonijiet, u jitlob lill-awtoritajiet Iranjani jirrispettaw id-dinjità tal-bniedem tal-priġunieri; jikkundanna l-kundizzjonijiet krudili u inumani ta' detenzjoni u jistieden lill-Iran jiżgura li l-priġunieri kollha jirċievu kura medika adegwati;

8. Jistieden lill-ġudikatura tirrispetta l-prinċipji ta' proċess ġust u proċess dovut u tagħti lill-persuni suspettati aċċess għal avukat, żjarat konsulari u żjarat min-NU u mill-organizzazzjonijiet umanitarji, kif ukoll aċċess sħiħ għall-kura medika u s-servizzi tal-kura tassaħħa f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Iran; jistieden lill-Iran biex jieħu l-passi neċessarji bil-għan li ssir reviżjoni tal-liġi, b'tali mod li jiġu żgurati proċessi ġusti u aċċess għas-servizzi ta' avukat tul il-fażijiet investigattivi, u biex iwaqqaf il-prattika talkonfessjonijiet furzati li jsiru bħala riżultat ta' tortura;

9. Jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Kummissjoni jistabbilixxu task force interna bħala appoġġ għaċ-ċittadini tal-UE li jkunu qed jiffaċċjaw il-piena tal-mewt jew proċessi manifestament inġusti f'pajjiżi terzi, sabiex jissaħħaħ l-appoġġ disponibbli mis-servizzi konsulari jew diplomatiċi nazzjonali tagħhom;

10. Jistieden lill-awtoritajiet Iranjani biex jikkooperaw mal-ambaxxati tal-Istati Membri tal-UE f'Tehran, bil-għan li jistabbilixxu lista ta' persuni b'ċittadinanza doppja li bħalissa jinsabu miżmuma fil-ħabsijiet Iranjani, u biex jissorveljaw kull każ individwali millqrib, peress li s-sigurtà taċ-ċittadini u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom huma tal-ogħla importanza għall-UE;

11. Jappella għall-ħelsien tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jinsabu maqfula l-ħabs fl-Iran u għall-waqfien tal-atti kollha ta' intimidazzjoni kontrihom;

12. Jilqa' l-fatt li l-istandards b'rabta mal-kundanni għal reati relatati mad-drogi kastigabbli bil-mewt għolew b'mod sinifikanti bħala l-ewwel pass lejn l-implimentazzjoni ta' moratorju fuq il-piena tal-mewt fl-Iran;

13. Jistieden lill-Iran japprofondixxi l-involviment tiegħu f'mekkaniżmi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem billi jikkoopera mar-Rapporteurs Speċjali u mekkaniżmi speċjali, fosthom billi japprova talbiet għall-aċċess għall-pajjiż min-naħa ta' detenturi ta' mandat; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Iranjani jiżguraw b'mod partikolari li r-Rapporteur Speċjali tan-NU futur dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Iran jitħalla jidħol fil-pajjiż;

14. Jappoġġja d-diskussjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem li qed isiru fil-kuntest tad-Djalogu ta' Livell Għoli UE-Iran li beda wara l-konklużjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt; jisħaq fuq il-punt li l-UE għandha tibqa' determinata li tkompli taqsam it-tħassib tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-Iran kemm b'mod bilaterali kif ukoll f'fora multilaterali;

15. Itenni l-involviment tal-Iran fi djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem u jilqa' r-rieda min-naħa tal-awtoritajiet Iranjani li jimpenjaw ruħhom favur dan id-djalogu;

16. Jistieden lill-VP/RGħ tqajjem il-kwistjonijiet tal-kundizzjonijiet fil-ħabs u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem mal-awtoritajiet, b'mod partikolari l-każijiet ta' persuni b'ċittadinanza doppja UE-Iranjana mitfugħa l-ħabs fl-Iran, bil-għan li jintemm it-trattament krudili u inuman fil-ħabsijiet Iranjani; jistieden lill-VP/RGħ u lill-Istati Membri biex b'mod sistematiku jqajmu tħassib dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-awtoritajiet Iranjani, fosthom is-sitwazzjoni tal-priġunieri politiċi u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertà ta' espressjoni u ta' assoċjazzjoni;

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u lill-Gvern u lill-Parlament tal-Iran.

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0232

Is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tan-nisa fl-Arabja Sawdija

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Mejju 2018 dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tan-nisa fl-Arabja Sawdija (2018/2712(RSP))

(2020/C 76/15)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Arabja Sawdija, b'mod partikolari dawk tal-11 ta' Marzu 2014 dwar l-Arabja Sawdija, ir-relazzjonijiet tagħha mal-UE u r-rwol tagħha fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika ta' Fuq ([1]), tat-12 ta' Frar 2015 dwar il-każ ta' Raif Badawi ([2]) u tat-8 ta' Ottubru 2015 dwar il-każ ta' Ali Mohammed al-Nimr ([3]),

— wara li kkunsidra l-għoti tal-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb u tal-Espressjoni lill-blogger Sawdi Raif Badawi fl-2015,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-29 ta' Mejju 2018 tal-Kelliem għall-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-aħħar arresti fl-Arabja Sawdija, fosthom id-detenzjoni arbitrarja u l-għajbien, mingħajr proċess ġust, ta' Nawaf Talal Rasheed, prinċep mid-dinastija ta' Al-Rashid, u iben il-mejjet poeta Nawaf Talal bin Abdul Aziz Al-Rashid,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tat-18 ta' Mejju 2018 tal-Presidenza tas-Sigurtà Statali tal-Arabja Sawdija dwar l-arrest ta' seba' persuni suspettati,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' leġiżlazzjoni ġdida li tipprojbixxi l-fastidju, approvat mill-Kunsill Shura tal-Arabja Sawdija fit-28 ta' Mejju 2018,

— wara li kkunsidra l-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem, kemm fil-livell domestiku u kemm fil-livell reġjonali, tas-sanzjonijiet imposti mill-Arabja Sawdija u minn pajjiżi oħra fuq il-Qatar u r-rapport dwar l-impatt tal-Kriżi tal-Golf fuq id-drittijiet tal-bniedem ippubblikat mill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR) f'Diċembru 2017,

— wara li kkunsidra s-sħubija tal-Arabja Sawdija fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u fil-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa, kif ukoll is-sħubija futura tagħha fil-Kunsill Eżekuttiv tas-CSW minn Jannar 2019,

— wara li kkunsidra d-diskors tal-Kummissarju Christos Stylianides, f'isem il-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ), fid-dibattitu tal-4 ta' Lulju 2017 fil-Parlament Ewropew dwar l-elezzjoni tal-Arabja Sawdija bħala membru tas-CSW,

— wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet konklużivi tad-9 ta' Marzu 2018 tal-Kumitat dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa rigward it-tielet u r-raba' rapporti perjodiċi dwar l-Arabja Sawdija, ippreżentati flimkien ([4]),

— wara li kkunsidra l-preżentazzjoni konġunta dwar l-Arabja Sawdija f'isem l-ALQST, iċ-Ċentru tal-Golf għad-Drittijiet tal-Bniedem (GCHR) u l-Federazzjoni Internazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem (FIDH) waqt id-69 sessjoni tal-Kumitat tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa tas-7 ta' Marzu 2018,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW),

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali tal-1966,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

([1]) ĠU C 378, 9.11.2017, p. 64.
([2]) ĠU C 310, 25.8.2016, p. 29.
([3]) ĠU C 349, 17.10.2017, p. 34.
([4]) CEDAW/C/SAU/CO/3-4.

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi fil-15 ta' Mejju 2018 l-awtoritajiet Sawdin arrestaw seba' nisa – Loujain al-Hathloul, Aisha al-Mana, Madeha al-Ajroush, Eman al-Nafjan, Aziza al-Youssef, Hessah al-Sheikh, Walaa al-Shubbar – u erba' rġiel – Ibrahim Fahad Al-Nafjan, Ibrahim al-Modeimigh, Mohammed al-Rabiah u Abdulaziz al-Meshaal – għall-attiviżmu tagħhom favur id-drittijiet tan-nisa; billi, minn dakinhar 'l hawn, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem arrestati ġew mixlija li appoġġjaw l-attivitajiet ta' gruppi barranin, li rreklutaw persuni responsabbli minn karigi governattivi sensittivi u li ffinanzjaw gruppi barranin bil-ħsieb li jiddestabbilizzaw ir-Renju; billi dawn l-attivisti huma magħrufa għall-kampanja tagħhom kontra l-projbizzjoni tan-nisa mis-sewqan u favur it-tneħħija tas-sistema ta' tutela mill-irġiel; billi dawn ġew arrestati qabel it-tneħħija tal-projbizzjoni tan-nisa mis-sewqan, prevista għall-24 ta' Ġunju 2018;

B. billi ġie rrappurtat li Madeha al-Ajroush, Walaa al-Shubbar, Aisha al-Mana u Hessah al-Sheikh inħelsu fl-24 ta' Mejju 2018;

C. billi l-każ ta' Loujain al-Hathloul hu partikolarment allarmanti, peress li ttieħdet minn Abu Dhabi lejn l-Arabja Sawdija kontra l-volontà tagħha f'Marzu 2018 wara li pparteċipat f'sessjoni tal-Kumitat tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa li eżaminat is-sitwazzjoni fl-Arabja Sawdija; billi hi ma tħallietx tivvjaġġa aktar – sakemm ġiet arrestata reċentement – u bħalissa, x'aktarx f'limkien ma' attivisti oħrajn, qed tinżamm f'iżolament;

D. billi l-Arabja Sawdija għandha wħud mill-aktar restrizzjonijiet ibsin imposti fuq in-nisa, minkejja r-riformi governattivi li saru dan l-aħħar biex jissaħħu d-drittijiet tan-nisa fis-settur tal-impjiegi; billi s-sistema politika u soċjali Sawdija għadha antidemokratika u diskriminatorja, lin-nisa tqishom ċittadini tat-tieni klassi, ma tippermetti l-ebda libertà ta' reliġjon u ta' twemmin, tiddiskrimina serjament kontra l-ħafna ħaddiema barranin fil-pajjiż u trażżan severament kwalunkwe vuċi dissidenti;

E. billi l-ħidma u l-investigazzjoni fuq il-każ għadhom għaddejjin u huwa diffiċli tinkiseb informazzjoni dwar l-arresti minħabba l-informazzjoni limitata rilaxxata mill-awtoritajiet Sawdin;

F. billi, fil-25 ta' Mejju 2018, l-awtoritajiet Sawdin arrestaw lil Mohammed al-Bajadi, difensur prominenti tad-drittijiet tal-bniedem u membru fundatur tal-Assoċjazzjoni tad-Drittijiet Ċivili u Politiċi Sawdija – issa interdetta – li akkużat lill-forzi tas-sigurtà b'abbużi;

G. billi ftit jiem wara l-arresti tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-mezzi tax-xandir u l-pjattaformi tal-media soċjali li jappoġġjaw lill-gvern nedew kampanja ta' malafama kontrihom, u akkużawhom li kienu "tradituri" u li kienu ta' theddida għas-sigurtà tal-Istat; billi l-esperti jemmnu li l-kampanja ta' malafama li għaddejja bħalissa kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tindika l-intenzjoni li jingħataw pieni ħorox ħafna;

H. billi s-soċjetà Sawdija qed tinbidel bil-mod il-mod iżda l-ħin kollu, u billi l-awtoritajiet Sawdin adottaw għadd ta' miżuri biex jitjieb ir-rikonoxximent dovut tan-nisa bħala ċittadini ugwali, pereżempju billi ngħatalhom id-dritt li jivvutaw fl-elezzjonijiet muniċipali, ingħatalhom aċċess għall-Kunsill Shura konsultattiv u għall-Kunsill Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem, se jibdew jitħallew isuqu, u ngħatalhom aċċess għal avvenimenti sportivi pubbliċi;

I. billi l-aġenda ta' riforma "Vision 2030", li għandha tittrasforma lill-pajjiż ekonomikament u soċjalment abbażi tal-awtonomizzazzjoni tan-nisa, għandha tkun opportunità reali għan-nisa Sawdin biex jiżguraw l-emanċipazzjoni legali tagħhom, li hi assolutament kruċjali għat-tgawdija sħiħa ta' drittijiethom fil-qafas tas-CEDAW; billi, madankollu, il-mewġa reċenti ta' arresti ta' attivisti tad-drittijiet tan-nisa jidher li tmur kontra dan l-objettiv u tista' tfixkel l-aġenda ta' riforma;

J. billi l-Prinċep Eredi Sawdi Mohammed bin Salman Al Saud offra appoġġ retoriku għar-riformi tad-drittijiet tan-nisa, speċjalment matul iż-żjara tiegħu fl-Ewropa u fl-Istati Uniti, iżda s'issa dawn ir-riformi kienu limitati, u s-sistema ta' tutela mill-irġiel, l-aktar xkiel serju għad-drittijiet tan-nisa, għadha fil-biċċa l-kbira intatta; billi, barra minn hekk, bil-barka tiegħu seħħet repressjoni estensiva fil-konfront ta' attivisti, avukati u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem prominenti, li żdiedet mindu beda jikkonsolida l-kontroll fuq l-istituzzjonijiet tas-sigurtà tal-pajjiż;

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

K. billi l-Arabja Sawdija għandha sensiela ta' liġijiet diskriminatorji, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet ġuridiċi marbuta mal-istatus personali, is-sitwazzjoni tal-ħaddiema migranti nisa, il-Kodiċi tal-Istatus Ċivili, il-Kodiċi tax-Xogħol, l-Att dwar in-Nazzjonalità u s-sistema ta' tutela mill-irġiel, li tissuġġetta t-tgawdija ta' ħafna mid-drittijiet tan-nisa skont is-CEDAW għall-awtorizzazzjoni ta' tutur raġel;

L. billi l-Arabja Sawdija għandha komunità attiva ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem online kif ukoll l-ogħla numru ta' utenti ta' Twitter fil-Lvant Nofsani; billi l-Arabja Sawdija qiegħda fil-lista tal-"Għedewwa tal-Internet" ta' Reporters Without Borders minħabba ċ-ċensura tal-media Sawdija u tal-internet u l-ikkastigar ta' dawk li jikkritikaw il-gvern jew ir-reliġjon; billi l-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-istampa u tal-media, kemm online kif ukoll offline, huma prekundizzjonijiet kruċjali u katalizzaturi għad-demokratizzazzjoni u għar-riforma u huma kontrolli essenzjali fuq il-poter; billi r-Rebbieħ tal-2015 tal-Premju Sakharov, Raif Badawi, għadu l-ħabs għall-unika raġuni li esprima l-fehmiet tiegħu b'mod paċifiku;

M. billi l-Indiċi tal-Iżvilupp tal-Bniedem tan-NU għall-Arabja Sawdija għall-2015 huwa ta' 0,847, u għalhekk hija kklassifikata fit-38 post minn 188 pajjiż u territorju; billi l-Arabja Sawdija għandha Indiċi tal-Inugwaljanza bejn is-Sessi tan-NU ta' 0,257, u għalhekk hija kklassifikata fil-50 post minn 159 pajjiż fl-indiċi tal-2015; billi l-Arabja Sawdija kienet ikklassifikata fil-138 post minn 144 pajjiż fir-Rapport Globali tal-2017 dwar id-Disparità bejn is-Sessi ppubblikat mill-Forum Ekonomiku Dinji;

N. billi r-riżerva ġenerali tal-Arabja Sawdija għas-CEDAW, skont il-Kumitat għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa, hija inkompatibbli mal-objettiv u l-iskop tal-Konvenzjoni u mhijiex permessa skont l-Artikolu 28 tagħha; billi l-Arabja Sawdija wieġħdet li "tosserva l-ogħla standards fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem" meta applikat b'suċċess għal sħubija fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fl-2013;

1. Jistieden lill-awtoritajiet Sawdin iwaqqfu kull forma ta' fastidju, anke fil-livell ġudizzjarju, kontra Eman al-Nafjan, Aziza al-Youssef, Loujain al-Hathloul, Aisha al-Mana, Madeha al-Ajroush, Hessah al-Sheikh, Walaa al-Shubbar, Mohammed al-Rabiah, u Ibrahim al-Modeimigh u kontra d-difensuri l-oħra kollha tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż, sabiex ikunu jistgħu jwettqu xogħolhom mingħajr xkiel mhux ġustifikat u mingħajr biża' ta' tpattija;

2. Jikkundanna r-repressjoni li għaddejja bħalissa fil-konfront tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-difensuri tad-drittijiet tan-nisa, li tikkompromett l-kredibbiltà tal-proċess ta' riforma fil-pajjiż; jistieden lill-Gvern tal-Arabja Sawdija jeħles minnufih u mingħajr kundizzjonijiet lid-difensuri kollha tad-drittijiet tal-bniedem u lil priġunieri oħra minħabba twemmin li ġew arrestati u kkundannati sempliċement talli eżerċitaw id-dritt tagħhom tal-libertà ta' espressjoni u talli wettqu xogħolhom b'mod paċifiku favur id-drittijiet tal-bniedem; jiddenunzja d-diskriminazzjoni kontinwa u sistematika kontra n-nisa u l-bniet fl-Arabja Sawdija;

3. Jesprimi l-ammirazzjoni tiegħu lejn in-nisa u d-difensuri tad-drittijiet tan-nisa Sawdin li qed jippruvaw jegħlbu kwalunkwe trattament inġust u diskriminatorju u lejn dawk li ddefendew id-drittijiet tal-bniedem minkejja d-diffikultajiet li jridu jħabbtu wiċċhom magħhom;

4. Jilqa' l-wieġħda li titneħħa l-projbizzjoni tan-nisa mis-sewqan fir-Renju bħala parti mill-aġenda ta' "Vision 2030";

5. Jenfasizza li t-trattament tad-detenuti kollha, inklużi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, waqt li jkunu detenuti, irid ikun konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Korp tal-Prinċipji għall-Protezzjoni tal-Persuni Kollha taħt Kwalunkwe Forma ta' Detenzjoni jew Priġunerija adottat mill-Assemblea Ġenerali tan-NU permezz tar-Riżoluzzjoni 43/173 tad-9 ta' Diċembru 1988;

6. Jinnota li l-kumpaniji awtomobilistiċi internazzjonali, b'mod partikolari dawk ibbażati fl-UE, diġà bdew joħorġu riklami mmirati għan-nisa qabel ma tneħħiet il-projbizzjoni tan-nisa mis-sewqan;

7. Huwa mħasseb ferm dwar il-prevalenza ta' vjolenza sessista fl-Arabja Sawdija, li fil-biċċa l-kbira tagħha għadha mhijiex irrappurtata u ddokumentata biżżejjed u hija ġustifikata b'raġunijiet bħall-ħtieġa li n-nisa taħt it-tutela tal-irġiel jiġu dixxiplinati; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Sawdin jadottaw leġiżlazzjoni komprensiva biex jiddefinixxu u jikkriminalizzaw b'mod speċifiku kull forma ta' vjolenza sessista kontra n-nisa, b'mod partikolari l-istupru, inkluż l-istupru fiż-żwieġ, l-attakki sesswali u l-fastidju sesswali, u jneħħu l-ostakli kollha għall-aċċess tan-nisa għall-ġustizzja;

8. Huwa diżappuntat ferm dwar l-eżistenza tas-sistema ta' tutela mill-irġiel, li tipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' tutur raġel f'numru ta' oqsma, inklużi l-vjaġġi internazzjonali, l-aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa, l-għażla tar-residenza, iż-żwieġ, it-tressiq ta' lmenti fis-sistema ġudizzjarja, it-tluq minn ċentri ta' akkoljenza tal-istat għan-nisa abbużati, u t-tluq minn ċentri ta' detenzjoni; jissottolinja li din is-sistema hija riflessjoni tas-sistema patrijarkali b'għeruq b'saħħithom li tiddomina fil-pajjiż;

9. Jistieden lill-awtoritajiet Sawdin jirrevedu l-Liġi dwar l-Assoċjazzjonijiet u l-Fondazzjonijiet ta' Diċembru 2015 sabiex jippermettu lill-attivisti nisa jorganizzaw ruħhom u jaħdmu b'mod liberu u indipendenti mingħajr indħil indebitu min-naħa tal-awtoritajiet; iħeġġeġ ukoll ir-reviżjoni tal-Liġi Kontra t-Terroriżmu, tal-Liġi Kontra l-Kriminalità Ċibernetika u l-Liġi dwar l-Istampa u l-Pubblikazzjonijiet, li qed jintużaw ripetutament biex difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jittellgħu l-qorti, kif ukoll ir-reviżjoni tad-dispożizzjonijiet diskriminatorji kollha li jinsabu fis-sistema ġuridika;

10. Jistieden lill-awtoritajiet Sawdin biex jirratifikaw il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, jirtiraw ir-riżervi li għamlu għas-CEDAW u jirratifikaw il-Protokoll Fakultattiv tas-CEDAW, sabiex in-nisa Sawdin ikunu jistgħu jgawdu bis-sħiħ id-drittijiet minquxa fil-Konvenzjoni, u biex itemmu ż-żwiġijiet prekoċi, iż-żwiġijiet furzati u l-kodiċi ta' lbies obbligatorju għan-nisa; iħeġġeġ lill-Arabja Sawdija toħroġ stedina permanenti biex il-Proċeduri Speċjali kollha tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU jkunu jistgħu jżuru l-pajjiż;

11. Jistieden lill-awtoritajiet Sawdin jippermettu l-indipendenza tal-istampa u tal-media u jiżguraw il-libertà ta' espressjoni, ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda paċifika għall-abitanti kollha tal-Arabja Sawdija; jikkundanna r-repressjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dimostranti meta jipprotestaw b'mod paċifiku; jenfasizza li kampanji paċifiċi favur id-drittijiet ġuridiċi bażiċi jew l-użu ta' kummenti kritiċi permezz tal-media soċjali huma espressjonijiet ta' dritt indispensabbli; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Sawdin ineħħu r-restrizzjonijiet imqiegħda fuq id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jipprojbuhom milli jitkellmu fil-media soċjali u mal-media internazzjonali;

12. Ifakkar li l-Arabja Sawdija ġiet eletta fil-Kummissjoni tan-NU dwar l-Istatus tan-Nisa bl-appoġġ ta' xi Stati Membri tal-UE;

13. Jistieden lill-VP/RGħ, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u lill-Istati Membri jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa tal-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, u jestendu l-protezzjoni u l-appoġġ tagħhom għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem;

14. Jitlob lill-UE biex, fis-sessjoni li jmiss tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, tressaq riżoluzzjoni dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fl-Arabja Sawdija; jitlob lill-UE biex, fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem li jmiss u fil-Kummissjoni dwar l-Istatus tan-Nisa, tqajjem il-kwistjoni tas-sħubija tal-istati b'rekords dubjużi rigward id-drittijiet tal-bniedem, anke fir-rigward tar-rispett għad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi; jitlob lill-UE biex, fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, tipproponi l-ħatra ta' Rapporteur Speċjali dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-Arabja Sawdija;

15. Jitlob lill-UE tinkludi diskussjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari s-sitwazzjoni tad-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem, bħala punt permanenti fl-aġenda tas-summit annwali bejn l-UE u l-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf, kif ukoll f'fora bilaterali u multilaterali oħra; jistieden lill-Kunsill tikkunsidra l-introduzzjoni ta' miżuri mmirati kontra individwi responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem; jinnota li r-regoli għall-għoti tal-Premju Chaillot għall-Promozzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-Reġjun tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf jillimitaw l-applikazzjonijiet għal dawk li huma legalment irreġistrati u attivi "fi djalogu kostruttiv mal-awtoritajiet";

16. Jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni jappoġġjaw attivament lil gruppi tas-soċjetà ċivili u lil individwi li jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem fl-Arabja Sawdija, anke permezz tal-arranġament ta' żjarat fil-ħabs, ta' monitoraġġ tal-proċessi kriminali u ta' dikjarazzjonijiet pubbliċi;

17. Iħeġġeġ lill-VP/RGħ, lis-SEAE u lill-Istati Membri jkomplu jinvolvu ruħhom fi djalogu mal-Arabja Sawdija dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u r-rwol inkwetanti tal-pajjiż fir-reġjun; jesprimi d-disponibbiltà tiegħu li jkollu djalogu kostruttiv u miftuħ mal-awtoritajiet Sawdin, inklużi d-deputati parlamentari, dwar l-implimentazzjoni tal-impenji internazzjonali tagħhom favur id-drittijiet tal-bniedem; jappella għal skambju ta' għarfien espert dwar il-ġustizzja u kwistjonijiet ġuridiċi sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet tal-individwi fl-Arabja Sawdija;

18. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Arabja Sawdija jwaqqfu aktar flaġellazzjonijiet fil-konfront ta' Raif Badawi, u jeħilsuh minnufih u mingħajr kundizzjonijiet, peress li huwa meqjus bħala priġunier minħabba t-twemmin tiegħu, li ġie arrestat u kkundannat għall-unika raġuni li eżerċita d-dritt tiegħu tal-libertà ta' espressjoni; jitlob lill-UE tkompli tqajjem il-każ tiegħu fi kwalunkwe kuntatt ta' livell għoli li jista' jkollha;

19. Jistieden lill-awtoritajiet Sawdin jintroduċu moratorju immedjat fuq l-użu tal-piena tal-mewt bħala pass lejn l-abolizzjoni tagħha; jappella għal rieżami tas-sentenzi tal-mewt kollha biex ikun żgurat li dawn il-proċessi kriminali kienu konformi mal-istandards internazzjonali;

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

20. Jistieden lill-awtoritajiet Sawdin itemmu l-inċitament għall-mibegħda u d-diskriminazzjoni kontra l-minoranzi reliġjużi, u kontra l-individwi u l-gruppi l-oħra kollha soġġetti għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom mill-Arabja Sawdija, inklużi ċ-ċittadini barranin minn pajjiżi ta' reġjuni oħra;

21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-Kummissjoni dwar l-Istatus tan-Nisa, lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, lill-Maestà Tiegħu, ir-Re Salman bin Abdulaziz Al Saud u lill-Prinċep Eredi Mohammad bin Salman Al Saud, lill-Gvern tar-Renju tal-Arabja Sawdija, u lis-Segretarju Ġenerali taċ-Ċentru għad-Djalogu Nazzjonali tar-Renju tal-Arabja Sawdija.

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0233

Is-Sudan, partikolarment is-sitwazzjoni ta' Noura Hussein Hammad

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Mejju 2018 dwar is-Sudan, partikolarment is-sitwazzjoni ta' Noura Hussein Hammad (2018/2713(RSP))

(2020/C 76/16)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-Sudan,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966, li r-Repubblika tas-Sudan ilha Stat parti tiegħu mill-1986,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, li s-Sudan ilu Stat parti tagħha mill-1990,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar iż-żwiġijiet tat-tfal, prekoċi u furzati,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fl-1979, u d-Dikjarazzjoni dwar l-Eliminazzjoni tal-Vjolenza kontra n-Nisa (DEVAW) adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fl-1993,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 62/149 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, tat-18 ta' Diċembru 2007, ippreżentata mill-UE u mtennija fl-2008, fl-2010, fl-2012, fl-2014 u fl-2016, li tagħmel appell għal moratorju fuq il-piena tal-mewt,

— wara li kkunsidra l-ewwel Protokoll għall-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli adottata fl-1981 dwar id-Drittijiet tan-Nisa fl-Afrika,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 16 u 21 tal-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet u l-Benesseri tat-Tfal, li daħlet fis-seħħ fid-29 ta' Novembru 1999,

— wara li kkunsidra l-ittra ta' appell urġenti rigward il-każ ta' Noura Hussein Hammad mibgħuta fis-17 ta' Mejju 2018 mill-Kumitat Afrikan ta' Esperti dwar id-Drittijiet u l-Benesseri tat-Tfal (ACERWC) lir-Repubblika tas-Sudan,

— wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tas-Sudan tal-2005,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 96 (klawsola dwar id-drittijiet tal-bniedem) tal-Ftehim ta' Cotonou, iffirmat mill-Gvern Sudaniż fl-2005,

— wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi Noura Hussein Hammad kienet imġiegħla minn familtha tiżżewweġ lil Abdulrahman Hammad meta kienet tifla ta' 16-il sena; billi Noura stqarret li kienet l-ewwel stuprata minn żewġha bl-assistenza tal-membri ta' familtu; billi, skont dak li xehdet, fit-2 ta' Mejju 2017, tlett irġiel żammew lil Noura waqt li Abdulrahman stupraha; billi Noura, bħala awtodifiża, tat daqqiet b'arma ppuntata lil żewġha, u qatlitu, meta dan reġa' pprova jistupraha l-għada; billi eżami mediku suċċessiv indika li Noura ġiet ukoll feruta meta kienet qiegħda tissara ma' żewġha;

B. billi Noura Hussein Hammad inżammet fil-ħabs ta' Omdurman sad-29 ta' April 2018, meta nstabet ħatja ta' omiċidju premeditat; billi Noura Hussein Hammad, li issa għandha 19-il sena, ġiet ikkundannata għall-mewt mill-Qorti Kriminali Ċentrali ta' Omdurman talli qatlet lir-raġel li missierha ġegħilha tiżżewweġ; billi waqt il-kundanna, il-familja tar-raġel għażlet il-piena tal-mewt bħal "kastig" adatt għal Hussein; billi sar rikors għal appell kontra l-kundanna tagħha;

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

C. billi l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem ġabar informazzjoni skont liema ż-żwieġ furzat u l-istupru ta' Hussein kif ukoll il-forom l-oħra ta' vjolenza sessista kontriha, ma tqisux mill-Qorti bħala attenwanti tas-sentenza; billi l-espert tan-NU dwar l-Eżekuzzjonijiet Sommarji sostna li l-impożizzjoni tal-piena tal-mewt, fil-każ li jkun hemm provi ċari ta' awtodifiża, tikkostitwixxi qtil arbitrarju;

D. billi s-Sudan jikklassifika fil-165 post minn 188 pajjiż kemm fl-Indiċi tal-Iżvilupp tal-Bniedem (HDI) kif ukoll fl-Indiċi ta' Inugwaljanza tal-Ġeneru tan-NU; billi l-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal (CRC) u l-Kumitat tan-NU tad-Drittijiet tal-Bniedem esprimew tħassib gravi dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa fis-Sudan; billi l-ordinament ġuridiku fis-Sudan huwa bbażat fuq il-liġi tax-Xarija Iżlamika; billi l-evidenza turi li meta n-nisa ma jkunux ugwali għall-irġiel f'termini politiċi, kulturali u ekonomiċi, se jkunu suġġetti għall-vjolenza sessista, indipendentement mill-fidi, mir-razza jew min-nazzjonalità tagħhom;

E. billi l-Kostituzzjoni Sudaniża tipprevedi li l-Istat għandu jipproteġi lin-nisa mill-inġustizzja u jippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa; billi Pramila Patten, ir-Rappreżentant Speċjali tan-NU dwar il-Vjolenza Sesswali fil-Kunflitti, osservat li fis-Sudan, wara li żaret il-pajjiż mit-18 sal-25 ta' Frar 2018, hemm kultura profonda ta' ċaħda tal-vjolenza sesswali; billi ż-żwieġ furzat, l-istupru fiż-żwieġ u l-vjolenza sessista jitqiesu ħaġa normali fis-Sudan, u dawn il-forom kollha ta' vjolenza huma ġġustifikati fuq il-bażi tat-tradizzjoni, tal-kultura u tar-reliġjon; billi sal-lum l-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali għadu ma investigax każ wieħed ta' vjolenza sesswali relatata ma' kunflitt;

F. billi l-mandat tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) biex tindirizza l-impunità għad-delitti tal-gwerra, id-delitti kontra l-umanità u l-ġenoċidju jinkludi wkoll l-atroċitajiet li jgħaddu abitwalment minnhom in-nisa, fosthom firxa wiesgħa ta' delitti sesswali u bbażati fuq il-ġeneru; billi fl-4 ta' Marzu 2009 l-QKI ħarġet mandat ta' arrest fil-konfront tal-President tar-Repubblika tas-Sudan, Omar al Bashir, fuq ħames kapijiet ta' akkuża minħabba delitti kontra l-umanità: omiċidju, sterminju, trasferiment furzat, tortura u stupru;

G. billi ġiet varata kampanja globali bl-isem "Ġustizzja għal Noura Hussein Hammad" li timmira li tirrevoka l-piena tal-mewt; billi, minn Mejju 2018, kważi miljun ruħ iffirmaw petizzjoni intitolata "Ġustizzja għal Noura Hussein Hammad"; billi l-intimidazzjoni tal-avukati difensuri tirrappreżenta attakk kontra l-proċedura ta' proċess ġust; billi Noura Hussein Hammad, peress li ġiet stuprata, għandha bżonn appoġġ psikoloġiku;

H. billi l-każ ta' Noura Hussein Hammad ġibed attenzjoni internazzjonali lejn id-drittijiet tan-nisa u ħareġ fid-dieher il-kwistjonijiet taż-żwieġ furzat u l-istupru fiż-żwieġ fis-Sudan, fejn l-età legali għaż-żwieġ hija biss 10 snin; billi kien biss fl-2015 li l-istupru fiż-żwieġ ġie rikonoxxut mid-dritt Sudaniż; billi, madankollu, l-awtoritajiet ġudizzjarji jirrifjutaw li jirrikonoxxuh bħala delitt;

I. billi l-attivisti tad-drittijiet tan-nisa u tat-tfal kulma jmur żiedu l-kampanji kontra ż-żwieġ furzat tal-bniet u kontra ż-żwieġ ta' bniet taħt l-età, fenomenu mifrux fis-Sudan; billi l-prevenzjoni u r-risposta għall-forom kollha ta' vjolenza kontra l-bniet u n-nisa, inkluż iż-żwieġ prekoċi u ż-żwieġ furzat, jikkostitwixxu wieħed mill-għanijiet tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2020;

J. billi kemm Human Rights Watch (HRW) kif ukoll l-Espert Indipendenti tan-NU dwar is-Sudan fir-Rapport Dinji tiegħu tal-2017 iddikjaraw li l-forzi tas-sigurtà Sudaniżi użaw il-vjolenza sesswali, l-intimidazzjoni u forom oħra ta' abbuż biex isikktu lid-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż; billi l-avukat ta' Noura Hussein Hammad ġie pprojbit mis-Servizzi Nazzjonali tas-Sigurtà u l-Intelligence (NISSs) milli jagħmel konferenza stampa fost kampanja ta' intimidazzjoni li qed tintensifika; billi Nahid Gabralla, direttur ta' SEEMA, organizzazzjoni mhux governattiva li taħdem mal-vittmi u s-superstiti tal-vjolenza sessista f'Khartoum, il-belt kapitali tas-Sudan, ġiet detenuta bosta drabi waqt il-kampanja ta' appoġġ favur Noura Hussein Hammad, minħabba li s-Sudan qed jagħmel restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-espressjoni;

K. billi s-Sudan huwa wieħed mis-seba' pajjiżi li mhumiex parti tal-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW);

L. billi l-UE attwalment tagħti finanzjament ta' EUR 275 miljun għal proġetti fis-Sudan, prinċipalment permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ), l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) u l-Istrument li jikkontribwixxi għas-Sigurtà u l-Paċi (IcSP); billi s-Sudan ma rratifikax il-verżjoni riveduta tal-Ftehim ta' Cotonou;

M. billi n-nisa fis-Sudan iġarrbu diskriminazzjoni, arresti arbitrarji u kastigi umiljanti; billi, skont l-Espert Indipendenti tan-NU dwar is-Sudan, delitti magħrufa bħala delitti kontra l-morali pubbliċi, bħal dawk użati kontra n-nisa meqjusa li kienu lebsin "b'mod indeċenti", flimkien mal-umiljazzjoni tal-kastigi korporali, jikkostitwixxu ksur tal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem; billi l-Artikoli 151, 152, 154 u 156 tal-Att Kriminali tas-Sudan jirrinfurzaw ir-restrizzjonijiet fuq in-nisa u l-mod kif jilbsu u jġibu ruħhom fil-pubbliku; billi l-ksur ta' dawn il-liġijiet hu punibbli b'multi u saħansitra, f'ċerti każijiet, bi swat bil-frosta;

N. billi l-UE tappoġġa lis-Sudan b'taħlita ta' assistenza għall-iżvilupp u għajnuna umanitarja, iżda tipprovdi wkoll appoġġ, fost l-oħrajn permezz tal-ħekk imsejjaħ proġett ROCK, għall-operazzjonijiet ta' kontroll tal-fruntieri u kontra t-traffikar u l-kuntrabandu, li huma kontroversjali ħafna;

1. Jiddeplora u jikkundanna s-sentenza għall-mewt ta' Noura Hussein Hammad; jistieden lill-awtoritajiet Sudaniżi jibdlu s-sentenza għall-mewt f'waħda inqas ħarxa u jqisu għalkollox il-fatt li Hussein kienet qed taġixxi biex tiddefendi lilha nnifisha kontra t-tentattiv ta' raġel u l-kompliċi tiegħu li jistuprawha;

2. Jistieden lill-awtoritajiet Sudaniżi jikkonformaw mad-dritt nazzjonali u mal-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-Protokoll tal-Karta Afrikana għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli dwar id-Drittijiet tan-Nisa fl-Afrika, kif ukoll il-Protokoll tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Afrikana, adottat fil-11 ta' Lulju 2003; ifakkar li, skont l-istandards internazzjonali, l-impożizzjoni tal-piena tal-mewt meta jkun hemm provi ċari ta' awtodifiża tikkostitwixxi qtil arbitrarju, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet li fihom in-nisa ġew akkużati bi qtil meta ddefendew lilhom infushom;

3. Ifakkar lill-awtoritajiet Sudaniżi fl-obbligu tagħhom li jiggarantixxu d-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt ta' proċess ġust; jinsisti li jeħtieġ jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex ikun żgurat li l-proċess ta' Noura Hussein Hammad jilħaq l-ogħla standards ta' imparzjalità u proċess ġust;

4. Itenni li huwa imperattiv li l-liġijiet ewlenin fis-Sudan, inkluż l-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali tal-2010 u l-liġijiet li jirregolaw il-media u s-soċjetà ċivili, jiġu riveduti u riformati, sabiex jinġiebu f'konformità mal-istandards internazzjonali li jħarsu l-libertajiet tal-espressjoni, tal-għaqda u tal-assoċjazzjoni; jesprimi tħassib dwar il-poteri wesgħin ta' arrest u ta' detenzjoni kkonferiti lill-NISS, li jarrestaw u jżommu detenuti b'mod arbitrarju lil persuni li, f'ħafna każijiet, jiġu ttorturati u suġġetti għal trattament ħażin ieħor, waqt li l-uffiċjali tal-NISS igawdu minn immunità mill-prosekuzzjoni;

5. Jinnota li waqt li l-każ għaddej mill-proċess ġudizzjarju, l-awtoritajiet Sudaniżi xorta għandhom l-obbligu li juru li ma jiskużawx l-istupru jew il-vjolenza sessista, u għaldaqstant, li jsalvaw il-ħajja ta' żagħżugħa li l-eżistenza tagħha diġà rvinata għal raġunijiet li mhumiex fil-kontroll tagħha; jistieden lill-awtoritajiet Sudaniżi jiżguraw li l-każijiet kollha ta' vjolenza sessista u sesswali, inkluż l-istupru fiż-żwieġ u l-vjolenza domestika, jiġu proċessati u li l-awturi jinżammu responsabbli għal għemilhom; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Sudaniżi jindirizzaw iż-żwieġ tat-tfal, iż-żwieġ furzat u l-istupru fiż-żwieġ;

6. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Sudaniżi jwettqu investigazzjoni immedjata, indipendenti u imparzjali dwar l-allegazzjonijiet kontra l-forzi tas-sigurtà tas-Sudan għall-użu tal-vjolenza, l-intimidazzjoni u forom oħra ta' abbuż kontra n-nisa;

7. Jiddispjaċih bil-projbizzjoni, min-naħa tal-NISSs, tal-konferenza stampa organizzata mit-tim ta' difiża ta' Noura Hussein Hammad wara l-kundanna tagħha; jikkundanna bil-qawwa l-fastidju ta' attivisti tad-drittijiet tal-bniedem u avukati fir-rigward tal-każ ta' Noura Hussein Hammad;

8. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Sudaniżi jiżguraw il-protezzjoni sħiħa tal-integrità fiżika u psikoloġika ta' Noura Hussein Hammad matul id-detenzjoni tagħha, kif ukoll tal-avukati u tal-familja tagħha;

9. Itenni l-oppożizzjoni qawwija tiegħu għall-użu tal-piena tal-mewt fi kwalunkwe każ u f'kull ċirkostanza; jikkunsidra li l-piena tal-mewt tmur kontra d-dinjità tal-bniedem u tikkostitwixxi trattament krudili, diżuman u degradanti; jappella lill-awtoritajiet Sudaniżi jikkonformaw mal-moratorju fuq il-piena tal-mewt tan-NU; jistieden lis-Sudan jirratifika l-Konvenzjoni kontra t-Tortura (CAT) u s-CEDAW;

10. Jirrimarka li l-awtoritajiet Sudaniżi li protezzjoni aħjar tad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u l-kriminalizzazzjoni tal-istupru fiż-żwieġ jistgħu jgħinu biex jiġu salvati ħafna ħajjiet u jipprevjeni eżiti bħal dak tal-każ ta' Noura Hussein Hammad;

11. Jikkundanna bil-qawwa ż-żwieġ prekoċi u furzat u l-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet fis-Sudan u f'postijiet oħra; jindika li l-appell attwali kontra s-sentenza ta' Hussein, li hu limitat għall-aspetti formali u legali tas-sentenza mingħajr ebda kunsiderazzjoni tal-fatti, mhuwiex biżżejjed skont il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, li s-Sudan irratifika; iħeġġeġ lill-awtoritajiet jimplimentaw ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat dwar id-Drittijiet tat-Tfal u jemendaw il-liġi dwar l-istatus personali sabiex jgħolli l-età li fiha ż-żwieġ huwa legalment permissibbli;

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

12. Jitlob bil-qawwa li l-UE u l-Istati Membri tagħha jiżguraw li l-implimentazzjoni tal-proġetti flimkien mal-awtoritajiet Sudaniżi tosserva l-prinċipju "*non nocere*", li jeskludi l-kooperazzjoni ma' atturi responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-President tas-Sudan, lill-Unjoni Afrikana, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Kopresidenti tal-Assemblea Parlamentari tal-AKP-UE u lill-Parlament Pan-Afrikan.

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0235

Manipulazzjoni tal-odometri fil-vetturi bil-mutur: reviżjoni tal-qafas legali tal-UE

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Mejju 2018 li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-manipulazzjoni tal-odometri fil-vetturi bil-mutur: reviżjoni tal-qafas legali tal-UE (2017/2064(INL))

(2020/C 76/17)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 91(1) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/47/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 ([3]), ir-Regolament(KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 ([5]) u r-Regolament Nru 39 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Diċembru 2013 dwar CARS 2020: lejn industrija tal-karozzi Ewropea b'saħħitha, kompetittiva u sostenibbli ([7]),

— wara li kkunsidra l-istudju tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (EPRS) ta' Novembru 2017 intitolat "It-tbagħbis tal-odometri - miżuri għall-prevenzjoni" ([8]) u l-Valutazzjoni tal-Valur Miżjud Ewropew korrispondenti tiegħu, "Il-manipulazzjoni tal-odometri fil-vetturi bil-mutur fl-UE ([9])",

— wara li kkunsidra r-rapport finali tal-Assoċjazzjoni tal-Awtoritajiet tar-Reġistrazzjoni Ewropej tal-Vetturi u s-Sewwieqa bl-isem "Reġistrazzjoni tal-Kilometraġġ tal-Vetturi" ([10]),

— wara li kkunsidra l-"Istudju tas-Suq tal-Konsumaturi dwar il-funzjonament tas-suq tal-karozzi użati minn perspettiva tal-konsumatur" tal-Kummissjoni,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni bil-Miktub 0030/2016 tal-11 ta' April 2016 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-kilometraġġ fis-suq tal-karozzi użati,

---

([1]) Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51).

([2]) Id-Direttiva 2014/47/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabilità stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni u li jirrevoka d-Direttiva 2000/30/KE, (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 134).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 tal-1 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 692/2008 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1).

([5]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 tat-18 ta' Lulju 2008 li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' l-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vettura (ĠU L 199, 28.7.2008, p. 1).

([6]) Ir-Regolament Nru 39 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UN/ECE) – Id-dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-vetturi fir-rigward tat-tagħmir tal-ispeedometer inkluża l-installazzjoni tiegħu (ĠU L 120, 13.5.2010, p. 40).

([7]) ĠU C 468, 15.12.2016, p. 57.

([8]) http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2017/602012/IPOL_STU%282017%29602012_EN.pdf

([9]) http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2018/615637/EPRS_STU%282018%29615637_EN.pdf

([10]) https://www.ereg-association.eu/media/1122/final-report-ereg-topic-group-xiii-vehicle-mileage-registration.pdf

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

— wara li kkunsidra l-Artikoli 46 u 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A8-0155/2018),

Is-sitwazzjoni attwali

A. billi t-tbagħbis tal-odometri, jiġifieri l-prattika ħażina ta' alterazzjoni intenzjonata jew mhux awtorizzata tal-kilometraġġ reali ta' vettura muri fuq l-odometru tagħha, huwa problema serja u mifruxa madwar l-Unjoni, speċjalment fil-kuntest tal-kummerċ transfruntier u tagħmel ħsara lill-pajjiżi terzi li jimportaw karozzi użati mill-Unjoni;

B. billi l-profitt ekonomiku tat-tbagħbis tal-odometri jista' jkun sinifikanti meta jitqiesu l-prezzijiet baxxi tat-tagħmir meħtieġ u żżieda artifiċjali fil-valur tal-karozzi użati; billi studji jistmaw li s-sehem tal-vetturi mbagħbsa jilħaq bejn 5 u 12 % tal-bejgħ tal-karozzi użati fil-livell nazzjonali, u bejn 30 u 50 % tal-bejgħ transfruntier, li jakkumula għal totali ta' bejn EUR 5,6 u 9,6 biljun fi ħsara ekonomika fl-Unjoni;

C. billi l-għadd ta' kilometri misjuqa huwa wieħed mill-aktar parametri importanti li abbażi tiegħu xerrej jista' jivvaluta l-kundizzjoni teknika ta' vettura, u billi l-qari tal-kilometraġġ għandu impatt sinifikanti fuq il-valur tas-suq ta' vettura;

D. billi l-qari tal-odometru huwa maħżun u muri b'mod diġitali, filwaqt li l-aċċess estern għal fini ta' rikonfigurazzjoni huwa faċli, billi l-livell ta' protezzjoni tal-odometri huwa inqas milli dak ta' komponenti oħra fil-vettura;

E. billi t-tbagħbis tal-odometri jagħmel ħsara lill-konsumaturi, lin-negozjanti tal-karozzi użati, lill-assiguraturi u lill-kumpaniji tal-kiri, filwaqt li joffri benefiċċju finanzjarju lil dawk li jwettqu din il-frodi, u jeħtieġ li jinstabu soluzzjonijiet bil-għan li jsir aktar diffiċli għan-nonprofessjonisti biex ibagħbsu l-odometri;

F. billi l-livell ogħla ta' tkagħbir minħabba l-użu tal-karozzi b'odometri li kienu ġew imbagħbsa, jolqot b'mod negattiv is-sikurezza fit-toroq, billi min jixtri tali karozzi jista' jġarrab spejjeż ogħla ta' manutenzjoni u tiswija milli dawk mistennija minħabba li l-karozzi ma jiġux spezzjonati abbażi tal-kilometraġġ veru tagħhom;

G. billi karozzi b'odometri li kienu ġew imbagħbsa, jistgħu juru konsum ogħla u iktar emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu milli mistenni, u b'hekk jiksru r-rekwiżiti tad-durabilità tal-leġiżlazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip;

H. billi s-suq tal-karozzi użati fl-Unjoni, li huwa minn darbtejn sa tlett darbiet akbar mis-suq għaall-karozzi l-ġodda, għandu l-inqas fiduċja tal-konsumatur fost is-swieq tal-oġġetti skont it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Kummissjoni tas-Swieq tal-Konsumatur - 2014 ([11]) u t-tbagħbis tal-odometri jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-telf ta' fiduċja tal-konsumaturi fin-negozjanti ta' karozzi użati, u għalhekk ifixkel il-funzjonament tas-suq intern u l-kompetizzjoni ġusta;

I. billi l-konsumaturi mhumiex infurmati biżżejjed dwar il-modi possibbli ta' prevenzjoni tal-manipulazzjoni tal-qari tal-odometri fil-karozzi użati u dwar it-tekniki eżistenti għall-monitoraġġ tal-kilometraġġ u l-prevenzjoni tal-frodi f'dan il-qasam, u modi ta' ksib ta' aċċess għal dawk it-tekniki;

J. billi bosta Stati Membri għadhom qed jonqsu milli jipprovdu lill-konsumaturi bl-għodod meħtieġa li jippermettulhom jivverifikaw il-passat ta' vettura użata;

K. billi l-frodi tal-kilometraġġ taffettwa b'mod sproporzjonat lill-gruppi soċjali u ż-żoni ġeografiċi b'introjtu aktar baxx, u jesponi lill-konsumaturi fl-Istati Membri li daħlu fl-Unjoni fi jew wara l-2004 u fil-pajjiżi ġirien tal-Unjoni (b'mod partikolari il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent fejn il-karozzi użati mill-Unjoni jiġu importati mingħajr ebda dazju jew soġġetti għal ammont insinifikanti ta' dazju) għal riskju ogħla li tinxtara karozza b'odometru manipulat u għaldaqstant spiss huma milquta minn dik il-prattika ħażina;

([11]) https://ec.europa.eu/info/files/consumer-markets-scoreboard-2014-edition_en

L. billi fl-assenza ta' sistema integrata komuni għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, hemm riskju akbar li jiġi legalizzat qari ta' kilometraġġ li diġà ġie manipulat qabel l-ivverifikar inizjali fil-pajjiż fejn eventwalment tiġi reġistrata l-karozza u fejn diġà hemm miżuri għar-reġistrazzjoni tal-vettura u l-ivverifikar tal-kilometraġġ tagħha;

M. billi l-ġlieda kontra l-frodi tal-odometri permezz tal-istabbiliment ta' regoli uniformi għall-prevenzjoni tal-manipulazzjoni fundamentalment issaħħaħ is-sigurtà u ċ-ċertezza fix-xiri transfruntier tal-vetturi, u għaldaqstant tnaqqas l-iskala ta' prattiki inġusti u toffri benefiċċji sostanzjali għal miljuni ta' konsumaturi fl-Unjoni;

Miżuri eżistenti li jindirizzaw il-frodi tal-odometri

N. billi xi Stati Membri diġà introduċew strumenti biex jimminimizzaw il-manipulazzjoni tal-odometri, bħal "Car-Pass" fil-Belġju u "Nationale AutoPas" (NAP) fin-Netherlands; billi ż-żewġ Stati Membri jużaw bażi tad-data li tiġbor fiha l-qari tal-odometru f'kull manutenzjoni, servizz, tiswija jew spezzjoni perjodika tal-vettura, mingħajr ma tinġabar ebda data personali, u t-tnejn li huma kważi qerdu l-frodi tal-odometri fid-dominji rispettivi tagħhom fi żmien qasir;

O. billi s-sistema Belġjana titħaddem fuq bażi ta' liġi minn organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ u s-sistema fin-Netherlands titħaddem minn aġenzija governattiva; billi ż-żewġ sistemi joperaw bi spiża raġonevoli u s-suċċess tagħhom huwa akkumpanjat u mrawwem minn kampanji ta' sensibilizzazzjoni u ta' informazzjoni kif ukoll minn qafas legali b'saħħtu li jistabbilixxi regoli ċari u penali dissważivi;

P. billi l-għadd ta' karozzi manipulati sostanzjalment ogħla f'pajjiżi mingħajr aċċess għal dawk il-bażijiet tad-data juri li l-iskambju transfruntier tad-data u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri huma kruċjali għas-suċċess tagħhom;

Q. billi is-Sistema ta' Informazzjoni Ewropea tal-Liċenzji tal-Vetturi u tas-Sewqan (Eucaris), diġà tipprovdi infrastruttura u organizzazzjoni għall-iskambju ta' data armonizzata relatata mat-trasport bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri, u tintuża mill-Istati Membri kollha biex jissodisfaw l-obbligi taħt id-Direttiva 2011/82/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([12]) filwaqt li l-funzjonalitajiet tagħha diġà jinkludu reġistrazzjonijiet tal-kilometraġġ;

R. billi jeżistu wkoll soluzzjonijiet tekniċi, kemm fir-rigward tal-hardware kif ukoll tas-software, li jistgħu jiġu integrati f'vetturi mill-manifatturi u b'ħekk tiġi evitata l-manipulazzjoni tal-odometru mill-bidu, billi "Moduli tas-Sigurtà tal-Hardware" u "Estensjonijiet Siguri tal-Hardware" diġà qed jintużaw biex jipproteġu unitajiet ta' kontroll elettroniċi (ECU) fil-vetturi kontra l-aċċess mhux awtorizzat, il-manipulazzjoni jew is-serq tal-karozzi, u l-ispiża tagħhom għal kull vettura hija stmata li tammonta għal EUR 1;

S. billi, sabiex tinkiseb l-approvazzjoni tat-tip għal vettura, ir-Regolament (UE) 2017/1151 jobbliga lill-manifatturi jimplimentaw strateġiji sistematiċi ta' protezzjoni kontra t-tbagħbis u karatteristiċi "write-protect" li jiskoraġġixxu r-riprogrammazzjoni tal-odometri, filwaqt li jqis ukoll karatteristiċi għall-iskambju mill-bogħod ta' data; billi din tirrikjedi biss informazzjoni u spjegazzjonijiet ipprovduti mill-manifattur u ma tipprevedi ebda ttestjar biex jiġi vverifikat jekk l-odometru huwiex sigur kontra t-tbagħbis meta jeżistu proċessi ċertifikati u rikonoxxuti fil-livell internazzjonali, bħall-Kriterji Komuni għall-Evalwazzjoni tas-Sigurtà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni; billi proċessi rikonoxxuti fil-livell internazzjonali, bħall-Kriterji Komuni (ISO/IEC 15408) jistgħu jikkontribwixxu għall-protezzjoni kontra t-tbagħbis;

Leġiżlazzjoni u lakuni

T. billi filwaqt li l-manipulazzjoni tal-odometru hija projbita f'26 Stat Membru iżda huma biss għaxar Stati Membri li għandhom miżuri addizzjonali biex jivverifikaw il-kilometraġġ disponibbli għall-klijenti u sitta biss jirrikonoxxu l-manipulazzjoni tal-odometru bħala reat kriminali ([13]); billi l-hardware u s-software użati għat-tbagħbis tal-odometri huma liberament disponibbli fl-Unjoni u mhumiex ikklassifikati bħala reat kriminali, u billi aktar Stati Membri qed jikkriminalizzaw attivitajiet marbuta mal-manipulazzjoni illegali tal-qari tal-miter;

([12]) Id-Direttiva 2011/82/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li tiffaċilita l-iskambju transkonfinarju ta' informazzjoni fir-rigward ta' reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq, (ĠU L 288, 5.11.2011, p. 1).

([13]) Ara Netwerk taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (ECC-Net, 2015), Xiri transfruntier ta' karozzi: minn xiex għandek toqgħod attent meta tkun qed tfittex karozza bi prezz irħis, p. 236.

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

U. billi l-frodi tal-odometru tirrappreżenta theddida għall-affidabilità stradali, kif indikat fid-Direttiva 2014/45/UE, li tirrikjedi li l-Istati Membri huma mistednin jimponu penali effikaċi, proporzjonati u dissważivi għal manipulazzjonijiet bħal dawn; billi l-Kummissjoni għandha teżamina ulterjorment il-fattibilità li jiġu konnessi l-pjattaformi nazzjonali bil-għan li jkun jista' jsir skambju transfruntier tal-informazzjoni dwar l-affidabilità stradali, li tinkludi l-qari tal-odometri;

V. billi d-Direttiva 2014/45/UE fiha obbligu ta' reġistrazzjoni tal-kilometraġġ matul l-ispezzjoni teknika perjodika (PTI - periodical technical inspection) u tagħmel dawn ir-reġistrazzjonijiet disponibbli għal PTIs sussegwenti, iżda tindirizza biss reġistrazzjonijiet tal-kilometraġġ matul it-testijiet tal-affidabilità stradali mill-ewwel spezzjoni tal-affidabilità stradali 'l quddiem; billi l-ewwel PTI jista' jseħħ sa erba' snin wara l-ewwel reġistrazzjoni tal-vettura, li jħalli biżżejjed ħin għal manipulazzjoni tal-odometru qabel l-ewwel spezzjoni kif ukoll bejn l-ispezzjonijiet, u jista' wkoll jirriżulta f'reġistrazzjoni uffiċjali ta' kilometraġġ żbaljat;

W. billi la d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]) u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 dwar l-approvazzjoni tat-tip, u lanqas ir-Regolament Nru 39 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE Regolament Nru 39) ma jirreferu għall-frodi tal-kilometraġġ jew għall-odometri siguri kontra t-tbagħbis; billi Regolament (KE) Nru 661/2009 jirreferi għar-Regolament 39 tal-UNECE dwar ir-rekwiżiti ta' approvazzjoni għall-ispidometru, iżda ma jipprovdix għar-rekwiżiti fir-rigward ta', jew il-karatteristiċi essenzjali tal-odometri;

Żvilupp futur fis-settur awtomobilistiku

X. billi l-industrija awtomobilistika għamlet progress kbir fl-iżvilupp u fil-produzzjoni ta' vetturi li huma konnessi, jużaw l-ITS u jikkomunikaw mal-ambjent tagħhom, biex b'hekk ħafna mill-karozzi li jidħlu fis-suq diġà huma mogħnija b'funzjonijiet ta' konnettività u għaldaqstant fit-toroq tal-Unjoni qed issir tranżizzjoni lejn flotta ta' vetturi konnessi;

Y. billi, skont diversi sondaġġi, l-età medja tal-karozzi fit-toroq fl-Unjoni hija ta' bejn 7 sa 11-il sena u qed tiżdied b'mod kostanti, filwaqt li fl-Istati Membri li aderew mal-Unjoni fi jew wara l-2004, il-karozzi qabżu sew l-età medja, u dan jirriżulta fi flotta li tikkonsisti f'karozzi ġodda u konnessi ħafna u karozzi relattivament qodma mingħajr ebda funzjoni ta' konnettività;

Z. billi vetturi moderni diġà jibagħtu regolarment is-settijiet ta' data lill-manifatturi inkluż il-kilometraġġ attwali u l-ħin totali ta' tħaddim, u b'hekk titwassal data ewlenija għall-verifika tal-plawżibilità tar-rekord tal-kilometraġġ;

AA. billi t-teknoloġija tal-blockchain tista' tkun soluzzjoni waħda għall-ħżin ta' data mill-odometri;

AB. billi CarTrustChain huwa proġett ta' suċċess dwar kif tista' tintuża t-teknoloġija blockchain biex telimina l-frodi tal-odometri, li kien kofinanzjat mill-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp Reġjonali;

1. Jitlob lill-Kummissjoni biex, abbażi tal-Artikoli 91(1) u 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), tissottometti qafas leġiżlattiv li jirrikjedi li l-Istati Membri joħolqu ostakli legali, tekniċi u operattivi biex ma jippermettux li ssir manipulazzjoni tal-odometri, wara r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti f'din ir-riżoluzzjoni u fl-Anness tagħhom, fi żmien 12-il xahar wara l-adozzjoni mill-Parlament ta' din ir-riżoluzzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tirrieżamina r-rekwiżiti statutorji tar-Regolament (UE) 2017/1151;

2. Jistieden lil Kummissjoni tiżgura li l-istess ostakli legali u tekniċi jiġu applikati wkoll għal importazzjonijiet minn pajjiżi terzi;

([14]) Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi ("Direttiva Kwadru") (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

3. Jilqa' soluzzjonijiet tekniċi bħal HSM u SHE, li diġà jintużaw b'mod wiesa' biex jipproteġu data sensittiva fil-karozzi, u jissottolinja l-fatt li l-qari tal-odometri għandu jibbenefika mill-istess livell ta' protezzjoni bil-għan li tiġi impedita l-manipulazzjoni tal-odometri;

4. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-approvazzjoni tat-tip għas-sigurtà fil-karozza stess, speċjalment għal miżuri tekniċi kontra l-frodi tal-odometri iżda wkoll fid-dawl taż-żieda fil-karozzi konnessi;

5. Jilqa' li l-Kummissjoni inkludiet rekwiżiti b'rabta mas-sigurtà teknoloġika għall-odometri fir-Regolament (UE) 2017/1151; josserva, madankollu, li m'hemm l-ebda dispożizzjoni dwar kif għandu jsir monitoraġġ ta' dawn ir-rekwiżiti, u għaldaqstant jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi kriterji ċari biex is-sigurtà tal-odometri tiġi kkontrollata b'mod effikaċi, tirranġa dawk il-kriterji jekk meħtieġ, fl-iqsar żmien possibbli, u tinforma lill-Parlament dwar l-effikaċja ta' dak ir-Regolament;

6. Jinnota li soluzzjonijiet nazzjonali li jużaw bażijiet tad-data ta' qari frekwenti tal-odometri mill-PTI, żjarat fil-garaxxijiet u spezzjonijiet oħra tal-vetturi kisbu suċċess kbir fil-ġlieda kontra l-manipulazzjoni tal-odometri fl-Istati Membri rispettivi, u għaldaqstant jipproponi li dawk l-Istati Membru li s'issa naqsu milli jaġixxu kif jitolbu ċ-ċirkostanzi biex jistabbilixxu soluzzjonijiet xierqa mill-aktar fis possibbli;

7. Jenfasizza f'dan ir-rigward li l-Istati Membri kollha għandu jkollhom reġistri nazzjonali u jipparteċipaw fl-iskambju transfruntier tad-data minn dawk ir-reġistri, peress li dan huwa l-uniku mod ta' kif il-frodi tal-kilometraġġ tista' tiġi miġġielda b'mod effikaċi fl-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, li tipproponi qafas leġiżlattiv għall-Istati Membri biex jistabbilixxu mekkaniżmi ta' ġbir ta' data nazzjonali komparabbli u reċiprokament kompatibbli, abbażi tal-aqwa prattiki eżistenti, li jipprovdu ġbir ta' data dwar il-kilometraġġ frekwenti u affidabbli minn meta tiġi reġistrata għall-ewwel darba vettura, u li tippermetti l-iskambji internazzjonali;

8. Jisħaq fuq il-punt li l-aċċess transfruntier għall-qari tal-odometri għandu jkun possibbli u li l-aċċess faċli għal dik l-informazzjoni min-naħa ta' xerrej ta' vettura użata jkun kontribut kbir għall-protezzjoni tal-konsumaturi; jissottolinja l-fattli xerrej ta' vettura użata għandu jkun jista' jivverifika l-eżattezza tal-qari tal-odometru tal-karozza, indipendentement mill-Istat Membru fejn kienet reġistrata qabel; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinfurmaw lill-konsumaturi u lill-partijiet ikkonċernati, b'mod proattiv, dwar il-miżuri eżistenti kontra l-frodi tal-odometri u dwar mezzi biex tiġi identifikata u impedita l-manipulazzjoni tal-odometru;

9. Jisħaq li l-Eucaris toffri infrastruttura eżistenti għal skambju kosteffikaċi tal-qari tal-odometri madwar l-Unjoni fuq il-bażi ta' soluzzjoni ta' bażi tad-data; jiddispjaċih li fl-2017 kienu biss il-Belġju, in-Netherlands u s-Slovakkja li għamlu użu mill-pjattaforma Eucaris biex jiskambjaw informazzjoni dwar il-qari tal-odometri, u għaldaqstant iħeġġeġ lill-Istati Membri japprofittaw mill-opportunitajiet ipprovduti minn din is-sistema;

10. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel parteċipazzjoni fl-Eucaris obbligatorja u timplimentaha bħala pjattaforma ta' informazzjoni tal-vetturi u b'hekk tiffaċilita l-verifika tal-kilometraġġ fl-Unjoni bil-ħsieb li jitnaqqsu l-possibilitajiet li jiġu manipulati l-odometri;

11. Jiddispjaċih dwar il-fatt li r-reġistru elettroniku pprovdut fid-Direttiva 2014/45/UE għadu ma ġiex stabbilit u li l-penali tal-Istati Membri mhumiex dissważivi biżżejjed, u b'konsegwenza ta' dan ma ntlaħqux l-objettivi f'dak li jikkonċerna l-iskambju tad-data;

12. Jistieden lill-Kummissjoni tipprevedi qafas ġuridiku li jippermetti lill-Istati Membri jirreġistraw qari tal-odometri obbligatorju mill-PTI, minn kull ispezzjoni, servizz, operazzjoni ta' manutenzjoni u tiswija li jsiru, u minn żjarat fil-garaxxijiet oħra, ibda mill-ewwel reġistrazzjoni tal-vettura;

13. Jenfasizza li soluzzjoni bbażata fuq il-blockchain tista' tkun aktar kosteffikaċi u jistieden lill-Kummissjoni twettaq analiżi kost-benefiċċji għal din is-soluzzjoni fi żmien 12-il xahar mill-adozzjoni mill-Parlament ta' din ir-riżoluzzjoni, inklużi s-sigurtà, it-trasparenza u l-protezzjoni tad-data; jisħaq li, sakemm ma ssir l-applikazzjoni potenzjali ta' din it-teknoloġija għandhom jiġu implimentati mingħajr dewmien soluzzjonijiet effikaċi, li jistgħu jintużaw faċilment u jitħaddmu malajr, b'mod partikolari l-bażijiet tad-data;

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

14. Jisħaq li applikazzjoni usa' ta' teknoloġiji kriptografiċi avvanzati, bħal soluzzjonijiet ibbażati fuq l-HSM jew l-SHE tista' tipprovdi protezzjoni addizzjonali kontra l-manipulazzjonijiet tal-odometri, u tipproteġi l-odometri minn aċċess mhux awtorizzat permezz ta' ċipep ta' sigurtà;

15. Jenfasizza li l-vetturi qed isiru dejjem aktar kapaċi li jkunu konnessi u li dan l-iżvilupp ser ikompli u b'hekk se jippermetti li d-data tal-odometru tiddaħħal awtomatikament f'bażi tad-data jew f'netwerk tal-blockchain; jilqa' l-isforzi tal-industrija tal-karozzi biex jiżviluppaw varjetà ta' salvagwardji tekniċi kontra t-tbagħbis tal-odometru fosthom il-kriptaġġ tad-data, il-protezzjoni tad-data u s-sigurtà iżda wkoll jitlob lill-manifatturi biex itejbu aktar l-effikaċja tas-soluzzjonijiet tekniċi tagħhom;

16. Jenfasizza li l-miżuri kollha li jinvolvu t-trażmissjoni u l-ħżin tad-data għandhom isegwu l-acquis Ewropew għall-protezzjoni tad-data, u jiġu prattikati biss għall-prevenzjoni tat-tbagħbis tal-odometru u bl-oġħla livell ta' protezzjoni ċibernetika;

17. Jistieden lill-Istati Membri biex joħolqu jew jemendaw il-leġiżlazzjoni dwar it-tbagħbis tal-odometru sabiex jagħmluh reat kriminali – inkluż il-forniment ta' hardware, software u s-servizzi relatati meħtieġa għal manipulazzjoni mhux awtorizzata – minħabba li t-tbagħbis iwassal għall-valutazzjoni mhux korretta tal-kundizzjoni tal-vettura, u b'hekk għandu impatt negattiv fuq is-sikurezza tat-toroq; jistieden lill-Istati Membri jipprovdu biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji għall-infurzar effikaċi, mhux diskriminatorju u proporzjonat ta' tali leġiżlazzjoni;

18. Jemmen li t-tibdil ta' odometru ta' vettura b'wieħed li juri qari ta' kilometraġġ aktar baxx, jekk l-għan huwa li jinħeba l-kilometraġġ reali u għaldaqstant isir profitt, jenħtieġ li jitqies bħala frodi tal-kilometraġġ ta' vettura;

19. Jitlob lill-Kummissjoni biex, fuq il-bażi tal-Artikoli 91(1) u 114 tat-TFUE, tissottometti proposta għal att dwar miżuri li jindirizzaw il-manipulazzjoni tal-odometri, skont ir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness ta' hawn taħt;

o

o o

20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet fl-anness lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI:

RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA

It-trawwim ta' soluzzjonijiet tekniċi u tal-approvazzjoni tat-tip

Sabiex il-manipulazzjoni tal-qari tal-odometru ssir aktar diffiċli, għandu jiġi stabbilit livell oġħla ta' sigurtà fil-vettura stess għad-data tal-odometru. Dan għandu jinkiseb billi jiġu inklużi fil-proposta dawn li ġejjin:

— Is-sorveljar tal-implimentazzjoni tal-punt (f) tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2017/1151 u l-preżentazzjoni ta' rapport bir-riżultati lill-Parlament malajr kemm jista' jkun;

— L-istabbiliment ta' rekwiżiti ċari biex jiżguraw il-qari tal-odometru kontra l-manipulazzjoni fosthom – jekk jiġu vvalutati pożittivament – protezzjoni kriptografika tal-manipulazzjoni, sistemi ta' rikonoxximent tal-manipulazzjoni, detezzjoni u reġistrazzjoni separati tal-kilometraġġ u sigurtà tal-hardware;

— L-introduzzjoni ta' metodu ta' ttestjar jew applikazzjoni tal-Kriterji Komuni għall-Evalwazzjoni tas-Sigurtà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni għas-soluzzjonijiet preventivi provduti mir-Regolament (UE) 2017/1151 dwar il-frodi tal-odometri;

Sistemi ta' bażijiet tad-data

Il-bażijiet tad-data bil-qari tal-odometri jnaqqsu b'mod sinifikanti l-għadd ta' vetturi manipulati. Huwa importanti li tinkiseb soluzzjoni għall-Unjoni kollha, għax l-inizjattivi nazzjonali iżolati ma jistgħux jipprevjenu l-frodi tal-odometri fil-kummerċ transfruntier ta' vetturi użati. Għaldaqstant, il-proposta jenħtieġ li tipprovdi l-miżuri li ġejjin:

— ir-reġistrazzjonijiet obbligatorji tal-qari tal-odometru pprovduti fid-Direttiva 2014/45/UE għandhom ikunu magħmula disponibbli għal skambju transfruntier, u jekk jintalbu, għall-klijenti wkoll;

— jinħoloq qafas legali biex jitwaqqfu bażijiet tad-data kumparabbli tar-reġistrazzjonijiet tal-kilometraġġ fl-Istati Membri, filwaqt li jiġu żgurati l-iskambju internazzjonali u l-aċċess għall-informazzjoni, abbażi tal-aqwa prattika eżistenti li tipprovdi reġistrazzjoni frekwenti u affidabbli tad-data tal-kilometraġġ;

— il-bażijiet tad-data tal-qari tal-odometri li jeżistu diġà fil-livell tal-Istati Membri għandhom ikunu interkonnessi, kompatibbli u interoperabbli fil-livell tal-UE u jippermettu skambju internazzjonali tad-data, filwaqt li l-infrastruttura eżistenti bħall-Eucaris għandha tintuża għal implimentazzjoni kosteffikaċi u f'waqtha;

— ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data għandhom jiġu rispettati u, fejn ikun meħtieġ, għandhom jiġu adatti b'mod li jippermetti l-ħżin u l-iskambju tad-data rilevanti u l-protezzjoni tal-privatezza filwaqt li jipprevjenu b'mod effikaċi l-użu frawdolenti tad-data miġbura;

— ix-xerrejja ta' vetturi użati għandhom jiġu provduti b'mezzi biex jivverifikaw, qabel ix-xiri, l-eżattezza tal-qari tal-odometru tal-karozza, abbażi tad-data tal-kilometraġġ miġbura minn dik il-vettura indipendentement mill-Istat Membru fejn kienet reġistrata qabel;

Il-blockchain u l-konnettività bħala soluzzjonijiet fit-tul potenzjali u kumplimentari

Il-vetturi qed isiru dejjem aktar konnessi u s-sehem ta' vetturi konnessi fil-flotta tal-Unjoni qed jikber b'mod kostanti. Dawn diġà jittrażmettu data bħall-qari tal-kilometraġġ attwali lis-servers tal-manifatturi. Dik id-data diġà tista' tintuża biex tinkixef il-frodi tal-kilometraġġ.

Teknoloġija blockchain tista', biż-żmien, toffri għodda affidabbli li permezz tagħha data tiġi mdaħħla f'netwerk u li tgħin il-prevenzjoni tal-manipulazzjoni tad-data li tiddaħħal. L-ikkombinar ta' dawk l-iżviluppi u tat-teknoloġija jista' jiġi esplorat bħala soluzzjoni fit-tul kontra l-frodi tal-odometri.

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

Għalhekk, għandhom jiġu proposti l-miżuri li ġejjin:

— il-kosti u l-benefiċċji potenzjali tal-istabbiliment ta' netwerk Ewropew tal-blockchain għall-qari tal-odometru jenħtieġ li jiġu vvalutati;

— jekk il-valutazzjoni tkun pożittiva: il-qafas legali u regolatorju għal trasmissjoni awtomatizzata tal-qari tal-odometru ta' karozzi li huma mgħammra b'funzjonijiet ta' konnettività u – irrispettivament mill-valutazzjoni tal-blockchain– għall-aċċessar tad-data tal-odometru maħżuna u miġbura mill-manifattur li tikkumplimenta r-reġistrazzjonijiet tal-kilomettraġġ minn entrati manwali fil-PTI u minn sorsi oħra jenħtieġ li jinħoloq;

— it-trażmissjoni tal-qari tal-odometru mill-PTI, miż-żjarat u l-ispezzjonijiet fil-garaxxijiet jenħtieġ li tkun rikjesta, b'hekk il-bażi tad-data tiġi integrata u żviluppata ulterjorment;

Leġiżlazzjoni u infurzar

Il-frodi tal-odometru mhijiex reat kriminali fl-Istati Membri kollha, għalkemm id-Direttiva 2014/45/UE tipprovdi b'mod espliċitu biex dan iseħħ. L-infurzar ta' miżuri legali effettivi, inklużi penali, huwa kruċjali biex tinqered il-frodi tal-odometri. Il-miżuri li ġejjin għandhom għalhekk jiġu proposti:

— il-frodi tal-odometri għandha titqies bħala reat imwettaq kemm mill-persuna li tordna l-modifikazzjoni tal-qari tal-miter (sid il-karozza) kif ukoll mill-persuna li timmodifika l-qari tal-miter, u għandu jkun punibbli b'penali effettivi, proporzjonati, dissważivi u mhux diskriminatorji li jsegwu standard ferm komparabbli fl-Unjoni kollha.

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0237

Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa wara l-2020

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Mejju 2018 dwar il-Pilastru tat-Trasport tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa wara l-2020 (2018/2718(RSP))

(2020/C 76/18)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 311, 312 u 323 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 ([1]) u l-emenda sussegwenti tiegħu bis-saħħa tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2017/1123 tal-20 ta' Ġunju 2017 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2016 dwar it-tħejjija tar-reviżjoni postelettorali tal-QFP 2014-2020: l-input tal-Parlament qabel il-proposta tal-Kummissjoni ([4]),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Riflessjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ġunju 2017 dwar il-Futur tal-Finanzi tal-UE (COM(2017)0358),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ottubru 2017 dwar id-Dokument ta' Riflessjoni dwar il-Futur tal-Finanzi tal-UE ([5]),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-14 ta' Settembru 2016 għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (COM(2016)0604) komunikazzjoni tal-Kummissjoni (COM(2016)0603) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjaha (SWD(2016)0299),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-14 ta' Settembru 2016 għal emenda tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u fuq ġestjoni finanzjarja soda (COM(2016)0606),

— wara li kkunsidra r-ratifika tal-Ftehim ta' Pariġi mill-Parlament Ewropew fl-4 ta' Ottubru 2016 u mill-Kunsill fil-5 ta' Ottubru 2016,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP 2014-2020 ([6]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-15 ta' Ġunju 2016 bl-isem "Reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP)" ([7]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Mejju 2018 bl-isem "Baġit modern għal Unjoni li Tipproteġi, Tagħti s-Setgħa u Tiddefendi – Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027" (COM(2018)0321),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta mill-Kummissjoni u mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tat-28 ta' Marzu 2018 dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobbiltà Militari (JOIN(2018)0005),

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
([2]) ĠU L 163, 24.6.2017, p. 1.
([3]) ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.
([4]) ĠU C 101, 16.3.2018, p. 64.
([5]) Test adottati, P8_TA(2017)0401.
([6]) Testi adottati, P8_TA(2016)0412.
([7]) ĠU C 17, 18.1.2017, p. 20.

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-14 ta' Frar 2018 bl-isem "L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF)" (COM(2018)0066),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-iżvilupp u r-riabilitazzjoni tal-infrastruttura tat-trasport fl-UE għadhom pjuttost frammentati u jirrappreżentaw sfida kbira f'termini ta' kapaċità u finanzjament, iżda huma essenzjali biex jiġu żgurati kemm it-tkabbir sostenibbli, l-impjiegi u l-kompetittività kif ukoll il-koeżjoni soċjali u territorjali fl-Unjoni, u b'hekk ipattu għall-iżbilanċi bejn ir-reġjuni;

B. billi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) hija programm ta' finanzjament komuni, immaniġġjat ċentralment u maħsub biex jippromwovi l-iżvilupp ta' netwerk trans-Ewropew (TEN) bi prestazzjoni għolja, sostenibbli u interkonness fl-oqsma tat-trasport, l-enerġija u l-infrastruttura tas-servizzi diġitali;

C. billi t-tlestija bikrija tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) se tikkontribwixxi b'mod sostanzjali biex l-UE tilħaq il-miri tagħha ta' tnaqqis tal-emissjonijiet skont il-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima, biex l-ekonomija Ewropea tkun dekarbonizzata u biex jintlaħqu l-objettivi 20-20-20 tal-UE fil-qasam tal-politika tal-enerġija u l-klima; billi n-netwerk ewlieni għandu jitlesta sal-2030 u n-netwerk komprensiv sal-2050;

D. billi wieħed minn kull 10 Ewropej jaħdem fis-settur usa' tat-trasport, u billi l-investiment fl-infrastruttura tat-trasport se jwassal għall-ħolqien ta' impjiegi ġodda, peress li huwa stmat li għal kull biljun euro investiti fin-netwerk ewlieni tat-TEN-T se jinħolqu sa 20 000 impjieg ġdid;

E. billi l-FNE tiffoka fuq l-iffaċilitar tal-konnessjonijiet transfruntiera, l-istabbiliment ta' nodi multimodali u urbani, l-indirizzar tal-falliment tas-suq u t-tneħħija tal-punti ta' konġestjoni; billi l-FNE kisbet it-twettiq ta' proġetti li mingħajrha ma kinux se jiġu implimentati, u b'hekk ipprovdiet valur miżjud ċar għall-UE fl-iffaċilitar ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni transnazzjonali;

F. billi s-settur tat-trasport irrappreżenta l-akbar sehem tal-baġit tal-FNE fil-perjodu 2014-2020; billi s-sehem tat-trasport ġie distribwit f'pakkett ġenerali għall-Istati Membri kollha u f'pakkett ta' koeżjoni disponibbli għall-Istati Membri ta' koeżjoni u trasferit direttament mill-Fond ta' Koeżjoni;

G. billi l-FNE hija wieħed mill-aktar programmi ta' suċċess tal-UE tant li ma kienx possibbli li jintlaqgħu t-talbiet kollha; billi, sa tmiem l-2017, il-pilastru tat-trasport tal-FNE kien diġà alloka EUR 21,3 biljun f'għotjiet għal proġetti tat-TEN-T, u b'hekk iġġenera EUR 41,6 biljun ta' investimenti totali; billi, tul l-2018, se jiġu ffirmati ftehimiet ta' għotja addizzjonali għal sejħa għal finanzjament imħallat li tikkombina għotjiet mill-FNE ma' finanzjamenti privati, inkluż mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS); billi f'Novembru 2017 il-baġit inizjali ta' EUR 1 biljun għal din is-sejħa żdied bl-ammont ta' EUR 350 miljun bħala sostenn għall-prijorità "Innovazzjoni u teknoloġiji ġodda", f'konformità mal-objettivi tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Fjuwils Alternattivi;

H. billi l-introduzzjoni tal-prinċipju "użah jew titilfu" ikkontribwiet b'mod sinifikanti għas-suċċess tal-FNE; billi, madankollu, l-irkupru tal-baġit ta' proġetti mhux implimentati għandu jkun aċċelerat;

I. billi l-FNE hija mmirata biex taċċelera l-investiment fl-infrastruttura tat-trasport u fl-innovazzjoni u biex tattira l-finanzjament kemm mis-settur pubbliku kif ukoll minn dak privat, filwaqt li żżid iċ-ċertezza legali u r-rispett tal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika;

J. billi l-Kummissjoni hija mistennija tippubblika l-proposti leġiżlattivi tagħha dwar l-Investiment Strateġiku Ewropew, inkluża Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) aġġornata, f'Ġunju 2018;

1. Jenfasizza li l-investiment fl-infrastruttura tat-trasport ifisser investiment fit-tkabbir sostenibbli fit-tul, il-koeżjoni, il-kompetittività u l-impjiegi; jissottolinja, għalhekk, l-importanza strateġika tal-programm FNE fir-rigward tal-integrazzjoni tas-suq intern, il-mobbiltà intelliġenti u l-opportunità għall-UE li tipprovdi valur miżjud tanġibbli liċ-ċittadini permezz ta' dan il-programm;

2. Jenfasizza li l-FNE kienet, hija u trid tibqa' strument effikaċi u mmirat lejn l-investiment fl-infrastruttura trans-Ewropea (TEN) fis-setturi tat-trasport u l-enerġija u f'dak tas-servizzi diġitali, bil-għan li tikkontribwixxi għall-prijoritajiet tal-UE f'dak li jikkonċerna l-impjiegi, it-tkabbir u l-investiment, is-suq intern, l-Unjoni tal-Enerġija, il-klima u s-suq uniku diġitali;

3. Jenfasizza s-suċċess tal-programm FNE 2014-2020 f'li jġib miegħu valur miżjud Ewropew għoli billi jappoġġa proġetti ta' konnettività b'dimensjoni transfruntiera, interoperabbli u multimodali u proġetti li jtejbu l-konnettività fil-modi kollha tat-trasport, inkluż fuq il-baħar, fil-portijiet interni u fil-passaġġi tal-ilma interni, filwaqt li jagħti prijorità lil proġetti li jindirizzaw il-lakuni f'termini ta' konnessjonijiet, u jneħħi l-punti ta' konġestjoni bil-ħsieb li jinkisbu żona unika Ewropea tat-trasport aċċessibbli għal kulħadd u settur tat-trasport innovattiv; jistieden lill-Kummissjoni żżid il-valur miżjud transfruntier ta' nodi bħall-portijiet tal-baħar u tappoġġa proġetti li jtejbu l-konnettività ma' pajjiżi terzi sħab;

4. Jirrikonoxxi li l-benefiċċju kollu u l-potenzjal sħiħ tal-investiment tal-UE fin-netwerk tat-TEN-T jistgħu jintlaħqu biss wara t-tlestija tan-netwerk ewlieni u dak komprensiv; jistieden lill-Kummissjoni żżomm f'moħħha li t-tlestija ta' dawn in-netwerks se tirrikjedi investimenti sinifikanti, li parti minnhom se tiddependi mit-tkomplija tal-appoġġ tal-UE, jew inkella hemm ir-riskju li t-tali netwerks jiġu fix-xejn; jinsisti li trid tinżamm pressjoni sabiex dawn in-netwerks jitlestew sa mhux aktar tard mill-2030 u l-2050 rispettivament, u skont l-istandards tas-seklu 21 tul il-proċess kollu;

5. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-programm FNE taħt il-proposta tal-QFP 2021-2027 jsegwi l-programm attwali, saħansitra b'ambizzjoni usa' f'termini ta' objettivi ta' politika u riżorsi finanzjarji; jenfasizza li l-investimenti fi proġetti tal-infrastruttura diġitali, innovattivi u sostenibbli tat-trasport għandhom jiġu aċċelerati sabiex nimxu lejn sistema tat-trasport aktar ekoloġika, tassew integrata, moderna, accessibbli għal kulħadd, sikura u effiċjenti;

6. Jirrikonoxxi li intervent mill-FNE kien determinanti għall-varar ta' ħafna mill-proġetti, speċjalment għal proġetti ta' konnettività fil-livell transfruntier, nazzjonali, reġjonali u lokali; jenfasizza li l-FNE wriet li hija katalizzatur importanti għall-investiment pubbliku u privat; jemmen, madankollu, li għandha tittieħed aktar azzjoni sabiex jiġi rilaxxat il-potenzjal sħiħ tagħha;

7. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra aktar modi biex tippromwovi l-FNE bħala strument immexxi mill-politika b'objettivi settorjali speċifiċi, li jindirizza proġetti kumplessi b'dimensjoni ta' interoperabbiltà transfruntiera jew fuq skala tal-UE;

8. Jemmen li, fil-QFP li jmiss, abbażi ta' reviżjoni bir-reqqa tal-perjodu 2014-2020 u l-konsegwenzi tar-relazzjoni kumplessa bejn il-FNE u programmi u strumenti finanzjarji oħrajn, bħal Orizzont 2020, il-Fondi SIE u l-FEIS, u b'mod partikolari l-effett ta' sostituzzjoni osservat bejn il-FNE u l-FEIS, il-Kummissjoni għandha tkompli ssaħħaħ u tiżgura l-komplementarjetà bejn il-FNE u programmi oħra bħal Orizzont tal-Ewropa u l-Fond InvestEU, sabiex iżżomm u tippromwovi l-objettivi ċari tal-programm, tevita x-xogħol doppju u tottimizza r-riżorsi baġitarji;

9. Jenfasizza li kwalunkwe tnaqqis fil-FNE li jmiss favur programmi oħra, kif ġara fl-ambitu tal-FNE 2014-2020 favur il-FEIS u l-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP), jitqies bħala inaċċettabbli; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreserva l-integrità tal-kapaċità finanzjarja tal-FNE, peress li maġġoranza kbira ta' finanzjament tal-FNE hija marbuta ma' proġetti b'benefiċċji usa' fil-livell reġjonali u f'dak tal-UE, iżda li għalihom m'hemmx biżżejjed finanzjament nazzjonali jew finanzjament ibbażat fuq is-suq;

10. Jirrikonoxxi s-suċċess inkoraġġanti tal-ewwel riżultati tas-sejħa għal proposti għal finanzjament imħallat li tnediet taħt il-programm FNE attwali; jinkoraġġixxi għalhekk b'mod qawwi lill-Kummissjoni tirrepeti sejħiet bħal dawn fil-futur u tkompli tuża FNE aktar b'saħħitha fil-forma ta' għotjiet, li jiġu kkombinati ma' strumenti finanzjarji tal-UE u dawk mhux tal-UE, fejn possibbli; jistieden ukoll lill-Kummissjoni ssib modi kif tinkoraġġixxi b'mod aktar effettiv il-parteċipazzjoni ta' koinvestituri privati, u jistieden lill-Istati Membri jneħħu l-ostakoli leġiżlattivi u amministrattivi għal tali proċess;

11. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tinkoraġġixxi sinerġiji fil-livell tal-proġetti bejn it-tliet setturi, li attwalment huma limitati minħabba r-riġidità tal-qafas baġitarju fir-rigward tal-eliġibilità tal-proġetti u l-eliġibilità tal-ispejjeż; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tadatta l-infrastruttura għall-ħtiġijiet futuri ta' mobbiltà nadifa u intelliġenti; jistenna li l-linji gwida tal-politika settorjali futuri u l-istrument tal-FNE jsiru aktar flessibbli sabiex jiffaċilitaw is-sinerġiji u jkunu aktar reattivi għall-prijoritajiet u l-iżviluppi teknoloġiċi l-ġodda bħad-diġitalizzazzjoni, filwaqt li jiġu aċċelerati d-dekarbonizzazzjoni u indirizzati l-isfidi komuni tas-soċjetà bħalma hija s-sigurtà ċibernetika;

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

12. Jenfasizza l-importanza tal-ġestjoni diretta għall-finijiet tal-iżgurar ta' proċeduri komuni għat-tliet setturi, allokazzjoni b'ħeffa tal-fondi u eżekuzzjoni baġitarja tajba ħafna; jirrimarka li l-ġestjoni diretta ta' għotjiet tal-FNE wriet li hija effiċjenti ħafna, b'riżerva b'saħħitha ta' proġetti u proċess ta' għażla kompetittiv, enfasi fuq l-objettivi tal-politika tal-UE, implimentazzjoni kkoordinata u l-involviment sħiħ tal-Istati Membri; jirrikonoxxi r-rwol kruċjali li taqdi l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Innovazzjoni u n-Netwerks (INEA) fis-suċċess tal-FNE billi tottimizza l-baġit, b'mod partikolari permezz tal-flessibilità tagħha biex il-flus mhux minfuqa għal ċerti azzjonijiet tallokahom mill-ġdid malajr għall-finanzjament ta' azzjonijiet ġodda; jinsisti fuq it-tisħiħ tal-INEA biex jiġi żgurat li l-fondi tal-UE jintefqu b'mod xieraq;

13. Jappoġġa l-applikazzjoni tal-prinċipju "użah jew titilfu" fil-ġestjoni diretta tal-FNE; jinsisti, fl-istess waqt, li tinżamm il-possibilità li jiġu riċiklati impenji f'każijiet fejn il-proġetti ma jitwettqux kif ippjanat sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-FNE;

14. Jirrikonoxxi l-kumplessità biex jitressaq proġett, speċjalment għall-infrastrutturi kbar tat-trasport, u r-rilevanza tal-assistenza teknika mogħtija, pereżempju permezz tal-Azzjoni ta' Appoġġ tal-Programm tal-FNE, b'mod partikolari lill-Istati Membri ta' koeżjoni, sabiex tiġi promossa l-eliġibilità ta' proġetti maturi u ta' kwalità għolja; jitlob lill-Kummissjoni tkompli tipprovdi dan it-tip ta' assistenza u teżamina mill-ġdid il-kriterji ta' evalwazzjoni li jiffavorixxu identifikazzjoni aktar ċara tal-valur miżjud tal-proġetti; jappella lill-Kummissjoni biex, barra minn hekk, tieħu passi ulterjuri sabiex tissimplifika b'mod sinifikanti r-rekwiżiti amministrattivi, mhux biss għal għotjiet żgħar, u tadatta l-assistenza teknika għall-applikanti ta' proġetti żgħar;

15. Jilqa' l-fatt li fil-programm 2014-2020, EUR 11,3 biljun ġew ittrasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni għall-pakkett ta' koeżjoni tal-pilastru tat-trasport tal-FNE, u jenfasizza s-suċċess eċċezzjonali tas-sejħiet għal proposti fil-qasam tal-koeżjoni;

16. Jinnota l-proposta tal-Kummissjoni li talloka EUR 42 265 miljun lill-FNE għall-perjodu 2021-2027, inklużi EUR 7 675 miljun għal proġetti dwar l-enerġija u EUR 2 662 miljun (it-tnejn li huma fi prezzijiet kostanti) għal proġetti tat-telekomunikazzjoni u diġitali; jiddispjaċih, madankollu, li fi prezzijiet kostanti, l-allokazzjoni għall-pilastru tat-trasport tal-FNE tammonta għal EUR 11 384 miljun u l-kontribuzzjoni mill-Fond ta' Koeżjoni tammonta għal EUR 10 000 miljun, ammonti li jirrappreżentaw tnaqqis ta' 12 % u 13 % rispettivament; jinnota u ma jistax jaċċetta li l-fondi allokati għall-pilastru tat-trasport huma l-uniċi li tnaqqsu; jissottolinja li l-isfidi li qed iħabbat wiċċu magħhom is-settur tat-trasport fis-suq intern u s-suċċess tal-FNE jmorru kontra t-tnaqqis tal-ammont tal-pakkett tat-trasport u jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra mill-ġdid l-ammont propost;

17. Jemmen li sabiex jinżamm livell għoli tal-kredibilità u tal-attrattiva tal-programm FNE għall-investituri, il-kapaċità finanzjarja tiegħu matul il-perjodu tal-QFP li jmiss għandha tiżdied; jenfasizza li baġit insuffiċjenti għat-trasport iqiegħed f'riskju t-tlestija tan-netwerk TEN-T, u li dan fil-fatt jiżvaluta l-investimenti mill-finanzi pubbliċi li diġà saru;

18. Jissottolinja, barra minn hekk, li dan il-pakkett ta' koeżjoni għandu dimensjoni reġjonali qawwija li twieġeb għal domanda lokali u huwa element ewlieni għat-tlestija tal-partijiet tan-netwerk ewlieni fl-Istati Membri ta' koeżjoni, u għalhekk għall-koeżjoni territorjali tal-UE; jinnota li l-investiment fl-infrastruttura tat-trasport tal-UE, meta implimentat bil-kontribuzzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni, għandu jibqa' jikkostitwixxi sistema bbilanċjata sew ta' sorsi b'ġestjoni ċentrali u b'ġestjoni kondiviża; jenfasizza li l-ammont allokat taħt il-ġestjoni diretta fil-qafas tal-FNE mill-Fond ta' Koeżjoni fil-QFP li jmiss 2021-2027 irid tal-anqas jibqa' fl-istess livell bħal dak tal-QFP preċedenti 2014-2020, u li dan l-ammont irid ikun biżżejjed biex matul il-QFP li jmiss 2021-2027 jitlestew dawk il-proġetti ffinanzjati mill-ammonti allokati tal-Fond ta' Koeżjoni taħt il-FNE attwali;

19. Ifakkar li t-tlestija tan-netwerk ewlieni tat-trasport fl-UE u t-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika se jkomplu jirrikjedu l-parteċipazzjoni fit-teħid tad-deċiżjonijiet taċ-ċittadini u tal-partijiet interessati kkonċernati, it-trasparenza fl-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ambjentali u finanzjarja tal-proġetti, it-titjib tal-integrazzjoni modali u l-promozzjoni ta' operazzjonijiet komodali;

20. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jibqgħu impenjati biex jilħqu l-objettivi ta' politika ewlenin tal-FNE fis-settur tat-trasport: sal-2030 – it-tlestija tan-netwerk ewlieni tat-TEN-T, inkluża l-implimentazzjoni tar-Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew (SESAR), l-awtostradi tal-baħar (MoS) u s-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS), u t-tranżizzjoni lejn mobbiltà nadifa, kompetittiva, innovattiva u konnessa, inkluża bażi tat-tariffi infrastrutturali tal-fjuwils alternattivi tal-UE sal-2025; progress lejn it-tlestija tan-netwerk komprensiv tat-TEN-T sal-2050;

21. Jissottolinja l-ħtieġa ta' enfasi aktar qawwija fuq proġetti orizzontali intelliġenti; jitlob għalhekk lill-Kummissjoni tikkunsidra li tistabbilixxi inizjattivi speċifiċi, iddedikati u tranżnazzjonali biex tiġi aċċelerata u żgurata l-implimentazzjoni korretta ta' prijoritajiet orizzontali bħall-ERTMS permezz tal-mobilizzazzjoni ta' investimenti privati, parzjalment billi jingħabru flimkien għotjiet u strumenti finanzjarji;

22. Ifakkar, fir-rigward tas-settur tat-trasport, fl-importanza li ssir enfasi fuq konnessjonijiet transfruntiera u multimodali, soluzzjonijiet diġitali, bidla modali u trasport aktar sostenibbli; jemmen li FNE aġġornata għandha wkoll tagħti prijorità lil rabtiet aktar diretti bejn in-netwerk ewlieni u dak komprensiv; jemmen li dawn l-objettivi għandhom jiġu riflessi fil-listi ta' proġetti identifikati minn qabel inklużi fir-Regolament dwar il-FNE li jmiss;

23. Jirrikonoxxi li s-settur tat-trasport għandu jieħu vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet offruti mit-teknoloġiji diġitali u innovattivi, u jirrikonoxxi li infrastrutturi tat-trasport ġodda u innovattivi huma dejjem aktar attraenti għall-investiment, speċjalment mis-settur privat; jirrimarka, madanakollu, li l-infrastruttura eżistenti tibqa' s-sinsla tan-netwerk tal-UE u jenfasizza l-urġenza li jsir ħafna aktar investiment fil-manutenzjoni tal-infrastruttura eżistenti; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tiżgura l-attrattiva tal-modifika retroattiva jew it-titjib tal-infrastruttura eżistenti b'ambizzjoni għolja fl-innovazzjoni;

24. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lir-reġjuni ultraperiferiċi, kif minqux fl-Artikolu 349 TFUE, billi testendi n-netwerk ewlieni ta' portijiet biex ittejjeb il-konnettività fi ħdan il-baċiri ġeografiċi tagħhom, bejn ir-reġjuni nnifishom, mal-art kontinentali u ma' pajjiżi terzi; iqis li r-reġjuni ultraperiferiċi għandu jkollhom sa 85 % tal-kofinanzjament fil-modi kollha tat-trasport sabiex jittejjeb l-aċċess tagħhom għas-sejħiet u biex jinħolqu konnessjonijiet marittimi regolari bejn ir-reġjuni ultraperiferiċi u ż-żoni kontinentali; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-ħolqien ta' sejħa speċifika għar-reġjuni ultraperiferiċi u tikkunsidra, barra minn hekk, l-allokazzjoni ta' finanzjament għal teknoloġija innovattiva għal ajruporti reġjonali fir-reġjuni ultraperiferiċi, sabiex jiġu garantiti s-sikurezza u l-manutenzjoni tal-infrastruttura tal-ajruporti;

25. Jilqa' l-objettivi stabbiliti fil-komunikazzjoni konġunta dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobbiltà Militari f'termini kemm ta' titjib fl-infrastruttura kif ukoll ta' ħolqien ta' sinerġiji; jistieden lill-Kummissjoni tuża l-FNE biex tappoġġa l-iżvilupp ta' infrastruttura b'użu doppju għal skopijiet ċivili jew ta' difiża tul in-netwerk TEN-T;

26. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0238

Is-sitwazzjoni fin-Nikaragwa

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Mejju 2018 dwar is-sitwazzjoni fin-Nikaragwa (2018/2711(RSP))

(2020/C 76/19)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar in-Nikaragwa, b'mod partikulari dawk tat-18 ta' Diċembru 2008 ([1]), tas-26 ta' Novembru 2009 ([2])u tas-16 ta' Frar 2017 ([3]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Amerka Ċentrali tal-2012,

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Strateġija tal-UE dwar il-Pajjiż u l-Programm Pluriennali Indikattiv 2014-2020 dwar in-Nikaragwa,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' Ġunju 2004,

— wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tan-Nikaragwa,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kelliem tal-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) tad-19 ta' Novembru 2016 dwar ir-riżultati finali tal-elezzjonijiet fin-Nikaragwa,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Kelliem tal-VP/RGħ tat-22 ta' April 2018 u tal-15 ta' Mejju 2018 dwar in-Nikaragwa,

— wara li kkunsidra l-istqarrija għall-istampa tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR) tas-27 ta' April 2018 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fin-Nikaragwa,

— wara li kkunsidra ż-żjara tal-Kummissjoni Inter-Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (IACHR) bejn is-17 u l-21 ta' Mejju 2018 biex tinvestiga s-sitwazzjoni fin-Nikaragwa u d-dikjarazzjoni preliminari tagħha tal-21 ta' Mejju 2018,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kelliema tal-Uffiċċju tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem Liz Throssell tal-20 ta' April 2018 dwar il-vjolenza relatata mal-protesti fin-Nikaragwa,

— wara li kkunsidra l-istqarrija għall-istampa tal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani (OAS) tal-14 ta' Mejju 2018 dwar iż-żjara għal investigazzjoni tas-sitwazzjoni fin-Nikaragwa,

— wara li kkunsidra r-rapport tas-Segretarjat Ġenerali tal-OAS tal-20 ta' Jannar 2017 dwar in-Nikaragwa, u d-dikjarazzjoni tiegħu tat-22 ta' April 2018 li tikkundanna l-vjolenza fin-Nikaragwa,

— wara li kkunsidra l-communiques maħruġa mill-Konferenza Episkopali tan-Nikaragwa, u b'mod partikolari dik l-aktar reċenti, tat-23 ta' Mejju 2018,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

([1]) ĠU C 45 E, 23.2.2010, p. 89.
([2]) ĠU C 285 E, 21.10.2010, p. 74.
([3]) Testi adottati, P8_TA(2017)0043.

A. billi, skont xi rapporti, tal-anqas 84 ruħ inqatlu, aktar minn 860 indarbu u 400 ġew arrestati b'riżultat tal-protesti paċifiċi mmexxija mill-istudenti li bdew fit-18 ta' April 2018 b'oppożizzjoni għar-riformi fis-sigurtà soċjali mħabbra mill-President Daniel Ortega; billi l-maġġoranza tal-vittmi ġarrbu ġrieħi minn tiri fir-ras, l-għonq, is-sider jew iż-żaqq, li jindikaw bil-qawwa eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji; billi l-awtoritajiet tan-Nikaragwa stigmatizzaw lid-dimostranti apertament bħala "vandali"filwaqt li akkużawhom b'"manipulazzjoni politika";

B. billi, fit-23 ta' April 2018, is-Sur Ortega ħabbar il-kanċellazzjoni tar-riforma tas-sigurtà soċjali, iżda d-dimostrazzjonijiet inbidlu f'disturbi usa' u f'sejħiet għal gvern interim u għar-restawr tal-ordni demokratiku; billi sors ieħor ta' skuntentizza u ta' kunflitt apert huwa l-qabża kbira f'attivitajiet "estrattivisti"orjentati lejn l-esportazzjoni;

C. billi, fl-20 ta' April 2018, 600 student sfaw attakkati fil-Katidral Metropolitan ta' Managua minn forzi ta' kontra l-irvelli u minn grupp ta' membri tal-Front Sandinista ta' Liberazzjoni Nazzjonali li aġixxew b'impunità totali u bil-kompliċità u l-kunsens tal-pulizija; billi l-IACHR iddokumentat attakki fuq erba' siti universitarji (UCA, UPOLL, UNA u UNAN);

D. billi l-għadd kbir ta' mwiet juri r-repressjoni brutali mħaddma mill-awtoritajiet tal-istat, bi ksur tal-prinċipji ta' neċessità u ta' proporzjonalità li jirrikjedu d-dritt u l-istandards internazzjonali li jistabbilixxu limitazzjonijiet fuq l-użu tal-forza; billi l-kap tal-Pulizija Nazzjonali tan-Nikaragwa, Aminta Granera, irriżenjat minħabba l-użu eċċessiv ta' vjolenza;

E. billi l-istabbilimenti tal-media li rrapportaw il-protesti ngħalqu mill-gvern b'mod arbitrarju u l-ġurnalisti li esprimew kwalunkwe forma ta' oppożizzjoni ġew intimidati u detenuti; billi r-repressjoni mill-awtoritajiet tan-Nikaragwa fuq il-libertà tal-espressjoni u l-fastidju lill-mexxejja tal-oppożizzjoni ġew ikkundannati bħala attakk fuq il-libertajiet ċivili; billi l-ġurnalist Angel Gahona nqatel b'arma tan-nar waqt li kien qed jagħmel xandira diretta;

F. billi organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem irreġistraw bosta allegazzjonijiet dwar nuqqas ta' assistenza u ta' trattament lil dimostranti midruba fl-isptarijiet pubbliċi;

G. billi, fis-27 ta' April 2018, il-President tal-Assemblea Nazzjonali, Gustavo Porras, ħabbar li kienet se tinħoloq Kummissjoni għall-Verità biex tinvestiga dak li ġara waqt il-protesti; billi, fis-6 ta' Mejju 2018, bord ta' seba' leġiżlaturi – li ħamsa minnhom jappartjenu għall-partit tal-President Ortega – għażlu l-ħames membri tal-Kummissjoni, u billi l-Assemblea Nazzjonali rratifikat il-ħatra tagħhom;

H. billi l-IACHR żaret in-Nikaragwa mis-17 sal-21 ta' Mejju 2018; billi ddokumentat arresti illegali u arbitrarji, prattiki ta' tortura, trattament krudil, inuman u degradanti, ċensura tal-istampa u attakki kontriha u forom oħra ta' intimidazzjoni bħal theddidiet, fastidju u persekuzzjoni maħsuba biex ixejnu l-protesti u jinibixxu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini;

I. billi d-djalogu nazzjonali bejn is-Sur Ortega u l-oppożizzjoni u gruppi ċiviċi fin-Nikaragwa, li ġie varat fis-16 ta' Mejju 2018 u sar bil-medjazzjoni tal-Knisja Kattolika, ma rnexxilux isib soluzzjoni għall-kriżi u ġie sospiż, minħabba li n-negozjaturi tal-gvern irrifjutaw li jiddiskutu aġenda ta' 40 punt imressqa mill-medjaturi, li kienet tinkludi rotta direzzjonali lejn elezzjonijiet demokratiċi, inklużi riformi għal-liġi elettorali, antiċipazzjoni tal-elezzjonijiet u projbizzjoni li l-President jerġa' jiġi elett; billi ġie propost li jinħoloq kumitat konġunt magħmul minn sitta min-nies – tlieta mill-gvern u tlieta mill-pjattaforma "Alianza Cívica por la Justicia y la Democracia";

J. billi, mill-2007 'l hawn, is-Sur Ortega ġie elett fil-kariga ta' President tliet darbiet konsekuttivi, minkejja l-fatt li l-Kostituzzjoni tan-Nikaragwa kienet tipprojbixxi rielezzjonijiet konsekuttivi, b'mod li juri biċ-ċar il-korruzzjoni u l-awtoritarjaniżmu li ħakmu l-istat; billi l-elezzjonijiet fl-2011 u fl-2016 ġew ikkritikati ferm għall-irregolaritajiet tagħhom mill-istituzzjonijiet tal-UE u mill-OAS, minħabba li saru mingħajr il-preżenza ta' osservaturi minn waħda jew oħra minn dawn l-organizzazzjonijiet jew ta' kwalunkwe osservatur internazzjonali ieħor kredibbli;

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

K. billi l-korruzzjoni fis-settur pubbliku, inkluża l-korruzzjoni li tinvolvi lill-qraba tas-Sur Ortega, għadha waħda mill-akbar sfidi; billi t-tixħim ta' uffiċjali pubbliċi, is-sekwestri illegali u l-valutazzjonijiet arbitrarji mill-awtoritajiet tad-dwana u tat-taxxa huma komuni ħafna; billi ġew espressi preokkupazzjonijiet leġittimi dwar nepotiżmu fi ħdan il-Gvern tan-Nikaragwa; billi gruppi tad-drittijiet tal-bniedem ikkundannaw il-konċentrazzjoni gradwali tal-poter ikkawżata mill-ħakma ta' partit wieħed u t-tidgħif tal-istituzzjonijiet;

L. billi l-istat tan-Nikaragwa ġarrab tnaqqis tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt f'dan l-aħħar deċennju; billi l-iżvilupp u l-konsolidament tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali jridu jkunu parti integrali mill-politiki esterni tal-UE, inkluż il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi tal-Amerka Ċentrali tal-2012;

1. Jikkundanna l-fatt li dimostranti paċifiċi fin-Nikaragwa li qed jopponu r-riforma tas-sigurtà soċjali ġarrbu repressjoni brutali u intimidazzjoni, li wasslu għal ħafna każijiet ta' mewt, għajbien u arrest arbitrarju mwettqa mill-awtoritajiet tan-Nikaragwa, il-forzi armati, il-pulizija u gruppi vjolenti li jappoġġjaw lill-gvern; ifakkar lill-forzi tas-sigurtà tan-Nikaragwa li dmirhom, qabel kollox, huwa li jiddefendu liċ-ċittadini minn kull ħsara;

2. Jesprimi l-kondoljanzi u s-simpatija tiegħu lill-familji tal-vittmi kollha maqtula u midruba matul id-dimostrazzjonijiet;

3. Jistieden lill-awtoritajiet tan-Nikaragwa biex iwaqqfu kull att ta' vjolenza kontra persuni li jeżerċitaw id-dritt għal-libertà ta' espressjoni u d-dritt tal-għaqda; jappella wkoll biex id-dimostranti u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jmexxu l-protesti joqogħdu lura milli jużaw il-vjolenza huma u jeżerċitaw drittijiethom; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tan-Nikaragwa jeħilsu lill-persuni kollha detenuti b'mod arbitrarju, jikkumpensaw lill-familjari kollha affettwati u jipprovdu garanziji li mhu se jsir l-ebda proċediment kriminali kontrihom; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-istat joqogħdu lura milli jagħmlu dikjarazzjonijiet pubbliċi li jistigmatizzaw lid-dimostranti, lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u lill-ġurnalisti, u milli jużaw il-media statali biex jagħmlu kampanji pubbliċi li jistgħu jinkoraġġixxu l-vjolenza;

4. Jistieden lill-awtoritajiet tan-Nikaragwa jippermettu minnufih investigazzjoni internazzjonali, indipendenti u trasparenti biex issir prosekuzzjoni kriminali ta' dawk responsabbli għar-repressjoni u għall-imwiet matul il-protesti; jilqa', f'dan ir-rigward, iż-żjara tal-IACHR fin-Nikaragwa u jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-konklużjonijiet tar-rapport preliminari; iħeġġeġ lill-komunità internazzjonali taqdi rwol attiv biex dawk responsabbli jagħtu rendikont ta' għemilhom;

5. Jitlob li l-Gvern tan-Nikaragwa jirrikonoxxi u jsaħħaħ l-awtorità tal-kumitat għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet imressqa mill-IACHR, u jistabbilixxi kalendarju għal żjarat oħra tagħha; jitlob li jinħoloq reġistru pubbliku tal-attendenza fl-isptarijiet, kif talbet l-IACHR;

6. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tan-Nikaragwa jipprovdu lill-atturi kollha fis-soċjetà, inklużi l-forzi tal-oppożizzjoni, il-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, fosthom l-attivisti ambjentali u s-soċjetà ċivili, spazju adegwat li fih ikunu jistgħu joperaw liberament, taħt id-dritt internazzjonali, biex b'hekk titwitta t-triq ħalli n-naħat kollha opposti jiddiskutu s-sitwazzjoni fin-Nikaragwa u jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż; ifakkar li l-parteċipazzjoni sħiħa tal-oppożizzjoni, id-depolarizzazzjoni tal-ġudikatura, it-tmiem tal-impunità u l-pluralità tal-media huma fatturi essenzjali għar-restawr tal-ordni demokratiku fil-pajjiż;

7. Jiddeplora l-vjolazzjoni tal-libertà tal-media fin-Nikaragwa, sew qabel u sew wara l-protesti; iqis li s-sekwestru ta' stabbilimenti tal-media mill-awtoritajiet matul il-protesti mhuwiex aċċettabbli; jistieden lill-Gvern ireġġa' lura fil-pajjiż il-libertà sħiħa tal-media u l-libertà tal-kelma, u jtemm il-fastidju lill-ġurnalisti;

8. Jieħu nota tal-varar reċenti ta' djalogu nazzjonali u l-istabbiliment ta' Kummissjoni għall-Verità, li jeħtiġilha tinkludi l-parteċipazzjoni ta' atturi nazzjonali indipendenti mis-setturi kollha, kif ukoll atturi internazzjonali; jiddispjaċih għall-falliment tal-ewwel fażi tad-djalogu nazzjonali kkawżat mir-restrizzjonijiet imposti mill-Gvern tan-Nikaragwa, u jesprimi t-tama li l-issuktar reċenti tad-djalogu jagħti l-opportunità biex tinstab soluzzjoni għall-kriżi u l-vjolenza tintemm; jenfasizza li kwalunkwe djalogu għandu jsir mingħajr vjolenza u repressjoni, bir-rispett tad-dritt u tal-kostituzzjoni, u tal-prinċipju li kwalunkwe bidla fil-liġijiet għandha ssir bi qbil mal-proċeduri stabbiliti f'dawn tal-aħħar;

9. Jiddenunzja l-passi illegali meħuda bi ksur tas-sistema ġudizzjarja li wasslu għal bidliet kostituzzjonali li warrbu l-limiti tal-mandat presidenzjali u b'hekk ippermettew il-presidenza kontinwa tas-Sur Ortega, bi ksur ċar tad-dritt għal elezzjonijiet demokratiċi; jisħaq fuq il-bżonn ta' istituzzjonijiet demokratiċi b'saħħithom, tal-libertà tal-għaqda u tal-pluralità politika; jappella, f'dan ir-rigward, għal riforma elettorali li twassal għal elezzjonijiet ġusti, trasparenti u kredibbli li jirrispettaw l-istandards internazzjonali, bħala l-mod biex tissolva l-kriżi politika;

10. Jistieden lill-awtoritajiet jiġġieldu kontra l-korruzzjoni bla rażan fi ħdan iċ-ċrieki politiċi tan-Nikaragwa, li xxekkel il-ħidma tal-istituzzjonijiet kollha tal-istat u tillimita l-investiment barrani; jappella għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tan-Nikaragwa kontra l-korruzzjoni, inkluża dik dwar it-tixħim, l-abbuż tal-kariga u l-pagamenti ta' faċilitazzjoni; huwa mħasseb dwar ir-rabtiet bejn il-President Ortega u kunflitti oħra fir-reġjun; jistieden lill-awtoritajiet tan-Nikaragwa jiffirmaw u jirratifikaw l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali;

11. Jirrimarka li, fid-dawl tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi tal-Amerka Ċentrali, in-Nikaragwa trid tiġi mfakkra fil-ħtieġa li tirrispetta l-prinċipji tal-istat tad-dritt, tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem, kif stabbiliti fil-klawsola dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-Ftehim; iħeġġeġ lill-UE tissorvelja s-sitwazzjoni u, jekk ikun meħtieġ, tivvaluta l-miżuri potenzjali li jkun għandhom jittieħdu; iwissi dwar il-konsegwenzi gravi mil-lat politiku, ekonomiku u ta' investiment li jistgħu jsegwu l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani, lill-Assemblea Parlamentari Ewro-Latino-Amerikana, lill-Parlament tal-Amerka Ċentrali, lill-Grupp ta' Lima, u lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika tan-Nikaragwa.

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0239

L-Ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-emanċipazzjoni tan-nisa: nittrasformaw il-ħajjiet tal-bniet u tan-nisa permezz tar-relazzjonijiet esterni tal-UE 2016-2020

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Mejju 2018 dwar l-implimentazzjoni tad-Dokument ta' Ħidma Konġunt tal-Persunal (SWD(2015)0182) – L-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Emanċipazzjoni tan-Nisa: Nittrasformaw il-Ħajjiet tal-Bniet u tan-Nisa permezz tar-Relazzjonijiet Esterni tal-UE 2016-2020 (2017/2012(INI))

(2020/C 76/20)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tat-18 ta' Diċembru 1979 dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa (CEDAW),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin (CETS Nru 197) u l-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament u l-Abbuż Sesswali (CETS Nru. 201),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tal-11 ta' Mejju 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul),

— wara li kkunsidra r-rapport dwar il-Fond tal-Popolazzjoni tan-NU (UNFPA) tal-2012 intitolat "Marrying Too Young – End Child Marriage" (Żwieġ Kmieni Wisq - Inwaqqfu ż-Żwieġ tat-Tfal),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing tal-1995 mir-Raba' Konferenza Dinjija, u l-eżiti tal-konferenzi ta' reviżjoni,

— wara li kkunsidra l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp u l-eżiti tal-konferenzi ta' reviżjoni,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà Nri 1325 (2000), 1820 (2009), 1888 (2009), 1889 (2010), 1960 (2011), 2106 (2013), 2122 (2013) u 2242 (2015),

— wara li kkunsidra l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa tat-Tielet Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp ta' Lulju 2015,

— wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, adottata f'Settembru 2015 u li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2016, u b'mod partikolari, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli 1, 5, 8 u 10 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Inizjattiva Spotlight UE-NU,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2010-2015 (GAP I),

— wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2011-2020), adottat mill-Kunsill fis-7 ta' Marzu 2011,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Settembru 2010 intitolata 'L-istrateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010-2015' (COM(2010)0491),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta tat-28 ta' April 2015 tal-Kummissjoni Ewropea u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (2015-2019), Inżommu d-Drittijiet tal-Bniedem fiċ-Ċentru tal-Aġenda tal-UE" (JOIN(2015)(0016),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sessi fl-Iżvilupp tas-26 ta' Mejju 2015,

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2020 (GAP II), adottat mill-Kunsill fis-26 ta' Ottubru 2015, u r-rapport Annwali ta' Implimentazzjoni tal-2016 tiegħu, ippubblikat fid-29 ta' Awwissu 2017 mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli,

— wara li kkunsidra l-Impenn Strateġiku tal-Kummissjoni Ewropea għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-2016-2019 tat-3 ta' Diċembru 2015,

— wara li kkunsidra l-Istrateġija Globali tal-UE għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea ta' Ġunju 2016,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 208 tat-TFUE li jistabbilixxi l-Prinċipju ta' Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp, li jirrikjedi li l-objettivi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp jitqiesu fil-politiki li x'aktarx jaffettwaw lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw,

— wara li kkunsidra l-Konsensus Ewropew il-ġdid għall-Iżvilupp,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2015 dwar it-tiġdid tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u t-Tisħiħ tal-Pożizzjoni tan-Nisa fl-Iżvilupp ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Frar 2017 dwar ir-Reviżjoni tal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp ([2]),

— wara li kkunsidra l-Valutazzjoni tal-Implimentazzjoni Ewropea tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2020, ippubblikata f'Ottubru 2017 mis-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-rapport tas-COC Nederland dwar l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida tal-UE dwar l-LGBTI ([3]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra d-deliberazzjonijet konġunti tal-Kumitat għall-Iżvilupp u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi skont l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżivlupp u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A8-0167/2018),

A. billi l-prinċipju tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel huwa valur bażiku tal-UE u huwa minqux fit-Trattati tal-UE u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi trid għalhekk tiġi implimentata u integrata fl-attivitajiet u l-politiki kollha tal-UE bil-għan li tintlaħaq fil-prattika l-ugwaljanza u jinkiseb l-iżvilupp sostenibbli; billi l-ugwaljanza u l-emanċipazzjoni tan-nisa jiffurmaw prekundizzjoni għall-ilħiq tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli wara l-2015, kif ukoll huma kwistjoni awtonoma tad-drittijiet tal-bniedem li għandha tkun segwita b'mod indipendenti mill-benefiċċji tagħha għall-iżvilupp u t-tkabbir;

B. billi l-ħames Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG5) huwa li tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi u sabiex in-nisa u l-bniet kollha madwar id-dinja jiġu emanċipati, u billi l-SDG5 jrid ikun integrat fl-aġenda sħiħa tal-2030 sabiex jikseb il-progress fl-għanijiet u l-miri kollha tal-Iżvilupp Sostenibbli;

C. billi l-ebda strateġija ta' żvilupp ma tista' tkun effettiva sakemm in-nisa u l-bniet ma jkollhomx rwol ċentrali;

([1]) ĠU C 349, 17.10.2017, p. 50.
([2]) Testi adottati, P8_TA(2017)0026.
([3]) https://www.ilga-europe.org/sites/default/files/Attachments/report_on_the_implementation_of_the_eu_lgbti_guidelines_2016.pdf

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

D. billi minkejja li l-Pjan ta' Azzjoni oriġinali dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi I (2010-2015) (GAP I) ġab miegħu xi progress, imma kien fih ukoll għadd ta' nuqqasijiet: kamp ta' applikazzjoni limitat, nuqqas ta' bbaġittjar li jkun sensittiv fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi, fehim batut tal-qafas ta' ugwaljanza bejn is-sessi min-naħa tad-delegazzjonijiet tal-UE, nuqqas ta' impenn min-naħa tal-mexxejja tal-UE, u nuqqas ta' arkitettura istituzzjonali u inċentivi biex jiġi mmotivat u appoġġat il-persunal b'mod adegwat;

E. billi l-Parlament, fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2015, talab biex dawn in-nuqqasijiet jiġu kkoreġuti u biex għadd ta' bidliet oħra jiġu adottati, inkluż it-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tal-GAP u ż-żieda fir-responsabilità fil-livell ta' ġestjoni għall-ugwaljanza bejn is-sessi;

F. billi fl-2018 jiġi ċċelebrat is-70 anniversarju mill-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, u billi l-prinċipju tal-ugwaljanza jifforma l-qalba tal-viżjoni tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1945 dwar id-drittijiet tal-bniedem, li tgħid li d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali għandhom ikunu disponibbli għall-bnedmin kollha "mingħajr diskriminazzjoni abbażi ta' razza, sess, ilsien jew reliġjon";

G. billi l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi II il-ġdid 2016-2020 (GAP II) beda mir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament b'enfasi fuq il-bdil tal-kultura istituzzjonali tal-UE fil-livell tal-kwartieri ġenerali kif ukoll fil-livell tad-delegazzjoni biex tinħoloq bidla sistematika fil-mod ta' kif l-UE tindirizza l-kwistjonijiet marbuta mal-ugwaljanza bejn is-sessi u fuq it-trasformazzjoni tal-ħajjiet tan-nisa u tal-bniet permezz ta' erba' oqsma kruċjali;

H. billi l-erba' oqsma kruċjali maħluqa fi ħdan il-GAP II huma: l-iżgurar tal-integrità fiżika u psikoloġika tal-bniet u n-nisa; il-promozzjoni tad-drittijiet ekonomiċi u soċjali u l-emanċipazzjoni tal-bniet u n-nisa; it-tisħiħ tal-vuċi u l-parteċipazzjoni tal-bniet u n-nisa; u pilastru orizzontali li jikkonsisti mill-bidla tal-kultura istituzzjonali tas-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE sabiex jitwettqu b'mod aktar effettiv l-impenji tal-UE;

I. billi fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Ottubru 2017 dwar l-indirizzar tat-tnaqqis tal-ispazju tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw ([4]), il-Parlament jenfasizza l-importanza kbira tal-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-emanċipazzjoni tan-nisa permezz tar-relazzjonijiet esterni tal-UE;

J. billi huwa diffiċli li jiġi ddeterminat il-baġit allokat għall-azzjonijiet li jħaddnu l-ugwaljanza bejn is-sessi, peress li l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi għadha mhix internalizzata fl-allokazzjonijiet kollha tal-baġit u d-deċiżjonijiet dwar l-infiq bħala parti minn metodoloġija ta' bbaġitjar li tqis l-ugwaljanza bejn is-sessi; billi skont il-Kummissjoni l-impenji finanzjarji tal-UE għall-ugwaljanza bejn is-sessi żdiedu iżda l-kapaċità ta' riżorsi tal-Kummissjoni u tas-SEAE għall-ġestjoni ta' dan il-volum ta' xogħol li qed jiżdied, ma żdiditx;

K. billi li l-parteċipazzjoni tan-nisa f'attivitajiet ekonomiċi hija kruċjali għall-iżvilupp sostenibbli u t-tkabbir ekonomiku;

L. billi hemm it-tendenza li l-ugwaljanza bejn is-sessi tkun assenti fil-programmi u fis-sistemi ta' monitoraġġ tal-proġetti u fil-proċessi ta' evalwazzjoni u billi l-analiżi tal-ugwaljanza bejn is-sessi ftit li xejn hija użata sabiex tinforma dwar objettivi, programmi, proġetti u djalogu tal-istrateġija tal-pajjiżi;

M. billi sena wara l-adozzjoni tal-GAP II għadu kmieni wisq biex issir valutazzjoni sħiħa tal-impatt tiegħu; billi huwa rakkomandat intervall ta' mill-inqas tliet snin ta' intervent ta' politika jew ta' implimentazzjoni qabel ma ssir evalwazzjoni ta' azzjoni tal-UE; billi l-objettiv ta' dan ir-riżoluzzjoni, għaldaqstant, mhuwiex li jiġu diskussi l-objettivi tal-GAP II iżda li jitqies kif ġew implimentati l-objettivi msemmija fl-ewwel sena tiegħu u li jiġu rrakomandati azzjonijiet biex tittejjeb l-implimentazzjoni fis-snin li ġejjin;

N. billi l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal (CRC) ġiet iffirmata minn 195 pajjiż, hi legalment vinkolanti u tirrappreżenta strument essenzjali biex tiġi indirizzata l-vulnerabbiltà tal-bniet u l-ħtieġa tagħhom għal protezzjoni u kura speċjali;

([4]) Testi adottati, P8_TA(2017)0365.

O. billi l-istabbiliment mill-ġdid u l-estensjoni tal-Politika tal-Belt tal-Messiku jew l-hekk imsejħa regola "Global Gag", it-tneħħija tal-assistenza globali tas-saħħa tal-Istati Uniti mill-organizzazzjonijiet li jipprovdu lill-bniet u lin-nisa b'servizzi ta' ppjanar tal-familja u ta' saħħa sesswali u riproduttiva, huma ta' ħassib serju; billi programmi li jindirizzaw l-HIV/AIDS, is-saħħa materna u tat-tfal, l-isforzi għar-rispons taz-Zika u oqsma oħra ta' saħħa u mard ser ikunu affettwati, inklużi organizzazzjonijiet li jipprovdu servizzi ta' abort, jagħtu pariri dwarhom, jirreferu għalihom jew jimmilitaw favurihom - anki jekk qed jagħmlu dan bil-fondi tagħhom stess, mhux provenjenti mill-Istati Uniti u anki jekk l-abort huwa legali f'pajjiżhom;

P. billi d-delegazzjonijiet u l-missjonijiet tal-UE huma f'kuntatt dirett fl-implimentazzjoni tal-GAP II f'pajjiżi sħab, u t-tmexxija u l-għarfien tal-kapijiet u tal-istaff tad-delegazzjonijiet u tal-missjonijiet għandhom rwol sinifikanti li jiżgura l-implimentazzjoni b'suċċess tal-GAP II; billi għad hemm ostaklu bbażat fuq is-sessi li jfixkel lin-nisa milli jkollhom aċċess għal kariġi ta' tmexxija u ta' ġestjoni fid-delegazzjonijiet tal-UE;

Q. billi terz biss mid-delegazzjonijiet kollha tal-UE jaħdmu fuq id-drittijiet tal-bniedem LGBTI; billi l-Linji Gwida tal-UE dwar l-LGBTI mhux qed jiġu applikati b'mod regolari; billi l-implimentazzjoni tagħhom tiddependi b'mod qawwi fuq l-għarfien u l-interess ta' ambaxxaturi individwali, minflok approċċ strutturat;

R. billi l-irġiel u n-nisa huma affettwati b'mod differenti f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt, wara l-kunflitt u f'sitwazzjonijiet fraġli; billi n-nisa mhumiex biss vittmi iżda wkoll mezzi ta' bidla pożittiva, li jistgħu jikkontribwixxu għall-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitt, tal-bini tal-paċi, tan-negozjati tal-paċi u ta' rikostruzzjoni wara l-kunflitt; billi n-nisa u l-bniet jistgħu jesperjenzaw forom differenti ta' diskriminazzjoni u jkunu iktar esposti għall-faqar; billi fid-dinja, mara minn kull tlieta, x'aktarx tesperjenza vjolenza fiżika u sesswali f'xi mument matul ħajjitha; billi kull sena, 14-il miljun tifla jiġu mġiegħla jiżżewġu;

1. Jinnota l-pubblikazzjoni, f'Awwisu 2017, tal-ewwel rapport ta' implimentazzjoni annwali għas-sena 2016, li juri momentum ċar lejn l-implimentazzjoni tal-GAP II;

2. Jisħaq fuq il-punt li, sena wara l-adozzjoni tal-GAP II, għadu kmieni wisq, iżda d-direzzjoni ġenerali li ttieħdet qed tintlaqa' tajjeb u ġie nnotat numru ta' tendenzi pożittivi; jinnota wkoll, madankollu, numru ta' sfidi fir-rigward tar-rapportar u l-implimentazzjoni ta' prijoritajiet ewlenin u SDGs relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi, u l-monitoraġġ tal-progress għall-objettivi kollha, kif ukoll f'dak li jirrigwarda l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fi djalogu tal-politika tas-settur;

3. Jinnota li l-GAP II ġie prodott fil-forma ta' Dokument ta' Ħidma Konġunt tal-Persunal; jistieden lill-Kummissjoni turi l-impenn kbir tagħha billi taġġornah f'komunikazzjoni futura dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi;

4. Jinnota li l-użu ta' riċerka politika avvanzata u l-użu ta' evidenza b'saħħitha huma mezzi kritiċi ta' bini ta' għarfien dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-emanċipazzjoni tan-nisa sabiex jiġu żviluppati politiki u strateġiji li jsaħħu l-kapaċità tal-Unjoni biex l-ugwaljanza bejn is-sessi ssir realtà ta' kuljum; jitlob lis-SEAE u lill-Kummissjoni, għalhekk biex jagħtu attenzjoni speċjali lill-għan tagħhom li jiżguraw li titwettaq evalwazzjoni indipendenti tal-implimentazzjoni tal-miżuri stipulati fl-Anness 1 tal-GAP II;

5. Jinnota li l-GAP II jipprovdi aġenda komprensiva li tkopri l-aġenda tal-UE kollha dwar il-politika estera, u jilqa', f'dan ir-rigward, l-għażla ta' erba' pilastri tematiċi, prinċipalment l-iżgurar tal-integrità fiżika u psikoloġika tal-bniet u tan-nisa, il-promozzjoni tad-drittijiet ekonomiċi u soċjali kif ukoll l-emanċipazzjoni tal-bniet u tan-nisa, u t-tisħiħ tal-vuċijiet tal-bniet u tan-nisa u tal-parteċipazzjoni tagħhom; jenfasizza li dawn il-pilastri huma maħsuba biex jindirizzaw il-fatturi u l-kawżi prinċipali involuti fid-diskriminazzjoni u l-marġinalizzazzjoni; jinnota wkoll il-pilastru orizzontali li jikkonsisti mill-bidla tal-kultura istituzzjonali tas-servizzi tal-Kummissjoni u tas-SEAE sabiex iwettaq b'mod aktar effettiv l-impenji tal-UE għall-ugwaljanza bejn is-sessi u l-emanċipazzjoni tan-nisa permezz tar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni;

6. Jinnota li l-fatturi u l-kawżi kontributorji ewlenin li jwasslu għad-diskriminazzjoni u l-marġinalizzazzjoni jinkludu: il-vjolenza sesswali u dik ibbażata fuq is-sessi kontra n-nisa u l-bniet, inklużi t-tradizzjonijiet dannużi bħaż-żwieġ tat-tfal u l-mutilazzjoni ġenitali femminili; l-aċċess inadegwat għal setturi u servizzi soċjali bażiċi, pereżempju s-saħħa, l-edukazzjoni, l-ilma, is-sanità u n-nutrizzjoni; id-diffikultajiet fil-ksib ta' aċċess għas-saħħa sesswali u riproduttiva; u l-parteċipazzjoni mhux ugwali f'istituzzjonijiet pubbliċi u privati, kif ukoll fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u fil-proċessi ta' paċi;

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

7. Jinnota li l-inugwaljanza bejn is-sessi tinkroċja ma' forom oħra ta' inugwaljanza, u tiggravahom, u li fehim ta' dak il-punt għandu jiggwida l-għażla tal-prijoritajiet u l-impenji għal azzjoni;

8. Jitlob għal attenzjoni akbar fl-implimentazzjoni tal-GAP II, fuq il-bniet u n-nisa li jsofru diskriminazzjoni addizzjonali minħabba etniċità, sesswalità, diżabilità, kasta, jew età, u sabiex id-data tinqasam skont il-każ;

9. Isostni li inklużjoni akbar tan-nisa fis-suq tax-xogħol, appoġġ aħjar għal intraprenditorija tan-nisa, ħarsien tal-opportunitajiet indaqs u paga ugwali għal irġiel u nisa, u promozzjoni tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata huma fatturi ewlenin fil-kisba tat-tkabbir ekonomiku inklussiv fit-tul, fil-ġlieda kontra l-inugwaljanzi, u fil-promozzjoni tal-indipendenza finanzjarja tan-nisa;

10. Jilqa' l-qafas b'saħħtu ta' monitoraġġ u responsabilità stabbilit biex jitkejjel u jiġi intraċċat il-progress tal-GAP II u jirrikonoxxi li ż-żieda fl-ambizzjoni tiegħu tipprovdi opportunità reali għall-UE biex tagħmel progress f'dak li jikkonċerna l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll l-emanċipazzjoni tal-bniet u tan-nisa fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni; jirrikonoxxi madankollu l-bżonn għal fehim aktar profond u armonizzazzjoni ta' dan il-qafas sabiex jiġu evalwati b'mod xieraq l-impatti tal-azzjonijiet tal-UE;

11. Jirrikonoxxi l-importanza tat-tisħiħ tal-politiki u tal-miżuri li jippromwovu l-edukazzjoni għall-bniet, u l-implikazzjonijiet tiegħu f'dak li jikkonċerna s-saħħa tagħhom u l-għoti ta' setgħa ekonomika; jirrimarka li l-bniet u t-tfajliet huma partikolarment vulnerabbli u li huwa meħtieġ iffukar speċifiku sabiex jiġi żgurat l-aċċess tagħhom għal-livelli kollha ta' edukazzjoni; jitlob, f'dan ir-rigward li tiġi kkunsidrata firxa ta' opportunitajiet fil-qasam tax-xjenza, tat-teknoloġija, tal-inġinerija u tal-matematika (suġġetti STEM);

12. Jirrimarka li involviment akbar mis-settur kemm pubbliku kif ukoll privat huwa kruċjali għall-avvanz tad-drittijiet tan-nisa u l-għoti tas-setgħa ekonomika tagħhom f'setturi ekonomiċi differenti; jenfasizza l-ħtieġa għall-inklużjoni u r-rappreżentanza tan-nisa f'oqsma ekonomiċi emerġenti li huma importanti għall-iżvilupp sostenibbli, inkluż l-ICT; jenfasizza li n-negozju għandu rwol importanti fit-tisħiħ tad-drittijiet tan-nisa; jistieden, f'dan il-kuntest li jingħata appoġġ akbar lill-SMEs lokali, b'mod partikolari lil imprendituri nisa, sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw minn tkabbir immexxi mis-settur privat;

13. Jenfasizza l-ħtieġa li n-nisa li jgħixu fiż-żoni rurali jiġu emanċipati billi jittejjeb l-aċċess tagħhom għall-art, l-ilma, l-edukazzjoni u t-taħriġ, is-swieq u s-servizzi finanzjarji;

14. Jistieden lill-UE biex tippromwovi l-parteċipazzjoni miżjuda tan-nisa fiż-żamma tal-paċi u fil-proċessi tal-bini tal-paċi u fil-missjonijiet militari u tal-ġestjoni tal-kriżijiet ċivili tal-UE;

Il-kisbiet tal-GAP II

15. Jilqa' l-espansjoni tal-pjan ta' azzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi għas-servizzi esterni kollha tal-UE u għall-Istati Membri, u jinnota l-progress fil-bidla tal-kultura istituzzjonali tal-UE fil-livell tal-kwartieri ġenerali u tad-delegazzjonijiet, li huwa fundamentali għat-tisħiħ tal-effettività tal-inizjattivi tal-UE u l-impatt tagħhom fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi; jilqa' wkoll ir-rekwiżit obbligatorju introdott mill-GAP II biex l-atturi kollha tal-UE jirrappurtaw kull sena dwar il-progress li jkun sar f'tal-inqas qasam tematiku wieħed; itenni madankollu l-ħtieġa għal tmexxija msaħħa u għal titjib kontinwu fil-koerenza u l-koordinazzjoni fost l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri, filwaqt li jintużaw l-istrutturi u l-baġit eżistenti;

16. Jilqa' l-fatt li s-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE kif ukoll 81 % tad-delegazzjonijiet tal-UE u 22 Stat Membru ppreżentaw rapporti dwar is-sessi għall-2016; filwaqt li jagħraf li jista' jkun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali li jirriżultaw f'delegazzjonijiet li ma jirrapportawx, jistenna li d-delegazzjonijiet u l-Istati Membri jintensifikaw l-isforzi tagħhom, u jixtieq jara progress kontinwu, sena wara l-oħra, dwar ir-rapporti kollha li qed jiġu sottomessi; josserva li għad hemm disparitajiet sinifikanti bejn l-Istati Membri; ifakkar li konformità sħiħa fir-rappurtar u l-implimentazzjoni tal-GAP se tkun fundamentali għall-kisba tal-mira tal-GAP II li hija l-integrazzjoni ta' azzjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-85 % tal-inizjattivi kollha ġodda sal-2020;

17. Jilqa' l-passi prattiċi lejn bidla kulturali u l-introduzzjoni ta' analiżi tas-sessi obbligatorja għall-azzjonijiet esterni ġodda kollha li jkunu saru, u b'hekk it-tqegħid tar-responsabbiltà ġenerali għar-rappurtar dwar il-GAP fuq il-kapijiet tad-delegazzjonijiet tal-UE (EUDs), kif ukoll iż-żieda fl-għadd ta' persunal ta' livell għoli involut fl-implimentazzjoni tal-GAP II u l-ħatra ta' numru dejjem akbar ta' promoturi ta' livell għoli tal-kwistjonijiet dwar is-sessi u punti fokali fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi fid-delegazzjonijiet tal-UE, għalkemm kif jinsabu bħalissa l-affarijiet, il-punt fokali fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi jinsab biss f'nofs id-delegazzjonijiet tal-UE; jitlob li jiġi ddedikat aktar ħin fil-livell ġestjonali għall-kwistjonijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi, u biex dawk id-delegazzjonijiet li għadhom m'għamlux dan, jaħtru l-punti fokali tagħhom fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi; jisħaq li l-punti fokali kollha fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi għandhom jingħataw biżżejjed żmien u kapaċità biex iwettqu l-kompiti tagħhom;

18. Jiddispjaċih li skont ir-rapport tas-SEAE ta' Novembru 2016, huma biss ftit il-missjonijiet tal-PSDK tal-UE li jipprovdu taħriġ dwar il-fastidju sesswali jew dak ibbażat fuq is-sessi, u jinnota li fl-2015, waqt il-missjonijiet tal-PSDK, ma kien irrapportat l-ebda każ ta' fastidju sesswali jew ta' dak ibbażat fuq is-sessi, ta' abbuż jew ta' vjolenza; jisħaq fuq l-importanza li tiġi applikata politika ta' tolleranza żero fir-rigward ta' każijiet ta' fastidju sesswali jew dak ibbażat fuq is-sessi, kif ukoll li jiġu appoġġati l-istrutturi istituzzjonali ffukati fuq il-prevenzjoni tal-vjolenza sesswali jew abbażi tas-sessi; jistieden lis-SEAE u lill-Istati Membri jappoġġaw l-isforzi kollha biex jiġġieldu l-vjolenza sesswali u dik abbażi tas-sessi f'operazzjonijiet internazzjonali għaż-żamma tal-paċi u jiżguraw li l-informaturi u l-vittmi jiġu protetti b'mod effikaċi;

19. Jilqa' n-numru akbar ta' azzjonijiet b'enfasi fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi (indikaturi G1 & G2), u r-rekwiżit għad-delegazzjonijiet biex jiġġustifikaw proġetti li m'għandhomx tali enfasi; jissottolinja li ż-żidiet ġenerali fi proġetti bħal dawn m'għandhomx isiru għad-detriment ta' proġetti speċifiċi mmirati lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi (indikatur G2), jirrakkomanda, għalhekk, mira speċifika għal proġetti tal-G2; jinnota li mhux ċar kif azzjonijiet immirati (G2) u integrati (G1) għandhom jikkumplimentaw lil xulxin; jitlob għal aktar sforzi li jiċċaraw l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u jżidu azzjonijiet immirati;

20. Jinnota li huma biss ftit komponenti rikorrenti ta' ugwaljanza bejn is-sessi li huma applikati fl-għażla tal-programmi u tal-proġetti; jistieden lill-atturi tal-implimentazzjoni jużaw il-firxa sħiħa tal-oqsma tal-ugwaljanza bejn is-sessi;

21. Jikkundanna l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, u kull forma ta' vjolenza bbażata fuq is-sessi inkluż it-traffikar tal-bnedmin, l-isfruttament sesswali, iż-żwieġ furzat, id-delitti għall-unur, il-mutilazzjoni ġenitali femminili u l-użu ta' vjolenza sesswali bħala arma tal-gwerra; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri kollha biex jirratifikaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul, bħala l-ewwel strument legalment vinkolanti li għandu fil-mira tiegħu l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa;

22. Jiddispjaċih li n-nisa li jkunu esperjenzaw vjolenza jew li jkunu qed jesperjenzaw vjolenza mhumiex appoġġati b'mod ugwali kontra l-vjolenza mill-irġiel, f'termini ta' informazzjoni dwar, l-aċċess għal u l-għoti ta' kenn, servizzi ta' appoġġ u drittijiet, linji telefoniċi għall-għajnuna, ċentri ta' kriżi f'każ ta' stupru, eċċ; jenfasizza li l-Konvenzjoni ta' Istanbul għandha titfa' l-attenzjoni ewlenija tagħha fuq il-vjolenza tal-irġiel fuq in-nisa, filwaqt li tindirizza wkoll il-vjolenza kollha bbażata fuq is-sessi billi tindirizza il-vjolenza mmotivata mill-intersezzjoni ta' diversi raġunijiet, inklużi l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru u l-espressjoni tal-ġeneru; jenfasizza l-importanza ta' miżuri strateġiċi biex jiġu miġġielda b'mod proattiv l-isterjotipi tas-sessi u jiġu miġġielda tendenzi ta' patrijarkiżmu, razziżmu, sessiżmu, omofobija u transfobija, kif ukoll normattività bejn is-sessi u l-eteronormattività;

23. Jiddispjaċih ħafna li l-ipprogrammar kurrenti, jidher li jwarrab id-dimensjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi f'sitwazzjonijiet ta' kriżi jew ta' kunflitti diffiċili, li fost riżultati oħra, fisser li l-bniet u n-nisa li huma vittmi ta' stupru fil-gwerra m'għandhomx aċċess għall-kura mhux diskriminatorja, u speċifikament għal kura medika komprensiva; jistieden lill-Kummissjoni timplimenta b'mod sistematiku l-GAP II f'kuntesti umanitarji fejn irid jipprovdi aċċess mhux diskriminatorju għal servizzi mediċi, u tinforma b'mod attiv lis-sħab umanitarji tagħha li l-politika tal-Kummissjoni tipprevedi li, f'każijiet fejn it-tqala thedded il-ħajja tal-mara jew ta' tifla jew tikkawża sofferenza, id-dritt umanitarju internazzjonali jista' jiġġustifika l-offerta ta' abort sikur; jisħaq fuq il-fatt li l-provvista tal-għajnuna umanitarja min-naħa tal-UE u l-Istati Membri m'għandhiex tkun soġġetta għal restrizzjonijiet imposti minn donaturi sħab oħra fir-rigward ta' trattament mediku neċessarju, inkluż l-aċċess għal abort sikur għal nisa u bniet li huma vittmi ta' stupru f'kunflitti armati. jilqa' l-fatt li ħafna delegazzjonijiet tal-UE ffokaw fuq il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa; jinsisti f'dan il-kuntest fuq il-bżonn li tiġi żgurata l-protezzjoni tad-dritt għall-ħajja u d-dinjità tan-nisa u l-bniet kollha billi jiġu miġġielda b'mod attiv il-prattiki dannużi bħall-ġenerużidju; jenfasizza l-fatt li l-użu tal-istupru bħala arma tal-gwerra u oppressjoni jrid jiġi eliminat, u li l-UE trid tpoġġi pressjoni fuq il-gvernijiet ta' pajjiżi terzi u fuq il-partijiet interessati kollha implikati fir-reġjuni fejn tkun qed issir tali vjolenza bbażata fuq is-sessi, sabiex tintemm il-prattika, jitressqu l-awturi quddiem il-ġustizzja u ssir ħidma mas-sopravissuti, in-nisa affettwati u l-komunitajiet biex jgħinuhom ifiequ u jirkupraw;

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

24. Jenfasizza li r-rispett universali u l-aċċess għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi jikkontribwixxu għall-ksib tal-għanijiet kollha tal-iżvilupp sostennibbli relatati mas-saħħa, bħall-kura prenatali u l-miżuri biex jiġi evitat ħlas b'riskju għoli u titnaqqas il-mortalità tat-trabi u tat-tfal; josserva li l-aċċess għall-ippjanar tal-familja, is-servizzi tas-saħħa materna u s-servizzi ta' abort sikuri u legali huma elementi importanti li jsalvaw il-ħajjiet tan-nisa; jiddispjaċih, madankollu, li l-prijoritajiet relatati mal-ippjanar tal-familja jew mas-saħħa riproduttiva huma injorati f'termini kemm ta' finanzjament kif ukoll ta' programmi; jinsab imħasseb li l-ebda delegazzjoni tal-UE fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika ta' Fuq u fir-reġjuni tal-Ewropa u tal-Asja Ċentrali ma għażlet xi indikatur relatat mas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi minkejja l-bżonnijiet importanti fir-rigward tas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi f'dawk ir-reġjuni; jistieden lid-delegazzjonijiet tal-UE f'dawk ir-reġjuni jevalwaw mill-ġdid dawn iċ-ċifri inkwetanti sabiex jiddeterminaw jekk jistgħux jintrabtu ma' kwistjonijiet ta' rappurtar ħażin jew jekk hemmx bżonn li l-programmi kurrenti jiġu kkomplementati b'azzjonijiet immirati dwar is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, u b'hekk jieħdu vantaġġ mir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-ipprogrammar; jissottolinja l-fatt li l-kapitlu ddedikat dwar is-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi jrid jinżamm fir-rapport annwali sabiex jiżgura li l-impatt transformattiv tal-GAP II jiġi vvalutat kif suppost u li l-progress fil-qasam tas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi jiġi identifikat b'mod xieraq mill-approċċ metodoloġiku tar-rapport;

25. Jinnota li r-rapport juri l-ħtieġa għal azzjoni aktar b'saħħitha rigward l-SRHR bħala prekundizzjoni għall-ugwaljanza bejn is-sessi u l-emanċipazzjoni tan-nisa kif ukoll in-neċessità għal għodda xierqa biex jitkejjel il-progress rigward l-iżgurar tal-aċċess universali għall-SRHR, kif miftiehem skont l-impenn tal-UE għall-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u d-dokument riżultanti tal-konferenzi ta' reviżjoni tagħhom skont l-SDG 5.6; ifakkar ukoll, f'dan ir-rigward, l-SDGs 3.7 u 5.3;

26. Jiddispjaċih li f'kuntest ta' spazju tas-soċjetà ċivili li qed jonqos, l-Objettiv 18 li jiffoka fuq l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa u d-difensuri tad-drittijiet tan-nisa qed jirċievi ftit attenzjoni; jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-prijorità tematika dwar id-drittijiet politiċi u ċivili, u speċifikament il-parteċipazzjoni tan-nisa u l-bniet fid-drittijiet politiċi u ċivili, ma ġietx enfasizzata fl-implimentazzjoni tal-GAP II;

Rakkomandazzjonijiet ewlenin għall-Kummissjoni/SEAE

27. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jieħdu passi ulterjuri biex jiffaċilitaw l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn id-delegazzjonijiet u l-unitajiet fit-titjib fl-ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi, bħall-istabbiliment u l-promozzjoni ta' netwerk ta' punti fokali tas-sessi u l-kondiviżjoni ta' eżempji aktar pożittivi ta' prattika ta' suċċess, li jinkludu iżda li mhumiex limitati għal formulazzjoni ta' programm, implimentazzjoni u analiżi sistemika tas-sessi, u sabiex jiġi żgurat li l-analiżi tas-sessi jkollha impatt effettiv fuq il-programmi implimentati mid-delegazzjonijiet tal-UE;

28. Jirrimarka li sar progress sinifikanti f'oqsma differenti ta' prijorità, madankollu ġie nnutat li xi wħud għamlu avvanz aktar kajman minn kif seta' kien mistenni; jistieden lill-Kummissjoni teżamina permezz ta' studju r-raġunijiet għaliex ċerti objettivi tematiċi u oqsma ta' prijorità jiġu ta' spiss ikkunsidrati mid-delegazzjonijiet tal-UE u b'kisba ta' progress akbar;

29. Jappella għat-tisħiħ tal-kapaċità tar-riżorsi umani ddedikati għall-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fi ħdan is-servizzi tal-Kummissjoni, permezz ta' taħriġ imfassal apposta u riorganizzazzjoni tal-istrutturi eżistenti u persunal addizzjonali; jissuġġerixxi li taħriġ tal-persunal imtejjeb, immirat speċjalment lejn uffiċjali għolja fir-rwoli maniġerjali u li jinkludi taħriġ speċifiku dwar il-kwistjonijiet marbuta mal-ugwaljanza bejn is-sessi fi gruppi aktar vulnerabbli, kif ukoll l-eżistenza ta' punt fokali fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi għal kull unità u grupp ta' koordinazzjoni għal kwistjonijiet b'rabta mas-sessi fost l-unitajiet f'DĠ DEVCO, DĠ NEAR u s-SEAE, jgħinu aktar biex tiġi integrata l-perspettiva tas-sessi fost l-unitajiet tal-politika esterna; iqis li t-titjib u l-ispeċjalizzazzjoni ulterjuri fit-taħriġ dwar kwistjonijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi għandhom isiru disponibbli wkoll għas-sħab lokali fil-livell tal-gvern u fost l-atturi mhux statali, inklużi l-NGOs;

30. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu żgurati l-koerenza u l-komplementarjetà fost l-istrumenti u l-politiki esterni kollha eżistenti tal-UE fir-rigward tal-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż il-Kunsens il-ġdid dwar l-Iżvilupp, il-pakkett tar-riżorsi tal-UE dwar l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-kooperezzjoni għall-iżvilupp u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija;

31. Jilqa' n-nota ta' gwida tat-8 ta' Marzu 2016 li tiddeskrivi r-riżorsi u l-għodod għall-implimentazzjoni tal-GAP II li tapplika għal DĠ DEVCO u s-SEAE u jappella għall-għoti ta' nota ta' gwida lis-servizzi Ewropej kollha involuti fl-implimentazzjoni tal-GAP II;

32. Jilqa' t-tnedija tal-inizjattiva globali konġunta bejn l-UE u n-NU dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi ("l-Inizjattiva Spotlight"), f'konformità mal-objettiv tal-GAP II li jindirizza l-vjolenza sesswali u sessista u prattiki dannużi bħall-MĠF, żwieġ prekoċi u furzat, jew traffikar tal-bnedmin; jinnota, madankollu, li l-Inizjattiva Spotlight tindirizza prinċipalment l-elementi tal-aġenda li diġà jirrappreżentaw tħassib kondiviż madwar id-dinja, kif jidher fir-rapport ta' implimentazzjoni u għalhekk jissottolinja l-ħtieġa li l-ugwaljanza bejn is-sessi titjieb b'mod aktar komprensiv, permezz ta' taħlita adegwata ta' programmi u modalitajiet; jitlob biex l-Inizjattiva Spotlight tingħata fondi addizzjonali li mhumiex diġà allokati għall-ugwaljanza bejn is-sessi; jistieden lill-Kummissjoni tuża r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-programmi ta' kooperazzjoni internazzjonali tagħha biex iżżid il-finanzjament għall-Pakkett ta' Riżorsi għal kwistjonijiet dwar is-Sessi sabiex twettaq l-għanijiet ambizzjużi tal-GAP II, inkluża l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-kooperazzjoni bilaterali u permezz ta' programmi tematiċi;

33. Jenfasizza li l-prinċipju tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel irid jiġi promoss u integrat mill-UE fir-relazzjonijiet esterni tagħha; jinnota, madankollu, li r-rabta bejn il-kummerċ u s-sessi mhijiex indirizzata biżżejjed fil-GAP II u b'mod aktar ġenerali l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi tibqa' sfida multidimensjonali; ifakkar, f'dan ir-rigward, li n-negozjati ta' ftehimiet kummerċjali, u speċjalment tal-kapitoli tal-Kummerċ u tal-Iżvilupp Sostenibbli li jkopru d-drittijiet tal-ħaddiema, jirrappreżentaw għodda importanti għall-avvanz tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u għall-emanċipazzjoni f'pajjiżi terzi; jistieden, għaldaqstant, lil DĠ Kummerċ jieħu passi biex jimplimenta l-GAP II f'ħidmietu u biex il-ftehimiet kummerċjali kollha tal-UE jinkludu d-drittijiet tal-bniet u n-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi, bħala muturi tat-tkabbir ekonomiku, u jirrispetta l-konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO dwar id-drittijet tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tal-ħaddiema, anke dwar ix-xogħol furzat u t-tħaddim tat-tfal; ifakkar fil-ħtieġa li jiġi mmonitorjat l-impatt tal-politiki kummerċjali tal-UE dwar l-emanċipazzjoni tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi matul l-implimentazzjoni tagħhom;

34. Jinnota li l-emanċipazzjoni tal-bniet u n-nisa hi waħda mill-għanijiet iddikjarati tal-azzjoni esterna tal-UE permezz tal-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà; jinnota li r-rwol tan-nisa fin-negozjati għall-paċi u fil-medjazzjoni kif intiż fil-GAP II mhuwiex biżżejjed; jenfasizza r-rwol importanti tan-nisa fil-promozzjoni tad-djalogu u l-bini tal-fiduċja, fil-bini ta' koalizzjonijiet favur il-paċi u biex jiġu introdotti perspettivi differenti dwar it-tifsira tal-paċi u s-sigurtà, partikolarment fil-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitt u r-rikostruzzjoni ta' wara l-kunflitti; jinnota li l-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa f'pajjiżi fi kriżi jew mifnija minn kunflitti tippromwovi komunitajiet aktar b'saħħithom u aktar reżiljenti; jilqa' l-ħatra fi ħdan is-SEAE ta' Konsulent Prinċipali dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, kif ukoll l-Implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU Nru 1325 dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà; iħeġġeġ it-tisħiħ tal-azzjoni mill-Istati Membri tal-UE u dik internazzjonali permezz tan-NU, sabiex jiġi indirizzat b'aktar effikaċja l-impatt ta' sitwazzjonijiet ta' kunflitt u ta' wara l-kunflitt fuq in-nisa u l-bniet; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa n-Netwerk il-ġdid ta' Punti Fokali globali dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà; jinnota l-importanza tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 2250 dwar iż-Żgħażagħ, il-Paċi u s-Sigurtà kif ukoll l-importanza li jinstabu l-aħjar modi possibbli biex l-UE timplimenta din ir-riżoluzzjoni;

35. Ifakkar fit-talba tiegħu, fir-rigward tan-negozjati kummerċjali maċ-Ċilì, biex jiġi inkluż kapitolu speċifiku dwar il-kummerċ, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-emanċipazzjoni tan-nisa; jenfasizza li l-proposta biex jiġi inkluż tali kapitolu ddedikat fi ftehim kummerċjali issa qed issir realtà għall-ewwel darba; jisħaq fuq il-ħtieġa li jkun magħruf il-kontenut ta' dan il-kapitolu u ssir evalwazzjoni tiegħu bil-għan li sussegwentement jittieħdu deċiżjonijiet f'livell aktar ġenerali; iħeġġeġ lill-UE tintroduċi miżuri trasversali fi ftehimiet kummerċjali sabiex tippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-iskambju tal-aħjar prattiki u biex in-nisa jkollhom benefiċċji akbar mill-ftehimiet kummerċjali;

36. Jappella sabiex id-data diżaggregata skont is-sess tingħabar fis-setturi ewlenin l-aktar milquta minn ftehimiet kummerċjali sabiex tipprovdi għodda utli biex tipprevedi kemm jista' jkun b'mod preċiż kif il-ħajjiet tan-nisa jistgħu jkunu affettwati u tiġġieled kull impatt negattiv; jappella wkoll biex jitwaqqaf mekkaniżmu apposta għall-iskop ta' monitoraġġ u tisħiħ tal-politika dwar is-sessi skont il-ftehimiet kummerċjali;

37. Jilqa' l-prijorità tematika dwar l-għoti tas-setgħa ekonomika u soċjali u l-analiżi tal-ostakli fl-aċċess tar-riżorsi produttivi inklużi l-attivitajiet tal-art u l-attivitajiet korrispondenti; itenni li fil-waqt li l-UE impenjat ruħha biex tinvesti fl-ugwaljanza bejn is-sessi fil-qasam tal-agrikoltura, il-bdiewa nisa mhumiex il-mira primarja tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp tal-agrikoltura (ODA) u jistieden lill-UE u lill-Istati Membri biex jallokaw aktar riżorsi lill-bdiewa nisa, skont l-Objettiv 5 tal-GAP II;

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

38. Jinkoraġġixxi bil-qawwa lill-istituzzjonijiet biex itejbu b'mod sostanzjali l-proporzjon tan-nisa fi ħdan delegazzjonijiet tal-UE, b'mod partikolari f'pożizzjonijiet ta' tmexxija ta' delegazzjoni, peress li bħalissa hemm 28 kap mara ta' delegazzjoni minn 138, kif ukoll nisa li huma kapijiet ta' missjoni (bħalissa hemm 5 minn 17); Jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni u lis-SEAE jimplimentaw b'mod effiċjenti l-politiki mmirati biex jiffaċilitaw l-aċċess tan-nisa għall-karigi ta' tmexxija u karigi maniġerjali; jirrimarka l-preżenza baxxa tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet, fatt li jindika l-eżistenza ta' ostakoli inviżibbli li jipprevenuhom milli jokkupaw pożizzjonijiet ta' responsabbiltà akbar;

39. Jenfasizza li s-suċċess tal-GAP II fl-aħħar mill-aħħar se jiddependi fuq impenn fit-tul u konsistenti ta' atturi tal-UE anzjani u politiċi ta' livell għoli kif ukoll fuq id-disponibbiltà ta' biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji għall-implimentazzjoni tiegħu u fuq l-adattament tal-isforzi tal-UE għar-realtajiet lokali fil-pajjiżi reċipjenti; jilqa', f'dan ir-rigward, l-impenn pożittiv mill-Kummissarju għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp u jħeġġeġ aktar impenn minn Kummissarji oħra; jinnota li hija meħtieġa aktar tmexxija politika mir-Rappreżentant Għoli u mill-maniġers sabiex jiżdiedu r-riżorsi u l-obbligu ta' rendikont u biex jikkoordinaw u jsaħħu dan l-involviment fis-snin li ġejjin; jappella lill-atturi kollha tal-UE jużaw il-Pakkett ta' Riżorsi għal kwistjonijiet dwar is-sessi sabiex jiżguraw li l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi tkun applikata b'mod konsistenti sabiex jintlaħqu l-għanijiet ambizzjużi tal-GAP II;

40. Jikkundanna bil-qawwa l-integrazzjoni mill-ġdid u l-espansjoni tal-politika tal-Belt tal-Messiku (l-hekk imsejħa "Global Gag Rule") mill-Istati Uniti f'Jannar tal-2017 u l-impatt tagħha fuq d-drittijiet tal-kura tas-saħħa globali tan-nisa u l-bniet u tad-drittijiet tagħhom; itenni l-appell tiegħu lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jappoġġaw b'mod proattiv id-drittijiet tan-nisa u l-bniet fid-dinja kollha u biex iżidu b'mod sinifikanti l-finanzjament għall-iżvilupp, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE, għas-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi, b'mod partikolari għall-aċċess għall-kontraċezzjoni u għall-abort sigur u legali, bil-għan li jimtela l-vojt li ħallew l-Istati Uniti f'dan il-qasam fejn jidħol il-finanzjament;

41. Jistieden lis-SEAE jtejjeb l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida tal-UE dwar l-LGBTI u jiżgura li d-delegazzjonijiet tal-UE jikkonsultaw regolarment mal-organizzazzjonijiet tal-LGBTI u jinfurmawhom dwar x'inhu jsir fir-rigward tad-drittijiet tal-LGBTI, jiżgura li l-livell ta' impenn u l-azzjonijiet meħuda jiddependu mill-ħtiġijiet tal-komunità tal-LGBTI f'pajjiż u mhux mill-impenn personali tal-persunal tad-Delegazzjoni u jikkoordina strateġiji u azzjonijiet mhux biss mal-Ambaxxati Nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE, iżda saħansitra mal-Ambaxxati ta' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħan-NU;

42. Jinnota li se jkun meħtieġ finanzjament adegwat għall-ugwaljanza bejn is-sessi fir-relazzjonijiet esterni sabiex isostni l-impenn politiku għal dan il-għan; jenfasizza li l-finanzjament kurrenti għall-ugwaljanza bejn is-sessi u għall-azzjonijiet tal-emanċipazzjoni tan-nisa għadu inadegwat u jħeġġeġ biex din is-sitwazzjoni titranġa fil-QFP li jmiss;

Rakkomandazzjonijiet ewlenin għad-delegazzjonijiet tal-UE

43. Jilqa' l-flessibbiltà li l-GAP II jagħti lid-delegazzjonijiet biex jagħżlu l-prijoritajiet skont il-kuntest ta' pajjiżhom, peress li dan jippermetti analiżi ta' każ b'każ u valutazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull pajjiż jew reġjun, u b'hekk tiġi indirizzata l-isfida partikolari tat-tisħiħ tad-drittijiet tan-nisa u l-emanċipazzjoni ekonomika tagħhom; jirrakkomanda, madankollu, li d-delegazzjonijiet għandhom jitħeġġew juru progress mill-inqas fi prijorità waħda għal kull pilastru tematiku sal-aħħar tal-GAP II, biex tiġi żgurata kopertura aktar uniformi tal-oqsma tematiċi differenti bħat-tisħiħ tal-politiki u miżuri li jippromwovu l-edukazzjoni għall-bniet u l-implikazzjonijiet tagħhom f'termini ta' għoti tas-setgħa ekonomika u tas-saħħa; iħeġġeġ li jkun hemm enfasi fuq is-sitwazzjoni tan-nisa u l-bniet f'żoni milquta mill-kunflitti, kif ukoll fuq il-vjolenza sessista, u bl-aktar mod partikolari l-użu tal-istupru bħala arma tal-gwerra; ikompli jfakkar li l-azzjonijiet u l-proġetti ffinanzjati mill-UE għandu sistematikament ikollhom l-għan li jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn is-sessi u d-diskriminazzjoni;

44. Ifakkar fl-obbligu skont it-Trattati li tiġi applikata l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi fl-attivitajiet kollha tal-UE, fosthom id-djalogi politiċi u d-djalogi ta' politika settorjali kollha, u f'oqsma bħall-enerġija, l-agrikoltura, it-trasport, l-edukazzjoni u l-amministrazzjoni pubblika li s'issa rċevew inqas attenzjoni; jinsisti li l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi għandha tiġi integrata fil-pjanijiet nazzjonali u fl-oqfsa tal-politika sabiex tiżgura s-sjieda u r-responsabbiltà tal-pajjiżi sħab, għalhekk ifakkar fl-importanza tal-appoġġ tal-proġetti ta' żvilupp promossi min-nisa mill-pajjiżi kkonċernati; jirrimarka l-importanza li ssir ħidma ma' pajjiżi sħab dwar l-ibbaġittjar nazzjonali sensittiv għall-kwistjonijiet bejn is-sessi;

45. Jappella li tiġi stabbilita linja baġitarja ddedikata dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi sabiex jiġi indirizzat b'mod aktar prominenti l-livell ta' parteċipazzjoni politika u ta' rappreżentanza tan-nisa fil-pajjiżi ġirien tal-UE u fi ħdan l-UE nnifisha; jenfasizza li dawn il-programmi għandhom jiġu integrati bis-sħiħ fil-miri u l-programmi ta' UN Women u għandhom jistipulaw miri li jistgħu jitkejlu sabiex ikun jista' jiġi segwit b'mod regolari l-progress dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-Viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar, biex tissaħħaħ il-koperazzjoni u biex ikun hemm parteċipazzjoni akbar mal-gvernijiet tal-pajjiżi sħab, bl-għan li jinkisbu riżultati aħjar aktar malajr, fil-kuntest ta' ftehimiet bilaterali ta' sħubija u ta' ftehimiet ta' assoċjazzjoni;

46. Jinnota li t-taħriġ tal-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi qed isir biss f'xi delegazzjonijiet u li proporzjon kbir mill-persunal imħarreġ kellu status kuntrattwali b'postijiet temporanji; jistieden lid-delegazzjonijiet tal-UE jirranġaw din is-sitwazzjoni;

47. Jenfasizza l-importanza, matul id-djalogu politiku, li titjieb il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-edukazzjoni, fl-attivitajiet ekonomiċi, fl-impjieg u fin-negozju bħala mezz prijoritarju biex titjieb il-pożizzjoni tal-mara fis-soċjetà;

48. Jissottolinja l-importanza li titwettaq analiżi sistematika b'rabta mas-sessi, billi tintuża, meta jkun possibbli, data diżaggregata skont is-sess u l-età, bil-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili lokali u gruppi tan-nisa, organizzazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem u awtoritajiet lokali u reġjonali għall-għażla u l-valutazzjoni tal-għażla tal-objettivi, il-mezzi ta' implimentazzjoni u s-sorsi ta' disponibbiltà, u l-effikaċja u s-sostenibbiltà tal-eżiti; jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li tlestew 42 analiżi tal-pajjiżi b'rabta mas-sessi, u jħeġġeġ finalizzazzjoni rapida għall-pajjiżi l-oħrajn kollha u użu ferm akbar ta' kriterji għall-ugwaljanza bejn is-sessi fis-sistemi ta' monitoraġġ u l-proċessi ta' evalwazzjoni tal-programmi u l-proġetti, u jappella biex l-analiżi b'rabta mas-sessi tiżvolġi rwol fid-definizzjoni ta' objettivi, programmi, proġetti u djalogu għall-istrateġija tal-pajjiż; iħeġġeġ lill-UE tesplora l-possibbiltajiet għal kondiviżjoni, ġestjoni u aġġornament tal-analiżi tas-sessi b'mod aktar sistematiku, biex b'hekk titjieb il-koordinazzjoni u biex ma tillimitax l-analiżi b'rabta mas-sessi għal oqsma tal-politika bħall-edukazzjoni u s-saħħa materna, iżda biex tqis ukoll oqsma tal-politika, li attwalment huma meqjusa b'mod żbaljat bħala newtrali fir-rigward tas-sessi, partikolarment l-agrikoltura, il-klima jew l-enerġija;

49. Jinnota li l-Kummissjoni, fid-Dokument Konġunt ta' Ħidma tal-Persunal dwar il-qafas 2016-2020, irrikonoxxiet li l-investiment finanzjarju tal-UE fl-ugwaljanza bejn is-sessi ma kienx imkejjel b'mod sistematiku; jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ ċar, immexxi mir-riżultati, li jistabbilixxi standards għoljin għall-mekkaniżmi ta' rappurtar, ta' evalwazzjoni u ta' responsabbiltà, kif ukoll tippromwovi t-teħid tad-deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza sabiex ir-riżorsi finanzjarji jintużaw b'mod aktar effiċjenti u effikaċi; jitlob rapport li jistabblixxi b'mod eżatt kemm finanzjament kien impenjat b'mod speċifiku għall-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi, kif ukoll biex jiġu identifikati l-aktar għanijiet notevoli li nkisbu;

50. Jenfasizza l-bżonn li jkompli jitjieb il-ġbir tad-data fil-livell nazzjonali u jiġu żviluppati indikaturi speċifiċi b'miri bbażati fuq dawk l-indikaturi kif ukoll l-importanza tal-monitoraġġ tagħhom allinjat mal-qafas tal-SDGs;

51. Ifakkar li d-drittijiet tan-nisa huma drittijiet tal-bniedem u jinkoraġġixxi biex issir ħidma ulterjuri fir-rigward tal-indirizzar ta' normi soċjali u kulturali u sterjotipi marbutin mas-sessi fis-soċjetajiet, permezz ta' aktar kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet ta' bażi favur id-drittijiet tan-nisa u l-għoti tas-setgħat, partikolarment fil-kuntest ta' stat fraġli u f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u ta' emerġenza; Jemmen li l-ħolqien ta' netwerks ġodda jew l-iżvilupp ta' dawk eżistenti u l-involviment tal-atturi kollha, inkluż is-settur privat, huma essenzjali, hekk kif inhu l-iżvilupp ta' sħubiji pubbliċi-privati, jekk ikun possibbli; jenfasizza l-bżonn li jkun hemm rwol dejjem akbar ta' nisa fil-komunitajiet lokali u fl-NGOs biex jimmonitorjaw lill-awtoritajiet u jżommuhom responsabbli; jistqarr li aktar milli nirrappreżentaw lin-nisa u lill-bniet bħala "vulnerabbli", għandu jsir enfasi fuq ir-rwol tagħhom bħala aġenti tal-bidla u l-iżvilupp u bħala aġenti għall-paċi fir-riżoluzzjoni tal-kunflitti; jenfasizza li l-inklużjoni u l-involviment attiv tas-subien u l-irġiel huma meħtieġa sabiex tiġi żgurata ugwaljanza reali bejn in-nisa u l-irġiel; iħeġġeġ, għaldaqstant, edukazzjoni mifruxa għal bidla fl-imġiba fir-rigward ta' vjolenza sessista, bl-involviment tal-irġiel u s-subien u l-komunitajiet kollha; jenfasizza li n-normi soċjali fir-rigward tar-rwoli tan-nisa u tal-irġiel ipoġġu lin-nisa f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà akbar, partikolarment rigward is-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom, li tikkonċerna prattiki dannużi bħall-MĠF, jew żwieġ fit-tfulija, żwieġ prekoċi u furzat;

52. Jistieden lill-UE tippromwovi oqfsa u strateġiji ġuridiċi li jħeġġu parteċipazzjoni akbar u aktar effikaċi tan-nisa fiż-żamma tal-paċi, fil-bini tal-paċi u fil-proċessi ta' medjazzjoni, fil-militar tal-UE u fil-missjonijiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet ċivili, skont il-UNSCR 1325 dwar in-Nisa u l-Paċi u s-Sigurtà, b'enfasi partikolari fuq il-vjolenza sesswali relatata mal-kunflitti; għal dan il-għan, iqis li l-analiżi tal-kunflitt sensittiv għall-kwistjonijiet relatati mas-sessi, f'konsultazzjoni ma' atturi mill-komunità u organizzazzjonijiet tan-nisa, tista' tippermetti fehim aħjar tar-rwol tan-nisa fil-kunflitt;

53. Jenfasizza l-ħtieġa ta' allokazzjonijiet baġitarji għal programmi ta' prevenzjoni taż-żwieġ tat-tfal, li jimmiraw li joħolqu ambjent fejn il-bniet jistgħu jiksbu l-potenzjal sħiħ tagħhom, inkluż permezz ta' programmi edukattivi, soċjali u ekonomiċi għall-bniet li ma jmorrux skola, skemi ta' protezzjoni tat-tfal, tan-nisa u tal-bniet u postijiet ta' kenn, konsulenza legali u appoġġ psikoloġiku;

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

54. Jisħaq fuq l-importanza li jiżdied l-involviment, permezz ta' djalogu regolari u koordinazzjoni, tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili u partijiet interessati oħrajn bħall-atturi tad-drittijiet tal-bniedem, tas-saħħa jew ambjentali mad-Delegazzjonijiet tal-UE, peress li din il-kooperazzjoni se tikkontribwixxi biex ittejjeb il-viżibbiltà u l-implimentazzjoni tal-GAP II, u b'hekk jiżdied l-obbligu ta' rendikont pubbliku sabiex titjieb l-ugwaljanza bejn is-sessi;

55. Jinsab imħasseb li mhix tingħata biżżejjed attenzjoni lill-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tan-nisa u tal-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, meta wieħed iqis li bħalissa jinsabu taħt pressjoni enormi minħabba l-ispazju ċiviku li qed jiċkien f'bosta reġjuni; jinsab ugwalment imħasseb li l-prijorità tematika dwar drittijiet politiċi u ċivili, u speċifikament il-parteċipazzjoni tan-nisa u l-bniet fid-drittijiet politiċi u ċivili, ma ġietx enfasizzata fl-implimentazzjoni tal-GAP II;

56. Jistieden lid-Delegazzjonijiet tal-UE jiżguraw ġbir tad-data effettiv u regolari dwar il-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet, jelaboraw rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, u jippromwovu t-twaqqif ta' mekkaniżmi protettivi u strutturi ta' appoġġ adegwati għall-vittmi;

Rakkomandazzjonijiet ewlenin għall-Parlament Ewropew

57. Iħeġġeġ lid-delegazzjonijiet tal-Parlament, biex fil-ħidma tagħhom mal-pajjiżi sħab tagħhom, jistaqsu b'mod sistematiku dwar l-ipprogrammar fir-rigward tas-sessi, ir-riżultati tal-analiżi dwar l-ugwaljanza b'rabta mas-sessi, u l-ħidma dwar il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, kif ukoll dwar l-emanċipazzjoni tan-nisa fil-programmi tagħhom tal-missjonijiet; jistieden lill-Parlament jiżgura bilanċ aħjar bejn is-sessi fis-sħubija tad-delegazzjonijiet tiegħu;

58. Jappella biex il-Kummissjoni tagħmel disponibbli r-rapporti ta' analiżi tal-pajjiżi b'rabta mas-sessi u biex dawn ir-rapporti jiġu inklużi fil-laqgħat ta' informazzjoni għad-delegazzjonijiet kollha tal-Parlament għall-pajjiżi terzi;

59. Jirrakkomanda li l-Parlament għandu jeżamina r-rapporti ta' implimentazzjoni futuri tal-GAP II perjodikament u possibbilment kull sentejn;

Rakkomandazzjonijiet ewlenin għal rappurtar futur

60. Jissottolinja l-ħtieġa għal metodu ssimplifikat ta' rappurtar li jnaqqas kemm jista' jkun il-burokrazija; jappella biex rapporti futuri dwar l-implimentazzjoni jiġu finalizzati u rilaxxati fi żmien iqsar; jitlob li jiġu żviluppati rappurtar online u mudelli ċari kif ukoll li jinħareġ ktieb ta' gwida li jiffaċilita x-xogħol tad-delegazzjonijiet;

61. Jenfasizza l-ħtieġa għall-inklużjoni u r-rappreżentanza tan-nisa f'oqsma ekonomiċi li huma importanti għall-iżvilupp sostenibbli; jisħaq li n-negozju għandu rwol importanti x'jaqdi fit-tisħiħ tad-drittijiet tan-nisa; jappella, f'dan il-kuntest, li jingħata appoġġ akbar lill-SMEs lokali, b'mod partikolari lil imprendituri nisa, permezz ta' mikrokreditu, sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw minn tkabbir immexxi mis-settur privat;

62. Jenfasizza l-bżonn li jiġi appoġġat it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-mekkaniżmi nazzjonali statistiċi f'pajjiżi sħab, billi tiġi kkoordinata b'mod effikaċi l-assistenza finanzjarja u teknika sabiex tippermetti l-kejl, il-monitoraġġ u l-ġestjoni aħjar tar-riżultati miksuba fil-qasam tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi;

63. Jistieden lill-Kummissjoni tiġbor data diżaggregata skont is-sess fl-implimentazzjoni ta' programmi ffinanzjati mill-UE dwar l-emanċipazzjoni tan-nisa;

64. Jirrimarka l-bżonn mhux biss għal politiki sodi ta' integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, iżda anke għal rapporti dwar azzjonijiet prattiċi speċifiċi - partikolarment f'oqsma sensittivi bħas-saħħa sesswali u riproduttiva - li bihom jista' jitkejjel l-impatt veru fuq il-ħajjiet tan-nisa u l-bniet, u tal-irġiel u tas-subien ukoll;

65. Ifakkar madankollu li l-inklużjoni tas-sess fid-data tmur lil hinn mill-ġbir tad-data diżaggregata skont is-sess u jappella biex jitjieb il-ġbir tad-data sabiex tkun tista' ssir analiżi kwalitattiva tas-sitwazzjoni tan-nisa, pereżempju, fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol;

66. Jenfasizza l-bżonn li titjieb l-affidabbiltà tal-analiżi b'rabta mas-sessi billi d-data miġbura mid-delegazzjonijiet tal-UE tiġi armonizzata b'mod li tkun komparabbli;

67. Jirrimarka li huwa meħtieġ mhux biss li jiġu kkonsultati s-sħab internazzjonali u nazzjonali, l-akkademja, it-think tanks, u l-organizzazzjonijiet tan-nisa, iżda wkoll li jiġi żgurat li l-input u l-għarfien tagħhom jintużaw fil-monitoraġġ tal-attivitajiet u l-programmi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi ffinanzjati mill-UE;

68. Ifakkar li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom l-obbligu li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniet u n-nisa bħala migranti, rifuġjati u bħala dawk li jfittxu asil, meta jimplimentaw u jiżviluppaw il-politika tal-migrazzjoni tal-UE; jappella, f'dan il-kuntest, għall-evalwazzjoni mill-ġdid tal-parteċipazzjoni fl-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA flimkien mal-gwardji tal-kosta Libjani, fid-dawl ta' rapporti ta' vjolenza sesswali sistematika kontra n-nisa fiċ-ċentri ta' detenzjoni fuq it-territorju Libjan.

69. Jinnota li l-kunċett tal-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi għadu mhuwiex mifhum sew, u li hemm bżonn ta' rappurtar kwalitattiv aħjar li jkun jippermetti evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-GAP fi ħdan politiki u proġetti eżistenti; Jirrimarka l-bżonn ta' għanijiet tanġibbli u attivitajiet marbuta ma' punti ta' referenza ċari u speċifiċi u skeda stretta, u l-bżonn ta' valutazzjoni kwalitattiva ta' data li turi l-impatt veru li kellhom miżuri implimentati fuq pajjiżi benefiċjarji, b'tali mod li jiġi żgurat li l-GAP II iservi ta' mekkaniżmu ġenwin ta' prijoritizzazzjoni u ta' implimentazzjoni tal-politika u mhux biss bħala għodda interna ta' rappurtar;

o

o o

70. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0240

L-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Mejju 2018 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-żgħażagħ (2017/2259(INI))

(2020/C 76/21)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 9, 165 u 166 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 14, 15, 21, 24 u 32 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, irratifikata mill-UE fl-2010,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi 'Erasmus+': il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar Pjan ta' Ħidma għall-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażagħ għall-2016-2018 ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ ([3]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7-8 ta' Frar 2013 biex tinħoloq Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2009 dwar qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (2010-2018) ([5]),

— wara li kkunsidra l-Evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija tal-UE għaż-żgħażagħ ([6]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ("ET 2020") ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2017 dwar il-futur tal-programm Erasmus+ ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Frar 2017 dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi 'Erasmus+': il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE ([9]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Parigi dwar il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni, adottata fil-laqgħa informali tal-ministri għall-edukazzjoni tal-UE fis-17 ta' Marzu 2015 f'Parigi,

— wara li kkunsidra r-Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (mill-2010 sal-2018), adottat mill-Kunsill fit-23 ta' Novembru 2015 ([10]),

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50.
([2]) ĠU C 417, 15.12.2015, p. 1.
([3]) ĠU C 120, 26.4.2013, p. 1.
([4]) EUCO 37/13
([5]) ĠU C 311, 19.12.2009, p. 1.
([6]) http://ec.europa.eu/assets/eac/dgs/education_culture/more_info/evaluations/docs/youth/youth-strategy-2016_en.pdf
([7]) ĠU C 119, 28.5.2009, p. 2.
([8]) Testi adottati, P8_TA(2017)0359.
([9]) Testi adottati P8_TA(2017)0018.
([10]) ĠU C 417, 15.12.2015, p.17.

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali ([11]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Awwissu 2015 bit-titolu "Abbozz tar-Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u fit-taħriġ (ET2020) - Prijoritajiet Ġodda għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u fit-taħriġ" (COM(2015)0408),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bit-titolu "EWROPA 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Jannar 2018, bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali" (COM(2018) 0022),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Ottubru 2016 dwar il-valutazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-żgħażagħ 2013-2015 ([12]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2014 dwar Qafas ta' Kwalità għat-Traineeships ([13]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tal-25 ta' Novembru 2008 dwar il-politika taż-żgħażagħ tal-Kunsill tal-Ewropa (CM/Res(2008)23),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tal-31 ta' Mejju 2017 dwar il-ħidma fost iż-żgħażagħ (CM/Rec(2017)4),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' April 2016 dwar it-tagħlim tal-UE fl-iskejjel ([14]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Settembru 2015 dwar il-promozzjoni tal-intraprenditorija fost iż-żgħażagħ permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ ([15]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni — Kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ (2010-2018) ([16]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2016 dwar ir-rwol tad-djalogu interkulturali, id-diversità kulturali u l-edukazzjoni fil-promozzjoni tal-valuri fundamentali tal-UE ([17]),

— wara li kkunsidra r-Rapport Parallel dwar il-Politika dwar iż-Żgħażagħ ippubblikat mill-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ dwar l-Istrateġija tal-UE għaż-żgħażagħ ([18]),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' pożizzjoni bit-titolu "Engage. Inform. Empower" (Involvi. Informa. Agħti s-setgħa) tal-Aġenzija Ewropea għall-Informazzjoni u l-Konsulenza taż-Żgħażagħ (ERYICA),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 1(1)(e) ta', u l-Anness 3 għad-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-12 ta' Diċembru 2002 dwar il-proċedura għall-awtorizzazzjoni tat-tfassil tar-rapporti fuq inizjattiva proprja,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-Opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A8-0162/2018),

A. billi l-impatt negattiv tar-reċessjoni fuq il-prospetti taż-żgħażagħ biex jiżviluppaw il-potenzjal sħiħ tagħhom għadu jinħass madwar l-Unjoni Ewropea;

([11]) ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1.
([12]) Testi adottati, P8_TA(2016)0426.
([13]) ĠU C 88, 27.3.2014, p. 1.
([14]) ĠU C 58, 15.2.2018, p. 57
([15]) ĠU C 316, 22.9.2017, p. 76.
([16]) ĠU C 120, 5.4.2016, p. 22.
([17]) ĠU C 11, 12.1.2018, p. 16.
([18]) https://www.youthforum.org/sites/default/files/publication-pdfs/Resolution_EU_Youth_Strategy_FINAL%281%29.pdf

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

B. billi bosta Stati Membri, b'mod partikolari dawk fin-Nofsinhar tal-Ewropa, għad fadlilhom ftit biex jilħqu l-livelli tagħhom ta' qabel il-kriżi f'numru ta' indikaturi taż-żgħażagħ, bħall-impjiegi, il-benesseri u l-protezzjoni soċjali;

C. billi t-tnaqqis tad-disparitajiet huwa evidenti fil-livell reġjonali madwar l-UE; billi bosta reġjuni għad għandhom rati ta' impjieg aktar baxxi mil-livelli tagħhom ta' qabel il-kriżi;

D. billi l-qgħad fost iż-żgħażagħ kien qiegħed jonqos gradwalment f'dawn l-aħħar snin, għalkemm, skont il-Eurostat, ir-rata kienet ta' 16,1 % f'Jannar 2018, u saħansitra aktar minn 34 % f'xi Stati Membri; billi, jekk inqabblu ċ-ċifri mill-2008 (15,6 %), nistgħu nikkonstataw li r-rata żdiedet; billi dawn iċ-ċifri jipprevjenu li jkun hemm soluzzjoni waħda li tgħodd għal kulħadd jekk irridu nilħqu l-potenzjal sħiħ taż-żgħażagħ; billi hemm rati għolja b'mod preokkupanti ta' qgħad fost iż-żgħażagħ fir-reġjuni ultraperiferiċi, b'uħud minn dawk ir-reġjuni jirreġistraw rati ta' aktar minn 50 %, bħalma huwa l-każ ta' Mayotte;

E. billi l-gruppi żvantaġġati, bħal minoranzi etniċi, persuni bi bżonnijiet speċjali, nisa, LGBTIQ, migranti u rifuġjati – li qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' ostakli biex jidħlu fis-suq tax-xogħol, u jaċċessaw il-kultura, is-servizzi soċjali u l-edukazzjoni – huma dawk li jiġu affettwati l-aktar mill-kriżi soċjoekonomika;

F. billi l-edukazzjoni tgħin fit-tnaqqis tal-effett ta' inugwaljanzi soċjoekonomiċi, filwaqt li tipprovdi l-ħiliet u l-kompetenzi li huma meħtieġa sabiex titnaqqas it-trażmissjoni interġenerazzjonali tal-iżvantaġġi;

G. billi n-nuqqas ġenerali ta' investiment fiż-żgħażagħ u d-drittijiet taż-żgħażagħ se jipprevjeni liż-żgħażagħ milli jitolbu, jeżerċitaw u jiddefendu d-drittijiet tagħhom, u se jikkontribwixxi biex jiggravaw fenomeni bħal popolazzjonijiet li qegħdin jonqsu, it-tluq bikri mill-iskola, in-nuqqas ta' kwalifiki professjonali u vokazzjonali, id-dħul tardiv fis-suq tax-xogħol, in-nuqqas ta' indipendenza finanzjarja, il-funzjonament potenzjalment ħażin tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, il-prekarjetà u l-esklużjoni soċjali;

H. billi l-problemi li jaffaċċjaw iż-żgħażagħ fl-impjieg, fl-edukazzjoni u fit-taħriġ, kif ukoll fl-involviment soċjali u politiku mhumiex uniformi, filwaqt li xi gruppi huma affettwati b'mod aktar sproporzjonat minn oħrajn; billi huwa meħtieġ aktar sforz biex jiġu appoġġati dawk li huma l-aktar 'il bogħod mis-suq tax-xogħol jew kompletament separati minnu;

I. billi l-konservazzjoni tal-iskejjel lokali u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni fir-reġjuni kollha Ewropej hija essenzjali għat-titjib tal-edukazzjoni taż-żgħażagħ u jekk l-UE trid toffri lir-reġjuni l-appoġġ sħiħ tagħha f'din l-isfida;

J. billi l-edukazzjoni, id-djalogu interkulturali, il-komunikazzjoni strateġika u kooperazzjoni eqreb bejn l-Istati Membri b'mod partikolari, għandhom rwol ewlieni x'jaqdu fil-prevenzjoni tal-emarġinazzjoni u tar-radikalizzazzjoni taż-żgħażagħ u fit-tiżjid tar-reżiljenza tagħhom;

K. billi ż-żgħażagħ għandhom jiġu involuti b'mod attiv fl-ippjanar, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-politiki kollha li għandhom impatt fuq iż-żgħażagħ; billi 57 % tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ fl-UE jqisu li l-kompetenzi tagħhom ma jitqisux fil-proċess tat-tfassil tal-politiki dwar iż-żgħażagħ ([19]);

L. billi huwa importanti li l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ jiggarantixxu livell adegwat ta' rappreżentanza u inklużività taż-żgħażagħ sabiex ikunu kompletament leġittimi;

M. billi l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ hija strateġija ta' kontinwità, fi stat kontinwu ta' perfezzjonament, bl-objettivi tagħha għadhom vasti u ambizzjużi ħafna; billi jirriżulta li hemm nuqqas ta' parametri ta' referenza debitament stabbiliti;

N. billi l-Istrateġija tal-UE għaż-żgħażagħ (EYS) 2010-2018 tenfasizza l-ħtieġa għal djalogu strutturat bejn iż-żgħażagħ u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet;

O. billi l-EYS għandha bħala objettiv massimu li żżid in-numru ta' opportunitajiet u tiżgura l-ugwaljanza tal-opportunitajiet għaż-żgħażagħ Ewropej kollha;

([19]) Rapport Parallel dwar il-Politika dwar iż-Żgħażagħ ippubblikat mill-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ.

P. billi ż-żgħażagħ għandhom jiġu megħjuna u mogħtija s-setgħa sabiex jindirizzaw il-problemi tassew serji li qegħdin iħabbtu wiċċhom magħhom bħalissa u biex jindirizzaw l-isfidi li se jħabbtu wiċċhom magħhom fil-futur permezz ta' politiki dwar iż-żgħażagħ iktar rilevanti, effettivi u kkoordinati aħjar, edukazzjoni mtejba u aċċessibbli u l-użu mmirat tal-politiki ekonomiċi, tal-impjieg u soċjali fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE;

Q. billi fis-snin reċenti l-UE nediet għadd ta' inizjattivi bħall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI) u l-Garanzija għaż-Żgħażagħ fil-qafas tal-Istrateġija għaż-Żgħażagħ bil-għan li jinħolqu aktar opportunitajiet u opportunitajiet indaqs għaż-żgħażagħ kollha fl-edukazzjoni u fis-suq tax-xogħol u jiġu promossi l-inklużjoni, l-emanċipazzjoni u l-parteċipazzjoni attiva taż-żgħażagħ fis-soċjetà;

R. billi hemm ħtieġa li tiġi ssimplifikata l-azzjoni tal-UE fil-qasam taż-żgħażagħ permezz tal-inklużjoni ta' dimensjoni taż-żgħażagħ fil-politiki u programmi ta' finanzjament attwali u futuri u li din tiġi stabbilita fl-oqsma ta' politika kollha essenzjali, bħall-ekonomija, l-impjiegi u l-affarijiet soċjali, il-koeżjoni, is-saħħa, in-nisa, il-parteċipazzjoni, il-migrazzjoni, il-kultura, il-midja u l-edukazzjoni;

S. billi hemm ħtieġa għal koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tal-EYS futura fis-setturi ta' politiki u l-istituzzjonijiet differenti;

T. billi perspettiva tas-sessi trid tiġi inkluża fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar politiki dwar iż-żgħażagħ li tqis l-isfidi u ċ-ċirkostanzi speċifiċi li b'mod partikolari jħabbtu wiċċhom magħhom it-tfajliet u l-bniet li ġejjin minn sfondi kulturali u reliġjużi differenti; billi l-miżuri speċifiċi marbuta mal-ugwaljanza bejn is-sessi għandhom jiġu inklużi fil-politika dwar iż-żgħażagħ bħall-prevenzjoni ta' vjolenza kontra n-nisa u t-tfajliet, l-edukazzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-edukazzjoni sesswali; billi l-probabilità li n-nisa jkunu barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) hija 1.4 darbiet ogħla meta mqabbla ma' dik tal-irġiel ([20]), u huma meħtieġa sforzi kontinwi sabiex jiżdiedu l-livelli ta' parteċipazzjoni fis-swieq tax-xogħol fost iż-żgħażagħ nisa – b'mod partikolari wara l-liv tal-maternità u fil-każ ta' ommijiet waħedhom – u żgħażagħ li jitilqu mill-iskola kmieni, żgħażagħ b'livell baxx ta' kwalifiki, żgħażagħ b'diżabilità u dawk iż-żgħażagħ kollha f'riskju ta' diskriminazzjoni;

U. billi huma meħtieġa sforzi sostenibbli li jżidu l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fis-soċjetà, b'mod partikolari għall-persuni b'diżabilità, il-migranti, ir-rifuġjati, NEET u dawk f'riskju ta' esklużjoni soċjali;

V. billi l-edukazzjoni hija fattur ewlieni fil-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali, u l-investiment fil-ħiliet u l-kompetenzi huwa kruċjali biex tiġi indirizzata r-rata għolja ta' qgħad, speċjalment fost l-NEET;

W. billi l-Artikolu 9 tat-TFUE jistabbilixxi li meta tiddefinixxi u timplimenta l-politiki u l-attivitajiet tagħha, l-Unjoni għandha tqis ir-rekwiżiti marbuta mal-promozzjoni ta' livell għoli tal-impjiegi, protezzjoni soċjali, il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali, u livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem;

X. billi l-EYS stabbiliet bażi tajba għal kooperazzjoni utli u sinifikanti fil-qasam taż-żgħażagħ;

Y. billi l-ilħuq tal-objettivi tal-aħħar ċiklu ta' tliet snin tal-EYS (2010-2018) ma jistax jiġi vvalutat b'mod xieraq u preċiż u huwa diffiċli ħafna li jiġi evalwat it-tqabbil tas-sitwazzjonijiet rispettivi tal-Istati Membri differenti minħabba nuqqas ta' valuri komparattivi u indikaturi, u minħabba strumenti ta' implimentazzjoni mrikkba;

Z. billi l-orjentazzjoni tal-karriera u l-aċċess kemm għall-informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' impjiegi kif ukoll dwar il-perkorsi edukattivi huma essenzjali għall-iżvilupp edukattiv futur u t-tranżizzjoni għas-suq tax-xogħol;

AA. billi l-Unjoni Ewropea, fid-definizzjoni tal-għanijiet ta' din l-istrateġija u fl-implimentazzjoni u fl-evalwazzjoni tagħha, trid taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali;

([20]) Society at a Glance 2016 – OECD Social Indicators (Daqqa t'Għajn lejn is-Soċjetà 2016 – Indikaturi Soċjali tal-OECD).

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

Sfidi u tagħlimiet għaż-żgħażagħ mill-proċess attwali ta' tfassil ta' politika tal-UE relatata maż-żgħażagħ

1. Jinnota b'dispjaċir li miżuri ta' awsterità fit-tul, b'mod partikolari tnaqqis fil-finanzjament għal politiki dwar l-edukazzjoni, il-kultura, u ż-żgħażagħ, kellhom impatt negattiv fuq iż-żgħażagħ u l-kondizzjonijiet ta' ħajja tagħhom; iwissi li ż-żgħażagħ, speċjalment l-aktar żvantaġġati, bħal żgħażagħ b'diżabilità, żgħażagħ nisa, minoranzi, dawk bi bżonnijiet speċjali, jiġu affettwati ħafna minn inugwaljanza li dejjem tiżdied, ir-riskju ta' esklużjoni, insigurtà u diskriminazzjoni;

2. Jilqa' l-kisbiet tal-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ, li wriet il-ħila tagħha li tindirizza l-problemi li jaffaċċjaw ħafna mill-Ewropej u li tappoġġa dawk li jfasslu l-politika fil-livell nazzjonali, li tipprovdilhom għarfien espert, rakkomandazzjonijiet u leġittimità, u li timmobilizza b'suċċess aktar finanzjament mill-UE;

3. Iqis il-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni bħala mezz xieraq iżda insuffiċjenti bħala mezz ta' qafas għall-politiki dwar iż-żgħażagħ li jeħtieġ li jiġi kkomplementat b'miżuri oħra; itenni s-sejħa tiegħu għal kooperazzjoni eqreb u skambju tal-aħjar prattiki dwar il-kwistjonijiet taż-żgħażagħ fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE; iħeġġeġ lill-Istati Membri jaqblu dwar indikaturi u parametri referenzjarji ċari sabiex ikun jista' jiġi mmonitorjat il-progress miksub;

4. Jirrikonoxxi l-kisbiet pożittivi tal-EYS permezz tal-iżvilupp ta' xogħol transsettorjali u l-implimentazzjoni ta' djalogu strutturat sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, jemmen li l-livell ġenerali ta' sensibilizzazzjoni dwar l-objettivi u l-istrumenti tal-EYS min-naħa tal-atturi u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti jeħtieġ li jittejjeb; jinnota, b'mod partikolari, li l-approċċ minn isfel għal fuq li ntuża għad-djalogu strutturat huwa valur miżjud u għandu jiġi ppreservat; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, għal-daqstant, iqisu r-riżultati taċ-Ċiklu VI tad-djalogu strutturat li jiffoka fuq il-futur tal-EYS meta jiżviluppaw l-istrateġija l-ġdida;

5. Jissuġġerixxi l-involviment tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-qasam tal-politika dwar iż-żgħażagħ, speċjalment f'dawk l-Istati Membri fejn għandhom kompetenza f'dan il-qasam;

6. Jilqa' l-inizjattivi tal-politika mmirati lejn l-appoġġ għaż-żgħażagħ tal-UE, b'mod partikolari Ninvestu fiż-żgħażagħ tal-Ewropa, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI); jemmen, madankollu, li dawn l-istrumenti għandhom jiġu marbuta aħjar mal-EYS u li jsegwu approċċ minn isfel għal fuq; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, biex torbot b'mod sistematiku l-proposti ta' politika kollha rilevanti għaż-żgħażagħ mal-istrateġija globali u li tinvolvi l-partijiet ikkonċernati kollha, bħas-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili, billi ssegwi approċċ olistiku fit-tul b'objettivi speċifikati sew fil-pjan orizzontali;

7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tistabbilixxi grupp ta' ħidma transsettorjali għal koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tal-EYS futura bil-parteċipazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE, inkluż il-Parlament, l-Istati Membri u s-soċjetà ċivili, b'mod partikolari t-trejdjunjins u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi għodod ta' koordinazzjoni bejn is-servizzi effettivi u tassenja r-responsabilità għall-integrazzjoni taż-żgħażagħ bħala grupp lil viċi president tal-Kummissjoni;

9. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jużaw il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali bħala bażi għall-abbozzar tal-leġiżlazzjoni għaż-żgħażagħ;

10. Jisħaq fuq l-importanza tal-promozzjoni ta' stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa għall-prevenzjoni tal-mard, u jqis li jeħtieġ li ż-żgħażagħ jingħataw informazzjoni korretta u assistenza fir-rigward ta' problemi serji fil-qasam tas-saħħa mentali, bħall-użu u d-dipendenza fuq it-tabakk, l-alkoħol u d-droga;

11. Jenfasizza l-importanza li l-Kummissjoni tevalwa l-implimentazzjoni tal-EYS fl-Istati Membri bil-ħsieb li tippermetti aktar kontrolli u monitoraġġ fuq il-post; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tistabbilixxi objettivi tal-EYS li jistgħu jiġu vvalutati b'mod kwalitattiv u kwantitattiv, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet ta' kull Stat Membru jew reġjun; jistieden lill-Kummissjoni żżid il-finanzjament għal programmi u azzjonijiet li jħejju liż-żgħażagħ għad-dinja tax-xogħol;

Nagħtu leħen liż-żgħażagħ fl-EYS

12. Jirrakkomanda li l-EYS futura għandha tkun parteċipattiva u ċċentrata madwar iż-żgħażagħ, ittejjeb il-benesseri, tirrifletti l-ħtiġijiet, l-ambizzjonijiet u d-diversità taż-żgħażagħ kollha fl-Ewropa, filwaqt li twessa' l-aċċess tagħhom għal għodod kreattivi li jinvolvu teknoloġiji ġodda;

13. Jemmen li l-UE għandha tesprimi solidarjetà maż-żgħażagħ u tkompli tagħtihom is-setgħa biex jipparteċipaw fis-soċjetà billi tiżviluppa miżuri speċifiċi, bħas-simplifikazzjoni tal-volontarjat, l-għoti ta' sostenn lill-ħidma fost iż-żgħażagħ, l-iżvilupp ta' għodod ġodda – speċjalment dawk li jinvolvu teknoloġiji ġodda – u l-promozzjoni ta' skambji bbażata fuq is-solidarjetà, l-involviment tal-komunità, l-ispazju ħieles u d-djalogu demokratiku; jirrikonoxxi, għalhekk, l-importanza tal-assoċjazzjonijiet taż-żgħażagħ bħala spazju ta' trawwim tal-karattru u ta' żvilupp tas-sens ta' ċittadinanza attiva; jistieden lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-involviment attiv taż-żgħażagħ fl-organizzazzjonijiet volontarji; jisħaq fuq il-punt li ż-żieda fil-parteċipazzjoni soċjali taż-żgħażagħ, minbarra li hija kisba importanti fiha nnifisha, taġixxi bħala pass 'il quddiem lejn żieda fil-parteċipazzjoni politika;

14. Jenfasizza, f'dan ir-rigward, ir-rwol importanti tat-tagħlim mhux formali u informali, kif ukoll tal-parteċipazzjoni f'attivitajiet sportivi u ta' volontarjat, fl-istimulazzjoni tal-iżvilupp tal-kompetenzi u l-ħiliet ċiviċi, soċjali u interkulturali fost iż-żgħażagħ Ewropej;

15. Jistieden lill-Istati Membri jipprevedu oqfsa legali nazzjonali u riżorsi finanzjarji adegwati għall-volontarjat;

16. Iħeġġeġ ħafna lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu liż-żgħażagħ, partikolarment dawk li għandhom inqas opportunitajiet u dawk li jinsabu barra mill-istrutturi organizzazzjonali formali, ikollhom rwol attiv u kritiku fil-ħajja pubblika, u jadottaw approċċ parteċipatorju fit-tfassil tal-politika bil-għan li jippermettu liż-żgħażagħ jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet li jkollhom impatt fuq ħajjithom billi joffrulhom għodod ta' demokrazija online u offline filwaqt li jqisu l-limiti u r-riskji relatati mal-midja soċjali sabiex jinvolvu ruħhom maż-żgħażagħ, u billi jinvolvu l-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħas-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-politiki dwar iż-żgħażagħ;

17. Jistieden lill-Istati Membri jħeġġu liż-żgħażagħ sabiex jipparteċipaw bis-sħiħ fil-proċess elettorali;

18. Jesprimi l-ħtieġa li jitkompla d-djalogu strutturat bejn iż-żgħażagħ u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet skont il-qafas Ewropew ta' kooperazzjoni li jmiss fil-qasam taż-żgħażagħ; jemmen li l-proċess ta' djalogu strutturat għandu jżid b'mod sistematiku n-numru u d-diversità ta' gruppi ta' żgħażagħ li jindirizza, u jenħtieġ li jingħata appoġġ finanzjarju suffiċjenti lil gruppi ta' ħidma nazzjonali u Ewropej sabiex dan jiġi żgurat; jistieden lill-Istati Membri jħeġġu l-parteċipazzjoni ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali fid-djalogu strutturat maż-żgħażagħ;

19. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jaġixxu b'mod trasparenti meta jagħtu rendikont u japplikaw il-fondi maħsuba għall-promozzjoni ta' opportunitajiet sostenibbli ta' impjieg għaż-żgħażagħ; jisħaq fuq l-importanza, konsegwentement, li l-Istati Membri jippreżentaw data ddettaljata dwar is-sitwazzjoni taż-żgħażagħ tagħhom, meta din tkun mitluba;

20. Jenfasizza li hemm nuqqas ta' komunikazzjoni ta' informazzjoni sistematika u ta' data affidabbli dwar l-eżekuzzjoni tal-EYS; iħeġġeġ, għaldaqstant, lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jippromwovu kooperazzjoni akbar tas-servizzi nazzjonali u reġjonali tal-istatistika, bil-preżentazzjoni ta' data statistika rilevanti u aġġornata dwar iż-żgħażagħ, li hija importanti sabiex jiġi vvalutat il-livell ta' suċċess tal-istrateġija implimentata; iqis li r-rapporti ta' kull tliet snin ippreżentati għandhom ikunu akkumpanjati minn dik id-data statistika;

21. Ifakkar li hemm tendenza ta' tnaqqis fil-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fl-elezzjonijiet nazzjonali u lokali u li ż-żgħażagħ jeħtieġu impenn politiku u jeħtieġ li jkunu kapaċi jaraw ir-riżultat tal-kontribut tagħhom; ifakkar li l-opportunitajiet sabiex jesperjenzaw parteċipazzjoni politika fl-ambjent u fil-komunitajiet lokali tagħhom stess minn età bikrija huma pass kruċjali lejn it-tisħiħ ta' sentiment ta' ċittadinanza Ewropea u biex iż-żgħażagħ isiru ċittadini attivi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, għaldaqstant, iħeġġu lill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jiżguraw li ż-żgħażagħ u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ ikunu jistgħu jipparteċipaw bis-sħiħ u b'mod effikaċi u jiġu involuti fit-teħid ta' deċiżjonijiet u fil-proċess ta' segwitu;

22. Jistieden lill-Istati Membri jinkorporaw lill-kunsilli nazzjonali taż-żgħażagħ fil-kumitati ta' monitoraġġ u ta' implimentazzjoni tal-EYS;

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

23. Jenfasizza l-potenzjal tat-teknoloġija għall-konnessjoni maż-żgħażagħ u jistieden lill-UE ssaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jipparteċipaw fis-soċjetà permezz ta' pjattaformi elettroniċi;

24. Jinnota b'dispjaċir li minkejja l-isforzi kontinwi tal-Kummissjoni biex tikkomunika l-opportunitajiet għaż-żgħażagħ appoġġati mid-diversi programmi tal-Unjoni, bosta żgħażagħ jemmnu li għandhom aċċess limitat għal dawn l-opportunitajiet; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ttejjeb l-għodod ta' komunikazzjoni tagħha;

Opportunitajiet indaqs għall-iżgurar ta' inklużjoni sostenibbli fis-suq tax-xogħol

25. Hu mħasseb ħafna bir-rati għoljin persistenti ta' qgħad fost iż-żgħażagħ madwar l-UE, speċjalment fin-Nofsinhar tal-Ewropa; jiftakar li l-ħolqien ta' xogħlijiet ta' kwalità u l-impjieg għandhom jiġu ggarantiti u jibqgħu impenji ewlenin lejn iż-żgħażagħ u jitlob li, f'dan ir-rigward, il-miżuri jiffaċilitaw it-tranżizzjoni taż-żgħażagħ mill-edukazzjoni għax-xogħol billi jiżguraw internships u apprendistati ta' kwalità; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu r-riformi strutturali tas-suq tax-xogħol u kundizzjonijiet tax-xogħol u remunerazzjoni ġusti bil-għan li jiżguraw li ż-żgħażagħ ma jiġux diskriminati fir-rigward tal-aċċess tagħhom għad-dinja tax-xogħol; jenfasizza l-importanza li jiġu definiti d-drittijiet soċjali għal forom ġodda ta' impjiegi u traineeships professjonali ġusti u li jiġi żgurat id-djalogu soċjali;

26. Jissottolinja l-importanza tal-isforzi tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali biex jadottaw miżuri mfassla apposta u jipprovdu appoġġ personalizzat sabiex jilħqu lill-NEET kollha; ifakkar il-ħtieġa li jiġu involuti l-partijiet ikkonċernati lokali bħalma huma s-sħab soċjali, it-trejdjunjins, is-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ;

27. Jargumenta li għandhom jittieħdu miżuri speċjali biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni prekarja taż-żgħażagħ nisa fis-suq tax-xogħol, b'attenzjoni speċjali għad-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa u r-rappreżentazzjoni żejda tagħhom f'forom atipiċi ta' impjieg li huma nieqsa mill-protezzjoni soċjali;

28. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu promossi kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u protezzjoni soċjali adegwata għall-ħaddiema fl-hekk imsejħa forom ġodda ta' impjieg fejn iż-żgħażagħ huma rrappreżentanti żżejjed;

29. Jemmen li għandhom jittieħdu miżuri sabiex il-migranti żgħażagħ jiġu integrati fis-suq tax-xogħol b'rispett sħiħ tal-prinċipju ta' trattament indaqs;

30. Jisħaq fuq il-punt li politika inklużiva favur iż-żgħażagħ għandha tiddefendi u tippromwovi programmi soċjali li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni politika u kulturali; jemmen, barra minn hekk, li x-xogħol diċenti u regolat, ibbażat fuq ftehimiet kollettivi tax-xogħol, relazzjonijiet tax-xogħol mhux prekarji, pagi u salarji adegwati, u servizzi pubbliċi universali u ta' kwalità għolja huwa importanti għall-benessri soċjetali taż-żgħażagħ; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u protezzjoni soċjali adegwata, inkluż fir-rigward ta' forom ġodda ta' impjiegi;

31. Ifakkar li l-impjiegi u l-intraprenditorija jikkostitwixxu waħda mit-tmien prijoritajiet identifikati fl-EYS (2010-2018); jisħaq fuq il-punt li l-ħidma fost iż-żgħażagħ u t-tagħlim mhux formali, b'mod partikolari kif żviluppati fl-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, għandhom rwol kruċjali fl-iżvilupp tal-potenzjal taż-żgħażagħ, inklużi ħiliet intraprenditorjali, u jippermettulhom jiżviluppaw sett wiesa' ta' kompetenzi li jistgħu jkabbru l-opportunitajiet tagħhom fis-suq tax-xogħol;

32. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħeġġu l-opportunitajiet professjonali u vokazzjonali transfruntiera, jespandu u jżidu l-investiment fis-settur tal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (ETV) u jippreżentawh bħala għażla edukattiva attraenti;

33. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġaw l-awtoritajiet reġjonali u lokali u biex jinvestu f'opportunitajiet talħajja ġodda għaż-żgħażagħ, sabiex jiżviluppaw il-kreattività u l-potenzjal sħiħ tagħhom, jappoġġaw l-intraprenditorija taż-żgħażagħ u jrawmu l-inklużjoni soċjali taż-żgħażagħ għall-benefiċċju tal-komunitajiet tagħhom;

34. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jadottaw approċċ ibbażat fuq id-drittijiet għaż-żgħażagħ u għall-impjiegi; jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li ż-żgħażagħ ikollhom aċċess għal impjiegi u internships ta' kwalità li jsostnu d-drittijiet tagħhom, inkluż id-dritt għal impjieg stabbli li joffri paga li tiggarantixxi l-għajxien, il-protezzjoni soċjali u tiżgura ħajja ta' dinjità u awtonomija;

35. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jissorveljaw lill-entitajiet li jippromwovu ripetutament apprendistati suċċessivi, mhux akkumpanjati minn integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, bil-ħsieb li tiġi evitata s-sostituzzjoni ta' kuntratti ta' impjiegi mill-ħekk imsejħa internships;

36. Jilqa' l-fatt li l-miżuri tal-YEI pprovdew appoġġ għal aktar minn 1.6 miljun żagħżugħ ([21]); jisħaq fuq il-punt li huma meħtieġa aktar sforzi u impenji finanzjarji; jenfasizza l-ħtieġa li jittejbu kemm l-attivitajiet ta' komunikazzjoni maż-żgħażagħ fis-sitwazzjonijiet NEET li jħabbtu wiċċhom ma' diversi ostakli kif ukoll il-kwalità tal-offerti fl-ambitu tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, billi jiġu ddefiniti kriterji u standards ta' kwalità ċari li jinkludu l-aċċess għall-protezzjoni soċjali, id-dħul minimu u d-drittijiet tal-impjieg; jistieden lill-Istati Membri biex b'mod effikaċi jtejbu s-sistemi ta' monitoraġġ, rappurtar u prestazzjoni u jiġi żgurat li l-fondi YEI jintużaw bħala suppliment għall-fond nazzjonali u mhux bħala sostituzzjoni;

37. Jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-kwalità f'termini ta' mentoraġġ u ta' kkowċjar, il-kwalità u l-adegwatezza tat-taħriġ, it-traineeships jew l-impjiegi individwali attwali, kif ukoll il-kwalità tal-eżitu skont l-objettivi stabbiliti; jissottolinja f'dan ir-rigward il-ħtieġa li tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-oqfsa ta' kwalità eżistenti, bħall-Qafas Ewropew tal-Kwalità, skont il-YEI; huwa tal-fehma li ż-żgħażagħ għandhom ikunu involuti wkoll fil-monitoraġġ tal-kwalità tal-offerti;

38. Jiftakar li miżuri li jrawmu l-integrazzjoni ta' żgħażagħ barra mill-impjieg, edukazzjoni jew taħriġ fis-suq tax-xogħol, inklużi internships, traineeships jew apprendistati mħallsa ta' kwalità, iridu jkunu appoġġati finanzjarjament mill-YEI jew minn għodod Ewropej futuri, filwaqt li tiġi evitata kwalunkwe forma ta' sostituzzjoni tal-impjieg jew abbuż ta' ħaddiema żgħażagħ;

39. Jinnota li t-trawwim ta' mentalità intraprenditorjali fost iż-żgħażagħ huwa prijorità u li s-sistemi ta' edukazzjoni formali u mhux formali huma l-aktar interventi effettivi li jippromwovu l-intraprenditorija taż-żgħażagħ; jissottolinja li l-intraprenditorija hija għodda li tiġġieled il-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-esklużjoni soċjali u tistimola l-innovazzjoni; jemmen, għaldaqstant, li l-EYS għandha tappoġġa l-ħolqien ta' ambjent sostenibbli għall-intraprenditorija taż-żgħażagħ;

40. Ifakkar li l-objettiv ewlieni tal-YEI huwa li tilħaq lill-NEET, u għaldaqstant iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jinvestu sforz akbar fl-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-popolazzjoni kollha ta' NEET, speċjalment l-aktar żgħażagħ vulnerabbli, bħal dawk b'diżabilità filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom;

41. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jistabbilixxu għotjiet innovattivi u flessibbli għat-trawwim tal-ħiliet artistiċi u sportivi fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ; jappoġġa lill-Istati Membri li qed jistinkaw biex jintroduċu skemi ta' borož ta' studju għall-istudenti b'ħiliet edukattivi, sportivi u artistiċi ppruvati;

42. Jissottolinja li 38 % taż-żgħażagħ isibu diffikultà biex jaċċessaw l-informazzjoni; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat approċċ kollettiv li jiggwida, jappoġġa u jinforma liż-żgħażagħ dwar id-drittijiet u l-opportunitajiet tagħhom;

43. Ikompli jisħaq fuq il-ħtieġa li l-YEI mhux biss tiffoka fuq NEET żgħażagħ b'livell ta' edukazzjoni għoli ħafna, iżda wkoll fuq dawk b'livell baxx ta' kwalifiki, inattivi u mhux irreġistrati mas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi;

44. Jisħaq fuq il-punt li l-mobilità tax-xogħol fi ħdan l-UE għadha limitata minkejja r-rati għoljin ta' qgħad; jiġbed l-attenzjoni, għal-hekk, għall-importanza tal-mobilità tal-ħaddiema għal suq tax-xogħol kompetittiv; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħeġġu opportunitajiet professjonali u vokazzjonali transfruntiera għal dan il-għan;

([21]) 21 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Jannar 2018 dwar l-implimentazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ fl-Istati Membri (P8_TA(2018)0018).

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

45. Itenni l-importanza li għandhom l-adulti ta' 'l fuq minn 55 sena fit-taħriġ taż-żgħażagħ fuq il-post tax-xogħol; jargumenta, flimkien mal-Kummissjoni, favur il-ħolqien ta' programmi li jippermettu ħruġ gradwali mis-suq tax-xogħol sal-età tal-irtirar, b'mod partikolari billi jgħaddu għal xogħol part-time, fejn jagħtu taħriġ u jakkumpanjaw ukoll id-dħul gradwali taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol;

46. Jindika r-rwol importanti tal-intrapriżi fi kwistjonijiet relatati mal-akkwist tal-ħiliet u l-ħolqien tal-impjiegi għaż-żgħażagħ; jinnota li l-edukazzjoni u t-taħriġ f'oqsma relatati mal-promozzjoni tal-intraprenditorija jistgħu jikkontribwixxu biex jinkiseb żvilupp fit-tul, tiġi promossa l-kompetittività Ewropea u jiġi miġġieled il-qgħad;

47. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jippreżentaw, fil-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom, l-impatti mistennija tal-miżuri li għandhom jiġu adottati; jenfasizza, għaldaqstant, l-importanza li l-Istati Membri jagħtu garanziji li l-miżuri tagħhom effettivament jippromwovu l-impjieg sostnut; jisħaq dwar il-ħtieġa li titkejjel is-sostenibilità tal-politiki li għandhom jiġu implimentati;

Żvilupp sostenibbli: il-futur għaż-żgħażagħ

48. Jemmen ħafna li edukazzjoni formali, mhux formali u informali ta' kwalità u taħriġ ta' kwalità huma dritt fundamentali; jikkunsidra, għaldaqstant, li l-aċċess għal-livelli kollha ta' edukazzjoni ta' kwalità għandu jiġi ggarantit għall-Ewropej kollha, irrispettivament mill-istatus soċjoekonomiku, l-etniċità, il-ġeneru u d-diżabilità fiżika jew konjittiva tagħhom; jenfasizza r-rwol importanti li għandha l-edukazzjoni formali, mhux formali u informali biex tipprovdi liż-żgħażagħ l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi biex isiru ċittadini impenjati u jieħdu sehem fil-proġett Ewropew; jistieden, għaldaqstant, lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki speċifiċi u f'dan ir-rigward iħeġġeġ li l-edukazzjoni artistika u kreattiva titqies bl-istess mod li jitqiesu s-suġġetti xjentifiċi u teknoloġiċi (STEM) fil-kurrikula tal-iskejjel;

49. Jenfasizza l-importanza tal-immodernizzar tal-edukazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistimulaw l-inklużjoni ta' ħiliet u kompetenzi ġodda fl-edukazzjoni, bħaċ-ċittadinanza, il ħsieb kritiku u l-ispirtu intraprenditorjali, u jippromwovu l-iżvilupp ta' għodod edukattivi ġodda li jżidu l-parteċipazzjoni u l-aċċessibilità tal-edukazzjoni;

50. Hu mħasseb ħafna dwar il-problema partikolarment akuta ta' faqar fost it-tfal, li jolqot sa 25 miljun tifel u tifla fl-UE (aktar minn 26.4 % tal-Ewropej kollha taħt it-tmintax-il sena) minn familji li qegħdin ibatu kuljum minn nuqqas ta' introjtu u servizzi bażiċi suffiċjenti; jemmen li l-politiki dwar iż-żgħażagħ jistgħu jikkontribwixxu f'oqsma bħall-politika dwar it-tfal u l-familja;

51. Jinsab imħasseb ħafna dwar il-fenomenu ta' tluq bikri mill-iskola u jitlob għalhekk li jinstabu soluzzjonijet xierqa sabiex jindirizzawh fid-dawl tal-ilħuq tal-miri tal-Ewropa 2020;

52. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tappoġġa inizjattivi bil-għan li jrawmu ċittadinanza attiva u kritika, ir-rispett, it-tolleranza, il-valuri u t-tagħlim interkulturali u jenfasizza f'dan ir-rigward ir-rwol kruċjali tal-programmi tal-UE bħal Erasmus+, Ewropa Kreattiva u Ewropa għaċ-ċittadini; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu spazji għal djalogu maż-żgħażagħ dwar firxa ta' temi, bħal sess, ġeneru, politika, solidarjetà u l-ambjent kif ukoll il-liġi, l-istorja u l-kultura;

53. Jemmen ħafna li l-litteriżmu, inkluż il-litteriżmu diġitali u tal-midja, in-numeriżmu, kif ukoll il-ħiliet bażiċi li jaġixxu bħala strumenti ewlenin biex jiżguraw l-awtonomija u futur promettenti għaż-żgħażagħ, irid ikun prijorità fil-livelli Ewropew, nazzjonali u lokali; iħeġġeġ, għalhekk, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex itejbu l-isforzi tagħhom fl-għoti ta' ħiliet ta' tagħlim u kompetenzi bażiċi għal kulħadd;

54. Jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ inizjattivi b'edukazzjoni formali u tagħlim informali sabiex jiġu appoġġati l-innovazzjoni, il-kreattività u l-intraprenditorija taż-żgħażagħ u jiġu promossi l-koeżjoni u l-fehim bejn iż-żgħażagħ ta' gruppi differenti;

55. Jinnota bi tħassib kbir, f'dan ir-rigward, in-numru persistentement għoli ta' ċittadini Ewropej li għandhom ħiliet baxxi fil-litteriżmu jew diffikultajiet ta' litteriżmu, inkluż illitteriżmu funzjonali, diġitali u tal-midja, li joħolqu tħassib serju f'dak li jikkonċerna parteċipazzjoni adegwata fil-ħajja pubblika u fis-suq tax-xogħol;

56. Ifakkar li l-ewwel prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jiddikjara li kulħadd għandu d-dritt għal edukazzjoni ta' kwalità u inklużiva, għal taħriġ u għal tagħlim tul il-ħajja sabiex wieħed iżomm u jakkwista ħiliet li jippermettulu jipparteċipa bis-sħiħ fis-soċjetà u jiġġestixxi b'suċċess it-tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol; jenfasizza, għaldaqstant, l-importanza li fil-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid tal-QFP għall-2021-2027, jingħata prijorità u jiġi żgurat l-investiment soċjali fl-edukazzjoni u t-taħriġ;

57. Jemmen ħafna li t-tabella ta' valutazzjoni soċjali, li ġiet introdotta fi ħdan il-qafas tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, għandha tintuża biex tissorvelja l-EYS; jistieden lill-Kummissjoni biex tadotta sett speċifiku ta' indikaturi biex tissorvelja l-EYS, bħall-edukazzjoni, il-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja, l-ugwaljanza bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol, il-kura tas-saħħa, l-aċċess diġitali, il-kondizzjonijiet tal-ħajja u l-faqar;

58. Jenfasizza r-rwol ewlieni tal-familja u l-għalliema fl-appoġġ għaż-żgħażagħ li jesperjenzaw bullying fl-iskola u bullying fuq l-internet; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħu azzjoni biex jindirizzaw dawn it-tipi ta' mġiba, li jaffettwaw il-benesseri mentali taż-żgħażagħ, b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp tal-kompetenzi diġitali adegwati mill-edukazzjoni primarja, kif previst fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali;

59. Jargumenta li sabiex tiżdied l-effettività tal-azzjonijiet fl-oqsma tal-edukazzjoni, iż-żgħażagħ u l-isport, iridu jiġu żviluppati għanijiet u strumenti konġunti sabiex jitkejjel l-impatt tal-politika, abbażi ta' studji internazzjonali;

60. Jissottolinja l-impatt ta' ħsara li għandu l-istress fuq il-benesseri taż-żgħażagħ, kemm fis-suq tax-xogħol u fil-ħajjiet personali kif ukoll fl-iskejjel u fit-tagħlim tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinvestu fi programmi tas-saħħa mentali u biex iħeġġu lill-atturi rilevanti biex jgħinu liż-żgħażagħ f'dan ir-rigward;

61. Jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat il-benesseri mentali u fiżiku taż-żgħażagħ Ewropej; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu attivitajiet sportivi extrakurrikulari u jipprovdu tagħrif permezz ta' kampanji dwar in-nutrizzjoni;

62. Jissottolinja l-importanza li jiġi promoss djalogu interkulturali fl-isport, fosthom billi jinħolqu pjattaformi li jinvolvu liż-żgħażagħ, lir-rifuġjati u lill-migranti;

63. Jemmen li fid-dawl tal-kumplessità tal-politiki taż-żgħażagħ u l-impatt tagħhom, trid tiġi stimulata l-kollaborazzjoni tar-riċerka bil-ħsieb li jiġu żviluppati reazzjonijiet ġustifikati b'mod empiriku u soluzzjonijiet ta' intervent u preventivi li se jżidu l-benessri u r-reżiljenza taż-żgħażagħ;

64. Jenfasizza l-importanza tal-kultura mhux biss fil-ġlieda kontra l-vjolenza, ir-razziżmu, ir-radikalizzazzjoni u l-intolleranza, iżda wkoll fl-iżvilupp ta' identità Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu u jinvestu fil-kultura u biex jiżguraw aċċess ugwali;

65. Jenfasizza li l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ għandhom rwol kruċjali għall-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ u l-inklużjoni tagħhom fis-soċjetà; jistieden, għaldaqstant, lill-Istati Membri biex jappoġġaw lill-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u jirrikonoxxu r-rwol tagħhom fl-iżvilupp ta' kompetenzi u fl-inklużjoni soċjali, u jappoġġaw it-twaqqif ta' kunsilli taż-żgħażagħ fil-livelli kollha, li jaħdmu flimkien maż-żgħażagħ;

66. Jinsisti fuq l-importanza li jiġi vvalidat it-tagħlim mhux formali u informali biex min ikun qed jitgħallem jiġi awtonomizzat, peress li dan huwa essenzjali għall-iżvilupp ta' soċjetà bbażata fuq il-ġustizzja soċjali u l-opportunitajiet indaqs, u jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' ħiliet taċ-ċittadinanza u r-realizzazzjoni personali; jiddispjaċih li l-impjegaturi u l-fornituri tal-edukazzjoni formali ma jirrikonoxxux biżżejjed il-valur u r-rilevanza tal-ħiliet, il-kompetenzi u l-għarfien miksuba permezz tat-tagħlim mhux formali u informali; jinnota li n-nuqqas ta' komparabilità u koerenza bejn l-approċċi ta' validazzjoni tal-pajjiżi tal-UE jirrappreżenta ostaklu addizzjonali; jistieden lill-Istati Membri jkomplu bl-isforzi tagħhom sabiex jimplimentaw sistema nazzjonali ta' rikonoxximent u ta' validazzjoni, u jiżguraw finanzjament adegwat għal kompetenzi akkwistati permezz tal-edukazzjoni mhux formali, filwaqt li jfakkar ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni ta' tagħlim mhux formali u informali;

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

Allinjament u approċċ aktar b'saħħtu minn strumenti ta' finanzjament għall-EYS

67. Jemmen li l-EYS għandha ssegwi l-QFP u tikkonforma mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-inizjattivi, il-programmi u l-istrateġiji ta' politika ewlenin rilevanti kollha, billi jiġi stabbilit djalogu sistematiku bejn il-korpi rispettivi, jiġu ddefiniti għanijiet u miri ċari u jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' koordinazzjoni rilevanti;

68. Ifakkar li fil-qasam taż-żgħażagħ, l-UE tista' twettaq biss azzjonijiet ta' appoġġ, tikkoordina u tissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, jinnota l-importanza tal-koerenza tal-finanzjament tal-UE u nazzjonali u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita sinerġiji mal-inizjattivi nazzjonali, reġjonali u lokali sabiex jiġu evitati d-duplikazzjoni, s-sovrappożizzjoni u r-ripetizzjoni tal-attivitajiet;

69. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jżidu l-investiment pubbliku fl-edukazzjoni u fi kwistjonijiet relatati maż-żgħażagħ;

70. Jemmen ħafna li l-fondi disponibbli għall-appoġġ ta' diversi inizjattivi u politiki relatati maż-żgħażagħ bħall-programm Erasmus+, il-YEI u l-programm "L-Ewropa għaċ-ċittadini" għandhom jiżdiedu konsiderevolment fil-QFP li jmiss sabiex iż-żgħażagħ jingħataw aktar opportunitajiet u sabiex tiġi evitata l-esklużjoni;

71. Jilqa' l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà – programm biex irawwem is-solidarjetà fost żgħażagħ Ewropej, il-volontarjat u l-iżvilupp ta' ċittadinanza solidali; ifakkar il-pożizzjoni tal-Parlament favur il-finanzjament xieraq tal-inizjattiva l-ġdida permezz ta' riżorsi ġodda u kontra l-użu tal-programm bħala opzjoni għall-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ;

72. Jemmen ħafna li l-programm "L-Ewropa għaċ-ċittadini" għandu jkompli jistimula ċittadinanza attiva, edukazzjoni u djalogu ċiviku u joħloq sens ta' identità Ewropea; jinnota r-rata baxxa ta' suċċess tal-programm minħabba nuqqas ta' finanzjament; jitlob li jkun hemm żieda sostanzjali fl-allokazzjoni ta' finanzjament tiegħu;

73. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex iżżomm il-Programm Erasmus għal Imprendituri Żgħażagħ; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiffokaw fuq il-promozzjoni ta' dan il-programm b'mod konġunt mal-kmamar tal-kummerċ, l-impriżi u ż-żgħażagħ, filwaqt li ma jittraskurawx l-oqsma ewlenin tal-attività tagħhom;

74. Itenni l-appoġġ tiegħu għat-tisħiħ tal-programm Ewropa Kreattiva, li jipprovdi skemi ta' mobilità speċifiċi għal artisti żgħażagħ u professjonisti li jaħdmu fis-setturi tal-kultura u dawk kreattivi;

75. Jenfasizza l-importanza ta' Erasmus+: għodda essenzjali għall-ħolqien ta' ċittadini żgħażagħ attivi u impenjati; jemmen ħafna li l-Erasmus+ għandu jkollu fil-mira tiegħu ż-żgħażagħ kollha, inklużi dawk b'inqas opportunitajiet, u li aspirazzjonijiet ikbar għall-perjodu ta' programmazzjoni ta' Erasmus+ li jmiss iridu jitqabblu ma' finanzjament addizzjonali konsiderevoli sabiex jinfetaħ il-potenzjal sħiħ tal-programm, li tiġi prevista simplifikazzjoni tal-proċeduri permezz tal-ħolqien ta' sistemi elettroniċi għall-aċċess għal servizzi transfruntiera u għad-data dwar l-istudenti, bħall-proġett "e-card";

76. Jitlob li jkun hemm allinjament aħjar bejn l-EYS u l-Erasmus+, li jallinja l-iskedi ta' żmien mal-implimentazzjoni, jemenda r-Regolament tal-Erasmus+ sabiex jappoġġa b'mod ċar l-objettivi tal-Istrateġija permezz ta' "għanijiet taż-żgħażagħ" komuni u jiddefinixxi l-Azzjoni Ewlenija 3 bħala l-għodod ewlenin ta' implimentazzjoni tal-Istrateġija;

77. Jenfasizza li l-baġit tal-YEI mhuwiex biżżejjed biex jiżgura li l-programm jilħaq il-miri tiegħu; jitlob, għalhekk, li, ikun hemm żieda konsiderevoli fl-allokazzjoni tal-YEI taħt il-QFP li jmiss u li l-Istati Membri jagħmlu provvedimenti għal skemi favur l-impjieg taż-żgħażagħ fil-baġits nazzjonali tagħhom; jenfasizza wkoll il-ħtieġa li l-limitu tal-età eleġibbli jiġi estiż minn 25 sena għal 29 sena sabiex jirrifletti aħjar ir-realtà li bosta persuni li ggradwaw reċentement u persuni deħlin għall-ewwel darba fis-suq tax-xogħol għandhom ftit inqas minn tletin sena;

78. Jargumenta favur l-uniformità, mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tas-sussidjarjetà, tal-kunċett ta' żgħażagħ f'termini tal-limiti tal-età fl-UE kollha; iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jikkontribwixxu għal din l-uniformità, billi jeliminaw l-ostakli għall-kejl tar-riżultati u għad-definizzjoni tal-għanijiet li għandhom jintlaħqu;

79. Iħeġġeġ il-promozzjoni tal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-UE futur għall-iżvilupp ta' tweġibiet integrati u bbażati fuq l-evidenza, u soluzzjonijiet ta' intervent u ta' prevenzjoni li jippromwovu l-benesseri u r-reżiljenza taż-żgħażagħ;

80. Jieħu nota tas-sejbiet u r-riskji li jissuġġerixxu li l-azzjonijiet ġestiti mill-Kummissjoni (inklużi l-programmi ta' skambju ta' studenti) jitqiesu mill-awtoritajiet nazzjonali bħala li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Istrateġija għaż-Żgħażagħ, u jinnota l-fatt li xi Stati Membri qed jirtiraw ir-riżorsi tagħhom minn oqsma ta' politika li huma sostnuti mill-baġit tal-UE ([22]);

o

o o

81. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

([22]) http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2018/615645/EPRS_STU(2018)615645_EN.pdf

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0241

L-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Mejju 2018 dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn (2009/125/KE) (2017/2087(INI))

(2020/C 76/22)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija ([1]) (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva dwar l-Ekodisinn") u r-regolamenti ta' implimentazzjoni u l-ftehimiet volontarji adottati skont din id-Direttiva,

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Ħidma tal-Kummissjoni dwar l-Ekodisinn 2016-2019 (COM(2016)0773) adottat f'konformità mad-Direttiva 2009/125/KE,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE ([2]) (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva dwar l-Ekodisinn u t-Tikkettar tal-Enerġija),

— wara li kkunsidra l-objettivi tal-Unjoni dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-effiċjenza fl-enerġija,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima u l-21 Konferenza tal-Partijiet (COP 21) għall-UNFCCC,

— wara li kkunsidra r-ratifika tal-Ftehim ta' Pariġi mill-UE u mill-Istati Membri,

— wara li kkunsidra l-objettiv fit-tul stabbilit f'dan il-Ftehim, jiġifieri li ż-żieda fit-temperatura medja globali tinżamm sew taħt 2°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u li jissoktaw l-isforzi biex tiġi llimitata għal 1,5°C,

— wara li kkunsidra l-Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 (Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 ([3])),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Diċembru 2015 bit-titolu "Pjan ta' azzjoni tal-UE għal Ekonomija Ċirkolari" (COM(2015)0614),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Jannar 2018 dwar Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari (COM(2018)0028),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni kif ukoll id-dokument ta' ħidma tal-persunal tas-16 ta' Jannar 2018 dwar l-implimentazzjoni tal-pakkett tal-ekonomija ċirkolari; alternattivi li jindirizzaw l-interfaċċa bejn il-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, dwar il-prodotti u dwar l-iskart (COM(2018)0032 – SWD(2018)0020));

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Settembru 2017 dwar il-lista tal-2017 tal-materja prima kritika għall-UE (COM(2017)0490),

([1]) ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10.
([2]) ĠU L 198, 28.7.2017, p. 1.
([3]) ĠU L 354, 28.12.2013, p. 171.

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-ekoinnovazzjoni: biex tkun tista' ssir it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, adottati fit-18 ta' Diċembru 2017([4]),

— wara li kkunsidra l-Emissions Gap Report (ir-Rapport dwar id-Diskrepanza fl-Emissjonijiet) maħruġ mill-Programm Ambjentali tan-NU f'Novembru 2017,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Lulju 2015 dwar l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi: tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari ([5]),

— wara li kkunsidra l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2017 dwar ħajja itwal għall-prodotti: benefiċċji għall-konsumaturi u l-kumpaniji ([6]),

— wara li kkunsidra l-valutazzjoni tal-implimentazzjoni Ewropea (EIA) imfassla mid-Direttorat Ġenerali tal-Parlament għas-Servizzi ta' Riċerka Parlamentari biex takkumpanja l-iskrutinju tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 1(1)(e) u l-Anness 3 tad-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-12 ta' Diċembru 2002 dwar il-proċedura ta' awtorizzazzjoni għat-tħejjija ta' rapporti fuq inizjattiva proprja,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A8-0165/2018),

A. billi l-objettiv tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn huwa li jiżdiedu l-effiċjenza fl-enerġija u l-livell ta' protezzjoni tal-ambjent permezz ta' rekwiżiti armonizzati li jiżguraw il-funzjonament tas-suq intern u jippromwovu t-tnaqqis kontinwu tal-impatt ambjentali ġenerali ta' prodotti relatati mal-enerġija; billi dawn il-miżuri għandhom ukoll impatt pożittiv fuq is-sigurtà tal-enerġija billi jnaqqsu l-konsum tal-enerġija;

B. billi d-Direttiva dwar l-Ekodisinn tipprovdi miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jitnaqqas l-impatt ambjentali fuq iċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodotti relatati mal-enerġija; billi, s'issa, id-deċiżjonijiet fl-ambitu tad-Direttiva fil-parti l-kbira kkonċentraw fuq it-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija matul il-fażi tal-użu;

C. billi l-implimentazzjoni tad-Direttiva tista' tikkontribwixxi aktar għall-isforzi tal-UE biex titjieb l-effiċjenza fl-enerġija u għat-twettiq tal-għanijiet tal-azzjoni klimatika;

D. billi t-tnaqqis tal-impatt ambjentali tal-prodotti tal-enerġija fil-fażi tal-ekodisinn, permezz tal-provvediment ta' kriterji minimi dwar it-tul ta' ħajja tagħhom u dwar il-potenzjal ta' titjib fil-kwalità, tiswija, riċiklaġġ u użu mill-ġdid tagħhom, jista' jiġġenera opportunitajiet konsiderevoli f'termini ta' ħolqien ta' postijiet tax-xogħol;

E. billi, sal-bidu tal-2018, kien hemm fis-seħħ 29 regolament speċifiku dwar l-Ekodisinn li jkopru gruppi ta' prodotti differenti u, flimkien ma' dawn, kienu ġew adottati tliet ftehimiet volontarji rikonoxxuti skont id-direttiva;

F. billi d-Direttiva dwar l-Ekodisinn tirrikonoxxi ftehimiet volontarji jew miżuri ta' awtoregolamentazzjoni oħra bħala alternattivi għall-miżuri ta' implimentazzjoni ġaladarba jiġu ssodisfati ċerti kriterji; billi mhux il-ftehimiet volontarji kollha li hemm fis-seħħ bħalissa wrew li kienu aktar effiċjenti minn miżuri regolatorji;

G. billi l-ekodisinn iġib benefiċċji ekonomiċi għall-industrija u għall-konsumaturi u jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-politiki tal-Unjoni dwar il-klima, l-enerġija u l-ekonomija ċirkolari;

([4]) http://www.consilium.europa.eu/media/32274/eco-innovation-conclusions.pdf
([5]) ĠU C 265, 11.8.2017, p. 65.
([6]) Testi adottati, P8_TA(2017)0287.

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

H. billi l-leġiżlazzjoni dwar l-Ekodisinn hija marbuta mill-qrib mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-tikkettar tal-enerġija u l-miżuri li ttieħdu fl-ambitu ta' dawn iż-żewġ direttivi huma mistennija li sal-2020 jiġġeneraw EUR 55 biljun fi dħul addizzjonali fis-sena għas-setturi industrijali, tal-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut, u huwa stmat li sal-2020 iġibu 175 Mtoe f'iffrankar tal-enerġija primarja fis-sena, li b'hekk jikkontribwixxu għal daqs nofs l-objettiv tal-Unjoni għall-iffrankar tal-enerġija u għat-tnaqqis taddipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija għall-2020; billi l-leġiżlazzjoni tikkontribwixxi b'mod sinifikanti wkoll għall-objettivi klimatiċi tal-UE bit-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ekwivalenti għal madwar 320 miljun tunnellata ta' emissjonijiet ta' CO_2 fis-sena; billi l-potenzjal għall-iffrankar tal-enerġija huwa akbar fit-tul;

I. billi, skont ir-Rapport dwar il-Kontabbiltà tal-Impatt tal-Ekodisinn (Kummissjoni Ewropea, 2016), huwa stmat li sal-2020, il-konsumaturi tal-UE se jiffrankaw sa total ta' EUR 112-il biljun, jew madwar EUR 490 fis-sena għal kull unità domestika;

J. billi aktar minn 80 % tal-impatt ambjentali tal-prodotti relatati mal-enerġija huwa identifikat fil-fażi tad-disinn;

K. billi għal maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati, jistgħu jiġu identifikati tliet ostakli ewlenin għall-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni: in-nuqqas ta' appoġġ u direzzjoni politiċi ċari, il-pass kajman tal-proċessi regolatorji u l-inadegwatezza tas-sorveljanza tas-suq fl-Istati Membri;

L. billi huwa stmat li 10-25 % tal-prodotti fis-suq mhumiex konformi mad-Direttivi dwar l-Ekodisinn u t-Tikkettar tal-Enerġija, li jwassal għal telf ta' madwar 10 % tal-iffrankar tal-enerġija previst u għal kompetizzjoni inġusta;

M. billi l-eżenzjoni eżistenti għal tidwil fit-teatri mir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 244/2009 ([7]) u (UE) Nru 1194/2012 ([8]) kienet mezz adegwat u effettiv għar-rispett tal-ħtiġijiet speċjali u ċ-ċirkostanzi tat-teatri u l-industrija tad-divertiment sħiħa u għandha tkompli;

N. billi, filwaqt li fl-2009 il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn twessa' biex ikopri l-prodotti kollha relatati mal-enerġija (eskluż l-mezzi tat-trasport), l-ebda prodott li ma jużax l-enerġija s'issa ma ġie kopert mir-rekwiżiti għall-ekodisinn;

O. billi l-prodotti kollha fl-UE għandhom ikunu ddisinjati, immanifatturati, u mibjugħa bl-inqas użu possibbli ta' sustanzi perikolużi, filwaqt li tiġi żgurata s-sikurezza tal-prodott sabiex jiġi ffaċilitat ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid tiegħu u fl-istess ħin jinżammu livelli għolja ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent;

P. billi d-Direttiva dwar l-Ekodisinn tiddikjara li l-komplementarjetà tagħha mar-Regolament REACH dwar sustanzi kimiċi għandha tikkontribwixxi għal żieda fl-impatti rispettivi tagħhom u għall-bini ta' rekwiżiti koerenti li għandhom japplikaw il-manifatturi; billi r-rekwiżiti li huma relatati mal-użu ta' sustanzi kimiċi perikolużi u r-riċiklaġġ tagħhom s'issa kien limitat;

Q. billi qiegħda tiġi żviluppata bażi ta' data ġdida skont ir-Regolament il-ġdid dwar it-Tikkettar tal-Enerġija u l-bażi ta' data għas-sorveljanza tas-suq ICSMS qiegħda tintuża f'xi Stati Membri, iżda mhux fl-Istati Membri kollha;

R. billi wieħed mill-objettivi prijoritarji tal-Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 (is-seba' EAP) huwa li l-Unjoni tinbidel f'ekonomija effiċjenti fir-riżorsi, ekoloġika u kompetittiva b'livell baxx ta' karbonju; billi l-EAP jiddikjara li l-qafas tal-politika tal-Unjoni għandu jiżgura li prodotti prijoritarji mqiegħda fis-suq tal-Unjoni jkunu "imfassla b'mod ekoloġiku" bl-għan li tiġi ottimizzata l-effiċjenza fir-riżorsi u l-effiċjenza tal-materjali;

S. billi l-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari jinkludi l-impenn li jiġu enfasizzati l-aspetti tal-ekonomija ċirkolari fir-rekwiżiti futuri tad-disinn tal-prodott skont id-Direttiva dwar l-Ekodisinn billi jiġu analizzati sistematikament kwistjonijiet bħalma huma t-tiswija, id-durabbiltà, it-titjib fil-kwalità, ir-riċiklabbiltà, jew l-identifikazzjoni ta' ċerti materjali jew sustanzi;

([7]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 244/2009 tat-18 ta' Marzu 2009 li jimplimenta d-Direttiva 2005/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodiżinn għal bozoz tad-dar li ma jitfgħux id-dawl f'direzzjoni waħda (ĠU L 76, 24.3.2009, p. 3).

([8]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1194/2012 tat-12 ta' Diċembru 2012 li jimplimenta d-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar- rekwiżiti tal-ekodisinn għal lampi direzzjonali, lampi b'dajowd li jemetti d-dawl u t-tagħmir relatat (ĠU L 342, 14.12.2012, p. 1).

T. billi l-Ftehim ta' Pariġi jistabbilixxi għan fit-tul f'konformità mal-objettiv li ż-żieda fit-temperatura globali tinżamm sew taħt 2°C ogħla mil-livelli preindustrijali u biex jitkomplew l-isforzi biex tinżamm sal-1,5°C ogħla mil-livelli preindustrijali; billi l-UE hija impenjata li tikkontribwixxi s-sehem ġust tagħha lejn dawn l-għanijiet permezz ta' tnaqqis fl-emissjonijiet fis-setturi kollha;

U. billi l-miżuri tal-ekodisinn għandhom ikopru ċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-prodotti sabiex itejbu l-effiċjenza fir-riżorsi fl-Unjoni, billi jqisu l-fatt li aktar minn 80 % tal-impatt ambjentali tal-prodott huwa ddeterminat fil-fażi tad-disinn, li għalhekk għandu rwol importanti ħafna fil-promozzjoni tal-aspetti tal-ekonomija ċirkolari, id-durabbiltà, it-titjib fil-kwalità, il-possibbiltà ta' tiswija, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' prodott;

V. billi, minbarra li jagħmlu prodotti aktar sostenibbli u effiċjenti fir-riżorsi, il-prinċipji tal-ekonomija kollaborattiva u l-ekonomija tas-servizzi jeħtieġ li jissaħħu, filwaqt li l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni speċjali lill-unitajiet domestiċi bi dħul baxx, inklużi dawk f'riskju ta' faqar enerġetiku, meta jippreżentaw programmi li jinkoraġġixxu l-adozzjoni tal-aktar prodotti u servizzi effiċjenti fir-riżorsi;

W. billi l-Unjoni hija parti mill-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (POPs), u għalhekk hija meħtieġa tieħu azzjoni fir-rigward tal-eliminazzjoni gradwali ta' dawk is-sustanzi perikoluż, inkluż billi tillimita l-użu tagħhom fl-istadju tad-disinn tal-prodott;

Għodda effettiva għal iffrankar tal-enerġija kosteffiċjenti

1. Jikkunsidra li d-Direttiva dwar l-Ekodisinn kienet għodda ta' suċċess għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija, irriżultat fi tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra u f'benefiċċji ekonomiċi għall-konsumaturi;

2. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tkompli tinkludi aktar gruppi ta' prodotti magħżula abbażi tal-potenzjal tal-ekodisinn tagħhom, inkluż kemm il-potenzjal tal-effiċjenza tal-enerġija u tal-effiċjenza materjali kif ukoll aspetti ambjentali oħra, billi tuża l-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 15 tad-Direttiva, u żżomm l-istandards eżistenti aġġornati, sabiex tisfrutta l-potenzjal sħiħ tal-kamp ta' applikazzjoni u tal-objettivi tad-Direttiva;

3. Jissottolinja li d-Direttiva dwar l-Ekodisinn ittejjeb il-funzjonament tas-suq intern tal-UE permezz tad-definizzjoni ta' standards tal-prodotti komuni; jenfasizza li l-adozzjoni kontinwa ta' rekwiżiti tal-prodott armonizzati fil-livell tal-UE tappoġġa l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-kompetittività tal-manifatturi tal-UE u tiżgura l-kompetizzjoni ġusta, filwaqt li jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn;

4. Ifakkar li d-Direttiva tirrikjedi li l-Kummissjoni tippreżenta miżuri ta' implimentazzjoni fejn prodott jissodisfa l-kriterji, jiġifieri volumi sinifikanti ta' prodotti mibjugħa, impatt ambjentali sinifikanti u potenzjal ta' titjib; jenfasizza r-responsabbiltà imposta fuq il-Kummissjoni biex tirrispetta dan il-mandat u tiżgura li l-benefiċċji għall-konsumaturi, għall-ekonomija ċirkolari u għall-ambjent jinkisbu b'mod effikaċi, filwaqt li tirrikonoxxi li tali standards tal-prodott jistgħu jiġu applikati biss fil-livell tal-UE u li l-Istati Membri għalhekk jiddependu fuq il-Kummissjoni biex tieħu l-azzjoni meħtieġa;

5. Jemmen li l-koordinazzjoni ma' inizjattivi marbuta mal-ekonomija ċirkolari tkompli ttejjeb l-effettività tad-Direttiva; jitlob, għaldaqstant, għal pjan ambizzjuż dwar l-ekodisinn u l-ekonomija ċirkolari, li jipprovdi kemm benefiċċji ambjentali u opportunitajiet għat-tkabbir sostenibbli u għall-impjiegi, anke fis-settur tal-SMEs, kif ukoll għal vantaġġi għall-konsumaturi; jinnota li effiċjenza ogħla tar-riżorsi u l-użu tal-materja prima sekondarja fil-manifattura tal-prodotti joffru potenzjal konsiderevoli, f'termini ta' tnaqqis tal-iskart u ta' ekonomija fir-riżorsi;

6. Jissottolinja li d-Direttiva dwar l-Ekodisinn hija parti minn sett akbar ta' għodod u li l-effikaċja tagħha tiddependi fuq sinerġiji ma' strumenti oħrajn, b'mod partikolari dwar it-tikkettar tal-enerġija; jikkunsidra li għandhom jiġu evitati regolamenti sovrapposti;

Tisħiħ tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet

7. Jenfasizza r-rwol ċentrali tal-Forum Konsultattiv sabiex ilaqqa' flimkien l-industrija, is-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħra fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet u jikkunsidra li din l-entità qiegħda taħdem sew;

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

8. Huwa mħasseb bid-dewmien xi drabi sinifikanti fl-iżvilupp u fl-adozzjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni, li joħloq inċertezza għall-operaturi ekonomiċi, irriżulta f'opportunitajiet mitlufa sinifikanti għall-iffrankar tal-enerġija għall-konsumaturi u t-tnaqqis assoċjat tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, u jista' jwassal biex miżuri adottati jibqgħu lura mill-iżviluppi teknoloġiċi;

9. Jinnota li d-dewmien fl-implimentazzjoni huwa attribbwibbli għar-riżorsi limitati disponibbli fi ħdan il-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tuża biżżejjed riżorsi għall-proċess tal-ekodisinn minħabba l-valur miżjud tal-UE sinifikanti tal-leġiżlazzjoni;

10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tevita dewmien fl-adozzjoni u fil-pubblikazzjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni u jirrakkomanda d-definizzjoni ta' skadenzi u stadji importanti ċari għall-finalizzazzjoni tagħhom u għar-reviżjoni tar-regolamenti eżistenti; jikkunsidra li l-miżuri tal-ekodisinn għandhom jiġu adottati b'mod individwali u ppubblikati eżatt kif jitlestew;

11. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi osservat il-perjodu ta' żmien previst fil-Programm ta' Ħidma dwar l-Ekodisinn 2016-2019;

12. Jenfasizza l-ħtieġa li r-rekwiżiti tal-ekodisinn ikunu bbażati fuq analiżi teknika solida u valutazzjonijiet tal-impatt, li jqisu l-prodotti jew it-teknoloġiji li jagħtu l-aħjar prestazzjoni fis-suq u l-iżvilupp teknoloġiku f'kull settur bħala referenza; jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lill-implimentazzjoni u r-rieżami tal-miżuri għall-prodotti li għandhom l-akbar potenzjal f'termini ta' ffrankar tal-enerġija primarja u tal-ekonomija ċirkolari;

13. Jirrikonoxxi li d-Direttiva dwar l-Ekodisinn tippermetti l-użu ta' ftehimiet volontarji; jissottolinja li l-ftehimiet volontarji jistgħu jintużaw minflok il-miżuri ta' implimentazzjoni fejn dawn ikopru l-maġġoranza kbira tas-suq u huma kkunsidrati bħala kapaċi li jiggarantixxu minn tal-inqas l-istess livell ta' prestazzjoni ambjentali, u li dawn għandhom jiggarantixxu proċess iktar mgħaġġel ta' teħid ta' deċiżjonijiet; jikkunsidra li għandha tissaħħaħ l-effikaċja tas-sorveljanza ta' ftehimiet volontarji u jiġi żgurat l-involviment xieraq tas-soċjetà ċivili; jilqa', f'dan ir-rigward, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2125 dwar il-linji gwida għall-miżuri ta' awtoregolamentazzjoni konklużi mill-industrija, u jitlob lill-Kummissjoni tissorvelja b'mod strett kwalunkwe ftehim volontarju rikonoxxut skont id-Direttiva dwar l-Ekodisinn;

14. Iħeġġeġ l-integrazzjoni tal-kurvi tat-tagħlim tat-teknoloġija fil-Metodoloġija għall-Ekodisinn tal-Prodotti relatati mal-Enerġija (MEERP) sabiex it-titjib fit-teknoloġija jiġi antiċipat sa meta r-regolamenti jidħlu fis-seħħ u jiġi żgurat li r-regolamenti jibqgħu aġġornati;

15. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi valutazzjonijiet dwar ir-rilaxx ta' mikroplastiċi fl-ambjent akkwatiku fil-miżuri tal-ekodisinn fejn xieraq; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi rekwiżiti obbligatorji għall-filtri tal-mikroplastik fir-rieżami tal-miżuri tal-ekodisinn għall-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ u l-magni li jaħslu u jnixxfu l-ħwejjeġ tal-unitajiet domestiċi;

Minn iffrankar tal-enerġija għal effiċjenza fir-riżorsi

16. Itenni s-sejħa tiegħu għal impetu ġdid fuq l-aspetti tal-ekonomija ċirkolari tal-prodotti u jikkunsidra li d-Direttiva dwar l-Ekosidinn tipprovdi potenzjal sinifikanti biex tittejjeb l-effiċjenza fir-riżorsi li s'issa għadu ma ġiex sfruttat;

17. Jemmen, għalhekk, li l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn – flimkien mal-isforzi kontinwi sabiex tittejjeb l-effiċjenza fl-enerġija – issa trid tindirizza b'mod sistematiku ċ-ċiklu tal-ħajja kollu ta' kull grupp ta' prodotti fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tagħha, bl-istabbiliment ta' kriterji minimi tal-effiċenzja tar-riżorsi li jkopru, fost oħrajn, id-durabbiltà, ir-robustezza, il-possibbiltà li jissewwew u li jiġu aġġornati, iżda anke l-potenzjal ta' kondiviżjoni, użu mill-ġdid, skalabbiltà, possibbiltà ta' riċiklaġġ, il-possibbiltà ta' manifattura mill-ġdid, il-kontenut ta' materjal riċiklat jew materja prima sekondarja, u l-użu ta' materja prima kritika;

18. Iqis li l-għażla tal-kriterji tal-ekonomija ċirkolari għal kull grupp ta' prodotti trid tiġi speċifikata sew u definita b'mod ċar u oġġettiv, filwaqt li fl-istess ħin il-kriterji jkunu jistgħu jitkejlu faċilment u jiġu implimentati bi spejjeż proporzjonati, sabiex jiġi żgurat li d-Direttiva tibqa' implimentabbli;

19. Jitlob li jsiru analiżijiet fil-fond b'mod sistematiku tal-potenzjal tal-aspetti relatati mal-ekonomija ċirkolari fil-fażi tal-istudji preparatorji tal-miżuri speċifiċi tal-ekodisinn għal kull kategorija ta' prodotti;

20. Jinsisti fuq l-importanza li l-manifatturi għandhom jipprovdu struzzjonijiet ċari u oġġettivi li jippermettu lill-utenti u lill-persuni li jsewwu li jaħdmu għal rashom biex isewwu l-prodotti b'mod aktar faċli, mingħajr materjal speċifiku; jenfasizza wkoll l-importanza li tiġi pprovduta informazzjoni dwar id-disponibbiltà ta' parts tal-bdil u dwar it-tul tal-ħajja tal-prodotti, meta dan ikun possibbli;

21. Jenfasizza l-benefiċċji potenzjali li wieħed jikkonċentra fuq aspetti ambjentali oħra lil hinn mill-użu tal-enerġija, bħall-użu ta' sustanzi kimiċi perikoluż, ir-rilaxx ta' mikroplastiċi, il-ġenerazzjoni ta' skart u l-input ta' materjal, u jappella biex jintużaw l-għodod skont id-Direttiva sabiex tissaħħaħ it-trasparenza għall-konsumaturi;

22. Iqis li peress li aktar minn 80 % tal-impatt ambjentali ta' prodott huwa ddeterminat fil-fażi tad-disinn, huwa f'dik il-fażi li, fil-biċċa l-kbira, sustanzi ta' tħassib jistgħu jiġu evitati, sostitwiti jew limitati; jenfasizza li l-użu ta' materjali u sustanzi ta' importanza kritika, bħall-elementi terrestri rari (REE), jew sustanzi ta' natura tossika jew sustanzi ta' tħassib, bħal POPs u interferenti endokrinali, irid jitqies speċifikament skont il-kriterji tal-ekodisinn imwessgħin sabiex jirrestrinġu l-użu tagħhom jew jiġu sostitwiti, fejn xieraq, jew tal-inqas tiġi żgurata l-possibbiltà li jiġu estratti/separati fi tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, mingħajr preġudizzju għal rekwiżiti legali armonizzati oħra dwar dawn is-sustanzi stabbiliti fil-livell tal-Unjoni;

23. Jitlob li r-rekwiżiti tal-ekodisinn, fil-każ ta' prodotti relatati mal-enerġija, ma joħolqux objettivi li diffiċli jintlaħqu mill-produtturi tal-UE, b'mod partikolari mill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, li l-kapaċità tagħhom b'rabta mat-teknoloġiji protetti bi privattivi hija konsiderevolment iżgħar minn dik ta' kumpaniji ewlenin tas-suq;

24. Jilqa', f'dan ir-rigward, il-programm ta' ħidma tal-Ekodisinn 2016-2019, li jinkludi impenji għall-iżvilupp ta' rekwiżiti u standards għall-effiċjenza tal-materjali, filwaqt li jiġi appoġġat l-użu tal-materja prima sekondarja, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tlesti din il-ħidma bħala kwistjoni ta' prijorità; jikkunsidra li dawn il-kriterji għandhom ikunu speċifiċi għall-prodott, ibbażati fuq analiżijiet robusti, li jiffukaw fuq oqsma li għandhom potenzjal ċar għal titjib u jkunu jistgħu jiġu infurzati u verifikati minn awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq; iqis li, meta jiġu ddefiniti l-aħjar prattiki, għandu jiġi promoss l-użu tar-riżultati ta' attivitajiet ta' riċerka tal-imgħoddi u li għaddejjin bħalissa, ta' innovazzjonijiet l-aktar avvanzati fir-riċiklaġġ tal-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku;

25. Jemmen li l-iżvilupp ta' "approċċ ta' sistema" sabiex ma jitqiesx biss il-prodott iżda s-sistema kollha meħtieġa għall-funzjonament tiegħu fil-proċess tal-Ekodisinn qiegħed isir dejjem aktar fattur kritiku għas-suċċess lejn l-effiċjenza fir-riżorsi, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi aktar minn dawn l-opportunitajiet fil-livell ta' sistema fil-Programm ta' Ħidma tal-Ekodisinn li jmiss;

26. Jemmen li trid tingħata attenzjoni partikolari għall-prodotti li jużaw l-ilma fejn jistgħu jintlaħqu benefiċċji ambjentali sinifikanti u ffrankar importanti għall-konsumaturi;

27. Jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ l-irkupru ta' materja prima kritika anke mill-iskart tal-minjieri;

28. Jinnota li l-Kummissjoni pposponiet azzjoni fuq teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), bħal mowbajls u smartphones, peress li qiegħda tistenna valutazzjonijiet ulterjuri u minħabba l-bidliet teknoloġiċi rapidi f'dan il-grupp ta' prodotti; jikkunsidra, madankollu, li dawn il-prodotti, li jinbiegħu f'ammonti kbar u jinbidlu ta' spiss, għandhom potenzjal ċar għal titjib, b'mod partikolari f'termini ta' effiċjenza fir-riżorsi, u għandhom għalhekk jiġu applikati kriterji tal-ekodisinn għalihom u jsiru sforzi biex il-proċess regolatorju jiġi ssimplifikat; jenfasizza l-ħtieġa li ssir valutazzjoni bir-reqqa dwar kif jista' jitjieb l-ekodisinn għall-gruppi ta' prodotti li għalihom il-possibbiltà ta' tiswija u s-sostituzzjoni ta' parts tal-bdil huma parametri ewlenin tal-ekodisinn;

29. Jenfasizza l-ħtieġa li l-possibbiltà ta' tiswija tkun iffaċilitata bid-disponibbiltà ta' parts tal-bdil bi prezz diċenti meta mqabbel mal-prezz totali tal-prodott tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-oġġett,

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

30. Ifakkar fl-appell tiegħu għal rieżami wiesa' tal-qafas tal-politika tal-Unjoni dwar il-prodotti sabiex jiġu indirizzati aspetti fir-rigward tal-effiċjenza fir-riżorsi; jitlob lill-Kummissjoni, f'dan il-kuntest, tivvaluta jekk il-metodoloġija tal-ekodisinn attwali tistax tintuża għal kategoriji ta' prodotti oħrajn minbarra prodotti relatati mal-enerġija, u tippreżenta proposti għal leġiżlazzjoni ġdida fejn meħtieġ;

31. Jenfasizza li, sabiex jiġi żgurat l-użu ta' materjali riċiklati/sekondarji, id-disponibbiltà ta' materjali sekondarji ta' kwalità għolja hija importanti ħafna, u għandu jiġi stabbilit suq organizzat tajjeb għal dawk il-materjali sekondarji;

32. Jenfasizza l-importanza li tiġi attribwita r-responsabbiltà fuq il-produtturi u li jiġu estiżi l-perjodi u l-kundizzjonijiet tal-garanzija, li l-manifatturijiġu obbligati jerfgħu r-responsabbiltà għall-ġestjoni tal-fażi tal-iskart tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevantili tingħata spinta lill-possibbiltà ta' tiswija, lit-titjib fil-kwalità, lill-modularità u l-possibbiltà ta' riċiklaġġ, u li jiġi żgurat li l-immaniġġjar tal-materja prima u tal-iskart jibqa' fi ħdan l-Unjoni Ewropea;

33. Jappella biex jiġu estiżi l-garanziji minimi għall-oġġetti tal-konsum durabbli;

Titjib fis-sorveljanza tas-suq

34. Jinsisti fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ is-sorveljanza tal-prodotti li jitqiegħdu fis-suq intern permezz ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni aħjar bejn l-Istati Membri u bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali, u billi jiġu pprovduti riżorsi finanzjarji xierqa lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq;

35. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-potenzjal li tiġi stabbilita skeda informattiva diġitali dwar il-prodott ("passaport tal-prodott"), kif issuġġerit fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2017 dwar l-ekoinnovazzjoni, bħala għodda biex jiġu divulgati l-materjali u s-sustanzi li jkunu jinsabu fil-prodott, li tiffaċilita wkoll is-sorveljanza tas-suq;

36. Jappella għal sistema ta' sorveljanza tas-suq aktar koerenti u kosteffiċjenti fl-Unjoni sabiex tiġi żgurata konformità mad-Direttiva dwar l-Ekodisinn, u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

— li l-awtoritajiet nazzjonali jintalbu jużaw il-bażi ta' data tal-ICSMS biex jikkondividu r-riżultati kollha tal-kontrolli tal-konformità u tal-ittestjar tal-prodotti mwettqa għall-prodotti kollha koperti mir-regolamenti dwar l-Ekodisinn; din il-bażi ta' data għandha tinkludi l-informazzjoni kollha relevanti għal prodotti konformi u mhux konformi sabiex jiġi evitat l-ittestjar mhux meħtieġ fi Stat Membru ieħor u għandha tkun faċli għall-utent u faċilment aċċessibbli;

— li l-bażi ta' data ġenerali għar-reġistrazzjoni tal-prodotti għal prodotti b'tikketta tal-enerġija tiġi estiża għall-prodotti kollha koperti mir-regolamenti dwar l-Ekodisinn;

— li l-awtoritajiet nazzjonali jintalbu jfasslu pjanijiet speċifiċi għall-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq tagħhom fil-qasam tal-ekodisinn, li għandhom jiġu nnotifikati lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni kif previst fir-Regolament (KE) Nru 765/2008 ([9]); L-Istati Membri għandhom jinkludu spezzjonijiet għal għarrieda f'dawn il-pjanijiet;

— li jiġu applikati metodi ta' skrinjar rapidi sabiex jiġu identifikati prodotti li ma jikkonformawx mar-regolamenti, u li dawn jiġu elaborati f'kooperazzjoni ma' esperti tal-industrija u kondiviżi mal-korpi pubbliċi;

— li l-Kummissjoni tikkunsidra li tiddefinixxi perċentwal minimu ta' prodotti fis-suq biex jiġu ttestjati, kif ukoll, tiżviluppa mandat għat-twettiq tas-suq indipendenti tagħha stess u tagħmel proposti, kif meħtieġ;

— li jiġu adottati miżuri repressivi, inklużi: sanzjonijiet għal manifatturi mhux konformi proporzjonati mal-impatt tan-nuqqas ta' konformità fuq is-suq Ewropew kollu u kumpens għall-konsumaturi li jkunu xtraw prodotti mhux konformi, anki lil hinn mill-perjodu tal-garanzija legali, inkluż permezz tar-rimedju kollettiv;

— li tingħata attenzjoni partikolari lill-importazzjonijiet minn barra l-UE u lill-prodotti mibjugħa online;

— li tiġi żgurata konformità mal-proposta tal-Kummissjoni għal regolament li jistabbilixxi regoli u proċeduri għall-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni fuq il-prodotti u għall-infurzar tagħha (COM(2017)0795), il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jinkludi prodotti regolati mid-Direttiva dwar l-Ekodisinn; jappoġġa, f'dan il-kuntest, l-iffaċilitar fil-livell tal-UE ta' ttestjar konġunt;

([9]) Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

37. Jenfasizza l-importanza ta' standards ta' ttestjar armonizzati, xierqa u ddefiniti b'mod ċar, u jenfasizza li għandhom jiġu żviluppati protokolli ta' ttestjar li jkunu qrib kemm jista' jkun tal-kundizzjonijiet reali; jissottolinja li l-metodi ta' ttestjar għandhom ikunu robusti u ddisinnjati u mwettqa b'tali mod li jeskludu l-manipulazzjoni u t-titjib intenzjonat jew mhux intenzjonat tar-riżultati; iqis li t-testijiet ma għandhomx jagħtu lok għal piż oneruż fuq in-negozji, b'mod partikolari għall-SMEs, li ma għandhomx l-istess kapaċità bħal kompetituri kbar tagħhom; jilqa' r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/2282 dwar l-użu tat-tolleranzi fil-proċeduri ta' verifika;

38. Jitlob lill-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri fil-ħidma ta' infurzar tagħhom u għal kooperazzjoni msaħħa meta prodott jinstab li ma jkunx konformi; jenfasizza l-ħtieġa għal gwida għall-manifatturi u l-importaturi dwar ir-rekwiżiti ddettaljati tad-dokumenti meħtieġa għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq;

Rakkomandazzjonijiet oħra

39. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata konsistenza u konverġenza bejn regolamenti dwar l-ekodisinn u regolamenti orizzontali bħal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar is-sustanzi kimiċi u l-iskart, inklużi d-Direttivi dwar REACH, WEEE u RoHS, u jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu s-sinerġiji mal-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku u mal-Ekotikketta tal-UE;

40. Jissottolinja r-rabta bejn id-Direttiva dwar l-Ekodisinn u d-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija; jistieden lill-Istati Membri jinċentivaw l-adozzjoni ta' prodotti u servizzi effiċjenti fis-suq u jintensifikaw l-attivitajiet ta' spezzjoni u ta' konsulenza tagħhom; jemmen li t-titjib tal-ekodisinn tal-prodotti relatati mal-enerġija jista' mbagħad jaffettwa b'mod pożittiv ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija;

41. Jissottolinja l-ħtieġa li l-pubbliku ġenerali u b'mod partikolari l-midja jingħataw informazzjoni ċara dwar il-benefiċċji tal-ekodisinn qabel it-tnedija ta' miżura, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkomunikaw b'mod proattiv dwar il-benefiċċji tal-miżuri tal-ekodisinn bħala parti integrali tal-proċess ta' adozzjoni ta' dawn il-miżuri tal-ekodisinn u jikkomunikaw aktar mal-partijiet ikkonċernati sabiex in-nies jifhmu aħjar il-leġiżlazzjoni;

42. Jenfasizza li t-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli u ċirkolari se tippreżenta mhux biss bosta opportunitajiet iżda wkoll sfidi soċjali; iqis, peress li ħadd ma għandu jitħalla barra, li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni speċjali lill-familji b'introjtu baxx li jinsabu f'riskju ta' faqar enerġetiku meta jippreżentaw programmi li jħeġġu l-użu tal-aktar prodotti effiċjenti fir-riżorsi; jemmen li tali programmi ma għandhomx jostakolaw l-innovazzjoni iżda għandhom ikomplu jippermettu lill-manifatturi joffru lill-konsumaturi firxa wiesgħa ta' prodotti ta' kwalità għolja, u li huma għandhom jiffavorixxu wkoll id-dħul fis-suq ta' prodotti relatati mal-enerġija u li jużaw l-ilma li jkunu kapaċi jiksbu effiċjenza ikbar fir-riżorsi u aktar iffrankar għall-konsumaturi;

43. Jistieden lill-istituzzjonijiet u lill-Istati Membri tal-UE jagħtu eżempju tajjeb billi jistabbilixxu u jagħmlu użu sħiħ mill-ekonomija ċirkolari u mill-istrateġiji tal-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku sabiex jipprijoritizzaw prodotti li wrew li huma sostenibbli, bħall-prodotti bl-Ekotikketta, u l-ogħla standards dwar l-effiċjenza fir-riżorsi fl-investimenti kollha, u jippromwovu użu mifrux ta' akkwist ekoloġiku, inkluż fis-settur privat;

o

o o

44. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0242

Pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Mejju 2018 dwar reazzjoni għall-petizzjonijiet dwar l-indirizzar tal-prekarjetà u l-użu abbużiv tal-kuntratti b'terminu fiss (2018/2600(RSP))

(2020/C 76/23)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 153(1)(a) u (b), 155(1) u 352 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 4 u 30 tal-Karta Soċjali Ewropea u l-Artikoli 31 u 32 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-miżuri antidiskriminazzjoni u kontra l-abbuż tad-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 li tikkonċerna l-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, mis-CEEP u mill-ETUC – Anness: Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time ([1]) (id-Direttiva dwar ix-Xogħol Part-time),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP ([2]) (id-Direttiva dwar Xogħol għal Żmien Fiss),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ([3]) (id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija ([4]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura f'impriżi ta' skala Komunitarja u fi gruppi ta' skala Komunitarja ta' impriżi għall-iskopijiet ta' tagħrif u konsultazzjoni tal-impjegati ([5]) (id-Direttiva tal-Kunsill Ewropew tax-Xogħol),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni 98 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar l-Applikazzjoni tal-Prinċipji tad-Dritt ta' Organizzazzjoni u tal-Innegozjar Kollettiv, u l-Konvenzjoni 175 dwar Xogħol Part-time,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2017 dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u impjieg prekarju ([6]),

— wara li kkunsidra l-istudju bit-titolu "Kuntratti temporanji, impjieg prekarju, id-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema u tal-liġi dwar l-impjieg tal-UE" , ippubblikata mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tiegħu f'Novembru 2017([7]),

([1]) ĠU L 14, 20.1.1998, p. 9
([2]) ĠU L 175, 10.7.1999, p. 43.
([3]) ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9
([4]) ĠU L 327, 5.12.2008, p. 9
([5]) ĠU L 122, 16.5.2009, p. 28.
([6]) Testi adottati, P8_TA(2017)0290.
([7]) http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2017/596823/IPOL_STU(2017)596823_EN.pdf

— wara li kkunsidra l-bosta petizzjonijiet dwar il-ksur tad-Direttiva dwar ix-Xogħol għal Żmien Fiss fis-settur pubbliku ([8]), dwar il-kundizzjonijiet prekarji tax-xogħol ta' ħaddiema impjegati fuq kuntratti ta' żero siegħat fis-settur privat ([9]), dwar ir-rappreżentazzjoni trejdjunjonistika u dwar id-diskrepanzi fis-sistemi tas-sigurtà soċjali ([10]) u li jopponi l-użu li qed jiżdied ta' kuntratti temporanji ([11]);

— wara li kkunsidra l-proposti l-ġodda tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol (COM(2018)0131) u għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom (COM(2018)0132),

— wara li kkunsidra l-eżitu tas-seduta ta' smigħ organizzata mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fit-22 ta' Novembru 2017 dwar "Il-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema f'impjiegi temporanji jew prekarji, abbażi tal-petizzjonijiet riċevuti" ,

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 91/533/KEE tal-14 ta' Ottubru 1991 dwar l-obbligazzjoni ta' min iħaddem li jgħarraf lill-ħaddiema bil-kondizzjonijiet applikabbli għall-kuntratt jew għar-relazzjoni tal-impjieg ([12]),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kondizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni Ewropea, li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/533/KEE (COM(2017)0797),

— wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar "Risposti għal petizzjonijiet dwar il-ġlieda kontra l-prekarjetà u l-użu abbużiv ta' kuntratti għal żmien determinat" (O-000054/2018 – B8-0022/2018),

— wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 128(5) u 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-għadd ta' ħaddiema b'kuntratti b'terminu fiss jew part-time żdied fl-UE matul l-aħħar 15-il sena, bħala riżultat tal-politiki ta' awsterità u tnaqqis tad-drittijiet tax-xogħol li ġew implimentati, li wasslu għal żieda fil-prekarjetà u l-instabbiltà tax-xogħol; billi hemm bżonn ta' politiki effiċjenti li jkopru d-diversi forom ta' impjieg u jħarsu b'mod adegwat lill-ħaddiema;

B. billi l-kundizzjonijiet ta' xogħol prekarji huma mnissla mill-eżistenza ta' nuqqasijiet kbar fil-protezzjoni effikaċi tad-drittijiet tal-ħaddiema f'livelli differenti ta' regolamentazzjoni, inklużi l-liġi primarja u sekondarja tal-UE u l-liġi tal-Istati Membri; billi l-petizzjonijiet li jikkonċernaw tipi differenti ta' impjieg għandhom jiġu kkunsidrati f'konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru rispettiv minn fejn joriġinaw u mil-liġi rilevanti tal-UE; billi l-politika soċjali u tax-xogħol tal-UE hija bbażata fuq il-prinċipju tas-sussidjarjetà;

C. billi hemm bżonn li r-reazzjonijiet ta' politika jiġu adattati biex jirriflettu l-fatt li l-prekarjetà hija aspett dinamiku li jaffettwa r-relazzjonijiet kollha ta' impjieg personali; billi l-ġlieda kontra l-impjieg prekarju jeħtieġ li titwettaq permezz ta' pakkett ta' politika f'diversi livelli integrat li jippromwovi standards tax-xogħol inklużivi u effikaċi flimkien ma' miżuri effikaċi biex jiġi żgurat ir-rispett tal-prinċipju ta' ugwaljanza;

D. billi l-għan li jiġu indirizzati b'mod effikaċi l-prattiki inġusti tal-impjieg li jwasslu għall-prekarjetà għandu wkoll jiġi segwit fuq il-bażi tal-Aġenda tax-Xogħol Deċenti tal-ILO, li tħares lejn il-ħolqien tax-xogħol, id-drittijiet fuq il-post ix-xogħol, il-protezzjoni soċjali u d-djalogu soċjali, bl-ugwaljanza bejn is-sessi bħala objettiv trasversali;

E. billi d-data tal-Eurostat u tal-Eurofound dwar l-impjieg temporanju involontarju, dwar id-diskrepanzi fis-sessi u fl-età fl-impjieg temporanju u dwar is-sottoimpjieg ta' proporzjon notevoli ta' ħaddiema part-time turi emerġenza dejjem tikber ta' forom mhux standard u atipiċi ta' impjieg; billi d-data dwar is-sottoimpjieg skont is-sessi u l-età turi li r-rati tiegħu huma fl-aktar livell baxx mill-2009;

([8]) 0389/2015, 1328/2015, 0044/2016, 0988/2016, 1108/2016, 1202/2016, 1310/2016, 0188/2017, 0268/2017, 0283/2017, 0640/2017, 0701/2017.
([9]) 0019/2016, 0020/2016, 0021/2016, 0099/2017, 1162/2017.
([10]) 0019/2016, 0442/2017.
([11]) 1043/2017.
([12]) ĠU L 288, 18.10.1991, p. 32.

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

F. billi diversi Stati Membri, matul is-snin, esperjenzaw żieda sinifikanti f'kuntratti ta' impjieg atipiċi u temporanji kemm fis-setturi pubbliċi kif ukoll dawk privati, f'qafas legali fejn l-użu abbużiv ta' kuntratti b'terminu fiss ma setgħu jiġu la adegwatament evitati u lanqas issanzjonati minħabba n-nuqqas ta' rimedji effikaċi u proporzjonati; billi dan dgħajjef l-integrità tal-leġiżlazzjoni Ewropea dwar l-impjiegi u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;

G. billi hemm qafas komprensiv tal-leġiżlazzjoni tal-UE fis-seħħ li jenħtieġ li tnaqqas ir-riskju tal-prekarjetà ta' ċerti tipi ta' relazzjonijiet tal-impjieg, bħad-Direttiva dwar Kuntratti b'Terminu Fiss, id-Direttiva dwar ix-Xogħol Part-time, id-Direttiva dwar Xogħol Temporanju, id-Direttiva dwr il-Ħin tax-Xogħol, id-Direttiva dwar Ugwaljanza fit-Trattament fl-Impjieg u fix-Xogħol, id-Direttiva dwar it-Trattament Ugwali bejn Persuni u d-Direttiva dwar it-Trattament Ugwali u l-Opportunitajiet Indaqs;

H. billi l-Kummissjoni akkumulat dewmien twil fl-immaniġġjar ta' proċedimenti ta' ksur dwar il-ksur tal-leġiżlazzjoni tax-xogħol tal-UE minn xi Stati Membri, li ppermetta l-użu abbużiv ta' kuntratti b'terminu fiss u l-ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema għal snin sħaħ;

I. billi informazzjoni reċenti relatata ma' petizzjonijiet dwar l-abbuż ta' kuntratti b'terminu fiss fis-settur pubbliku enfasizzat is-sitwazzjoni ta' xi ħaddiema temporanji li tkeċċew mill-korp pubbliku fejn kienu qed jaħdmu wara deċiżjonijiet li ddikjaraw li dawk il-ħaddiema kienu sofrew minn użu abbużiv ta' kuntratti b'terminu fiss, bi ksur tad-Direttiva 1999/70/KE dwar il-ftehim qafas dwar xogħol b'terminu fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP;

J. billi l-kundizzjonijiet tax-xogħol huma differenti minn Stat Membru għal ieħor, peress li kull wieħed minnhom għandu l-leġiżlazzjoni speċifika tiegħu relatata mal-kuntratti ta' impjieg;

K. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet sema' evidenza qawwija dwar it-tkabbir ta' xogħol prekarju;

L. billi l-ħaddiema fuq kuntratti ta' żero siegħat jeħtiġilhom jitqiesu bħala ħaddiema skont il-liġi tal-UE, minħabba li huma jaħdmu taħt id-direzzjoni ta' ħaddieħor u jirċievu remunerazzjoni għal dak ix-xogħol, u għalhekk trid tapplika l-leġiżlazzjoni soċjali tal-UE;

M. billi l-impjieg prekarju, inklużi kuntratti ta' żero siegħat, jirriżulta f'aċċess mhux adegwat għal protezzjoni soċjali u jdgħajjef id-dritt għal negozjar kollettiv, b'mod partikolari f'termini ta' benefiċċji u protezzjoni minn tkeċċija inġusta, filwaqt li jħalli effett fuq l-iżvilupp tal-karriera u t-taħriġ; billi l-impjieg prekarju jwassal għall-prekarjetà tal-ħajja b'mod ġenerali;

N. billi huwa aktar probabbli li n-nisa jaħdmu part-time jew b'kuntratti ta' żmien limitat jew b'pagi baxxi u għalhekk huma f'riskju akbar ta' prekarjetà bħala riżultat ta' diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol, u dan qed inaqqas il-pass tal-progress fil-ġlieda kontra u l-eliminazzjoni tad-differenzi bejn il-pagi u l-pensjonijiet tal-irġiel u n-nisa;

1. Jifhem li l-impjieg prekarju jfisser impjieg li jirriżulta minn, fost affarijiet oħra, l-użu abbużiv ta' kuntratti ta' impjieg temporanju bi ksur tal-istandards internazzjonali dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol, id-drittijiet tax-xogħol u l-liġi tal-UE; jissottolinja li l-impjieg prekarju jimplika esponiment akbar għal vulnerabbiltà soċjoekonomika, nuqqas ta' riżorsi għal ħajja deċenti u protezzjoni soċjali mhux adegwata;

2. Jenfasizza li huwa importanti li ssir distinzjoni bejn ix-xogħol atipiku u l-eżistenza ta' impjieg prekarju; jenfasizza li t-termini "atipiċi" u "xogħol prekarju" ma jistgħux jintużaw b'mod sinonimu;

3. Jieħu nota tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-4 ta' Lulju 2017 dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-impjieg prekarju u tal-petizzjonijiet riċevuti, u jissottolinja li r-riskju tal-prekarjetà jiddependi fuq it-tip ta' kuntratt iżda wkoll fuq il-fatturi li ġejjin:

— ftit li xejn jew kważi l-ebda sigurtà tax-xogħol minħabba n-natura tax-xogħol mhux permanenti, bħal f'kuntratti part-time involontarji u ta' sikwit marġinali, u, f'xi Stati Membri, sigħat tax-xogħol mhux ċari u dmirijiet li jinbidlu minħabba xogħol fuq talba;

— protezzjoni rudimentarja mit-tkeċċija u nuqqas ta' protezzjoni soċjali suffiċjenti f'każ ta' tkeċċija;

— remunerazzjoni insuffiċjenti għal standard ta' ħajja deċenti;

— ftit li xejn jew l-ebda drittijiet għal protezzjoni jew benefiċċji soċjali;

— ftit li xejn jew l-ebda protezzjoni minn kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni;

— prospetti limitati jew l-ebda prospetti għall-avvanz fis-suq tax-xogħol jew fir-rigward tal-iżvilupp tal-karriera u tat-taħriġ;

— livell baxx ta' drittijiet kollettivi u drittijiet limitati għal rappreżentanza kollettiva;

— ambjent tax-xogħol li ma jissodisfax l-istandards minimi tas-saħħa u s-sigurtà;

4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġġieldu kontra l-impjieg prekarju, bħal kuntratti ta' żero sigħat, billi jiżguraw l-iżvilupp ta' strumenti ġodda u r-rispett koerenti tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-infurzar konkret tal-leġiżlazzjoni tal-UE u dik nazzjonali fil-livell nazzjonali bil-ħsieb li jissolva d-defiċit għal xogħol deċenti u li jiġi implimentat approċċ ibbażat fuq id-drittijiet; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkooperaw mas-sħab soċjali – b'mod partikolari t-trejdjunjins – u l-partijiet interessati rilevanti, filwaqt li jippromwovu impjiegi kwalitattivi, siguri u mħallsin tajjeb, sabiex, fost l-oħrajn, isaħħu l-ispettorati tax-xogħol;

5. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu azzjoni immedjata fil-leġiżlazzjoni tagħha biex tindirizza b'mod effikaċi l-prattiki ta' impjieg li jwasslu għall-prekarjetà;

6. Jistieden lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha sabiex ittemm termini inġusti fil-kuntratti ta' impjieg billi tindirizza l-abbużi u l-lakuni kollha; jirrikonoxxi l-proposta l-ġdida għal direttiva dwar Kundizzjonijiet tax-Xogħol Trasparenti u Prevedibbli, li għandha l-għan li tistabbilixxi drittijiet ġodda għall-ħaddiema kollha, b'mod partikolari sabiex ittejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema f'forom ġodda ta' impjiegi u impjiegi mhux standard, filwaqt li tnaqqas il-piżijiet fuq min iħaddem u żżomm l-adattabbiltà tas-suq tax-xogħol;

7. Jilqa' speċifikament id-dispożizzjonijiet dwar id-dritt li wieħed ifittex impjieg addizzjonali, bi projbizzjoni fuq il-klawsoli ta' esklużività u l-klawsoli dwar il-limiti fuq l-inkompatibbiltà, u d-dritt li wieħed jiġi infurmat dwar id-data tal-bidu tax-xogħol fi żmien raġonevoli qabel dik id-data;

8. Jenfasizza li d-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol tista' u trid tiġi applikata għall-ħaddiema fuq kuntratti ta' żero sigħat u li għal-hekk dawn huma koperti mir-regoli dwar perjodi minimi ta' mistrieħ u ħinijiet massimi ta' xogħol;

9. Jistieden lill-Istati Membri jqisu l-indikaturi tal-ILO huma u jiddeterminaw l-eżistenza ta' relazzjoni ta' impjieg bħala mezz ta' kif jista' jiġi indirizzat in-nuqqas ta' protezzjoni offruta minn impjieg prekarju;

10. Jinnota li l-aċċess għall-protezzjoni soċjali huwa kruċjali għas-sikurezza ekonomika u soċjali tal-forza tax-xogħol u t-tħaddim kif jixraq tas-swieq tax-xogħol li joħolqu l-impjiegi u t-tkabbir sostenibbli;

11. Jissottolinja li l-ispezzjonijiet iridu jiġu żgurati sabiex ħaddiema soġġetti għal ftehimiet kuntrattwali temporanji jew flessibbli jibbenefikaw, tal-inqas, mill-istess protezzjoni bħall-ħaddiema l-oħra kollha; jinnota li huwa meħtieġ sforz immirat biex jintużaw l-istrumenti eżistenti tal-ILO f'kampanja speċifika kontra l-impjieg prekarju, u li għandha tingħata kunsiderazzjoni serja dwar il-ħtieġa ta' strumenti vinkolanti u miżuri legali ġodda li jillimitaw u jnaqqsu l-impjieg prekarju u jagħmlu kuntratti ta' impjieg prekarju inqas attraenti lil min iħaddem;

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

12. Jemmen bil-qawwa li trid issir valutazzjoni globali taċ-ċirkustanzi tat-tiġdid tal-kuntratti ta' impjieg b'terminu fiss, peress li s-servizzi mitluba mill-ħaddiem ma kinux kapaċi jissodisfaw ħtiġijiet ta' natura sempliċement temporanja, b'tali mod li nkixef abbuż bi ksur tal-Klawsola 5 tal-Ftehim Qafas tad-Direttiva 1999/70/KE;

13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali fl-istess post tax-xogħol;

14. Jinsisti li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-leġiżlazzjoni dwar ix-xogħol prekarju fir-rigward tal-impatt tagħha fuq is-sessi; iqis li huwa meħtieġ li jkun hemm enfasi fuq miżuri eżistenti differenti li jikkonċernaw il-ħtiġijiet tan-nisa f'impjieg prekarju, bħala grupp li diġà jinsab irrappreżentat iżżejjed u li se jkompli jiġi affettwat b'mod eċċessiv;

15. Ifakkar li l-premessa li fuqha hija msejsa d-Direttiva 1999/70/KE dwar il-Ftehim Qafas għal kuntratti b'terminu fiss hija l-fatt li l-kuntratti ta' impjieg ta' żmien indeterminat huma l-forma ġenerali tar-relazzjoni ta' impjieg, filwaqt li l-kuntratti ta' impjieg b'terminu fiss huma biss forma ta' impjieg speċifika għal ċerti setturi jew għal ċerti okkupazzjonijiet u attivitajiet;

16. Jiddenunzja t-tiġdid ta' kuntratti ta' impjieg b'terminu fiss bil-għan li jiġu koperti l-ħtiġijiet li mhumiex ta' natura temporanja iżda li huma fissi u permanenti, peress li dan jirrappreżenta ksur tad-Direttiva 1999/70/KE;

17. Jinnota li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea stabbiliet li t-trasformazzjoni ta' kuntratt b'terminu fiss f'kuntratt għal żmien indeterminat tikkostitwixxi miżura li hija konsistenti mar-rekwiżiti li jirriżultaw mil-liġi tal-UE billi tipprevjeni l-użu abbużiv ta' kuntratti b'terminu fiss u twassal għall-eliminazzjoni definittiva tal-konsegwenzi ta' użu abbużiv ([13]);

18. Jenfasizza li t-trasformazzjoni ta' kuntratt b'terminu fiss f'kuntratt għal żmien indeterminat trid titqies bħala miżura biex b'mod effikaċi jiġi pprevenut u sanzjonat l-abbuż ta' kuntratti b'terminu fiss kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, u trid tkun inkluża b'mod ċar u konsistenti mill-Istati Membri kollha fl-oqfsa legali rilevanti tagħhom dwar il-liġi tax-xogħol;

19. Jenfasizza li t-trasformazzjoni ta' kuntratt b'terminu fiss f'kuntratt għal żmien indeterminat għal ħaddiem li jkun sofra minn abbuż ta' kuntratti b'terminu fiss, bi ksur tad-Direttiva 1999/70/KE, ma teżonerax Stat Membru mill-obbligu li jippenalizza dak l-abbuż, inkluża, barra minn hekk, il-possibbiltà li l-ħaddiem affettwat jikseb kumpens għal kwalunkwe ħsara mġarrba fil-passat;

20. Jissottolinja li jekk Stat Membru jagħżel li jippenalizza diskriminazzjoni jew abbuż kontra ħaddiem temporanju bi ksur tal-liġi tal-UE billi joffri kumpens lill-ħaddiem affettwat, dak il-kumpens irid, fi kwalunkwe każ, ikun adegwat u effikaċi u jrid jikkumpensa bis-sħiħ id-danni kollha mġarrba;

21. Jenfasizza li l-kunsiderazzjonijiet baġitarji li fuqhom hija msejsa l-għażla ta' Stat Membru rigward il-politika soċjali ma jistgħux jiġġustifikaw in-nuqqas ta' miżuri effikaċi bil-għan li jiġi pprevenut u ppenalizzat l-użu abbużiv ta' kuntratti suċċessivi ta' impjieg b'terminu fiss; jenfasizza, fil-fatt, li l-adozzjoni ta' tali miżuri effikaċi, f'konformità sħiħa mal-liġi tal-UE, hija meħtieġa biex tħassar il-konsegwenzi tal-ksur tad-drittijiet tal-ħaddiema;

22. Jikkundanna l-fatt li l-ħaddiema li kienu ġew rikonoxxuti mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti bħala vittmi ta' użu abbużiv ta' kuntratti b'terminu fiss, bi ksur tad-Direttiva 1999/70/KE, ingħataw is-sensja; jemmen bis-sħiħ li fejn twettqu abbużi ta' kuntratti suċċessivi ta' impjieg b'terminu fiss, tista' tiġi applikata miżura li toffri garanzija effikaċi u ekwivalenti għall-protezzjoni tal-ħaddiema sabiex tippenalizza b'mod dovut l-abbuż u tħassar il-konsegwenzi tal-ksur tal-liġi tal-UE, kif ukoll tissalvagwarda l-pożizzjoni tal-impjieg tal-ħaddiema affettwati;

([13]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Novembru 2014, *Mascolo*, C-22/13, ECLI:EU:C:2014:2401, paragrafu 55.

23. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-istandards tal-impjiegi fl-impjiegi mhux konvenzjonali billi jipprovdu, tal-inqas, sett ta' standards minimi għall-protezzjoni soċjali, livell minimu tal-pagi u aċċess għat-taħriġ u l-iżvilupp;

24. Jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri biex jirrispettaw, jippromwovu u jikkonkretizzaw il-prinċipji fundamentali u drittijiet fuq il-post tax-xogħol li jikkonċernaw lil dawk li jaħdmu fl-ekonomija informali, u biex joħolqu mekkaniżmi xierqa jew jirrieżaminaw dawk li diġà jeżistu bil-għan li jiżguraw il-konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti nazzjonali u jirrikonoxxu u jinfurzaw irrelazzjonijiet tal-impjieg b'tali mod li jiffaċiltaw it-tranżizzjoni tal-ħaddiema lejn l-ekonomija formali.

25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

RAKKOMANDAZZJONIJIET

P8_TA(2018)0227

Il-Libja

Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Mejju 2018 fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar il-Libja (2018/2017(INI))

(2020/C 76/24)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 2259 (2015) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u r-riżoluzzjonijiet sussegwenti,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Politiku Libjan,

— wara li kkunsidra r-rapport tas-Segretarju Ġenerali dwar il-Missjoni ta' Appoġġ tan-NU fil-Libja, tat-22 ta' Awwissu 2017,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 1973 (2011) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u r-riżoluzzjonijiet sussegwenti kollha tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar il-Libja, fosthom ir-riżoluzzjoni 2380 (2017),

— wara li kkunsidra r-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU skont ir-riżoluzzjoni 2312 (2016) tal-Kunsill tas-Sigurtà,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-14 ta' Novembru 2017 dwar it-tbatija tal-migranti fil-Libja li hija insult għall-kuxjenza tal-umanità,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem ta' April 2018 bit-titolu "Abuse Behind Bars: Arbitrary and unlawful detention in Libya" (L-abbuż fil-ħabsijiet: Detenzjoni arbitrarji u illegali fil-Libja),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-18 ta' Settembru 2014 ([1]), tal-15 ta' Jannar 2015 ([2]) u tal-4 ta' Frar 2016 ([3]) dwar is-sitwazzjoni fil-Libja,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Kopresidenti tal-Assemblea Parlamentari Konġunt AKP-UE dwar is-sitwazzjoni tal-migranti fil-Libja, tal-20 ta' Diċembru 2017,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar,

— wara li kkunsidra l-Approċċ Globali tal-UE għall-Migrazzjoni u l-Mobilità,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, tal-25 ta' Jannar 2017, bit-titolu "Il-migrazzjoni fuq ir-rotta tal-Mediterran Ċentrali – Niġġestixxu l-flussi, insalvaw il-ħajjiet" (JOIN(2017)0004),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Malta tat-3 ta' Frar 2017,

— wara li kkunsidra l-Istrateġija Konġunta UE-Afrika u l-pjan ta' azzjoni tagħha,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar is-Sitwazzjoni tal-Migranti fil-Libja, miftiehma waqt is-Summit Unjoni Afrikana - Unjoni Ewropea 2017 u l-ħolqien tat-Task Force trilaterali ta' livell għoli UA-UE-NU,

([1]) ĠU C 234, 28.6.2016, p. 30.
([2]) ĠU C 300, 18.8.2016, p. 21.
([3]) ĠU C 35, 31.1.2018, p. 66.

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libja tas-17 ta' Lulju 2017,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19 ta' Ottubru 2017,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A8-0159/2018),

A. billi s-sitwazzjoni fil-Libja hija fraġli ħafna u l-pajjiż qiegħed iħabbat wiċċu ma' għadd ta' sfidi kumplessi u li għandhom rabta bejniethom fir-rigward tal-istabbiltà politika, tal-iżvilupp ekonomiku u tas-sigurtà;

B. billi l-kriżi fil-Libja għandha impatt enormi fuq il-poplu tal-Libja kif ukoll tolqot ir-reġjun kollu tal-madwar u l-UE, u għalhekk huwa kruċjali, għall-ġid tal-popolazzjoni Libjana kif ukoll tal-pajjiżi ġirien u tar-reġjun sub-Saħarjan u dak tal-Mediterran, li l-istabbiltà politika fil-Libja tiġi żgurata, bħala rekwiżit preliminari fundamentali għat-titjib tas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali tal-pajjiż;

C. billi l-istabbiltà fin-Nofsinhar tal-Libja qiegħda tqajjem tħassib partikolari fid-dawl tal-qagħda fraġli tal-pajjiżi ġirien, fejn għall-gvernijiet imdgħajfa tar-reġjun Saħelo-Saħarjan hemm ir-riskju ta' rvell ġiħadista potenzjali;

D. billi l-UE għandha tikkomunika b'mod aktar proattiv l-isforzi diplomatiċi tagħha u l-kontribut finanzjarju kbir tagħha għall-konsolidament tas-sigurtà u tas-sitwazzjoni soċjoekonomika tal-Libja;

E. billi l-kunflitt fil-Libja jista' jissolva biss permezz ta' approċċ koerenti, komprensiv u inklużiv, li jinvolvi l-atturi internazzjonali kollha u l-partijiet interessati kollha, inklużi r-rappreżentanti tad-diversi komunitajiet lokali, il-kapijiet tribali u l-attivisti tas-soċjetà ċivili, kif ukoll li jiżgura li l-Libja jkollha s-sjieda tal-proċess ta' paċi u li tieħu sehem fih;

F. billi l-Ftehim Politiku Libjan u l-Pjan ta' Azzjoni tan-NU għal-Libja jikkostitwixxu attwalment l-uniku qafas fattibbli għal soluzzjoni tal-kriżi;

G. billi, permezz tal-azzjoni diplomatika u l-appoġġ konkret, l-UE qiegħda tassisti fit-tranżizzjoni politika tal-Libja lejn pajjiż stabbli u funzjonanti u qiegħda tagħti l-kontribut tagħha għall-isforzi ta' medjazzjoni mmexxija min-NU f'dan ir-rigward;

H. billi huwa tal-akbar importanza li l-Istati Membri kollha jitkellmu b'vuċi waħda, isaħħu l-isforzi ta' medjazzjoni tal-UE u jenfasizzaw ir-rwol ċentrali tan-NU u tal-pjan ta' azzjoni tan-NU; billi inizjattivi individwali mill-Istati Membri għandhom fil-każijiet kollha jiġu milqugħa biss jekk jittieħdu fi ħdan il-qafas Ewropew u jkunu konformi għalkollox mal-politika barranija tal-UE;

I. billi l-azzjoni tal-UE qiegħda turi riżultati fil-front tal-migrazzjoni, peress li fi tmiem l-2017 iċ-ċifri naqsu b'terz meta mqabbla ma' dawk tal-2016 u li fl-ewwel xhur tal-2018 niżlu b'50 % meta mqabbla ma' dawk tal-istess żmien tas-sena preċedenti;

J. billi l-Libja tirrappreżenta punt ta' tranżitu u ta' tluq importanti għall-migranti li jippruvaw jaslu l-Ewropa, partikolarment għal dawk li ġejjin mill-Afrika sub-Saħarjana, billi eluf ta' migranti u rifuġjati li qegħdin jaħarbu mill-vjolenzi fil-Libja tilfu ħajjithom huma u jippruvaw jaqsmu l-Mediterran biex jaslu l-Ewropa;

K. billi l-migranti huma fost dawk li l-aktar isofru minħabba l-problemi ta' sigurtà fil-Libja, peress li spiss jisfaw vittmi ta' vjolenza, arrest u detenzjoni arbitrarji minn atturi mhux statali, estorsjoni, ħtif ta' persuni bil-ħsieb li jintalab rikatt, u sfruttament;

L. billi ħafna migranti, partikolarment dawk mill-Afrika sub-Saħarjana, ġew suġġetti għal detenzjoni arbitrarja minn diversi gruppi armati fil-pajjiż;

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

M. billi r-ritorn sfurzat lejn il-Libja min-Niġer ta' mill-inqas 132 Sudaniż li kienu qed jirċievu assistenza mill-UNHCR huwa sors ta' tħassib kbir;

N. billi għadha attwali l-problema tal-persuni spostati internament, billi tali persuni jsibu ruħhom quddiem theddid kritiku bħall-qsim ta' żoni ta' kunflitt, il-preżenza ta' mini tal-art u ta' mezzi mhux sploduti, kif ukoll il-vjolenza tad-diversi milizji;

O. billi l-Libja saret pajjiż ta' tranżitu għat-traffikar tal-bnedmin; billi l-Libja għadha tospita mijiet ta' eluf ta' rifuġjati u persuni li jfittxu l-asil ta' nazzjonalitajiet differenti, li ħafna minnhom qed jgħixu f'kundizzjonijiet traġiċi u għaldaqstant jikkostitwixxu bersall għall-faċilitaturi ta' dħul klandestin ta' bnedmin; billi kien hemm allegazzjonijiet ta' skjavitù fil-Libja;

P. billi l-ħajja ta' kuljum tal-Libjani ordinarji hija kkaratterizzata minn ċirkostanzi ta' ħajja saħansitra aktar ibsin, ikkumplikati ulterjorment minn kriżi tal-flus, qtugħ tal-ilma u tal-provvista tal-enerġija frekwenti, u l-qagħda ġeneralment katastrofika tas-sistema tal-assistenza fil-qasam tas-saħħa fil-pajjiż;

Q. billi l-klima politika fil-Libja hija kkaratterizzata minn sfiduċja profonda bejn l-atturi politiċi u militari ewlenin tar-reġjuni differenti;

R. billi l-Gvern ta' Kunsens Nazzjonali (GNA) rikonoxxut internazzjonalment qed jiddependi dejjem aktar fuq il-milizzji għas-sigurtà tiegħu; billi dawn il-milizzji kisbu livell mingħajr preċedent ta' influwenza fuq l-istituzzjonijiet tal-istat fi Tripli, u b'hekk qed jheddu t-tentattivi kontinwi tan-NU għall-ħolqien ta' qafas politiku aktar vijabbli fil-pajjiż;

S. billi l-pajjiżi bħat-Turkija, il-Qatar, l-Eġittu u l-Emirati Għarab Magħquda għandhom influwenza notevoli fuq id-diversi gruppi tal-fazzjonijiet involuti fil-kunflitt;

T. billi l-identitajiet subnazzjonali tad-diversi komunitajiet, tribujiet u gruppi etniċi Libjani dejjem ikkostitwew in-nisġa soċjokulturali sottostanti tal-Libja u jiżvolġu rwol fundamentali fid-dinamika soċjali u politika u fil-kwistjonijiet ta' sigurtà tal-pajjiż; billi s-soċjetà Libjana għandha tradizzjonijiet qawwijin ta' proċessi informali ta' riżoluzzjoni tat-tilwim bejn il-bliet, it-tribujiet u l-komunitajiet etniċi;

U. billi bħalissa fil-pajjiż jonqos qafas leġiżlattiv ċar u kondiviż fuq bażi wiesgħa għal dak li għandu x'jaqsam mas-sistema elettorali; billi ebda kostituzzjoni ma ġiet adottata, u b'hekk il-pajjiż tħalla mingħajr il-qafas legali meħtieġ biex jiġu organizzati elezzjonijiet ġodda; billi l-prevalenza tal-klima attwali ta' impunità, tal-illegalità mifruxa, tal-korruzzjoni kif ukoll ir-rwol tal-gruppi armati u tat-tensjonijiet tribali u reġjonali Libjani, jikkontribwixxu biex tkompli tonqos il-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi u governattiv li diġà huma dgħajfa;

V. billi fil-Libja qegħdin jiżdiedu kontinwament l-eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji, it-torturi, id-detenzjonijiet arbitrarji u l-attakki indiskriminati fuq żoni residenzjali u infrastrutturi, kif ukoll qegħdin jiżdiedu d-diskors ta' mibegħda u l-inċitament għall-vjolenza;

W. billi l-grupp estremista Salafista Madkhalista qed isir aktar b'saħħtu u aktar rilevanti fil-Lvant kif ukoll fil-Punent tal-Libja; billi l-Madkhalisti jopponu l-elezzjonijiet, huma ħerqana li l-istatus quo jinżamm, jiċħdu kompletament kwalunkwe mudell ta' demokrazija u huma armati ħafna, u b'hekk jirrappreżentaw riskju konkret ta' aktar estremiżmu u vjolenza fil-pajjiż;

X. billi l-kollass tas-sistema tal-ġustizzja kriminali jsaħħaħ l-impunità fil-pajjiż, inaqqas il-possibbiltajiet għall-vittmi li jiksbu protezzjoni u mezzi ta' rimedju; billi f'bosta reġjuni, anki fil-każijiet li fihom sar rapport lill-pulizija wara reat, ftit li xejn sar biex jinbdew investigazzjonijiet fil-pront, bir-reqqa, effikaċi, imparzjali u indipendenti u biex min hu responsabbli jittella' quddiem il-ġustizzja; billi l-ebda awtur ta' reati li jagħmel parti minn grupp armat ma ġie kkundannat fil-Libja mill-2011;

Y. billi ċ-ċirku ta' vjolenza fil-Libja huwa kontinwament alimentat mill-impunità ġenerali għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem; billi, sakemm ma jkunx hemm soluzzjoni adegwata, l-assenza kostanti tal-istat tad-dritt se jneħħi s-sinifikat għall-popolazzjoni tal-idea ta' koeżistenza paċifika u tal-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti;

Z. billi għexieren ta' attivisti politiċi u tad-drittijiet tal-bniedem, professjonisti tal-mezzi tal-komunikazzjoni u personalitajiet pubbliċi oħra nħatfu jew ġew mhedda; billi n-NU rċevew rapporti ta' detenzjoni arbitrarja u tortura u maltrattament kommessi miż-żewġ naħat;

AA. billi l-attakki dejjem aktar numerużi kontra esponenti tal-ġudikatura, l-organizzazzjonijiet lokali tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-professjonisti tal-midja, kif ukoll ir-rifuġjati u l-migranti, aċċeleraw id-deterjorament tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem taċ-ċivili kollha preżenti fit-territorju Libjan; billi l-assenza tal-istat tad-dritt u l-impunità għal ksur gravi tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi t-tortura, id-detenzjonijiet arbitrarji, l-eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji u l-attakki indiskriminati kontra ċ-ċivili u l-infrastrutturi, għadhom jalimentaw ċ-ċirku ta' vjolenza fil-pajjiż;

AB. billi l-porożità tal-konfini Libjani jħeġġeġ it-traffikar illeċitu transfruntier; billi l-proliferazzjoni tal-gruppi armati fiż-żoni tal-konfini kompliet ħarrxet il-kunflitt bejn it-traffikanti rivali għall-kontroll tar-riżorsi transfruntieri u għall-aċċess għalihom; billi l-hekk imsejħa "foreign fighters" (ġellieda barranin) li jaslu fil-pajjiż u d-diversi xbieki kriminali għadhom jibbenefikaw mill-proliferazzjoni inkontrollata tal-armi;

AC. billi l-insigurtà u l-instabbiltà politika għamlu lil-Libja territorju fertili għall-attivitajiet tal-gruppi estremisti; billi r-reġjun tal-Fezzan huwa strutturalment instabbli u post storiku ta' tranżitu lejn l-Ewropa għal rifuġjati u migranti u għall-kuntrabandu ta' żejt, deheb, armi, drogi u t-traffikar tal-bnedmin; billi l-istess reġjun huwa kkaratterizzat minn tensjonijiet etniċi u tribali li żdiedu minn mindu waqa' l-Kurunell Gaddafi u mill-ġlieda għall-kontroll tar-riżorsi tal-pajjiż; billi l-istabbilizzazzjoni tal-Fezzan hija fundamentali għall-istabbilizzazzjoni tal-pajjiż kollu kemm hu;

AD. billi l-awtoritajiet lokali Libjani jiżvolġu rwol importanti fil-prevenzjoni tal-kunflitti u fil-provvista ta' servizzi pubbliċi essenzjali għall-popolazzjoni;

AE. billi l-belt ta' Derna kienet soġġetta għal attakki mill-art, mill-ajru u tal-artillerija mis-7 ta' Mejju 2018; billi bosta persuni ċivili ġew maqtula, filwaqt li l-għajnuna u l-aċċess mediku kienu limitati ħafna u s-sitwazzjoni umanitarja hija drammatika;

AF. billi delegazzjoni uffiċjali tal-Parlament wettqet missjoni fil-Libja bejn l-20 u t-23 ta' Mejju 2018;

1. Jirrakkomanda lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà:

(a) li jiżguraw l-appoġġ l-aktar qawwi għall-Pjan ta' Azzjoni tan-NU għal-Libja, ippreżentat f'Settembru 2017 mir-Rappreżentant Speċjali tan-NU, Ghassan Salamé, għall-istabbilizzazzjoni tal-Libja u għal proċess politiku inklużiv ta' rikonċiljazzjoni nazzjonali li se jippermetti lill-atturi Libjani kollha, inklużi l-entitajiet tribali, jilħqu ftehim politiku stabbili u dejjiemi u fl-istess ħin jagħti attenzjoni xierqa lill-involviment tan-nisa u tal-minoranzi; li jqisu r-riżultati tal-proċessi konsultattivi inklużivi ppreżentati lill-KSNU fil-21 ta' Mejju 2018; li jikkundannaw bis-saħħa kwalunkwe tentattiv li jikkomprometti l-proċess ta' paċi mmexxi min-NU; li jkomplu jikkooperaw mill-qrib mal-Missjoni ta' Appoġġ tan-NU fil-Libja (UNSMIL);

(b) li jintensifikaw l-isforzi diplomatiċi tagħhom biex jappoġġjaw l-Pjan tan-NU u jgħinu l-konsolidament ta' Gvern Libjan fl-isforzi tiegħu biex joħloq kunsens politiku, jiggarantixxi s-sigurtà u jestendi l-awtorità tiegħu fit-territorju kollu tal-Libja, lil hinn mill-kontroll territorjali limitat tal-Gvern ta' Kunsens Nazzjonali (GNA) rikonoxxut fuq livell internazzjonali, bħala l-prekundizzjoni neċessarja għal soluzzjoni politika li tippromwovi l-istabbilizzazzjoni, ir-rikostruzzjoni u r-rikonċiljazzjoni tal-pajjiż, għall-bini tal-Istat u għal kwalunkwe operazzjoni għaż-żamma tal-paċi bbażata fuq id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem; li jiżguraw is-sjieda Libjana tal-proċess ta' stabbilizzazzjoni u d-deċiżjoni dwar il-forma futura tal-Istat; li jsostnu t-tisħiħ tal-mekkaniżmi lokali u tal-kapaċitajiet fil-pajjiż fir-rigward tal-medjazzjoni, tar-riżoluzzjoni tat-tilwim u tal-waqfien mill-ġlied u li jiġu kollegati mal-Pjan ta' Azzjoni tan-NU bħala parti minn approċċ koerenti u integrat li se jwassal għal riżultati konkreti u dejjiema;

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

(c) li jappoġġaw l-ħekk imsejħa "laqgħat fil-livell lokali" li qed isiru f'diversi muniċipalitajiet taħt l-umbrella tan-NU, bħala inizjattiva ta' rikonċiljazzjoni effettiva minn isfel għal fuq bl-għan li tħeġġeġ id-djalogu bejn il-komunitajiet differenti, u b'hekk tikkontribwixxi b'mod konkret għall-iżvilupp ta' soluzzjoni sostenibbli u vijabbli għall-kriżi Libjana u tgħin biex tinħoloq kultura nazzjonali ta' sens ċiviku;

(d) li jħabirku biex isibu l-mezzi biex jitrawmu t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet, il-ħolqien ta' soċjetà ċivili vera u proprja u l-istimolu tal-ekonomija, kif ukoll li jitbiegħdu minn servizz pubbliku li jippreżenta diffikultajiet enormi u jrawmu l-iżvilupp ta' settur privat sostenibbli, li huma neċessarji biex ikunu garantiti l-istabbiltà u l-prosperità fit-tul fil-pajjiż;

(e) li jsostnu l-isforzi Libjani maħsuba biex joħolqu ordni kostituzzjonali ġdid li għandu jinkludi formula għat-tqassim ġust tal-ġid li jiġi miż-żejt kif ukoll diviżjoni ċara tal-kompiti u tal-obbligi bejn ir-reġjuni storiċi, minn naħa, u kwalunkwe gvern nazzjonali, min-naħa l-oħra; li jfakkru li din il-kostituzzjoni l-ġdida, li tista' tkun ispirata minn elementi tal-kostituzzjoni emendata tal-1963, tista' tikkontribwixxi għall-isforzi biex ikunu organizzati elezzjonijiet nazzjonali li jsiru biss wara li tkun ġiet adottata l-kostituzzjoni ġdida u jkunu ġew issodisfati b'mod adegwat il-kundizzjonijiet neċessarji biex ikun żgurat li perċentwal għoli ta' eletturi joħorġu jivvutaw, kif ukoll aċċettazzjoni mill-pubbliku u leġittimità;

(f) li jkomplu jagħtu prijorità lix-xogħol, fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE, dwar il-mod kif jiġu indirizzati aħjar l-aspetti kollha tal-kunflitt Libjan, u liema strumenti u setturi jiġu involuti, anki billi tingħata aktar attenzjoni lid-dinamiki lokali, bil-għan li jinħoloq approċċ komprensiv u effikaċi fil-konfront tal-pajjiż u ħalli l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri juru unità fl-intenzjonijiet u fl-inizjattivi, bil-għan li tkun żgurata l-koerenza tal-miżuri min-naħa tal-atturi kollha involuti, bħala parti minn strateġija reġjonali usa';

(g) li jsaħħu l-preżenza u l-viżibbiltà tagħha kif ukoll il-fehim tagħha tal-kumplessità tas-sitwazzjoni fil-pajjiż billi tkun stabbilita mill-ġdid id-delegazzjoni tal-UE fi Tripli u jerġa' jintbagħat il-persunal permanenti tal-UE fid-delegazzjoni;

(h) li jkomplu jenfasizzaw il-fatt li ma jista' jkun hemm l-ebda soluzzjoni militari għall-kriżi Libjana u li jtennu l-ħtieġa li l-partijiet u l-gruppi armati kollha fil-Libja jimpenjaw ruħhom favur l-Artikolu 42 tal-Ftehim Politiku Libjan, jirrispettaw il-prinċipji tad-dritt umanitarju internazzjonali u tad-dritt internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u joqogħdu lura milli jużaw retorika vjolenti u jirrikorru għall-vjolenza, u li jiddemobilizzaw u jimpenjaw ruħhom għal soluzzjoni paċifika tal-kunflitt, u b'hekk jiġi evitat li ssir iktar ħsara u li jintilfu aktar ħajjiet; iqis li n-negozjati għandhom iservu biex jgħaqqdu l-forzi tas-sigurtà Libjani tar-reġjuni kollha tal-pajjiż, bil-għan li tinbena arkitettura ta' sigurtà nazzjonali taħt il-kontroll ċivili, taħt il-kappa tal-gvern inklużiv Libjan rikonoxxut fuq livell internazzjonali, b'garanziji ta' trasparenza u obbligu ta' rendikont fir-rispett tal-obbligi internazzjonali tal-Libja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, u għandhom iwasslu għall-iffirmar ta' protokoll li bissaħħa tiegħu l-gruppi armati kollha jintrabtu li jirrinunzjaw għall-użu tal-forza u tal-vjolenza, fi ħdan il-qafas ta' proċess koerenti u komprensiv ta' diżarm, demobilizzazzjoni u reintegrazzjoni (DDR) immirat li jintegra mill-ġdid fis-soċjetà lill-membri tal-gruppi armati kif ukoll proċess ta' riforma tas-settur tas-sigurtà (SSR), fuq il-bażi tal-prinċipji ta' Skhirat ta' non-diskriminazzjoni u trasparenza; jemmen li l-iffirmar ta' protokoll bħal dan għandu jippermetti l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' paċi li jwitti t-triq għal elezzjonijiet liberi u ġusti u għandu jġib miegħu inċentivi ekonomiċi u finanzjarji u jġiegħel lill-firmatarji jaħdmu favur il-ħolqien ta' istituzzjonijiet tal-Istat ġodda;

(i) li jżommu quddiem għajnejhom il-ħtieġa li jiġu żviluppati programmi mfassla apposta biex jintegraw mill-ġdid lill-individwi, mhux gruppi, mill-milizzji lejn l-apparat tas-sigurtà regolari, u b'hekk jiġu limitati l-lealtajiet maqsuma;

(j) li jsostnu l-isforzi tan-NU mmirati lejn l-organizzazzoni ta' elezzjonijiet fil-Libja sa tmiem l-2018, u biss ladarba tkun ġiet adottata kostituzzjoni ġdida; li jsostnu b'mod partikolari l-isforzi biex ikunu rreġistrati l-votanti, billi sal-lum madwar 50 % biss tal-votanti eleġibbli ġie rreġistrat; li jiżguraw li jkun adottat ftehim dwar qbil tranżitorju qabel l-elezzjonijiet, bil-għan li terġa' tinbena l-fiduċja u b'hekk tissaħħaħ il-leġittimità internazzjonali u nazzjonal tal-gvern il-ġdid; li jsostnu, anki b'mezzi tekniċi, il-proċess għall-istabbiliment ta' qafas kostituzzjonali validu u l-proċess elettorali kollu kemm hu, billi l-kontributi finanzjarji Ewropej jintrabtu mal-adozzjoni ta' liġi elettorali li tirrispetta, kemm jista' jkun, il-prinċipji internazzjonali stabbiliti mill-Kummissjoni ta' Venezja;

(k) li jeżerċitaw pressjoni fuq dawk li qegħdin jostakolaw it-taħditiet politiċi ta' paċi u li japplikaw b'mod effikaċi l-embargo tan-NU fuq l-armi fil-konfront tal-Libja; li jikkunsidraw l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet ġodda kontra min isostni akkordji illegali fiż-żejt;

(l) li jintensifikaw il-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet internazzjonali kollha u ma' atturi oħra fuq il-post sabiex isaħħu l-koerenza u l-konverġenza tal-azzjoni internazzjonali; li jżidu l-isforzi diplomatiċi mal-atturi reġjonali kollha u mal-pajjiżi ġirien, biex jiżguraw li jikkontribwixxu għal soluzzjoni pożittiva tal-kriżi fil-Libja f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tan-NU – l-uniku qafas possibbli għal soluzzjoni tal-kriżi; li jappoġġjaw il-proċess li għaddej tal-Konferenza Nazzjonali fil-Libja bl-objettiv li tilħaq qbil bejn il-partijiet differenti tal-pajjiż rigward il-passi li jmiss li għandhom isiru biex titlesta t-tranżizzjoni; li jiskoraġġixxi lill-atturi reġjonali milli jikkunsidraw kwalunkwe intervent militari unilaterali jew multilaterali nieqes minn kwalunkwe bażi ġuridika jew kunsens politiku tal-gvern Libjan;

(m) li jsostnu r-rikors għal leġiżlaturi, imħallfin u prosekuturi speċjalizzati fil-Libja li jista' jagħtu assistenza fir-reviżjoni tal-liġijiet kontra t-terroriżmu tal-Libja u jiżguraw li jkunu ppreparati adegwatament biex jippresjedu u jmexxu 'l quddiem kawżi fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu fir-rispett tal-istat tad-dritt;

(n) li jirriflettu dwar il-kriżi fil-Libja f'kuntest usa', reġjonali u pan-Afrikan, filwaqt li jżommu quddiem għajnejhom li l-Libja hija fundamentali għall-istabbiltà tal-Afrika ta' Fuq, tas-Saħel u tal-Mediterran; li jippromwovu u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni tal-Libja mal-ġirien tagħha fis-Saħel; li jikkunsidraw, bħala parti minn din ir-riflessjoni, l-impatt tas-sitwazzjoni fil-Libja fuq id-dinamika u l-isfidi li magħhom tħabbat wiċċha l-UE; li jiżviluppaw, fil-konfront tal-Libja, politika komprensiva li tqis il-perspettiva reġjonali u pan-Afrikana u li tkopri politiki tal-iżvilupp, tas-sigurtà u tal-migrazzjoni usa' kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u dik kontra l-iskjavitù u l-isfruttament; li jiżguraw li din il-politika tkun appoġġjata minn finanzjament adegwat u suffiċjenti għall-implimentazzjoni tagħha fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, sabiex tagħti riżultati konkreti; li jkomplu u jintensifikaw, meta possibbli, il-kooperazzjoni bejn l-Operation Sea Guardian tan-NATO u EUNAVFOR Med Operazzjoni Sophia;

(o) li jiżguraw involviment permanenti u attiv fl-isforzi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u kontra t-traffikar tal-bnedmin, mhux biss permezz tal-integrazzjoni tas-servizzi tal-intelligence, tal-kooperazzjoni finanzjarja u tas-sostenn tattiku, iżda wkoll bi programmi soċjali u edukattivi għall-assistenza fil-qasam tas-saħħa u l-edukazzjoni li jappoġġjaw it-taħriġ u l-użu ta' atturi soċjali u opinjonisti influwenti biex jingħeleb l-estremiżmu vjolenti u jinfirex messaġġ ta' koeżistenza u kooperazzjoni paċifika;

(p) li jżommu quddiem għajnejhom li, filwaqt li d-Daesh/IS x'aktax iddgħajjef b'mod sinifikanti fil-Libja, hemm forom ġodda ta' estremiżmu li qed jikbru fil-pajjiż, bħal dik rappreżentata mill-Madkhalisti; li jiftakru li r-risposta l-aktar effikaċi għall-preżenza radikali militanti fil-pajjiż tinsab, fl-aħħar mill-aħħar, fil-ħolqien ta' istituzzjonijiet nazzjonali inklużivi li jistgħu japplikaw l-istat tad-dritt, jagħtu servizzi pubbliċi, jiżguraw is-sigurtà lokali u jiġġieldu b'mod effikaċi kontra l-gruppi li qegħdin jheddu l-istabbiltà tal-pajjiż u tar-reġjun tal-madwar;

(q) li jiżguraw li, konformement mad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-25 ta' Lulju 2017, il-finanzjamenti tal-UE jintużaw b'mod effikaċi biex jiggarantixxu l-koordinament intergovernattiv fl-istabbiliment mill-ġdid tal-infrastrutturi pubbliċi permezz ta' faċilitajiet ta' stabbilizzazzjoni tal-UE; li jagħtu prijorità, b'mod partikolari, lill-finanzjamenti għal proġetti u inizjattivi li jsostnu l-atturi li jippromwovu l-obbligu ta' rendikont u l-bidla demokratika u li jrawmu mekkaniżmi ta' djalogu, rikonċiljazzjoni u riżoluzzjoni tat-tilwim integrati f'livell lokali, bl-involviment tan-nisa u b'ħidma maż-żgħażagħ biex ikun evitat li jipparteċipaw f'attivitajiet kriminali bħad-dħul f'milizji involuti fil-kuntrabandu u fit-traffikar; li jkomplu jsaħħu s-soċjetà ċivili, speċjalment id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u jsostnu l-proċess politiku, is-sigurtà u l-attivitajiet ta' medjazzjoni speċjalment permezz tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI) u l-Istrument li jikkontribwixxi għall-istabbiltà u l-paċi (IcSP); li jippromwovu l-implimentazzjoni ta' governanza rappreżentattiva f'livell lokali u nazzjonali biex tingħata tweġiba aħjar lill-isfidi marbuta mar-rikonċiljazzjoni, mal-istabbilizzazzjoni u mal-istabbiliment mill-ġdid tas-sigurtà; li jiżguraw li l-flus fl-ambitu tal-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE jingħataw biss meta jirrispettaw l-objettivi oriġinali tiegħu u jkunu akkumpanjati minn analiżi soda tal-awtoritajiet lokali u tal-benefiċjarji u minn evalwazzjoni sussegwenti;

(r) li jsostnu l-muniċipalitajiet huma u jagħtu servizzi essenzjali u jibnu l-governanza lokali; li jiżguraw lill-popolazzjoni livelli ta' għajxien bażiċi, billi jżommu quddiem għajnejhom il-fatt li għarfien aktar fil-fond tas-sistema politika u ekonomika lokali huwa fundamentali biex iqarreb lill-persuni lejn il-proċess ta' rikonċiljazzjoni u biex ikun miġġieled it-traffikar illegali; li jiżguraw li l-finanzjamenti tal-UE jintużaw b'mod effikaċi għal proġetti li jgħinu lill-popolazzjoni u lis-soċjetà ċivili Libjani; li jippromwovu l-komunikazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet governattivi lokali;

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

(s) li jappoġġaw inizjattivi bħal dik promossa mill-Kumitat ta' Rikonċiljazzjoni Misrata-Tawergha, li fih iż-żewġ bliet ta' Misrata u Tawergha laħqu ftehim ibbażat fuq duttrina ta' koeżistenza paċifika, li jiftaħ it-triq għar-ritorn lejn Tawergha tal-popolazzjoni spostata minn beltha;

(t) li jkomplu jinkoraġġixxu lill-istituzzjonijiet Libjani jaħdmu b'mod aktar effikaċi u trasparenti għat-titjib tal-kundizzjonijiet ta' ħajja tal-Libjani kollha billi, fost oħrajn, jiġu stabbiliti mill-ġdid is-servizzi pubbliċi prijoritarji u jinbnew mill-ġdid l-infrastrutturi pubbliċi, biex iqawwu l-governanza ekonomika tal-pajjiż, tissolva l-problema tal-kriżi tal-likwidità u jkunu implimentati r-riformi finanzjarji u ekonomiċi neċessarji, rikjesti mill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali biex ikunu sostnuti l-irkupru ekonomiku u l-istabbilizzazzjoni; li jassistu lill-pajjiż fl-istabbiliment ta' ekonomija bbażata fuq is-suq kapaċi tagħti vantaġġi lil-Libjani kollha; li jħeġġu lill-awtoritajiet Libjani jiżguraw li d-dħul mir-riżorsi naturali u li ġej mill-benefiċċji jintuża għall-ġid tal-popolazzjoni kollha, inkluż fil-livell lokali; li jistiednu lill-awtoritajiet Libjani jimpenjaw ruħhom favur standards għoljin ta' trasparenza fis-settur estrattiv nazzjonali, u, b'mod partikolari, jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Inizjattiva għat-trasparenza tal-industriji estrattivi (EITI) kemm jista' jkun malajr; li jgħinu lill-awtoritajiet Libjani jiġġieldu kontra kwalunkwe attività illegali li xxekkel l-ekonomija nazzjonali, kif irrapportat dan l-aħħar fir-rapport interim tal-Grupp ta' Esperti stabbilit skont ir-riżoluzzjoni 1973 (2011) dwar il-Libja;

(u) li jkomplu jikkundannaw b'mod riżolut l-abbuż tad-drittijiet tal-bniedem u l-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali u li jintensifikaw l-isforzi biex tingħata assistenza umanitarja lill-popolazzjoni li tinsab fil-bżonn kif ukoll lill-partijiet kollha tal-pajjiż, partikolarment fl-assistenza fil-qasam tas-saħħa u fil-faċilitajiet tal-enerġija; li jżidu l-effikaċja tal-assistenza finanzjarja umanitarja u li jsaħħu l-appoġġ lill-organizzazzjonijiet umanitarji li jinsabu fil-post u jikkooperaw magħhom; li jikkundannaw il-bosta tentattivi, li maż-żmien qegħdin jiżdiedu, biex jiċċekken l-ispazju għad-dispożizzjoni tas-soċjetà ċivili, speċjalment permezz ta' qafas ġuridiku repressiv u attakki kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġudikatura; li jappellaw lill-UA, lin-NU u lill-UE jkomplu jaħdmu flimkien u jieħdu miżuri b'saħħithom biex immedjatament jintemm dan il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem; li jsaħħu s-soċjetà ċivili u jsostnu l-iżvilupp u l-indipendenza tal-midja lokali;

(v) li jħaffu l-isforzi rigward il-mekkaniżmu ta' evakwazzjoni ta' emerġenza tal-UNHCR iffinanzjat mill-UE, li ppermetta li jkunu evakwati mil-Libja madwar 1 000 minn fost l-aktar rifuġjati vulnerabbli u fil-bżonn ta' protezzjoni; li jinkoraġġixxu lill-kontropartijiet Libjani jżidu n-numru ta' nazzjonalitajiet li l-Libja attwalment tippermetti lill-UNHCR taħdem magħhom;

(w) li jindirizzaw il-kwistjoni tal-migrazzjoni irregolari fi tranżitu mil-Libja u li ġejja minn tali pajjiż, billi jżommu quddiem għajnejhom il-bżonn li jinstabu soluzzjonijiet effikaċi u sostenibbli fit-tul li għandhom jindirizzaw il-kawżi profondi tal-migrazzjoni fl-Afrika, fil-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu u jiddefinixxu l-bażi ġuridika għall-proċessi tal-migrazzjoni internazzjonali, attwalment ibbażati fuq ir-risistemazzjonijiet permezz tal-Mekkaniżu tat-Tranżitu ta' Emerġenza jew ir-risistemazzjonijiet diretti; li jikkonċentraw l-isforsi tal-UE fuq il-protezzjoni tal-migranti fil-Libja; li jassistu lill-awtoritajiet Libjani jiżguraw ir-ritorn tal-persuni spostati internament (IDPs) fi djarhom u li jsostnu lill-komunitajiet lokali jilqgħu l-isfidi, filwaqt li jiżguraw li r-ritorn tal-IDPs ma jikkostitwix sempliċement skambju bejn kumpens monetarju li jiffavorixxi d-diversi milizji u d-dritt għar-ritorn; li jwissu lill-komunità internazzjonali bil-ħtieġa ta' miżuri biex ikunu indirizzati l-isfidi fil-qasam tal-iżvilupp, tad-drittijiet tal-bniedem u tas-sigurtà fil-Libja u fir-reġjun Saħelo-Saħarjan, inklużi mezzi biex jiġġieldu kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali; li jiżguraw li l-miżuri maħsuba għall-ġlieda kontra l-kuntrabandu u t-traffikar tal-bnedmin mhumiex qegħdin jostakolaw il-libertà ta' moviment fid-dawl tal-iżvilupp ekonomiku tar-reġjun;

(x) li jintensifikaw l-isforzi konġunti li jsiru mill-UE, mill-Unjoni Afrikana u min-NU biex titjieb il-protezzjoni tal-migranti u tar-rifuġjati fil-Libja, u tingħata attenzjoni partikolari lill-individwi vulnerabbli; li jinvestigaw bir-reqqa u minnufih l-allegazzjonijiet dwar l-abbużi u t-trattament diżuman tal-migranti u tar-rifuġjati fil-Libja min-naħa ta' gruppi kriminali, kif ukoll l-allegazzjonijiet ta' skjavitù; li jelaboraw inizjattivi li jimpedixxu li jerġgħu jseħħu episodji simili fil-ġejjieni; li jtejbu l-kundizzjonijiet tar-rifuġjati u tal-migranti fiċ-ċentri ta' detenzjoni u li jħeġġu lill-awtoritajiet Libjani jagħlqu mill-aktar fis dawk il-faċilitajiet li jirriżultaw mhux konformi mal-istandards internazzjonali; li jkompu u jintensifikaw ir-ritorni volontarji assistiti u l-isforzi ta' risistemazzjoni li saru f'kooperazzjoni man-NU u mal-Unjoni Afrikana, b'hekk f'dan il-kuntest tkun sottolinjata l-importanza tal-abolizzjoni tar-rekwiżit Libjan tal-"viża tal-ħruġ"; li jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet Libjani jwaqqfu d-detenzjonijiet arbitrarji u jevitaw id-detenzjoni ta' persuni vulnerabbli, partikolarment it-tfal; li jiżguraw li l-migranti jkunu ttrattati fir-rispett sħiħ tal-istandards internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u li jallokaw il-finanzjamenti neċessarji mill-baġit tal-UE għal dan l-għan; li jistiednu lil-Libja tiffirma u tirratifika l-Konvenzjoni ta' Ġinevra tal-1951 dwar l-Istatus tar-Rifuġjati u l-Protokoll tal-1967 tagħha; li jiżguraw li l-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri (EUBAM) fil-Libja, EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA u l-Operazzjoni Themis ta' Frontex ikunu ċċentrati konġuntament fuq il-ġlieda kontra l-attivitajiet illeċiti, fosthom il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, it-traffikar tal-bnedmin u t-terroriżmu fil-Mediterran ċentrali; li jiżguraw li l-EUBAM, konformement mal-mandat tagħha, tibqa' tassisti u tikkollabora attivament mal-awtoritajiet Libjani f'oqsma prijoritarji relatati mal-ġestjoni tal-fruntieri, mal-eżekuzzjoni tal-liġi u mas-sistema tal-ġustizzja kriminali f'sens usa';

(y) li jkomplu jiżviluppaw l-isforzi tagħha kontra l-forom kollha ta' faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali u ta' traffikar tal-bnedmin fit-territorju Libjan, fi tranżitu mil-Libja u minn tali pajjiż kif ukoll barra mix-xtut tal-Libja, fatt li jikkomprometti l-proċess ta' stabbilizzazzjoni tal-Libja u jipperikola l-ħajja ta' eluf ta' nies; li jiżguraw, f'dan is-sens, il-kontinwità tal-kontribut tal-UE fil-ġlieda kontra tali problemi, billi tagħti assistenza lill-kontropartijiet Libjani fit-tisħiħ tal-kapaċità indispensabbli li tkun garantita s-sigurtà tal-konfini tal-art u tal-baħar tal-pajjiż, u tikkollabora mal-awtoritajiet Libjani fl-attwazzjoni ta' strateġija komprensiva ta' ġestjoni tal-fruntieri;

(z) li jappoġġjaw soluzzjoni sostenibbli għall-aktar minn 180 000 persuna spostata internament fil-Libja, inklużi, skont stimi, l-40 000 ex abitant ta' Tawargha, permezz tal-possibbiltà ta' risistemazzjoni jew l-aġevolazzjoni ta' ritorni sikuri fi djarhom u b'aktar sostenn lill-UNHCR u lill-IOM għal dan l-għan;

(aa) li jindirizzaw il-fenomenu tal-ibridazzjoni bejn l-attivitajiet tal-gruppi kriminali internazzjonali u dawk tal-gruppi terroristiċi, billi jsiru investigazzjonijiet bir-reqqa rigward, b'mod partikolari, it-traffikar tal-bnedmin u l-vjolenzi sesswali li saru matul il-kunflitt;

(ab) li jsostnu l-kollaborazzjoni mal-gwardja tal-kosta Libjana li ppermettiet li ssalvaw kważi 19 000 migrant fl-ilmijiet territorjali Libjani bejn Jannar u l-aħħar ta' Ottubru 2017; li jassistu lill-awtoritajiet Libjani fil-komunikazzjoni formali taż-żona ta' Tiftix u Salvataġġ (SAR) tagħhom, li jinħolqu sensiela ta' proċeduri operattivi standard ċari għall-iżbark u li tiġi garantita sistema ta' monitoraġġ funzjonanti tal-gwardja tal-kosta Libjana sabiex jiġi stabbilit reġistru ċar u trasparenti tal-persuni kollha żbarkati fuq ix-xtut tal-Libja, u jkun żgurat li jittieħed ħsieb tagħhom kif jixraq, b'konformità mal-istandards umanitarji internazzjonali; li jikkollaboraw aktar mal-awtoritajiet Libjani biex tkun intensifikata l-ħidma preparatorja għal ċentru ta' koordinament tas-salvataġġ marittimu fil-Libja bl-iskop li tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom ta' tiftix u salvataġġ; li jiżguraw it-tkomplija tat-taħriġ speċjalizzat mogħti mill-IOM u mill-UNHCR lill-gwardja tal-kosta Libjana fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali, id-dritt fil-qasam tar-rifuġjati u tad-drittijiet tal-bniedem;

(ac) li jintensifikaw l-għajnuna umanitarja u ċivili tagħhom bil-għan li jtaffu s-sitwazzjoni kritika tal-popolazzjoni Libjana u jwieġbu għall-bżonnijiet l-aktar urġenti tal-persuni li ntlaqtu b'mod gravi mill-kunflitt fil-Libja, b'mod partikolari fl-inħawi l-aktar milquta, u jlestu ruħhom ħalli jwieġbu għal kwalunkwe deterjorament tas-sitwazzjoni; li jħeġġu lill-UE tappoġġja r-responsabbilizzazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari lill-gruppi tan-nisa, li jippruvaw isibu soluzzjonijiet mhux vjolenti għad-diversi kriżijiet tal-pajjiż;

(ad) li jagħmlu disponibbli r-riżorsi finanzjarji u umani kollha neċessarji biex ikunu megħjuna r-rifuġjati u li jagħtu għajnuna umanitarja adegwata lill-persuni li ġew spostati biex tkun indirizzata l-kriżi umanitarja fil-Libja, li ġieħlet lil eluf ta' persuni jaħarbu mill-pajjiż;

(ae) li jiżdiedu l-isforzi internazzjonali biex jiżżarmaw ix-xbieki tal-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali u tat-traffikar tal-bnedmin u jintensifikaw l-isforzi biex tali reat jiġi miġġieled u dawk responsabbli jittellgħu quddiem il-ġustizzja; li jkomplu u jintensifikaw il-ħidma tal-EUNAVFOR MED operazzjoni SOPHIA biex ifixklu l-mudell ta' negozju tat-traffikanti u tal-faċilitaturi ta' dħul klandestin ta' bnedmin, jiġu żviluppati l-kapaċitajiet tal-gwardja tal-kosta Libjana u tkun sostnuta l-implimentazzjoni tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar l-embargo fuq l-armi u t-traffikar illegali taż-żejt; li jkomplu jagħtu sostenn lil-Libja permezz tal-missjonijiet ċivili tal-PSDK; li jżidu l-kapaċitajiet relatati mat-tiftix u salvataġġ ta' persuni f'diffikultà u l-kapaċitajiet li għandhom jintużaw mill-Istati kollha, u li jirrikonoxxu s-sostenn mogħti mill-atturi privati u mill-NGOs fit-twettiq tal-operazzjonijiet ta' salvataġġ fil-baħar u fuq l-art, billi jżommu quddiem għajnejhom il-qafas ġuridiku internazzjonali eżistenti u t-tħassib marbuta mas-sigurtà;

(af) li jtennu s-sostenn sħiħ tagħhom lill-mandat tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) rigward il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem li qiegħed isir fil-Libja, filwaqt li jitfakkar li l-mekkaniżmi internazzjonali ta' obbligu ta' rendikont bħall-QKI u l-ġurisdizzjoni universali jiżvolġu rwol importanti fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' paċi, fl-ambitu ta' qafas li jipprevedi dispożizzjonijiet fil-qasam tal-obbligu ta' rendikont u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem fil-Libja; li jappoġġjaw lill-Qorti Kriminali Internazzjonali fl-isforzi tagħha biex l-awturi tal-atroċitajiet jittellgħu quddiem il-ġustizzja; li jsostnu lir-Rappreżentant Speċjali tan-NU għal-Libja fl-appell tiegħu lill-komunità internazzjonali, ta' Novembru 2017, biex il-Libja tkun megħjuna fil-ġlieda kontra l-impunità tad-delitti tal-gwerra u tkun ikkunsidrata l-possibbiltà li jinħolqu tribunali konġunti; li jistiednu lill-UE u lill-Istati Membri jsostnu l-mekkaniżmi internazzjonali li lis-sistema tal-ġustizzja nazzjonali jagħtuha l-mezzi kollha neċessarji biex jinfetħu investigazzjonijiet dwar ksur gravi tal-imgħoddi u preżenti u biex ikunu appoġġjati l-awtoritajiet futuri leġittimi tal-Libja fil-qadi awtonomu ta' din il-missjoni; li jqisu li proċessi ġusti jkunu jiggarantixxu l-ġustizzja lill-vittmi kollha tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fit-territorju Libjan u dan se jwitti t-triq għal rikonċiljazzjoni u paċi sostenibbli;

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

(ag) li jesprimu tħassib bil-preżenza dejjem akbar tad-Daesh u gruppi terroristiċi oħra fil-Libja, li qiegħda tiddestabbilizza l-pajjiż u thedded il-pajjiżi ġirien u l-UE;

(ah) li jistiednu, b'mod partikolari, lill-awtoritajiet u lill-milizji Libjani jiżguraw aċċess estern għall-faċilitajiet ta' detenzjoni, b'mod partikolari dawk għall-migranti;

(ai) li jiċċaraw is-sitwazzjoni rigward il-ħlas ta' dividendi fi stokks, l-introjtu mill-bonds u l-pagament tal-imgħax tal-Libyan Investment Authority iffriżati fl-UE; li jfornu rapport dettaljat dwar l-ammont totali tal-imgħax prodott mill-assi ta' Gaddafi minn mindu ġew iffriżati fl-2011 u lista tal-individwi u tal-entitajiet li bbenefikaw li dawn il-pagamenti tal-imgħax; li jindirzzaw bi prijorità l-problema ta' lakuna possibbli rigward dan l-aspett fir-reġim ta' sanzjonijiet tal-UE;

(aj) li jippromwovu proġetti maħsuba għall-iżvilupp ekonomiku tar-reġjun tal-Fezzan u tal-ekonomija legali bis-saħħa tal-kooperazzjoni mill-qrib mad-diversi muniċipalitajiet, partikolarment dawk li jinsabu tul ir-rotot migratorji, biex jiġu miġġielda l-attivitajiet illegali tax-xbieki kriminali u l-estremiżmu vjolenti tal-gruppi terroristiċi permezz tal-ħolqien ta' għejun alternattivi ta' introjtu, partikolarment għaż-żgħażagħ;

(ak) li jkomplu l-embargo fuq l-esportazzjoni tal-armi fil-Libja, b'hekk ikun evitat li dawn jaslu f'idejn l-estremisti u l-gruppi armati, fattur li jalimenta ulterjorment l-insigurtà u l-instabbiltà fil-Libja kollha hemm hi;

(al) li jieħdu azzjoni diplomatika urġenti sabiex jipproteġu lill-popolazzjoni ċivili u jindirizzaw is-sitwazzjoni umanitarja f'Derna;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-rakkomandazzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, kif ukoll, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Gvern Libjan ta' Kunsens Nazzjonali.

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

III

(Atti preparatorji)

IL-PARLAMENT EWROPEW

P8_TA(2018)0205

Il-meded tal-mortalità mis-sajd u l-livelli ta' salvagwardja għal ċerti stokkijiet ta' aringi fil-Baħar Baltiku ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1139 f'dak li għandu x'jaqsam mal-meded tal-mortalità mis-sajd u l-livelli ta' salvagwardja għal ċerti stokkijiet ta' aringi fil-Baħar Baltiku (COM(2017)0774 – C8-0446/2017 – 2017/0348(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2020/C 76/25)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2017)0774),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0446/2017),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-14 ta' Frar 2018 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill permezz tal-ittra tat-8 ta' Mejju 2018, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A8-0149/2018),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

P8_TC1-COD(2017)0348

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-29 ta' Mejju 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1139 f'dak li għandu x'jaqsam mal-meded tal-mortalità mis-sajd u l-livelli ta' salvagwardja għal ċerti stokkijiet ta' aringi fil-Baħar Baltiku

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2018/976.)

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0206

Statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni (kodifikazzjoni) ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni (kodifikazzjoni) (COM(2017)0545 – C8-0337/2017 – 2017/0256(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja – kodifikazzjoni)

(2020/C 76/26)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2017)0545),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 338(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0337/2017),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar metodu ta' ħidma aċċellerat tal-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġiżlattivi ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 103 u 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0154/2018),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr tibdil sustanzjali;

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

P8_TC1-COD(2017)0256

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-29 ta' Mejju 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika ta' trasport ta' merkanzija minn passaġġi fuq l-ilma interni

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2018/974.)

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0207

Ftehim UE-Żvizzera dwar l-akkumulazzjoni ta' oriġini bejn l-UE, l-Iżvizzera, in-Norveġja u t-Turkija fil-qafas tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi tal-UE ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-akkumulazzjoni ta' oriġini bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera, ir-Renju tan-Norveġja u r-Repubblika tat-Turkija fil-qafas tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (05882/2/2017 – C8-0241/2017 – 2016/0328(NLE))

(Approvazzjoni)

(2020/C 76/27)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (05882/2/2017),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-akkumulazzjoni ta' oriġini bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżvizzera, in-Norveġja u t-Turkija fil-qafas tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi tal-Unjoni Ewropea (05803/2017),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 207(4) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0241/2017),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1) u (4) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A8-0151/2018),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Konfederazzjoni Żvizzera.

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0208

Ftehim UE-Norveġja dwar l-akkumulazzjoni ta' oriġini bejn l-UE, l-Iżvizzera, in-Norveġja u t-Turkija fil-qafas tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi tal-UE ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar l-akkumulazzjoni ta' oriġini bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera, ir-Renju tan-Norveġja u r-Repubblika tat-Turkija fil-qafas tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (05883/2/2017 – C8-0240/2017 – 2016/0329(NLE))

(Approvazzjoni)

(2020/C 76/28)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (05883/2/2017),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar l-akkumulazzjoni ta' oriġini bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżvizzera, in-Norveġja u t-Turkija fil-qafas tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi tal-Unjoni Ewropea (05814/2017),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 207(4) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0240/2017),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1) u (4) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A8-0152/2018),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Renju tan-Norveġja.

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0209

Ftehim UE-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 2018 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud f'isem l-Unjoni Ewropea (COM(2017)0621 – C8-0407/2017 – 2017/0272(NLE))

(Konsultazzjoni)

(2020/C 76/29)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2017)0621),

— wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, il-ġlieda kontra l-frodi u l-irkupru tat-talbiet fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (14390/2017),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 113 kif ukoll l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (b), u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0407/2017),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 78c u 108(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A8-0147/2018),

1. Japprova l-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Renju tan-Norveġja.

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0212

Pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 2018 dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 (COM(2016)0493 – C8-0336/2016 – 2016/0238(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2020/C 76/30)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2016)0493),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 294(2) u 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0336/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra n-notifika uffiċjali tad-29 ta' Marzu 2017 mill-Gvern tar-Renju Unit, skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-intenzjoni tiegħu li jirtira mill-Unjoni Ewropea;

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 ([1]),

— wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-7 ta' Marzu 2018, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A8-0263/2017),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt ([2]);

2. Japprova d-dikjarazzjonijiet konġunti mill-Parlament u l-Kunsill mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni, li se jiġu ppubblikati fis-serje L tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* flimkien ma' l-att leġiżlattiv finali;

([1]) ĠU C 75, 10.3.2017, p. 109.
([2]) Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fl-14 ta' Settembru 2017 (Testi adottati, P8_TA(2017)0357).

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

P8_TC1-COD(2016)0238

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-29 ta' Mejju 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2018/973.)

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

DIKJARAZZJONIJIET KONĠUNTI

Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar speċijiet ipprojbiti

Ir-Regolament li għandu jiġi adottat abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi (2016/0074(COD)) għandu jinkludi dispożizzjonijiet, fost affarijiet oħra, dwar l-ispeċijiet li għalihom is-sajd huwa pprojbit. Għal dik ir-raġuni, iż-żewġ istituzzjonijiet qablu li ma jinkludux lista għall-Baħar tat-Tramuntana f'dan ir-Regolament (2016/0238(COD)).

Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-kontroll

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill se jinkludu d-dispożizzjonijiet ta' kontroll li ġejjin fir-rieżami li jmiss tar-Regolament dwar il-Kontroll (ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009), fejn rilevanti għall-Baħar tat-Tramuntana: notifiki minn qabel, rekwiżiti tal-ġurnal ta' abbord, portijiet magħżula u dispożizzjonijiet oħra ta' kontroll.

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0213

L-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 2018 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (COM(2016)0128 – C8-0114/2016 – 2016/0070(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2020/C 76/31)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0128),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 53(1) u 62 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0114/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet motivati mressqa, fi ħdan il-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità, mill-Parlament Bulgaru, mis-Senat Ċek u l-Kamra tad-Deputati Ċeka, mill-Parlament Daniż, mill-Parlament Estonjan, mill-Parlament Kroat, mill-Parlament Latvjan, mill-Parlament Litwan, mill-Parlament Ungeriż, mis-Sejm Pollakk u mis-Senat Pollakk, mis-Senat Rumen u l-Kamra tad-Deputati tar-Rumanija u mill-Parlament Slovakk, li jaffermaw li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jikkonformax mal-prinċipju tas-sussidjarjetà,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2016 ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-7 ta' Diċembru 2016 ([2]),

— wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-11 ta' April 2018, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur kif ukoll tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0319/2017),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;

([1]) ĠU C 75, 10.3.2017, p. 81.
([2]) ĠU C 185, 9.6.2017, p. 75.

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

P8_TC1-COD(2016)0070

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-29 ta' Mejju 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2018/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 96/71/KE dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, d-Direttiva (UE) 2018/957.)

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

L-Artikolu 3(7), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 96/71/KE, kif emendata mid-Direttiva adottata llum, li tistabbilixxi li l-allowances speċifiċi għall-istazzjonament għandhom jitqiesu bħala parti mir-remunerazzjoni, sakemm ma jitħallsux bħala rimborż tal-ispejjeż effettivament imġarrba minħabba l-istazzjonament, bħall-ispejjeż tal-ivvjaġġar, tal-ikel u tal-alloġġ. Huwa jistipula wkoll li "min iħaddem jenħtieġ li, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1(h), jirrimborża lill-ħaddiema għal tali spejjeż f'konformità mal-liġi u/jew il-prattika nazzjonali applikabbli għar-relazzjoni ta' impjieg tal-ħaddiem stazzjonat."

Il-Kummissjoni tifhem li "l-liġi u/jew il-prattika nazzjonali applikabbli għar-relazzjoni ta' impjieg tal-ħaddiem stazzjonat", fil-prinċipju, huma l-liġi nazjonali u/jew il-prattika tal-Istat Membru ta' domiċilju, sakemm mhux determinat mod ieħor skont ir-regoli tal-UE dwar il-liġi internazzjonali privata. Fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-396/13 (il-paragrafu 59), ir-rimborż ikopri wkoll is-sitwazzjoni fejn min iħaddem iħallas l-ispejjez tal-ħaddiema fejn dawn tal-aħħar ma kellhomx jagħmlu ħlas minn qabel u jitolbu r-rimborż tiegħu.

Il-Kummissjoni tinnota li l-approċċ tad-Direttiva llum jipprevedi li, minħabba n-natura tax-xogħol mobbli ħafna tat-trasport internazzjonali bit-triq, ir-regoli riveduti dwar il-kollokament ser japplikaw għal dak is-settur biss mid-data tal-applikazzjoni ta' att leġiżlattiv li jemenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward tar-rekwiżiti ta' infurzar u jistabbilixxi regoli speċifiċi fir-rigward tad-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-kollokament tax-xufiera fil-qasam tat-trasport bit-triq.

Il-Kummissjoni tappella lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex jadottaw dak l-att malajr sabiex ir-regoli jiġu adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' ħaddiema kollokati fis-settur filwaqt li jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern tat-trasport bit-triq.

Sad-data tal-applikazzjoni tal-att leġiżlattiv speċifiku għas-settur, id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE jibqgħu fis-seħħ fit-trasport bit-triq. Dawn l-atti leġiżlattivi ma japplikawx għal operazzjonijiet ta' trasport bit-triq li ma jikkostitwixxux kollokament.

Il-Kummissjoni ser tkompli tissorvelja mill-qrib l-infurzar tajjeb tar-regoli attwali b'mod partikolari fis-settur tat-trasport bit-triq u tieħu azzjoni fejn adatt."

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0214

Miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll li japplikaw fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Mejju 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll li japplikaw fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO) (COM(2017)0128 – C8-0121/2017 – 2017/0056(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2020/C 76/32)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2017)0128),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0121/2017),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-31 ta' Mejju 2017 ([1]),

— wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-21 ta' Marzu 2018, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A8-0377/2017),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt ([2]);

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) ĠU C 288, 31.8.2017, p. 129.
([2]) Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fis-16 ta' Jannar 2018 (Testi adottati, P8_TA(2018)0001).

It-Tlieta 29 ta' Mejju 2018

P8_TC1-COD(2017)0056

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fid-29 ta' Mejju 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll li japplikaw fl-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO) Żona tal-Konvenzjoni

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2018/975.)

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0217

Mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE biex tingħata assistenza lill-Greċja, lil Spanja, lil Franza u lill-Portugall

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Greċja, lil Spanja, lil Franza u lill-Portugall (COM(2018)0150 – C8-0039/2018 – 2018/2029(BUD))

(2020/C 76/33)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0150 – C8-0039/2018),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ([3]), u b'mod partikolari l-punt 11 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A8-0175/2018),

1. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni bħala sinjal ta' solidarjetà tal-Unjoni maċ-ċittadini tal-Unjoni u mar-reġjuni milquta minn diżastri naturali;

2. Jiddispjaċih dwar l-għadd ta' ħajjiet li ntilfu f'diżastri naturali fl-Unjoni matul l-2017; jappella lill-Istati Membri biex jinvestu fil-prevenzjoni ta' katastrofi permezz tal-mobilizzazzjoni tal-mezzi neċessarji u l-użu tal-fondi strutturali u ta' investiment Ewropej biex fil-futur jiġi evitat aktar telf ta' ħajjiet;

3. Jappoġġa lill-Istati Membri li jużaw il-fondi strutturali u ta' investiment Ewropej għar-rikostruzzjoni tar-reġjuni milquta; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa u tapprova b'mod rapidu r-riallokazzjoni finanzjarja tal-ftehimiet ta' sħubija mitluba mill-Istati Membri għal dan il-għan;

4. Jappella lill-Istati Membri biex jużaw il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) b'mod trasparenti u b'ħekk tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta fir-reġjuni kollha milquta;

5. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Mekkaniżmu ġdid tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili bħala mezz ta' prevenzjoni u azzjoni f'sitwazzjonijiet ta' diżastri naturali; jemmen li l-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili jirrappreżenta r-realizzazzjoni tas-solidarjetà fl-Unjoni, f'konformità mal-FSUE; ifakkar, f'dan il-kuntest, li huwa importanti li jinżammu l-kundizzjonijiet partikolari ta' aċċess għall-FSUE għar-reġjuni ultraperiferiċi, biex ikunu jistgħu jilqgħu għal-livell għoli ta' espożizzjoni li għandhom għad-diżastri naturali; jappella wkoll biex, f'sitwazzjonijiet fejn il-ġbir tal-informazzjoni jkun diffiċli u skont il-gravità tal-fenomenu klimatiku, ikun hemm aktar flessibbiltà fl-iskadenzi għat-tressiq ta' talbiet għall-mobilizzazzjoni u għall-utilizzazzjoni tal-fondi mill-FSUE;

([1]) ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.
([2]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
([3]) ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

6. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

ANNESS

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Greċja, lil Spanja, lil Franza u lill-Portugall

(It-test ta' dan l-anness mhux riprodott hawnhekk billi jikkorrispondi mal-att finali, Deċiżjoni (UE) 2018/846.)

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0218

Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 1/2018 li jakkumpanja l-proposta dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE biex tingħata assistenza lill-Greċja, lil Spanja, lil Franza u lill-Portugall

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2018 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018 li jakkumpanja l-proposta biex jiġi mobilizzat il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Greċja, lil Spanja, lil Franza u lill-Portugall (08109/2018 – C8-0181/2018 – 2018/2030(BUD))

(2020/C 76/34)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2018, adottat b'mod definittiv fit-30 ta' Novembru 2017 ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 ([3]) (ir-Regolament dwar il-QFP),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ([4]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom tas-26 ta' Mejju 2014 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea ([5]),

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-baġit emendatorju Nru 1/2018, adottat mill-Kummissjoni fit-22 ta' Frar 2018 (COM(2018)0155),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2018 adottata mill-Kunsill fl-14 ta' Mejju 2018 u li ntbagħat lill-Parlament fl-istess jum (08109/2018 – C8-0181/2018),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 88 u 91 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A8-0176/2018),

A. billi l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2018 ikopri l-mobilizzazzjoni proposta tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Greċja wara t-terremoti f'Lesbos, lil Franza wara l-uragan f'Saint-Martin u Guadeloupe, kif ukoll lill-Portugall u lil Spanja wara n-nirien fil-foresti li seħħew f'Centro u fil-Galicia matul l-2017,

B. billi għaldaqstant il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li temenda l-baġit tal-Unjoni 2018 u li żżid il-linja baġitarju 13 06 01 "Għajnuna għall-Istati Membri fil-każ ta' diżastru naturali kbir b'riperkussjonijiet serji fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien, l-ambjent naturali jew l-ekonomija" b'EUR 97 646 105 kemm f'approprjazzjonijiet ta' impenn u kemm f'approprjazzjonijiet ta' pagament;

([1]) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
([2]) ĠU L 57, 28.02.2018.
([3]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
([4]) ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.
([5]) ĠU L 168, 7.6.2014, p. 105.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

C. billi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea huwa strument speċjali skont id-definizzjoni fir-Regolament dwar il-QFP u l-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament korrispondenti ser jiġu bbaġitjati oltre l-limiti massimi tal-QFP;

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2018;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiddikjara li l-baġit emendatorju Nru 1/2018 ġie adottat b'mod definittiv u jiżgura li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-parlamenti nazzjonali.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0219

Protezzjoni kontra importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping u importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-UE ***II

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea (05700/1/2018 – C8-0168/2018 – 2013/0103(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)

(2020/C 76/35)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (05700/1/2018 – C8-0168/2018),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari [1] dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0192),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 67a tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A8-0182/2018),

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;

2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

[1] ĠU C 443, 22.12.2017, p. 934.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0220

Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: applikazzjoni EGF/2018/000 TA 2018 - Għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (applikazzjoni EGF/2018/000 TA 2018 - Għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni) (COM(2018)0165 – C8-0131/2018 – 2018/2048(BUD))

(2020/C 76/36)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0165 – C8-0131/2018),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 ([1]) (ir-Regolament dwar il-FEG),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ([3]) (il-FII tat-2 ta' Diċembru 2013), u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2017 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF/2017/000 TA 2017 – Għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni) ([4]),

— wara li kkunsidra l-proċedura ta' trilogu prevista fil-punt 13 tal-FII tat-2 ta' Diċembru 2013,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A8-0172/2018),

A. billi l-Unjoni stabbiliet strumenti leġiżlattivi u baġitarji biex tipprovdi appoġġ addizzjonali lill-ħaddiema li jkunu qegħdin ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fl-andament tal-kummerċ internazzjonali jew tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali u biex tgħin ir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol;

B. billi l-għajnuna tal-Unjoni lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja għandha tkun dinamika u titqiegħed għad-dispożizzjoni kemm jista' jkun malajr u bl-aktar mod effiċjenti possibbli, bi qbil mad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni tas-17 ta' Lulju 2008, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-FII tat-2 ta' Diċembru 2013 fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġi mobilizzat il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (il-FEG);

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.
([2]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
([3]) ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.
([4]) Testi adottati, P8_TA(2017)0116.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

C. billi l-adozzjoni tar-Regolament dwar il-FEG tirrifletti l-ftehim li ntlaħaq bejn il-Parlament u l-Kunsill li jerġa' jiġi introdott il-kriterju tal-mobilizzazzjoni f'każ ta' kriżi, li l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni tiżdied għal 60 % tal-ispiża totali stmata tal-miżuri proposti, li tiżdied l-effiċjenza għat-trattament tal-applikazzjonijiet tal-FEG mill-Kummissjoni u mill-Parlament u mill-Kunsill billi jitqassar iż-żmien għall-valutazzjoni u għall-approvazzjoni, li l-azzjonijiet u l-benefiċjarji eliġibbli jiġu estiżi għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għaż-żgħażagħ, u li jiġu ffinanzjati inċentivi għat-twaqqif ta' impriżi proprji;

D. billi l-baġit annwali massimu disponibbli għall-FEG huwa ta' EUR 150 miljun (fi prezzijiet tal-2011) u billi l-Artikolu 11(1) tar-Regolament dwar il-FEG jiddikjara li 0,5 % ta' dan l-ammont (jiġifieri EUR 861 515 fl-2018) jista' jsir disponibbli għal għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, sabiex jiffinanzja l-preparazzjoni, il-monitoraġġ, il-ġbir ta' data u l-ħolqien ta' bażi ta' għarfien, l-appoġġ amministrattiv u tekniku, attivitajiet ta' tagħrif u komunikazzjoni, kif ukoll l-attivitajiet ta' awditjar, kontroll u evalwazzjoni meħtieġa biex jiġi implimentat ir-Regolament dwar il-FEG;

E. billi l-Parlament Ewropew issottolinja b'mod ripetut il-ħtieġa li jittejbu l-valur miżjud, l-effiċjenza u l-impjegabbiltà tal-benefiċjarji tal-FEG bħala strument ta' appoġġ min-naħa tal-Unjoni lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja;

F. billi l-ammont propost ta' EUR 345 000 jikkorrispondi għal madwar 0,2 % tal-baġit annwali massimu disponibbli għall-FEG fl-2018;

1. Jaqbel mal-miżuri proposti mill-Kummissjoni li għandhom jiġu ffinanzjati bħala għajnuna teknika skont l-Artikolu 11(1) u (4) kif ukoll skont l-Artikolu 12(2), (3) u (4) tar-Regolament dwar il-FEG;

2. Jirrikonoxxi l-importanza tal-monitoraġġ u l-ġbir ta' data; ifakkar fl-importanza ta' sensiela ta' statistika robusta miġbura fil-forma xierqa li tkun faċilment aċċessibbli u komprensibbli; jilqa' l-ħruġ ippjanat futur tar-Rapporti Biennali tal-2019 u jitlob li dawk ir-rapporti jiġu distribwiti pubblikament u b'mod wiesa' madwar l-Unjoni kollha;

3. Ifakkar fl-importanza ta' sit web speċifiku għall-FEG li jeħtieġ li jkun aċċessibbli għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni u jappella għal viżibbiltà akbar; jenfasizza l-importanza tal-multilingwiżmu fil-komunikazzjoni wiesgħa mal-pubbliku; jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tittraduċi l-elementi l-ġodda fuq is-sit web tal-FEG fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni; jitlob li l-ambjent tal-internet ikun aktar faċli għall-utent, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni ttejjeb il-valur tal-kontenut tal-pubblikazzjonijiet u tal-attivitajiet awdjoviżivi tagħha kif previst fl-Artikolu 11(4) tar-Regolament dwar il-FEG; jissuġġerixxi lil-Kummissjoni ttejjeb il-komunikazzjoni tagħha permezz tal-pjattaformi tal-midja soċjali u dawk alternattivi;

4. Jilqa' l-ħidma kontinwa fuq il-proċeduri standardizzati għall-applikazzjonijiet u l-ġestjoni tal-FEG li jużaw il-funzjonalitajiet tas-sistema ta' skambju elettroniku tad-data (SFC 2014), li tippermetti s-simplifikazzjoni u l-ipproċessar aktar mgħaġġel tal-applikazzjonijiet, kif ukoll rappurtar aħjar; jappella għal skambju aħjar ta' informazzjoni dwar il-proċessi fost il-Kummissjoni u l-Istati Membri u l-Istati Membri nfushom; jinnota li l-Kummissjoni ffaċilitat l-operazzjonijiet finanzjarji tal-FEG permezz tal-ħolqien ta' interfaċċja bejn is-sistema ta' skambju elettroniku tad-data u s-sistema tal-kontabilità u tal-informazzjoni finanzjarja ABAC; jinnota li huma meħtieġa biss titjib minuri ulterjuri u aġġustamenti għall-bidliet potenzjali, li jillimitaw il-kontribuzzjoni *de facto* tal-FEG għal dan it-tip ta' nfiq;

5. Jieħu nota li l-Kummissjoni biħsiebha tinvesti EUR 105 000 mill-baġit disponibbli fl-ambitu tal-għajnuna teknika billi torganizza tliet laqgħat tal-Grupp ta' Esperti tal-Persuni ta' Kuntatt tal-FEG; jirrikonoxxi l-valur li ssir laqgħa addizzjonali tal-Grupp ta' Esperti ta' Persuni ta' Kuntatt bħala parti mit-tħejjija għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss; jieħu nota wkoll tal-intenzjoni minnaħa tal-Kummissjoni li tinvesti EUR 120 000 sabiex tippromwovi n-netwerking permezz ta' seminars bejn l-Istati Membri, il-korpi ta' implimentazzjoni tal-FEG u s-sħab soċjali; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tistieden lill-Parlament, skont skadenzi raġonevoli, għal laqgħat u seminars tal-Grupp ta' Esperti kollha skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea ([5]);

([5]) ĠU L 304, 20.11.2010, p. 47.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

6. Jilqa' id-disponibbiltà tal-Kummisjoni li tistieden il-membri tal-Grupp ta' Ħidma tal-FEG biex jipparteċipaw fis-Seminar ta' Netwerking rigward il-FEG meta jkun possibbli; jappella lill-Kummissjoni biex tkompli tistieden lill-Parlament għal tali laqgħat u s-seminars skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea; jilqa' l-fatt li s-sħab soċjali huma wkoll mistiedna jipparteċipaw;

7. Ifakkar fl-importanza tan-netwerking u tal-iskambju ta' informazzjoni dwar il-FEG, b'mod li jinfirxu l-aħjar prattiki; jappoġġa, għalhekk, iż-żewġ seminars ta' netwerking dwar l-implimentazzjoni tal-FEG apparti l-laqgħat tal-Grupp ta' Esperti; jistenna li dak l-iskambju ta' informazzjoni se jikkontribwixxi wkoll għal rappurtar aħjar u aktar dettaljat rigward ir-rata ta' suċċess ta' applikazzjonijiet fi Stati Membri, b'mod partikolari rigward b'liema rata l-benefiċjarji jsibu impjieg ġdid;

8. Jissottolinja l-ħtieġa li jkomplu jissaħħu l-kuntatti bejn dawk kollha involuti fl-applikazzjonijiet tal-FEG, inklużi, b'mod partikolari, sħab soċjali u l-partijiet ikkonċernati fil-livell reġjonali u lokali, sabiex jinħoloq l-akbar għadd ta' sinerġiji possibbli; jisħaq fuq il-fatt li l-interazzjoni bejn il-Persuna ta' Kuntatt Nazzjonali u s-sħab responsabbli mill-ġestjoni tal-każijiet fil-livell reġjonali jew lokali għandha tissaħħaħ u li l-arranġamenti ta' komunikazzjoni u ta' appoġġ kif ukoll il-flussi ta' informazzjoni (id-diviżjonijiet, il-kompiti u r-responsabbiltajiet interni) għandhom ikunu espliċiti u maqbula bejn is-sħab kollha kkonċernati;

9. Jissottolinja l-importanza li tiżdied is-sensibilizzazzjoni ġenerali dwar il-FEG kif ukoll il-viżibbiltà tiegħu; ifakkar lill-Istati Membri applikanti dwar ir-rwol tagħhom li jippubbliċizzaw l-azzjonijiet iffinanzjati mill-FEG lill-benefiċjarji interessati, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, il-midja u l-pubbliku ġenerali, kif stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament dwar il-FEG.

10. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

L-Erbgħa 30 ta' Mejju 2018

ANNESS

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF/2018/000 TA 2018 - Għajnuna teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni)

(It-test ta' dan l-anness mhux riprodott hawnhekk billi jikkorrispondi mal-att finali, Deċiżjoni (UE) 2018/845.)

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0234

In-nomina ta' membru għall-bord tal-għażla tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Mejju 2018 dwar il-ħatra tas-Sur Antonio Mura fil-bord tal-għażla stabbilit skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (2018/2071(INS))

(2020/C 76/37)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") ([1]),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kumitat tiegħu għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (B8-0237/2018),

— wara li kkunsidra r-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi Antonio Mura jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939;

1. Jipproponi li Antonio Mura jinħatar fil-bord tal-għażla;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1.

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

P8_TA(2018)0236

Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili ***I

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-31 ta' Mejju 2018 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (COM(2017)0772/2 – C8-0409/2017 – 2017/0309(COD)) [1]

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2020/C 76/38)

Emenda1

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda
(1) Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili ("il-Mekkaniżmu tal-Unjoni"), irregolat mid-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [12], isaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni ***u*** l-Istati Membri u jiffaċilita l-koordinazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ċivili sabiex ir-rispons tal-Unjoni għal diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem jittejjeb.	(1) Il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili ("il-Mekkaniżmu tal-Unjoni"), irregolat mid-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [12], isaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni, l-Istati Membri ***u r-reġjuni tagħhom*** u jiffaċilita l-koordinazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ċivili sabiex ir-rispons tal-Unjoni għal diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem jittejjeb.
[12] Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).	[12] Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Id-diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem jistgħu jolqtu kwalunkwe post fid-dinja, spiss mingħajr twissija. Kemm jekk ikunu naturali kif ukoll jekk ikkawżati mill-bniedem, dawn qed isiru dejjem aktar frekwenti, estremi u kumplessi, u ggravati mill-impatti tat-tibdil fil-klima, irrispettivament mill-fruntieri nazzjonali. Il-konsegwenzi umani, ambjentali u ekonomiċi li ġejjin minn dawn id-diżastri huma ***enormi***.	(3) Id-diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem jistgħu jolqtu kwalunkwe post fid-dinja, spiss mingħajr twissija. Kemm jekk ikunu naturali kif ukoll jekk ikkawżati mill-bniedem, dawn qed isiru dejjem aktar frekwenti, estremi u kumplessi, u ggravati mill-impatti tat-tibdil fil-klima, irrispettivament mill-fruntieri nazzjonali. Il-konsegwenzi umani, ambjentali, soċjali u ekonomiċi li ġejjin minn dawn id-diżastri ***jistgħu jkunu ta' daqs mhux magħruf. Sfortunatament, dawk id-diżastri huma xi kultant intenzjonali, pereżempju fil-każ ta' attakki terroristiċi.***

[1] Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat/kumitati responsabbli skont l-Artikolu 59(4), ir-raba' subparagrafu (A8-0180/2018).

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Reċentement ġie osservat li d-dipendenza fuq l-offerti volontarji tal-assistenza reċiproka, ikkoordinata u ffaċilitata mill-Mekkaniżmu tal-Unjoni, mhux dejjem tiżgura li jkun hemm biżżejjed kapaċitajiet disponibbli biex jiġu indirizzati l-bżonnijiet bażiċi tan-nies affettwati mid-dżastri b'mod sodisfaċenti, u lanqas li l-ambjent u l-proprjetà jkunu ssalvagwardjati kif xieraq. Dan ikun partikolarment il-każ meta l-Istati Membri jiġu affettwati simultanjament minn dżastri rikorrenti u l-kapaċità kollettiva ma tkunx biżżejjed.	(4) Reċentement ġie osservat li d-dipendenza fuq l-offerti volontarji tal-assistenza reċiproka, ikkoordinata u ffaċilitata mill-Mekkaniżmu tal-Unjoni, mhux dejjem tiżgura li jkun hemm biżżejjed kapaċitajiet disponibbli biex jiġu indirizzati l-bżonnijiet bażiċi tan-nies affettwati mid-dżastri b'mod sodisfaċenti, u lanqas li l-ambjent u l-proprjetà jkunu ssalvagwardjati kif xieraq. Dan ikun partikolarment il-każ meta l-Istati Membri jiġu affettwati simultanjament minn dżastri ***li jkunu kemm*** rikorrenti ***u mhux mistennija, kemm naturali u kkawżati mill-bniedem***, u l-kapaċità kollettiva ma tkunx biżżejjed. ***Sabiex jingħelbu dawk l-insuffiċjenzi u l-perikli emerġenti, l-istrumenti kollha tal-Unjoni jenħtieġ li jintużaw b'mod kompletament flessibbli, inkluża permezz tal-promozzjoni ta' parteċipazzjoni attiva tas-soċjetà ċivili. Madankollu, l-Istati Membri jenħtieġ li jwettqu azzjonijiet preventivi adegwati f'termini tal-preservazzjoni ta' ammont ta' kapaċitajiet nazzjonali li huwa suffiċjenti sabiex jindirizzaw id-dżastri kif xieraq.***

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Il-prevenzjoni tan-nirien tal-foresti hija fundamentali fil-kuntest tal-impenn globali għall-emissjonijiet tal-karbonju. Il-kombustjoni tas-siġar u tal-ħamrija li jkollha livell għoli ta' pit fin-nirien tal-foresti, fil-fatt tikkawża l-emissjonijiet tal-karbonju. B'mod aktar speċifiku, l-istudji wrew kif in-nirien jikkawżaw 20 % tal-emissjonijiet kollha ta' CO2 madwar id-dinja, jiġifieri aktar mill-emissjonijiet flimkien tas-sistemi tat-trasport kollha fid-dinja (vetturi, bastimenti u inġenji tal-ajru).

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-prevenzjoni hija ta' importanza ewlenija għall-protezzjoni kontra d-diżastri u teħtieġ azzjoni ulterjuri. Għal dan il-għan, jeħtieġ li, fuq bażi regolari, l-Istati Membri jikkondividu kemm il-valutazzjonijiet tar-riskju kif ukoll is-sommarji tal-ippjanar tal-***ġestjoni*** tar-riskju ta' diżastru tagħhom. Dan biex jiżguraw approċċ integrat tal-ġestjoni tar-riskju, li jorbot flimkien azzjonijiet ta' prevenzjoni u tħejjija tar-riskju, u r-rispons għalih. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jeħtieġ li tkun kapaċi titlob lill-Istati Membri jipprovdu pjanijiet ta' prevenzjoni u tħejjija speċifiċi fir-rigward ta' diżastri speċifiċi, b'mod partikolari bil-għan li jimmassimizzaw l-appoġġ globali tal-Unjoni għall-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri. ***Jeħtieġ*** li jitnaqqas il-piż amministrattiv u jissaħħu l-politiki ta' prevenzjoni, inkluż billi ***jiġu żgurati rabtiet neċessarji*** ma' politiki u strumenti ewlenin oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej kif elenkati fil-premessa 2 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013[13].	(5) Il-prevenzjoni hija ta' importanza ewlenija għall-protezzjoni kontra d-diżastri u teħtieġ azzjoni ulterjuri. Għal dan il-għan, jeħtieġ li, fuq bażi regolari, l-Istati Membri jikkondividu kemm il-valutazzjonijiet tar-riskju, ***dwar ir-riskji nazzjonali tas-sikurezza u s-sigurtà tagħhom***, kif ukoll is-sommarji tal-ippjanar tal-***ġestjoni*** tar-riskju ta' diżastru tagħhom. Dan biex jiżguraw approċċ integrat tal-ġestjoni ta' diżastri ***kemm naturali kif ukoll ikkawżati mill-bniedem***, li jorbot flimkien azzjonijiet ta' prevenzjoni u tħejjija tar-riskju, u r-rispons għalih. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jeħtieġ li tkun kapaċi titlob lill-Istati Membri jipprovdu pjanijiet ta' prevenzjoni u tħejjija speċifiċi fir-rigward ta' diżastri speċifiċi, ***inklużi dawk ikkawżati mill-bniedem***, b'mod partikolari bil-għan li jimmassimizzaw l-appoġġ globali tal-Unjoni, ***b'mod partikolari mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)***, għall-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri. ***Huwa essenzjali*** li jitnaqqas il-piż amministrattiv u jissaħħu l-politiki ta' prevenzjoni, inkluż billi ***jissaħħu r-rabtiet u l-kooperazzjoni*** ma' politiki u strumenti ewlenin oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej kif elenkati fil-premessa 2 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013[13].

Emenda 6

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Ir-riskju jikkostitwixxi stimolu negattiv għall-iżvilupp tar-reġjuni. Il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju jimplikaw ir-riformulazzjoni ta' politiki u oqfsa istituzzjonali, u t-tishiħ tal-kapaċitajiet lokali, nazzjonali u reġjonali sabiex jitfasslu u jiġu implimentati miżuri ta' ġestjoni tar-riskju, filwaqt li tiġi kkoordinata firxa wiesgħa ta' atturi. It-tħejjija ta' mapep tar-riskju mir-reġjuni u/jew mill-Istati Membri, it-tishiħ tal-kapaċità ta' rispons u r-rinfurzar tal-azzjonijiet ta' prevenzjoni, b'enfasi speċjali fuq ir-riskji klimatiċi, huma kruċjali. Huwa essenzjali li l-mapep tar-riskju jqisu kemm ir-riskji kkawżati mill-varjabbiltà fil-klima attwali kif ukoll tat-trajettorji projettati tat-tibdil fil-klima.

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

Emenda 7

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 5b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5b) Meta l-Istati Membri jħejju l-valutazzjonijiet tar-riskju tagħhom u l-ippjanar tal-ġestjoni tar-riskju tagħhom, jenħtieġ li jqisu r-riskji speċifiċi għall-benessri tal-ħajja selvaġġa u tal-annimali. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tħeġġeġ it-tixrid ta' informazzjoni dwar l-annimali affettwati mid-diżastri madwar l-Ewropa. Il-programmi u l-korsijiet ta' taħriġ jenħtieġ li jiġu żviluppati aktar f'dan ir-rigward.

Emenda 8

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 5c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5c) L-istaġun tan-nirien tal-foresti tal-2017 kien partikolarment twil u intensiv f'ħafna Stati Membri, li rriżulta fil-mewt ta' 100 persuna fi Stat Membru wieħed biss. In-nuqqas ta' assi disponibbli, deskritti fir-Rapport dwar in-Nuqqasijiet fil-Kapaċità** [1a], **u l-inabbiltà tal-Kapaċità Ewropea għal Reazzjoni f'każ ta' Emerġenza ("EERC"jew "konsorzju volontarju") li tirrispondi għal kull waħda mis-17-il talba għall-assistenza f'każ ta' nirien tal-foresti fi żmien xieraq, taw prova li n-natura volontarja tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri hija insuffiċjenti waqt emerġenzi fuq skala kbira li jaffettwaw diversi Stati Membri fl-istess ħin.
	[1a] ***Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress li sar u n-nuqqasijiet li fadal fil-Kapaċità Ewropea għal Rispons f'każ ta' Emerġenza, 17.02.2017.***

Emenda 9

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 5d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5d) L-aktar sħab naturali għall-approfondiment tal-kooperazzjoni huma l-Istati Membri tal-viċinat li jikkondividu l-istess għarfien espert u strutturi u li x'aktarx jiġu affettwati mill-istess diżastri u riskji.

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

Emenda 68

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 5e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5e) Is-sigurtà tar-riżorsi tal-ilma hija essenzjali għar-reżiljenza għat-tibdil fil-klima. L-Istati Membri jenħtieġ li jimmappjaw ir-riżorsi tal-ilma eżistenti biex jiffaċilitaw l-adattament għat-tibdil fil-klima u biex iżidu r-reżiljenza tal-popolazzjoni fil-konfront tat-theddid klimatiku bħal nixfiet, nirien jew għarar. L-għan tal-immappjar jenħtieġ li jappoġġja l-iżvilupp tal-azzjonijiet sabiex titnaqqas il-vulnerabbiltà tal-popolazzjoni.

Emenda 10

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Hemm bżonn li tiġi rinforzata l-abbiltà kollettiva għat-tħejjija u r-rispons għal diżastri, b'mod partikolari permezz tal-appoġġ reċiproku fl-Ewropa. Barra milli ssaħħaħ il-possibbiltajiet offruti diġà mill-Kapaċità Ewropea għal Rispons f'każ ta' Emerġenza (l-"EERC"jew il-"konsorzju volontarju"), minn hawn 'il quddiem ir-"Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili", il-Kummissjoni jeħtieġ ukoll li tistabbilixxi r-rescEU. Il-kapaċità rescEU jeħtieġ li tkun magħmula minn kapaċitajiet ta' rispons għall-emerġenza għal rispons f'każ ta' nirien tal-foresti, għargħar fuq skala kbira u terremoti, kif ukoll sptar fuq il-post u timijiet mediċi f'konformità mal-istandards tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, li jistgħu jiġu ***mobilizzati*** b'mod rapidu.	(6) Hemm bżonn li tiġi rinforzata l-abbiltà kollettiva għat-tħejjija u r-rispons għal diżastri, b'mod partikolari permezz tal-appoġġ reċiproku fl-Ewropa. Barra milli ssaħħaħ il-possibbiltajiet offruti diġà mill-Kapaċità Ewropea għal Rispons f'każ ta' Emerġenza (l-"EERC"jew il-"konsorzju volontarju"), minn hawn 'il quddiem ir-"Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili", il-Kummissjoni jeħtieġ ukoll li tistabbilixxi r-rescEU. Il-kapaċità rescEU jeħtieġ li tkun magħmula minn kapaċitajiet ta' rispons għall-emerġenza għal rispons f'każ ta' nirien tal-foresti, għargħar fuq skala kbira u terremoti, ***attakki terroristiċi u attakki kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari***, kif ukoll sptar fuq il-post u timijiet mediċi f'konformità mal-istandards tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, li jistgħu jiġu ***mobbilizzati*** b'mod rapidu. ***F'dan il-kuntest tiġi enfasizzata l-importanza tat-tisħiħ u li jiġu inklużi l-kapaċitajiet speċifiċi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, peress li huma l-ewwel li jintervjenu wara li jseħħ diżastru. Dawk l-awtoritajiet għandhom jiżviluppaw mudelli ta' kooperazzjoni fejn il-komunitajiet jistgħu jaqsmu l-aħjar prattiki, fejn jingħataw l-opportunità li jgħinu fl-iżvilupp tar-reżiljenza tagħhom għad-diżastri naturali.***

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

Emenda 11

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Ir-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-prevenzjoni u l-ġestjoni tad-diżastri huwa ta' importanza kbira u l-kapaċitajiet ta' rispons tagħhom jeħtieġ li jkunu involuti b'mod xieraq fi kwalunkwe attività ta' koordinazzjoni u mobilizzazzjoni li jsiru fl-ambitu ta' din id-Deċiżjoni, f'konformità mal-oqfsa istituzzjonali u legali tal-Istati Membri, bil-għan li jiġu mminimizzati s-sovrapożizzjonijiet u titrawwem l-interoperabbiltà. Tali awtoritajiet jistgħu jaqdu rwol preventiv importanti u huma wkoll l-ewwel li jirreaġixxu wara diżastru, flimkien mal-kapaċitajiet tal-voluntiera tagħhom. Għaldaqstant, teżisti ħtieġa għal kooperazzjoni kontinwa fil-livell lokali, reġjonali u transfruntier bil-għan li jiġu stabbiliti sistemi ta' twissija komuni biex isir intervent rapidu qabel il-mobilizzazzjoni ta' rescEU, kif ukoll kampanji ta' informazzjoni regolari għall-pubbliku dwar il-miżuri ta' rispons inizjali.

Emenda 12

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) L-Unjoni jeħtieġ li tkun tista' tappoġġa lill-Istati Membri meta l-kapaċitajiet disponibbli ma jkunux biżżejjed biex dawn jippermettu rispons effettiv għal diżastri, billi tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' arranġamenti ta' lokazzjoni jew kiri sabiex jiġi żgurat aċċess rapidu għal tali kapaċitajiet jew billi tiffinanzja l-akkwiżizzjoni tagħhom. Dan iżid sostanzjalment l-effettività tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni, billi jiżgura d-disponibbiltà tal-kapaċitajiet f'każijiet fejn ir-rispons effettiv għad-diżastri ma kienx se jiġi żgurat, b'mod partikolari għal diżastri b'impatti wiesa' li jaffettwaw għadd sinifikanti ta' Stati Membri. ***L-akkwist*** ta' kapaċitajiet tal-Unjoni ***jeħtieġ*** li jippermetti ekonomiji ta' skala u koordinazzjoni aħjar fir-rispons għal diżastri.	(7) L-Unjoni jeħtieġ li tkun tista' tappoġġa lill-Istati Membri meta l-kapaċitajiet ***materjali u tekniċi*** disponibbli ma jkunux biżżejjed biex dawn jippermettu rispons effettiv għal diżastri, ***anki fil-każ ta' avvenimenti transfruntiera***, billi tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' arranġamenti ta' lokazzjoni jew kiri sabiex jiġi żgurat aċċess rapidu għal tali kapaċitajiet jew billi tiffinanzja l-akkwiżizzjoni tagħhom. Dan iżid sostanzjalment l-effettività ***u l-abbiltà ta' tħejjija għall-użu*** tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni, billi jiżgura d-disponibbiltà ***rapida*** tal-kapaċitajiet ***materjali u tekniċi, inkluż għas-salvataġġ ta' persuni anzjani jew persuni b'diżabilità***, f'każijiet fejn ir-rispons effettiv għad-diżastri ma kienx se jiġi żgurat, b'mod partikolari għal diżastri b'impatti wiesa' li jaffettwaw għadd sinifikanti ta' Stati Membri, ***bħall-epidemiji transfruntieri. It-tagħmir adatt impenjat minn qabel u l-akkwist*** ta' kapaċitajiet tal-Unjoni ***jenħtieġ*** li jippermetti ekonomiji ta' skala u koordinazzjoni aħjar fir-rispons għal diżastri. ***Jenħtieġ li jiġi żgurat l-użu ottimali u trasparenti tar-riżorsi finanzjarji.***

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

Emenda 13

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Ħafna Stati Membri jiffaċċjaw nuqqas ta' materjal u tagħmir tekniku meta jinqalgħu diżastri mhux mistennija. Għalhekk jenħtieġ li l-Mekkaniżmu tal-Unjoni jagħmilha possibbli li, fejn ikun meħtieġ, titwessa' l-bażi materjali u teknika, b'mod partikolari għall-finijiet ta' salvataġġ tal-persuni b'diżabilità, tal-persuni anzjani jew tal-persuni morda.

Emenda 14

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) ***Sabiex tissaħħaħ l-effiċjenza*** u l-effettività tat-taħriġ u l-eżerċizzji ***u tittejjeb*** il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet u s-servizzi tal-protezzjoni ċivili nazzjonali tal-Istati Membri, ***jenħtieġ*** li ***jiġi stabbilit Netwerk tal-Għarfien tal-Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni li jkun ibbażat fuq strutturi*** eżistenti.	(9) ***It-taħriġ, ir-riċerka u l-innovazzjoni huma aspetti essenzjali tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-protezzjoni ċivili. L-effiċjenza*** u l-effettività tat-taħriġ u l-eżerċizzji, ***il-promozzjoni tal-innovazzjoni, u d-djalogu kif ukoll*** il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet u s-servizzi tal-protezzjoni ċivili nazzjonali tal-Istati Membri ***jenħtieġ*** li ***jissaħħu abbażi tal-istrutturi*** eżistenti ***bl-involviment u l-iskambju ta' informazzjoni ma' ċentri ta' eċċellenza, universitajiet, riċerkaturi u għarfien espert ieħor disponibbli fl-Istati Membri.***

Emenda 15

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Filwaqt li t-tisħiħ tal-protezzjoni ċivili fid-dawl taxxejriet ta' diżastri, kemm dawk relatati mat-temp kif ukoll dawk relatati mas-sigurtà interna, huwa wieħed mill-aktar prijoritajiet importanti fl-Unjoni kollha, huwa essenzjali li l-għodod tal-Unjoni jiġu kkomplementati b'dimensjoni territorjali u mmexxija mill-komunità aktar b'saħħitha, peress li l-azzjoni tal-komunità lokali hija l-aktar mod rapidu u effettiv biex tiġi limitata l-ħsara kkawżata minn diżastru.

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

Emenda 16

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Sabiex jinkiseb il-funzjonament tal-kapaċità rescEU, jeħtieġ li jkunu disponibbli approprjazzjonijiet finanzjarji addizzjonali għall-finanzjament ta' azzjonijiet taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni.	(10) Sabiex jinkiseb il-funzjonament tal-kapaċità rescEU, jeħtieġ li jkunu disponibbli approprjazzjonijiet finanzjarji addizzjonali għall-finanzjament ta' azzjonijiet taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni, ***iżda mhux għad-detriment tal-pakketti finanzjarji allokati għal politiki ewlenin oħra tal-Unjoni.***

Emenda 17

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Jenħtieġ li jiġu ggarantiti finanzjamenti u allokazzjonijiet baġitarji separati għall-Mekkaniżmu tal-Unjoni rivedut. Meta titqies il-ħtieġa li jiġi evitat kwalunkwe impatt negattiv fuq il-finanzjament tal-programmi pluriennali eżistenti, iż-żieda fil-finanzjament għar-reviżjoni mmirata tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni fis-snin 2018, 2019 u 2020 jenħtieġ li tittieħed b'mod esklussiv mill-mezzi kollha disponibbli skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 [1a], ***b'rikors partikolari għall-Istrument ta' Flessibbiltà.***
	[1a] ***Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).***

Emenda 18

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Hemm bżonn li l-proċeduri tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni jiġu ssimplifikati sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jaċċessaw l-assistenza u l-kapaċitajiet meħtieġa sabiex jirrispondu għal diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem malajr kemm jista' jkun.	(11) Hemm bżonn li l-proċeduri tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni jiġu ssimplifikati, ***u l-flessibbiltà tagħhom għandha tiżdied***, sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jaċċessaw ***malajr*** l-assistenza u l-kapaċitajiet meħtieġa sabiex jirrispondu għal diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem malajr kemm jista' jkun ***u bl-aktar mod effiċjenti***.

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

Emenda 19

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jiġi massimizzat l-użu ta' strumenti ta' finanzjament eżistenti u l-Istati Membri jiġu appoġġati fl-għoti tal-assistenza, ***b'mod partikolari*** fir-rispons għal diżastri barra mill-Unjoni, jeħtieġ li tkun prevista deroga għall-Artikolu 129(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]) għal meta jingħata finanzjament skont l-Artikoli 21, 22 u 23 tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE.	(12) Sabiex jiġi massimizzat l-użu ta' strumenti ta' finanzjament eżistenti u l-Istati Membri jiġu appoġġati fl-għoti tal-assistenza, ***inkluż*** fir-rispons għal diżastri barra mill-Unjoni, jeħtieġ li tkun prevista deroga għall-Artikolu 129(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([14]) għal meta jingħata finanzjament skont l-Artikoli 21, 22 u 23 tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE. ***Minkejja din id-deroga, il-finanzjament għall-attivitajiet ta' protezzjoni ċivili u għall-għajnuna umanitarja, b'mod partikolari, jenħtieġ li jibqa' separat b'mod ċar fi kwalunkwe struttura ta' finanzjament futura tal-Unjoni u jkun konformi bis-sħiħ mal-objettivi u r-rekwiżiti legali differenti ta' dik l-istruttura.***
([14]) Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).	([14]) Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

Emenda 20

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Huwa importanti li jiġi żgurat li l-Istati Membri jieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa sabiex jipprevjenu b'mod effettiv id-diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem u jimmitigaw l-effetti tagħhom. Id-dispożizzjonijiet jeħtieġ li jirrinforzaw ir-rabtiet bejn l-azzjonijiet ta' prevenzjoni, preparazzjoni u rispons taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni. Jeħtieġ ukoll li tiġi żgurata l-koerenza mal-leġiżlazzjoni l-oħra rilevanti tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, inkluż għall-azzjoni ta' prevenzjoni transfruntiera u r-rispons għal theddid bħal theddid transfruntier serju għas-saħħa ([15]). ***Bl-istess mod, jeħtieġ li tiġi żgurata koerenza fl-impenji*** internazzjonali bħall-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030, il-Ftehim ta' Pariġi u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli.	(13) Huwa importanti li jiġi żgurat li l-Istati Membri jieħdu l-azzjonijiet kollha meħtieġa sabiex jipprevjenu b'mod effettiv id-diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem u jimmitigaw l-effetti tagħhom. Id-dispożizzjonijiet jeħtieġ li jirrinforzaw ir-rabtiet bejn l-azzjonijiet ta' prevenzjoni, preparazzjoni u rispons taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni. Jeħtieġ ukoll li tiġi żgurata l-koerenza mal-leġiżlazzjoni l-oħra rilevanti tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, inkluż għall-azzjoni ta' prevenzjoni transfruntiera u r-rispons għal theddid bħal theddid transfruntier serju għas-saħħa ([15]). ***Il-programmi ta' kooperazzjoni territorjali bbażati fuq il-politika ta' koeżjoni jipprovdu għal azzjonijiet speċifiċi bil-għan li tiġi kkunsidrata r-reżiljenza għad-diżastri, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskju u sforzi ulterjuri għal integrazzjoni aktar b'saħħitha, u ta' akbar sinerġiji. Barra minn hekk, l-azzjonijiet kollha jenħtieġ li jkunu*** koerenti ***mal-impenji*** internazzjonali bħall-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015 – 2030, il-Ftehim ta' Pariġi u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, ***u jikkontribwixxu b'mod attiv sabiex dawn jiġu onorati***.
([15]) Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE (ĠU L 293, 5.11.2013, p. 1).	([15]) Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 2119/98/KE (ĠU L 293, 5.11.2013, p. 1).

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

Emenda 21

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Huwa essenzjali li l-moduli rreġistrati preċedentement fis-CECIS (Sistema Komuni ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni ta' Emerġenza) jinżammu, sabiex ikun hemm rispons għat-talbiet għall-assistenza kif ukoll parteċipazzjoni fis-sistema ta' taħriġ bil-mod tas-soltu.

Emenda 22

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 13b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13b) Huwa daqstant importanti li l-Mekkaniżmu tal-Unjoni, li huwa limitat għall-perjodu li jiġi eżatt wara l-katastrofi, jingħaqad ma' strumenti oħra tal-Unjoni li l-fokus tagħhom huwa li jreġġgħu lura l-ħsara li tkun saret, bħall-Fond ta' Solidarjetà.

Emenda 23

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 13c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13c) Huwa essenzjali li l-Fond ta' Solidarjetà jiġi mmodifikat billi jiġi introdott l-obbligu li tissewwa l-ħsara lill-ambjent u billi l-PDG per capita tar-reġjun jew tal-Istat Membru jintuża minflok il-PDG globali bħala indikatur għall-approvazzjoni tiegħu, sabiex jiġi evitat li r-reġjuni b'popolazzjoni kbira u b'livelli baxxi ta' ġid ma jkunux ineliġibbli biex jibbenefikaw mill-Fond. Huwa importanti ħafna li l-ambjent affettwat minn katastrofi jiġi vvalutat ekonomikament, speċjalment iż-żoni li għandhom valur naturali għoli bħalma huma ż-żoni protetti jew dawk koperti min-netwerk Natura 2000, sabiex dawn ikunu jistgħu jissewwew.

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

Emenda 24

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 13d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13d) Hemm bżonn li l-azzjoni tal-Unjoni tiffoka wkoll fuq il-provvediment ta' assistenza għal taħriġ tekniku bil-għan li l-kapaċità tal-komunitajiet li jgħinu lilhom infushom ikunu jistgħu jiġu msaħħa, u b'hekk il-komunitajiet ikunu aktar ippreparati biex jipprovdu rispons inizjali u jrażżnu diżastru. It-taħriġ u l-edukazzjoni immirati għall-ħaddiema tal-protezzjoni ċivili, bħall-mexxejja tal-komunità, u għal prattikanti tal-kura soċjali jew medika, għas-servizzi tas-salvataġġ u tat-tifi tan-nar, kif ukoll għall-gruppi ta' intervent volontarju li għandu jkollhom tagħmir ta' intervent disponibbli malajr, jistgħu jgħinu fit-trażżin ta' diżastru u jnaqqsu l-imwiet kemm matul kif ukoll wara l-kriżi.

Emenda 25

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) li jiżdiedu d-disponibbiltà u l-użu tal-għarfien xjentifiku dwar id-diżastri.	(e) li jiżdiedu d-disponibbiltà u l-użu tal-għarfien xjentifiku dwar id-diżastri, ***inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi u l-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej (PTEE)***;

Emenda 26

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt aa (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:
	"(ea) li jiġu mmitigati l-konsegwenzi immedjati li l-katastrofi jista' jkollhom fuq il-ħajjiet tal-bnedmin u fuq il-wirt kulturali u naturali;"

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

Emenda 27

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt ab (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:
	"(eb) it-tisħiħ tal-attivitajiet ta' kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fil-livell transfruntier."

Emenda 28

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tieħu azzjoni biex ittejjeb il-bażi ta' għarfien fuq riskji ta' diżastru u tiffaċilita l-kondiviżjoni ta' għarfien, ir-riżultati tar-riċerka xjentifika, l-aħjar prattiki u l-informazzjoni, inkluż fost l-Istati Membri li jikkondividu riskji komuni.	(a) tieħu azzjoni biex ittejjeb il-bażi ta' għarfien fuq riskji ta' diżastru u ***biex*** tiffaċilita ***aħjar u tippromwovi l-kooperazzjoni u*** l-kondiviżjoni ta' għarfien, ir-riżultati tar-riċerka xjentifika ***u l-innovazzjoni***, l-aħjar prattiki u l-informazzjoni, inkluż fost l-Istati Membri li jikkondividu riskji komuni;

Emenda 29

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Fl-Artikolu 5(1), jiddaħħal il-punt li ġej:
	"(aa) il-koordinazzjoni tal-armonizzazzjoni tal-informazzjoni u l-gwida dwar is-sistemi ta' twissija, anki fil-livell transfruntier;"

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

Emenda 30

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3b (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt f

Test fis-seħħ	*Emenda*
(***f***) tikkompila u xxerred l-informazzjoni magħmula disponibbli mill-Istati Membri; torganizza skambju tal-esperjenzi dwar il-valutazzjoni tal-kapaċità ta' ġestjoni tar-riskju; tiżviluppa, flimkien mal-Istati Membri u sa tat-22 ta' Diċembru ***2014***, linji gwida dwar il-kontenut, il-metodoloġija u l-istruttura ta' dawk il-valutazzjonijiet; u tiffaċilita l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fl-ippjanar tal-prevenzjoni u l-istat ta' tħejjija, inkluż permezz ta' evalwazzjonijiet volontarji bejn il-pari;	***(3b) Il-punt (f) tal-Artikolu 5(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** "(f) tikkompila u xxerred l-informazzjoni magħmula disponibbli mill-Istati Membri; torganizza skambju tal-esperjenzi dwar il-valutazzjoni tal-kapaċità ta' ġestjoni tar-riskju; tiżviluppa, flimkien mal-Istati Membri u sat-22 ta' Diċembru ***2019***, linji gwida ***ġodda*** dwar il-kontenut, il-metodoloġija u l-istruttura ta' dawk il-valutazzjonijiet; u tiffaċilita l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fl-ippjanar tal-prevenzjoni u l-istat ta' tħejjija, inkluż permezz ta' evalwazzjonijiet volontarji bejn il-pari;"

Emenda 31

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiżviluppaw valutazzjonijiet tar-riskju f'livell nazzjonali jew livell subnazzjonali adatt u jqegħduhom għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni sat-22 ta' Diċembru 2018 u kull tliet snin wara dan;	(a) jiżviluppaw valutazzjonijiet tar-riskju f'livell nazzjonali jew livell subnazzjonali adatt ***f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet lokali u reġjonali rilevanti u allinjati mal-Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri*** u jqegħduhom għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni sat-22 ta' Diċembru 2018 u kull tliet snin wara dan, ***fuq il-bażi ta' mudell miftiehem mal-Kummissjoni, u, f'dan il-kuntest, għandhom jintużaw sistemi eżistenti ta' informazzjoni nazzjonali***;

Emenda 32

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt aa (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt d

Test fis-seħħ	*Emenda*
(***d***) jipparteċipaw, fuq bażi volontarja, f'evalwazzjonijiet bejn il-pari dwar ***il-valutazzjoni tal-kapaċità*** ta' ġestjoni tar-riskju.	***(aa) il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** "(d) jipparteċipaw, fuq bażi volontarja, f'evalwazzjonijiet bejn il-pari dwar ***il-kapaċità*** ta' ġestjoni tar-riskju ***bil-għan li jiġu identifikati azzjonijiet li jnaqqsu d-distakki***."

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

Emenda 33

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tingħata sommarju tal-elementi rilevanti tal-ippjanar tal-ġestjoni tar-riskju, inkluż informazzjoni dwar il-miżuri ta' prevenzjoni u tħejjija magħżula, sal-31 ta' Jannar 2019 u kull tliet snin wara dan. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri jipprovdu pjanijiet ta' prevenzjoni u tħejjija speċifiċi, li għandhom ikopru kemm l-isforzi ta' terminu qasir kif ukoll dawk ta' terminu twil. L-Unjoni għandha tqis kif xieraq il-progress li jkunu għamlu l-Istati Membri fir-rigward tal-prevenzjoni u t-tħejjija tad-diżastri bħala parti minn kwalunkwe mekkaniżmu futur ta' kondizzjonalità ex ante taħt il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej.	Il-Kummissjoni għandha tingħata sommarju tal-elementi rilevanti tal-ippjanar tal-ġestjoni tar-riskju, inkluż informazzjoni dwar il-miżuri ta' prevenzjoni u tħejjija magħżula, ***skont mudell li għandu jiġi stabbilit permezz ta' att ta' implimentazzjoni***, sal-31 ta' Jannar 2019 u kull tliet snin wara dan. ***Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 33(2).*** Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri jipprovdu pjanijiet ta' prevenzjoni u tħejjija speċifiċi, li għandhom ikopru kemm l-isforzi ta' terminu qasir kif ukoll dawk ta' terminu twil. ***F'dan ir-rigward, dawn l-isforzi jistgħu jinkludu l-impenn tal-Istati Membri li jinkoraġġixxu investimenti bbażati fuq valutazzjonijiet tar-riskji u għall-bini mill-ġdid aħjar wara d-diżastri. Il-pożizjoni amministrattivi addizzjonali fil-livelli nazzjonali u subnazzjonali għandhom jinżammu kemm jista' jkun baxxi.***

Emenda 34

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi wkoll mekkaniżmi ta' konsultazzjoni speċifiċi biex ittejjeb l-ippjanar u ta' prevenzjoni u tħejjija xieraq u l-koordinazzjoni fost l-Istati Membri esposti għal diżastri simili.	***B'kooperazzjoni mal-Istati Membri, il-Kummissjoni*** tista' tistabbilixxi wkoll mekkaniżmi ta' konsultazzjoni speċifiċi biex ittejjeb l-ippjanar ta' prevenzjoni u tħejjija xieraq u l-koordinazzjoni fost l-Istati Membri esposti għal diżastri simili. ***Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom, fejn huwa possibbli, jiffavorixxu wkoll il-koerenza bejn il-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri u l-istrateġiji ta' adattament għat-tibdil fil-klima.***

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

Emenda 36

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt k

Test fis-seħħ	*Emenda*
(k) f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tieħu aktar azzjoni ta' tħejjija komplementari u ta' appoġġ meħtieġa sabiex jinkiseb l-objettiv speċifikat fil-punt (b) tal-Artikolu 3(1).	***(4a) Il-punt (k) tal-Artikolu 8(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** "(k) f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tieħu aktar azzjoni ta' tħejjija komplementari u ta' appoġġ ***addizzjonali*** meħtieġa, ***anki permezz tal-koordinazzjoni ma' strumenti oħra tal-Unjoni***, sabiex jinkiseb l-objettiv speċifikat fil-punt (b) tal-Artikolu 3(1).

Emenda 37

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4b (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 9 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4b) Fl-Artikolu 9, jiddaħħal il-paragrafu li ġej: ***"1a. L-Istati Membri għandhom isaħħu l-kapaċitajiet amministrattivi rilevanti tal-awtoritajiet reġjonali u lokali kompetenti, b'mod konformi mal-qafas istituzzjonali u legali tagħhom."***

Emenda 38

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jaħdmu flimkien biex itejbu l-ippjanar ta' operazzjonijiet ta' reazzjoni għad-diżastri taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni, inkluż permezz tat-tħejjija ta' xenarji għar-reazzjoni bbażati fuq il-valutazzjonijiet tar-riskju msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 6 u l-perspettiva ġenerali tar-riskji msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 5(1), l-immappjar tal-assi u l-iżvilupp ta' pjani għall-mobilizzazzjoni tal-kapaċitajiet ta' reazzjoni.	1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jaħdmu flimkien biex itejbu l-ippjanar ta' operazzjonijiet ta' reazzjoni għad-diżastri, ***kemm għad-diżastri naturali kif ukoll dawk ikkawżati mill-bniedem***, taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni, inkluż permezz tat-tħejjija ta' xenarji għar-reazzjoni bbażati fuq il-valutazzjonijiet tar-riskju msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 6 u l-perspettiva ġenerali tar-riskji msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 5(1), l-immappjar tal-assi ***inkluż makkinarju li jwarrab il-materjal, ġeneraturi mobbli tal-elettriku u tagħmir mobbli tat-tifi tan-nar fost dawk l-assi***, u l-iżvilupp ta' pjani għall-mobilizzazzjoni tal-kapaċitajiet ta' reazzjoni.

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

Emenda 39

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għandha tiġi stabbilita Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili. Dan għandu jikkonsisti minn konsorzju ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni impenjati minn qabel mill-Istati Membri u jinkludi moduli, kapaċitajiet oħra ta' reazzjoni u esperti.	1. Għandha tiġi stabbilita Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili. Dan għandu jikkonsisti minn konsorzju ***volontarju*** ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni impenjati minn qabel mill-Istati Membri u jinkludi moduli, kapaċitajiet oħra ta' reazzjoni u esperti.

Emenda 40

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1 a. Peress li l-prevenzjoni nazzjonali jenħtieġ li tkun l-ewwel prijorità tal-Istati Membri biex jitnaqqsu r-riskji għas-sikurezza u s-sigurtà, ir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili għandha tkun komplementari għall-kapaċitajiet nazzjonali eżistenti.

Emenda 41

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Abbażi tar-riskji identifikati, il-Kummissjoni għandha tidentifika t-tipi u l-għadd ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni ewlenin meħtieġa għar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili ("miri tal-kapaċità"). Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-progress lejn il-miri tal-kapaċità u n-nuqqasijiet li jkun għad fadal u għandha tħeġġeġ lill-Istati Membri jindirizzaw tali nuqqasijiet. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa lill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 20, il-punt (i) tal-Artikolu 21(1) u l-Artikolu 21(2).	2. Abbażi tar-riskji ***u tal-ħtiġijiet*** identifikati ***fuq il-post***, il-Kummissjoni għandha, ***b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri***, tidentifika t-tipi u l-għadd ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni ewlenin meħtieġa għar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili ("miri tal-kapaċità"). Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-progress lejn il-miri tal-kapaċità u n-nuqqasijiet li jkun għad fadal u għandha tħeġġeġ lill-Istati Membri jindirizzaw tali nuqqasijiet. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa lill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 20, il-punt (i) tal-Artikolu 21(1) u l-Artikolu 21(2).

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

Emenda 42

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt c

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 11 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-kapaċitajiet ta' reazzjoni li l-Istati Membri jqiegħdu għad-dispożizzjoni tar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili għandhom ikunu disponibbli għall-operazzjonijiet ta' reazzjoni taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni wara talba għal assistenza permezz tal-ERCC, sakemm l-Istati Membri ma jkunux qed jaffaċċjaw xi sitwazzjoni eċċezzjonali li taffettwa b'mod sostanzjali t-twettiq tal-kompiti nazzjonali.	7. Il-kapaċitajiet ta' reazzjoni li l-Istati Membri jqiegħdu għad-dispożizzjoni tar-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili għandhom ikunu disponibbli għall-operazzjonijiet ta' reazzjoni taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni wara talba għal assistenza permezz tal-ERCC, sakemm ***fil-każ ta' emerġenzi domestiċi, force majeure jew meta*** l-Istati Membri ma jkunux qed jaffaċċjaw xi sitwazzjoni eċċezzjonali li taffettwa b'mod sostanzjali t-twettiq tal-kompiti nazzjonali. ***Id-deċiżjoni aħharija dwar il-mobilizzazzjoni tagħhom għandha tittieħed mill-Istati Membri li rreġistraw il-kapaċità ta' reazzjoni kkonċernata.***

Emenda 43

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt c

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 11 – paragrafu 8 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każ tal-mobilizzazzjoni ta' tali reazzjoni, dawn għandhom jibqgħu taħt il-kmand u l-kontroll tal-Istati Membri li jagħmluhom disponibbli u jistgħu jiġu rtirati ***meta*** l-Istati ***membri*** jiġu ffaċċati ***b'sitwazzjonijiet*** eċċezzjonali ***li jaffettwaw b'mod sostanzjali t-twettiq tal-kompiti nazzjonali li jimpedixxuhom*** milli jżommu dawn il-kapaċitajiet ta' reazzjoni disponibbli. F'tali każijiet, il-Kummissjoni għandha tiġi kkonsultata.	Fil-każ tal-mobilizzazzjoni ta' tali reazzjoni, dawn għandhom jibqgħu taħt il-kmand u l-kontroll tal-Istati Membri li jagħmluhom disponibbli u jistgħu jiġu rtirati ***jekk dawk*** l-Istati ***Membri*** jiġu ffaċċati ***b'emerġenzi domestiċi, force majeure jew jekk sitwazzjoni*** eċċezzjonali ***timpedixxihom*** milli jżommu dawn il-kapaċitajiet ta' reazzjoni disponibbli. F'tali każijiet, il-Kummissjoni għandha tiġi kkonsultata.

Emenda 44

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Ir-rescEU għandha tiġi stabbilita biex tipprovdi għajnuna fejn il-kapaċitajiet eżistenti ma jkunux qed jippermettu reazzjoni effettiva għal diżastri."	1. Ir-rescEU għandha tiġi stabbilita biex tipprovdi għajnuna ***f'ċirkustanzi eċċezzjonali meta kapaċitajiet fil-livell nazzjonali ma jkunux disponibbli u*** fejn il-kapaċitajiet eżistenti ma jkunux qed jippermettu reazzjoni effettiva għal diżastri. ***Il-kapaċitajiet ta' rescEU m'għandhomx jintużaw biex jissostitwixxu l-kapaċitajiet proprji u r-responsabbiltajiet rilevanti tal-Istati Membri.***

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

Emenda 45

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ir-rescEU għandha tkun tikkonsisti mill-kapaċitajiet li ġejjin:	2. Ir-rescEU għandha tkun tikkonsisti ***minn kapaċitajiet addizzjonali għal dawk li diġà jeżistu fl-Istati Membri, bil-għan li jkunu ssupplimentati u msaħħa, u għandha tfittex li tindirizza r-riskji preżenti u futuri. Il-kapaċitajiet għandhom jiġu identifikati fuq il-bażi ta' kwalunkwe lakuna fil-kapaċitajiet ta' reazzjoni relatati mal-emerġenzi tas-saħħa, ma' diżastri industrijali, ambjentali, sismiċi jew vulkaniċi, għargħar u nirien inklużi nirien tal-foresti, kif ukoll attakki terroristiċi u theddid kimiku, bijoloġiku, radjoloġiku u nukleari.***
	Abbażi tal-lakuni identifikati, ir-rescEU għandu jkun fiha mill-inqas il-kapaċitajiet li ġejjin:
(a) tifi tan-nar fil-foresti mill-ajru;	(a) tifi tan-nar fil-foresti mill-ajru;
(b) ippumpjar b'kapaċità qawwija;	(b) ippumpjar b'kapaċità qawwija;
(c) tfittxija u salvataġġ urban;	(c) tfittxija u salvataġġ urban;
(d) sptar fuq il-post u timijiet mediċi ta' emerġenza.	(d) sptar fuq il-post u timijiet mediċi ta' emerġenza.

Emenda 46

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. In-natura ta' dawn il-kapaċitajiet għandha tibqa' flessibbli u tista' tevolvi sabiex tilqa' għal żviluppi ġodda u għall-isfidi futuri, bħall-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima.

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

Emenda 47

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Abbażi tar-riskji identifikati u billi tqis l-approċċ ta' periklu multiplu, il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 30 biex tiddefinixxi t-tipi ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni meħtieġa minbarra dawk identifikati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u tirrevedi l-kompożizzjoni tar-rescEU skont dan. Għandha tiġi żgurata l-konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni. Fejn, f'każ ta' diżastru jew diżastru imminenti, raġunijiet imperattivi ta' urġenza jkunu jirrikjedu dan, għandha tapplika l-proċedura prevista fl-Artikolu 31 għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.	4. Abbażi tar-riskji identifikati ***u kapaċitajiet u l-ippjanar talġestjoni tar-riskju skont l-Artikolu 6*** u billi tqis l-approċċ ta' periklu multiplu, il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 30 biex tiddefinixxi t-tipi ta' kapaċitajiet ta' reazzjoni meħtieġa minbarra dawk identifikati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u tirrevedi l-kompożizzjoni tar-rescEU skont dan. Għandha tiġi żgurata l-konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni. Fejn, f'każ ta' diżastru jew diżastru imminenti, raġunijiet imperattivi ta' urġenza jkunu jirrikjedu dan, għandha tapplika l-proċedura prevista fl-Artikolu 31 għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.

Emenda 48

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi rekwiżiti ta' kwalità għall-kapaċitajiet ta' reazzjoni li jiffurmaw parti mir-rescEU. Ir-rekwiżiti ta' kwalità għandhom ikunu bbażati fuq standards internazzjonali stabbiliti, meta tali standards ikunu diġà jeżistu.	5. Il-Kummissjoni għandha, ***b'kooperazzjoni mal-Istati Membri***, tistabbilixxi rekwiżiti ta' kwalità għall-kapaċitajiet ta' reazzjoni li jiffurmaw parti mir-rescEU. Ir-rekwiżiti ta' kwalità għandhom ikunu bbażati fuq standards internazzjonali stabbiliti, meta tali standards ikunu diġà jeżistu.

Emenda 49

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 12 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-kapaċitajiet tar-rescEU għandhom ikunu disponibbli għal operazzjonijiet ta' reazzjoni taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni wara talba għall-assistenza permezz tal-ERCC. Id-deċiżjoni dwar l-istazzjonar tagħhom għandha tittieħed mill-Kummissjoni, li għandha żżomm ***il-kmand u l-kontroll*** tal-kapaċitajiet tar-rescEU.	7. Il-kapaċitajiet tar-rescEU għandhom ikunu disponibbli għal operazzjonijiet ta' reazzjoni taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni wara talba għall-assistenza permezz tal-ERCC. Id-deċiżjoni dwar l-istazzjonar tagħhom għandha tittieħed mill-Kummissjoni, li għandha żżomm ***il-koordinazzjoni strateġika*** tal-kapaċitajiet tar-rescEU ***u tkun l-awtorità fuq il-mobilizzazzjoni filwaqt li l-kmand u l-kontroll operattiv jibqa' taħt ir-responsabbiltà tal-uffiċjali responsabbli fl-Istati Membri destinatarji.***

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

Emenda 50

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 12 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. F'każ ta' mobilizzazzjoni, il-Kummissjoni għandha taqbel mal-Istat Membru rikjedenti dwar il-mobilizzazzjoni operazzjonali tal-kapaċitajiet tar-rescEU. L-Istat Membru rikjedenti għandu jiffaċilita l-koordinazzjoni operazzjonali tal-kapaċitajiet tiegħu u l-attivitajiet tar-rescEU matul l-operazzjonijiet.	8. F'każ ta' mobilizzazzjoni, ***permezz tal-ERCC***, il-Kummissjoni għandha taqbel mal-Istat Membru rikjedenti dwar il-mobilizzazzjoni operazzjonali tal-kapaċitajiet tar-rescEU. L-Istat Membru rikjedenti għandu jiffaċilita l-koordinazzjoni operazzjonali tal-kapaċitajiet tiegħu u l-attivitajiet tar-rescEU matul l-operazzjonijiet.

Emenda 51

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 12 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Meta l-Kummissjoni takkwista tagħmir bħal tagħmir tat-tifi tan-nar fil-foresti, permezz ta' akkwiżizzjoni, lokazzjoni jew kiri, għandu jiġi żgurat dan li ġej:	10. Meta l-Kummissjoni takkwista tagħmir bħal tagħmir tat-tifi tan-nar fil-foresti, permezz ta' akkwiżizzjoni, lokazzjoni jew kiri, għandu jiġi żgurat dan li ġej:
(a) f'każ ta' akkwiżizzjoni ta' tagħmir, ftehim bejn il-Kummissjoni u Stat Membru jipprevedi r-reġistrazzjoni ta' dan f'dak l-Istat Membru.	(a) f'każ ta' akkwiżizzjoni ta' tagħmir, ftehim bejn il-Kummissjoni u Stat Membru jipprevedi r-reġistrazzjoni ta' dan f'dak l-Istat Membru.
(b) f'każ ta' lokazzjoni u kera, ir-reġistrazzjoni tat-tagħmir fi Stat Membru.	(b) f'każ ta' lokazzjoni u kera, ir-reġistrazzjoni tat-tagħmir fi Stat Membru ***m'għandhiex tkun obbligatorja***.
	(ba) il-ġestjoni ta' inġenji tal-ajru kummerċjali hija assenjata lill-operaturi ċċertifikati EASA.

Emenda 52

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 12a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-operazzjonijiet u l-progress li jkun sar skont l-Artikoli 11 u 12 kull ***sentejn***.	Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-operazzjonijiet u l-progress li jkun sar skont l-Artikoli 11 u 12 kull ***sena***.

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

Emenda 53

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 12a – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Din l-informazzjoni għandha tinkludi ħarsa ġenerali tal-iżviluppi baġitarji u tal-ispejjeż flimkien ma' valutazzjoni teknika u finanzjarja ddettaljata, informazzjoni preċiża dwar iż-żidiet fl-ispejjeż u bidliet fit-tipi ta' kapaċitajiet ta' rispons meħtieġa u r-rekwiżiti ta' kwalità ta' dawk il-kapaċitajiet, jekk ikun hemm, kif ukoll ir-raġunijiet għal dawn iż-żidiet jew bidliet.

Emenda 54

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi netwerk ta' atturi u istituzzjonijiet tal-protezzjoni ċivili u tal-ġestjoni tad-diżastri rilevanti, li flimkien mal-Kummissjoni jiffurmaw Netwerk tal-Unjoni ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili.	Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi netwerk ta' atturi u istituzzjonijiet tal-protezzjoni ċivili u tal-ġestjoni tad-diżastri rilevanti, ***inklużi ċentri ta' eċċellenza, universitajiet u riċerkaturi***, li flimkien mal-Kummissjoni jiffurmaw Netwerk tal-Unjoni ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili. ***Il-Kummissjoni għandha tqis b'mod dovut l-għarfien espert disponibbli fl-Istati Membri u tal-organizzazzjonijiet operazzjonali fil-post.***

Emenda 55

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
In-Netwerk għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin fil-qasam tat-taħriġ, l-eżerċizzji, il-tagħlimiet meħuda u t-tixrid tal-għarfien b'koordinazzjoni mill-qrib maċ-ċentri ta' għarfien rilevanti, fejn xieraq.	In-Netwerk għandu jwettaq, ***filwaqt li jimmira għal kompożizzjoni bbilanċjata bejn is-sessi***, il-kompiti li ġejjin fil-qasam tat-taħriġ, l-eżerċizzji, it-tagħlimiet meħuda u t-tixrid tal-għarfien b'koordinazzjoni mill-qrib maċ-ċentri ta' għarfien rilevanti, fejn xieraq:

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

Emenda 56

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a

Test fis-seħħ	*Emenda*
(a) tistabbilixxi u tmexxi programm ta' taħriġ għall-persunal tal-protezzjoni ċivili u tal-ġestjoni tal-emerġenzi dwar il-prevenzjoni tad-diżastri, u t-tħejjija, u r-rispons għalihom. Il-programm għandu jinkludi korsijiet konġunti u sistema għall-iskambju ta' esperti, li biha individwi jistgħu jiġu ssekondati fi Stati Membri oħra.	***(9a) Il-punt (a) tal-Artikolu 13(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:***
	"(a) tistabbilixxi u tmexxi programm ta' taħriġ għall-persunal tal-protezzjoni ċivili u tal-ġestjoni tal-emerġenzi dwar il-prevenzjoni tad-diżastri, u t-tħejjija, u r-rispons għalihom. Il-programm għandu jinkludi korsijiet konġunti u sistema għall-iskambju ta' esperti, li biha individwi jistgħu jiġu ssekondati fi Stati Membri oħra. ***Għandu jiġi introdott programm ġdid Erasmus tal-protezzjoni ċivili, skont ir-regoli u l-prinċipji tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013*** (*).
Il-programm ***ta' taħriġ*** għandu ***jkollu*** l-għan li jsaħħaħ il-koordinazzjoni, il-kompatibbiltà u l-komplementarjetà bejn il-kapaċitajiet imsemmija fl-Artikoli 9 ***u*** 11, u li jtejjeb il-kompetenza tal-esperti msemmija fil-punti (d) u (f) tal-Artikolu 8;	Il-programm ***Erasmus tal-protezzjoni ċivili*** għandu ***wkoll ikollu*** l-għan li jsaħħaħ il-koordinazzjoni, il-kompatibbiltà u l-komplementarjetà bejn il-kapaċitajiet imsemmija fl-Artikoli 9, 11 ***u 12***, u li jtejjeb il-kompetenza tal-esperti msemmija fil-punti (d) u (f) tal-Artikolu 8.
	Il-Programm Erasmus tal-protezzjoni ċivili għandu jinkludi dimensjoni internazzjonali mmirata li tappoġġa l-azzjoni esterna tal-Unjoni, inklużi l-objettivi tagħha għall-iżvilupp, permezz tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u bejn il-pajjiżi sħab.
	(*) ***Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-"Erasmus+": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50).***"

Emenda 57

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9b (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt f

Test fis-seħħ	*Emenda*
(f) tistimola u tinkoraġġixxi l-introduzzjoni u l-użu ta' teknoloġiji ġodda rilevanti għall-fini tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni.	***(9b) Il-punt (f) tal-Artikolu 13(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:***
	"(f) tistimola ***r-riċerka u l-innovazzjoni*** u tinkoraġġixxi l-introduzzjoni u l-użu ta' teknoloġiji ġodda rilevanti għall-fini tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni."

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

Emenda 58

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9c (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 13 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9c) fl-Artikolu 13, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	"3 a. Il-Kummissjoni għandha testendi l-kapaċitajiet ta' taħriġ, u żżid il-kondiviżjoni ta' għarfien u esperjenza, bejn in-Netwerk tal-Unjoni ta' Għarfien dwar il-Protezzjoni Ċivili u l-organizzazzjonijiet internazzjoni u l-pajjiżi terzi, biex tikkontribwixxi sabiex jiġu onorati l-impenji internazzjonali fir-rigward tat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, b'mod partikolari dawk fi ħdan il-Qafas ta' Sendai."

Emenda 59

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11a (ġdid)

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 16 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
2. L-interventi skont dan l-Artikolu jistgħu jitmexxew jew bħala intervent awtonomu ta' assistenza jew inkella bħala kontribut għal intervent immexxi minn organizzazzjoni internazzjonali. Il-koordinazzjoni mill-Unjoni għandha tkun integrata b'mod sħiħ mal-koordinazzjoni globali pprovduta mill-Uffiċċju għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji tan-Nazzjonijiet Uniti (OCHA), u għandha tirrispetta r-rwol ta' tmexxija ta' din tal-aħħar.	***(11a) il-paragrafu 2 tal-Artikolu 16 huwa sostitwit b'dan li ġej:***
	'2. L-interventi skont dan l-Artikolu jistgħu jitmexxew jew bħala intervent awtonomu ta' assistenza jew inkella bħala kontribut għal intervent immexxi minn organizzazzjoni internazzjonali. Il-koordinazzjoni mill-Unjoni għandha tkun integrata b'mod sħiħ mal-koordinazzjoni globali pprovduta mill-Uffiċċju għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji tan-Nazzjonijiet Uniti (OCHA), u għandha tirrispetta r-rwol ta' tmexxija ta' din tal-aħħar. ***F'każ ta' diżastri kkawżati mill-bniedem jew emerġenzi kumplessi, il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi b'mod ċar, b'konsultazzjoni ma' atturi umanitarji, l-ambitu tal-intervent u r-relazzjoni tiegħu mal-partijiet involuti fir-rispons umanitarju usa', filwaqt li tiżgura konsistenza mal-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja u tirrispetta l-prinċipji umanitarji.***

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

Emenda 60

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu – punt 12

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-approprjazzjonijiet neċessarji għall-Mekkaniżmu tal-Unjoni għandhom jiġu awtorizzati b'mod gradwali mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali, filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq il-mezzi kollha disponibbli skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013** (*), ***b'rikors partikolari għall-Istrument ta' Flessibbiltà, kif stabbilit fl-Anness I.
	(*) ***Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).***

Emenda 61

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 20 a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kwalunkwe assistenza jew finanzjament mogħtija taħt din id-Deċiżjoni għandhom jagħtu viżibbiltà xierqa lill-Unjoni, inkluż prominenza lill-emblema tal-Unjoni għal dawk il-kapaċitajiet imsemmija taħt l-Artikoli 11, 12 u 21(2)(c).	Kwalunkwe assistenza jew finanzjament mogħtija taħt din id-Deċiżjoni għandhom jagħtu viżibbiltà xierqa lill-Unjoni, inkluż prominenza lill-emblema tal-Unjoni għal dawk il-kapaċitajiet imsemmija taħt l-Artikoli 11, 12 u 21(2)(c). ***Għandha tiġi żviluppata strateġija ta' komunikazzjoni sabiex trendi r-riżultati tanġibbli tal-azzjonijiet meħuda taħt il-Mekkaniżmu tal-Unjoni viżibbli għaċ-ċittadini.***

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

Emenda 62

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt b

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 23 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a Għall-kapaċitajiet tal-Istati Membri li mhumiex impenjati minn qabel fir-Riżerva Ewropea ta' Protezzjoni Ċivili, l-ammont ta' appoġġ finanzjarju tal-Unjoni għar-riżorsi tat-trasport ma għandux jaqbeż il-55 % tal-ispiża totali eliġibbli. Biex ikunu eliġibbli għal finanzjament bħal dan, l-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom li jipproduċu reġistru tal-kapaċitajiet kollha għad-dispożizzjoni tagħhom, flimkien mal-istrutturi ta' ġestjoni rilevanti, lil hinn minn dawk kommessi minn qabel mill-Grupp Ewropew tal-Protezzjoni Ċivili, li jippermettilhom li jirreaġixxu għal diżastri tas-saħħa, industrijali, sismiċi jew vulkaniċi, għall-għargħar u għan-nirien tal-foresti, għal attakki terroristiċi u għal attakki kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari.

Emenda 63

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 26 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Għandhom ***jitfittxu*** sinerġiji ***u*** kumplimentarjetà ma' strumenti oħrajn tal-Unjoni bħal dawk li jappoġġaw politiki ta' koeżjoni, tal-iżvilupp rurali, tar-riċerka, tas-saħħa, kif ukoll tal-migrazzjoni u tas-sigurtà. Fil-każ ta' reazzjoni għal kriżijiet umanitarji f'pajjiżi terzi, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-kumplimentarjetà u l-koerenza ta' azzjonijiet iffinanzjati skont din id-Deċiżjoni u azzjonijiet iffinanzjati skont ir-Regolament (KE) Nru 1257/96."	2. Għandhom ***jiġu żviluppati*** sinerġiji, komplementarjetà ***u aktar koordinazzjoni*** ma' strumenti oħrajn tal-Unjoni bħal dawk li jappoġġaw politiki ta' koeżjoni, ***inkluż il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea***, tal-iżvilupp rurali, tar-riċerka, tas-saħħa, kif ukoll tal-migrazzjoni u tas-sigurtà, ***mingħajr ma jkollha ssir rilokazzjoni tal-fondi minn dawk l-oqsma***. Fil-każ ta' reazzjoni għal kriżijiet umanitarji f'pajjiżi terzi, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-komplementarjetà u l-koerenza ta' azzjonijiet iffinanzjati skont din id-Deċiżjoni u azzjonijiet iffinanzjati skont ir-Regolament (KE) Nru 1257/96, ***filwaqt li tirrispetta n-natura distinta u indipendenti ta' dawk l-azzjonijiet u l-finanzjament tagħhom, u billi tiżgura li jkunu konformi mal-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja***.

Il-Ħamis 31 ta' Mejju 2018

Emenda 64

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18

Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) l-istabbiliment, il-ġestjoni u l-manteniment tar-rescEU, kif previst fl-Artikolu 12, inkluż kriterji għal deċiżjonijiet ta' mobilizzazzjoni u proċeduri operattivi;	(g) l-istabbiliment, il-ġestjoni u l-manteniment tar-rescEU, kif previst fl-Artikolu 12, inkluż kriterji għal deċiżjonijiet ta' mobilizzazzjoni u proċeduri operattivi ***u l-kundizzjonijiet għall-mobilizzazzjoni tal-kapaċitajiet tar-rescEU fil-livell nazzjonali minn Stat Membru u arranġamenti finanzjarji u arranġamenti oħra relatati magħha***;

Emenda 65

Proposta għal deċiżjoni

Anness I (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

ANNESS I

ALLOKAZZJONIJIET FINANZJARJI ADDIZZJONALI INDIKATTIVI GĦALL-PERJODU 2018-2020

		2018	***2019***	***2020***	***TOTAL***
Approprjazzjonijiet addizzjonali totali taħt l-Intestatura 3 (*)	**CA**	***19,157***	***115,2***	***122,497***	***256,854***
	PA	***11***	***56,56***	***115,395***	***182,955***
Approprjazzjonijiet addizzjonali totali taħt l-Intestatura 4 (*)	**CA**	***2***	***2***	***2,284***	***6,284***
	PA	***0,8***	***1,8***	***2,014***	***4,614***
Approprjazzjonijiet addizzjonali totali taħt l-Intestaturi 3 u 4 flimkien (*)	**CA**	***21,157***	***117,2***	***124,781***	***263,138***
	PA	***11,8***	***58,36***	***117,409***	***187,569***

(ċifri f'miljuni ta' EUR)

(*) ***L-ammonti sħaħ għandhom jiġu pprovduti permezz tal-Istrument ta' Flessibbiltà.***

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



Il-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
L-2985 il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT